# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 434

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 58

23 ta' Diċembru 2015

Werrej

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2012–2013

Is-seduti tal-10–13 ta' Diċembru 2012

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 77 E, 15.3.2013.*

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

2015/C 434/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar it-twettiq tas-Suq Uniku Diġitali (2012/2030(INI)) . . . . . 2

2015/C 434/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament tal-kummerċ u tal-investimenti tal-SMEs tal-UE: aċċess iffaċilitat għall-kreditu b'appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni (2012/2114(INI)) . . . . . 17

2015/C 434/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar Strateġija dwar il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE (2012/2094(INI)) . . . . . 24

2015/C 434/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar sistema ġuriżdizzjonali għat-tilwim rigward il-privattivi (2011/2176(INI)) . . . . . 34

2015/C 434/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-prevenzjoni ta' mard tan-nisa marbut mal-età (2012/2129(INI)) . . . . . 38

2015/C 434/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar l-Isfida Mikrobika – Theddid li qed jiżdied mir-Reżistenza Antimikrobika (2012/2041(INI)) . . . . . 49

MT

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

2015/C 434/07 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport (2012/2031(INI)) . . . . . 59

2015/C 434/08 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2010 – 2011) (2011/2069(INI)) . . . . . 64

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

2015/C 434/09 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-Rapport Annwali tal-2011 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja u l-politika tal-UE dwar il-kwistjoni (2012/2145 (INI)) . . . . . 87

2015/C 434/10 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-rieżami tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem (2012/2062(INI)) . . . . . 111

2015/C 434/11 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 li fih ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar il-ftehim ġdid UE-Russja (2011/2050(INI)) . . . . . 123

2015/C 434/12 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar id-deċiżjoni tal-Gvern Iżraeljan li jespandi l-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent (2012/2911 (RSP)). . . . . 130

2015/C 434/13 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar is-sitwazzjoni fl-Ukraina (2012/2889(RSP)) . . . . . 132

2015/C 434/14 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-rapport ta' progress tal-2012 dwar l-Albanija (2012/2814(RSP)) . . . . . 135

2015/C 434/15 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar l-industrija tal-azzar tal-UE (2012/2833(RSP)) . . . . . 142

2015/C 434/16 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar industrija tal-azzar ġdida sostenibbli u kompetittiva, ibbażata fuq petizzjoni rċevuta (2012/2905(RSP) . . . . . 144

2015/C 434/17 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2012/2907(RSP)) . . . . . 146

2015/C 434/18 — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar id-diskriminazzjoni abbażi tal-kasta fl-Indja (2012/2909(RSP)) . . . . . 152

---

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

2015/C 434/19 — Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-vot fejn is-siġġu ta' membru sħiħ ta' kumitat jiġi vakanti (interpretazzjoni tar-Regola 187(1)) (2012/2254(REG) . . . . . 155

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

2015/C 434/20 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar l-emenda tal-Artikolu 123 u 42 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament: dikjarazzjonijiet bil-miktub u inizjattivi leġiżlattivi (2011/2058 (REG)) . . . 156

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

2015/C 434/21 P7_TA(2012)0466

Għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża (COM(2011)0925 – C7-0521/2011 – 2011/0458(COD))

P7_TC1-COD(2011)0458

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb li tiġi adottata d-Deċiżjoni No …/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża . . . 160

2015/C 434/22 P7_TA(2012)0467

Il-programm ta' tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija għat-tagħmir fl-uffiċini ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm ta' tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija għat-tagħmir fl-uffiċini li jemenda r-Regolament (KE) Nru 106/2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju (COM(2012)0109 – C7-0077/2012 – 2012/0049(COD))

P7_TC1-COD(2012)0049

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 106/2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju . . . 165

2015/C 434/23 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi arranġamenti tranżizzjonali għal ftehimiet bilaterali ta' investiment bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (11917/1/2012 – C7-0328/2012 – 2010/0197(COD)) . . . 166

2015/C 434/24 P7_TA(2012)0472

Assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja (05682/1/2012 – C7-0221/2012 – 2010/0390(COD))

P7_TC2-COD(2010)0390

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-11 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja . . . 167

2015/C 434/25 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (10090/2/2012 – C7-0329/2012 – 2010/0303(COD)) . . . . . . . . . . 171

2015/C 434/26 P7_TA(2012)0474

Il-ħolqien ta’ protezzjoni tal-privattiva unitarja ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta’ protezzjoni tal-privattiva unitarja (COM(2011)0215 – C7-0099/2011 – 2011/0093(COD))

P7_TC1-COD(2011)0093

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta’ Diċembru 2012 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta’ protezzjoni tal-privattiva unitarja . . . . . . . . . . 172

2015/C 434/27 Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta’ protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni (COM(2011)0216 – C7-0145/2011 – 2011/0094(CNS)) . . . . . . . . . . 173

2015/C 434/28 P7_TA(2012)0477

L-implimentazzjoni tal-klawżola ta’ salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta’ stabbilizzazzjoni għall-banana tal-ftehim ta’ assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawżola ta’ salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta’ stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (COM(2011)0599 – C7-0306/2011 – 2011/0263(COD))

P7_TC1-COD(2011)0263

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta’ Diċembru 2012 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta’ salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta’ stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra . . . . . . . . . . 180

2015/C 434/29 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Diċembru 2012 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (16395/1/2011 – C7-0182/2012 – 2011/0303(NLE)) . . . . . . . . . . 181

2015/C 434/30 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Diċembru 2012 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (16395/1/2011 – C7-0182/2012 – 2011/0303(NLE)) . . . . . . . . . . 187

2015/C 434/31 P7_TA(2012)0480

L-implimentazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-ftehim kummerċjali UE-Kolombja/Perù ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' slavagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Peru (COM(2011)0600 – C7-0307/2011 – 2011/0262(COD))

P7_TC1-COD(2011)0262

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra . . . 188

2015/C 434/32 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa minnhom, u l-Kolombja u l-Perù min-naħa l-oħra (14762/1/2011 – C7-0287/2012 – 2011/0249(NLE)) . . . 190

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

2015/C 434/33 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2012 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, Taqsima III – Il-Kummissjoni (17295/2012 – C7-0401/2012 – 2012/2281(BUD)) . . . 191

2015/C 434/34 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 – it-Taqsimiet Kollha (17195/2012 – C7-0399/2012 – 2012/2307(BUD)) . . . 192

2015/C 434/35 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (l-applikazzjoni EGF/2011/026 IT/Emilia-Romagna Motorcycles mill-Italja) (COM(2012)0616 – C7-0350/2012 – 2012/2265(BUD)) . . . 196

2015/C 434/36 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/005 SE/Saab mill-Isvezja) (COM(2012)0622 – C7-0363/2012 – 2012/2279(BUD)) . . . 199

2015/C 434/37 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/018 ES/País Vasco Productos metalicos minn Spanja) (COM(2012)0620 – C7-0364/2012 – 2012/2280(BUD)) . . . 201

2015/C 434/38 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/013 DK/Flextronics mid-Danimarka) (COM(2012)0623 – C7-0362/2012 – 2012/2278(BUD)) . . . 204

2015/C 434/39 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/014 RO/Nokia mir-Rumanija) (COM(2012)0618 – C7-0359/2012 – 2012/2275(BUD)) . . . 207

2015/C 434/40 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/011 AT/Soziale Dienstleistungen mill-Awstrija) (COM(2012)0621 – C7-0361/2012 – 2012/2277(BUD)) . . . 210

2015/C 434/41 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/006 FI/Nokia Salo mill-Finlandja) (COM(2012)0619 – C7-0360/2012 – 2012/2276(BUD)) . . . 213

2015/C 434/42 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar L-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità (COM(2011)0335 – C7-0155/2011 – 2011/0146(COD)) . . . 216

2015/C 434/43 P7_TA(2012)0495

L-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Unjoni Ewropea ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Unjoni Ewropea (tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0827 – C7-0458/2011 – 2011/0391(COD))

P7_TC1-COD(2011)0391

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit 12 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb li jiġi adottat r-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Unjoni Ewropea (Riformulazzjoni) ([1]) . . . 217

2015/C 434/44 P7_TA(2012)0496

L-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE (COM(2011)0828 – C7-0456/2011 – 2011/0398(COD))

P7_TC1-COD(2011)0398

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit 12 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb li jiġi adottat r-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE . . . 245

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

2015/C 434/45 P7_TA(2012)0497

Il-programm statistiku Ewropew 2013-2017 ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (COM(2011)0928 – C7-0001/2012 – 2011/0459(COD))

P7_TC1-COD(2011)0459

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 . . . . . 259

2015/C 434/46 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (COM(2012)0631 – C7-0396/2012 – 2012/0298(APP)) . . . . . 260


**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**


2015/C 434/47 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas Multiannwali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2013-2017 (10449/2012 – C7-0169/2012 – 2011/0431(APP)) . . . . . 262

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2012–2013

Is-seduti tal-10–13 ta' Diċembru 2012

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 77 E, 15.3.2013.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2012)0468

## It-twettiq tas-suq uniku diġitali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar it-twettiq tas-Suq Uniku Diġitali (2012/2030 (INI))**

(2015/C 434/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2012 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "is-Suq Uniku Att II" (COM(2012)0573),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-4 ta' Ġunju 2012 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (COM(2012)0238),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Mejju 2012 bl-isem "It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Konsumatur turi fejn il-kondizzjonijiet tal-konsumatur huma l-aħjar fl-Ewropa – Is-Seba' edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kondizzjonijiet tal-Konsumatur" (SWD(2012)0165),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2012 dwar strateġija għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-konsumaturi vulnerabbli ([1])

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2012 dwar tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern ([2])

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2012 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "Aġenda Ewropea dwar il-Konsumatur – Insaħħu l-fiduċja u t-tkabbir" (COM(2012)0225),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2012 bl-isem "Rapport dwar il-Politika tal-Konsumatur (Lulju 2010 – Diċembru 2011)" (SWD(2012)0132), li jakkompanja l-komunikazzjoni "Aġenda Ewropea dwar il-Konsumatur – Insaħħu l-fiduċja u t-tkabbir" (COM(2012)0225),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2012 bl-isem "Strateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal" (COM(2012)0196),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2012 bl-isem "Strateġija Ewropea għall-akkwist elettroniku" (COM(2012)0179),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-25 ta' Jannar 2012 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (Regolament dwar il-Protezzjoni Ġenerali tad-Data) (COM (2012) 0011),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0209.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0211.

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2012 bl-isem "Qafas koerenti għall-bini ta' fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali għall-kummerċ elettroniku u tas-servizzi onlajn" (COM (2011)0942),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwar strateġija ġdida għall-politika tal-konsumatur ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwar il-logħob tal-azzard onlajn fis-suq intern ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar id-drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm tal-konsumaturi 2014-2020 (COM(2011)0707) u d-dokumenti relatati (SEC(2011)1320 u SEC(2011)1321),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobbiltà u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà u l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020 ([4])

— wara li kkunsidra l-proposta tad-19 ta' Ottubru 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (COM(2011)0665),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2011 bl-isem "Nagħmlu s-swieq jaħdmu għall-konsumaturi – Is-sitt edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur" (SEC(2011)1271),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar suq tal-konsumaturi aktar effiċjenti u aktar leali ([5])

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2011 bl-isem "L-Għoti tas-Setgħa lill-Konsumatur fl-UE" (SEC(2011)0469),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2011 bl-isem "Konsumaturi kunfidenti fis-suq uniku – Il-Ħames Edizzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kondizzjonijiet tal-Konsumatur" (SEC(2011)0299),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-Kunsill Ewropew bl-isem "Ewropa 2020, strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar l-impatt tar-riklamar fuq l-imġiba tal-konsumatur ([6])

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Settembru 2010 dwar it-tlestija tas-suq intern għall-kummerċ elettroniku ([7])

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/45/UE tat-13 ta' Lulju 2010 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq fir-rigward tar-regoli dwar il-fatturazzjoni ([8])

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-QĠE rigward Google (Kawżi Magħqudin C-236/08 sa C-238/08, sentenza tat-23 ta' Marzu 2010) u BergSpechte (Kawża C 278/08, sentenza tal-25 ta' Marzu 2010), li jiddefinixxu l-kunċett "tal-utent tal-internet normalment informat u raġonevolment attent" bħala l-konsumatur tal-internet standard,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolamentazzjoni jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istat Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-midja awdjoviżivi (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżivi) ([9])

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0491.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0492.
([3]) ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0453.
([5]) Testijiet adottati, P7_TA(2011)0307.
([6]) ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 58.
([7]) ĠU C 50 E, 21.2.2012, p. 1.
([8]) ĠU L 189, 22.7.2010, p. 1.
([9]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2010 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur ([1])

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobbiltà u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà u l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà 2010-2020 ([2])

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-rapport Monti tad-9 ta' Mejju 2010 dwar strateġija ġdida għas-suq uniku,

— wara li kkunsidra r-rapport analitiku bl-isem "Attitudni lejn bejgħ transkonfinali u l-ħarsien tal-konsumatur" ippubblikat mill-Kummissjoni f'Marzu 2010 (Flash Eurobarometer 282),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2009 dwar in-negozju transkonfinali san-Negozju Elettroniku tal-Konsum fl-UE (COM(2009)0557),

— wara li kkunsidra "Il-valutazzjoni tax-xiri misterjuż tal-kummerċ elettroniku transkonfinali fl-UE", studju mwettaq f'isem DG SANCO tal-Kummissjoni mill-YouGovPsychonomics u ppubblikat fl-20 ta' Ottubru 2009,

— wara li kkunsidra Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-22 ta' Settembru 2009 dwar is-segwitu fis-servizzi finanzjarji tal-bejgħ bl-imnut għat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur (SEC(2009)1251),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tas-7 ta' Lulju 2009 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar metodoloġija armonizzata għall-ikklassifikar u r-rappurtar tal-ilmenti u l-mistoqsijiet tal-konsumatur (COM(2009)0346), u l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha (SEC (2009) 0949),

— wara li jikkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2009 dwar l-infurzar tal-acquis tal-konsumatur (COM(2009)0330),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2009 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-Regolament dwar il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumatur) (COM(2009)0336),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2009 bl-isem "Rapport dwar il-kummerċ elettroniku transkonfinali fl-UE" (SEC(2009)0283),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2009 dwar il-kummerċ internazzjonali u l-internet ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2009 dwar it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva 2005/29/KE dwar prassi żleali bejn in-negozji u l-konsumaturi fis-suq intern u tad-Direttiva 2006/114/KE dwar reklamar qarrieqi u komparattiv ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Settembru 2008 dwar kif il-kummerċjalizzazzjoni u r-riklamar jaffettwaw l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ([5])

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2007 dwar il-fiduċja tal-konsumatur fl-ambjent diġitali ([6]),

---

([1]) ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 1.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0453.
([3]) ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 112.
([4]) ĠU C 46 E, 24.2.2010, p. 26.
([5]) ĠU C 295 E, 4.12.2009, p. 43.
([6]) ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 370.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (ir-regolament dwar il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumatur) ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv ([2])

— wara li kkunsidra l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2006/123/KE tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar servizzi fis-suq intern ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar il-liġi Ewropea tal-kuntratti u r-reviżjoni tal-acquis: it-triq 'il quddiem ([4]) u tas-7 ta' Settembru 2006 tal-liġi Ewropea dwar il-kuntratti ([5])

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-qafas regolatorju tal-UE għan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettroniċi (COM(2006)0334),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prassi kummerċjali żleali bejn in-negozji u l-konsumaturi fis-suq intern ([6])

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/113/KE tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvediment ta' oġġetti u servizzi ([7])

— wara li kkunsidra l-Eurobarometer Speċjali Nru 342 dwar l-għoti tas-setgħa lill-konsumatur,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNCITRAL dwar l-Użu tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi f'Kuntrattar Internazzjonali 2005, il-Liġi Mudell UNCITRAL dwar il-firem elettroniċi (2001) u l-Liġi tal-Mudell UNCITRAL dwar il-kummerċ elettroniku (1996) ([8])

— wara li kkunsidra d-Rapport tal-Ewwel Applikazzjoni tal-21 ta' Novembru 2003 dwar id-Direttiva tal-Kummerċ Elettroniku (COM(2003)0702),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 dwar il-kummerċjalizzazzjoni mill-bogħod ta' servizzi finanzjarji għall-konsumatur u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE ([9]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar ta' data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika ([10]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà tal-informatika, b'mod partikolari l-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ([11])

— wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data ([12])

---

([1]) ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21.
([3]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.
([4]) ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 109.
([5]) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 247.
([6]) ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.
([7]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.
([8]) http://www.un.or.at/unictral
([9]) ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16.
([10]) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
([11]) ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.
([12]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkorporata fit-Trattati bl-Artikolu 6 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 7 (ir-rispett għall-ħajja privata u familjari), 21 (non-diskriminazzjoni), 24 (id-drittijiet tat-tfal), 25 (id-drittijiet tal-anzjani), 26 (l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità) u 38 (il-protezzjoni tal-konsumatur) tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tat-TFUE, li jistipula li "fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u l-livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ, u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tat-TFUE, li jistipula li "il-ħtiġijiet għall-ħarsien tal-ambjent għandhom ikunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet tal-Unjoni, partikolarment bl-għan li jinkoraġġixxu l-iżvilupp sostenibbli",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 12 tat-TFUE, li jistipula li "fid-definizzjoni u l-implementazzjoni ta' politika u attivitajiet oħra tal-Unjoni għandu jingħata kont tal-ħtiġijiet tal-ħarsien tal-konsumatur",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 14 tat-TFUE u l-Protokoll 26 dwar servizzi ta' interess ġenerali (ekonomiċi),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, l-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0341/2012),

A. billi t-twettiq tas-Suq Uniku Diġitali huwa fattur ewlieni sabiex l-UE ssir l-aktar ekonomija bbażata fuq l-għarfien kompetittiva u dinamika fid-dinja;

B. billi l-kummerċ elettroniku u s-servizzi onlajn huma forza vitali tal-internet u huma kruċjali għall-għanijiet tal-istrateġija UE 2020 għas-suq intern, li hija ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini u kemm għan-negozji permezz ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv;

C. billi 99 % tan-negozji Ewropej kollha huma SMEs, li jipprovdu 85 % tal-impiegi, u l-SMEs huma għalhekk huma l-forza motriċi fl-ekonomija Ewropea, li għandhom ir-responsibbiltà ewlenija għall-ħolqien tal-ġid, l-impjiegi u t-tkabbir, kif ukoll l-innovazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp;

D. billi l-kummerċ elettroniku sar parti essenzjali tal-kummerċ u mutur importanti tal-għażla tal-konsumatur, il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni teknoloġika, peress li l-konsumaturi u n-negozji qegħdin jagħmlu distinzjoni dejjem anqas bejn online u offline, fil-ħajja ta' kuljum tagħhom;

E. Ifakkar li Suq Uniku Diġitali, li fih ikun hemm il-moviment ħieles tas-servizzi f'suq ta' 500 miljun konsumatur, huwa fattur kruċjali għall-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku, li jipprovdi impjiegi li jeħtieġu kwalifiki għolja u jiffaċilita l-konverġenza tal-UE f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien.

F. Jenfasizza li l-broadband u l-internet huma strumenti importanti għat-tkabbir ekonomiku, is-soċjetà, il-ħolqien tal-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività Ewropea, kif ukoll biex tingħata spinta lill-kummerċ u s-servizzi onlajn; jenfasizza li l-konsumaturi u n-negozji jeħtieġu aċċess għall-broadband biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-internet;

G. Jenfasizza l-importanza ta' "one-stop-shops"għall-VAT sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ elettroniku transkonfinali għal SMEs u jippromwovu l-fatturazzjoni elettronika; jirrimarka, madankollu, li tali "one-stop shops" għandhom jinħolqu biss fi ħdan il-qafas ta' istituzzjonijiet eżistenti, mingħajr ma jitfgħu aktar piż fuq il-persuna taxxabbli;

H. billi kumpaniji li żviluppaw l-ekonomija tal-internet tagħhom għamlu progress ħafna akbar minn oħrajn, u fil-kriżi ekonomika u finanzjarja preżenti, fejn il-ħolqien tal-impjieg prattikament jiddependi fuq l-SMEs, huwa essenzjali li jitneħħew l-ostakoli għall-kummerċ onlajn ħalli jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-vantaġġi kollha tiegħu;

I. billi s-swieq onlajn jeħtieġ li jkunu flessibbli kemm jista' jkun sabiex jinħolqu opportunitajiet aħjar ta' negozju u żvilupp f'dan is-settur;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

J. billi l-kummerċ elettroniku huwa komplement importanti għall-kummerċ offlajn, li jipprovdi opportunitajiet għall-kumpaniji żgħar biex jikbru u joffri aċċess akbar għal oġġetti u servizzi, inkluż f'żoni remoti u fil-kampanja u għall-persuni b'diżabbiltà u b'mobbiltà mnaqqsa;

K. billi, f'xi pajjiżi G-8 l-internet ammonta għal 20 % tat-tkabbir ekonomiku u 25 % tal-impjiegi maħluqa fl-aħħar ħames snin;

L. billi l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni jistgħu jitqassmu b'mod aktar ugwali fost il-konsumaturi u l-SMEs bis-saħħa tal-internet u l-kummerċ elettroniku;

M. billi li jinkiseb suq intern li jiffunzjona b'mod effettiv ikun pass importanti lejn l-ilħuq tal-għanijiet tal-aġenda ta' Liżbona li jiżdied it-tkabbir, l-impjieg u l-kompetittività u biex il-500 miljun konsumatur fl-UE jingħataw servizz;

N. billi s-Suq Uniku Diġitali joffri għażla akbar bi prezzijiet aktar kompetittivi lill-konsumaturi, speċjalment għal dawk li jgħixu f'żoni inqas aċċessibbli, remoti jew periferiċi, kif ukoll dawk b'mobbiltà mnaqqsa li mingħajru ma kienx ikollhomx aċċess għal għażla wiesgħa ta' oġġetti; billi permezz tal-internet negozji ġodda, b'mod partikolari l-SMEs, jistgħu jibdew joperaw filwaqt li kunpaniji eżistenti jistgħu jkomplu jikbru billi jsibu niċċeċ ġodda fis-suq;

O. billi hemm 75 miljun persuna b'diżabilitajiet fl-Ewropa, u dawn il-persunu għandu wkoll ikollhom aċċess sħiħ għas-suq intern, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-isfidi marbutin ma' interfaces diġitali fil-każ ta' persuni li jbagħtu mill-vista;

P. billi l-internet u t-teknoloġija jikkostitwixxu strumenti li jippermettu l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u żieda fil-parteċipazzjoni tagħhom fis-swieq internazzjonali u fil-kummerċ; jitlob għal suq integrat Ewropew għal pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl; jitlob, fl-istess ħin, għal qafas faċilitat għall-fatturar elettroniku; jenfasizza, fir-rigward tat-tnejn, l-importanza tal-interoperabbiltà u ta' standards miftuħin sabiex jiġu ffaċilitati l-potenzjal massimu tas-suq u l-kompetizzjoni;

Q. billi l-konsumaturi jibbenefikaw mill-kummerċ elettroniku f'termini ta' prezzijiet orħos u għażla usa', alleati mal-konvenjenza li jkunu jistgħu jixtru mingħajr ma jħallu djarhom; billi dan huwa partikolarment ta' benefiċċju għal konsumaturi b'diżabbiltà u f'żoni rurali jew remoti;

R. billi ekonomija diġitali li tiffunzjona tajjeb hija imperattiva għal ekonomija tal-UE li taħdem tajjeb; billi, madankollu, il-moviment ħieles ta' servizzi diġitali bħalissa qed jiġi ostakolat minn regoli frammentarji fl-livell nazzjonali, minħabba li n-negozji jaffaċċjaw għadd kbir ta' ostakoli biex ibigħu minn fuq il-fruntieri fl-UE, l-aktar minħabba r-regoli differenti li japplikaw fl-livell tal-Istat Membru f'tali oqsma bħall-ħarsien tal-konsumatur, regolamenti speċifiċi u għal kull prodott u tranżazzjonijiet ta' ħlas; billi jeħtieġ l-istituzzjonijiet Ewropej jiġu mistiedna jsaħħu l-impenn tagħhom biex jitneħħew l-ostakli regolatorji ewlenin għal transazzjonijiet transkonfinali onlajn sal-2015, u il-Kummissjoni biex tkompli tipproponi azzjoni leġiżlattiva mmirata biex tindirizza l-impedimenti ewlenin;

S. billi l-kummerċ elettroniku jippermetti lill-konsumaturi li jibbenefikaw minn prezzijiet orħos u għażla usa', iżda attwalment 60 % tal-websajts mhumiex adattati għal xerrejja transkonfinali onlajn, u l-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozji fl-ambjent diġitali għadha baxxa;

T. billi l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u trasparenza għandu jitjieb, ħalli l-konsumaturi jkunu jistgħu jqabblu permezz tal-internet, mhux biss il-prezzijiet iżda wkoll il-kwalità u s-sostenibbiltà ta' prodotti u servizzi;

U. billi l-frammentazzjoni tas-suq diġitali tal-UE tipperikola d-drittijiet skont l-acquis communautaire, peress li l-konsumaturi u n-negozji ftit li xejn għandhom ċertezza legali fir-rigward tal-kummerċ elettroniku transkonfinali, minħabba għadd kbir wisq ta' dispożizzjonijiet legali li jistabbilixxu rekwiżiti differenti, ċirkustanza li minħabba fiha l-operaturi tan-negożji, l-awtoritajiet jew il-konsumaturi ma jistgħux jibbenefikaw minn regoli ċari u infurzabbli;

V. billi fil-fatt il-biċċa l-kbira tat-tilwimiet jiġu solvuti barra mill-qorti u l-perjodi ta' żmien konċessi lill-ADR jistgħu jkunu qosra wisq – tinħtieġ sistema tal-ODR effettiva;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

W. billi huwa ta' importanza kbira li tiġi megħluba l-frammentazzjoni legali li teżisti bħalissa f'numru ta' oqsma, sabiex jinkiseb Suq Uniku Diġitali komplut u reali;

X. billi l-kummerċ elettroniku u s-servizzi onlajn jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' suq uniku sostenibbli, bl-użu ta' teknoloġiji, standards, tikketti, prodotti u servizzi b'livell baxx ta' karbonju u favur l-ambjent;

***Suq Uniku Diġitali għat-tkabbir u l-impjieg***

1. Jenfasizza li fi żminijiet ta' kriżi ekonomika u finanzjarja, huwa essenzjali li jittieħdu miżuri li jistimulaw it-tkabbir u joħolqu l-impjieg, u jenfasizza li t-twettiq ta' Suq Uniku Diġitali jkun pass kruċjali 'l quddiem sabiex tinkiseb din il-mira; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni sabiex timplimenta l-pjan tagħha għat-tnedija u t-twettiq ta' Suq Uniku Diġitali; jenfasizza l-fatt li s-suq uniku diġitali huwa l-eħfef mod kif in-negozji u ċ-ċittadini jistgħu jibbenefikaw mis-suq uniku;

2. Jilqa' l-komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni dwar il-kummerċ elettroniku u servizzi onlajn, ippubblikata fil-11 ta' Jannar 2012, immirata biex tiżviluppa qafas koerenti għall-kummerċ elettroniku permezz tat-tkattir tal-fiduċja u l-estensjoni tal-kummerċ elettroniku u s-servizzi onlajn għal setturi B2B, B2C, C2C u G2G; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta sa tmiem l-2012 dwar il-progress li sar fuq is-sittax-il "Azzjoni prinċipali" kif stabbilit skont il-ħames oqsma prijoritarji tal-komunikazzjoni;

3. Jilqa' l-komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni dwar "Att II tas-Suq Uniku", li jinkludi azzjonijiet ewlenin li jappoġġjaw l-iżvilupp ta' ekonomija diġitali Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li jinħasdu l-benefiċċji tas-Suq Uniku Diġitali;

4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta, tiżviluppa, u ssegwi effettivament pjan ta' azzjoni tagħha biex jiġi ffaċilitat l-aċċess transkonfinali għal prodotti u kontenut onlajn, u, għal dan il-fini, tipprovdi pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni ta' pjan trasversali li jiżgura l-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali u l-promozzjoni ta' tkabbir fit-tul, il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi filwaqt li l-ekonomija Ewropea tiġi adattata għall-isfidi tal-ekonomija globali tal-lum il-ġurnata;

5. Jenfasizza li l-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' ċertezza legali jirrappreżentaw tħassib ewlieni fis-Suq Uniku Diġitali, u li l-infurzar inkonsistenti tar-regoli fl-Istati Membri għandhom jiġu indirizzati sabiex tiżdied l-għażla għall-konsumaturi; iqis li l-frammentazzjoni hija dovuta parzjalment ukoll għat-traspożizzjoni fqira jew tard tad-direttivi min-naħa tal-Istati Membri, fattur li għandu jkun suġġett għal skrutinju aktar rigoruż mill-istituzzjonijiet tal-UE;

6. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni relevanti ġdida kollha tas-suq uniku għandha tiġi soġġetta għal Test tas-Suq Diġitali Uniku; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-vijabbiltà tal-implimentazzjoni ta' tali test fi ħdan il-qafas tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha, sabiex jiġi żgurat li la ttellef l-iżvilupp tas-Suq Diġitali Uniku u lanqas ma tagħti lok għal ostakoli jew frammentazzjoni addizzjonali fir-rigward ta' kummerċ offlajn jew onlajn;

7. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni ta' avviż ġdid u skema tal-azzjoni, u jfakkar f'dan il-kuntest li skont id-direttiva tal-kummerċ elettroniku, il-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà informatika għandhom id-dmir li jaġixxu taħt ċerti ċirkostanzi bil-għan li ma jħallux jew li jwaqqfu attivitajiet illegali onlajn;

8. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-qafas legali attwali pprovdut mid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku ma jeħtieġx reviżjoni; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa għal aktar kjarifika bil-għan li l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' avviż u azzjoni biex jindirizzaw il-kontenut illegali;

9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu modernizzati u ffaċilitati l-proċeduri għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, u biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni għal rikonoxximent awtomatiku lil hinn mill-professjonijiet li bħalissa qegħdin jiġu koperti, immirati b'mod partikolari lejn il-professjonijiet ġodda meħtieġa mill-industriji ħodor u diġitali; jinnota li dan se jiffaċilita l-mobbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet għoljin;

10. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp ta' Strateġija Ewropea dwar il-cloud computing, minħabba l-potenzjal tagħha għal kompetittività tal-UE, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi; jenfasizza li l-cloud computing, peress li jinvolvi spejjeż minimi għad-dħul u rekwiżiti infrastrutturali baxxi, jirrappreżenta opportunità għall-industrija Ewropea tal-IT, u, b'mod partikolari, għall-SMEs, biex jiżviluppaw u jsiru mexxejja f'oqsma bħall-esternalizzazzjoni, servizzi diġitali ġodda u ċentri tad-data;

11. Jinnota l-importanza tar-rabta bejn id-Direttiva tal-kummerċ elettroniku u s-Sistema tal-Informazzjoni tas-Suq Intern;

***SMEs***

12. Jenfasizza li l-SMEs jiffurmaw is-sinsla tal-ekonomija Ewropea, u li għalhekk huwa vitali li jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni għall-integrazzjoni tagħhom fis-Suq Uniku Diġitali; jenfasizza wkoll il-ħtieġa urġenti li l-SMEs Ewropej kollha jkollhom aċċess għal broadband; jenfasizza li t-teħid ta' vantaġġ mill-possibilitajiet tal-ekonomija diġitali u s-Suq Uniku Diġitali permezz tal-innovazzjoni u l-użu intelliġenti tal-ICT għandu jkun ta' għajnuna kbira sabiex l-SMEs ikunu jistgħu joħorġu mill-kriżi preżenti u joħolqu tkabbir u impjieg;

13. Jappoġġja d-determinazzjoni tal-Kummissjoni biex issaħħaħ u tiffaċilita l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-ICT sabiex tingħeleb il-firda diġitali; ifakkar li l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-ICT għandha impatt pożittiv fuq il-koeżjoni soċjali, it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività fl-UE, kif ukoll fuq il-komunikazzjoni, il-kreattività u l-aċċess taċ-ċittadini għall-edukazzjoni u l-informazzjoni; jilqa' l-inizjattivi fi ħdan il-qafas tal-programmi għall-iżvilupp reġjonali u rurali, kif ukoll l-inizjattivi tal-BEI għat-titjib tal-integrazzjoni taż-żoni rurali f'infrastrutturi tal-ICT;

14. Jenfasizza l-fatt li l-eliminazzjoni tal-ostakoli legali li fadal għall-kummerċ elettroniku, li n-negozji jingħataw l-informazzjoni u l-ħiliet meħtieġa u li jiġu offruti l-istrumenti neċessarji biex jiżviluppaw in-negozju onlajn tagħhom aktar faċilment u b'mod aktar effettiv huma kruċjali biex jintlaħaq l-għan li jinħoloq tkabbir u impjiegi ġodda;

15. Jenfasizza li l-kisba ta' Suq Uniku Diġitali kompletament operattiv jeħtieġ sforz ikkoordinat biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha, irrispettivament mill-età, il-lokalità, l-edukazzjoni jew is-sess tagħhom, ikollhom aċċess għall-internet u jkollhom il-ħiliet meħtieġa biex jużawh;

16. Jinsisti li l-kompetenzi diġitali huma kruċjali għall-iżvilupp ta' Suq Diġitali Uniku kompetittiv, u li l-Ewropej kollha għandhom jingħataw il-ħiliet diġitali xierqa; jenfasizza n-natura kruċjali tal-impenn li jitnaqqas il-litteriżmu diġitali u l-lakuni fil-kompetenza bin-nofs sal-2015;

17. Jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw tali pjan ta' azzjoni, li jkun ibbażat fuq il-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-SMEs fil-ktajjen tal-valur diġitali billi jittieħdu miżuri u inizjattivi li jheġġu l-użu intelliġenti tal-ICT għall-innovazzjoni u l-kompetittività u l-iżvilupp ta' ħiliet elettroniċi, kif ukoll li jagħmel aktar informazzjoni disponibbli dwar il-vantaġġi u l-potenzjal tal-ekonomija tal-internet, eż permezz tan-Network Ewropew għall-Appoġġ tan-Negozju Elettroniku (eBSN), filwaqt li tipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju għall-SMEs innovattivi, fost azzjonijiet oħra;

18. Jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata strateġija li tgħati spinta lill-intraprenditorija diġitali fl-Ewropa, li tippromwovi t-taħriġ għall-kummerċjanti onlajn u li tħeġġeġ programmi għall-iżvilupp tal-SMEs li jiffukaw fuq l-SMEs innovattivi u dinamiċi mis-setturi kollha sabiex jiġi żgurat tkabbir potenzjali u innovazzjoni għoljin u jinħolqu impjiegi ġodda fl-Ewropa, filwaqt li tisaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur, kif ukoll l-iżvilupp ta' swieq ta' niċċa ġodda għall-SMEs li altrimenti ma kinux jeżistu;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw il-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex jiġu indirizzati l-ostakli li jxekklu t-tkabbir tal-SMEs, bħal spejjeż kbar għad-dħul fis-suq, l-ispiża għall-iżvilupp tal-għarfien ta' ditta f'diversi pajjiżi, u l-limitazzjonijiet tas-sistema tal-IT;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu miżuri mmirati li joffru appoġġ finanzjarju għall-SMEs innovattivi, permezz ta' programmi eżistenti bħall-Programm għall-Kompetittività u Innovazzjoni (CIP), il-Programm il-ġdid għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs (COSME), u l-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni "Orizzont 2020", jew permezz tal-ħolqien ta' programmi speċifiċi, kif ukoll ir-regolament propost dwar il-fondi kapitali ta' riskju;

21. Iqis li, flimkien mat-tifrix konsistenti tal-ICT, għall-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali hija essenzjali l-promozzjoni tal-eċċellenza fir-riċerka dwar l-ICT u t-trawwim tal-investiment pubbliku u privat f'riċerka ta' riskju għoli u kollaborattiva dwar l-ICT u l-innovazzjoni; jenfasizza li l-Ewropa għandha tkun fuq quddiem nett fl-iżvilupp ta' teknoloġiji u standards tal-internet; jipproponi li skont il-perspettiva finanzjarja li jmiss u l-programm Orizzont 2020 għandu jkun hemm żieda sostanzjali fil-baġit tal-UE tar-riċerka tal-ICT;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

***Jingħelbu l-barrieri li fadal fis-Suq Uniku Diġitali***

22. Isostni l-possibbiltà ta' kollaborazzjoni maċ-ċentri tar-riċerka; jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni li tippromwovi l-investimenti pubbliċi u privati f'netwerks tat-telekomunikazzjonijiet trans-Ewropej fil-qafas tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), u jenfasizza l-importanza tal-istrateġija fit-tul tal-infrastruttura tas-servizzi diġitali trans-Ewropea għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività fl-UE;

23. Jinnota li l-iskjerament rapidu ta' broadband veloċi ħafna huwa kruċjali għall-kompetittività globali tal-Ewropa, għall-iżvilupp tal-produttività Ewropea u għall-ħolqien ta' impriżi ġodda u żgħar li jistgħu jkunu minn ta' quddiem f'setturi differenti, pereżempju l-kura tas-saħħa, il-manifattura u l-industrija tas-servizzi;

24. Jitlob biex jittieħdu miżuri speċifiċi sabiex jiġi żgurat li l-SMEs ikunu jistgħu jgawdu b'mod sħiħ mil-potenzjal tal-broadband fl-oqsma tal-kummerċ elettroniku u l-akkwist elettroniku; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-inizjattivi tal-Istati Membri biex jiġu żviluppati l-ħiliet elettroniċi fl-SMEs u biex jiġu stimulati mudelli ta' negozju innovattivi u bbażati fuq l-internet permezz tal-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u s-suċċessur futur tiegħu, il-Programm għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs (COSME);

25. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika l-ostakoli eżistenti għal servizzi ta' kunsinna transkonfinali, u tieħu azzjonijiet xierqa biex tindirizzhom, fejn tqies is-sejbiet tal-istudju l-ġdid li ġie kondott u b'mod li se jippermetti kemm lin-negozji kif ukoll lill-konsumaturi li jibbenefikaw b'mod sħiħ mis-Suq Uniku Diġitali; jenfasizza li l-aħjar mod kif tippromwovi fatturi bħall-aċċessibbiltà, l-affidabbiltà, il-veloċità tal-kunsinna, is-servizz amikevoli, sistema għal kunsinni li nbagħtu lura effiċjenti u trasparenti, u prezzijiet aktar baxxi ta' servizzi tal-kunsinna transkonfinali huwa permezz ta' kompetizzjoni ħielsa u ġusta, biex ma jkunx hemm tfixkil tal-kummerċ transkonfinali u biex tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur; iqis li servizzi tal-kunsinna transkonfinali ma għandhomx ikunu bbażati biss fuq il-fruntieri fiżiċi, iżda, fejn vijabbli, għandhom iqisu wkoll id-distanza mill-konsumatur; iqis li huwa essenzjali li jiġu żgurati forom innovattivi ta' twassil li jippermettu aktar flessibilità f'termini ta' għażla ta' żmien jew post ta' ġbir jew post ta' ġbir possibbli bl-ebda spejjeż addizzjonali marbuta; iqis li huwa kruċjali li jitqiesu miżuri li jiggarantixxu kunsinna bi prezz raġonevoli għal żoni aktar remoti jew periferiċi;

26. Ifakkar il-ħtieġa għal politika integrata fir-rigward tat-tlestija tas-suq uniku tat-trasport fir-rigward tal-mezzi kollha tat-trasport (jiġifieri l-kabotaġġ bit-toroq, it-trasport ferrovjarju, eċċ), u leġiżlazzjoni ambjentali sabiex jiġu evitati l-ineffiċjenzi fil-katina tal-provvista jew żidiet bla bżonn fl-ispejjeż kemm għall-bejjiegħa li ibigħu mill-bogħod kif ukoll għall-klijenti tal-kummerċ elettroniku;

27. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jnaqqsu l-piż amministrattiv billi jippermettu l-użu tas-sistema jew tal-pajjiż tal-bejjiegħ jew tal-pajjiż tax-xerrej, sabiex jiġu evitati proċeduri doppji u konfużjoni dwar liema regoli japplikaw kemm għall-bejjiegħa kif ukoll għall-konsumaturi bl-internet;

28. Jistieden lill-Kummissjoni ssib soluzzjonijiet għad-diffikultajiet esperjenzati mill-SMEs fir-rigward tal-immaniġġjar ta' kunsinni li nbagħtu lura u problemi infrastrutturali tat-tbaħħir, u biex jitnaqqsu l-ispejjeż involuti fir-riżoluzzjoni ta' ilmenti u kunflitti transkonfinali;

29. Jenfasizza li, peress li l-kontenut tal-websajts jista' bejn wieħed u ieħor jiġi kkodifikat pjuttost faċilment, vantaġġ ieħor marbut mad-dinja diġitali hu li tista' tgħin tgħeleb l-ostakoli lingwistiċi fis-suq uniku;

30. Jenfasizza l-importanza li l-konsumaturi għandhom igawdu minn twassil effiċjenti, feedback aħjar dwar it-twassil, u għandhom jirċievu l-prodott tagħhom fil-ħin, fatturi li lkoll ġew identifikati bħala tħassib ewlieni tal-konsumaturi fl-aħħar Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet tal-Konsumatur;

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw il-possibilitajiet li jiġu simplifikati u standardizzati r-regoli tal-VAT għal tranżazzjonijiet transkonfinali onlajn; jirrimarka li l-qafas eżistenti tal-VAT Ewropew huwa ostaklu għall-iżvilupp ta' servizzi diġitali ġodda, u li, li l-kumpaniji jitħeġġu biex jiżviluppaw u joffru servizzi onlajn ġodda fl-Ewropa kollha għandu jkun prijorità fir-rieżami tar-regoli tal-VAT; iqis li l-prodotti diġitali bħall-kotba elettroniċi għandhom ikunu soġġetti għall-istess rata ta' VAT bħal prodott ekwivalenti f'format fiżiku jew offrut offlajn, sabiex tiġi evitata distorsjoni fis-suq; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħtfu l-opportunità li l-bidliet tal-2015 fir-regoli tal-VAT jippreżentaw u sabiex joħolqu jew jestendu "One-Stop Shop Ewropew" għall-kummerċ elettroniku, għal minn tal-anqas l-SMEs;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

32. jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rieżami tad Direttiva 2006/112/KE sabiex tiġi introdotta kategorija ġdida ta' servizzi b'kontenut kulturali u pprovduti elettronikament, li jistgħu jibbenefikaw minn rata tal-VAT imnaqqsa; Jipproponi li xogħlijiet u servizzi kulturali li jinbiegħu onlajn – bħall-kotba diġitali – għandhom jibbenefikaw mill-istess trattament preferenzjali bħal prodotti komparabbli f'forma tradizzjonali bħall-paperbacks u għalhekk għandhom ikunu soġġetti għal rata tal-VAT imnaqqsa; huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT għall-pubblikazzjonijiet diġitali tista' tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' offerti legali u żżid b'mod sinifikanti l-attrazzjoni ta' pjattaformi diġitali;

33. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-rieżami tagħha tal-leġiżlazzjoni dwar il-VAT, tindirizza l-anomalija tal-possibilità li jiġu applikati rati tal-VAT imnaqqsa fuq il-kotba stampati u kontenut kulturali ieħor imma mhux fuq beni identiċi disponibbli f'format elettroniku;

34. Jilqa' l-green paper tal-Kummissjoni dwar il-ħlasijiet bil-kards, bl-internet u bil-mowbajls; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri adegwati bil-ħsieb li jinkiseb qafas regolatorju tal-UE integrat kollu u b'mod effettiv, kompetittiv, innovattiv, newtral u sikur għall-ħlasijiet onlajn u bil-mowbajl;

35. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-mikropagamenti u l-ispejjeż amministrattivi għoljin li ta' spiss jinġarrbu meta jitħallsu ammonti żgħar; jinnota l-użu dejjem aktar mifrux ta' ħlas minn mowbajls, smart phones u tablets u li dan jeħtieġ azzjonijiet ta' rispons ġodda;

36. Jenfasizza li l-mikropagamenti qegħdin jintużaw dejjem aktar għall-ħlas ta' kontenut kulturali onlajn u jqis li dan huwa strument utli ġdid biex jiġi żgurat li d-detenturi tad-drittijiet jitħallsu;

37. Jindika li t-tariffi ta' interkambju multilaterali domestiċi u transkonfinali (MIFs) fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri; jemmen li t-tariffi ta' interkambju multilaterali kemm domestiċi kif ukoll transkonfinali fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) għandhom jiġu armonizzati sabiex jippermettu lill-konsumaturi jibbenefikaw mis-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt, sal-aħħar tal-2012, dwar l-iffissar ta' limitu għal MIFs u b'mod gradwali tnaqqsu; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi regolament għall-armonizzazzjoni tal-MIFs u tnaqqashom progressivament sakemm ikunu allinjati ma' spejjeż reali sal-aħħar tal-2015; jemmen li s-soprataxxi, ir-rifużjonijiet u prattiki oħra ta' gwida għandhom jiġu pprojbiti b'mod gradwali wkoll, u b'hekk titwitta t-triq għal Suq Uniku Ewropew tal-pagamenti aktar trasparenti;

38. Jenfasizza li l-privatezza u s-sigurtà tad-data huma preokkupazzjonijiet maġġuri fost il-konsumaturi u għandhom it-tendenza li jaqtgħulhom qalbhom milli jixtru onlajn; jikkunsidra li huwa meħtieġ li jadatta l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data eżistenti għal sfidi u innovazzjonijiet ġodda fil-qasam tal-iżviluppi teknoloġiċi preżenti u futuri, eż. il-cloud computing;

39. Jirrikonoxxi l-potenzjal ekonomiku u soċjali li l-cloud computing wera s'issa u jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta inizjattivi f'dan il-qasam sabiex tikseb il-benefiċċji ta' tali teknoloġija ladarba it-teknoloġija tkun żviluppata aktar b'mod sħiħ; madanakollu, jirrikonoxxi, il-ħafna sfidi tekniċi u legali li jirriżultaw mill-iżvilupp tal-cloud computing;

40. Jirrikonoxxi l-potenzjal ewlieni tal-cloud computing u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi mingħajr dewmien strateġija Ewropea dwar il-cloud computing;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tinforza d-dispożizzjonijiet dwar Notifika ta' Ksur tad-Dejta fil-pakkett tat-Telekomunikazzjonijiet u tagħmilhom disponibbli għall-konsumaturi kollha fl-Istati Membri;

42. Ifakkar id-dispożizzjonijiet fid-Direttiva tad-drittijiet universali tas-Servizzi u l-Utenti għall-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet li jobbligaw lill-fornituri tas-Servizz tal-Internet Internet iwasslu messaġġi tas-servizz pubbliku lill-klijenti kollha tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-kwistjoni dwar kemm minn fost ir-regolaturi tat-telekomunikazzjoni qegħdin jikkonformaw ma' dawn ir-regoli, u tirrapporta lura lill-Parlament dwar il-kwistjoni;

43. Għalhekk, jilqa' r-Regolament il-ġdid dwar il-protezzjoni tad-data propost mill-Kummissjoni, jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li ċ-ċittadini jingħataw kontroll aħjar fuq l-iproċessar tad-data personali tagħhom, u jenfasizza l-ħtieġa li japprova u jimplimenta Regolament ġdid dwar is-suġġett f'forma li, waqt li tipproteġi l-privatezza u tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali, tippermetti flessibilità biżżejjed għall-kumpaniji biex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw in-negozju tagħhom mingħajr ma jagħmlu spejjeż kbar, filwaqt li toffrilhom ukoll simplifikazzjoni u tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

44. Jilqa' l-proposta għal qafas legali għall-applikazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati sabiex jitjiebu r-responsabilità, it-trasparenza u l-governanza tas-soċjetajiet ta' ġestjoni kollettiva tad-drittijiet, biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi effikaċi ta' soluzzjoni għall-kwistjonijiet, u biex jiġu ċċarati u ssimplifikati s-sistemi ta' għoti ta' liċenzji; iqis essenzjali li tingħata informazzjoni ċara u komprensibbli lill-utenti tal-internet dwar liema data personali tinġabar, għal liema skop u kemm din iddum maħżuna, għaliex dan hu essenzjali biex jissaħħu d-drittijiet tal-utenti u biex titqawwa l-fiduċja tagħhom fl-internet; jenfasizza li għar-reviżjoni attwali tal-acquis tal-protezzjoni tad-data, għandhom jiġu żgurati ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, kif ukoll livell għoli ta' protezzjoni tad-data; jilqa' t-tħabbir ta' strateġija Ewropea globali dwar il-kwestjoni tal-cloud computing għall-2012 u, b'mod partikolari, jistenna l-kjarifika ta' kwistjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni, il-protezzjoni tad-data u l-kompetenza;

45. Jemmen bis-sħiħ li l-protezzjoni tal-privatezza ma tikkostitwixxix biss valur ewlieni tal-Unjoni Ewropea, iżda għandha wkoll rwol ċentrali fil-promozzjoni tal-fiduċja tal-utent fl-ambjent diġitali sabiex is-Suq Uniku Diġitali jkun jista' jiżviluppa bis-sħiħ; jilqa', għalhekk, il-proposti tal-Kummissjoni li tadatta d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta għall-ambjent diġitali attwali, u b'hekk tippromwovi n-natura innovattiva tal-ambjent onlajn u tagħti spinta lill-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda promettenti bħall-cloud computing;

46. Ifakkar li approċċ globali huwa essenzjali meta jkunu qegħdin jiġu indirizzati l-isfidi bħalma hija l-protezzjoni tad-data u l-piraterija; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, biex ikun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Forum dwar il-Governanza tal-Internet;

47. Jitlob kjarifika dwar l-obbligu tal-fornituri tas-servizz internet li jaġixxu f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u l-kompetizzjoni, mal-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u mad-Diretteiva dwar il-Kummerċ elettroniku ([1]) u l-Pakkett dwar it-Telekomunikazzjonijiet ([2]) meta jkunu qegħdin jittrattaw u/jew jiġbru data fi ħdan l-UE, irripettivament minn fejn din id-data ġiet maħżuna u/jew proċessata; huwa tal-fehma li livell ogħla ta' trasparenza fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-fornituri ta' servizzi fuq l-internet għandu jkollu rwol ewlieni biex jiffavorixxi l-fiduċja tal-konsumaturi, jippromwovi l-aħjar prattiki f'dan il-qasam u jservi ta' kriterju essenzjali għall-ħolqien ta' marka ta' fiduċja Ewropea;

48. Ifakkar li l-fornituri ta' servizzi onlajn huma obbligati, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/31/KE, jipprovdu b'mod ċar l-identità tagħhom, u li ż-żamma ta' dan l-obbligu tikkontribwixxi b'mod deċiżiv biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-konsumaturi fil-kummerċ elettroniku;

49. Jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza l-qafas legali għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-kuntest tat-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali, u sabiex jipproponu u jimplimentaw rapidament l-Istrateġija Ewropea għad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali bil-ħsieb li l-adattament għar-realtà fuq l-internet tas-seklu 21; jistenna bil-ħerqa l-proposta tal-Kummissjoni għal strumenti legali f'dan il-qasam, bħal leġiżlazzjoni għas-simplifikar tal-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur fl-Ewropa u direttiva dwar l-Infurzar tad-DPI u l-Ġlieda Kontra l-Iffalsifikar u l-Piraterija; jemmen ukoll li hemm bżonn li jitqiesu mudelli innovattivi tan-negozju u strutturi differenti tal-liċenzjar sabiex tiżdied id-disponibbiltà filwaqt li jinżammu d-drittijiet tal-awtur u jkun żgurat il-ħlas tad-detenturi tad-dritt;

50. Jenfasizza l-importanza ta' approċċ armonizzat għal eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, kif ukoll l-eċċezzjonijiet statutorji armonizzati għal trade marks u privattivi, ħafna drabi għall-benefiċċju tar-riċerkaturi u l-iżviluppaturi, sabiex jiffaċilita l-iżvilupp, it-tixrid u l-adozzjoni mill-konsumaturi ta' servizzi ġodda u innovattivi u ċ-ċertezza legali għal gruppi ta' riċerka, innovaturi, artisti u utenti meħtieġa sabiex l-ambjent diġitali Ewropew li qiegħed jikber ikun jista' jiżviluppa aktar;

51. Ifakkar li sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tas-Suq Uniku Diġitali jeħtieġ tkompli l-ħidma fl-armonizzazzjoni tar-regoli f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fl-istess waqt li jiġu rispettati d-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini;

52. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi soluzzjonijiet miftiehma speċifiċi għas-settur li jirrispettaw id-dritt tal-awtur, li jiżguraw remunerazzjoni ġusta għall-awturi, u jippromwovu l-aċċess pubbliku għal firxa wiesgħa ta' prodotti kulturali legali;

---

([1]) Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1)

([2]) Id-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU L 337, 18.12.2009, p. 11) u d-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU L 337, 18.12.2009, p. 37).

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

53. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef ix-xogħol preparatorju tagħha dwar proposta leġiżlattiva fir-rigward 'tal-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet', bil-għan li jiġu żgurati obbligu tal-għoti ta' rendikont, trasparenza u governanza aħjar tas-soċjetajiet tal-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet, jiġu stabbiliti mekkaniżmi effiċjenti ta' riżoluzzjoni tat-tilwim, u ċċarati u ssimplifikati sistemi ta' liċenzjar fis-settur tal-mużika;

54. Jenfasizza li l-mikropagamenti qed isiru kulma jmur aktar importanti f'dak li hu ħlas għal kontenut ta' midja u għal kontenut kulturali onlajn, imma li għad hemm lok għal aktar titjib tal-faċilità li biha jsir użu tagħhom, u jara dan bħala għodda utli biex jiġi żgurat li dawk li jikkreaw qed jiġu remunerati peress li jagħmlu l-kontenut legali aċċessibbli għall-pubbliku b'mod li jkun jiflaħ għalih il-but ta' kulħadd; iqis, għalhekk, li l-mikropagamenti huma mezz effikaċi biex jiġi miġġieled il-kontenut illegali; jenfasizza, madanakollu, li problemi assoċjati ma' sistemi ta' ħlas onlajn, bħalma huma n-nuqqas ta' interoperabilità u l-ispejjeż għolja tal-mikropagamenti għall-konsumaturi, jeħtieġ li jiġu indirizzati bil-għan li jiġu żviluppati soluzzjonijiet sempliċi, innovattivi u kost-effettivi ta' benefiċċju għall-konsumaturi u għall-pjattaformi diġitali; jenfasizza li ż-żieda tal-provvista legali online ta' kontenut kulturali bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu minn kulħadd fuq tul ta' żmien tista' toħnoq pjattaformi illegali fuq l-internet;

55. Jenfasizza li t-teknoloġiji tal-internet, ġodda u li qed jespandu, kif ukoll is-servizzi onlajn żiedu d-domanda għal kontenut diġitali awdjoviżi u għal tipi oħra ta' kontenut diġitali kulturali u kreattiv u jipprovdu modi ġodda u innovattivi biex dak li hemm offrut jiġi personalizzat u arrikkit, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ; jinnota, madankollu, li bħalissa ma hemmx provvista legali biżżejjed biex tissodisfa d-domanda, u din iċ-ċirkostanza tħajjar lill-utenti jfittxu kontenut illegali; jemmen li jeħtieġ li jiġu eżaminati mudelli innovattivi ta' kummerċ u strutturi differenti tal-għoti ta' linċenzji bil-għan li tiżdied id-disponibilità; jitlob li jsir sfruttament aħjar tat-teknoloġiji diġitali, li għandhom iservu ta' impetu kemm għad-divrenzjar u kemm għall-immultiplikar ta' offerti leġittimi, u b'hekk jiġu sostnuti l-fiduċja tal-konsumatur u t-tkabbir filwaqt li jiġi żgurat li l-artisti jiġu rrimunerati b'mod ġust u proporzjonat;

56. Jappoġġa bis-sħiħ miżuri kemm fil-livell ta' Stat Membru u fil-livell Ewropew li jimpedixxu l-manifattura ta' prodotti falsifikati u l-piraterija tal-prodotti fuq l-internet;

57. Jilqa' l-proposti biex id-disponibilità tiżdied u biex is-servizzi ta' kontenut legali onlajn jiġu żviluppati, imma jenfasizza l-ħtieġa li d-dritt tal-awtur tal-UE jiġi modernizzat u armonizzat fil-livell tal-Unjoni; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jkun hemm liġi tad-dritt tal-awtur li tkun tipprovdi l-inċentivi xierqa, tiżgura bilanċ u tkun dejjem aġġornata skont it-teknoloġija moderna; iqis li l-inkoraġġiment, il-promozzjoni u s-sostenibbiltà tal-liċenzjament multiterritorjali fis-suq uniku diġitali għandhom, fuq kollox, jiġu ffaċilitati minn inizzjattivi mmexxija mis-suq b'rispons għad-domanda tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, timplimenta l-inizjattivi tal-istrateġija tad-dritt ta' proprjetà intellettwali mingħajr dewmien;

58. Jikkundanna bis-sħiħ kull diskriminazzjoni kontra l-konsumaturi fuq il-bażi ta' nazzjonalità u residenza, filwaqt li jfakkar l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi (2006/123/KE), u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa ta' dik id-Direttiva;

***Il-bini tal-kunfidenza u tal-fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali***

59. Jenfasizza li d-Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumaturi mmarkat pass importanti 'l quddiem fir-rigward taż-żieda fiċ-ċertezza legali għall-konsumaturi u n-negozji fit-tranżazzjonijiet onlajn, u llum din tikkostitwixxi l-istrument prinċipali għall-ħarsien tal-konsumatur għas-servizzi onlajn; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u mgħaġġla tagħha; jitlob għal kodiċi ta' prattika tajba għan-negozji onlajn u jsostni l-proposti tal-kuntratti modali f'dan ir-rigward; l-implimentazzjoni tas-CRD tkun tifforma parti importanti ta' kuntratti mudelli filwaqt li prattiki bl-imnut eżistenti għandhom jiġu rispettati wkoll; barra minn hekk, jistieden lill-Istati Membri jiddeċiedu jekk – fuq medda ta' żmien twila – jiffavorixxu l-armonizzazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku jew reġim nazzjonali ieħor; fil-każ ta' dan tal-aħħar, iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-isforzi meħtieġa biex iġibu 'l quddiem b'mod kostruttiv dossiers bħal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ bl-għan li jiġi ffaċilitat il-kummerċ transkonfinali fl-UE għall-benefiċċju tal-konsumaturi u tan-negozji;

60. Jemmen li r-Regolament propost dan l-aħħar dwar il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-bejgħ, li jista' jiġi magħżul mis-sħab kontraenti bħala alternattiva għar-regoli nazzjonali dwar il-liġi tal-bejgħ, għandu potenzjali sinifikanti biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tas-suq intern u jiġi pprovdut kummerċ għat-tranżazzjonijiet bl-internet b'mod iktar aċċessibbli u affidabbli mil-lat legali għall-konsumaturi u l-impriżi;

61. Ifakkar li l-Istati Membri wkoll għandhom irwol xi jwettqu billi jiżguraw l-implimentazzjoni rapida u nonburokratika tar-regoli tal-UE bil-għan li d-drittijiet tal-konsumatur isiru realtà;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

62. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jagħtu riżorsi adegwati lill-istrumenti effettivi bħan-Netwerk għall-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi (CPC), sabiex ikun żgurat li n-negozjanti onlajn japplikaw ir-Regoli Ewropej dwar it-trasparenza u l-prattiċi kummerċjali inġusti, u b'hekk jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għall-konsmatur;

63. Jenfasizza l-ħtieġa għall-inizjattivi fl-Istati Membri biex jittejbu l-ħiliet elettroniċi fost il-pubbliku ġenerali; jinnota l-importanza li ċ-ċittadini tal-UE jkunu mgħammrin b'ħiliet diġitali li jgħinuhom jisfruttaw kompletament il-benefiċċji li jkunu onlajn u jipparteċipaw fis-soċjetà diġitali;

64. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkludi element ta' aċċessibilità għall-konsumatur f'termini tal-implimentazzjoni ta' ambjent mingħajr ostakoli u firxa sħiħa ta' servizzi aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà fil-politiki kollha tas-Suq Uniku Diġitali, sabiex ikun żgurat li l-gruppi taċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess u jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mis-Suq Uniku Diġitali;

65. Jenfasizza l-ħtieġa għall-inizjattivi fl-Istati Membri biex jittejbu l-ħiliet elettroniċi fost il-pubbliku ġenerali b'attenzjoni partikolari għall-persuni mdaħħla aktar fiż-żmien sabiex jiġi promoss il-kunċett ta' tizjiħ attiv;

66. Jirrikonoxxi l-importanza ta' karta Ewropea għad-drittijiet tal-utenti li tiċċara d-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini tas-soċjetà tal-informatika;

67. Jenfasizza l-importanza li jitrawwem il-ħolqien ta' websajts trasparenti u affidabbli għat-tqabbil tal-prezzijiet aċċessibbli f'diversi lingwi, bħala mezz biex tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur fil-kummerċ transkonfinali;

68. Jenfasizza l-ħtieġa li tinħoloq marka ta' fiduċja Ewropea, li għandha tiggarantixxi li negozju li jopera onlajn jirrispetta bis-sħiħ il-liġi tal-UE; għandha tkun sempliċi u strutturata sew, u għandha tkun mimlija b'kontenut li jipprovdu valur miżjud għall-kummerċ elettroniku, għalhekk tingħata spinta l-fiduċja u t-trasparenza, kif ukoll iċ-ċertezza legali kemm għall-konsumatur kif ukoll għan-negozji permezz tal-informazzjoni b'konformità mal-istandards W3C eżistenti u mhux legalment vinkolanti, fl-interess tal-persuni b'diżabbiltà;

69. barra minn hekk, jenfasizza l-bżonn għal approċċ integrat biex tittejjeb il-fiduċja tal-konsumatur fl-aċċess tiegħu għal servizzi legali transkonfinali;

70. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-UE tipprovdi lin-negozji u l-konsumaturi b'fiduċja u l-mezzi għall-kummerċ onlajn sabiex jiżdied il-kummerċ transkonfinali; għalhekk jitlob li jiġu ssimplifikati s-sistemi tal-liċenzjar u li jinħoloq qafas effiċjenti għad-drittijiet tal-awtur;

71. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tindirizza l-ostakoli għat-twettiq tas-suq uniku diġitali, l-aktar importanti l-ostakoli li jżommu lura l-iżvilupp ta' servizzi traskonfinali legali onlajn; jenfasizza, barra minn hekk, il-bżonn li tittejjeb il-kunfidenza tal-konsumatur fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi transkonfinali legali; jenfasizza li s-Suq Uniku Diġitali se jippermetti liċ-ċittadini jkollhom aċċess, fl-UE kollha, għas-suriet kollha ta' kontenuti u servizzi diġitali (mużikali, awdjoviżivi, logħob tal-kompjuters);

72. Jaqbel mal-Kummissjoni, li l-użu tal-potenzjal sħiħ tas-suq intern onlajn huwa mxekkel primarjament mill-fatt li għad hemm taħlita ta' leġiżlazzjonijiet differenti, kif ukoll standards u prattiki bi ftit interoperabbiltà jew xejn;

73. Jilqa' l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni dwar ir-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim (ADR) u r-Riżoluzzjoni tat-Tilwim Onlajn (ODR), u jenfasizza l-importanza tal-addozzjoni effettiva tagħhom biex jgħinu fis-sejba ta' soluzzjoni għall-ilmenti u l-kunflitti transkonfinali; jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal dawn il-mekkaniżmi li jridu jsiru magħrufa għall-konsumaturi u n-negozjanti sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-livell mixtieq ta' effikaċja fil-prattika; ifakkar l-importanza ta' mekkaniżmu ta' rimedju effettiv bħala mezz li jiżgura li l-konsumaturi jistgħu jsegwu d-drittijiet tagħhom, filwaqt li jenfasizza li ċ-ċittadini għandhom ikunu infurmati aħjar bid-dettalji ta' tali mekkaniżmu u strumenti oħra għar-riżoluzzjoni tal-problemi għodda; dan għandu jsaħħaħ ix-xiri transkonfinali ta' oġġetti u servizzi u jwassal għat-tneħħija tal-punti ta' konġestjoni li fadal li jostakolaw it-tkabbir u l-innovazzjoni partikolarment fi ħdan is-Suq Diġitali u li bħalissa qwgħdin jżommu s-Suq Uniku lura milli jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu; jenfasizza li l-eżistenza tal-pjattaforma għal riżoluzzjoni onlajn tat-tilwim fir-rigward tal-kummerċ elettroniku domestiku u transkonfinali se żżid il-fiduċja tal-konsumaturi fis-Suq Uniku Diġitali;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

74. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jinħolqu modi li jsaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini fl-ambjent onlajn u li jiggarantixxu l-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inkluż it-tneħħija ta' ostakli ġeografiċi, tekniċi u organizzazzjonali f'mekkaniżmi ta' rimedju; jara r-riżoluzzjoni rapida u kosteffikaċi tal-kwistjonijiet, partikolarment fir-rigward ta' tranżazzjonijiet onlajn, bħala rekwiżit ċentrali għall-fiduċja tal-utent; għalhekk jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni fir-rigward ta' riżoluzzjoni extraġudizzjarja u tar-riżoluzzjoni tal-kwisjtonijiet onlajn skont il-liġi tal-konsumatur u l-inizjattiva leġiżlattiva mħabbra dwar riżoluzzjoniji ta' kwistjonijiet bejn in-negozji;

75. Jinnota l-proposti tal-Kummissjoni għal miżuri kooperattivi mas-servizzi tal-pagamenti biex jiġi miġġieled il-kontenut mhux awtorizzat jew illegali; jenfasizza li kwalunkwe kooperazzjoni ma' partijiet privati għandha tkun imsejsa b'mod sod f'qafas ġuridiku kkaratterizzat mir-rispett għall-privatezza tad-data, il-ħarsien tal-konsumatur, id-dritt ta' riparazzjoni u aċċess għall-ġustizzja għall-partijiet kollha; jenfasizza li l-ewwel pass irid ikun l-implimentazzjoni effikaċja ta' miżuri ta' "azzjoni ta' avviż" li jkunu jiżguraw ir-rispett għad-dritt fundamentali għal proċess kriminali ġust quddiem tribuna indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi, b'mod mhux ekwivoku u għal kulħadd; jenfasizza li l-operaturi kollha, inklużi l-fornituri ta' pagamenti u min jirreklama, għandhom irwol xi jwettqu fil-ġlieda kontra l-kontenut mhux awtorizzat u illegali;

76. Jilqa 'b'sodisfazzjon kbir il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni l-ġdida dwar "Strateġija għal Internet Aħjar għat-Tfal"; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u l-industrija biex jippromwovu l-użu ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda għall-edukazzjoni u għall-protezzjoni tal-minuri, u biex jikkooperaw mill-qrib u b'mod effiċjenti sabiex jipprovdu internet sikur għall-minuri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw proġetti għal-litteriżmu u l- familjarizzazzjoni fir-rigward tat-teknoloġiji diġitali, li għandhom jiġu mmirati lejn l-adulti li għandhom li huma responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ u għall-ġejjieni tal-ġenerazzjonijiet il-ġodda, ħalli jsiru konxji tal-opportunitajiet u r-riskji li t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) jirrappreżentaw għat-trabi u t-tfal filwaqt li jgħinu wkoll biex jitnaqqas id-distakk diġitali li hemm bejn il-ġenerazzjonijiet; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta' taħriġ dwar it-teknoloġija tal-informazzjoni fir-rigward tad-drittijiet, l-obbligi u r-riskji tal-konsumatur dwar is-suq diġitali intern.

77. Iħeġġeġ il-partijiet interessati jimpenjaw ruħhom għal reklamar responsabbli fir-rigward tal-minuri, b'mod partikolari billi jonqsu milli jxandru riklamar aggressiv u qarrieqi fuq it-televiżjoni u l-internet billi jirrispettaw u jimplimentaw bis-sħiħ kodiċijiet eżistenti ta' kondotta, u inizjattivi simili;

78. Jikkunsidra li huwa meħtieġ li jingħata appoġġ lid-diġitalizzazzjoni ta' xogħlijiet edukattivi u kulturali f'għadd kemm jista' jkun kbir ta' lingwi uffiċjali tal-UE, sabiex jiġi pprovdut kontenut prezzjuż u utli għall-pubbliku;

79. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu stabbiliti prinċipji ċari biex jirregolaw ir-relazzjonijiet mas-swieq diġitali ta' pajjiżi terzi, l-aktar fir-rigward ta' proġetti fil-livell tal-Unjoni bħalma hi d-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali dinji;

80. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-regoli dwar id-distribuzzjoni selettiva jiġu applikati sewwa, sabiex jiġu evitati l-abbużi u d-diskriminazzjoni;

81. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni biex tiżgura newtralità netta;

82. Jirrimarka li kompetizzjoni akbar, it-trasparenza fir-rigward tal-ġestjoni tat-traffiku u l-kwalità tas-servizz, kif ukoll il-possibilità li jbiddlu, huma fost il-kundizzjonijiet minimi meħtieġa biex tkun żgurata n-newtralità tal-internet; itenni l-appoġġ tiegħu għal internet miftuħ fejn il-kontenut u servizzi kummerċjali individwali ma jistgħux jiġu mblukkati; ifakkar fir-riżultati reċenti tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u jqis li hemm bżonn ta' miżuri addizzjonali biex tkun żgrurata n-newtralità tal-internet;

83. Jerġa' jenfasizza l-isfidi potenzjali meta nitbiegħdu min-newtralità tan-netwerk, fosthom l-imġiba antikompetittiva, l-imblukkar tal-innovazzjoni, ir-restrizzjoni fuq il-libertà tal-espressjoni, in-nuqqas ta' għarfien tal-konsumatur u l-ksur tal-privatezza, kif ukoll rigward il-fatt li n-nuqqas ta' newtralità tal-internet jagħmel ħsara lin-negozji, lill-konsumaturi u lis-soċjetà kollha;

84. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw kompetizzjoni onlajn ħielsa u ġusta, billi jieħdu azzjoni kontra prattiki inġusti kummerċjali B2B, bħal restrizzjoni fuq l-internet, il-kontroll tal-prezzijiet u l-kwoti;

85. Iqis espansjoni ulterjuri tan-netwerk tal-broadband u, b'mod partikolari, il-konnessjoni ta' żoni rurali, iżolati u l-aktar imbiegħda ma' netwerks ta' komunikazzjoni elettronika bħala prijorità ċentrali; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex ikollha kontroll kontinwu u, fejn meħtieġ, tiżgura permezz ta' intervent regolatorju li n-newtralità tan-netwerk tinżamm u li l-fornituri tal-internet ma jkunux imxekkla jew ostakolati biex jaċċessaw l-infrastruttura tan-netwerk.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

***It-twaqqif tal-bażi għal Ewropa iktar kompetittiva u inklussiva***

86. Jistieden lill-Istati Membri sabiex isaħħu u jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-informazzjoni u l-infrastrutturi tal-komunikazzjoni peress li, filwaqt li l-Istati Membri kollha għandhom strateġija tal-broadband nazzjonali, ftit huma dawk li għandhom pjan totalment operattiv li jinkludi l-miri stabbiliti meħtieġa għall-materjalizzazzjoni totali tal-inizjattiva ewlenija fir-rigward ta' aġenda diġitali għall-Ewropa kif stabbilit fl-istrateġija Ewropa 2020; jilqa' l-inizjattiva l-ġdida "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa", peress li din se tkun kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Aġenda Diġitali għall-miri Ewropej stabbiliti għall-2020, li jwegħdu aċċess tal-broadband għal kulħadd u l-objettiv intermedju li sal-2013, kull ċittadin tal-UE jkollu aċċess għal konnessjoni bażika tal-internet;

87. Jenfasizza li s-servizzi tal-internet jiġu offruti fuq skala transkonfinali, u li għaldaqstant jeħtieġu azzjoni miftiehma f'konformità mal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa; Jindika li suq Ewropew bi kważi 500 miljun persuna konnessi ma' broadband ta' veloċità għolja jkun minn ta' quddiem fl-iżvilupp tas-suq intern; jenfasizza l-ħtieġa li l-aġenda diġitali tiġi konnessa mal-għoti ta' servizzi ġodda bħall-kummerċ elettroniku, is-saħħa elettronika, it-tagħlim elettroniku, is-servizzi bankarji elettroniċi u s-servizzi governattivi elettroniċi;

88. Jenfasizza li għall-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali Ewropew hu importanti li jitkomplew l-isforzi għal aċċess universali u b'veloċità għolja għall-konsumaturi kollha, permezz tal-promozzjoni tal-aċċess għall-internet fiss u mobbli u t-tqegħid ta' infrastruttura tal-ġenerazzjoni li jmiss; jenfasizza li dan jeħtieġ politiki li jippromwovu l-aċċess b'kundizzjonijiet kompetittivi; Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu spinta ġdida lill-istrateġija Ewropea dwar il-broadband veloċi u ultraveloċi bl-aġġornament ta' dawn l-objettivi;

89. Jenfasizza l-valur potenzjali tal-bidla diġitali tas-servizzi pubbliċi għall-konsumaturi u n-negozji u jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw pjanijiet nazzjonali għad-diġitizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, li għandhom jinkludu miri u miżuri biex is-servizzi pubbliċi jkunu kollha onlajn u aċċessibbli sal-2015; Jirrikonoxxi li n-netwerks b'veloċità għolja huma prerekwiżit għall-iżvilupp ta' servizzi onlajn u għat-tkabbir ekonomiku; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa objettivi dinjija ewlenin dwar l-aġenda diġitali sabiex jiġi żgurat li l-Ewropa ssir il-mexxej globali fir-rigward tal-veloċità u l-konnettività tal-Internet. jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw aktar il-pjanijiet nazzjonali għall-broadband u jadottaw pjanijiet operattivi b'miżuri konkreti biex jimplimentaw l-objettivi ambizzjużi tal-broadband, u jenfasizza l-importanza strateġika u kruċjali tal-istrumenti proposti mill-Kummissjoni fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

90. Jiddispjaċih li l-UE għadha lura fir-rigward ta' konnessjonijiet bl-Internet li joperaw fuq il-fibra; jistieden għalhekk lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex iħaffu l-firxa u l-adozzjoni tal-broadband ultraveloċi u jitlob għal strateġija Ewropea għat-twettiq ta' FTTx fuq skala kbira ("fibre to the x");

91. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' inċident ċibernetiku sabiex ikun jistgħu jindirizzaw tfixkil ċibernetiku jew attakki ċibernetiċi li jkollhom implikazzjonijiet transkonfinali, inklużi pjanijiet għal infrastruttura ta' informazzjoni kemm fuq livell Ewropew kif ukoll nazzjonali, u wkoll biex jiżviluppaw strateġiji għal infrastruttura aktar flessibbli u affidabbli; jenfasizza li f'dan il-qasam għandha tiġi intensifikata l-kooperazzjoni internazzjonali; ifakkar li s-sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni hi r-responsabilità tal-partijiet interessati kollha, inkluż tal-utenti fid-djar, tal-fornituri tas-servizz u tal-iżviluppaturi tal-prodott; jirrakkomanda li jkunu nkoraġġiti t-taħriġ u l-edukazzjoni marbuta mas-sigurtà ċibernetika kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-professjonisti;

92. Jenfasizza li l-internet qed jintuża dejjem aktar fuq apparat mobbli u jitlob sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà akbar tal-frekwenza tar-radju għall-internet mobbli u biex titjieb il-kwalità tas-servizzi elettroniċi pprovduti fuq dan l-apparat mobbli; l-allokazzjoni futura tal-ispettru tar-radju għandha tħejji t-triq għal tmexxija Ewropea f'applikazzjonijiet mingħajr fili u servizzi ġodda sabiex jissaħħu t-tkabbir u l-kompetittività globali Ewropej;

93. Jinnota li t-traffiku tad-data fiss u mobbli qed jikber esponenzjalment u li numru ta' azzjonijiet, bħal aktar allokazzjonijiet tal-ispettru armonizzati għall-broadband bla fili, żieda fl-effiċjenza tal-ispettru u l-varar rapidu ta' netwerks ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss, se jkunu kruċjali għall-ġestjoni ta' din iż-żieda;

94. Il-valutazzjoni tal-ħtieġa li l-frekwenza ta' 700 MHz tinfetaħ għat-traffiku tad-data mobbli huwa l-ewwel pass neċessarju sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet futuri tal-kapaċità;

95. Jilqa' l-komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni dwar l-akkwist elettroniku ppubblikata fl-20 ta' April 2012; jenfasizza li l-akkwist elettroniku għandu jissimplifika l-mod ta' kif jitwettaq ix-xiri, jipprovdi trasparenza, inaqqas il-piżijiet u l-ispejjeż, iżid il-parteċipazzjoni tal-SMEs, u jagħti kwalità aħjar u prezzijiet orħos;

96. Jilqa' l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar regolament għal identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern, li, billi jkopri r-rikonoxximent u l-aċċettazzjoni reċiproċi fil-livell tal-UE ta' skemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati, għandu l-potenzjal li jippermetti interazzjonijiet elettroniċi sikuri u mingħajr xkiel bejn in-negozji, iċ-ċittadini u l-awtoritajiet pubbliċi, u b'hekk tiżdied l-effikaċja tas-servizzi pubbliċi u privati onlajn, kif ukoll tan-negozju u l-kummerċ elettroniku fl-UE; jenfasizza l-importanza tal-firem elettroniċi u r-rikonoxximent reċiproku ta' IDs elettroniċi fil-livell Ewropew biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-konsumaturi u n-negozji Ewropej; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata simultanjament kemm l-interoperabbiltà tal-UE kollha kif ukoll l-protezzjoni tad-data personali

97. Ifakkar li l-użu tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni min-naħa tas-settur pubbliku huwa l-pedament għall-iżvilupp tas-soċjetà diġitali u tal-informazzjoni u, għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw iżjed servizzi elettroniċi sikuri u effettivi; jinnota, b'mod partikolari fejn huma kkonċernati l-identifikazzjoni elettronika u l-firem elettroniċi, li l-interoperabbiltà transkonfinali hija prerekwiżit għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' fatturar elettroniku transkonfinali;

98. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2012 dwar suq uniku elettroniku kompetittiv – il-Gvern elettroniku bħala xprun, il-Parlament Ewropew enfasizza l-importanza taċ-ċertezza legali, ta' ambjent tekniku ċar u ta' soluzzjonijiet miftuħa u interoperabbli għall-fatturar elettroniku ibbażati fuq rekwiżiti legali, fuq proċessi tan-negozju u standards tekniċi komuni sabiex tiġi faċilitata l-adozzjoni fuq skala kbira; jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-bżonn li jiġu stabbiliti standards tal-Unjoni Ewropea għall-identifikazzjoni elettronika u l-firem elettroniċi li huma uniformi u miftuħa; jinnota li l-ostakoli ewlenin għall-aċċess transkonfinali għas-servizzi elettroniċi pprovduti mill-amministrazzjonijiet pubbliċi huma marbuta mal-użu tal-firem u l-identifikazzjoni elettroniċi u man-nuqqas ta' kompatibilità tas-sistemi ta' gvern elettroniku fil-livell tal-UE; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar servizzi elettroniċi ta' identifikazzjoni u ta' "trust" għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern;

o

o o

99. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti nazzjonali.

---

P7_TA(2012)0469

## Finanzjament tal-kummerċ u tal-investimenti tal-SMEs tal-UE: aċċess iffaċilitat għall-kreditu b'appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament tal-kummerċ u tal-investimenti tal-SMEs tal-UE: aċċess iffaċilitat għall-kreditu b'appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni (2012/2114 (INI))**

(2015/C 434/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem"L-Ewropa Globali: Kompetizzjoni dinjija – Kontribut lill-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi" (COM(2006)0567),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Lejn politika komprensiva ta' investiment internazzjonali Ewropew" (COM(2010)0343),

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija – Il-Politika tal-Kummerċ bħala element prinċipali mill-Istrateġija tal-UE 2020" (COM(2010)0612),

— wara li kkunsidra l-Ftehim dwar Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ (Ftehim TBT) adottat fl-1994 bħala parti mir-Rawnd ta' Uruguay tan-Negozjati Multilaterali dwar il-Kummerċ taħt il-GATT ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 3286/94 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Komunità skond ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ([2]), (Regolament dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ, TBR),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-UNCTAD tal-2011 dwar l-Investimenti Dinjija,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-OECD/WTO/UNCTAD dwar il-miżuri tal-G20 dwar il-kummerċ u l-investiment (minn nofs Ottubru 2010 sa April 2011),

— wara li kkunsidra l-Qafas ta' Politika għall-Investiment (PFI) tal-OECD,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni b'sussidju uffiċjali ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tat-13 ta' Ottubru 2005 dwar prospetti għar-relazzjoni kummerċjali bejn l-UE u ċ-Ċina ([4]), ir-riżoluzzjoni tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi trans-Atlantiċi bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika ([5]), ir-riżoluzzjoni tat-28 ta' Settembru 2006 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u l-Indja ([6]), ir-riżoluzzjoni tat-12 ta' Ottubru 2006 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur bil-għan li jiġi konkluż Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interreġjonali ([7]), ir-riżoluzzjoni tat-22 ta' Mejju 2007 dwar "Ewropa Globali – aspetti esterni tal-kompetittività" ([8]), ir-riżoluzzjoni tad-19 ta' Ġunju 2007 dwar relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali tal-UE mar-Russja ([9]), ir-riżoluzzjoni tad-19 ta' Frar 2008 dwar l-Istrateġija tal-UE għat-twettiq ta' aċċess għas-suq għall-kumpaniji Ewropej ([10]), ir-riżoluzzjoni tal-24 ta' April 2008 dwar "Lejn riforma tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ" ([11]), ir-riżoluzzjoni tal-5 ta' Frar 2009 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali maċ-Ċina ([12]), ir-riżoluzzjoni tas-26 ta' Marzu 2009 dwar ftehim dwar il-kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Indja ([13]), ir-riżoluzzjoni tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni Ewropea mal-Amerika Latina ([14]), ir-riżoluzzjoni tas-17 ta' Frar 2011 dwar il-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea ([15]), ir-riżoluzzjoni tas-6 ta' April 2011 dwar politika Ewropea tal-investiment internazzjonali ([16]), il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi arranġamenti transizzjonali għal ftehimiet bilaterali ta' investiment bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi ([17]), ir-riżoluzzjoni tal-11 ta' Mejju 2011 dwar l-istat attwali tan-negozjati tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Indja ([18]), ir-riżoluzzjoni tal-11 ta' Mejju 2011 dwar ir-relazzjonijiet kummċerjali bejn l-UE u l-Ġappun ([19]), ir-riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Kanada ([20]) u r-riżoluzzjoni tas-27 ta' Settembru 2011 dwar politika kummerċjali ġdida għall-Ewropa fl-ambitu tal-Istrateġija Ewropa 2020 ([21]),

([1]) http://www.wto.org/english/docs_e/legal_e/17-tbt.pdf
([2]) ĠU L 349, 31.12.1994, p. 71.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0363.
([4]) ĠU C 233 E, 28.9.2006, p. 103.
([5]) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 235.
([6]) ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 400.
([7]) ĠU C 308 E, 16.12.2006, p. 182.
([8]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 128.
([9]) ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 95.
([10]) ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 16.
([11]) ĠU C 259 E, 29.10.2009, p. 77.
([12]) ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 132.
([13]) ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 166.
([14]) ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 79.
([15]) ĠU C 188 E, 28.6.2012, p. 113.
([16]) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 34.
([17]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 203.
([18]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 13
([19]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 19.
([20]) Testi adottati, P7_TA(2011)0257.
([21]) Testi adottati, P7_TA(2011)0412.

— wara li kkunsidra r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew bl-isem "Rapport dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ u l-Investiment 2011 – Nimpenjaw lill-imsieħba ekonomiċi strateġiċi tagħna fuq l-aċċess imtejjeb għas-suq: Prijoritajiet għall-azzjoni dwar it-tneħħija tal-ostakoli għall-kummerċ" (COM(2011)0114),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ostakoli għall-kummerċ u l-investiment [1],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "Negozju Żgħir, Dinja Kbira – sħubija ġdida li tgħin lill-SMEs jaħtfu l-opportunitajiet globali" (COM(2011)0702),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar pjan ta' azzjoni għal titjib fl-aċċess għall-finanzi għall-SMEs (COM(2011)0870),

— wara li kkunsidra r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew bl-isem "Ir-Rapport tal-2012 dwar l-Ostakli għall-Kummerċ u l-Investiment" (COM(2012)0070),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-IFC/Bank Dinji "Doing Business 2012: Doing Business in a More Transparent World" (minn hawn 'il quddiem "l-indiċi Doing Business 2012"),

— wara li kkunsidra ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2012 dwar l-attrattiva tal-investimenti fl-Ewropa [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0367/2012),

A. billi, mindu daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, il-politika komuni tal-kummerċ (PKK), skont l-Artikolu 207 tat-TFUE, tinkludi l-investiment dirett barrani (FDI), u hija kompetenza esklussiva tal-UE; billi l-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet bilaterali ta' investiment biss meta l-Unjoni tagħtihom din is-setgħa; billi l-kunsens tal-Parlament huwa meħtieġ għal kull ftehim ta' kummerċ u investiment innegozjat mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni;

B. billi, skont ir-rapport tal-UNCTAD għall-2011, l-UE għadha destinazzjoni ewlenija li tattira l-FDI; billi, b'kuntrast ma' dan, iċ-ċifri tal-Eurostat juru li l-flussi totali ta' FDI 'il barra mill-UE 27 niżlu bi 30 % fl-2008, bi 28 % oħra fl-2009 u b'62 % addizzjonali fl-2010;

C. billi, skont l-indiċi Doing Business 2012, l-Istati Membri jirrappreżentaw biss 40 % (u l-membri taż-żona tal-euroa biss 26 %) tal-aqwa 35 pajjiż f'dak li jirrigwarda l-intraprenditorija fil-livell dinji;

D. billi skont stima tal-Kummissjoni 99 % tal-impriżi kollha tal-UE huma impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u billi 92 % ta' dawn l-SMEs kollha huma mikroimpriżi li jimpjegaw minn impjegat wieħed sa disa' impjegati, 6,7 % huma impriżi żgħar li jimpjegaw minn 10 impjegati sa 49 impjegat u 1,1 % huma impriżi ta' daqs medju li jimpjegaw minn 50 sa 249 impjegat; billi hemm 23 miljun SME, li jikkostitwixxu s-sinsla tal-ekonomija tal-Unjoni, filwaqt li jipprovdu żewġ terzi tal-impjiegi fis-settur privat;

E. billi l-mikroimpriżi u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (flimkien MSMEs), huma ta' natura varja u għandhom ħtiġijiet differenti minħabba n-natura speċifika tas-settur industrijali jew tas-servizzi li joperaw fih, l-Istat Membru jew saħansitra r-reġjun li joperaw minnu, id-daqs tagħhom, il-mudell kummerċjali, il-kultura imprenditorjali u l-ambjent kummerċjali tagħhom, sew dak internazzjonali kif ukoll fi ħdan is-suq uniku; billi jiffaċċaw sfidi differenti tul iċ-ċikli ta' negozju rispettiv tagħhom;

F. billi n-nuqqas ta' finanzi, flimkien ma' spirtu intraprenditorijali idgħjef meta mqabbel ma' dak f'ekonomiji industrijalizzati oħra, jibqgħu sfidi ewlenin għall-kompetittività u l-intarprenditorija tal-impriżi tal-UE, u billi l-frammentazzjoni regolatorja persistenti u l-burokrazija żejda jkomplu jillimitaw il-kapaċità tal-SMEs, speċjalment tal-impriżi żgħar u tal-mikroipriżi, li jadattaw għal ekonomija b'użu effiċjenti tal-enerġija u tar-riżorsi u jespandu fi swieq lil hinn minn pajjiżhom, sew fi ħdan is-suq intern kif ukoll fuq livell dinji;

G. billi 44 % tal-SMEs irrappurtaw li n-nuqqas ta' informazzjoni xierqa hu ostakolu importanti għall-internazzjonalizzazzjoni;

[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0565.
[2] Testi adottati, P7_TA(2012)0275.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

H. billi r-riluttanza tal-SMEs Ewropew li jiżviluppaw l-attivitajiet internazzjonali tagħhom tirriżulta prinċipalment min-nuqqas ta' analiżi jew ta' preanaliżi tal-opportunitajiet ta' esportazzjoni tagħhom;

I. billi għadd konsiderevoli ta' SMEs Ewropej huma attivi fl-esportazzjoni internazzjonali (25 % tat-total), u billi biss 13 % tal-SMEs Ewropej iwettqu attivitajiet fi swieq lil hinn mill-UE u biss 4 % tal-SMEs li m'għandhomx attività internazzjonali għandhom pjanijiet speċifiċi biex jibdew attivitajiet internazzjonali fil-ġejjieni prevedibbli; billi ċerti SMEs huma mhumiex kapaċi jieħdu dimensjoni internazzjonali minħabba l-profili kummerċjali jew id-daqs tagħhom;

J. billi 10 % biss tal-mikroimpriżi jutilizzaw l-aktar minn 300 programm ta' appoġġ pubbliku li huma diġà disponibbli, u billi, minħabba l-għadd kbir ta' programmi ta' appoġġ disponibbli, l-SMEs isibuha diffiċli li jidentifikaw u jisfruttaw l-assistenza li hija effettivament disponibbli;

K. billi l-SMEs Ewropej sfaw milquta b'mod partikolari mill-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija, u billi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom lil hinn mis-suq uniku għandha tkun promossa wkoll;

L. billi b'mod konsistenti, f'dawn l-aħħar sentejn, kważi terz mill-SMEs li applikaw għal self bankarju ma ngħataw l-ebda kreditu, jew ħadu anqas kreditu milli applikaw għalih; u billi l-ogħla rata ta' rifjut kienet fost il-mikroimpriżi;

M. billi l-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) ppermetta li l-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu EUR 30 biljun ta' finanzi ġodda għal aktar minn 315 000 SMEs fil-perjodu 2007-2013; u billi l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) ipprovda madwar EUR 40 biljun ta' self għall-SMEs, li minnu bbenefikaw aktar minn 210 000 SMEs fil-perjodu 2008-2011;

N. billi l-Programm ġdid għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs (COSME) propost mill-Kummissjoni se jipprovdi lill-impriżi u lill-SMEs b'Faċilità għall-Garanzija tas-Self, li toffri garanziji għall-finanzjament tad-dejn permezz ta' self ordinarju, self subordinat u parteċipattiv, jew kirjiet, biex itaffi d-diffikultajiet partikulari li jaffaċċjaw l-SMEs fl-aċċess għall-finanzi li jeħtieġu biex jikbru, u se joffri titolizzazzjoni tal-portafolli għall-finanzjament tad-dejn tal-SMEs, immirata lejn l-attivazzjoni ta' finanzjament addizzjonali tad-dejn għall-SMEs, u se jiddekorri mill-2014 sal-2020 b'baġit ippjanat ta' EUR 2,5 biljun;

O. billi l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri minn politiki li jirfdu l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u tal-mikroimpriżi, u magħhom dik tal-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili (kmamr tal-kummerċ, assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, eċċ.), tikkostitwixxi ġabra enormi ta' tagħlimiet siewja għat-tfassil ta' politiki effiċjenti u ta' suċċess f'dan il-qasam;

P. billi kwalunkwe politika ta' appoġġ għall-SMEs adottata fil-livell Ewropew għandha tkun sussidjarja, supplimentari u komplementari għall-politika eżistenti, tagħti valur miżjud Ewropew, tevita d-dupplikazzjoni u ma titrikkibx fuq programmi nazzjonali, reġjonali u lokali eżistenti, u tottimizza l-pjanifikazzjoni u l-koordinament operazzjonali;

Q. billi r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ u l-Investiment għall-2011 jelenka eżempji ta' kif l-aċċess tal-UE għas-swieq ta' pajjiżi differenti madwar id-dinja, inklużi ekonomiji industrijalizzati u ekonomiji emerġenti ewlenin fid-WTO, qed jisfa mxekkel aktar permezz ta' diversi ostakoli mhux tariffarji (NTBs) milli permezz ta' tariffi kummerċjali, ladarba x-xejra hija li dawn tal-aħħar ma jibqgħux applikati sostanzjalment pass pass mal-avvanz tal-globalizzazzjoni; billi r-regoli tad-WTO jipprojbixxu NTBs mhux ġustifikati;

R. billi l-UE, kull meta jkun hemm bżonn, jeħtiġilha tappoġġja u tiddefendi attivament l-industrji tagħha, inklużi l-SMEs, kontra l-ksur ta' regoli maqbula, standards u prinċipji tad-WTO, min-naħa tas-sħab kummerċjali tagħha, u dan bl-użu tal-mezzi kollha adatti u proporzjonati; billi l-użu ta' mekkaniżmi bilaterali u multilaterali għas-soluzzjoni tat-tilwim u, b'mod partikulari, ta' strumenti ta' difiża kummerċjali (TDIs) kompatibbli mad-WTO, għandu jsir biss wara li kull miżura oħra tkun falliet;

S. billi n-nuqqas ta' sigurtà ġuridika tal-investimenti hija diżinċentiv ewlieni għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u billi huwa assolutament neċessarju li mas-sħab kummerjali tagħna jkollna qafas legali li jiggarantixxi s-sigurtà ġuridika; billi jeħtieġ li l-UE tiddefendi l-interessi tal-kumpaniji Ewropej, speċjalment dawk tal-SMEs, kontra vjolazzjonijiet tas-sigurtà ġuridika tal-investimenti f'pajjiżi li mhumiex fl-UE;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, u fejn xieraq, lill-Istati Membri, biex irawmu l-parteċipazzjoni tal-SMEs, u tal-mikroimpriżi fejn dan ikun relevanti, fi swieq dinjija billi jimplimentaw miżuri adegwati li jippermettu l-internazzjonalizzazzjoni ta' dawn l-impriżi, u b'mod partikulari l-integrazzjoni ulterjuri tagħhom fis-suq uniku tal-UE, inkluż aċċess eħfef għall-kapital u informazzjoni aġġornata b'mod regolari dwar l-opportunitajiet kummerċjali esterni, kif ukoll TDIs effiċjenti maħsuba biex jagħtuhom l-protezzjoni li ħaqqhom kontra dumping u sussidji inġusti biex jissalvagwardjaw il-kompetizzjoni ġusta ma' pajjiżi terzi, filwaqt li jiżguraw li fil-pajjiżi terzi jkunu protetti d-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u dawk soċjali flimkien mal-ambjent;

2. Jinnota li l-SMEs qed iħabbtu wiċċhom ukoll ma' diffikultajiet minħabba t-tnaqqis tad-domanda interna minħabba l-kriżi ekonomika;

I. **Aċċess għall-informazzjoni**

3. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb il-ġbir tad-data fil-livell tal-impriża ħalli jitkattar l-għarfien dwar il-ħtiġijiet tal-MSMEs, isir qsim tal-aqwa prattiki, u ħalli l-MSMes jingħataw sostenn aktar immirat sew fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE; jitlob ukoll li jsiru analiżi regolari tal-kost/benefiċċju biex l-effikaċja ta' dan is-sostenn tiġi vvalutata, b'attenzjoni għat-tisħiħ tal-kapaċità innovattiva u l-kompetittività globali tal-MSMEs, sew fis-suq uniku kif ukoll madwar id-dinja;

4. Jisħaq fuq il-ħtieġa, qabel kollox, li jsir eżerċizzju ta' mmappjar għall-identifikazzjoni tal-programmi ta' appoġġ eżistenti u neqsin fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE sabiex jiġu evitati elementi doppji jew nuqqasijiet, waqt li jiġu inkorporati l-fornituri ta' servizzi u l-istrateġiji ta' appoġġ eżistenti f'koperazzjoni mal-aġenziji nazzjonali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex joħolqu bażijiet tad-data uniċi simili fuq l-internet tas-sorsi nazzjonali u reġjonali ta' finanzjament;

5. Jisħaq fuq il-ħtieġa li s-suq disponibbli jiġi evalwat għal internazzjonalizzazzjoni dejjem tikber u li ssir promozzjoni ulterjuri tal-iżvilupp tal-SMEs fis-suq intern, u jikkunsidra li l-iżvilupp tal-SMEs fis-suq intern hu importanti daqs kemm hu l-iżvilupp tal-SMEs barra;

6. Iqis li, għall-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tal-UE, huwa essenzjali li jinħoloq netwerk, bħala parti minn pjattaforma diġitali, li jgħaqqad uffiċċji nazzjonali ta' assistenza għall-SMEs, kmamar tal-kummerċ, Aġenziji ta' Kreditu tal-Esportazzjoni (ECAs), assoċjazzjonijiet tan-negozju u l-Kummissjoni, biex l-impriżi tal-UE, speċjalment l-esportaturi u l-importaturi, jingħataw informazzjoni preċiża, f'waqtha u li tinftiehem fuq bażi ta' one-stop-shop, b'tali mod li jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-politika kummerċjali l-ġdida tal-Unjoni;

II. **Aċċess għall-kapital**

7. Jenfasizza li diffikultajiet rikorrenti ta' aċċess għall-kapital huma kaġun ewlieni li jżomm lill-SMEs milli jinternazzjonalizzaw ruħhom; jistieden lill-gvernijiet nazzjonali biex jappoġġaw l-SMEs permezz ta' krediti għall-esportazzjoni sostnuti uffiċjalment, bla ma jikkawżaw tagħwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan l-UE, u wkoll biex jallokaw biżżejjed finanzjament għall-SMEs (eż. self speċjali, kofinanzjament u kapital ta' riskju) biex jingħelbu l-effetti tad-diżinivstiment u t-tnaqqis tas-self mill-banek; jissottolinja li dan il-finanzjament għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' SMEs li diġà qed jesportaw u li jistgħu jippreżentaw pjan tan-negozju vijabbli biex itejbu jew jikkonsolidaw sehemhom fis-suq u joħolqu l-impjiegi, speċjalment għaż-żgħażagħ;

8. Iqis li, biex titqawwa l-ekonomija tal-UE, m'għandux jiġi ttraskurat is-sostenn għal negozji li jkunu qed jinbdew u li joffru prodotti u servizzi innovattivi, kif ukoll għal SMEs li jkolhom bżonn investiment inizjali jew addizzjonali, sew meta jkunu qed joperaw fi ħdan is-suq uniku kif ukoll meta jkunu jixtiequ jikbru billi jieħdu xejra internazzjonali;

9. Jitlob li l-gvernijiet nazzjonali, għalhekk, jgħini lill-SMEs billi jesploraw il-possibbiltà li, fost l-oħrajn, jinħolqu fondi ta' investimentli għall-SMEs fejn iċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jinvestu t-tfaddil tagħhom;

10. Jitlob li l-krediti tal-esportazzjoni li jkollhom sostenn uffiċjali jikkonformaw mal-linji gwida tal-OECD u jrawmu proġetti li jkunu konformi ma' standards internazzjonali tax-xogħol u tal-ambjent;

11. Jitlob li s-sostenn li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-SMEs biex jaċċedu għall-kapital ikun modulat skont id-domanda rispettiva u speċifika mill-SMEs sabiex jiġi evitat approċċ li jqiegħed lil kulħadd fl-istess keffa; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-industrija fl-UE għandha firxa wiesgħa ta' profili ta' negozju u ta' ħtiġijiet li jirriflettu d-daqs, l-istruttura, is-settur ta' attività u l-lok ġeografiku tal-SMEs;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

12. Iqis li strateġija olistika għall-finanzjament tal-kummerċ, maħsuba biex trawwem l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, hija meħtieġa b'urġenza; jemmen li l-UE għandha tippromwovi u ssostni inċentivi biex b'mod proattiv tiżviluppa l-SMEs f'setturi strateġiċi, speċjalment fejn jidħlu attivitajiet tal-manifattura b'valur miżjud għoli li joffru vantaġġ kompetittiv fuq l-ekonomiji emerġenti kif ukoll impjiegi ta' kwalità għolja għaċ-ċittadini Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa, għalhekk, li jiġu identifikati swieq speċjalizzati promettenti u li jitrawwem l-iżvilupp tagħhom;

13. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja s-suq Ewropew tal-investituri informali u s-swieq dinjija simili biex tislet tagħlimiet mill-maniġers ta' netwerks ta' investituri informali fl-UE u ssaħħilhom il-kapaċità tagħhom; iħeġġeġ lill-banek u 'l-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħra biex jagħtu lill-SMEs klijenti tagħhom informazzjoni aġġornata regolarment dwar strumenti finanzjarji disponibbli, inklużi netwerks ta' sostenn għall-SMEs u investituri informali; jitlob ukoll li l-Kummissjoni tagħti informazzjoni relevanti f'dan ir-rigward;

14. Jirrikonoxxi l-eżistenza ta' sistemi stabbiliti sew u ta' esperjenza għas-sostenn tal-SMEs fil-livell nazzjonali li joffru aċċess għall-krediti għall-esportazzjoni permezz ta' ECAs, u jqis li huwa raġonevoli li dan is-sostenn jitkompla; jieħu l-pożizzjoni, madankollu, li fuq żmien medju, l-istabbiliment ta' sostenn sistematiku għall-krediti tal-esportazzjoni fil-livell tal-UE, bl-istabbiliment ta' faċilità ta' esportazzjoni/imprtazzjoni għall-SMEs biex tħallas sostenn addizzjonali lill-SMEs permezz ta' ECAs abbażi tal-aqwa prattiki nazzjonali, jirrikjedi aktar diskussjoni; huwa tal-fehma li jkun possibbli li dan is-sostenn addizzjonali jinvolvi self b'rati ta' mgħax baxxi u fissi, kapital ta' ħidma fuq żmien qasir u rifinanzjament, finanzjament tal-ekwità, u soluzzjonijiet tal-assigurazzjoni tan-negozju;

15. Jiġbed l-attenzjoni għall-passi regolatroji u legali li jeħtiġilhom jittieħdu biex itejbu l-aċċess tal-SMEs għall-garanziji, jiġifieri:

— li jitnaqqsu l-ostakoli għar-reġistrazzjoni (eż. bl-istabbiliment ta' uffiċċji tal-kreditu);

— li jitbaxxew il-kosts għal min isellef u tittejjeb il-kwalità globali tal-informazzjoni finanzjarja rigward l-SMEs, b'tali mod li titqawwa l-affidabbiltà kreditizja ta' dawn tal-aħħar f'għajnejn min isellef;

16. Jissottolinja l-ħtieġa li l-SMEs jingħataw assistenza finanzjarja u teknika ffukata fuq ir-riċerka tas-suq, pariri dwar proġetti u dwar il-finanzi għall-esportazzjoni, konsulenza legali (eż. dwar klawsoli liberatorji u penalitajiet għal pagament tard jew inadempjenza), obbligi doganali u tat-taxxa, il-ġlieda kontra l-kontrafazzjoni u preżentazzjonijiet tal-kumpaniji f'fieri kummerċjali u f'avvenimenti ta' kuntatti tan-negozju (eż. biex jinstabu distributuri f'pajjiż terz);

17. Jinsisti li jeħtieġ ukoll li jkun hemm attenzjoni għall-kwistjoni ta' kif jingħelbu d-diffikultajiet li l-mikroimpriżi jiffaċċjaw biex jiksbu l-kreditu; jenfasizza s-siwi ta' self żgħir li jħalli lil dawn l-impriżi jistabbilixxu ruħhom; itenni li, anki fil-każ ta' suq speċjalizzat, ammonti żgħar ta' FDI ukoll jistgħu jaqdu biex jixprunaw inizjattivi tan-negozju mill-qiegħ f'dak li jirrigwarda l-ġenerazzjoni tat-tkabbir u tal-iżvilupp sostenibbli fil-livell lokali (eż. l-iżvilupp ta' ħiliet artiġjanali);

18. Jappella għal aktar sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat fil-forniment ta' finanzjament inizjali u kapital ta' riskju għall-MSMEs fl-UE, bi qsim tar-riskju intraprenditorjali: jirrimarka, f'dan ir-rigward, li sew l-istituzzjonijiet tal-mikrofinanza kif ukoll il-fondi tal-intraprenditorija soċjali jista' jkollhom rwol pożittiv biex jiżviluppaw relazzjonijet tan-negozju li jkollhom ukoll objettivi soċjali, etiċi u ambjentali qawwija;

## III. **Rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet konkreti**

19. Jitlob li, fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE, issir ħidma biex tissimplifika l-ambjent tan-negozju tal-SMEs, f'konsultazzjoni stretta mal-assoċjazzjonijiet tal-SMEs, il-kmamar tal-kummerċ u l-industrija tal-UE, kif ukoll ma' persuni interessati relevanti oħra, biex jinġiebu 'l quddiem it-tnaqqis tal-burokrazija żejda u l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs;

20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadottaw helpdesks uniċi għall-impriżi fil-livell lokali, immexxija f'kooperazzjoni man-negozji tal-UE, sabiex l-SMEs ikunu jistgħu jirċievu, bil-lingwa tagħhom stess u għall-użu immedjat, informazzjoni marbuta ma' opportunitajiet, ostakoli eżistenti għan-negozju (kemm tariffarji kif ukoll NTBs), protezzjoni tal-investiment u dispożizzjonijiet għas-soluzzjoni tat-tilwim u kompetituri fi swieq terzi;

21. Jitlob li jiġi stabbilit netwerk bejn SMEs u impriżi Ewropej kbar biex l-SMEs ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-għarfien espert ta' dawn il-kumpaniji u mill-kapaċità ta' esportazzjoni u ta' innovazzjoni tagħhom;

22. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi skambji bejn il-kapijiet ta' SMEs tal-UE u ta' pajjiżiż terzi fuq il-linji tal-programm "Earsmus għlal-Intraprendituri Żgħażagħ" kurrenti fil-livell Ewropew;

23. Jisħaq fuq il-ħtieġa li titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-SMEs Ewropej u l-impriżi ta' pajjiżi terzi sabiex tiffaċilita d-dħul fis-suq kif ukoll l-integrazzjoni fi swieq terzi;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lil-Istati Membri biex jagħmlu l-SMEs Ewropej aktar konxji tal-ftehimiet kummerċjali li qed jiġu nnegozjati u tal-opportunitajiet ta' investiment internazzjonali miftuħa għall-SMEs;

25. Iħeġġeġ lin-negozji u lill-esportaturi tal-UE biex jagħmlu użu attiv mit-TDIs, bħlama huma l-ilmenti dwar TBR jew ir-reġistru ta' lmenti fil-Bażi tad-Data dwar l-Aċċess għas-Suq, ħalli jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar danni materjali li jkunu ġarrbu minħabba ostakoli għall-kummerċ, u biex, fejn ikun f'loku, il-Kummissjoni tkun tista' *ex officio* tagħti bidu għal investigazzjonijiet tal-anti dumping (AD) u tad-dazji kompensatorji (CVD), f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-industrija, b'tali mod li r-riskju ta' ritaljazzjoni;;

26. Iqis li l-protezzjoni effikaċi tal-SMEs minn prattiki kummerċjali inġusti ta' stati sħab tal-UE hija importanti daqskemm hija importanti l-għajnuna għall-SMEs li jixtiequ jinternazzjonalizzaw; huwa tal-fehma li l-internazzjonalizzazzjoni u l-protezzjoni huma żewġ uċuħ tal-istess munita fil-proċess ta' globalizzazzjoni;

27. Jitlob li l-Kummissjoni, meta tkun qed tirriforma l-Istrumenti tal-UE għad-Difiża tal-Kummerċ, tqis debitament it-titjib tal-aċċċess tal-SMEs għall-proċeduri tal-anti dumping u ta' kontra s-sussidji;

28. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinvolvi lill-SMEs fl-istabbiliment ta' standards internazzjonali (eż. ISO), minħabba li t-tibdiliet fl-iskemi regolatorji jkollhom effett dirett fuq kemm l-SMEs ikunu kapaċi jiġġeneraw profitti; jinsisti li t-trattament ta' NTBs mhux ġustifikati jeħtieġ li jitqies fost il-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz tal-armonizzazzjoni ta' regoli tekniċi abbażi tal-istandards dinjija relevanti;

29. Jitlob li l-Kummissjoni tindirizza dawn il-kwistjonijiet komuni u persistenti fil-ftehimiet multilaterali u bilaterali kollha, u speċjalment fil-ftehimiet tal-kummerċ ħieles sew ma' ekonomiji industrijalizzati kif ukoll ma' dawk emerġenti, u jitlobha tiżgura li, fid-WTO, l-NTBs jingħataw attenzjoni tal-anqas daqs kemm attwalment tingħata għall-eliminazzjoni tat-tariffi;

30. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' mezzi speċifiċi disponibbli għan-negozji Ewropej, u b'mod partikoalri għall-SMEs, biex jeħduha b'mod effikaċi kontra vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR); jilqa' favorevolment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipproponi reviżjoni tad-direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-IPR; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu d-diża tal-IPR fl-organizzazzjonijiet multilaterali relevanti kollha (id-WTO, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali);

31. Jirrimarka li l-SMEs huma vulnerabbli għal fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet; jitlob għaldaqstant li l-Kummissjoni taħdem attivament fil-livell tal-UE u f'fora internazzjonali bħall-G20 biex tindirizza l-ispekulazzjoni finanzjarja fuq l-ikel u l-materja prima;

32. Jitlob li l-Unjoni tisfrutta bis-sħiħ l-opportunitajiet ta' investiment għall-MSMEs tal-UE li jidderivaw mill-Politika tal-Viċinat Ewropew, b'attenzjoni speċjali għall-investiment transfruntiera fil-pajjiżi tas-sħubijiet tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Mediterran; jirrimarka li opportunitajiet ta' investiment f'dawk iż-żoni għandhom jagħtu kontribut sostanzjali għall-qadi tal-ħtiġijiet soċjoekonomiċi tal-popolazzjonijiet tal-pajjiżi kkonċernati, għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u għal approfondiment tal-kooperazzjoni reġjonali u tal-istabbiltà reġjonali;

33. Iqis li l-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna għandhom jiżviluppaw sinerġiji bil-għan li jtejbu aktar id-diplomazija kummerċjali tal-Unjoni madwar id-dinja;

34. Jitlob li l-UE tiżviluppa politika industrijali komuni ambizzjuża bbażata fuq trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni li jibbenefika minn arranġamenti innovattivi ta' finanzjament, bħalma huma l-project bonds, u tappoġġa l-iżvilupp tal-SMEs,

permezz tal-aċċess għall-akkwist pubbliku, bil-għan li żżomm il-kompetittività tagħha fil-konfront ta' atturi ewlenin kbar fl-industrija u fir-riċerka;

o

o o

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2012)0470

## Strateġija dwar il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar Strateġija dwar il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE (2012/2094(INI))**

(2015/C 434/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tan-NU tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-5 ta' Lulju 2012 intitolata "Il-promozzjoni, il-ħarsien u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fl-Internet", li tirrikonoxxi l-importanza tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-moviment liberu tal-informazzjoni online ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapporti tar-Rapporteur Speċjali tan-NU, Frank La Rue, tas-16 ta' Mejju 2011 (A/HRC/17/27) u tal-10 ta' Awwissu 2011 (A/66/290), dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni, li jenfasizzaw l-applikabilità ta' normi u standards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem li jirrigwardaw id-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni fuq l-internet, meqjus bħala mezz ta' komunikazzjoni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-28 ta' Marzu 2008 (7/36) li tistabbilixxi l-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-dritt għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport tan-NU tas-16 ta' Ġunju 2011 intitolat 'Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem: l-implimentazzjoni tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Protezzjoni, Rispett, Rimedju" (li jirrifletti x-xogħol tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU John Ruggie),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Kunsill Governattiv tal-Unjoni Interparlamentari fid-19 ta' Ottubru 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, adottat mill-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2012 ([3]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2012 intitolata "Il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni. Kisbiet u l-passi li jmiss: lejn ċibersigurtà dinjija" ([5]),

---

([1]) http://www.ohchr.org/EN/HRBodies/HRC/RegularSessions/Session20/Pages/ResDecStat.aspx
([2]) Riżoluzzjoni adottata b'unanimità mill-Kunsill Governattiv tal-IPU fil-189 sessjoni tiegħu (Bern, 19 ta' Ottubru 2011) http://www.ipu.org/english/issues/hrdocs/189/is01.htm
([3]) http://eeas.europa.eu/delegations/un_geneva/press_corner/focus/events/2012/20120625_en.htm
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0250.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2012)0237.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2012 intitolata "Suq uniku diġitali kompetittiv – il-Gvern elettroniku bħala xprun" ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar l-aċċess tal-għomja għall-kotba u prodotti stampati oħra ([3]),

— wara li kkunsidra l-Baġit Ġenerali tal-2012 tad-29 ta' Frar 2012, partikolarment is-sejħa għall-ħolqien tal-"Fond tal-Unjoni Ewropea għal-Libertà tal-Internet fid-Dinja" ([4])

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tat-12 ta' Diċembru 2011 mill-Kummissarju għall-Aġenda Diġitali dwar "l-Istrateġija ta' Mingħajr Skonnettjar";

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2011 intitolata "Id-Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija fil-Qalba tal-Azzjoni Esterna tal-UE – Lejn Approċċ Aktar Effettiv" (COM(2011)0886),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Novembru 2011 dwar l-internet miftuħ u n-newtralità tan-net fl-Ewropa ([5]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2011 intitolata "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-2014 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva" (COM(2011)0681),

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar il-Kummerċ u d-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar strateġija effikaċi dwar il-materja prima għall-Ewropa ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011 dwar il-politiki esterni tal-UE favur id-demokratizzazzjoni ([7]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2011 bit-titlu "Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni" (COM (2011)0303),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar id-dimensjonijiet kulturali tal-azzjonijiet esterni tal-UE ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2010 intitolata "Governanza tal-Internet: il-passi li jmiss" ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2010 dwar l-Internet tal-Oġġetti ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2006 dwar il-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fi ftehimiet tal-Unjoni Ewropea ([12]),

---

(1) Testi adottati, P7_TA(2012)0140.
(2) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.
(3) Testi adottati, P7_TA(2012)0059.
(4) ĠU L 56, 29.2.2012, p. 1.
(5) Testi adottati, P7_TA(2011)0511.
(6) Testi adottati, P7_TA(2011)0364.
(7) Testi adottati, P7_TA(2011)0334.
(8) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 135.
(9) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 101.
(10) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 33.
(11) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 24.
(12) ĠU C 290 E, 29.11.2006, p. 107.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-każijiet urġenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, li jqajmu tħassib rigward il-libertajiet diġitali,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1334/2000 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) tal-Kunsill Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 tat-18 ta' Jannar 2012 u li jintroduċi restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ICTs u għodod ta' monitoraġġ ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) tal-Kunsill Nru 264/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran u li jintroduċi restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ICTs u għodod ta' monitoraġġ ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3 u 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-istrumenti internazzjonali rilevanti kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tas-17 ta' April 2003 għall-Ħarsien tal-Patrimonju Kulturali Intanġibbli ([4]),

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u n-negozjati li għaddejjin dwar l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0374/2012),

A. billi l-iżviluppi teknoloġiċi jiffaċilitaw lill-individwi fid-dinja kollha l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs) ġodda u l-konnessjoni mal-internet u b'hekk jippromwovu tibdiliet rivoluzzjonarji fis-soċjetajiet, il-funzjonament tad-demokrazija, il-governanza, l-ekonomija, in-negozju, il-midja, l-iżvilupp u l-kummerċ;

B. billi l-internet hu faċilitatur ewlieni tal-aċċess għall-informazzjoni, il-libertà ta' espressjoni, il-libertà tal-istampa, il-libertà ta' għaqda u l-iżvilupp ekonomiku, soċjali, politiku u kulturali;

C. billi hemm kunsens globali, rifless fid-dritt internazzjonali, li restrizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu previsti mil-liġi;

D. billi d-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu mħarsa u promossi mill-UE, kemm offline u wkoll online;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0406.
([2]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 87, 24.3.2012, p. 26.
([4]) http://unesdoc.unesco.org/images/0013/001325/132540e.pdf

E. billi l-inklużjoni, il-promozzjoni tal-ħiliet elettroniċi, u t-tnaqqis tad-distakki diġitali huma fatturi ewlenin li jrawmu l-potenzjal tal-internet u l-ICTs;

F. billi l-ICTs, filwaqt li kienu strumenti prinċipali fl-organizzazzjoni tal-movimenti u dimostrazzjonijiet soċjali f'diversi pajjiżi b'kunsiderazzjoni speċjali għar-Rebbiegħa Għarbija, jintużaw ukoll bħala strumenti ta' ripressjoni permezz taċ-ċensura (tal-massa), is-sorveljanza u l-monitoraġġ u t-traċċar tal-informazzjoni u l-individwi;

G. billi l-ICTS jistgħu wkoll ikollhom rwol bħala strument utli għall-organizzazzjonijiet terroristiċi sabiex jippreparaw u jwettqu attakki;

H. billi, fil-maġġorparti tal-każijiet, il-kuntest li fih jintużaw it-teknoloġiji jiddetermina l-impatt li jista' jkollhom biex imexxu żviluppi pożittivi jew li jkollhom minflok impatt ta' ripressjoni;

I. billi dawn il-bidliet joħolqu kuntesti oħra li jeħtieġu applikazzjoni adattata tal-liġijiet fis-seħħ ibbażata fuq strateġija ta' integrazzjoni tal-internet u l-ICTS fl-azzjonijiet esterni kollha tal-UE;

J. billi l-internet iffjorixxa u żviluppa b'mod organiku bħala pjattaforma b'valur pubbliku kbir; billi, madankollu, l-użu ħażin tal-opportunitajiet u l-istrumenti l-ġodda disponibbli permezz tal-internet joħloq ukoll riskji u perikli ġodda;

K. billi l-internet sar ukoll fattur fl-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali u dan jeħtieġ sorveljanza kontinwa, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur;

L. billi ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu limitati għal każijiet fejn l-Internet jintuża għal attivitajiet illegali, bħal inċitament għall-mibegħda, vjolenza u attitudnijiet razzisti, propaganda totalitarja u l-aċċess tat-tfal għall-pornografija jew l-isfruttament sesswali tagħhom;

M. billi n-natura globali u bla fruntieri tal-internet teħtieġ forom ġodda ta' koperazzjoni internazzjonali u ta' governanza ma' diversi partijiet interessati;

N. billi l-Artikolu 21(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiddikjara: "L-Unjoni għandha tara li jkun hemm koerenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politika l-oħra tagħha. Il-Kunsill u l-Kummissjoni, assistiti mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandhom jassiguraw dik il-koerenza u għandhom jikkooperaw għal dan il-għan";

O. billi n-newtralità tan-net hija prinċipju essenzjali għal internet miftuħ, filwaqt li tiżgura l-kompetizzjoni u t-trasparenza;

P. billi kemm is-sigurtà diġitali u wkoll il-libertà diġitali huma essenzjali u ma jistgħux jissostitwixxu lil xulxin;

Q. billi l-UE tmexxi biss billi tagħti eżempju dwar il-libertajiet diġitali meta dawn jiġu salvagwardjati fl-UE;

***Id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp***

1. Jirrikonoxxi li l-aċċess mhux iċċensurat għall-internet miftuħ, it-telefowns ċellulari u l-ICTs kellhom impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, filwaqt li eżerċitaw effett abilitanti, billi espandew l-ambitu tal-libertà tal-espressjoni, l-aċċess għal informazzjoni, id-dritt għall-privatezza u l-libertà ta' għaqda madwar id-dinja;

2. Jirrikonoxxi l-potenzjal abilitanti, ta' ħolqien u ta' katalizzatur vast tal-internet miftuħ u tal-ICTs għall-bini tal-komunità, is-soċjetà civili, l-iżvilupp ekonomiku, soċjali, xjentifiku, kulturali u politiku globali, filwaqt li dawn jikkontribwixxu għall-progress tal-umanità b'mod ġenerali; huwa konxju, madankollu, tar-riskji u l-perikli l-ġodda għad-drittijiet tal-bniedem li jirriżultaw mill-użu ħażin tal-ICTs;

3. Jirrikonoxxi li l-internet u l-midja soċjali jippermettu lill-gvernijiet biex jimpenjaw ruħhom f'diplomazija diretta u jiffaċilitaw l-kuntatt bejn in-nies fid-dinja kollha; Jenfasizza li d-dibattiti miftuħa dwar l-ideat jistgħu jgħinu jirrifjutaw l-estremiżmu u jtejbu l-involviment u l-ftehim interkulturali;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

4. Iqis li l-kultura tiffavorixxi l-aċċess u l-kuntatt meta r-relazzjonijiet politiċi huma bblokati jew diffiċli; jirrikonoxxi li l-libertà u l-kultura huma konnessi ħafna u li d-diplomazija kulturali diġitali hija ta' interess strateġiku għall-UE;

5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-libertà artistika, u l-libertà ta' imitazzjoni u ta' użu mill-ġdid, bħala elementi fundamentali għall-kreattività u l-libertà ta' espressjoni u ideat; hu konxju l-preżenza sinifikanti tal-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet fl-ekosistema tad-drittijiet tal-awtur, speċjalment fl-oqsma tal-ġurnaliżmu, iċ-ċitazzjonijiet, is-satira, l-arkivji, il-libreriji u fl-iżgurar ta' aċċess għal u tal-użu tal-wirt kulturali;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza b'mod xieraq il-fatt li hemm pajjiżi li qed japplikaw ir-ripressjoni u l-kontroll taċ-ċittadini, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-attivisti, filwaqt li n-negozji f'xi pajjiżi jinvolvu element teknoloġiku akbar f'termini tal-imblukkar tal-kontenut u l-monitoraġġ u l-identifikazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ġurnalisti, l-attivisti u d-dissidenti; jistieden ukoll lill-Kummissjoni taġixxi kontra l-kriminalizzazzjoni tal-espressjoni leġittima online u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni restrittiva li tiġġustifika tali miżuri; jafferma mill-ġdid, għalhekk li tali prattiċi jmorru kontra l-kriterji ta' Kopenħagen;

7. Jenfasizza li r-rikonoxximent u l-implimetazzjoni tal-prinċipji tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva mill-fornituri ta' servizzi tal-internet, l-iżviluppaturi tas-softwer, il-produtturi ta' ħardwer, is-servizzi/midja ta' netwerks soċjali, eċċ huma neċessarji sabiex jiġu żgurati l-libertà tal-azzjoni u s-sikurezza tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-libertà ta' espressjoni;

8. Jenfasizza li l-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertajiet diġitali għandhom jiġu integrati u rieżaminati kull sena biex jassiguraw responsabbiltà u kontinwità fl-azzjonijiet esterni kollha tal-UE, il-politiki u l-istrumenti ta' finanzjament u għajnuna, taħt it-tmexxija tar-Rappreżentant Għoli u tas-SEAE; jitlob approċċ proattiv f'dan ir-rigward u azzjoni li tiżgura li jkun hemm kooperazzjoni u koordinazzjoni orizzontali bejn u fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-aġenziji rilevanti tal-UE;

9. Jappoġġja r-rikonoxximent mill-Kummissjoni li l-aċċess sikur għall-internet hu parti mill-kriterji ta' Kopenħagen u li l-limitazzjonijiet għal-libertà ta' espressjoni, inkluż fuq l-internet, għandhom ikunu ġġustifikati minn neċessità soċjali imperattiva u, b'mod partikolari, għandhom ikunu proporzonati mal-għan leġittimu previst;

10. Hu konxju tat-tħassib dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem online li jeżistu fil-pajjiżi kollha, filwaqt li jirrikonoxxi d-differenzi kritiċi li jaffettwaw il-kuntest li fih jintużaw l-ICTs bħal fil-każijiet tal-eżistenza tal-istat tad-dritt u d-dritt għal rimedju;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-koerenza bejn l-azzjonijiet esterni tal-UE u l-istrateġiji interni proprji tal-Kummissjoni meta tkun qed tiddefendi restrizzjonijiet strettament neċessarji u proporzjonati dwar id-drittijiet fundamentali, u fiż-żamma ta' prinċipji bażiċi tad-dritt internazzjonali, bħal li dawn ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-liġi u ma għandhomx jiġu introdotti b'mod ad hoc mill-industrija;

12. Jinkoraġġixxi r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem biex isemmi l-libertajiet diġitali u "l-Istrateġija ta' Mingħajr Skonnettjar" fost il-prijoritajiet ewlenin tiegħu;

13. Jenfasizza li l-politiki effettivi tal-iżvilupp u tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE jirrikjedu l-integrazzjoni tal-ICTs u t-tnaqqis tad-distakk diġitali, billi jipprovdu infrastrutturi teknoloġiċi bażiċi u jiffaċilitaw l-aċċess għall-għarfien u l-informazzjoni u jippromwovu l-litteriżmu diġitali madwar id-dinja;

14. Iqis li l-ICTs jiffaċilitaw it-trasparenza u l-governanza tajba, il-litteriżmu, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, il-monitoraġġ effettiv tal-elezzjonijiet u l-għajnuna f'każ ta' diżastru, b'mod partikolari f'żoni rimoti jew f'soċjetajiet li qed jiżviluppaw;

15. Jenfasizza li l-politiki fil-qasam tal-iżvilupp u d-drittijiet tal-bniedem tal-UE għandhom jinkludu programm ta' għajnuna li jippromwovi l-libertajiet diġitali, primarjament f'soċjetajiet f'pajjiż mhux demokratċi, kif ukoll f'pajjiżi li għaddejjin minn tranżizzjonijiet postkonflittwali jew politiċi; jemmen li l-esperti regolatorji tal-UE huma interlokuturi

essenzjali għall-finijiet tat-taħriġ tal-kontrapartijiet u biex id-drittjiet u l-prinċipji bażiċi jiġu inklużi fir-regolamenti u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida (tal-midja) f'pajjiżi terzi; jenfasizza li l-għajnuna fil-forma tal-bini ta' infrastrutturi għall-ICTs tiġi suġġetta għall-implimentazzjoni u l-preservazzjoni ta' aċċess miftuħ għall-internet u informazzjoni online; kif ukoll għal-libertà diġitali b'mod aktar ġenerali;

16. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jiġu żviluppati ICTs f'żoni ta' kunflitt sabiex jiġu promossi attivitajiet relatati mal-konsolidazzjoni tal-paċi fil-livell tas-soċjetà ċivili bil-ħsieb li jiġu provduti komunikazzjonijiet sikuri bejn il-partijiet involuti fir-riżoluzzjoni paċifika ta' kunflittti, biex b'hekk jiġu ffaċċjati b'mod attiv l-ostakoli fiżiċi u r-riskji li jaffettwaw il-kuntatti bilaterali għall-persuni u l-organizzazzjonijiet f'dawn iż-żoni;

17. Jittama li l-użu xieraq tat-teknoloġiji ta' kommunikazzjoni l-ġodda, u b'mod partikolari l-midja soċjali, se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-demokrazija diretta fost iċ-ċittadini tal-UE u tal-pajjiżi terzi billi jinħolqu pjattaformi soċjali għat-tfassil tal-leġiżlazzjoni;

18. Jenfasizza li l-ġbir u t-tixrid diġitali ta' evidenza ta' ksur tad-drittjiet tal-bniedem jistgħu jikkontribwixxu għall-ġlieda globali kontra l-impunità; iqis li dan il-materjal għandu jkun ammissibbli skont il-liġi internazzjonali (kriminali) bħala prova fi proċedimenti ġudizzjarji;

19. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi assigurat li materjali tal-art rari użati fil-produzzjoni tal-ICTs jinkisbu f'kundizzjonijiet li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u ambjentali, u mhumiex suġġetti għall-prattiċi ta' monopolju jew suġġetti għal limitazzjoni ta' aċċess kummerċjali introdotti minħabba raġunijiet strettament politiċi; jemmen li approċċ multilaterali għall-iżgurar ta' aċċess għal materjal tal-art rari f'kundizzjonijiet umanitarji jikkostitwixxi ħtieġa sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi;

***Il-kummerċ***

20. Jirrikonoxxi li l-internet sar parti mill-ispazju pubbliku fejn jinħolqu forom ġodda ta' kummerċ transkonfinali, flimkien ma' żvilupp tas-suq innovattiv, kif ukoll interazzjoni soċjali u kulturali; jemmen li l-libertajiet diġitali u l-kummerċ transkonfinali għandhom imorru id f'id biex joħolqu u jottimizzaw l-opportunitajiet ta' negozju għall-kumpaniji Ewropej fl-ekonomija diġitali globali;

21. Huwa konxju li hemm tħassib li kull ma jmur, ċertu nies qed jisimgħu t-terminu "drittijiet tal-awtur" (copyright) u jobogħdu dak li jirrappreżenta; jirrikonoxxi r-rwol importanti li kellha l-politika tal-kummerċ barrani fit-tiswir tal-mekkaniżmi tal-infurzar tad-drittijiet tal-awtur;

22. Jiddeplora l-fatt li teknoloġiji u servizzi magħmula fl-UE huma xi drabi użati f'pajjiżi terzi sabiex jinkisru d-drittijiet tal-bniedem permezz taċ-ċensura tal-informazzjoni, il-monitoraġġ tal-massa, is-sorveljanza, il-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni taċ-ċittadini u l-attivitajiet tagħhom fin-networks tat-telefonija (mobbli) u fl-internet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex twaqqaf dan il-"kummerċ ta' armi diġitali";

23. Jitlob li jkun hemm projbizzjoni ta' teknoloġiji u servizzi ta' repressjoni għal reġimi awtoritarji; jemmen li din it-tip ta' projbizzjoni għandha tistabbilixxi preċedent għall-miżuri restrittivi strutturali; iqis bħala prudenti, madankollu, li jkun speċifikat li dawn il-projbizzjonijiet għandhom jiġu deċiżi skont il-każ, b'kunsiderazzjoni ta' speċifikazzjonijiet fit-trattatament ta' żoni ta' kunflitt jew reġimi awtoritarji;

24. Jikkunsidra l-prodotti u s-servizzi teknoloġiċi tal-imblukkar immirat, is-sorveljanza, il-monitoraġġ u l-interċettazzjoni bħala beni ta' 'użu uniku', u għalhekk jitlob li tiġi stabbilita lista regolarment aġġornata ta' pajjiżi li jiksru l-libertà tal-espressjoni fil-kuntest tad-drittijiet tal-bniedem u li l-esportazzjoni lejhom għal oġġetti ta' "użu uniku" għandha tiġi projbita;

25. Jenfasizza l-bżonn li s-sanzjonijiet tal-UE fuq it-teknoloġiji fil-livell tal-Unjoni għandhom ikunu implimetati u sorveljati sabiex jiġi assigurat li l-Istati Membri jikkonformaw magħhom bl-istess mod u jinżammu l-istess kundizzjonijiet;

26. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tkun tista' tipprovdi lill-kumpaniji li jinsabu f'dubju dwar jekk għandhomx japplikaw għal liċenzja tal-esportazzjoni, b' informazzjoni f'ħin reali dwar il-legalità jew l-effetti potenzjalment dannużi ta' kuntratti kummerċjali; Dan għandu japplika ukoll għal kumpaniji mill-UE jew li huma bbażati fl-UE li jidħlu f'relazzjonijiet kuntrattwali ma' gvernijiet ta' pajjiżi terzi, kemm jekk biex jakkwistaw il-liċenzji ta' operat jew biex jinnegozjaw il-klawżoli

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

ta' sospensjoni jew billi jaċċettaw l-involviment pubbliku fl-operazzjonijiet kummerċjali jew l-użu pubbliku tan-networks u s-servizzi tagħhom;

27. Jenfasizza l-importanza ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur fil-kuntest tal-ftehimiet internazzjonali li jikkonċernaw l-ICTs;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta, matul is-sena 2013, l-aktar tard, proposti li jeżiġu aktar trasparenza u responsabilizzazzjoni mill-kumpaniji bbażati fl-UE, kif ukoll l-iżvelar tal-politiki ta' valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem, sabiex jitjiebu l-monitoraġġ ta' esportazzjonijiet ta' ICTs, ta' prodotti u servizzi intiżi għall-imblukkar ta' websajts, is-sorveljanza tal-massa, it-traċċar u l-monitoraġġ ta' individwi, l-inċertazzjoni ta' konversazzjonijiet privati (emails) u l-filtraġġ ta' riżultati ta' tfittix;

29. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti għal qafas legali tal-UE li jobbliga lill-kumpaniji li jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku fl-Istati Membri biex jagħmlu valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem fuq l-ICTs partikolari, ibda mill-fażi tar-R&Ż, u jiżguraw in-nuqqas ta' kompliċità fil-ksur possibbli tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi;

30. Jemmen li l-kumpaniji għandhom jiddisinjaw u jimplimentaw prattiki kummerċjali maħsuba biex jimmonitorjaw l-impatt possibbli ta' prodotti ġodda tal-ICT fuq id-drittijiet tal-bniedem, anke fil-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp, u biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm kompliċità fi vjolazzjonijiet possibbli tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi. jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lin-negozji tal-UE b'firxa wiesgħa ta' tagħrif biex tiżgura l-bilanċ korrett bejn l-interessi tan-negozju u r-responsabilità soċjali korporattiva.

31. Jiddeplora, f'dan ir-rigward, l-involviment attiv tal-kumpaniji Ewropej u l-kumpaniji internazzjonali li joperaw fl-UE fil-pajjiżi li l-gvernijiet tagħhom iwettqu politiki ripressivi kontra l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u d-dissidenti politiċi fir-rigward tad-drittijiet diġitali, l-aċċess tal-internet u l-ICTs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni teskludi lill-kumpaniji li qed jipparteċipaw f'tali attivitajiet mill-proċeduri għall-akkwist pubbliku u s-sejħiet għal offerti tal-UE;

32. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi n-negozji tal-UE b'firxa wiesgħa ta' informazzjoni u gwida, fuq il-bażi tal-"Prinċipji ta' Ruggie" tan-NU, sabiex jassiguraw il-konformità kemm tal-interessi kummerċjali u tar-responsabilità korporattiva soċjali;

33. Jenfasizza l-ħtieġa li jikkunsidra l-effett tat-twaqqif ta' standards teknoloġiċi għall-ICT u prodotti u servizzi tat-telekom tal-UE, fejn tali prodotti u servizzi jiġu esportati għal pajjiżi terzi fejn kunċetti bħall-"interċettazzjoni legali" għandhom implikazzjonijiet differenti, pereżempju fejn l-istat tad-dritt ma jeżistix;

34. Jirrikonoxxi li l-internet sar spazju pubbliku kif ukoll suq fejn il-fluss ħieles ta' informazzjoni u l-aċċess għall-ICTs huma indispensabbli għalih; huwa tal-fehma, għalhekk, li l-libertajiet diġitali u l-kummerċ ħieles għandhom jiġu promossi u protetti b'mod simultanju sabiex jiġi inkoraġġut u appoġġat l-iskambju ħieles ta' ideat kif ukoll opportunitajiet kummerċjali akbar għaċ-ċittadini tal-UE f'ekonomija globali li qed issir dejjem aktar diġitali;

35. Jitlob għall-inklużjoni tal-klawsoli tal-kundizzjonalità fil-ftehimiet tal-kummerċ ħieles tal-UE, filwaqt li jiġu stipulati salvagwardji trasparenti li jippreżervaw l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-Internet u jiżguraw il-fluss liberu ta' informazzjoni;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li l-mandati għal negozjati kummerċjali multilaterali u bilaterali, kif ukoll l-andament tan-negozjati nfushom, iwasslu b'mod effikaċi biex jintlaħqu objettivi importanti tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-promozzjoni tal-valuri demokratiċi tagħha u l-istat ta' dritt, ir-realizzazzjoni ta' suq diġitali uniku ġenwin u r-rispett għall-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp;

37. Jistieden lill-UE tipprovdi appoġġ politiku lill-kumpaniji Ewropej li f'pajjiżi terzi qed jiġu mitluba jneħħu kontenut maħluq mill-utent jew jipprovdu tagħrif personali b'mod li jikser id-drittijiet fundamentali u jrażżen il-libertà li jsir negozju

38. Jistieden lill-UE tisfida u timminimizza l-impatt extraterritorjali tal-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz fuq iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE online;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

39. Jinnota li l-kummerċ elettroniku żviluppa barra l-oqfsa regolatorji tradizzjonali tal-kummerċ. jisħaq fuq l-importanza ta' kooperazzjoni internazzjonali akbar fid-WTO u fil-WIPO biex jiġi mħares is-suq diġitali globali u jiġi żgurat l-iżvilupp tiegħu; jitlob li fid-WTO jsiru reviżjoni u aġġornament tal-Ftehim dwar it-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITA) li hemm fis-seħħ attwalment u li l-UE tesplora l-possibilitajiet ta' Ftehim dwar Ekonomija Diġitali Internazzjonali (IDEA);

40. Jistieden lill-Kummissjoni ma tittrasferixxix l-infurzar u t-talbiet tad-drittijiet tal-awtur lill-operaturi ekonomiċi fil-ftehimiet kummerċjali futuri, kif ukoll tiżgura li l-azzjonijiet li jinterferixxu mal-liġi tal-libertà tal-internet ikunu jistgħu jitwettqu biss skont l-istat tad-dritt u b'awtorità ġudizzjarja;

41. Iqis li l-aċċess ristrett tan-negozji u tal-konsumaturi online tal-UE għas-swieq (diġitali) permezz ta' ċensura tal-massa f'pajjiżi terzi jikkostitwixxi miżuri protezzjonisti u ostakli għall-kummerċ; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija biex tiġġieled il-miżuri meħuda minn pajjiżi terzi li jirrestrinġu l-aċċess għan-negozji tal-UE għas-swieq online tagħhom;

42. Jitlob lill-UE tistinka biex tassigura li r-regolazzjoni tal-internet u l-ICTs tinżamm f'livell ġustifikat u xieraq u sseħħ biss meta l-UE tqis li hija neċessarja;

43. Jitlob l-inklużjoni ta' teknoloġiji ta' ripressjoni mmirati fil-Ftehim Wassenaar;

44. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna jipprovdu appoġġ politiku lill-kumpaniji tal-UE li joperaw f'pajjiżi terzi fejn jiffaċċjaw talbiet biex ineħħu l-kontenut iġġenerat mill-utenti, irażżnu l-libertà tas-servizzi jew jipprovdu informazzjoni personali b'tali mod li jikser id-drittijiet fundamentali; jindika li l-impriżi diġitali ħafna drabi joperaw mingħajr fruntieri, u li l-leġiżlazzjoni tal-pajjiżi terzi tista' taffettwa b'mod negattiv lill-utenti u l-konsumaturi Ewropej; għalhekk, jistieden ukoll lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-impatt ta' leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi li joperaw fl-UE jkun minimizzat;

45. Jinnota li involviment u regolamentazzjoni akbar mill-gvernijiet ixekklu n-natura miftuħa u mhux ristretta tal-internet, u b'hekk ikunu qed jillimitaw il-potenzjal li jkun hemm aktar kummerċ elettroniku u jirrestrinġu lin-negozji tal-UE li joperaw fl-ekonomija diġitali; jemmen li approċċ li jkun jinvolvi partijiet interessati multipli joffri l-aħjar approċċ biex jiġi żgurat bilanċ bejn l-interess pubbliku u dak privat fuq l-internet u s-suq globali; jitlob li jsir sforz internazzjonali biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa biex tkun tista' sseħħ l-espansjoni tal-ekonomija diġitali, inklużi reġimi regolatorji liberali, u jistieden lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw iżidu l-benefiċċji reċiproċi skont il-prinċipju tal-kummerċ għall-bidla;

46. Iqis li r-restrizzjoni tal-aċċess tan-negozji tal-UE għas-swieq diġitali u l-konsumaturi online permezz, fost affarijiet oħra, ta' ċensura statali tal-massa jew aċċess ristrett għas-suq għall-fornituri Ewropej tas-servizzi online f'pajjiżi terzi tikkostitwixxi ostakolu għall-kummerċ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinkludu mekkaniżmu ta' salvagwardja fil-ftehimiet kummerċjali kollha tal-futur, u speċjalment dawk li jkun fihom dispożizzjonijiet li jaffettwaw is-servizzi online u l-komunitajiet ta' utenti online li jaqsmu l-informazzjoni, bil-għan li jiġi żgurat li l-kumpaniji tal-ICT tal-UE ma jkunux meħtieġa minn partijiet terzi li jirrestrinġu l-aċċess għall-websajts, ineħħu kontenut maħluq mill-utent jew jipprovdu tagħrif personali b'modi li jikkontravjenu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; jistieden barra minn hekk lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiżviluppaw strateġija biex tisfida l-miżuri meħuda minn pajjiżi terzi li jirrestrinġu l-aċċess tal-kumpaniji tal-UE għas-swieq online globali;

47. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta abbozz ta' qafas regolatorju ġdid dwar l-esportazzjonijiet ta' użu doppju, li jkun jindirizza l-esportazzjoni potenzjalment dannuża ta' prodotti u servizzi tal-ICT lejn pajjiżi terzi u li jkun jipprevedi rwol ta' koordinazzjoni u ta' monitoraġġ għall-Kummissjoni;

***IL-governanza tal-Internet***

48. Iqis li t-teħid ta' deċiżjonijiet li jkun trasparenti u kollaborattiv huwa essenzjali biex jassigura r-rispett lejn in-natura miftuħa u parteċipatorja tal-internet; iqis li kwalunkwe dibattitu fuq ir-regolamenti li jikkonċernaw l-internet għandu jkun kemm jista' jkun miftuħ u jinvolvi l-partijiet interessati kollha, speċjalment dawk interessati fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kif ukoll utenti ta' kuljum tal-internet; jemmen li l-UE għandu jkollha rwol ewlieni fl-iżvilupp tar-regoli bażiċi

tal-libertà diġitali u n-normi ta' mġiba fiċ-ċiberspazju, inkluż fil-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim, filwaqt li tqis ukoll il-ġurisdizzjonijiet konflittwali;

49. Jinnota li fil-preżent, l-istruttura tal-internet hija relattivament nieqsa mir-regolamenti u li hi governata b'approċċ li jinkludi ħafna partijiet interessati; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tassigura li l-mudell b'ħafna partijiet interessati jkun inklussiv u li n-negozji żgħar, kif ukoll l-atturi tas-soċjetà ċivili u l-utenti ma jiġux maħkuma minn ftit negozji kbar u parteċipanti tal-gvern;

50. Iqis li l-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet u l-atturi privati fuq kwistjonijiet li jirrgwardaw l-ICT ma għandhiex tkun ibbażata fuq l-impożizzjoni ta' obbligi diretti u indiretti fuq l-ISPs sabiex jiġu adottati liġijiet permezz tas-sorveljanza u r-regolamentazzjoni tal-internet.

51. Jenfasizza l-importanza ta' strateġija ġenerali tal-UE għall-governanza tal-internet, kif ukoll għal kwestjonijiet relatati mar-regolamenti tat-telekomunikazzjonijiet, u fakkar li s-settur jitmexxa internazzjonalment permezz tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet, fejn l-Istati Membri tal-UE kollha jkollhom vot wieħed;

52. Huwa mħasseb dwar il-proposti tal-koalizzjonijiet tal-gvernijiet u tan-negozji li jippruvaw jintroduċu sorveljanza regolatorja u żieda fil-kontroll governattiv u privat fuq l-internet u fuq l-operazzjonijiet tat-telekom;

53. Jistieden lill-UE tindirizza u tirreżisti l-impatt extraterritorjali tal-liġijiet ta' pajjiżi terzi, speċifikament il-liġijiet dwar l-IPR tal-Istati Uniti, fuq iċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-impriżi tal-UE; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr l-Istrateġija tagħha għall-Cloud Computing madwar l-UE kif evidenzjat fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa;

54. Ifakkar li l-Internet, il-konnessjoni u l-ħżin tad-data u l-ICTs huma partijiet essenzjali mill-infrastruttura kritika tal-UE;

55. Jiddispjaċih għall-pressjoni fl-UE għal aktar setgħat sabiex jiġu bblukkati websajts, li għandha tkun miżura għal meta ma jkunx hemm għażla oħra possibbli;

56. Jappoġġa bis-sħiħ il-prinċipju tan-newtralità tan-net, jiġifieri li fornituri tas-servizzi tal-internet ma jimblukkawx, ma jiddiskriminawx kontra, ma jxekklux, jew ma jiddegradawx, anki permezz ta' tariffi, l-abilità ta' kwalunkwe persuna li tuża servizz biex ikollha aċċess, tuża, tibgħat, tippowstja, tirċievi, jew toffri kwalunkwe kontenut, applikazzjoni, jew servizz tal-għażla tagħha irrispettivament mis-sors jew il-mira;

57. Iqis li hija meħtieġa aktar kooperazzjoni globali biex jiġu appoġġati u modernizzati d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-ġejjieni, peress li din hija vitali biex jiġu żgurati l-innovazzjoni, l-impjiegi u l-kummerċ dinji miftuħ;

58. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw il-politika tal-IPR sabiex dawk li jixtiequ jkomplu joħolqu l-kontenut tagħhom stess u jaqsmuh mal-oħrajn mingħajr l-akkwist ta' IPR jitħallew jagħmlu hekk;

59. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi qafas regolatorju ġdid għall-kummerċtranskonfinali online, valutazzjoni u reviżjoni tad-Direttiva 2001/29/KE dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni sabiex jiġu garantiti l-prevedibbiltà u l-flessibbiltà fl-ambitu tar-reġim tad-dritt tal-awtur tal-UE u reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (IPRED), li jistgħu jibbilanċjaw il-ħtieġa għar-riforma dwar id-drittijiet tal-awtur u l-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet fundamentali online u li jiġi ppreservat l-internet miftuħ u li jista' jservi bħala bażi għad-dispożizzjonijiet tal-IPR u l-impenji fl-FTAs tal-futur;

***Strateġija tal-libertà diġitali***

60. Jirrikonoxxi li d-drittijiet tal-bniedem għandhom ukoll jiġu protetti online, u jemmen li l-ICTs għandhom jiġu integrati fil-programmi kollha tal-UE, b'mod partikolari fil-Politika Ewropea tal-Viċinat u fl-ishubijiet strateġiċi, biex imexxu dan l-isforz;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

61. Jitlob li l-UE tirrikonoxxi l-libertajiet diġitali bħala drittijiet fundamentali u bħala prerekwiżiti indispenabbli għat-tgawdija tad-drittijiet universali tal-bniedem bħall-privatezza, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà ta' għaqda u l-aċċess għall-informazzjoni u jiżguraw it-trasparenza u r-responsabilità fil-ħajja pubblika;

62. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Kunsill biex jappoġġaw, jagħtu t-taħriġ u s-setgħa lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti tas-soċjetà ċivili u l-ġurnalisti li jużaw l-ICTs fl-attivitajiet tagħhom u jassiguraw id-drittijiet fundamentali tal-privatezza, tal-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' għaqda u l-libertà tal-assoċjazzjoni online;

63. Jitlob lill-Istati Membri biex ma jużawx l-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku bħala miżura ristrettiva sabiex jiġu limitati d-drittijiet fundamentali ta' asssemblea u demostrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jfakkar li tali eċċezzjoni għandha tkun immotivata u proporzjonata;

64. Jitlob appoġġ politiku u diplomatiku għal-libertajiet diġitali fil-pajjiżi reċipjenti tal-għajnuna tal-UE, minbarra l-programmi ta' assistenza;

65. Iqis li r-restrizzjoni tal-libertajiet diġitali għandha titieħed kompetament inkunsiderazzjoni fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi, filwaqt li dawk li jirċievu l-assistenza u l-għajnuna mill-UE, ħlief dawk il-pajjiżi li jinsabu f'kunflitt qawwi li jbatu minn diżastri jew li jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' post-kunflitt jew ta' post-diżastru, għandhom jiġu rikjesti jużaw l-ICTs sabiex iżidu t-trasparenza u r-responsabilità;

66. Iħeġġeġ lill-Kunsill u l-Kummissjoni jinkludu fin-negozjati tal-adeżjoni u n-negozjati ta' ftehimiet qafas ma' pajjiżi terzi, id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, in-negozjati dwar il-kummerċ u l-forom kollha ta' kuntatt relatat mad-drittijiet tal-bniedem, il-klawsoli tal-kundizzjonalità li jistipulaw il-ħtieġa li jiġi garantit u rispettat l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-internet u l-libertajiet diġitali;

67. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Kunsill jippromwovu u jippreservaw standards għoljin ta' libertà diġitali fl-UE, partikolarment billi jikkodifikaw il-prinċipju tan-newtralità tan-net permezz ta' regolamenti adegwati, sabiex isaħħu l-kredibilità tal-Unjoni rigward il-promozzjoni u d-difiża tal-libertajiet diġitali madwar id-dinja;

68. Iqis li l-ħolqien ta' sinerġija tal-politiki tal-UE dwar il-kummerċ, is-sigurtà u l-politika barranija u l-allinjament tal-valuri u l-interessi tagħhom huma indispensabbli biex l-Unjoni tkabbar il-poter ekonomiku tagħha u taġixxi bħala attur globali fid-difiża tal-libertajiet diġitali;

69. Iqis li l-koordinazzjoni u l-inizjattivi diplomatiċi konġunti mal-pajjiżi tal-OECD l-oħra fl-iżvilupp u l-eżekuzzjoni ta' strateġija ta' libertà diġitali huma essenzjali għal azzjoni effiċjenti u rapida;

70. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jadottaw Starteġija ta' Libertà Diġitali fil-politika barranija tal-UE kemm jista' jkun malajr;

o

o o

71. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni u lill-SEAE.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0476

## Sistema ġuriżdizzjonali għat-tilwim rigward il-privattivi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar sistema ġuriżdizzjonali għat-tilwim rigward il-privattivi (2011/2176(INI))**

(2015/C 434/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/167/UE tal-10 ta' Marzu 2011 li tawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja (COM(2011)0215),

— wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni (COM(2011)0216),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni 1/09 tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Marzu 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0009/2012),

A. billi sistema effiċjenti tal-privattivi fl-Ewropa hija prerekwiżit neċessarju biex jiġi stimulat it-tkabbir permezz tal-innovazzjoni u biex jiġu megħjuna l-intrapriżi Ewropej, b'mod partikolari l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), biex jiffaċċjaw il-kriżi ekonomika u l-kompetizzjoni dinjija;

B. billi skont id-Deċizjoni tal-Kunsill Nru 2011/167/UE li tawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit ġew awtorizzati sabiex jistabbilixxu kooperazzjoni msaħha bejniethom fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja, billi japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattati;

C. billi fit-13 ta' April 2011, abbażi tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja, u proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni;

D. billi fit-8 ta' Marzu 2011 il-Qorti tal-Ġustizzja tat l-opinjoni tagħha dwar il-proposta ta' Qorti Ewropea u Komunitarja dwar il-Privattivi li fiha rrimarkat dwar l-inkompatibilità tagħha mal-liġi tal-Unjoni;

E. billi l-protezzjoni effettiva tal-privattivi unitarji tista' tiġi żgurata biss jekk ikun hemm sistema għal-litigazzjoni dwar il-privattivi li tiffunzjona;

F. billi, wara l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri parteċipanti fil-kooperazzjoni msaħħa impenjaw ruħhom li joħolqu Qorti Unifikata għal-Litigazzjoni dwar il-Privattivi permezz ta' ftehim internazzjonali;

---

([1]) ĠU L 76, 22.3.2011, p. 53.
([2]) ĠU C 211, 16.7.2011, p. 2.

G. billi, f'dan il-kuntest, hemm differenza sustanzjali bejn il-ftehimiet internazzjonali ordinarji u t-trattati tat-twaqqif tal-Unjoni Ewropea, billi dawn tal-aħħar stabbilixxew ordni ġuridiku ġdid, b'istituzzjonijiet proprji, li għall-benefiċċju tiegħu l-Istati llimitaw id-drittijiet sovrani tagħhom f'oqsma dejjem usa', li huma suġġetti għalihom mhux biss l-Istati Membri iżda wkoll iċ-ċittadini tagħhom, bil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-qrati ordinarji u t-tribunali tal-Istati Membri jaġixxu bħala l-gwardjani ta' dak l-ordni ġuridiku;

H. billi l-Qorti Unifikata dwar il-Privattivi trid tirrispetta u tapplika bis-sħiħ il-liġi tal-Unjoni, f'kooperazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif fil-każ ta' kwalunkwe qorti nazzjonali;

I. billi t-Tribunal Unifikat dwar il-Privattivi għandu jibbaża fuq il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja billi jitlob deċiżjonijiet preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE;

J. billi r-rispett għall-prevalenza u għall-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-Unjoni għandhom jiġu żgurati skont l-Artikoli 258, 259 u 260 TFUE;

K. billi t-Tribunal Unifikat dwar il-Privattivi għandu jkun parti mis-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri Kontraenti, b'kompetenza esklussiva għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju u għall-privattivi Ewropej li jaħtru Stat Membru Kontraenti wieħed jew aktar;

L. billi sistema ġudizzjarja effiċjenti jeħtieġ li jkollha Qorti tal-Prim'Istanza deċentralizzata;

M. billi l-effiċjenza tas-sistema ta' litigazzjoni tiddependi fuq il-kwalità u l-esperjenza tal-imħallfin;

N. billi għandu jkun hemm sett wieħed ta' regoli proċedurali applikabbli għall-proċedimenti quddiem kull diviżjoni jew istanza tal-qorti;

O. billi l-Qorti Unifikata dwar il-Privattivi għandha tistinka biex tesprimi deċiżjonijiet ta' kwalità għolja mingħajr dewmien proċedurali bla ħtieġa, u għandha tgħin, b'mod partikulari, lill-SMEs jiddefendu d-drittijiet tagħhom jew jiddefendu lilhom infushom minn klejms mhux sostanzjati jew privattivi li jistħoqqilhom li jkunu revokati;

1. Jappella għat-twaqqif ta' Sistema Unifikata għal-Litigazzjoni dwar il-privattivi, peress li suq frammentat għall-privattivi u d-differenzi fl-infurzar tal-liġi jfixklu l-innovazzjoni u l-progress fis-suq intern, jikkomplikaw l-użu tas-sistema tal-privattivi, iqumu ħafna flus u jimpedixxu l-protezzjoni effikaċi tad-drittijiet tal-privattivi, partikolarment dawk tal-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju;

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkonkludu n-negozjati u jirratifikaw il-ftehim internazzjonali ("il-Ftehim") bejn dawn l-Istati Membri ("Stati Membri Kontraenti") biex tinħoloq Qorti Unifikata tal-Privattivi ("il-Qorti") mingħajr dewmien żejjed, u jħeġġeġ lil Spanja u l-Italja jikkunsidraw li jsiru parti mill-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa;

3. Jinsisti li l-Qorti tal-Ġustizzja, bħala gwardjana tal-liġi tal-Unjoni, trid tiżgura l-uniformità tal-ordni ġuridiku tal-Unjoni u l-prevalenza tal-liġi Ewropea f'dan il-kuntest;

4. Iqis li l-Istati Membri li għadhom ma ddeċidewx jekk jipparteċipawx fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja jistgħu jipparteċipaw fis-Sistema Unifikata għal-Litigazzjoni dwar il-Privattivi fir-rigward tal-privattivi Ewropej validi fit-territorji tagħhom;

5. Jenfasizza li l-prijorità tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi għandha tkun li ssaħħaħ iċ-ċertezza legali u li ttejjeb l-infurzar tal-privattivi filwaqt li tikseb bilanċ ġust bejn l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet u l-partijiet ikkonċernati;

6. Jenfasizza l-ħtieġa għal sistema ta' litigazzjoni kost-effiċjenti li tkun iffinanzata b'tali mod li jiġi żgurat l-aċċess għall-ġustizzja għad-detenturi kollha tal-privattivi, partikolarment għall-SMEs, l-individwi u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;

***Approċċ ġenerali***

7. Jagħraf li l-istabbiliment ta' sistema ta' litigazzjoni dwar il-privattivi koerenti fl-Istati Membri li jieħdu sehem fil-kooperazzjoni msaħħa għandu jsir permezz tal-Ftehim;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

8. Għaldaqstant jisħaq li:

(i) l-Istati Membri Kontraenti jistgħu jkunu biss Stati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(ii) il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ meta tal-anqas tlettax-il Stati Membru Kontraenti, inklużi t-tliet Stati Membri fejn l-ogħla għadd ta' privattivi Ewropej kienu fis-seħħ fis-sena ta' qabel is-sena li fiha l-Konferenza Diplomatika għall-iffirmar tal-Ftehim isseħħ, ikunu rratifikaw il-Ftehim;

(iii) il-Qorti għandha tkun Qorti komuni għall-Istati Membri Kontraenti u suġġetta għall-istess obbligi bħal kwalunkwe qorti nazzjonali fir-rigward tal-konformità mal-liġi tal-Unjoni; għaldaqstant, pereżempju, il-Qorti għandha tikkoopera mal-Qorti tal-Ġustizzja billi tapplika l-Artikolu 267 TFUE;

(iv) il-Qorti għandha taġixxi skont il-ġabra tal-każijiet tal-Unjoni u tirrispetta l-prevalenza tagħha; f'każ li l-Qorti tal-Appell tikser il-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri Kontraenti għandhom ikunu responsabbli konġuntament għad-danni mġarrba mill-partijiet għall-proċedura rispettiva; il-proċeduri ta' ksur skont l-Artikoli 258, 259 u 260 TFUE kontra l-Istati Membri Kontraenti kollha għandhom japplikaw;

9. Jilqa' l-istabbiliment ta' ċentru ta' medjazzjoni u arbitraġġ fi ħdan il-qafas tal-ftehim;

***L-Istruttura tas-Sistema għal-Litigazzjoni dwar il-Privattivi***

10. Iqis li jeħtieġ li sistema ġudizzjarja effiċjenti għal-litigazzjoni tkun deċentralizzata u huwa tal-opinjoni li:

(i) is-sistema għal-litigazzjoni tal-Qorti għandha tikkonsisti fl-ewwel istanza ('Qorti ta' Prim'Istanza') u istanza għall-appell ('Qorti tal-Appell'); sabiex jiġu evitati l-ineffiċjenzi u proċedimenti twal, m'għandhomx jiżdiedu istanzi ulterjuri;

(ii) qorti ta' prim'istanza deċentralizzata għandha tikkonsisti, apparti minn diviżjoni ċentrali, minn diviżjonijiet lokali u reġjonali wkoll;

(iii) diviżjonijiet lokali addizzjonali tal-ewwel istanza għandhom jitwaqqfu fi Stat Membru Kontraenti, fuq talba tiegħu, meta f'dak l-Istat Membru Kontraenti jkunu nbdew aktar minn 100 kawża għal kull sena kalendarja matul it-tliet snin suċċessivi ta' qabel jew ta' wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim; jipproponi wkoll li l-għadd ta' diviżjonijiet fi Stat Membru Kontraenti wieħed m'għandux ikun ta' aktar minn erbgħa;

(iv) għandha titwaqqaf diviżjoni reġjonali għal żewġ Stati Membri Kontraenti jew aktar, fuq talba tagħhom;

***Il-Kompożizzjoni tal-Qorti u l-kwalifiki tal-Imħallfin***

11. Jenfasizza li l-effiċjenza tas-sistema għal-litigazzjoni tiddependi l-aktar fuq il-kwalità u l-esperjenza tal-imħallfin;

12. F'dan ir-rigward:

(i) jirrikonoxxi li l-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Appell u tal-Qorti ta' Prim'Istanza għandha tkun multinazzjonali; jenfasizza li l-kompożizzjoni tagħhom għandha tqis l-istrutturi eżistenti tal-qrati, filwaqt li wieħed ikun jaf, madankollu, li l-objettiv suprem huwa li tiġi stabbilita qorti ġdida verament uniformi; jipproponi, għaldaqstant, li l-kompożizzjoni tad-diviżjonijiet lokali għandha ssir, malajr kemm jista' jkun, multinazzjonali, li jistgħu jiġu ammessi derogi motivati għal dan il-għan fundamentali wara li l-kumitat amministrattiv jaċċetta perjodu massimu tranżitorju ta' ħames snin, filwaqt li jrid jiġi żgurat li l-istandard tal-kwalità u tal-effiċjenza tal-istrutturi eżistenti ma jonqsux; iqis li perjodu ta' ħames snin għandu jintuża għal taħriġ u għat-tħejjija intensivi tal-imħallfin;

(ii) jemmen li l-Qorti għandha tkun magħmula minn imħallfin li jkunu kwalifikati mil-lat legali u imħallfin kwalifikati mil-lat tekniku; l-imħallfin għandhom jiżguraw l-ogħla standards ta' kompetenza u kapaċità ppruvata fil-qasam tal-litigazzjoni dwar il-privattivi u tal-liġi tal-antitrust. din il-kwalifika għandha tkun murija fost l-oħrajn b'esperjenza ta' xogħol u taħriġ professjonali rilevanti; l-imħallfin ikkwalifikati mil-lat legali għandu jkollhom il-kwalifiki meħtieġa għall-karigi ġudizzjarji fi Stat Membru Kontraenti; l-imħallfin ikkwalifikati mil-lat tekniku għandu jkollhom lawrja universitarja u tagħrif speċjalizzat f'qasam tat-teknoloġija kif ukoll għarfien tal-liġi ċivili u tal-liġi proċedurali ċivili;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

(iii) jipproponi li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-kompożizzjoni tal-Qorti, ladarba jkunu fis-seħħ, m'għandhomx ikunu emendati sakemm l-objettivi tas-sistema ta' litigazzjoni, jiġifieri l-ogħla kwalità u effiċjenza, ma jkunux sodisfati minħabba dawn id-dispożizzjonijiet; jipproponi li d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-għamla tal-Qorti għandhom jittieħdu b'unanimità mill-entità kompetenti;

(iv) hu tal-opinjoni li l-Ftehim għandu jkun fih salvagwardji li jiżguraw li l-imħallfin ikunu eliġibbli biss jekk ma jkunx hemm dubju dwar in-newtralità tagħhom, partikolarment jekk ikunu ħadmu bħala Membri tal-bordijiet tal-appell ta' uffiċċju nazzjonali tal-privattivi jew l-EPO;

***Proċedura***

13. Iqis, fir-rigward tal-kwistjonijiet proċedurali, li:

(i) irid ikun hemm sett ta' regoli proċedurali li jkunu applikabbli għall-proċedimenti quddiem id-diviżjonijiet u l-istanzi kollha tal-Qorti;

(ii) il-proċedimenti quddiem il-Qorti, li jikkonsistu fi proċedura bil-miktub, interim u orali, għandhom idaħħlu l-elementi ta' flessibilità meqjusa xierqa, billi jitqiesu l-objettivi tal-ħeffa u tal-effiċjenza tal-proċedimenti;

(iii) il-lingwa użata fil-proċedimenti quddiem kull diviżjoni lokali jew reġjonali għandha tkun il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru Kontraenti li jkun qed jospita d-diviżjoni jew il-lingwa uffiċjali maħtura mill-Istati Membri Kontraenti li jkunu jaqsmu diviżjoni reġjonali; il-partijiet għandhom ikunu ħielsa li jagħżlu lingwa li fiha tkun ingħatat il-privattiva bħala l-lingwa tal-proċedimenti, soġġetta għall-approvazzjoni mid-diviżjoni kompetenti; Il-lingwa tal-proċedimenti quddiem id-diviżjoni ċentrali għandha tkun il-lingwa li biha ngħatat il-privattiva kkonċernata; il-lingwa tal-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Appell għandha tkun il-lingwa tal-proċedimenti quddiem il-Qorti ta' Prim'Istanza;

(iv) il-Qorti għandu jkollha s-setgħa li toħroġ inġunzjonijiet preliminari biex ma tħallix li jitwettaq ksur imminenti u timpedixxi li jitkompla l-ksur allegat; din is-setgħa m'għandhiex, madankollu, twassal għall-għażla inġusta tal-ġuriżdizzjoni l-aktar favorevoli (forum shopping); kif ukoll

(v) il-partijiet għandhom ikunu rappreżentati biss minn avukati awtorizzati li jipprattikaw quddiem qorti ta' wieħed mill-Istati Membri Kontraenti; ir-rappreżentanti tal-partijiet jistgħu jkunu megħjuna minn avukati dwar il-privattivi li għandhom jitħallew jitkellmu f'seduti ta' smigħ quddiem il-Qorti;

***Il-Ġuriżdizzjoni u l-effett tad-deċiżjonijiet tal-Qorti***

14. Jissottolinja li:

(i) il-Qorti għandu jkollha l-ġuriżdizzjoni esklussiva fir-rigard tal-privattivi Ewropej b'effett unitarju u fuq il-privattivi Ewropej li jaħtru Stat Membru Kontraenti jew aktar; jinħtieġ, għal dan il-għan, li r-Regolament (KE) Nru 44/2001 jiġi emendat ([1]),

(ii) ir-rikorrent għandu jippreżenta l-każ quddiem id-diviżjoni lokali fit-territorju ta' Stat Membru Kontraenti fejn ikun sar il-ksur jew fejn jista' jsir, jew fejn il-konvenut ikun domiċiljat jew ikollu stabbiliment, jew quddiem id-diviżjoni reġjonali li fiha jipparteċipa dan l-Istat Membru Kontraenti; jekk l-Istat Membru Kontraenti kkonċernat ma jospitax diviżjoni lokali u ma jipparteċipax f'diviżjoni reġjonali, l-attur għandu jressaq il-każ quddiem id-diviżjoni ċentrali; il-partijiet għandhom ikunu ħielsa li jaqblu quddiem liema diviżjoni tal-Qorti ta' Prim'Istanza (lokali, reġjonali jew ċentrali) għandu jitressaq każ;

(iii) fil-każ ta' kontrotalba għal revoka, id-diviżjoni lokali jew reġjonali għandu jkollha d-diskrezjoni li tipproċedi bil-proċedura ta' ksur irrispettivament jekk id-diviżjoni tipproċedix hija wkoll bil-kontrotalba jew jekk tirreferix il-kontrotalba lid-diviżjoni ċentrali;

(iv) ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti, ladarba jkunu fis-seħħ, m'għandhomx ikunu emendati sakemm l-objettivi tas-sistema ta' litigazzjoni, jiġifieri l-ogħla kwalità u effiċjenza, ma jkunux sodisfati minħabba dawn id-dispożizzjonijiet; jipproponi li d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti għandhom jittieħdu b'unanimità mill-entità kompetenti;

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1).

**It-Tlieta 11 ta’ Diċembru 2012**

(v) id-deċiżjonijiet tad-diviżjonijiet kollha tal-Qorti ta’ Prim’Istanza kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell għandhom ikunu esegwibbli fi kwalunkwe Stat Membru Kontraenti mingħajr il-ħtieġa ta’ dikjarazzjoni ta’ esegwibilità;

(vi) ir-rabta bejn il-Ftehim u r-Regolament (KE) Nru 44/2001 għandha tkun iċċarata fil-Ftehim;

***Liġi Sostantiva***

15. Huwa tal-opinjoni li l-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha fuq il-Liġi tal-Unjoni, fuq il-Ftehim, fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Privattivi (KEP) u fuq il-liġi nazzjonali adottata skont il-KEP, fuq id-dispożizzjonijiet ta’ ftehimiet internazzjonali applikabbli għall-privattivi u li jorbtu lill-Istati Membri Kontraenti kollha, kif ukoll fuq il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri Kontraenti fid-dawl tal-liġi tal-Unjoni applikabbli;

16. Jenfasizza li Privattiva Ewropea b’effett unitarju għandha tikkonferixxi fuq il-proprjetarju tagħha d-dritt li jipprevjeni l-użu dirett jew indirett tal-invenzjoni minn kwalunkwe parti terza li ma jkollhiex il-kunsens tal-proprjetarju fit-territorji tal-Istati Membri Kontraenti, li l-proprjetarju għandu jkun intitolat għal kumpens għad-danni f’każ ta’ użu illegali tal-invenzjoni, u li l-proprjetarju għandu jkun intitolat li jirċievi l-profitt mitluf minħabba l-ksur u telf ieħor, ħlas adegwat għad-drittijiet tal-liċenzja jew il-profitt li jirriżulta mill-użu illegali tal-invenzjoni;

o

o o

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2012)0482

## Il-prevenzjoni ta’ mard tan-nisa marbut mal-età

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Diċembru 2012 dwar il-prevenzjoni ta’ mard tan-nisa marbut mal-età (2012/2129(INI))**

(2015/C 434/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 168 tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-White Paper intitolata “Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013” (COM(2007) 0630),

— wara li kkunsidra l-White Paper “Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta’ saħħa marbuta man-Nutriment, il-Piż Żejjed u l-Obeżità” (COM(2007)0279),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-saħħa tan-nisa fl-Unjoni Ewropea,

— Wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-telemediċina għall-benefiċċju tal-pazjenti, tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tas-soċjetà (COM(2008)0689),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni “Kif għandna nittrattaw l-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fl-Unjoni Ewropea” (COM(2009)0180),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata “Is-Solidarjetà fis-saħħa: it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE” (COM(2009)0567),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Azzjoni kontra l-Kanċer: Sħubija Ewropea" (COM (2009)0291),

— wara li kkunsidra r-rapport "Empower Women – Combating Tobacco Industry Marketing in the WHO European Region" (WHO, 2010),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni "The 2012 Ageing Report: Underlying Assumptions and Projection Methodologies" (European Economy 4/11. Il-Kummissjoni, 2011),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 940/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill "Approċċi innovattivi għal mard kroniku fis-saħħa pubblika u s-sistemi tal-kura tas-saħħa" tas-7 ta' Diċembru 2010,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Presidenza Belġjana tat-23 ta' Novembru 2010 dwar id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-Samit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Mard Kroniku li ma Jitteħidx tad-19-20 ta' Settembru 2011,

— wara li kkunsidra l-programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni "Orizzont 2020", (COM(2011)0808),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurostat intitolat "It-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet – Stampa statistika tal-Unjoni Ewropea 2012",

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Ewrobarometru "It-tixjiħ attiv" (2012),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Il-Progress tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu" (COM(2012)0083),

— wara li kkunsidra l-White paper "Aġenda għal Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli", COM(2012)0055),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2006, dwar il-kanċer tas-sider fl-Unjoni Ewropea mkabbra ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 Frar 2007 dwar il-promozzjoni ta' dieta tajba għas-saħħa u tal-attività fiżika: dimensjoni Ewropea għall-prevenzjoni tal-ħxuna, l-obeżità u l-mard kroniku ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 dwar azzjoni biex jiġi miġġieled il-mard kardjovaskulari ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 dwar is-saħħa mentali ([6]), 25

([1]) ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.
([2]) ĠU L 246, 23.9.2011, p. 5.
([3]) ĠU C 313 E, 20.12.2006, p. 273.
([4]) ĠU C 250 E, 25.10.2007, p. 93.
([5]) ĠU C 175 E, 10.07.2008, p. 561.
([6]) ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 24.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Novembru 2009 dwar programmazzjoni konġunta tar-riċerka għall-ġlieda kontra l-mard newrodeġenerattiv, b'mod partikulari l-marda ta' Alzheimer ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2011 dwar inizjattiva Ewropea dwar il-marda ta' Alzheimer u dimenzji oħrajn ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Azzjoni kontra l-kanċer: Sħubija Ewropea" ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar ir-rwol tan-nisa f'soċjetà li qed tixjieħ ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar l-isfida demografika u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar l-aspett tal-faqar tan-nisa fl-Unjoni Ewropea ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2011 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa li jkunu qed joqorbu lejn l-età tal-pensjoni ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2011 dwar Il-pożizzjoni u l-impenn bil-quddiem tal-UE fil-laqgħa ta' livell għoli tan-NU dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li ma jitteħidx ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2012 dwar l-indirizzar tal-epidemija tad-dijabete fl-UE ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 dwar rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2012 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ([12]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0340/2012),

***Il-kuntest ġenerali***

A. billi l-Unjoni Ewropea tippromwovi d-dinjità tal-bniedem u tagħraf id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għall-kura preventiva u kura medika, u l-Artikolu 168(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara b'mod ċar li l-Istati Membri huma responsabbli għall-organizzazzjoni, il-ġestjoni u t-twettiq tas-servizzi tas-saħħa u l-kura medika, inkluża l-allokazzjoni tar-riżorsi. Huwa vitali li l-anzjani jkollhom id-dritt għal ħajja dinjituża u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali;

([1]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 23.
([2]) ĠU C 271 E, 7.10.2010, p. 7.
([3]) ĠU C 136 E, 11.5.2012, p. 35.
([4]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 95.
([5]) ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 49.
([6]) ĠU C 74 E, 13.3.2012, p. 19.
([7]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 77.
([8]) Testi adottati, P7_TA(2011)0360.
([9]) Testi adottati, P7_TA(2011)0390.
([10]) Testi adottati, P7_TA(2012)0082.
([11]) Testi adottati, P7_TA(2012)0225.
([12]) Testi adottati, P7_TA(2012)0069.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

B. billi t-tixjiħ demografiku huwa wieħed mill-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-Ewropa; billi fl-UE il-persuni li għandhom aktar minn 65 sena jammontaw għal aktar minn 87 miljun (17,4 % tal-popolazzjoni totali) u billi, skont il-previżjonijiet, se jkunu aktar minn 150 miljun fl-2060 (madwar 30 %),

C. billi, minkejja żieda sostanzjali fl-istennija tal-ħajja akkumpanjata minn standards ta' għajxien li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi industrijalizzati, li jippermettu li l-anzjani tal-lum ikunu ħafna aktar attivi milli fid-deċennji ta' qabel, l-isterjotipar negattiv u l-preġudizzji fir-rigward tal-anzjani qed ikomplu jiffurmaw ostakli kbar għall-integrazzjoni soċjali tagħhom, li jirriżultaw f'esklużjoni soċjali li jkollha impatt dirett fuq il-kwalità tal-ħajja u s-saħħa mentali tagħhom;

D. billi n-nisa għandhom stennija tal-ħajja akbar mat-twelid meta mqabbla mal-irġiel (82,4 sena għan-nisa b'paragun ma' 76,4 għall-irġiel); billi d-differenza fl-istennija ta' ħajja b'saħħitha hija anqas, 61,7 sena għall-irġiel u 62,6 sena għan-nisa;

E. billi r-rata ta' impjieg fost in-nisa ta' bejn il-55 u l-64 sena kienet 38,6 % fl-2010 meta mqabbla ma' 54,5 % għall-irġiel tal-istess età, billi skont il-miri tal-UE, 75 % tal-popolazzjoni fil-grupp ta' età bejn l-20 u l-64 sena għandhom ikunu impjegati sal-2020;

F. billi l-paga tan-nisa hija anqas minn dik tal-irġiel (fl-UE id-differenza medja fil-paga bejn is-sessi hija ta' 17,5 %); billi d-differenza fil-paga bejn is-sessi għall-grupp ta' età bejn l-55 u l-64 hija aktar minn 30 % f'ċerti Stati Membri u hija għolja sa 48 % għal min għandu aktar minn 65 sena; billi d-differenza fil-paga bejn is-sessi twassal għal differenza fil-pensjoni li ħafna drabi tirriżulta f'pensjonijiet korrispondentement aktar baxxi u minħabba f'hekk in-nisa jsibu liluhom infushom taħt il-livell tal-faqar;

G. billi sabiex ilaħħqu mal-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol, in-nisa jagħżlu impjiegi flessibbli bbażati d-dar, part-time, temporanji jew atipiċi, li jxekklu l-avvanz tal-karrieri tagħhom b'konsegwenzi sinifikanti fuq l-ammont tal-pensjoni tal-irtirar imħallsa, u li jagħmilhom partikolarment vulnerabbli għall-prekarjetà u l-faqar;

H. billi l-ġenerazzjoni ta' nisa li għandhom aktar minn 50 sena, li ħafna drabi hi deskritta bħala l-"ġenerazzjoni tan-nofs" jew tal-"bniet li jaħdmu u ommijiet li jaħdmu", għandhom tendenza li jkollhom anqas possibbiltajiet biex jieħdu ħsieb saħħithom hekk kif ħafna drabi jieħdu ħsieb il-ġenituri u n-neputijiet tagħhom;

I. billi fl-Ewropea 23,9 % tal-popolazzjoni bejn il-50 u l-64 sena tinsab fir-riskju ta' faqar; il-persentaġġi eżatti huma 25,9 % għan-nisa b'paragun ma' 21,7 % għall-irġiel; billi ċ-ċifri fl-Unjoni Ewropea jvarjaw minn 39 % sa 49 % skont il-pajjiż u f'pajjiż wieħed tal-UE ċ-ċifra tilħaq il-51 %,

J. billi anke wara divorzju, separazzjoni jew il-mewt tar-raġel 75,8 % tan-nisa li jkollhom aktar minn 65 sena jgħixu waħedhom u billi bħala medja 3 minn kull 10 idjar fl-Unjoni Ewropea huma djar fejn tgħix persuna waħda, li l-maġġoranza tagħhom jinkludu nisa li jgħixu waħedhom, b'mod partikolari nisa anzjani, u dan il-persentaġġ qiegħed dejjem jikber; billi d-djar fejn tgħix persuna waħda jew bi dħul wieħed fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri huma ttrattati b'mod mhux favorevoli, kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi, fir-rigward tat-taxxa, is-sigurtà soċjali, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet; billi l-politiki pubbliki ma għandhomx jippenalizzaw nies għax jgħixu – volontarjament jew involontarjament – waħedhom;

K. billi fl-2009 ir-rata ta' tiċħid materjali serju għan-nisa li jkollhom aktar minn 65 sena kienet ta' 7,6 % u tal-irġiel 5,5 %.

L. billi n-nisa anzjani bħala grupp żvantaġġat ta' spiss jiffaċċjaw ħafna diskriminazzjoni (pereżempju minħabba l-età, is-sess u l-isfond etniku tagħhom); billi nisa anzjani, li ta' spiss ikollhom status soċjoekonomiku baxx u jiltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet, jibbenefikaw minn miżuri ta' protezzjoni soċjali u aċċess għal sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa;

M. billi fiż-żoni rurali l-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa aktar diffiċli meta mqabbel maż-żoni urbani, speċjalment minħabba n-nuqqas ta' persunal tal-kura tas-saħħa speċjalizzat u ta' faċilitajiet tal-isptar, anke ta' servizzi ta' emerġenza medika;

N. billi n-nisa anzjani, speċjalment dawk li jgħixu f'iżolament, ta' spiss isibu ruħhom f'sitwazzjonijiet soċjali u ekonomiċi diffiċli li jaffetwaw il-kwalità tal-ħajja tagħhom u l-istat tas-saħħa fiżika u mentali tagħhom;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

O. billi, sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tan-nisa anzjani, huwa meħtieġ għarfien aħjar tal-mard li jaffettwahom;

P. billi dawn il-fatturi kollha, fosthom l-iżolament, jaffettwaw il-kapaċità tan-nisa anzjani biex joħolqu u/jew iżommu netwerks soċjali u b'hekk ikollhom ħajja attiva;

***Mard marbut max-xjuħija***

Q. billi n-nisa, minħabba stennija ta' ħajja itwal u s-sensittività dwar is-sessi ta' ċerti mard, jintlaqtu aktar minn mard kroniku u debilitanti, u għalhekk b'mod korrispondenti huma aktar vulnerabbli għad-deterjorament fil-kwalità tal-ħajja tagħhom;

R. billi bejn l-irġiel u n-nisa hemm differenza fl-impatt, il-progressjoni u l-konsegwenzi ta' għadd ta' patoloġiji;

S. billi, skont l-aħħar ċifri disponibbli (IARC) it-tumuri li jolqtu l-aktar ta' spiss lin-nisa huma l-kanċer tas-sider (29,7 %), il-kanċer kolorettali (13,5 %) u tal-pulmun (7,4 %),

T. billi l-mard kardjovaskolari joqtol aktar minn żewġ miljun persuna kull sena fl-Istati Membri, u din iċ-ċifra tirrappreżenta 42 % tal-imwiet kollha fl-UE u huma l-kawża ta' 45 % tal-imwiet fost in-nisa b'paragun ma' 38 % fost l-irġiel;

U. billi d-dijabete hija waħda mill-mard li ma jitteħidx l-aktar komuni li tolqot aktar minn 33 miljun ċittadin tal-UE, ċifra li x'aktarx tiżdied sa 38 miljun fl-2030; billi fl-2010 madwar 9 % tal-adulti (20 sa 79 sena) tal-popolazzjoni tal-UE kienu dijabetiċi,

V. billi l-età hija fattur ta' riskju għall-iżvilupp tal-mard newrodeġenerattiv bħall-marda ta' Alzheimer (l-aktar forma komuni ta' dimenzja); billi l-mard newrodeġenerattiv huwa l-aktar frekwenti fil-persuni li għandhom aktar minn 65 sena (jolqot madwar persuna minn 20 wara l-65 sena; waħda minn 5 wara t-80 sena u waħda minn 3 wara d-90 sena); billi aktar minn 7,3 miljun persuna jbatu mid-dimenzja fl-Ewropa; billi l-istudji juru li r-rata ta' prevalenza tal-marda tal-Alzheimer hija ta' 81,7 % fost in-nisa li għandhom aktar minn 90 sena (filwaqt li r-rata tal-irġiel hija ta' 24 %); billi l-istigma u n-nuqqas ta' għarfien dwar il-mard newrodeġenerattiv bħad-dimenzja jwasslu għal dewmien fid-dijanjosi u riżultat ħażin tat-trattament;

W. billi d-dimenzja hija aktar komuni fin-nies li għandhom aktar minn 65 sena, din taffettwa madwar persuna minn kull 20 li għandhom aktar minn 65 sena, persuna minn kull ħamsa li għandhom aktar minn 80 sena, u persuna minn kull tlieta li għandhom aktar minn 90 sena; filwaqt li ġeneralment, il-prevalenza hi aktar għolja fost in-nisa anzjani milli fost l-irġiel anzjani;

X. billi n-nisa jinsabu f'riskju akbar li jiżviluppaw mard tal-għadam u l-ġogi (osteoartrite, artrite rewmatika, osteoporożi u fraġilità tal-għadam); billi madwar 75 % tal-ksur fil-ġenbejn ikkawżat mill-osteoporożi huma fin-nisa;

Y. billi l-fatturi ewlenin ta' riskju għal mard kardjovaskulari, tumuri, dijabete, obeżità u mard kroniku ostruttiv huma t-tipjip, in-nuqqas ta' attività fiżika, dieta ħażina, abbuż mill-alkoħol u tniġġis ambjentali,

Z. billi d-depressjoni u l-ansjetà jirrappreżentaw forom serji ta' disturb psikoloġiku li aktar jolqot lin-nisa milli lill-irġiel; billi għan-nisa, l-inċidenza tagħha fl-Ewropa hija stmata mid-WHO bejn it-2 u l-15 % fil-grupp ta' età ta' aktar minn 65 sena;

AA. billi l-problemi fis-smigħ u d-disturbi fl-għajnejn jikkontribwixxu wkoll b'mod sostanzjali għall-piż tas-snin li wieħed jgħix b'limitazzjonijiet funzjonali, id-dijanjosi f'waqtha u adegwata, il-kura ta' kwalità u l-aċċess għal apparat mediku ta' kwalità jistgħu jipprevjenu deterjorament ulterjuri jew jirrestawraw parzjalment il-funzjonament;

AB. billi fost il-madwar 600,000 Ewropew li jsofru mill-isklerożi multipla, il-parti l-kbira tal-morda huma nisa; billi din hija l-aktar marda newrodeġenerattiva mifruxa kif ukoll waħda mill-kawżi ewlenin ta' diżabilità mhux trawmatika fin-nisa anzjani;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

***Aċċess għas-servizzi tas-saħħa***

AC. billi huwa meħtieġ li jkun garantit aċċess ugwali għas-servizzi tas-saħħa għan-nisa u l-irġiel u li titjieb il-kwalità tal-kura tas-saħħa u, li ċ-ċirkostanzi partikolari tan-nisa li spiss jgħixu waħedhom f'żoni rurali għandhom jingħataw aktar attenzjoni, filwaqt li jiġi rispettat l-Artikolu 168(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

AD. billi s-sitwazzjoni ekonomika tan-nisa anzjani, li minħabba n-nuqqas ta' ugwaljanza bbażata fuq is-sessi marbuta mas-salarji, il-pensjonijiet u dħul ieħor, tagħmilhom partikolarment vulnerabbi għal sitwazzjonijiet ta' prekarjetà u faqar, u jkollhom inqas riżorsi finanzjarji li jistgħu jużaw għall-kura tas-saħħa u t-trattamenti mediċi li għandhom bżonn;

AE. billi t-telemediċina tista' ttejjeb l-aċċess għal assistenza medika mhux disponibbli f'żoni b'aċċess diffiċli u tista' ttejjeb il-kwalità u l-frekwenza tal-assistenza medika speċjalizzata mitluba mill-kundizzjonijiet ta' saħħa ta' ċerti persuni anzjani;

***Riċerka u prevenzjoni***

AF. billi l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni huma fundamentali għall-konservazzjoni ta' livell għoli ta' ħajja u b'hekk tkun tista' tiġi ffaċjata l-isfida kbira tat-tixjiħ;

AG. billi l-prevenzjoni u d-dijanjosi bikrija jwasslu għal titjib fis-saħħa fiżika u mentali tal-irġiel u tan-nisa, u dan jippermetti li titwal l-istennija tal-ħajja f'saħħa tajba u jitnaqqsu l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa, filwaqt li tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-tul;

AH. billi l-miżuri preventivi jeħtieġu li jkunu prijorità fil-kura tas-saħħa, b'attenzjoni speċjali lejn il-grupp żvantaġġati;

AI. billi l-għarfien dwar is-saħħa huwa rekwiżit meħtieġ sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jorjentaw ruħhom aħjar f'sistemi tal-kura tas-saħħa kumplessi u jtejbu l-għarfien tar-rwol tagħhom fil-prevenzjoni ta' mard marbut mal-età tul il-ħajja tagħhom;

AJ. billi s-sensittività dwar is-sessi tal-mard u l-mediċini għadha ma ġietx studjata b'mod suffiċjenti peress li l-provi kliniċi saru l-iżjed fuq irġiel żgħar fl-età;

AK. billi skont l-IARC l-iscreening tas-sider, jekk ikollu kopertura ta' aktar minn 70 %, jista' jnaqqas minn 20 % sa 30 % il-mortalità minn kanċer tas-sider fin-nisa li jkollhom aktar minn 50 sena,

AL. billi n-nisa jużaw aktar il-mediċina u r-rimedji ta' ħxejjex mediċinali, li l-impatti tagħhom jeħtieġu aktar riċerka sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' interazzjoni;

AM. billi tul ħajjithom in-nisa jaffrontaw ħafna tibdil ormonali u jagħmlu użu minn mediċini farmaċewtiċi speċifiċi marbuta mal-età fertili u mal-menopawża;

AN. billi 9 % tan-nisa jagħmlu użu frekwenti ta' antidepressivi meta mqabbla ma' 5 % tal-irġiel,

AO. billi skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), bejn 4 u 6 % tal-anzjani esperjenzaw xi forma ta' abbuż fi djarhom stess, li jvarja minn abbuż fiżiku, sesswali, u psikoloġiku, sa sfruttament finanzjarju, negliġenza, u abbandun;

***Il-kuntest ġenerali***

1. jagħraf li, minkejja li n-nisa jgħixu aktar mill-irġiel, ma jgħaddux numru akbar ta' snin f'saħħa tajba, fi kliem ieħor mingħajr limitazzjoni fuq l-attività jew diżabbiltajiet sinifikanti 62,6 snin għan-nisa; u 61,7 snin għall-irġiel;

2. Jinnota li nisa anzjani għandhom bżonn ta' biżżejjed aċċess għall-kura tas-saħħa u għajnuna fid-dar biex ikunu jistgħu jgawdu minn drittijiet ugwali u jgħixu ħajja indipendenti;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika rapport ġdid fuq is-saħħa tan-nisa, b'attenzjoni partikolari għall-grupp ta' età akbar minn 65 sena u għall-indikaturi marbuta mat-tixjiħ attiv;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

4. Jisħaq li l-politiki maħsuba biex jibbilanċjaw il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol u l-parteċipazzjoni soċjali jippermettu lill-mara biex tiffaċċja aħjar it-tixjiħ attiv u b'saħħtu, u għalhekk jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-isforzi tagħhom f'din id-direzzjoni;

5. Jistieden lill-Istati Membri jħeġġu l-integrazzjoni sħiħa, l-involviment akbar u l-parteċipazzjoni attivà tan-nisa anzjani fil-ħajja soċjali;

6. Jenfasizza l-importanza ta' faċilitajiet kulturali u edukattivi għall-anzjani;

7. Jitlob li jkun hemm miżuri konkreti u effettivi, bħall-adozzjoni tad-direttiva tat-trattament indaqs, biex tiġi indirizzata l-multidiskriminazzjoni li ħafna drabi jaffaċċjaw in-nisa anzjani;

8. Jappoġġa l-inizjattivi maħsuba biex itejbu l-prevenzjoni tal-mard u t-titjib tas-saħħa fost l-anzjani, kif ukoll biex jippreservaw l-awtonomija tagħhom;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippubblikaw rapport dwar il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jappoġġaw it-tixjiħ attiv u dwar l-impatt tagħhom, bil-għan li jiġu identifikati l-aqwa prattiki u jiġu ddeterminati azzjonijiet futuri li għandhom isiru fuq livell Ewropew;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu attitudni aktar pożittiva lejn it-tixjiħ kif ukoll li jżidu l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE dwar il-kwistjonijiet marbuta mat-tixjiħ u l-effetti reali tiegħu, li kien wieħed mill-messaġġi ewlenin tas-sena 2012 bħala sena ta' tixjiħ attiv u solidarjetà interġenerazzjonali;

11. Iqis li l-għażla ta' approċċ ta' tul il-ħajja, fejn l-interkonnessjonijiet tat-tixjieħ u s-sess jiġu kkunsidrati, hija l-futur ta' politiki dwar it-tixjieħ;

12. jinnota li l-ispejjeż pubbliċi fil-qasam tas-saħħa jikkostitwixxu 7,8 % tal-PDG fl-UE u sal-2060 huwa stmat li, minħabba t-tixjiħ demografiku, l-ispiża għall-kura fit-tul u fil-qosor se tiżdied għal 3 %;

13. Jistieden lill-Istati Membri jiddedikaw attenzjoni għall-immigranti nisa anzjani, li jsofru minn kondizzjonijiet ekonomiċi u soċjali ħarxa u ħafna drabi jiltaqgħu ma' diffikultajiet fil-kisba ta' aċċess għal miżuri ta' protezzjoni soċjali u servizzi tal-kura tas-saħħa; jikkunsidra li attenzjoni partikolari għandha tiġi ddedikata għan-nisa individwali, ir-romol u n-nisa separati li l-kwalità tal-ħajja u s-saħħa tagħhom ġew affettwati bħala riżultat;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jirrikonoxxu bis-sħiħ id-dimensjoni tas-sessi fis-saħħa bħala parti essenzjali fil-politiki dwar is-saħħa tal-UE u l-politiki nazzjonali dwar is-saħħa;

15. Jistieden lill-Istati Membri jilħqu bilanċ tajjeb bejn l-implimentazzjoni ta' miżuri drastiċi għall-ġlieda kontra l-kriżi finanzjarja u ekonomika u jipprovdu fondi suffiċjenti u adegwati għall-kura soċjali u tas-saħħa biex jgħinu fil-ġestjoni tax-xejra demografika tat-tixjiħ demografiku;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika valutazzjoni tal-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fuq in-nisa anzjani, b'attenzjoni partikolari fuq l-aċċess għall-kura tas-saħħa preventiva u trattament;

17. Jinnota li strateġiji komprensivi u fil-fond fis-settur tas-saħħa jeħtieġu l-kooperazzjoni tal-gvernijiet, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet tas-saħħa pubblika, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-pazjenti, il-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa u partijiet oħra kkonċernati bit-tixjiħ b'saħħtu;

18. Isostni l-ħtieġa li tinbena u tiġi promossa Unjoni Ewropea li hija aktar sensittiva għall-bżonnijiet u għall-interessi tan-nisa u tal-irġiel anzjani, bl-inklużjoni ta' perspettiva tas-sessi fir-rigward tal-miżuri u l-politiki kollha ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni sabiex jiżguraw tixjiħ attiv u b'saħħtu għal kulħadd;

***Mard marbut max-xjuħija***

19. Jindika li ħafna mard fin-nisa ta' spiss mhuwiex ikkunsidrat biżżejjed, bħall-każ tal-mard tal-qalb li jitqies bħala problema maskili; jiddispjaċih li ħafna każijiet ta' attakk tal-qalb fin-nisa ma jiġux identifikati għaliex is-sintomi huma ġeneralment differenti minn dawk tal-irġiel; jenfasizza li anke t-trattamenti għandhom jikkunsidraw l-ispeċifiċitajiet bijoloġiċi tas-sess;

20. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu kampanji ta' informazzjoni pubblika maħsuba għan-nisa bil-ħsieb li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-fatturi ta' riskju marbuta mal-mard kardjovaskulari u jimplimentaw programmi speċjalizzati għat-taħriġ kontinwu tal-operaturi tas-saħħa;

21. Jiddispjaċih bil-fatt li mhijiex qed tingħata biżżejjed informazzjoni għall-problema taż-żieda tal-konsum ta' alkoħol fost in-nisa anzjani fl-Ewropa u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jniedu studji biex jindirizzaw din il-problema u l-impatt tagħha fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom;

22. Jinnota b'inkwiet iż-żieda fin-numru ta' nisa li jpejpu biż-żieda konsegwenti tar-riskju li jinħakmu mill-kanċer tal-pulmun apparti problemi kardjovaskulari u ċirkolatorji; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jintroduċu programmi kontra t-tipjip, b'attenzjoni speċjali għan-nisa żgħażagħ (id-WHO tistima li fl-Ewropa il-persentaġġ ta' nisa li jpejpu se jitla' minn 12 % għal madwar 20 % sal-2025);

23. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi inizjattivi bil-għan li jiġi promoss it-titjib fis-saħħa, anke permezz ta' informazzjoni adegwata dwar ir-riskji marbuta mat-tipjip u l-alkoħol, u dwar il-benefiċċji ta' dieta tajba u attività fiżika adegwata bħala mezzi biex jiġu evitati l-obeżità u l-pressjoni għolja u l-kumplikazzjonijiet marbuta magħhom;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw kampanji informattivi maħsuba għan-nisa li deħlin jew qegħdin fil-menopawża;

25. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-għarfien pubbliku rigward il-mard tal-għadam u tal-ġogi billi jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni pubblika u edukattivi dwar il-prevenzjoni u l-kura tiegħu;

26. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħti bidu għal pjan ta' azzjoni tal-UE fuq il-Mard li ma Jitteħidx bħala segwitu għar-riżultati tas-Samit tan-NU dwar il-Mard li ma Jitteħidx f'Settembru 2011 u l-proċess ta' konsulatazzjoni pubblika mniedi mill-Kummissjoni f'Marzu-April 2012;

27. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq iż-żgħażagħ, partikolarment fir-rigward tar-reviżjoni futura tad-Direttiva 2001/37/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal u timplimenta strateġija speċifika tal-UE fil-forma ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni, id-djanjosi u l-ġestjoni tad-dijabete li tkopri wkoll informazzjoni u riċerka, inkluż approċċ li jiffoka fuq is-sessi u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa; filwaqt li jiġi rispettat l-Artikolu 168(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

29. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw approċċ olistiku u sensittiv għas-sess għall-marda ta' Alzheimer u dimenzji oħra sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja u d-dinjità tal-pazjenti u l-familji tagħhom;

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw kampanji ta' informazzjoni pubbliċi dwar il-marda ta' Alzheimer (jiġifieri informazzjoni dwar il-marda, il-possibilitajiet ta' trattament u kura) f'kooperazzjoni mal-assoċjazzjonijiet tal-marda ta' Alzheimer nazzjonali u Ewropej;

31. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu b'mod urġenti pjanijiet u strateġiji nazzjonali għall-marda ta' Alzheimer jekk ma jkunux għamlu hekk;

32. Jinnota bi tħassib li fl-UE ir-rata l-aktar għolja ta' suwiċidji hija fost persuni li jkollhom aktar minn 65 sena u li l-każi ta' attentat għal suwiċidju fost in-nisa huma aktar minn dawk fost l-irġiel u qed jiżdiedu minħabba r-riċessjoni ekonomika aggravata mill-impatt fuq in-nisa anzjani; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippubblika studju fuq ir-rabta bejn dawn l-istatistiki u l-impatt disproporzjonat tal-kriżi ekonomika fuq in-nisa anzjani;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

33. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni u l-Eurostat, il-ġbir tad-dejta, maqsuma skont is-sess u l-età, u informazzjoni relatata mas-saħħa mentali u għar-relazzjoni bejn is-saħħa mentali s-snin ta' ħajja b'saħħitha;

34. Jistieden lill-Istati Membri jorganizzaw korsijiet ta' taħriġ speċifiku għat-tobba tal-familja u għall-operaturi tas-servizzi psikjatriċi, inklużi tobba, psikologi u infermiera, dwar il-prevenzjoni u t-trattament tal-mard newrodeġenerattiv u l-mard relatat mad-depressjoni, filwaqt li tingħata attenzjoni speċifika għall-isfidi ulterjuri li jiffaċċjaw in-nisa anzjani;

35. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-azzjonijiet fil-qasam tal-mard li jiddiżabilita l-memorja, bħad-dimenzja, u jżidu l-isforzi tagħhom fir-riċerka medika u soċjali sabiex iżidu l-kwalità tal-ħajja tan-nies bil-marda u ta' min jieħu ħsiebhom, jiżguraw is-sostenibbiltà tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura u jagħtu spinta lit-tkabbir fil-livell Ewropew;

36. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-persunal tas-settur pubbliku u privat li jipprovdu kura għall-anzjani jieħdu sehem fi programmi ta' taħriġ kontinwi u jgħaddu minn valutazzjoni regolari;

37. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu studji mediċi speċjalizzati fil-ġerontoloġija f'universitajiet pubbliċi;

***Aċċess għas-servizzi tas-saħħa***

38. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw l-inizjattivi meħtieġa biex jgħinu lin-nisa anzjani jkollhom aċċess għas-servizzi mediċi u tas-saħħa, inklużi nisa li jgħixu 'l bogħod minn ċentri kbar u f'żoni b'aċċess diffiċli, irrispettivament miċ-ċirkustanzi personali, ekonomiċi u soċjali tagħhom, filwaqt li tingħata enfażi lill-assistenza individwalizzata, inkluż l-itwal perjodu possibbli ta' kura fid-dar, f'forom speċifiċi ta' appoġġ u assistenza lil minn jipprovdi l-kura u lit-telemediċina, sakemm tkun tista' titjieb il-kwalità tal-ħajja ta' dawk li qed ibatu minn mard kroniku u jitnaqqsu l-listi ta' stennija;

39. Jistieden lill-Istati Membri, meta jippjanaw baġits għas-servizz tas-saħħa, li janalizzaw, jimmonitorjaw u jiggarantixxu wkoll id-dimensjoni tas-sessi;

40. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw ulterjorment is-servizzi tas-saħħa elettroniċi u soluzzjonijiet għall-għajxien li jassistu ambjent sensittiv għas-sessi sabiex jiffavorixxu għajxien indipendenti fid-djar u jagħmlu s-servizzi tas-saħħa aktar effiċjenti u aċċessibbli għan-nisa anzjani li jkunu iżolati minħabba raġunijiet ta' mobilità u li huma l-aktar ta' spiss esklużi mill-benefiċċji ta' dawn il-faċilitajiet, u jistabbilixxu netwerk ta' konsulenza bit-telefown 24 siegħa;

41. Jitlob li jittieħed approċċ ibbażat fuq id-drittijiet sabiex il-persuni anzjani jkollhom rwol attiv meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-għażla u t-tip tas-servizzi ta' kura u dawk soċjali li jiġu pprovduti lilhom;

42. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-mard, iqisu l-qgħad u d-diffikultajiet soċjali tan-nisa sabiex dawn tal-aħħar ma jitħallewx mingħajr protezzjoni.

43. Iqis li huwa importanti li jkun appoġġat u ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi mediċi u tal-kura tas-saħħa u ta' assistenza, għan-nisa li, minkejja problemi ta' saħħa personali, iridu jieħdu ħsieb persuni dipendenti oħra;

44. Iħeġġeġ li l-istituzzjonijiet pubbliċi u privati li jipprovdu l-kura tas-saħħa għall-anzjani u li jkunu konformi mal-isptarijiet jiġu organizzati mill-ġdid b'mod aktar konġenjali għall-pazjenti, mhux biss billi jipprovduhom b'kura medika iżda anke billi jagħtu prijorità lil kwalunkwe forma ta' attività indipendenti jew kreattiva sabiex jiġi pprevenutu milli jiġu istituzzjonalizzati;

45. Jemmen bis-sħiħ li l-pazjenti anzjani f'kura residenzjali pubblika jew privata jridu jiġu kkonsultati rigward it-tmexxija ta' dawn l-istituzzjonijiet;·

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

46. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-ammont dejjem jikber ta' tobba u parademiċi jingħata taħriġ avvanzat u jkun ippreparat li jadotta approċċ li, minħabba l-fatturi speċifiċi involuti relatati mas-sess u l-età, għandu jikkunsidra l-ħtiġijiet psikoloġiċi, relazzjonali u informattivi partikolari tan-nisa anzjani;

47. Jitlob li l-istudji mediċi jinkludu aktar taħriġ fis-smigħ u fil-psikoloġija; Jitlob ukoll li l-assistenti soċjali jkunu aktar involuti f'din il-politika ta' prevenzjoni;

48 Iħeġġeġ lill-assoċjazzjonijiet u l-linji tat-telefown għall-għajnuna jipprovdu l-kura, il-protezzjoni u l-appoġġ psikoloġiku għall-anzjani;

49. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiġbru d-data u jiskambjaw prattiki tajba, billi joqogħdu attenti li jinkludu perspettiva relatati mas-sessi, li jistgħu jikkontribwixxu għall-għarfien ta' prattiki tajbin dwar l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa b'mod partikolari billi jevitaw il-piżijiet amministrattivi u jiżviluppaw miżuri u politiki konkreti li jippermettu t-titjib fil-kwalità tal-ħajja tan-nisa anzjani u jagħtu wkoll pariri lill-gvernijiet dwar il-ħolqien ta' ambjent li jxerred l-għarfien dwar mard relatat mal-età fl-Istati Membri;

50. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu l-kura tas-saħħa preventiva għan-nisa anzjani billi pereżempju jipprovdu mammogrami aċċessibbli u regolari u smear tests ċervikali, biex iħassru l-limiti tal-età fl-aċċess għall-prevenzjoni tas-saħħa bħall-iscreening tal-kanċer tas-sider, u biex iqajmu kuxjenza dwar l-importanza tal-iscreening;

51. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex ixxerred fl-UE kollha kultura ta' prevenzjoni, u lill-Istati Membri jżidu l-kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni speċifiċi fl-iskejjel, universitajiet, fuq il-postijiet tax-xogħol u fiċ-ċentri għall-anzjani bil-kooperazzjoni tal-operaturi tal-qasam, tal-entitajiet lokali u tal-NGOs;

***Riċerka u prevenzjoni***

52. Jinnota bi tħassib ir-riżultati tar-riċerka tal-UE ppubblikati f'April 2011 li juru li madwar 28 % tan-nisa li għandhom 60 sena jew aktar ġew ittrattati ħażin fl-aħħar tnax-il xahar; Huwa tal-opinjoni li trid tingħata prijorità lill-protezzjoni tal-anzjani mill-abbuż, it-trattament ħażin, in-negliġenza u l-esplojtazzjoni, kemm jekk intenzjonalment u volontarjament jew bħala riżultat ta' traskuraġni; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-azzjonijiet tagħhom biex jipprevjenu l-abbuż tal-anzjani d-dar u fl-istituzzjonijiet;

53. Huwa importanti li jiġi adottat approċċ għar-riċerka medika li jikkunsidra l-problemi speċifikatament relatati mal-irġiel u n-nisa b'mod rispettiv;

54 Jindika li l-istrateġija għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (2010-2015) tagħraf li n-nisa u l-irġiel huma esposti għal mard u riskji għas-saħħa speċifiċi li jeħtieġu jiġu kkunsidrati b'mod xieraq fir-riċerka medika u fis-servizzi tal-kura tas-saħħa;

55. Jitlob li fil-kuntest tal-Orizzont 2020 jiġi żviluppat pjan strateġiku ta' riċerka dwar is-saħħa tan-nisa għad-deċennju li ġej u biex jinħoloq istitut ta' riċerka dwar is-saħħa tan-nisa sabiex tkun garantita l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan;

56. Huwa importanti li tkun garantita l-preżenza ta' nisa esperti fil-kumitati konsultattivi teknoloġiċi u xjentifiċi nazzjonali għall-valutazzjoni tal-farmaċewtiċi;

57. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu l-abbuż fuq l-anzjani bħala tema ta' riċerka fil-Programm Konġunt dwar il-Mard Newrodeġenerattiv biex titkejjel il-prevalenza u l-impatt tiegħu fuq in-nies bid-dimenzja;

58. Jappoġġa s-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni fil-kuntest tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu, li hija inizjattiva pilota li timmira li żżid b'sentejn l-istennija ta' ħajja b'saħħitha taċ-ċittadini tal-UE sal-2020 u timmira li tilħaq tliet objettivi għall-Ewropa rigward t-titjib tal-istandards tas-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani, kif ukoll tas-sostenibilità u tal-effiċjenza tal-arranġamenti ta' kura,

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

59. Jilqa' bi pjaċir il-proġetti u l-inizjattivi magħmula għat-titjib tad-drawwiet alimentari u tal-istil tal-ħajja (il-proġett EATWELL, il-Pjattaforma tal-UE fuq id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa, il-Qafas dwar it-Tnaqqis tal-Melħ) kif ukoll l-Isħubija Ewropea għall-azzjoni kontra l-kanċer;

60. Jenfasizza li l-objettivi u l-azzjonijiet kollha inklużi fit-tieni programm ta' azzjoni tal-UE fil-qasam tas-Saħħa għandhom jikkontribwixxu biex jippromwovu fehim aħjar u għarfien aħjar tal-ħtiġijiet rispettivi tal-irġiel u n-nisa u tal-approċċi rispettivi għas-saħħa;

61. Jilqa' bi pjaċir il-proposta tal-Kummissjoni dwar pakkett ta' miżuri għall-politika ta' koeżjoni (2014-2020) li tqis it-tixjiħ attiv u b'saħħtu u l-innovazzjoni fost il-prijoritajiet tagħha f'termini ta' investimenti;

62. Jiddispjaċih bil-fatt li 97 % tal-baġit tas-saħħa huwa ddedikat għat-trattament ta' mard li ma jittiħidx u 3 % biss għal investiment fil-prevenzjoni, filwaqt li l-ispiża tat-trattament u tal-immaniġġjar tal-mard li ma jitteħidx qed tiżdied minħabba d-disponibilità akbar ta' djanjostika u trattamenti; jitlob f'dan ir-rigward lill-Istati Membri jżidu l-baġit tas-saħħa tagħhom biex jinkludu attivitajiet ta' prevenzjoni;

63. Jistieden lill-Kummissjoni tpoġġi enfasi akbar fuq l-indirizzar tal-kawżi tal-mard u, għal dak il-għan, tippromwovi l-prevenzjoni fost is-setturi u fil-livelli kollha tas-soċjetà; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi s-saħħa permezz tad-dijanjosi f'waqtha tal-mard, iż-żamma ta' stil ta' ħajja b'saħħitha, il-kura tas-saħħa adegwata, u l-iżgurar li l-ħaddiema anzjani jgawdu kondizzjonijiet tax-xogħol xierqa;

64. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu aktar attenzjoni għall-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar l-osteoporożi u jipprovdu informazzjoni aktar ċara fuq id-dijanjosi bikrija tal-osteoporożi biex jiġi evitat il-ksur, anke permezz ta' aċċess aħjar għal eżaminazzjonijiet tad-densità tal-għadam, li għandhom ikunu aktar disponibbli;

65. Jikkondividi l-"gender challenge" tad-WHO li għalih hija meħtieġa valutazzjoni aħjar tal-fatturi ta' riskju li jinvolvu s-saħħa tan-nisa; jilqa' f'dan il-kuntest ir-rakkomandazzjonijiet mid-WHO biex jinbnew ambjenti "adatti għall-età" u jiżdiedu l-opportunitajiet għan-nisa anzjani biex jikkontribwixxu b'mod produttiv għas-soċjetà inkluż kollaborazzjoni intersettorjali biex jiġu identifikati u promossi l-azzjonijiet barra s-settur tas-saħħa li jistgħu jtejbu r-riżultati tas-saħħa għan-nisa;

66. Jistieden lill-Istati Membri jissottolinjaw, fit-taħriġ tal-persunal mediku u paramediku, id-differenzi fis-sinjali kliniċi u s-sintomi tal-mard kardjovaskulari fin-nisa, filwaqt li jenfasizza l-benefiċċji ta' intervent fil-pront;

67. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jinkoraġġixxu fil-qafas ta' "Orizzont 2020" kollaborazzjoni xjentifika aktar mill-qrib u t-twettiq ta' riċerki kumparattivi dwar l-isklerożi multipla fl-Unjoni Ewropea b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu individwati trattamenti u kuri preventivi b'mod aktar faċli għal din il-marda li ġġib magħha limitazzjonijiet motorji kbar, b'mod partikolari għan-nisa anzjani;

68. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa kampanji ta' sensibilizzazzjoni partikolarment immirati għan-nisa anzjani u li jiffukaw fuq rakkomandazzjonijiet relatati mas-sess u l-età dwar dieta tajba u l-importanza tal-attività fiżika, peress li dawn il-fatturi jistgħu jkollhom rwol importanti fil-prevenzjoni tal-waqgħat u jgħinu jnaqqsu l-inċidenza ta' problemi kardjovaskulari, l-osteoporożi u xi tipi ta' kanċer;

69. Jitlob li tittieħed azzjoni b'mod xieraq, fil-forma ta' informazzjoni u edukazzjoni kemm fl-iskejjel kif ukoll permezz ta' messaġġi dwar is-saħħa, dwar l-importanza ta' dieta korretta u dwar ir-riskji għas-saħħa kkawżati minn dieta ħażina;

70. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonsulta mal-Kunsill biex terġa' tiġi mnedija b'mod effettiv ir-rakkomandazzjoni dwar l-iscreening tat-tumuri; iffukata fuq taqsimiet tal-popolazzjoni li huma żvantaġġati f'termini soċjali u ekonomiċi, bl-għan li jitnaqqsu d-disparitajiet tas-saħħa; iħeġġeġ dawk l-Istati Membri li s'issa għadhom ma implimentawx ir-rakkomandazzjoni biex jagħmlu dan, b'konformità mal-linji gwida Ewropej dwar il-garanzija ta' kwalità;

71. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jadattaw il-limitu ta' età għall-aċċess għall-programmi ta' screening, għall-anqas f'pajjiżi fejn l-inċidenza tal-marda hija ogħla u fil-każijiet fejn hemm riskju partikolari minħabba l-istorja tal-familja tal-pazjenti, u biex idaħħlu f'dawn il-programmi anke nisa anzjani, b'kunsiderazzjoni tal-istennija tal-ħajja itwal;

72. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu d-drittijiet tan-nisa f'perspettiva ta' ġlieda kontra l-vjolenza u d-diskriminazzjoni kollha marbuta mal-età u mas-sessi, anke permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni diretti lejn il-popolazzjoni Ewropea kollha, sa minn età bikrija;

73. Jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw ir-riċerka klinika dwar in-nisa u jqis li l-proposta riċenti ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-isperimentazzjoni klinika ta' mediċina maħsuba għall-bniedem, li tirrevoka d-Direttiva 2001/20/KE, tista' tiġi tiġi rideduta b'dak il-mod;

74. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi direttament permezz ta' kooperazzjoni ma' pazjenti sabiex jiġu ssodisfatti b'mod aktar effikaċi l-ħtiġijiet tal-anzjani;

o

o o

75. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2012)0483

# L-Isfida Antimikrobika – Theddid li qed jiżdied mir-Reżistenza Antimikrobika

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar l-Isfida Mikrobika – Theddid li qed jiżdied mir-Reżistenza Antimikrobika (2012/2041(INI))**

(2015/C 434/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 dwar "L-impatt tar-reżistenza antimikrobika fis-settur tas-saħħa umana u fis-settur veterinarju – perspettiva ta' 'Saħħa Waħda'",

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2011 dwar Pjan ta' Azzjoni kontra t-theddid li qed jiżdied ta' Reżistenza Antimikrobika (COM(2011)0748),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar Inizjattiva għall-Ipprogrammar Konġunt tar-riċerka "L-Isfida Mikrobika – Theddida għas-Saħħa tal-Bniedem li qed Titfaċċa" (C(2011)7660),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar it-theddida għas-saħħa pubblika tar-reżistenza antimikrobika ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar ir-reżistenza għall-antibijotiċi ([2]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tat-18 ta' Novembru 2009 tal-persunal tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-reżistenza antimikrobika (SANCO/6876/2009r6),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0473.
([2]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 131

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra r-Rapport Tekniku Konġunt taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) tas-17 ta' Settembru 2009 dwar "L-isfida batterika: wasal iż-żmien li nirreaġixxu – Appell biex jitqarreb id-distakk eżistenti bejn il-preżenza fl-UE ta' batterji reżistenti għal ħafna mediċini u l-iżvilupp ta' aġenti antibatteriċi ġodda" ([1]),

— wara li kkunsidra t-tieni rapport konġunt tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) tal-14 ta' Marzu 2012 dwar ir-reżistenza antimikrobika f'batterji zoonotiċi b'effett fuq il-bniedem, l-annimali u l-ikel ([2]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill 2876 tal-10 ta' Ġunju 2008 dwar ir-Reżistenza Antimikrobika,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill 2980 tal-1 ta' Diċembru 2009 dwar inċentivi innovattivi għal antibijotiċi effettivi,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-pazjent, inkluż il-prevenzjoni minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa ([3]),

— wara li kkunsidra t-tielet reviżjoni tal-lista tal-WHO ta' antimikrobiċi ta' importanza kritika għall-mediċina umana (ir-Rapport tat-tielet laqgħa tal-Grupp Konsultattiv tal-WHO dwar is-Sorveljanza Integrata tar-Reżistenza Antimikrobika, 14-17 ta' Ġunju 2011, Oslo, in-Norveġja), u l-Lista tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) ta' Aġenti Antimikrobiċi ta' Importanza Veterinarja (Mejju 2007) u l-bidliet sussegwenti f'din il-lista,

— wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill tad-9 ta' April 2010 dwar il-bażi tar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill (2002/77/KE) dwar l-użu prudenti ta' aġenti antimikrobiċi fil-mediċina umana (COM(2010)0141), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanja dak ir-rapport (SEC(2010)0399),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali li jipprojbixxi l-użu tal-antibijotiċi bħala aġenti li jgħinu fit-tkabbir ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2002/77/KE tal-15 ta' Novembru 2001 dwar l-użu prudenti tal-aġenti antimikrobiċi fil-mediċina umana ([5]), u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-proposta għal dik ir-rakkomandazzjoni ([6]) ,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2001 dwar Strateġija Komunitarja kontra r-reżistenza antimikrobika (COM(2001)0333),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar evalwazzjoni u bilanċ tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Benessri tal-Annimali 2006-2010 ([7]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet għal kollaborazzjoni ġejjiena bejn l-Istati Uniti u l-UE tat-Taskforce Transatlantika dwar ir-Reżistenza Antimikrobika (TATFAR) ([8]),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida CODEX Alimentarius għall-Analiżi tar-Riskju ta' Reżistenza Antimikrobika Trażmessa permezz tal-Ikel ([9]),

— wara li kkunsidra l-Kodiċi tal-prattika CODEX biex titnaqqas u tiġi kkontrollata r-reżistenza antimikrobika (CAC/RCP 61-2005),

---

(1) http://www.ema.europa.eu/docs/en_GB/document_library/ Report/2009/11/WC500008770.pdf
(2) http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/2598.htm Ġurnal tal-EFSA 2012; 10(3):2598 [233 p.].
(3) ĠU C 151, 3.7.2009, p. 1.
(4) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
(5) ĠU L 34, 5.2.2002, p. 13.
(6) ĠU C 112 E, 9.5.2002, p. 106.
(7) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 25.
(8) http://ecdc.europa.eu/en/activities/diseaseprogrammes/TATFAR/Documents/210911_TATFAR_Report.pdf
(9) CAC/GL 77- 2011

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra l-azzjoni ta' tħejjija "Ir-reżistenza antimikrobika (AMR): Riċerka dwar il-kawżi ta' użu antibijotiku għoli u mhux xieraq" approvata mill-Parlament Ewropew fl-ambitu tal-Baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2012, li timmira li tistudja l-kwistjoni tal-użu u l-bejgħ mhux xieraq ta' aġenti antimikrobiċi, b'riċetta tat-tabib jew mingħajrha, tul il-katina kollha – mit-tabib u l-ispiżjar sal-pazjent, f'termini tal-imġiba tal-atturi kollha involuti,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7–0373/2012),

A. billi l-iżvilupp ta' reżistenza għall-mediċini hi konsegwenza naturali u inevitabbli tat-trattament antimikrobiku; billi dan il-proċess jista' jiġi aċċellerat permezz ta' użu inordinat u indiskriminatorju fil-mediċina umana u veterinarja, li, flimkien mal-insuffiċjenza tal-iġjene u tal-kontroll tal-infezzjonijiet, tista' tipperikola l-użu effettiv tal-għadd diġà limitat ta' antimikrobiċi eżistenti;

B. billi għal ċerti batterji, il-perċentwal ta' reżistenza għall-antibijotiċi hu ta' 25 % jew aktar f'diversi Stati Membri;

C. billi ħafna mill-problema tar-reżistenza antimikrobika toriġina mill-użu ħażin tal-antibijotiċi, b'mod partikolari l-użu eċċessiv;

D. billi ħafna Stati Membri m'għandhomx qafas legali u regolatorju solidu biex jawtorizzaw u jappoġġjaw l-użu razzjonali tal-mediċini;

E. billi fl-UE, l-Islanda u n-Norveġja biss, il-batterji reżistenti għall-antimikrobiċi jikkawżaw madwar 400 000 infezzjoni u 25 000 mewt fis-sena, filwaqt li l-ispejjeż addizzjonali għall-kura tas-saħħa u telf ta' produttività jilħqu EUR 1,5 biljun;

F. billi ż-żieda fl-AMR hi kwistjoni kumplessa ta' natura transkonfinali li tinvolvi diversi fatturi interkonnessi; billi huma meħtieġa diversi miżuri ta' intervent f'livelli varji li jirrikjedu kollaborazzjoni soda bejn il-pajjiżi u s-setturi;

G. billi jeżisti distakk dejjem jikber bejn l-AMR, li qed tiżdied, u l-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda; billi sa mis-snin sebgħin ġew żviluppati biss tliet antibijotiċi ġodda amministrati sistemikament għall-batterji Gram-pożittivi ([1]) reżistenti għal diversi mediċini; billi żewġ terzi tal-imwiet relatati mar-reżistenza antimikrobika fl-Unjoni huma dovut għal batterji Gram-negattivi, filwaqt li mhux ippjanat li aġenti ġodda jidħlu fis-suq fil-ġejjieni qarib;

H. billi minħabba li ma ġewx żviluppati mediċini antibatteriċi ġodda, importanti ħafna li l-użu effettiv tal-antimikrobiċi eżistenti jinżamm għall-itwal perjodu possibbli permezz tal-użu prudenti, miżuri ta' prevenzjoni kontra t-tixrid tal-infezzjoni, tilqim, trattamenti alternattivi u dożaġġ antimikrobiku kontrollat;

I. billi l-unika tilqima kontra t-tuberkulożi (TB) disponibbli attwalment (BCG) ġiet żviluppata aktar minn 90 sena ilu, u billi din ma toffrix protezzjoni kontra l-aktar forma komuni tat-TB – it-TB pulmonari;

J. billi t-trattament tat-tuberkulożi jiddependi fuq antibijotiċi żviluppati għexieren ta' snin ilu, li ħafna minnhom għandhom effetti sekondarji tossiċi serji;

([1]) Jirreferi għaż-żamma jew le tal-lewn vjola tal-materjal li tintuża fil-metodu Gram biex bih jittebbgħu l-mikroorganiżmi; din il-karatteristika ta' tebgħat hi metodu komuni għall-identifikar tal-batterji.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

K. billi l-AMR tolqot il-bnedmin u l-bhejjem u għandha implikazzjonijiet perikolużi għas-saħħa tal-bniedem u tal-bhejjem; billi hemm rabta bejn l-użu tal-antimikrobiċi għall-annimali u ż-żieda ta' reżistenza fl-umani li teħtieġ riċerka ulterjuri kif ukoll approċċ tal-politika koordinat u multisettorjali għall-AMR, ibbażat fuq il-prinċipju "saħħa waħda", immirat kemm għall-prattikanti kif ukoll għall-utenti f'kull settur;

L. billi għad hemm nuqqas ta' data dettaljata biżżejjed u kumparabbli fil-livell Ewropew għal skopijiet ta' monitoraġġ u analiżi komprensivi f'diversi pajjiżi dwar ir-rabta bejn l-użu tal-antimikrobiċi u r-reżistenza għalihom;

M. billi, minkejja l-objettiv primarju tal-bdiewa li jżommu l-bhejjem tagħhom b'saħħithom u produttivi permezz ta' prattiki agrikoli tajba (iġjene, għalf xieraq, trobbija kif suppost u ġestjoni tajba tal-bhejjem), l-annimali xorta waħda jistgħu jimirdu, u għaldaqstant għandhom ikunu disponibbli terapiji u mediċini veterinarji adegwati għat-trattament ta' dan il-mard;

N. billi s'issa ma ġiet adottata l-ebda definizzjoni standard ta' "trattament preventiv" u l-interpretazzjonijiet differenti tat-terminu qed iwasslu għal nuqqas ta' qbil kostanti;

O. billi hemm ħtieġa ta' edukazzjoni u ta' qawmien ta' kuxjenza fost dawk involuti fl-użu tal-antimikrobiċi, inklużi dawk li jfasslu l-politika, il-professjonisti tas-saħħa u l-pubbliku ġenerali, sabiex isiru l-bidliet neċessarji fl-imġiba ta' min jippreskrivi l-mediċini, ta' min ibigħhom/jagħtihom, u taċ-ċittadini;

P. billi l-antibijotiċi xorta għadhom disponibbli mingħajr riċetta f'ċerti Stati Membri, u billi din il-prattika taggrava l-problema tar-reżistenza antimikrobika;

Q. billi nuqqas ta' konformità mar-regoli bażiċi tal-iġjene għall-ambjenti umani bħad-djar, u mhux biss fl-isptarijiet, tikkawża tixrid ulterjuri ta' patoġeni antimikrobiċi;

R. billi d-dijanjostika għandha rwol vitali fil-ġlieda kontra l-AMR billi tinkoraġġixxi approċċi aktar immirati għat-trattament;

1. Iqis li filwaqt li kważi kull Stat Membru żviluppa strateġiji nazzjonali fir-rigward tal-AMR skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-użu prudenti tal-aġenti antimikrobiċi fil-mediċina umana, il-progress fl-ilħuq tal-objettivi ffissati s'issa mexa b'pass bil-mod u inkonsistenti; jitlob li jkun hemm impenn governattiv għal implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha fil-livell nazzjonali;

2. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni strateġiku fuq ħames snin tal-Kummissjoni għall-indirizzar tal-AMR, iżda jesprimi t-tħassib li ħafna mill-punti ta' azzjoni jtennu miżuri preskritti aktar minn għaxar snin qabel fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2001 dwar l-użu prudenti tal-aġenti antimikrobiċi fil-mediċina umana;

3. Jinnota li, għalkemm il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni jmur fid-direzzjoni t-tajba, mhuwiex estiż biżżejjed biex jikkontrolla t-theddida globali li qed tiżdied mir-reżistenza antimikrobika; jikkunsidra li l-miżuri rrakkomandati fil-Pjan ta' Azzjoni jeħtieġ li jiġu implimentati mill-aktar fis possibbli; jappella, għalhekk, lill-Kummissjoni biex twettaq pjan direzzjonali integrat li jispjega r-reazzjonijiet ta' politika rilevanti inkluża azzjoni leġiżlattiva possibbli;

4. Jenfasizza li l-Pjan ta' Azzjoni għandu jkopri lill-bhejjem kollha fl-istrateġija tal-UE dwar il-benessri tal-annimali, inklużi, pereżempju, l-annimali tal-kumpanija u l-annimali użati għall-isport, u għandu jenfasizza l-konnessjoni loġika bejn is-saħħa tal-bhejjem u l-użu tal-antimikrobiċi, kif ukoll ir-rabta li hemm bejn is-saħħa tal-bhejjem u s-saħħa tal-bnedmin;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

***Użu prudenti tal-antimikrobiċi fil-mediċini umani u veterinarji***

5. Jenfasizza li l-objettiv ewlieni ta' kwalunkwe strateġija fir-rigward tal-AMR hu li tinżamm l-effiċjenza tal-antimikrobiċi eżistenti billi dawn jintużaw b'mod responsabbli fil-livell terapewtiku korrett u jintużaw biss meta jkun neċessarju u li jiġu preskritti għal żmien speċifiku u fid-doża xierqa, u li jitnaqqas l-użu tal-antimikrobiċi b'mod ġenerali u b'mod speċjali tal-Antimikrobiċi Kritikament Importanti (Critically-Important Antimicrobials (CIAs) ([1]) fil-mediċina umana u veterinarja, filwaqt li b'hekk titqies ukoll il-lista tal-OIE; jenfasizza l-ħtieġa assoluta għal approċċ olistiku attiv, ibbażat fuq il-perspettiva ta' "Saħħa Waħda" biex ikun hemm koordinazzjoni aħjar u aktar effiċjenti bejn is-settur tas-saħħa umana u s-settur veterinarju; jitlob għal titjib fis-sorveljanza tal-użu tal-antimikrobiċi fit-trabi u t-tfal żgħar, kif ukoll fit-trattament kliniku, fejn jeħtieġ li jiġi kkontrollat u mkejjel l-użu tal-antimikrobiċi;

6. Jindika li l-użu ta' antimikrobiċi f'livelli subterapewtiċi huwa pprojbit fl-UE;

7. Jenfasizza li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi kkontrollat l-użu tal-antimikrobiċi fil-mediċina umana u veterinarja; ma jaqbel xejn mal-użu profilattiku regolari tal-antimikrobiċi fit-trobbija tal-bhejjem; japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2012 li jistiednu lill-Istati Membri jillimitaw l-użu profilattiku tal-antimikrobiċi għal każijiet bi ħtiġijiet kliniċi definiti u biex il-preskrizzjoni u l-użu tal-antimikrobiċi għat-trattament tal-merħliet tal-bhejjem jillimitawhom għal każijiet fejn veterinarju jkun ivvaluta li hemm ġustifikazzjoni klinika – u fejn ikun il-każ, epidemjoloġika – ċara biex jiġu trattati l-bhejjem kollha; jenfasizza li s-settur tat-trobbija tal-bhejjem u tal-akkwakultura għandhom jiffokaw fuq il-prevenzjoni tal-mard permezz tal-prattiki talba tal-iġjene, l-akkomodazzjoni u t-trobbija, kif ukoll miżuri ta' bijosigurtà stretti, aktar milli fuq l-użu profilattiku tal-antimikrobiċi; jemmen li l-kontrolli fuq l-importazzjonijiet tal-ikel minn Stati mhux Membri tal-UE għandhom jittejbu, b'mod partikolari fid-dawl tar-riskju li tali importazzjonijiet ikollhom traċċi irregolari ta' antimikrobiċi;

8. Jindika li l-AMR fl-annimali tvarja skont l-ispeċi u skont il-forom differenti ta' trobbija tal-bhejjem;

9. Jistieden lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ u l-analiżi tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-AMR fil-bhejjem fl-UE;

10. Jitlob li jsir użu prudenti u responsabbli tal-antimikrobiċi fl-annimali, u li jingħata aktar tagħrif lill-veterinarji u lill-bdiewa biex jgħinhom inaqqsu kemm jista' jkun l-iżvilupp tal-AMR; jitlob li jkun hemm skambju tal-aħjar prattiki fil-qlieda kontra l-iżvilupp tal-AMR, bħal linji gwida dwar l-użu prudenti tal-antimikrobiċi;

11. Jistieden lill-Istati Membri jużaw sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni biex jiġi żgurat li x-xejriet tal-użu f'diversi azjendi agrikoli individwali jkunu xierqa u b'hekk jiżguraw użu responsabbli u minimu;

12. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rieżaminati d-dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri relatati mal-benessri tal-annimali tal-farms biex titjieb is-saħħa tal-bhejjem, bl-għan li jitnaqqas l-użu ta' farmaċewtiċi veterinarji; jistieden lill-Kummissjoni terġa' tevalwa d-dispożizzjonijiet attwali dwar id-densità massima ta' bhejjem fit-trobbija, għax id-daqsijiet tal-merħliet illum il-ġurnata sikwit jippreżentaw ostakoli għat-trattament ta' annimal wieħed jew gruppi ta' annimali iżgħar, u jipprovdu inċentivi għall-użu profilattiku tal-antimikrobiċi; jemmen li l-iffukar fuq razez ta' bhejjem reżistenti għall-mard jista' jkun siewi biex jiġi żgurat li jkunu meħtieġa inqas farmaċewtiċi veterinarji fit-trobbija, iżda jqis li dan m'għandux jissostitwixxi l-ġestjoni soda tal-farms u tat-trobbija tal-bhejjem;

13. Jaqbel mal-Kummissjoni li jeħtieġ li jiġi msaħħaħ il-qafas regolatorju għall-mediċini veterinarji u l-għalf medikat, u jitlob li tinżamm konsistenza fit-tfassil u ż-żamma tar-regoli tal-UE;

14. Jitlob li jiġu introdotti approċċi affidabbli għat-trobbija tal-bhejjem biex ikun hemm tnaqqis sinifikanti fl-AMR; jinnota li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-trobbija tal-bhejjem żgħar, peress li dawn ta' spiss ikunu ġejjin minn farms differenti li jrabbu l-bhejjem u għalhekk huma esposti għal riskji ta' infezzjoni meta jiġu f'kuntatt ma' xulxin;

---

([1]) Rapport tat-tielet laqgħa tal-Grupp Konsultattiv tal-WHO dwar is-Sorveljanza Integrata tar-Reżistenza Antimikrobika, 14-17 ta' Ġunju 2011, Oslo, in-Norveġja.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

15. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji proposta leġiżlattiva għas-settur veterinarju biex jiġi limitat l-użu tas-CIAs tat-tielet u tar-raba' ġenerazzjoni għall-bnedmin; jenfasizza li kwalunkwe proposta ta' dan it-tip trid tkun imsejsa fuq linji gwida Ewropej ibbażati fuq l-evidenza dwar l-użu prudenti tal-antimikrobiċi fil-mediċina veterinarja;

16. Iqis li r-reviżjoni pendenti tad-Direttiva 2001/82/KE toffri opportunità importanti biex jittieħdu miżuri effettivi biex l-AMR tonqos permezz tat-tisħiħ tad-dispożizzjoijiet għall-mediċini veterinarji, bħal:

— limitazzjoni tad-dritt li jippreskrivu l-antimikrobiċi għal veterinarji professjonalment kwalifikati biss;

— separazzjoni tad-dritt tal-kitba tar-riċetti mid-dritt tal-bejgħ tal-antimikrobiċi, li b'hekk jeradikaw l-inċentivi ekonomiċi tal-preskrizzjoni;

17. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-AMR b'inizjattivi konkreti għall-implimentazzjoni tat-12-il azzjoni u tippubblika r-rapport ta' progress tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-AMR sa tmiem l-2013, filwaqt li jenfasizza li r-rapport għandu jinkludi ħarsa ġenerali tat-tnaqqis fl-użu ta' antimikrobiċi veterinarji milħuq f'kull Stat Membru;

18. Jenfasizza li hemm differenzi sostanzjali fost l-Istati Membri fil-mod kif jintużaw u jitqassmu l-antibijotiċi; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Istati Membri tal-leġiżlazzjoni Ewropea relevanti dwar l-antimikrobiċi, b'mod speċjali rigward l-użu tal-antibijotiċi b'riċetta biss fis-settur tas-saħħa umana u veterinarja, u l-projbizzjoni tal-antimikrobiċi bħala promoturi tat-tkabbir fl-għalf tal-annimali;

19. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-kundizzjoni għall-preskrizzjoni u l-bejgħ ta' antimikrobiċi sabiex jiġi żgurat jekk il-prattiki fil-kura tas-saħħa umana u tal-bhejjem jistgħux iwasslu għal preskrizzjoni żejda, użu żejjed jew użu ħażin ta' antimikrobiċi;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu sforzi biex jiġi żgurat li kull sptar jimpjega epidemjologu tal-isptar;

21. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-użu tan-nanofidda fi prodotti tal-konsumaturi peress li dan jista' jżid ir-reżistenza tal-mikroorganiżmi għall-fidda, inklużi n-nanofidda u l-komposti bbażati fuq il-fidda, li mbagħad tista' tillimita s-siwi tan-nanofidda fit-tagħmir mediku u f'applikazzjonijiet mediċi oħrajn;

22. Jenfasizza li biex ikun possibbli li jitnaqqas l-użu tal-antimikrobiċi jeħtieġ li titjieb l-eżattezza tad-dijanjożijiet u għaldaqstant, irid jiżdied l-użu tad-dijanjostika;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu sforzi, miżmuma fuq bażi ta' rutina, għal studji dwar każijiet fl-isptar u r-rwol possibbli tat-tixrid ta' kloni reżistenti għall-mediċini f'dawn is-sitwazzjonijiet;

***Prevenzjoni***

24. Bil-għan li jiġu limitati l-użu mhux xieraq u l-aċċess mhux ikkontrollat għal aġenti antimikrobiċi, inkluż permezz ta' bejgħ illegali bl-internet, jilqa' l-inizjattiva tal-Istati Membri ta' rieżami tal-istatus legali ta' kull antimikrobiku orali, li jinġibed man-nifs jew parenterali (inklużi l-mediċini kontra l-malarja, il-mediċini antivirali u l-mediċini kontra l-fungi) li għadhom disponibbli għall-pazjenti mingħajr il-ħtieġa ta' riċetta; jenfasizza li l-antimikrobiċi m'għandhomx ikunu disponibbli liberament mingħajr riċetta tat-tabib għax dan jinkoraġġixxi l-awtotrattament, li sikwit ikun ibbażat fuq suppożizzjonijiet ineżatti; jistieden lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza kontra l-bejgħ illegali u mingħajr riċetta tat-tabib tal-antimikrobiċi fis-settur tas-saħħa umana u f'dak veterinarju;

25. Jinnota r-rwol importanti tat-tilqim fil-limitazzjoni tal-iżvilupp tal-AMR billi jnaqqas l-ammonti ta' aġenti antimikrobiċi meħtieġa biex jiġu trattati l-infezzjonijiet fil-bnedmin u fl-annimali, iżda jemmen li, fir-rigward tas-settur veterinarju, dan m'għandux jissostitwixxi ġestjoni soda tal-farms u tat-trobbija tal-bhejjem; jistieden lill-Kummissjoni tistudja x'miżuri preventivi ulterjuri jistgħu jittieħdu biex jonqos it-tixrid tal-infezzjonijiet u l-mard fit-trobbija tal-bhejjem;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

26. Jipproponi li jittieħdu miżuri għall-promozzjoni ta' sistemi sostenibbli tat-trobbija tal-bhejjem, imsejsa fuq prattiki tal-ġestjoni tajba li jimmassimizzaw l-użu effikaċi tar-riżorsi u jnaqqsu d-dipendenza tal-bdiewa fuq inputs bi spejjeż kbar li ma jkunux sostenibbli u li joħolqu riskju kbir għall-ambjent u s-saħħa pubblika;

27. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-Aġenziji kompetenti tal-UE, iħejju u jippromwovu linji gwida dwar l-użu prudenti bl-għan li jitnaqqas l-esponiment mhux essenzjali u mhux xieraq għall-antimikrobiċi bħala parti minn approċċ olistiku għall-mediċina umana u veterinarja, it-trobbija tal-bhejjem, l-agrikultura, l-akkwakultura u l-ortikultura;

28. Jistieden lill-Kummissjoni biex fir-reviżjoni li jmiss tal-leġiżlazzjoni Ewropea tal-farmaċewtika veterinarja, tikklassifika l-prodotti ta' għalf medikat bħala "prodotti farmaċewtiċi" u mhux bħala "għalf", sabiex ikun żgurat li fil-futur, il-qasam sensittiv tal-għalf medikat jiġi monitorjat fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika u li jsiru l-ispezzjonijiet uffiċjali kif jixraq, filwaqt li jkun żgurat li l-għalf medikat jagħmel parti mill-kategorija "bir-riċetta biss";

29. Jenfasizza li l-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjoni huma pedament vitali fil-ġlieda kontra l-AMR; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-kontroll tal-infezzjonijiet, jgħollu u jippromwovu standadrd ta' iġjene tajba – b'mod speċjali l-iġjene tal-idejn, speċjalment f'ambjenti sensittivi, bħall-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa – sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-infezzjonijiet u tonqos il-ħtieġa għall-antibijotiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-iskambju tal-aqwa prattiki dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (HAIs) u jwessgħu r-riċerka dwar l-epidemjoloġija tal-HAIs minħabba l-MRSA, *Clostridium difficile* u organiżmi oħra reżistenti għal diversi mediċini li qed jitfaċċaw;

***L-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda jew trattament alternattiv***

30. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu sforzi għall-iżvilupp ta' mudelli tan-negozji abbażi ta' sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) ġodda u innovattivi li jisseparaw l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp ta' antibijotiċi ġodda u għodda djanjostika mit-tranżazzjonijiet tal-bejgħ, biex jippromwovu aċċess akbar u bi prezz li jintlaħaq aktar għall-antimikrobiċi, u jillimitaw l-użu mhux meħtieġ tagħhom;

31. Jitlob li ssir aktar riċerka u riċerka kkoordinata aħjar dwar antimikrobiċi ġodda, dwar alternattivi (tilqim, bijosigurtà, tnissil u trobbija għar-reżistenza) u dwar strateġiji bbażati fuq l-evidenza biex jiġi evitat u kkontrollat il-mard li jittieħed fl-annimali;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp sabiex jipprovdu għodod ġodda għall-ġlieda kontra t-tuberkulożi u t-tuberkulożi reżistenti għall-mediċini;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tinvesti fir-riċerka u l-iżvilupp immirati lejn alternattivi għall-użu tal-antimikrobiċi fil-produzzjoni tal-bhejjem u tappoġġja l-innovazzjoni fil-prattiki agrikoli, f'konformità mal-għanijiet tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikola futura;

34. Jenfasizza l-ħtieġa li wieħed ikun restrittiv fl-użu ta' CIAs u ta' aġenti u teknoloġiji antimikrobiċi żviluppati riċentement għall-użu fil-mediċina umana u veterinarja; jisħaq fuq l-importanza li l-użu ta' CIAs ikun iffokat kif jixraq fuq każijiet speċifiċi;

35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw approċċi regolatorji ġodda, inklużi drittijiet tal-proprjetà intellettwali trasferibbli u estensjonijiet tat-tul ta' żmien tal-brevetti, bl-għan li jitheġġeġ l-investiment tas-settur privat fl-iżvilupp tal-antimikrobiċi;

36. Jinnota l-importanza ta' aċċess għal għodod dijanjostiċi rapidi, affidabbli u li ma jiswewx ħafna fl-iżvilupp ta' strateġiji ġodda tat-trattament;

37. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw approċċi regolatorji ġodda orjentati lejn is-sussidjar ta' riċerka għall-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda li jista' jkollha riżultat ta' benefiċċju fiskali kemm għas-settur pubbliku kif ukoll għal dak privat;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-inċentivi għall-kooperazzjoni tas-settur pubbliku u privat biex jissaħħu mill-ġdid ir-riċerka u l-iżvilupp tal-antimikrobiċi; jemmen li l-qsim tal-għarfien u l-ġbir tar-riżorsi permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati innovattivi se jkun kruċjali biex tiġi żgurata l-effikaċja u d-disponibbiltà klinika ta' antimikrobiċi eżistenti;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li, bħala parti mill-Istrateġija UE 2020, il-bdiewa fl-Istati Membri kollha tal-UE jista' jkollhom aċċess għal għodod intelliġenti, effettivi u alternattivi biex ifejqu l-annimali tagħhom, inkluż għal użi minuri u speċijiet minuri (minor uses and minor species – MUMS), li bħalissa jiffaċċjaw nuqqas sostanzjali ta' mediċini veterinarji;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' aktar għodod fil-farms infushom għal dijanjożi bikrija u rapida u għall-kontroll tal-mard, kif ukoll għal sistema ta' dijanjożi wiesgħa u effettiva fil-livell tal-Istati Membri li tista' tiżgura l-kisba f'waqtha tar-riżultati f'każ ta' eżamijiet batterjoloġiċi;

***Monitoraġġ u rapportar***

41. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jfittxu aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni għal sejbien, twissija u proċeduri b'rispons bikrija u kkoordinati fir-rigward ta' batterji patoġeniċi reżistenti għall-antimikrobiċi fil-bnedmin, fl-annimali, fil-ħut u fil-prodotti tal-ikel biex ikunu monitorjati kontinwament il-livell u l-iżvilupp ta' AMR; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu bażijiet tad-data konformi ma' kriterji uniformi li fihom in-negozjanti, il-veterinarji u l-bdiewa jntalbu jiddokumentaw l-għoti u l-użu tal-antibijotiċi;

42. Jenfasizza li għad hawn nuqqas ta' informazzjoni affidabbli dwar l-użu tal-antimikrobiċi f'xi Stati Membri; jenfasizza li hu importanti li jkun stabbilit netwerk Ewropew effettiv ta' sistemi ta' sorveljanza nazzjonali fis-setturi tas-saħħa umana u veterinarja, ibbażat fuq standards uniformi għall-Istati Membri kollha, biex tinġabar data ta' referenza ċara, kumparabbli, trasparenti u f'waqtha dwar l-użu ta' mediċini antimikrobiċi; jemmen li dan in-netwerk għandu jkun ibbażat fuq in-netwerks ta' monitoraġġ eżistenti operati mill-EFSA, in-Netwerk Ewropew ta' Sorveljanza tal-Konsum tal-Antimikrobiċi (ESAC-Net) tal-ECDC, in-Netwerk Ewropew ta' Sorveljanza tar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (EARS-Net) tal-ECDC, in-Netwerk tal-Mard Trażmess mill-Ikel u mill-Ilma (FWD-Net) tal-ECDC, u s-Sorveljanza Ewropea tal-Konsum tal-Antimikrobiċi għal Użu Veterinarju (ESVAC) tal-EMA;

43. Hu tal-opinjoni li d-data miġbura dwar l-użu tal-antibijotiċi għandha tkun aċċessibbli biss għall-esperti, l-awtoritajiet u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ikkonċernati;

44. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar ir-reżistenza għall-antibijotiċi, il-Parlament enfasizza l-ħtieġa li jkollna stampa sħiħa ta' meta, fejn, kif u fuq liema annimali jintużaw l-antimikrobiċi; jemmen li l-Kummissjoni għandha tiġbor, tanalizza u tqiegħed din id-data għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mill-Kummissjoni bla ebda dewmien, u li d-data miġbura għandha tiġi armonizzata u tkun tista' titqabbel sabiex tiġi faċilitata analiżi xierqa u azzjoni effikaċi, koordinata u speċifika għall-ispeċi, imfassla skont id-diversi tipi ta' trobbija tal-bhejjem, sabiex tiġi miġġielda l-AMR fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi spjegazzjoni ġenerali tat-tnaqqis fl-użu tal-aġenti antimikrobiċi veterinarji li jinkiseb minn kull Stat Membru fir-rapport ta' progress tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar l-AMR;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tobbliga lill-Istati Membri jimmonitorjaw l-użu tal-antibijotiċi fit-trobbija tal-bhejjem b'mod iktar effiċjenti u integrat, permezz tal-użu ta' bażijiet tad-data; jindika li r-reġistrazzjoni tal-użu tal-antibijotiċi fl-azjendi agrikoli hija obbligatorja;

47. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw monitoraġġ u kontroll separati għar-reżistenza fost l-annimali tat-trobbija, l-annimali domestiċi, l-annimali tat-tiġrija, eċċ, u li jagħmlu dan mingħajr ma jikkawżaw piżijiet finanzjarji jew amministrattivi addizzjonali għar-raħħala, dawk li jrabbu l-bhejjem jew għall-veterinarji;

48. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu kollaborazzjoni intersettorjali aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet u s-setturi rilevanti, sabiex jinkoraġġixxu approċċ aktar integrat għas-saħħa veterinarja u umana, u sabiex jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali kontra l-AMR;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

49. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati s-sistemi sostenibbli ta' produzzjoni tal-ikel li għall-kuntrarju tal-"biedja industrijalizzata", huma potenzjalment inqas esposti għall-AMR;

50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-kejl u r-rappurtar futur dwar l-użu ta' antimikrobiċi fis-settur uman u f'dak veterinarju jiżdiedu u juru mhux biss l-ammont totali ta' antimikrobiċi użati iżda wkoll it-tipi ta' antimikrobiċi, it-tul taż-żmien tat-trattamenti, eċċ.;

***Komunikazzjoni, edukazzjoni u taħriġ***

51. Jinnota li l-inkoraġġiment ta' użu xieraq tal-antimikrobiċi jiddependi fuq bidla fl-attitudni u fil-prattika u fl-edukazzjoni fost il-pazjenti, il-bdiewa, l-ispiżjara, it-tobba, il-veterinarji u prattikanti oħra fl-oqsma tal-mediċina umana u veterinarja; iqis li għandhom jittieħdu miżuri edukattivi u ta' taħriġ aktar effettivi u kontinwi, kif ukoll informazzjoni komprensiva fl-iskejjel, li b'mod ġenerali għandhom jibdew minn età żgħira, fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-konsegwenzi tal-konsum ħażin tal-antimikrobiċi;

52. Jinnota li waħda mir-raġunijiet l-aktar komuni għall-użu ta' antibijotiċi hi bħala trattament kontra l-irjiħat komuni, u li jkun ta' benefiċċju kbir jekk il-pubbliku jkun magħmul konxju mill-fatt li l-irjiħat komuni huma infezzjoni virali filwaqt li l-antibijotiċi joffru protezzjoni biss fil-każ ta' infezzjonijiet batteriċi;

53. Jilqa' l-Jum Ewropew ta' Kuxjenza dwar l-Antibijotiċi, imfakkar kull sena fit-18 ta' Novembru, li ġie stabbilit biex jippromwovi l-użu responsabbli tal-antimikrobiċi; jemmen, madankollu, li l-viżibilità u l-potenzjal ta' din il-ġurnata jistgħu jkunu massimizzat aktar effettivament permezz ta' appoġġ politiku msaħħaħ fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew, approċċ usa' li jkopri l-annimali wkoll, u kampanji koordinati, innovattivi u b'impatt qawwi msejsa fuq l-esperjenza miksuba minn inizjattivi Ewropej u internazzjonali ta' suċċess; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni tul is-sena kollha dwar id-dożaġġi korretti ta' antibijotiċi preskritti;

54. Jistieden lill-Kummissjoni – b'għarfien tal-fatt li l-qsim tal-informazzjoni fost iċ-ċittadini, u mhux biss fost il-professjonisti tas-saħħa u veterinarji, hu kruċjali għal aktar kuxjenza u għaldaqstant aktar prevenzjoni – tiġbor lista tal-aħjar prattika fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' kampanji ta' komunikazzjoni u korsijiet ta' taħriġ professjonali effettivi bl-għan li titqajjem kuxjenza dwar l-AMR, bħall-ħidma tal-inizjattiva EPRUMA li tinvolvi ħafna partijiet konċernati, bil-għan li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni effettiva ta' kampanji ta' qawmien ta' kuxjenza ta' dan it-tip;

55. Huwa tal-fehma li jridu jiġu żviluppati kampanji informattivi biex iżidu l-kuxjenza tal-perikli u tat-tixrid mhux intenzjonat ta' patoġeni antimikrobiċi fl-isptarijiet u fid-dar, u kuxjenza dwar il-mezzi ta' prevenzjoni;

56. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina, fl-istudju dwar it-titjib tal-fuljett fil-kaxxa u tal-kaxxa bil-fatti dwar mediċina, l-idea li tipprovdi l-pazjenti b'informazzjoni mtejba dwar l-antibijotiku konċernat, pereżempju billi tiżgura li jkun fih twissija bħal: "Jekk jogħġbok ħu din il-mediċina antibijotika biss jekk tiġi preskritta minn tabib għalik, u ħudha kif preskritt. L-użu ħażin tal-antibijotiċi jista' joħloq reżistenza li tagħmel ħsara lilek u lil ħaddieħor.";

***Kooperazzjoni internazzjonali***

57. Jenfasizza li ż-żieda fl-ivvjaġġar internazzjonali, u b'mod aktar sinifikanti, il-kummerċ dinji tal-ikel u tal-għalf, jista' jżid il-firxa transkonfinali tal-AMR; jemmen li azzjoni internazzjonali magħquda u f'waqtha li tevita d-duplikazzjoni u tibni l-massa kritika hi l-unika triq għall-ġejjieni biex tonqos kemm jista' jkun it-theddida globali għas-saħħa pubblika li toħloq l-AMR;

58. Jirrikonoxxi l-importanza ta' inizjattivi adottati internazzjonalment mill-WHO, l-OIE, il-FAO u organizzazzjonijiet dinjija oħra relevanti; jishaq, madankollu, fuq l-importanza li d-dinja kollha taderixxi mal-istandards u l-linji gwida adottati internazzjonalment; jistieden lill-Kummissjoni, biex fl-evalwazzjoni tagħha tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni attwali dwar l-AMR, tirrapporta dwar il-progress tal-Istati Membri fir-rigward tal-impenji internazzjonali ewlenin rigward l-AMR;

59. Jilqa' t-twaqqif tat-Taskforce Transatlantika dwar ir-Reżistenza Antimikrobika (TATFAR) u s-sensiela ta' rakkomandazzjonijiet, adottati f'Settembru 2011, għal kooperazzjoni ġejjiena bejn l-UE u l-Istati Uniti; jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza ta' azzjonijiet speċifiċi għal:

— ġbir ta' data kumparabbli u għall-kondiviżjoni tad-data għall-antimikrobiċi umani u veterinarji;

— l-iżvilupp ta' pjanijiet komuni msejsa fuq l-aqwa prattika għall-ġestjoni ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa;

— kooperazzjoni mtejba bejn l-FDA tal-Istati Uniti u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini dwar approċċi komuni għall-faċilitazzjoni tal-iżvilupp u r-regolamentazzjoni ta' mediċini antibatteriċi, speċifikament fir-rigward tal-istadju tat-testijiet kliniċi;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq il-ħidma tat-TATFAR u tippromwovi impenji multilaterali u bilaterali simili għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-AMR ma' msieħba globali oħra;

61. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu u jippromwovu inizjattivi globali tal-ġestjoni tar-riskju, bħal-lista tas-CIAs għall-mediċina umana tal-WHO u l-Lista ta' Antimikrobiċi ta' Importanza Veterinarja tal-OIE;

62. Jappoġġja approċċ internazzjonali għall-kontroll ta' antimikrobiċi foloz b'mod konformi mal-linji gwida tal-WHO;

o

o o

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0499

# Il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport (2012/2031(INI))

(2015/C 434/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2011 dwar l-impatt tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport (COM(2011)0700),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Frar 2012 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni u l-benessri tal-annimali 20122015 (COM(2012)0006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedi li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jagħtu konsiderazzjoni sħiħa tal-ħtiġijiet tal-benessri tal-annimali bħala esseri sensibbli fl-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2006 dwar Pjan ta' Azzjoni Komunitarju dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri tal-Annimali 2006–2010 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2008 dwar Strateġija ġdida għas-Saħħa tal-Annimali għall-Unjoni Ewropea (2007–2013) ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar evalwazzjoni u bilanċ tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Benessri tal-Annimali 2006–2010 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 1996 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 95/29/KE tal-Kunsill għall-emenda tad-Direttiva 91/628/KEE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport ([4]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-30 ta' Marzu 2004 ([5]) dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97, li ssuġġerew ħin massimu ta' 9 sigħat jew 500 km ta' trasport għal annimali trasportati biex ikunu maqtula,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1/2005 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ([6]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tiegħu 54/2009 tal-25 ta' Frar 2010 dwar it-trasport ta' żwiemel għall-qtil fl-Unjoni Ewropea ([7]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tiegħu 49/2011 tat-30 ta' Novembru 2011 għall-iffissar ta' limitu massimu ta' tmien sigħat għat-trasport ta' annimali għall-qatla fl-Unjoni Ewropea ([8]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) f'Jannar 2011 dwar il-ħarsien tal-annimali fit-trasport ([9]),

---

([1]) ĠU C 308 E, 16.12.2006, p. 170.
([2]) ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 89.
([3]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 25.
([4]) ĠU C 362, 2.12.1996, p. 331.
([5]) ĠU C 103 E, 29.4.2004, p. 412.
([6]) ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1
([7]) ĠU C 348 E, 21.12.2010, p. 37.
([8]) Testi adottati, P7_TA(2012)0096.
([9]) Ġurnal Uffiċjali tal-EFSA 2011:9(1):1966. (125 pp.)

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra l-petizzjoni 8hours.eu, iffirmata minn aktar minn miljun ċittadin tal-UE li fiha ntalab li jiġi ffissat perjodu massimu ta' trasport ta' mhux iktar minn tmien sigħat għall-annimali għall-qatla,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l- Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0331/2012),

A. billi l-protezzjoni tal-annimali fis-seklu 21 hija espressjoni ta' umanità u sfida għaċ-ċivilizzazzjoni u l-kultura Ewropej; billi kull attività għall-protezzjoni u għall-benessri tal-annimali għandha timxi fuq sejbiet xjentifiċi, kif ukoll il-prinċipju li l-annimali huma kreaturi sensittivi li l-ħtiġijiet tagħhom għandhom jiġu kkunsidrati, kif stipulat fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

B. billi t-trasport tal-annimali huwa riżultat ta' fatturi ekonomiċi u loġistiċi, filwaqt li fl-istess ħin jista' jkun il-kawża ta' spejjeż addizzjonali soċjali u ambjentali (żieda fit-traffiku fuq it-triq, żieda fl-emissjonijiet ta' $CO_2$);

C. billi t-trasport tal-annimali jeħtieġ li jiġi trattat kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, u l-annimali li ġejjin minn pajjiżi terzi għandhom jiġu kkontrollati u mmonitorjati, biex b'hekk tkun żgurata sitwazzjoni kompetittiva aktar bilanċjata għall-produtturi Ewropej u inċentiv biex itejbu l-istandards tat-trasport tal-annimali f'pajjiżi terzi;

D. billi r-regoli tal-UE dwar il-benessri tal-annimali fit-trasport ma jistgħux jagħtu lok għal distorsjonijiet fil-kummerċ liberu tal-merkanzija jew jirriżulta fi spejjeż finanzjarji sproporzjonati, u billi jeħtieġ li wieħed ma jinsiex is-sitwazzjoni partikolari ġeografika ta' żvantaġġ tar-reġjuni tal-periferija u dawk l-aktar imbiegħda;

E. billi t-trasport ta' laħam u prodotti oħra tal-laħam hu teknikament eħfef u etikament jagħmel aktar sens milli t-trasport ta' annimali ħajjin biss għall-iskop biex dawn jinqatlu;

F. billi t-trasport tal-annimali fuq rotot tat-trasport twal f'kundizzjonijiet li mhumiex iġjeniċi u mhux favorevoli jista' jżid ir-riskju li jiġi trażmess u li jinfirex mard;

G. billi l-konformità mal-prinċipji tal-benessri tal-annimali tista' tinfluwenza l-kwalità tal-prodotti mill-annimali;

H. billi l-qtil tal-annimali u l-ipproċessar tal-laħam li jsiru qrib kemm jista' jkun tal-post tat-trobbija jistgħu jgħinu biex jiġu stimulati ż-żoni rurali u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom; billi għandu jkun rikonoxxut li mhux dejjem hemm varjetà ta' biċċeriji adegwati disponibbli fil-viċin u li jeżistu sfidi ekonomiċi serji fis-sostenibilità ta' biċċeriji lokali żgħar; billi standards għoljin ta' iġjene u rekwiżiti oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-UE għal dan it-tip ta' installazzjonijiet ipprovokaw ir-ristrutturazzjoni u t-tnaqqis tan-numru ta' biċċiera; billi, għalhekk, jeħtieġ li jiġu investigati modi kif il-biċċeriji lokali jsiru ekonomikament vijabbli;

I. billi l-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-trasport u kondizzjonijiet restrittivi żżejjed jistgħu jikkompromettu l-provvista regolari tas-suq f'ċerti pajjiżi u reġjuni periferali fit-territorju tal-UE, u jirriżultaw fil-fatt li xi kumpaniji ma jibqgħux ekonomikament vijabbli, bil-konsegwenzi kollha assoċjati ma' dak it-telf ta' kompetittività;

J. billi l-kundizzjonijiet tat-trasport tal-annimali hija kwistjoni li tinteressa lil kulħadd;

***Valutazzjoni ġenerali tar-rapport tal-Kummissjoni***

1. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 tal-Kunsill, li jikkonkludi li dan ir-Regolament huwa pożittiv għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport, imma jinnota li għadhom jeżistu problemi serji waqt it-trasport tal-annimali, l-aktar minħabba konformità u implimentazzjoni mhux adegwati fl-Istati Membri;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi infurzar effiċjenti u uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-UE eżistenti dwar it-trasport tal-annimali fl-Istati Membri kollha; iqis li infurzar aħjar huwa ċentrali biex ikunu żgurati l-effettività u l-operabilità tal-leġiżlazzjoni eżistenti sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tat-trasport u tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri tal-UE;

3. Jikkundanna bil-qawwi l-bażi xjentifika dgħajfa u d-data li fuqhom huwa bbażat ir-rapport tal-Kummissjoni, bħal studju li sar minn kuntrattur estern ibbażat prinċipalment fuq stħarriġ li għandu jsir minn partijiet involuti direttament jew li għandhom interess dirett fit-trasport tal-annimali;

4. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li f'xi każijiet id-data mill-Istati Membri li tinsab fir-rapport, mingħajr ebda possibilità ta' verifika eżatta, tista' ma tirriflettix bis-sħiħ is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tat-trasport tal-annimali minħabba metodi u mekkaniżmi ta' kontroll li jvarjaw użati fl-Istati Membri individwali;

5. Jesprimi t-tħassib tiegħu li d-dispożizzjonijiet dwar it-trasport tal-annimali fl-Istati Membri individwali qed jiġu implimentati bi grad differenti ferm; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni tieħu miżuri għal kontrolli kompletament uniformi dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet tat-trasport;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri ħali tqawwi l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti;

7. Jinnota li r-rapport tal-Kummissjoni ma jinkludix evalwazzjoni sħiħa tal-ispejjeż kollha tat-trasport tal-annimali, filwaqt li huwa limitat għall-impatt fuq il-kummerċ ġewwa l-UE, l-implikazzjonijiet reġjonali u soċjoekonomiċi, l-effetti fuq il-benessri tal-annimali, il-bażi u l-kontroll xjentifiku, u l-konformità ma' u l-infurzar tar-Regolament (KE) Nru 1/2005; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta evalwazzjoni kompluta tal-ispejjeż ekonomiċi, ambjentali u soċjali kollha mġarrba fit-trasport tal-annimali, inkluż tqabbil bejn it-trasport ta' annimali intiżi għall-qtil u t-trasport trasport ta' karkassi u ta' prodotti alimentari, kif ukoll l-effett tat-trasport fuq il-prezz tal-prodotti tal-laħam, b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni l-iktar imbiegħda u li jinvolvu l-atturi parteċipanti kollha;

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tniedi kampanja ta' informazzjoni għall-konsumatur dwar is-suġġett tar-regolomaenti Ewropej dwar il-benessri tal-annimali, billi tipprovdi informazzjoni kontinwa dwar il-bidliet rikjesti mill-produtturi Ewropej bil-għan li jiżdied il-profil tal-ħidma tagħhom u jitjieb il-valur miżjud tal-produzzjonijiet tagħhom;

9. Jissottolinja li fil-perjodu tar-Rapport 2005-2009 n-numru ta' annimali ttrasportati żdied b'mod sinifikanti: fil-każ ta' baqar bi 8 %, ħnieżer b 70 % u nagħaġ bi 3 % u li fil-każ taż-żwiemel biss kien hemm tnaqqis ta' 17 %; jenfasizza li żewġ terzi mill-konsenji jikkonċernaw perjodi ta' trasport ta' anqas minn 8 sigħat, filwaqt li 4 % tat-trasport huma itwal mill-żin massimu tal-vjaġġ u għalhekk jinħtieġu l-ħatt u s-serħan qabel ma jitkompla l-vjaġġ; jiddispjaċih li għal kważi 2 % tal-konsenji l-ħin tal-vjaġġ ma kienx disponibbli, ċifra li tirrappreżenta żieda ta' ħames darbiet aktar f'paragun mal-2005;

10. Huwa tal-opinjoni bħala prinċipju li l-annimali għandhom jinqatlu viċin kemm jista' jkun tal-post tat-trobbija tagħhom; jinnota f'dan f'dan il-kuntest li l-konsumatur huwa favur ħinijiet ta' trasport iqsar għall-annimali għall-qatla, madankollu fl-istess ħin jippreferi jixtri laħam frisk; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiddikjara l-konklużjonijiet li għandhom jittieħdu f'dan ir-rigward; jirrikonoxxi li, minħabba n-nuqqas ta' infurzar, ir-Regolament ma ssodisfax l-għan li jillimita t-trasport ta' annimali ħajjin għall-qtil, imma li dan ta kontribut għat-titjib tal-benessri tal-annimali matul it-trasport; jistieden lill-Istati Membri biex jimpimentaw b'mod xieraq il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar it-trasport tal-annimali, u jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi, meta possibbli, l-ipproċessar lokali; jemmen li l-politika tal-UE għandha timmira li tgħin biex jinħolqu ktajjen qosra u trasparenti tal-provvista, filwaqt li tiġi salvagwardjata l-provvista fis-suq fl-Istati Membri kollha u fir-reġjuni l-iktar imbiegħda; Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni dwar l-iġjene tal-UE, filwaqt li jiżguraw l-ogħla protezzjoni għall-konsumaturi, m'għandhiex bilfors ttellef l-iżvilupp tal-faċilitajiet ta' tbiċċir u pproċessar reġjonali mobbli jew fuq skala żgħira;

11. Jistieden lill-Kummissjoni toffri definizzjoni ċara ta' x'ihuma biċċeriji lokali;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

12. Ifakkar li l-Artikolu 32 tar-Regolament jgħid li r-rapport tal-Kummissjoni għandu jikkunsidra 'evidenza xjentifika dwar il-bżonnijiet ta' benesseri tal-annimal', u jista' jkun akkumpanjat jekk meħtieġ bi proposti leġiżlattivi xierqa dwar vjaġġi twal;

13. Jirrikonoxxi d-Dikjarazzjoni bil-Miktub Nru 49/2011 tal-Parlament Ewropew li tappoġġja l-iffissar ta' limitu massimu ta' vjaġġ ta' tmien sigħat għat-trasport ta' annimali għall-qatla, iżda jirrikonoxxi li domanda bħal din mhijiex ibbażata xjentifikament; iqis li l-benessri tal-annimali waqt it-trasport f'xi każijiet jiddependi iktar minn faċilitajiet xierqa tal-vetturi u l-immaniġġjar xieraq tal-annimali, kif dokumentat fl-opinjoni tal-EFSA ta' Diċembru 2010; madankollu, jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu linji gwida għall-aħjar prattiki sabiex titjieb l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, u jissaħħu l-mekkaniżmi ta' kontroll sabiex jiġi garantit il-benessri tal-annimali;

14. Jinsisti li għal darba oħra għandha titqies limitazzjoni tal-ħin tat-trasport ta' annimali maħsuba għall-qatla għal tmien sigħat b'kunsiderazzjoni tal-ħin tat-tagħbij, irrispettivament jekk din isseħħx fl-art jew fuq il-baħar, b'xi eċċezzjonijiet b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet ġeografiċi fir-reġjuni l-iktar imbiegħa, netwerks stradali skarsi, postijiet mbiegħda jew l-għażla ta' vjaġġ itwal ta' xi speċijiet ta' annimali kkonfermati permezz tar-riżultati tar-riċerka xjentifika, sakemm jibqgħu jiġu osservati r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li vjaġġ għall-għanijiet tal-benessri tal-annimali fir-rigward tad-dewmien tat-trasport mhux previst (konġestjoni tat-traffiku, waqfien minħabba ħsara, aċċident, devjazzjoni, force majeure, eċċ.) għandu jiġi estiż filwaqt li jitqiesu l-possibilitajiet kollha msemmija;

15. Jenfasizza l-fatt li r-rapport tal-Kummissjoni jisħaq b'mod partikolari fuq il-konklużjonijiet tiegħu li f'konformità mal-opinjoni tal-EFSA "jidher li parti mir-Regolament mhumiex totalment allinjati mal-għarfien kurrenti"; jemmen li għal din ir-raġuni huwa importanti li tiġi enfasizzata l-ħtieġa li jiġi kkunsidrat l-għarfien xjentifiku attwali fit-tfassil tal-liġijiet dwar il-benessri tal-annimali; jenfasizza l-fatt li l-opinjoni tal-EFSA tisħaq li huma involuti aspetti oħra fil-benessri tal-annimali għandu influwenza fuq aspetti oħrajn lil hinn ferm mit-tul tal-vjaġġ, bħat-tagħbija u l-ħatt b'mod xieraq, kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' disinn tal-vetturi;

***Spejjeż ekonomiċi, soċjali u ambjentali tat-trasport u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd***

16. Huwa konxju mill-investimenti konsiderevoli li saru minn ħafna trasportaturi f'kundizzjonijiet ekonomiċi diffiċli u jilqa' t-titjib f'termini tat-taħriġ tas-sewwieqa, l-ispeċifikazzjonijiet imtejba għall-vetturi u l-kwalità tat-trasport tal-annimali nnotat fir-rapport tal-Kummissjoni; jiddispjaċih, madankollu, li s-sejbiet tal-Kummissjoni m'għandhomx data affidabbli biżżejjed; jinnota li minħabba l-investimenti konsiderevoli meħtieġa, ħafna produtturi u biċċeriji, l-aktar dawk żgħar, waqqfu l-attivitajiet tagħhom, speċjalment f'żoni iżolati u periferiċi tal-Ewropa;

17. Jiġbed l-attenzjoni lejn id-differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri fir-rigward tan-nefqa għat-titjib fil-vetturi (pereżempju firxa minn Eur 250 sa Eur 6 000 għall-installazzjoni ta' sistema ta' navigazzjoni bis-satellita), li jaffetwa b'mod serju s-Suq Intern, u jikkritika lill-Kummissjoni għax din ma nvestigatx ir-raġunijiet għal dawn id-differenzi;

18. Jitlob lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' dan it-tħassib, sabiex tippreżenta valutazzjoni kompluta tal-ispejjeż ekonomiċi, ambjentali u soċjali fit-trasport tal-annimali;

19. Jemmen li leġiżlazzjoni dwar il-benessri tal-annimali, bħala prinċipju, għħandha tkun ibbażata fuq ix-xjenza; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex taġġorna r-regoli dwar it-trasport tal-annimali fir-rigward tan-nuqqasijiet eżistenti bejn il-leġiżlazzjoni u l-aħħar evidenza xjentifika kif identifikata mill-EFSA;

20. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni inkludiet fir-rapport tagħha l-analiżi xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), li tenfasizza l-ħtieġa li t-tul tat-trasport taż-żwiemel għandu jitnaqqas b'mod evidenti u tikkorrelata mas-suġġerimenti proposti fid-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Frar 2010;

21. Jiddispjaċih li minkejja l-evidenza xjentifka ġdida dwar il-ħinijiet għat-trasportazzjoni taż-żwiemel ippreżentata mill-EFSA, ma ġiet inkluża l-ebda rakkomandazzjoni għal bidliet leġiżlattivi fir-rapport tal-Kummissjoni; jirrikjedi li l-Kummissjoni tipproponi limitu massimu iqsar ta' trasport għat-trasport kollu ta' żwiemel għall-qatla, bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE; jinsisti, barra minn hekk, fuq reviżjoni fil-fond, fuq il-bażi tax-xjenza, tal-istandard għall-benessri taż-żwiemel, jekk hemm bżonn akkumpanjata minn proposti leġiżlattivi, inkluż kunsiderazzjoni mill-ġdid ta' standards għad-disinn tal-vetturi, spazji allokati u provvista ta' ilma;

22. Jirrimarka li l-Premessa 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 teżiġi li għandhom ikunu proposti dispożizzjonijiet adegwati għat-tjur hekk kif ikunu disponibbli l-valutazzjonijiet relevanti tal-EFSA; jiddispjaċih, għalhekk, li r-rappot tal-Kummissjoni ma jikkunsidrax it-trasport tat-tjur, minkejja l-fatt li t-tjur jikkostitwixxu l-kategorija prinċipali tal-annimali trasportata fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni, konsegwentement, biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar it-trasport tat-tjur fuq il-bażi tal-aħħar evidenza xjentifika;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jirrevedu r-Regolament (KE) Nru 1/2005 tal-Kunsill fid-dawl tal-aħħar evidenza xjentifika ppubblikata mill-EFSA, u biex idaħħlu titjib dwar b'mod partikolari l-allokazzjonijiet ta' spazju, bħall-użu ta' kalkolazzjoni ta' kg/m2 għal żwiemel u ekwazzjoni algometrika li tirrelata d-daqs mal-piż ta' baqar u nagħaġ u l-konnessjoni mad-densità tal-ħażna massima għal brojlers f'kontenituri għal kundizzjonijiet termiċi;

24. Jitlob li l-Kummissjoni, fin-negozjati kummerċjali bilaterali tagħha ma' pajjiżi terzi, tesiġi l-applikazzjoni tal-istandards tal-Unjoni Ewropea għall-benessri tal-annimali u tiddefendi l-internazzjonalizzazzjoni, fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, tad-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar dan is-suġġett;

***Kontrolli u implimentazzjoni***

25. Jilqa' l-aħbar dwar l-introduzzjoni ta' sistema tan-navigazzjoni għall-monitoraġġ tat-trasport ta' annimali, madankollu jesprimi d-dispjaċir tiegħu li jeżistu differenzi kbar fl-implimentazzjoni bejn l-Istati Membri u li globalment l-użu ta' din is-sistema għall-kontroll tat-trasport tal-annimali huwa limitat; jitlob li l-Kummissjoni tagħmel proposti leġiżlattivi qabel l-1 ta' Jannar 2014, immirati biex joħolqu qafas komuni għall-UE kollha għall-ġbir ta' dejta u l-kontroll permezz ta' navigazzjoni bis-satellita, ibbażat fuq l-input ta' data f'ħin reali;

26. Jesprimi d-diżappunt tiegħu li ma sarx użu aħjar mit-teknoloġiji emerġenti li jkunu ta' għajnuna f'dan il-qasam u jnaqqsu l-ispejjeż fiż-żmien twil;

27. Jitlob li jkun hemm tranżizzjoni għat-teknoloġiji elettroniċi sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jħaffu x-xogħol għall-impriżi billi jiffaċilitaw il-ħażna u l-komunikazzjoni tad-data mitluba minn diversi uffiċċji amministrattivi;

28. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel riċerka dwar kif it-teknoloġija ġdida u eżistenti tista' tiġi applikata fuq vettura tal-bhejjem tal-irziezet biex tirregola, tissorvelja u tirreġistra t-temperatura u l-umdità, li huma elementi essenzjali għall-kontroll u l-protezzjoni tal-benessri ta' kategoriji speċifiċi ta' annimali waqt it-trasport, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-EFSA;

29. Jenfasizza li jeħtieġ li jsiru għadd xieraq ta' spezzjonijiet tal-annimali trasportati kull sena f'kull Stat Membru, sabiex ikun garantit u jinżamm il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fi ħdan l-UE; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni biex iżżid l-għadd ta' spezzjonijiet tal-FVO mhux imħabbra ffukati fuq il-benessri tal-annimali u t-trasport tagħhom; huwa tal-opinjoni li metodi differenti ta' ġbir ta' data u mekkaniżmi ta' kontroll jagħmluha diffiċli biex tingħata stampa eżatta tal-konformità fl-Istati Membri individwali; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tadotta stuttura iktar armonizzata ta' rraportar u biex twettaq aktar analiżi tad-data ġġenerata mir-rapporti tal-ispezzjonijiet tal-FVO u mir-risposti tal-Istati Membri dwar il-Pjan Multi-annwali Nazzjonali ta' Kontroll (MANCP);

30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-kontrolli veterinarji tal-annimali jsiru fit-tmiem tat-trasport tagħhom;

31. Jinnota bi tħassib l-indikazzjonijiet li fl-Istati Membri individwali jeżistu differenzi sostanzjali fl-interpretazzjoni tar-Regolament, peress li dan imur kontra l-għanijiet tar-Regolament u jfixkel il-kompetizzjoni; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tippubblika dokumenti adegwati ta' kjarifika u ta' gwida tar-Regolament sabiex telimina l-possibilità li dan jiġi interpretat b'mod arbitrarju;

32. Jinnota li kwalunkwe nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' spiss jiġu ġustifikati minn speċifikazzjonijiet legali, li fil-prattika ma jistgħux jiġu implimentati jew ma jkunux kompatibbli mal-liġi nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tanalizza dawn l-inkosistenzi relatati mar-regolament eżistenti;

33. Huwa mħasseb dwar il-fatt li ċerti Stati Membri huma preparati li jittolleraw ksur evidenti ta' dan ir-Regolament, bħal pereżempju skedi ta' vjaġġi li ma jistgħux jiġu tollerati, vetturi mimlija ż-żejjed u allokazzjonijiet ta' spazji mhux adegwati;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

34. Jistieden ukoll lill-awtoritajiet tal-fruntieri ta' kull Stat Membru biex jikkollaboraw u jiskambjaw informazzjoni dwar it-trasportazzjoni transkonfinali tal-annimali;

35. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u diżważivi għall-ksur tar-Regolament, skont l-Artikolu 25 tiegħu; jiġbed l-attenzjoni lejn il-livelli differenti ta' penali u sanzjonijiet għall-istess ksur fl-Istati Membri differenti, u jitob armonizzazzjoni aħjar tas-sanzjonijiet fl-UE kollha biex ikun żgurat infurzar aħjar tar-Regolament; jitlob li l-Kummissjoni, qabel l-1 ta' Lulju 2013, tippreżenta rapport fejn jiġu analiżati penali għal ksur serju kontra l-benessri tal-annimali fit-trasport bit-triq fl-Istati Membri kollha, bħar-rapport tagħha dwar penali fil-qasam ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq ([1]);

36. Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-regoli dwar ir-responsabilità, li fihom ir-responsabilità għat-trasport ta' annimali mhux b'saħħithom mhix definita b'mod biżżejjed ċar biex ikun żgurat li l-annimali li mhumiex b'saħħithom għat-trasport mhumiex trasportati u l-persuni li jiġu penalizzati mhux neċessarjament huma f'pożizzjoni li jipprevjenu t-trasport;

37. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu passi legali kontra dawk l-Istati Membri li ma japplikawx ir-Regolament kif suppost u timponi sanzjonijiet fuqhom;

38. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli fil-katina kollha tal-produzzjoni biex jitwaqqfu l-prattiki li jiksru r-Regolament u li jirrendu agħar il-kundizzjonijiet tat-trasport tal-annimali, bħal pereżempju jippermettu vetturi mgħobbija ż-żejjed biex ikomplu l-vjaġġ tagħhom jew jippermettu li l-punti ta' kontroll ma jkollhomx faċilitajiet adegwati għas-serħan, il-provvista ta' ikel u ilma għall-annimali li jistgħu jibqgħu jintużaw;

39. Huwa tal-fehma li edukazzjoni u taħriġ xierqa huma indispensabbli għat-trattament kif suppost tal-annimali u dawn joħolqu l-bażi għall-protezzjoni u l-benessri tagħhom; jistieden lill-Istati Membri kollha, biex jekk ikun meħtieġ itejbu u jestendu l-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ tagħhom, kif inhu obbligatorju skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005; jinnota li t-tul u l-istandard tal-korsijiet ta' taħriġ ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri; jitlob, għalhekk, li jitħejjew linji gwida ċari tal-UE biex jiġu żviluppati korsijiet ta' taħriġ aqwa u aktar uniformi għal sewwieqa u għal dawk li jaħdmu mal-annimali;

40. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-bejjiegħa bl-imnut, il-kumpaniji tas-servizzi tal-ikel u l-manifatturi tal-ikel biex jiżguraw li l-istandards privati tagħhom joriġinaw mill-laħam li jkun joriġina minn annimali li jkunu trabbew u nqatlu lokalment u jkunu ġew trasportati f'kundizzjonijiet li jirrispettaw il-benessri tagħhom;

41. Jesprimi tħassib minħabba n-numru ta' rapporti ta' vetturi mhux xierqa li qed jintużaw għat-trasport ta' annimali ħajjin kemm fuq l-art kif ukoll bil-baħar u jitlob li l-monitoraġġ ta' tali prattiki jittejjeb;

o

o o

42. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2012)0500

# Id-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2010 – 2011)

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2010 – 2011) (2011/2069(INI))**

(2015/C 434/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari t-tieni inċiż u mir-raba' sas-seba' inċiżi tiegħu,

---

([1]) COM (2009)0225.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(3) it-tieni inċiż, u l-Artikoli 6 u 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000 ("il-Karta"), kif ipproklamata fit-12 ta' Diċembru 2007 fi Strasburgu,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (KEDB),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1949 dwar is-Soppressjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin u l-Isfruttament tal-Prostituzzjoni tal-Oħrajn,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapporti tal-Kummissjoni tal-2010 u l-2011 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (COM(2011)0160 u COM(2012)0169) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal mehmuża magħhom,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Rapport tal-2010 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE: Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE" (COM (2010)0603),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mill-Unjoni Ewropea (COM(2010)0573) u l-Gwida Operattiva dwar il-kunsiderazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fil-Valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni (SEC(2011)0567),

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-azzjonijiet u l-inizjattivi tal-Kunsill għall-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, adottata fil-laqgħa Nru 3 092 tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali fi Brussell fit-23 ta' Mejju 2011, u l-Linji gwida tal-Kunsill dwar passi metodoloġiċi li għandhom jittieħdu biex tiġi kkontrollata l-kompatibilità tad-drittijiet fundamentali fil-korpi preparatorji tal-Kunsill ([3]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni intitolati "Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma sal-2020" (COM(2011)0173) u "Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom: wieħed mill-ewwel passi fl-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE" (COM(2012)0226),

— wara li kkunsidra l-korp tal-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem li jagħmlu parti minnhom l-Istati Membri, u l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, ir-rapporti mill-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa, partikolarment ir-rapporti dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem imfassla mill-Assemblea Parlamentari u l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll id-deċiżjonijiet, gwida u ġudizzji ta' korpi speċjalizzati ta' monitoraġġ u ġudizzjarji,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB),

— wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali, li tuża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali bħala referenza għall-interpretazzjoni tal-liġi nazzjonali wkoll,

— wara li kkunsidra l-attivitajiet, ir-rapporti annwali u l-istudji tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA),

— wara li kkunsidra r-rapporti u l-istudji tal-NGOs dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istudji rilevanti mitluba mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

---

([1]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
([2]) ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.
([3]) Dokument tal-Kunsill 10140/2011 tat-18 ta' Mejju 2011.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, speċjalment ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2009) – implimentazzjoni effettiva wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2005 dwar il-ħarsien tal-minoranzi u politiki kontra d-diskriminazzjoni f'Ewropa akbar ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-inklużjoni tar-Roma ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0383/2012),

A. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jibbaża l-Unjoni fuq komunità ta' valuri indiviżibbli u universali ta' rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza bejn is-sessi, in-nondiskriminazzjoni, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili, għall-persuni kollha li jgħixu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk li jagħmlu parti minn minoranzi, persuni mingħajr stat u dawk li huma temporanjament jew illegalment fit-territorju tal-Unjoni Ewropea; billi dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

B. billi r-rispett u l-promozzjoni ta' dawn il-valuri huma element essenzjali tal-identità tal-Unjoni Ewropea u kundizzjoni biex Stat isir membru tal-UE u jippreserva bis-sħiħ il-prerogattivi tas-sħubija;

C. billi l-Artikolu 6(3) tat-TUE jiddikjara li d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-KEDB u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni,

D. billi, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Karta, skont l-Artikolu 6 tat-TUE, għandha l-istess valur legali bħat-Trattati, u hija legalment vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll fuq l-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi tal-UE; billi l-Karta bidlet il-valuri u l-prinċipji fi drittijiet tanġibbli u infurzabbli,

E. billi l-adeżjoni tal-UE mal-KEDB, kif mitlub mit-TUE, se tippermetti li l-atti tal-UE jkunu soġġetti għal reviżjoni mill-QEDB, u b'hekk toħloq responsabilità akbar għall-UE u ttejjeb l-aċċess tal-individwi għall-ġustizzja;

F. billi s-salvagwardja effikaċi u l-promozzjoni tad-drittijiet għandhom jikkostitwixxu objettiv ġenerali tal-politiki kollha tal-UE, inkluża d-dimensjoni esterna tagħhom, u billi l-osservazzjoni tad-dmir ta' protezzjoni, promozzjoni u twettiq ma teħtieġx kompetenzi ġodda għall-UE iżda pjuttost impenn istituzzjonali proattiv lejn id-drittijiet tal-bniedem, li jiżviluppa u jsaħħaħ kultura ġenwina tad-drittijiet fundamentali fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u fl-Istat Membru; billi l-UE jeħtiġilha thaddan politika tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE koerenti u mekkaniżmu li jgħaqqad flimkien l-atturi differenti tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-istruttura tal-UE;

G. billi ċ-ċittadini jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom bis-sħiħ biss jekk il-valuri u l-prinċipji fundamentali, bħall-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura, il-libertà tal-midja u n-nondiskriminazzjoni jiġu rispettati;

H. billi l-qabża bejn id-drittijiet fundamentali u l-implimentazzjoni tagħhom iddgħajjef il-kredibilità tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri tagħha u r-rispett effikaċi u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, fit-territorju tagħha u madwar id-dinja;

---

([1]) ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 49.
([2]) ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 405.
([3]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 112.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

I. billi l-obbligi li jaqgħu fuq il-pajjiżi kandidati taħt il-kriterji ta' Kopenħagen ikomplu japplikaw għall-Istati Membri wara li jaderixxu mal-UE bis-saħħa tal-Artiklu 2 tat-TUE, u billi fid-dawl ta' dan l-Istati Membri kollha għandhom jiġu vvalutati fuq bażi kontinwa sabiex tiġi vverifikata l-konformità kontinwa tagħhom mal-valuri bażiċi tal-UE tar-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt,

J. billi l-protezzjoni effikaċi u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali jitolbu li l-Istati Membri jaċċettaw, fi spirtu ta' solidarjetà u kooperazzjoni sinċiera mal-Istati Membri l-oħra, l-iskrutinju tal-UE tar-rispett għall-valuri tal-UE fil-leġiżlazzjoni, politiki u prattiki tagħhom;

K. billi flimkien mal-Artikolu 2 tat-TUE, l-Artikolu 7 jagħti lill-istituzzjonijiet tal-UE s-setgħa li jivvalutaw jekk hemmx ksur tal-valuri komuni bħar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Istati Membri, u li jimpenjaw ruħhom b'mod politiku mal-pajjiżi kkonċernati biex jipprevjenu u jirrimedjaw dan il-ksur;

L. billi l-istudju konġunt li sar f'Mejju 2012 mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u mill-Bank Dinji dwar is-sitwazzjoni tar-Roma jikkonferma li d-diskriminazzjonijiet jolqtu lir-Roma fl-Ewropa kollha, u li s-sitwazzjoni tagħhom hija agħar minn dik ta' dawk kollha li mhumiex Roma u li jinstabu f'sitwazzjoni simili; billi d-diskriminazzjoni u ż-żieda tal-vjolenza kontrihom fl-Istati Membri tal-UE għandhom l-għeruq tagħhom f'attitudnijiet moħbija kontra ż-żingari,

M. billi l-kriżi ekonomika attwali qed tikkontesta l-prinċipju ta' solidarjetà, li huwa komponent essenzjali tal-istorja u l-identità tal-UE, kif ukoll ir-rabta sottostanti li tgħaqqad flimkien iċ-ċittadini tal-UE bħala membri tal-istess komunità politika ([1]);

N. billi d-drittijiet soċjali u ekonomiċi huma elementi essenzjali tal-Karta u, għaldaqstant, għandhom ikunu rikonoxxuti b'mod prominenti fi kwalunkwe analiżi tas-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni;

***Rakkomandazzjonijiet ġenerali***

1. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jieħdu r-responsabilitajiet tagħhom bis-sħiħ rigward l-applikazzjoni xierqa u sħiħa tal-mandat u l-kompetenzi tal-UE fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, kemm fuq il-bażi tal-Karta kif ukoll tal-Artikoli tat-Trattati li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet fundamentali u l-kwistjonijiet tad-drittijiet taċ-ċittadini, notevolment l-Artikoli 2, 6, u 7 tat-TUE; jemmen li dan huwa l-uniku mod biex jiġi żgurat li l-UE tattrezza ruħha – kif għamlet f'oqsma oħrajn ta' interess komuni u importanza, bħal kwistjonijiet ekonomiċi u baġitarji – biex tittratta d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-kriżijiet u t-tensjonijiet demokratiċi li qed jaffettwaw lill-UE u l-Istati Membri tagħha; jitlob li l-mekkaniżmi Ewropej jissaħħu b'mod urġenti sabiex jiġi żgurat li d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati fl-Unjoni Ewropea;

2. Jinnota li, filwaqt li jilqa' l-passi mill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposti leġiżlattivi tagħha jkunu konformi mal-Karta, għad hemm lok għal titjib, peress li qed ikomplu jinħolqu proposti li jonqsu milli jikkunsidraw, jew ma jikkunsidrawx b'mod adegwat, l-impatt tal-miżuri proposti rigward id-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi konkreti lejn it-titjib tal-verifika tal-proposti tagħha fir-rigward tal-Karta, inkluż l-iżgurar ta' għarfien adegwat fis-servizzi kollha tal-Kummissjoni;

3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-impatt tad-drittijiet fundamentali tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri jiffurmaw sistematikament parti mir-rapporti ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll ir-rapport annwali tagħha dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tirrevedi l-Linji Gwida eżistenti tal-Valutazzjoni tal-Impatt sabiex tagħti prominenza akbar lill-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, biex b'hekk jitwessgħu l-istandards sabiex jinkludu l-istrumenti tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa għad-drittijiet tal-bniedem;

4. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal tabella ta' valutazzjoni permanenti fuq il-ġustizzja, l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, li tkopri l-Istati Membri kollha inklużi fis-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali jkunu involuti bis-sħiħ fil-proċedura u li t-tabella ta'

([1]) Ara notevolment l-Artikoli tal-Karta dwar id-drittijiet soċjali kif ukoll l-Artikoli rilevanti speċifiċi tat-Trattati dwar is-solidarjetà: l-Artikoli 80 u 122 tat-TFUE.

valutazzjoni tkun regolarment ippreżentata lill-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, u vvalutata u ssorveljata minnu.

5. Jistieden lill-Kunsill jiżgura l-implimentazzjoni effikaċi tal-impenn tiegħu li jikkontrolla mal-Karta kemm l-emendi proposti tiegħu għall-proposti tal-Kummissjoni kif ukoll il-proposti mressqa fuq inizjattiva tiegħu stess; ifakkar li sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effikaċi tad-drittijiet fundamentali l-Istati Membri wkoll għandhom jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Karta meta jkunu qegħdin jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-UE;

6. Jistieden lill-Kummissjoni – u lill-Kunsill, meta jagħti bidu għal leġiżlazzjoni – biex jagħmlu użu sistematiku mill-għarfien espert indipendenti estern, notevolment dak tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali, waqt it-tħejjija ta' valutazzjonijiet tal-impatt;

7. Iqis b'mod favorevoli l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni, l-Ombudsman Ewropew u korpi oħra biex itejbu l-għarfien taċ-ċittadini dwar kif jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini u tevalwa r-riżultati tal-għoti ta' tali informazzjoni;

8. Jenfasizza r-rwol fundamentali tal-Parlament Ewropew biex jivverifika u jikkontrolla t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-liġi Ewropea u għalhekk, jinsisti li l-Parlament għandu wkoll isaħħaħ il-valutazzjoni tal-impatt awtonoma tiegħu dwar id-drittijiet fundamentali fir-rigward ta' proposti u emendi leġiżlattivi taħt eżami fil-proċess leġiżlattiv u jagħmilha aktar sistematika;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, abbażi, fost l-oħrajn tal-Artikoli 2 u 6 tat-TUE u tal-Karta; jemmen li rapport bħal dan għandu jinkludi analiżi tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri, inkluż fuq il-bażi tat-tħassib ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, tal-NGOs, tal-PE u taċ-ċittadini fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija; jitlob li r-rapport jindirizza l-implimentazzjoni, il-protezzjoni u l-promozzjoni, u r-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-UE u l-Istati Membri tagħha, kif imsemmi fil-Karta, il-KEDB u t-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet fundamentali, u li jkun fih rakkomandazzjonijiet speċifiċi; ifakkar li l-Kummissjoni għandha d-dmir li twettaq attività bħal din kemm bħala gwardjan tat-Trattati u tal-Karta u kif ukoll abbażi tal-Artikoli 2, 6 u 7 tat-TUE;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Karta jadotta analiżi aktar ibbilanċjata u awtokritika, sabiex jinkludi mhux biss żviluppi pożittivi iżda wkoll analiżi ta' fejn tista' ssaħħaħ l-approċċ tagħha fil-futur;

11. Jiddispjaċih li r-rapporti tal-Kummissjoni 2010 u 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ma jenfasizzawx id-drittijiet soċjali u ekonomiċi, b'mod partikolari fil-kuntest attwali tal-kriżi ekonomika, meta tali drittijiet huma rilevanti iktar minn qatt qabel;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rapport annwali tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Karta jindirizza s-sitwazzjoni tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi fl-Unjoni, u b'mod partikolari, kif dawn huma implimentati fl-Istati Membri;

13. Jirrakkomanda li l-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill b'mod konġunt u formalment jirrikonoxxu l-eżistenza ta' obbligi pożittivi biex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem bħala parti mil-liġi tal-UE; jenfasizza wkoll li r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet jinkludi azzjonijiet fuq livelli differenti (internazzjonali, Ewropew, nazzjonali u lokali) u jenfasizza r-rwol li jista' jkollhom l-awtoritajiet reġjonali u lokali f'dan il-qasam b'rabta mal-assoċjazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill itejbu l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li jittrattaw id-drittijiet fundamentali, NGOs u s-soċjetà ċivili fil-proċessi preleġiżlattivi u leġiżlattivi;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw livell suffiċjenti ta' finanzjament fil-programmi ta' finanzjament iddedikati għad-drittijiet fundamentali u kontra d-diskriminazzjoni matul il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha;

15. Jistieden lill-Kunsill jinkludi, fir-rapporti annwali tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, analiżi tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri billi jikkunsidra wkoll il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġu implimentati s-sentenzi tal-QEDB u tiġi adattata l-leġiżlazzjoni u l-prattika interna kif xieraq;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-acquis leġiżlattiv tal-UE billi tikkunsidra b'mod xieraq id-drittijiet imsemmija fil-Karta tal-UE; iqis li t-tensjonijiet possibbli bejn il-libertajiet ekonomiċi u d-drittijiet fundamentali għandhom jiġu indirizzati diġà fuq livell leġiżlattiv u mhux biss mill-ġudikatura tal-UE;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi dak li kien id-dominju tat-tielet pilastru (il-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet kriminali) fid-dawl tal-Karta; ifakkar ir-rakkomandazzjoni magħmula fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Programm ta' Stokkolma ([1]) fejn talab reviżjoni konsistenti ta' din il-leġiżlazzjoni u jfakkar lill-Kummissjoni li fl-1 ta' Diċembru 2014 dik il-leġiżlazzjoni kollha adottata f'qafas kostituzzjonali totalment differenti se tiġi applikata bħala tali fl-UE u se taffettwa b'mod mhux xieraq id-drittijiet tal-individwali taħt il-ġurisdizzjoni tal-UE;

18. Jiddispjaċih

— dwar in-nuqqas ta' trasparenza fid-djalogu tal-Kummissjoni mal-Istati Membri meta d-drittijiet fundamentali jew l-interessi taċ-ċittadini Ewropej ikunu f'riskju; iqis li nuqqas ta' trasparenza bħal dan dwar it-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE jmur kontra r-regoli tal-UE dwar it-trasparenza u l-prinċipju taċ-ċertezza legali, u huwa estremament ta' ħsara għall-pajjiżi l-oħra tal-UE, għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll għall-istituzzjonijiet l-oħra notevolment meta d-drittijiet soċjali u ekonomiċi taċ-ċittadini jkunu kkonċernati; jilqa' l-inizjattivi mħabbra mill-Kummissjoni biex ittejjeb it-trasparenza dwar l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-Istati Membri b'rabta mal-implimentazzjoni tas-suq intern u jikkunsidra li t-trasparenza mħabbra għall-politika fiskali għandha tittejjeb anke meta d-drittijiet fundamentali jkunu kkonċernati;

— dwar in-nuqqas ta' trasparenza fl-aġenziji tal-UE, li jgħamilha diffiċli li jiġi vverifikat jekk l-azzjonijiet tagħhom humiex konformi jew le mal-prinċipji ta' trasparenza, l-amministrazzjoni tajba, il-protezzjoni tad-data u l-antidiskriminazzjoni kif ukoll mal-prinċipji ta' neċessità u ta' proporzjonalità; jiddispjaċih bin-nuqqas ta' interess persistenti tal-Kummissjoni f'qafas leġiżlattiv li jiggarantixxi amministrazzjoni miftuħa, indipendenti u effiċjenti kif meħtieġ skont l-Artikolu 41 tal-Karta u l-Artikolu 298 tat-TFUE;

— dwar in-nuqqas ta' trasparenza u ftuħ, kif ukoll ta' rispett, protezzjoni u promozzjoni xierqa tad-drittijiet fundamentali u ta' sorveljanza demokratika u parlamentari fin-negozjati internazzjonali, li wassal lill-Parlament biex jirrifjuta ftehimiet internazzjonali bħal, fost l-oħrajn, l-ACTA, rifjut li se jwassal lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex ibiddlu l-prattiki attwali tagħhom u jirrispettaw id-drittijiet taċ-ċittadini;

19. Jissuġġerixxi aktar trasparenza fid-djalogu tal-Kummissjoni mal-Istati Membri, kif ukoll fil-ħidma tal-aġenziji tal-UE, meta d-drittijiet fundamentali jew l-interessi taċ-ċittadini Ewropej ikunu kkonċernati;

20. Jitlob li ssir it-tnedija ta' "ċiklu ta' politika Ewropea tad-drittijiet fundamentali", li jagħti dettalji fuq bażi pluriennali u annwali tal-objettivi li għandhom jinkisbu u l-problemi li għandhom jiġu solvuti; iqis li ċiklu bħal dan għandu jipprevedi qafas għall-istituzzjonijiet u l-FRA, kif ukoll l-Istati Membri, biex jaħdmu flimkien billi jevitaw duplikazzjoni, bini fuq ir-rapporti ta' xulxin, twettiq ta' miżuri konġunti u organizzazzjoni ta' avvenimenti konġunti bil-parteċipazzjoni ta' NGOs, ċittadini, parlamenti nazzjonali, eċċ.;

21. Jipproponi li jittieħdu passi biex jiġu żgurati kanali kontinwi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE bejn il-korpi rilevanti u fl-istituzzjonijiet tal-UE, u l-aġenziji tal-UE, u li jsir forum interistituzzjonali annwali sabiex issir diskussjoni għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali tal-UE; iqis li forum bħal dan għandu jkun pass ta' tħejjija tad-dibattitu annwali tal-Parlament dwar id-drittijiet fundamentali u dwar l-iżvilupp taż-żona Ewropea tal-libertà, sigurtà u l-ġustizzja; iqis li forum interistituzzjonali bħal dan għandu jlaqqa' rappreżentanti tal-Kummissjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP), il-Kumitat tal-Parlament għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, kif ukoll rappreżentanti tal-Ombudsman Ewropew, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, l-Eurofound, u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data;

([1]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 12.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

22. Iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali jsaħħu r-rwol tagħhom fl-iskrutinju tad-drittijiet tal-bniedem tal-attivitajiet tal-UE u l-implimentazzjoni nazzjonali tal-liġi tal-UE u jistedinhom jorganizzaw laqgħat perjodiċi li jiffukaw fuq l-istrateġiji li għandhom jiġu żviluppati sabiex jiġu implimentati l-Karta u l-ġurisprudenza tal-Qrati tal-UE;

23. Jiddeplora d-dewmien fl-adeżjoni tal-UE mal-KEDB; jistieden lill-Kunsill jaġixxi skont it-termini tal-Artikolu 265 tat-TFUE sabiex il-proċeduri għad-dħul tal-UE mal-KEDB jiġu konklużi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi l-proċedura mal-ewwel opportunità, u lill-Istati Membri biex iniedu proċeduri għar-ratifikazzjoni tal-adeżjoni mal-KEDB malajr kemm jista' jkun, peress li dan se jipprovdi mekkaniżmu addizzjonali għall-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini;

24. Iqis li, anke qabel il-konklużjoni tan-negozjati fl-adeżjoni tal-UE għall-KEDB, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jikkunsidraw it-traspożizzjoni mill-Istati Membri tal-ġurisprudenza ta' Strasburgu bħala kwistjoni ta' interess komuni;

25. Iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom joħolqu mekkaniżmu sabiex jiżguraw li l-UE u l-Istati Membri tagħha jirrispettaw, jimplimentaw u jittrasponu l-ġurisprudenza tal-KEDB, peress li din hija kwistjoni ta' interess komuni u obbligu fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-UE;

26. Ifakkar lill-Istati Membri kollha sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom fil-qasam tar-rispett tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali; jinnota li l-parteċipazzjoni fi trattati internazzjonali dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tista' sservi biss biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE u jilqa' l-fatt li l-UE ngħaqdet mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u se tingħaqad mal-KEDB; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jieħdu passi biex isiru parti minn trattati internazzjonali oħrajn dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

27. Jinsab inkwetat ħafna dwar is-sitwazzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-kontrolli u l-bilanċi, il-midja u d-drittijiet fundamentali f'uħud mill-Istati Membri u, b'mod partikolari, dwar il-prattika minn dawk fil-poter li jagħżlu, jaħtru jew ikeċċu persuni li jokkupaw karigi indipendenti bħal pereżempju fil-qrati kostituzzjonali, il-ġudikatura, ix-xandir pubbliku, il-korpi regolatorji tal-midja u l-uffiċċji tal-ombudsmen jew tal-kummissarji, sempliċiment abbażi ta' affiljazzjoni politika minflok abbażi tal-kompetenza, l-esperjenza u l-indipendenza;

28. Jiddispjaċih bir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni għal ksur speċifiku tad-drittijiet fundamentali u d-dgħjufija ta' kontrolli demokratiċi u bilanċi u l-istat tad-dritt fi Stati Membri u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċedimenti ta' ksur jiżguraw il-protezzjoni effikaċi tad-drittijiet tal-bniedem, aktar milli jimmiraw għal soluzzjonijiet innegozjati mal-Istati Membri;

29. Iqis li, sabiex tinżamm il-kredibilità tal-kundizzjonijiet ta' adeżjoni, l-Istati Membri għandhom jiġu wkoll ivvalutati kontinwament għall-konformità kontinwa tagħhom mal-valuri fundamentali tal-UE u t-twettiq tal-impenji tagħhom fir-rigward tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proċedimenti ta' ksur jiżguraw il-protezzjoni effikaċi tad-drittijiet fundamentali u tniedi investigazzjonijiet oġġettivi u tibda proċedimenti ta' ksur jekk ikun hemm raġunijiet validi, biex b'hekk jiġu evitati standards doppji, kull meta Stat Membru jikser id-drittijiet stabbiliti fil-Karta meta jimplimenta leġiżlazzjoni tal-UE;

30. Ifakkar l-impenn tal-Kummissjoni li tagħti prijorità lill-proċedimenti ta' ksur li jqajmu kwistjonijiet ta' prinċipju jew li għandhom impatt negattiv partikolarment kbir fuq iċ-ċittadini ([1]);

31. Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni taġġorna l-komunikazzjoni tagħha tal-2003 (COM(2003)0606) u qabel it-tmiem tal-2012 tfassal proposta dettaljata għal mekkaniżmu ċar ta' monitoraġġ u sistema ta' twissija bikrija, kif ukoll proċedura ta' ffriżar, kif mitlub diġà mill-Parlament, biex tiżgura li l-Istati Membri, fuq talba tal-istituzzjonijiet tal-UE, jissospendu l-adozzjoni tal-liġijiet meta jkun hemm suspett li dawn ma jkunux qed iqisu d-drittijiet fundamentali jew li jkunu qed jiksru l-ordinament ġuridiku tal-UE, li tassoċja, notevolment, il-korpi nazzjonali tad-drittijiet fundamentali maħluqa f'konformità mal-prinċipji ta' Pariġi u li tibni fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2, 6 u 7 tat-TUE u l-Artikolu 258 tat-TFUE;

([1]) COM(2010)0573.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

32. Jenfasizza l-impenn tiegħu li juża s-setgħat tiegħu biex jaġixxi bħala litigant għad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari biex jiżgura li l-atti tal-UE jirrispettaw, jipproteġu, jippromwovu u jissodisfaw id-drittijiet tal-bniedem;

33. Jitlob li ssir reviżjoni tar-regoli proċedurali tal-QĠUE u l-Qorti Ġenerali sabiex jiffaċilitaw interventi minn partijiet terzi, b'mod partikolari minn NGOs tad-drittijiet tal-bniedem;

34. Jitlob li jsir it-twaqqif ta' istituzzjonijiet nazzjonali xierqa għad-drittijiet tal-bniedem (NHRIs) fl-Istati Membri kollha u l-miżuri li jiffaċilitaw in-netwerking ta' dawn il-korpi fl-UE bl-appoġġ tal-FRA; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jiżviluppaw il-kapaċità ta' korpi ta' ugwaljanza u korpi tal-protezzjoni tad-data, ta' NHRIs u tal-FRA bħala litiganti tad-drittijiet tal-bniedem;

35. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u korpi internazzjonali oħra b'mod partikolari mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea tiegħu għad-Demokrazija permezz tal-Liġi (il-Kummissjoni ta' Venezja), u jużaw il-kompetenza tiegħu fir-rispett għall-prinċipji tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom, inkluż mal-Parlament Ewropew u mal-parlamenti nazzjonali, sabiex ikun hemm applikazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u għal segwitu aħjar fil-qasam tal-ilmenti u għar-rimedju ta' kull irregolarità;

36. Jiddispjaċih bis-sitwazzjoni li qed tiggrava tal-libertà tal-midja f'diversi Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw, u lill-Kummissjoni tieħu azzjonijiet xierqa biex tissorvelja u tinforza, il-libertà tal-midja u l-pluraliżmu tal-midja; jilqa' l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew biex ifassal rapport dwar l-istabbiliment ta' standards għal-libertà tal-midja fl-UE;

37. Jinsab imħasseb dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, partikolarment il-libertà u l-pluraliżmu tal-istampa, fl-Unjoni, inkluż bħala riżultat tal-kriżi ekonomika attwali; jikkundanna l-kondizzjonijiet li fihom jaħdmu ċerti ġurnalisti u l-ostakoli li jkollhom speċjalment meta dawn isegwu xi avvenimenti; jinsab partikolarment imħasseb dwar it-tentazzjoni ta' xi Stati Membri li jdgħajfu l-ħarsien tas-sorsi tal-ġurnalisti u l-abbiltà tal-ġurnalisti li jinvestigaw iċ-ċrieki tal-poter; jiddispjaċih ħafna bl-attitudni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tagħmel kwalunkwe proposta leġiżlattiva biex tiggarantixxi l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, skont l-Artikolu 11 tal-Karta;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tafda lill-FRA bl-inkarigu li toħroġ rapport annwali li jimmonitorja s-sitwazzjoni tal-libertà tal-istampa u tal-pluraliżmu fl-Unjoni Ewropea;

39. Jilqa l-adozzjoni mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ta' riżoluzzjoni li tirrikonoxxi d-drittijiet fil-qasam tal-Internet, b'mod partikolari dwar l-aċċess għan-netwerk u l-libertà ta' espressjoni; jenfasizza l-ħtieġa tal-ħidma favur "il-promozzjoni, il-ħarsien u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, fuq l-internet u permezz ta' teknoloġiji oħra", waqt li jinnota li dawn id-drittijiet għandhom jiġu rispettati irrispettivament mill-fruntieri, jew mill-midja; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jimplimentaw din ir-riżoluzzjoni fil-liġi domestika u jiżguraw il-promozzjoni tagħha fil-livell internazzjonali;

40. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni għal reviżjoni rapida tal-acquis tal-UE dwar kwistjonijiet ta' pulizija u kriminali f'konformità mat-Trattat ta' Lisbona u l-Karta, qabel l-iskadenza tal-1 ta' Diċembru 2014;

41. Jitlob li ssir valutazzjoni parlamentari ta' politiki relatati mal-FSJA permezz tal-ħolqien ta' konnessjoni permanenti bejn il-Kumitati tal-Parlament għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (FREMP) u kumitati parlamentari nazzjonali li jittrattaw id-drittijiet fundamentali sabiex jevalwaw il-leġiżlazzjoni relevanti fuq livell tal-UE u nazzjonali;

42. Jistieden lill-Istati Membri jwettqu kif xieraq l-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali, li s'issa ma għamlux, biex jinvestigaw ksur serju tad-drittijiet umani fil-kuntest ta' kooperazzjoni mal-programm tas-CIA kontra t-terroriżmu, sabiex jintensifikaw il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u kontra l-kriminalità organizzata u jagħtu kumpens sħiħ lill-vittmi;

43. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw li l-FRA tiġi kkunsultata dwar kwalunkwe proposta leġiżlattiva li jkollha impatt fuq id-drittijiet fundamentali, u jirrispettaw l-indipendenza u l-kompetenzi tal-FRA;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

44. Jenfasizza li l-mandat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandu jissaħħaħ biex jinkludi monitoraġġ regolari tal-konformità tal-Istati Membri mal-Artikolu 2 tat-TUE, il-pubblikazzjoni tar-rapporti annwali dwar ir-riżultati u l-preżentazzjoni ta' dawn fil-Parlament Ewropew;

45. Jikkunsidra inaċċettabbli

— li l-Parlament, l-unika istituzzjoni tal-UE eletta direttament u koleġiżlatur tal-UE għal ħafna mill-politiki tal-UE, ma kienx permess jiddefinixxi l-oqsma tematiċi għall-qafas pluriennali tal-FRA;

— li l-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, li saret politika għall-UE standard, kif ukoll id-drittijiet soċjali u ekonomiċi, li huma elementi essenzjali għall-Karta, xorta għadhom mhux inklużi espliċitament fil-mandat tal-FRA; jitlob lill-Kunsill jinkludi l-kwistjonijiet ta' hawn fuq fil-qafas pluriennali li jmiss tal-FRA;

46. Jindika nuqqasijiet fil-mandat attwali tal-FRA, notevolment in-numru limitat ta' evalwazzjoni komparattiva bejn l-Istati Membri u n-nuqqas ta' valutazzjonijiet tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija tal-Istati Membri;

47. Jirrimarka li l-Prinċipji ta' Pariġi dwar l-NHRIs għandhom jintużaw bħala mudell għar-riforma tal-istituzzjonijiet nazzjonali u l-FRA, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, flimkien mal-Parlament Ewropew, jirrevedu, bħala kwistjoni ta' urġenza, ir-regolament ta' bażi tal-FRA skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, sabiex l-ambitu tal-FRA jitwessa' biex ikopri l-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tal-Artikoli 2, 6 u 7 tat-TUE u, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-uffiċċju u l-korpi tal-UE, kif ukoll l-attivitajiet tal-Istati Membri; iqis li l-indipendenza tal-FRA għandha tissaħħaħ, kif ukoll is-setgħat u l-kompetenzi tagħha; iqis li l-Kumitat Xjentifiku tal-FRA u n-netwerk FRANET għandhom jissottomettu lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali u jippubblikaw kull sena rapport tematiku u aktar iffukat li jivvaluta s-sitwazzjoni fl-Istati Membri tal-UE, kif sar sal-2006 minn dak li kien in-Netwerk tal-Esperti dwar id-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-FRA tirrispetta bis-sħiħ l-Artikolu 15 tat-TFUE billi tagħmel il-proċedimenti tagħha miftuħa u billi tagħti aċċess għad-dokumenti tagħha permezz ta' reġistru aċċessibbli għall-pubbliku kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001;

48. Huwa mħasseb dwar l-imsejħa "opt-outs" ta' xi Stati Membri, li se jirriskjaw li jaffettwaw id-drittijiet taċ-ċittadini tagħhom li se jsofru minn diskriminazzjoni aktar minn ċittadini oħra tal-UE u jfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, l-"opt-outs" mhumiex maħsuba biex jeżentaw lill-Istati Membri mill-obbligu li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Karta jew li jimpedixxu lil qorti ta' wieħed minn dawk l-Istati Membri milli tiżgura konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet;

49. Jenfasizza li, minbarra li tinforma lill-individwi dwar id-drittijiet tal-Karta tagħhom, il-Kummissjoni teħtieġ tiżgura li jkunu konxji ta' kif jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għall-ġustizzja u jinfurzaw id-drittijiet tagħhom fil-fora rilevanti; iqis li n-netwerks informali, bħal dawk żviluppati b'suċċess għas-suq intern (SOLVIT), għandhom jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali u reġjonali biex jassistu u jagħtu pariri lil nies li qegħdin fir-riskju li d-drittijiet tagħhom jiġu miksura (bħall-immigranti, dawk li jfittxu l-asil, persuni vulnerabbli); iqis li dawn l-istrutturi ta' appoġġ għall-istabbiliment mill-ġdid tad-drittijiet u l-integrazzjoni ekonomika u soċjali għandhom ikunu prijorità għall-fondi reġjonali;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tinforma lil dawk iċ-ċittadini li jikkuntattjawha fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet fundamentali dwar dawn il-possibbiltajiet addizzjonali jew aktar xierqa fid-dettall, iżżomm rekord ta' dawn l-indikazzjonijiet u tirrapporta dwar dan fid-dettall kollu fir-rapporti annwali tagħha dwar id-drittijiet fundamentali fl-UE u dwar l-implimentazzjoni tal-Karta; jissottolinja li l-korrispondenza taċ-ċittadini hija estremament rilevanti sabiex jinkixef ksur possibbli strutturali, sistemiku u serju tad-drittijiet fundamentali fl-UE u l-Istati Membri tagħha u konsegwentement rilevanti sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ġenwina tal-Artikoli 2, 6 u 7 tat-TUE mill-Kummissjoni;

***Diskriminazzjoni***

51. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru data diżaggregata għar-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni, kif ukoll biex jiżviluppaw indikaturi tad-drittijiet fundamentali b'kooperazzjoni mal-FRA, sabiex jiżguraw leġiżlazzjoni u politiki infurmati u mmirati sew, b'mod partikolari fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni u fil-kuntest tal-istrateġiji nazzjonali ta' integrazzjoni tar-Roma;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

52. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rieżami tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobia permezz ta' liġi kriminali li tinkludi forom oħra ta' reati preġudikanti, inkluż fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali, identità tas-sess u espressjoni tas-sess;

53. Jiddeplora l-fatt li mhux l-Istati Membri kollha ttrasponew kif suppost id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali; jistieden lill-Istati Membri jieħdu passi legali kontra l-ksenofobija, ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni kontra ż-żingari, u forom oħra ta' vjolenza u mibegħda kontra kwalunkwe grupp ta' minoranza, inkluż diskors ta' mibegħda; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-reati preġudikati, bħal dawk b'intenzjoni razzista, ksenofobika, antisemitika, islamofobika, omofobika jew transfobika jkunu punibbli fis-sistema tal-liġi kriminali, u li dawn ir-reati jiġu rreġistrati u investigati b'mod effikaċi, jittieħdu passi legali kontrihom u jiġu kkastigati, u li l-vittmi jiġu offruti assistenza, protezzjoni u kumpens xierqa; ifakkar li fl-1 ta' Diċembru 2014 din id-deċiżjoni qafas se ssir infurzabbli bis-sħiħ;

54. Jenfasizza li l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u l-ugwaljanza quddiem il-liġi huma l-pedamenti ta' soċjetà demokratika; jiddeplora l-imblukkar attwali tan-negozjati tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva orizzontali li testendi l-protezzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni; jistieden lill-Kunsill jaġġixxi, fuq il-bażi tal-Artikolu 265 tat-TFUE u jadotta d-direttiva;

55. Jenfasizza li, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, iċ-ċittadini Ewropej għandhom ikunu protetti wkoll minn diskriminazzjoni fuq bażi lingwistika;

56. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' ilment li jiżguraw li vittma ta' diskriminazzjoni multipla, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li n-nisa huma speċjalment fil-mira ta' dawn, tista' tippreżenta ilment wieħed li jindirizza aktar minn bażi waħda ta' diskriminazzjoni; iqis xieraq l-appoġġ tal-attivitajiet tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp ta' azzjonijiet kollettivi minn nies u komunitajiet emarġinati;

57. Jistieden lill-Istati Membri jipproteġu l-libertà ta' reliġjon jew twemmin, inkluża l-libertà ta' dawk mingħajr reliġjon biex ma jbatux diskriminazzjoni bħala riżultat ta' eżenzjonijiet eċċessivi għar-reliġjonijiet mil-liġijiet dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni;

58. Jenfasizza, li fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, l-ispeċifiċità tad-diskriminazzjoni minħabba raġunijiet ta' diżabilità għandha titqies bis-sħiħ;

***Protezzjoni ta' individwi li jappartjenu f'Minoranzi***

59. Jenfasizza li s-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr stat li huma residenti permanenti fl-Istati Membri teħtieġ li tiġi indirizzata, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali;

60. Jissottolinja l-importanza tar-rispett għad-drittijiet ta' persuni li jappartjenu f'minoranzi; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji mingħajr aktar dewmien u, fejn rilevanti, jirtiraw ir-riservi u d-dikjarazzjonijiet restrittivi; jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni li qed ibatu minnha l-membri tal-minoritajiet lingwistiċi u jiddokumentaw ir-riżultati tal-azzjoni meħuda biex tipproteġi d-dritt tal-membri tal-minoritajiet lingwistiċi biex jużaw il-lingwa tagħhom stess; iħeġġeġ lill-Istati Membri ma jiddiskriminawx kontra persuni li jappartjenu f'minoranzi nazzjonali jew etniċi, u jiżguraw li tali persuni jgawdu d-drittijiet mogħtija lilhom mid-dritt internazzjonali u dak tal-UE;

61. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni razzjali u etnika fl-impjieg, id-djar, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi; jinsab imħasseb b'mod partikolari dwar iż-żieda fil-partiti politiċi li huma razzisti, ksenofobiċi, iżlamofobiċi u antisemitiċi b'mod espliċitu, minħabba kriżi ekonomika u soċjali li tippromwovi r-riċerka mgħaġġla għal vittmi sagrifikali u li l-prattiki vjolenti tagħhom għandhom ikunu kkundannati; huwa mħasseb ukoll rigward l-adozzjoni ta' miżuri ripressivi kontra l-persuni mingħajr dar fil-kuntest tal-kriżi attwali;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

62. Jissottolinja li, minħabba differenzi fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE u proċeduri amministrattivi kumplessi, ċerti kategoriji ta' persuni qed jiltaqgħu ma' ostakli diskriminatorji fl-eżerċitament tad-dritt tagħhom ta' moviment u residenza ħielsa; jitlob lill-Kummissjoni tressaq proċeduri ta' ksur kontra Stati Membri li jiksru d-Direttiva 2004/38/KE;

63. Jiddispjaċih li ċittadini ta' oriġini Roma huma soġġetti għal proċeduri ta' tkeċċija kollettiva mill-Istati Membri u jilmenta dwar ir-reazzjoni dgħajfa tal-Kummissjoni f'ċerti każijiet;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa r-riżultati konkreti tal-Qafas għal Strateġiji ta' Intgrazzjoni Nazzjonali Roma tal-UE u l-progress miksub f'kull Stat Membru; jirrikonoxxi l-isforzi li saru minn ċerti Stati Membri, iżda fuq kollox il-ħafna nuqqasijiet fil-maġġoranza tal-istrateġiji ppreżentati lill-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tirrakkomanda li jsir titjib biex jinkisbu b'mod aktar effikaċi l-objettivi stabbiliti fil-Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma; jitlob li ssir analiżi tal-fattibilità finanzjarja u s-sostenibilità ta' dawn l-istrateġiji u l-progress miksub f' kull Stat Membru fir-rapporti annwali tiegħu lill-Parlament u lill-Kunsill;

65. Jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati kif suppost l-istrateġiji ta' integrazzjoni nazzjonali tar-Roma permezz tal-iżvilupp ta' politiki integrati li jinvolvu l-awtoritajiet lokali, il-korpi mhux governattivi u l-komunitajiet tar-Roma fid-diskussjonijiet li għaddejjin skont id-dispożizzjonijiet tal-Qafas tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu reazzjoni effikaċi għall-esklużjoni tar-Roma billi jimplimentaw il-miżuri ppreżentati fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Roma, u jikkooperaw mar-rappreżentanti tal-popolazzjoni tar-Roma fil-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' proġetti li jaffettwaw il-komunitajiet tagħhom, billi jagħmlu użu mir-riżorsi finanzjarji kollha disponibbli tal-UE;

66. Jemmen li l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra r-Roma għandha tagħmel iktar biex tinvolvi l-komunità tar-Roma, li r-rappreżentanti tagħha huma f'qagħda aħjar li jixhdu fuq in-nuqqas ta' aċċess għad-drittijiet ta' impjieg, edukazzjoni, akkomodazzjoni, saħħa, u għal oġġetti u servizzi, u li jsibu soluzzjonijiet għal dawn il-problemi;

67. Jistieden lill-Istati Membri jeliminaw is-segregazzjoni spazjali, l-iżgumbramenti sfurzati u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar li jiffaċċjaw ir-Roma billi jistabbilixxu politiki dwar l-akkomodazzjoni effikaċi u trasparenti u jevitaw il-kriminalizzazzjoni tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar;

68. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-livelli għolja ta' qagħad fost ir-Roma billi jitneħħew l-ostakoli għall-aċċess għall-impjieg;

69. Jistieden lill-Istati Membri jirriformaw is-sistemi edukattivi nazzjonali tagħhom sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-minoranzi, inklużi t-tfal tar-Roma, u sabiex ineħħu arranġamenti edukattivi segregati mingħajr ħsara għall-edukazzjoni b'lingwi ta' minoranzi li teżisti f'ħafna Stati Membri;

70. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw il-bidliet leġiżlattivi meħtieġa fir-rigward tal-isterilizzazzjoni u jagħtu kumpens finanzjarju lill-vittmi tal-isterilizzazzjonijiet sfurzati mwettqa fuq nisa Roma u fuq nisa b'diżabilitajiet mentali, b'konformità mal-ġurisprudenza tal-QEDB;

71. Itenni t-talba tiegħu għal approċċ immirat għall-inklużjoni soċjali tan-nisa Roma sabiex jiġu evitati d-diskriminazzjoni multipla u s-segregazzjoni etnika;

72. Jistieden lill-Istati Membri jallokaw riżorsi baġitarji suffiċjenti biex iwettqu l-objettivi identifikati fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-integrazzjoni tar-Roma; jistieden lill-Kunsill jappoġġa u jadotta l-proposti tal-Kummissjoni u tal-Parlament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, b'mod partikolari dawk li jippermettu lill-Fond Soċjali Ewropew u lill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jikkontribwixxu aħjar għall-inklużjoni soċjali tar-Roma billi titwessa' l-firxa ta' kundizzjonalitajiet ex ante biex jiġu inklużi l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali u l-immappjar tal-konċentrazzjoni territorjali tal-faqar;

73. Jirrimarka li t-tkabbir l-aktar reċenti u dak futur wassal u se jwassal għal numru akbar ta' Stati Membri karatterizzati minn diversità kulturali u lingwistika; jemmen, għalhekk, li l-UE għandha responsabilità partikolari biex tipproteġi d-drittijiet tal-minoranzi; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha sabiex tinvolvi pajjiżi tat-tkabbir fl-isforzi tagħha mmirati lejn l-inklużjoni soċjali tar-Roma, kif ukoll timmobilizza l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u tħeġġeġ lill-pajjiżi tat-tkabbir permezz tal-mekkaniżmu tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għal dan il-għan;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

74. Jinsab allarmat mill-mewġa li dejjem qed tikber ta' diskors ta' mibegħda u stigmatizzazzjoni fir-rigward tal-minoranzi u gruppi oħra ta' nies u mill-influwenza li dejjem qed tikber ta' dawn il-fenomeni fil-midja u f'numru ta' movimenti u partiti politiċi, riflessi fl-ogħla livell politiku u f'liġijiet restrittivi; jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri sabiex jippromwovu, fil-ħajja ekonomika, soċjali, politika u kulturali, l-ugwaljanza effikaċi bejn il-persuni, b'kunsiderazzjoni xierqa taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-persuni li jappartjenu f'dawn il-komunitajiet minoritarji; jindika n-nuqqas ta' konsistenza tal-politika fir-rigward tal-minoranzi nazzjonali, u jinnota li, filwaqt li l-protezzjoni tal-minoranzi hija parti mill-kriterji ta' Kopenħagen, ma jeżisti l-ebda standard għad-drittijiet tal-minoranzi fil-politika komunitarja; jenfasizza l-fatt li d-drittijiet tal-minoranzi huma parti integrali tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem;

75. Iqis li ma teżistix soluzzjoni unika sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-minoranzi nazzjonali fl-Istati Membri kollha, iżda li għandhom jiġu żviluppati xi objettivi komuni u minimi għall-awtoritajiet pubbliċi fl-UE, filwaqt li jitqiesu l-istandards legali internazzjonali rilevanti u l-prattiki tajba eżistenti; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi standard ta' politika għall-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali;

76. Iqis li l-komunitajiet ta' minoranza nazzjonali tradizzjonali jirrappreżentaw kontribuzzjoni speċjali lejn il-kultura Ewropea, u li għalhekk il-politiki pubbliċi għandhom ikunu ffukati aktar fuq il-protezzjoni tagħhom filwaqt li l-Unjoni nnifisha għandha tindirizza dawn il-ħtiġijiet b'mod aktar xieraq;

77. Jissuġġerixxi li jsiru sforzi għall-promozzjoni tal-bini ta' fiduċja bejn il-komunitajiet li tradizzjonalment jgħixu qrib ta' xulxin, kif ukoll il-koeżistenza tagħhom, permezz tat-tagħlim dwar l-identità, l-identitajiet reġjonali ta' xulxin, il-lingwi ta' xulxin u l-istorja, il-patrimonju u l-kultura ta' xulxin għal fehim aħjar u rispett akbar għad-diversità;

78. Iqis li l-parteċipazzjoni effikaċi fit-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażata fuq il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-governanza proprja hija waħda mill-aktar metodi effikaċi ta' ġestjoni tal-problemi tal-minoranzi nazzjonali, b'osservanza tal-aħjar prattiki li jeżistu fl-Unjoni;

***Opportunitajiet indaqs***

79. Jiddispjaċih bl-impatt limitat tal-inizjattivi tal-UE u nazzjonali fil-qasam tal-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, partikolarment fil-kuntest tal-impjieg; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu miri u strateġiji tal-impjieg speċifiċi fil-qafas tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali u tal-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għan-nisa u l-irġiel biex dawn jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol; iqis li, bil-għan li jitneħħew id-differenzi fissi li hemm fil-pagi u fil-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa, dawn il-miri jeħtieġu jindirizzaw il-konċentrazzjoni persistenti tan-nisa f'xogħlijiet part time, b'paga baxxa u prekarji; jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri għal rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja tal-familja u x-xogħol għall-ġenerazzjonijiet kollha tan-nisa, inkluż il-provvediment ta' faċilitajiet ta' kura ta' kwalità għat-tfal u dipendenti oħra;

80. Iqis li n-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi huwa żvantaġġ għad-drittijiet fundamentali u għad-demokrazija; jilqa' l-miżuri pożittivi li ġew introdotti fi Franza, Spanja, il-Belġju, is-Slovenja, il-Portugall u l-Polonja, bħal pereżempju s-sistemi ta' parità leġiżlati u l-kwoti tal-irġiel u n-nisa, bħala prattiki tajba essenzjali, u jistieden lill-Istati Membri b'rappreżentanza partikolarment baxxa ta' nisa fil-ħajja politika biex jikkunsidraw li jintroduċu miżuri leġiżlattivi vinkolanti;

81. Jirrimarka dwar il-fatt li n-nisa għadhom qed ibatu minħabba d-diskriminazzjoni f'diversi oqsma tal-ħajja ta' kuljum, minkejja l-leġiżlazzjoni fis-seħħ rigward il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, u b'diżappunt jinnota li, wara leġiżlazzjoni li ilha li ħarġet kważi 40 sena, id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa ftit li xejn naqset;

82. Iqis li l-vjolenza kontra n-nisa hija l-aktar ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem fil-każ tal-bniet u tan-nisa fid-dinja, inkluż fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-2015 bħala s-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa, u twettaq strateġija relatata fl-UE kollha biex tintemm il-vjolenza kontra n-nisa, kif imħabbar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2010, li tinkludi strumenti legalment vinkolanti, azzjonijiet li jżidu l-għarfien, ġbir ta' data u finanzjament għal NGOs li jiffokaw fuq in-nisa;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

83. Itenni l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tad-drittijiet għas-saħħa sesswali u riproduttiva, kif stabbiliti fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Frar 2010 ([1]), tat-8 ta' Marzu 2011 ([2]) u tat-13 ta' Marzu 2012 ([3]) dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2009, 2010 u 2011; f'dan ir-rigward jesprimi tħassib dwar restrizzjonijiet reċenti għall-aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttivi f'xi Stati Membri, b'mod partikolari l-abort sikur u legali, l-edukazzjoni sesswali u t-tnaqqis fil-finanzjament għall-ippjanar tal-familja;

84. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jesploraw l-implimentazzjoni ta' Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) fil-qafas legali tal-UE;

85. Jistieden lill-UE telimina l-politiki li jistabbilixxu dipendenza bejn il-membri tal-familja fil-qafas tar-riunifikazzjoni tal-familja, u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jagħtu lin-nisa migranti stat ta' residenza awtonoma, speċjalment f'każijiet ta' vjolenza domestika;

86. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-isforzi biex jiksbu l-objettivi tal-Patt Ewropew ta' Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2011-2020 u jieħdu miżuri biex jitrattaw id-differenza fil-paga bejn is-sessi, segregazzjoni tax-xogħol, u kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa;

87. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri effikaċi biex jipproteġu l-ħaddiema tqal u n-nisa li jkunu fuq liv tal-maternità;

88. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw il-kwistjoni tal-vjolenza kontra n-nisa, il-vjolenza domestika u l-isfruttament sesswali fil-forom kollha tiegħu, u jiġġieldu kontra t-traffikar tal-bnedmin;

89. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali jindirizzaw id-diskriminazzjoni multipla u jipproteġu lin-nisa li huma parti minn minoranzi etniċi u lill-immigranti nisa;

***L-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sess***

90. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi riformulazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobia permezz ta' liġi kriminali li tinkludi forom oħra ta' reati preġudikanti, inkluż fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali, identità tas-sess u espressjoni tas-sess;

91. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw il-qafas leġiżlattiv nazzjonali biex jindirizzaw diskriminazzjonijiet imġarrba minn nies LGBT u koppji tal-istess sess fuq bażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom jew identità tas-sess, u jħeġġiġhom jiggarantixxu implimentazzjoni effikaċi tal-qafas legali tal-UE eżistenti u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

92. Jistieden lill-Istati Membri jirreġistraw u jinvestigaw reati ta' mibgħeda kontra nies omosesswali, bisesswali u transesswali (LGBT) u jadottaw leġiżlazzjoni kriminali li tipprojbixxi l-inċitament fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali u identità tas-sess;

93. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni ([4]) dwar il-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli għall-effetti tal-proprjetà taż-żwiġijiet u tas-sħubijiet irreġistrati; iqis madankollu li l-għażla ta' żewġ strumenti differenti u ta' approċċ separat għal sħubijiet irreġistrati u żwiġijiet mhijiex ġustifikata; iqis li l-istess għażla ta' ġurisdizzjoni u liġi applikabbli għandhom japplikaw fiż-żewġ każijiet;

94. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li adottaw leġiżlazzjoni dwar sħubiji bejn persuni tal-istess sess biex jirrikonoxxu d-dispożizzjonijiet adottati minn Stati Membri oħra li għandhom effetti simili; ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, inkluż għal

([1]) ĠU C 341 E, 16.12.2010, p. 35.
([2]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 65.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0069.
([4]) COM(2011)0127 u COM(2011)0126.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

koppji tal-istess sess u għat-tfal tagħhom; jilqa' l-fatt li aktar u aktar Stati Membri introduċew u/jew adattaw il-liġijiet tagħhom dwar il-koabitazzjoni, is-sħubija ċivili u ż-żwieġ biex jiġu megħluba d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali li jgħaddu minnhom il-koppji tal-istess sess u t-tfal tagħhom u jistieden lil Stati Membri oħra jintroduċu liġijiet simili;

95. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għar-rikonoxximent reċiproku sħiħ tal-effetti tad-dokumenti kollha tal-istat ċivili fl-UE kollha, inkluż rikonoxximent tas-sess legali, żwiġijiet u sħubijiet irreġistrati, sabiex jitnaqqsu l-ostakoli legali u amministrattivi diskriminatorji għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu;

96. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintervjenu b'mod aktar qawwi kontra l-omofobija, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali, inkluż billi jistiednu lis-sindki u lill-pulizija fl-Istati Membri biex jipproteġu l-libertà tal-espressjoni u d-dimostrazzjoni waqt parati tal-LGBT; jistieden lill-Kummissjoni tuża r-riżultati tal-istħarriġ li għaddej bħalissa tal-FRA sabiex fl-aħħar issegwi t-talbiet ripetuti mill-Parlament Ewropew u mill-NGOs, u toħroġ b'mod urġenti l-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ugwaljanza fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sess, li għandu jiġi adottat sal-2014;

97. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni effikaċi tal-parteċipanti f'avvenimenti pubbliċi tal-LGBT, inklużi waqt il-parati, u jiżguraw li dawn l-avvenimenti jkunu jistgħu jiġu organizzati legalment;

98. Jiddeplora l-fatt li l-persuni transġeneru għadhom meqjusa bħala li huma mentalment morda f'għadd ta' Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri jintroduċu jew jeżaminaw mill-ġdid il-proċeduri ta' rikonoxximent legali tas-sess fuq il-mudell tal-Arġentina, u jeżaminaw mill-ġdid il-kundizzjonijiet (inkluż l-isterilizzazzjoni sfurzata) li ġew stabbiliti għar-rikonoxximent legali tas-sess; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa jneħħu l-mard tal-identità tas-sess mil-lista tal-mard mentali u tal-imġiba u jiżguraw riklassifikazzjoni mhux patoloġika fin-negozjati relatati mal-11 il-verżjoni tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD-11);

99. Jilqa' s-sett ġdid ta' regoli dwar l-ażil li ġew introdotti fid-Direttiva tal-Kwalifiki u li jinkludu l-identità tas-sess bħala raġuni għall-persekuzzjoni; itenni li l-pakkett dwar l-ażil għandu jibqa' koerenti u jinkludi l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sess fid-Direttiva dwar il-Proċedura tal-Ażil;

100. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess għall-impjieg u għall-oġġetti u s-servizzi mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq l-identità tas-sess, b'konformità mal-liġijiet tal-UE ([1]);

101. Jilqa' t-tnedija ta' stħarriġ tal-FRA li se jiġbor data komparabbli dwar l-esperjenza tal-persuni LGBT fl-Unjoni Ewropea u l-Kroazja;

102. Jistieden lill-Istati Membri jittrasponu bis-sħiħ id-Direttiva 2003/86/KE tal-Kunsill dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, mingħajr ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess jew tal-orjentazzjoni sesswali; ifakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-koppji tal-istess sess jaqgħu taħt l-ambitu tal-ħajja tal-familja ([2]);

103. Iqis li huwa aktar probabbli li d-drittijiet fundamentali ta' persuni LGBT jkunu mħarsa jekk ikun hemm aċċess għal istituzzjonijiet legali bħal koabitazzjoni, sħubija reġistrata jew żwieġ; jilqa' pożittivament il-fatt li 16-il Stat Membru attwalment joffru dawn l-għażliet u jistieden lil Stati Membri oħra jikkunsidraw li jagħmlu dan;

([1]) Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol; Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi.

([2]) Schalk u Kopf v Austria, Applikazzjoni Nru. 30141/04, QEDB.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

***Iż-żgħażagħ, l-anzjani u l-persuni b'diżabilitajiet***

104. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskriminazzjoni tal-età fl-impjiegi, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar l-impjieg u t-tkeċċija ta' ħaddiema anzjani;

105. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-integrazzjoni ta' ħaddiema żgħażagħ, b'mod partikolari dawk affettwati mill-kriżi ekonomika, fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz tal-organizzazzjoni u l-provvediment ta' taħriġ immirat lejn il-promozzjoni soċjali taż-żgħażagħ;

106. Jiddispjaċih li ż-żgħażagħ f'uħud mill-Istati Membri għadhom qed jiġu ppersegwitati u mogħtija sentenzi ta' ħabs peress li d-dritt ta' oġġezzjoni kuxjenzjuża kontra s-servizz militari għadu mhuwiex rikonoxxut b'mod adegwat, u jistieden lill-Istati Membri jwaqqfu l-persekuzzjoni ta' u d-diskriminzzjoni kontra dawk li joġġezzjonw b'mod kuxjenzjuż;

107. Jilqa' d-deċiżjoni li s-sena 2012 tiġi ddikjarata s-Sena tat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu u jirrispettaw id-dritt tal-anzjani sabiex jippermettulhom li jgawdu ħajja ta' dinjità u ta' kwalità tajba billi jipprovdulhom servizzi soċjali adegwati, tagħlim tul il-ħajja u programmi oħra għall-inklużjoni soċjali u kulturali tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri biex jiġġieldu kontra l-abbuż u l-forom kollha ta' vjolenza kontra l-anzjani u jippromwovu l-indipendenza tagħhom billi jappoġġaw ir-rinovazzjoni u l-aċċessibilità tal-akkomodazzjoni; ifakkar li n-nisa anzjani jgħixu aktar ta' spiss taħt il-linja tal-faqar minħabba d-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa, u wara minħabba d-differenza fil-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa; jenfasizza li ċ-ċittadini attivi u voluntiera, irġiel u nisa, li għandhom 'il fuq minn 65 sena, jikkontribwixxu bis-sħiħ u b'ħafna modi għall-ħajja ta' kuljum tas-soċjetà;

108. Jitlob li tiġi rrispettata d-dinjità fl-aħħar tal-ħajja, b'mod partikolari billi jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet espressi f'testmenti ħajjin jiġu rikonoxxuti u rispettati;

109. Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu d-diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità, b'mod speċjali fir-rigward tal-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol;

110. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-impjiegi u t-taħriġ ta' persuni b'diżabilitajiet, inklużi persuni b'diżabilitajiet psikosoċjali, bl-użu ta' fondi tal-UE eżistenti;

111. Jistieden lill-Istati Membri kollha jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet (CRPD) u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, u jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kollha jkunu konformi mal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 u mmirati li jtejbu l-aċċessibilità, l-impjieg, l-edukazzjoni u t-taħriġ inklussivi, kif ukoll l-għajxien indipendenti għal persuni b'diżabilità;

112. Jistieden lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, b'koordinazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, iwettqu riċerka u jipprovdu gwida f'livell Ewropew u nazzjonali fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-prattiki ta' sterilizzazzjoni sfurzata u ta' abort sfurzat, li jistgħu jitqiesu bħala tortura jew trattament inuman jew degradanti, u li għalhekk għandhom ikunu proċessati u penalizzati;

113. Jitlob li tinstab soluzzjoni innovattiva dwar l-aċċessibbiltà għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni rigward l-aċċess taċ-ċittadini torox u dawk bi problemi fis-smigħ għall-istituzzjonijiet u l-konferenzi tal-UE, fuq il-bażi tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tas-17 ta' Ġunju 1988 dwar il-lingwi tas-sinjali għall-persuni torox ([1]), tat-18 ta' Novembru 1998 dwar il-lingwi tas-sinjali ([2]) u tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilitajiet u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 ([3]), skont l-Artikoli 2, 21, 24 u 30 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet;

114. Jistieden lill-Istati Membri jiffinanzjaw l-organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ għall-għajxien indipendenti ta' persuni b'diżabilità u għal programmi ta' deistituzzjonalizzazzjoni;

115. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-finanzjament tal-UE għal azzjonijiet interni u esterni ma jintużax biex jinħolqu ostakoli jew biex tiġi ġġenerata diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilitajiet u jistabbilixxu miżuri adegwati fl-adozzjoni ta' programmi ta' finanzjament ġodda biex dan jiġi evitat;

([1]) ĠU C 187, 18.7.1988, p. 236.
([2]) ĠU C 379, 7.12.1998, p. 66.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0453.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

116. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-fondi tal-UE ma jkunux immirati lejn ir-rinnovament jew il-bini ta' istituzzjonijiet ġodda għal persuni b'diżabilitajiet iżda minflok jintużaw biex jiffaċilitaw il-ħajja fil-komunità, skont l-Artikoli 5 u 19 tas-CRPD u l-Artikoli 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

117. Jenfasizza l-bżonn li l-parteċipazzjoni politika tal-persuni b'diżabilitajiet fl-elezzjonijiet tiżdied billi jiġu akkomodati l-bżonnijiet speċjali tagħhom;

***Protezzjoni tad-Data***

118. Jafferma mill-ġdid li d-dritt ta' awto determinazzjoni fuq id-data personali u d-dritt tal-privatezza huma elementi fundamentali tal-personalità, id-dinjità umana u l-libertà tal-persuna;

119. Jenfasizza li r-riforma tar-reġim tal-protezzjoni tad-data tal-UE għandha żżid it-trasparenza u l-għarfien tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data, tagħmel rimedji u sanzjonijiet aktar effikaċi u tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data bil-kompetenza li jimponu multi fuq min jikser il-liġi tal-protezzjoni tad-data tal-UE. iħeġġeġ lill-Kunsill jimpenja ruħu lejn qafas ta' protezzjoni tad-data komprensiv b'armonizzazzjoni uniformi u ta' livell għoli ibbażat fuq id-Direttiva 95/46/KE; jenfasizza li d-derogi u l-eċċezzjonijiet għall-prinċipji li jirregolaw il-protezzjoni tad-data personali, inkluż il-prinċipju ta' limitazzjoni tal-iskop, u t-trasferiment tad-data f'pajjiżi terzi, jeħtieġ li jiġu evitati; jisħaq li huwa ta' importanza kruċjali li standards tal-protezzjoni tad-data komprensivi previsti fil-qasam tal-infurzar tal-liġi jkopru wkoll l-ipproċessar domestiku tad-data;

120. Huwa mħasseb dwar it-tendenzi eżistenti ta' restrizzjoni tal-indipendenza tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u jilqa' l-viġilanza tal-Kummissjoni; jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet eżistenti u mal-ġurisprudenza rilevanti;

121. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqasijiet tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Data li ġew enfasizzati fir-rapport tal-Kummissjoni, mill-EDPS, minn bosta parlamenti nazzjonali u mill-qrati kostituzzjonali ta' bosta Stati Membri li ddikjaraw li mhijiex kostituzzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi rieżaminata d-Direttiva taż-Żamma tad-Data jew għall-inqas li jiġu esplorati alternattivi għaż-żamma tad-data, bħal pereżempju l-preservazzjoni aċċellerata tad-data u l-ġbir immirat tad-data dwar it-traffikar;

122. Huwa mħasseb bin-nuqqas ta' progress fin-negozjati għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada għat-trasferiment u l-użu ta' data PNR għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra kriminalità transnazzjonali serja oħra; jirrimarka li l-ftehim li ġie ffirmat fl-2005 m'għadux validu, minħabba l-iskadenza tad-Deċiżjoni ta' Adegwatezza f'Settembru 2009, u li t-trasferiment ta' data PNR seħħ minn dik id-data fuq il-bażi tal-ftehimiet unilaterali tal-Kanada mal-Istati Membri;

123. Jilqa' l-fatt li, skont il-ftehim dwar il-PNR bejn l-UE u l-Awstralja, id-data tinġabar biss għal skopijiet ta' prevenzjoni, tisjib, investigazzjoni u pproċessar ta' reati relatati mat-terroriżmu jew mal-kriminalità transnazzjonali serja, u li jiġu żgurati salvagwardji effikaċi ta' rimedju u ta' protezzjoni;

124. Jiddispjaċih li fil-Ftehim dwar il-PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti, l-iskopijiet għall-ġbir tad-data PNR mhumiex espliċiti u li s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data previsti fil-ftehim mhumiex kompletament konformi mal-istandards tal-UE; jenfasizza li l-Kummissjoni ma esploratx b'mod xieraq alternattivi inqas intrużivi għall-analiżi tad-data PNR, bħal dik ipprovduta bl-użu tal-Informazzjoni Avvanzata dwar il-Passiġġieri jew billi l-użu ta' dejta PNR jiġi ristrett għal każijiet fejn ikunu diġà ġew stabbiliti indikazzjoni jew suspett inizjali;

125. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-Ftehim TFTP tal-UE mal-Istati Uniti seta' ma ġiex implimentat skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim; jenfasizza li l-ewwel u t-tieni spezzjoni mwettqa mill-Korp ta' Sorveljanza Konġunta tal-Europol (JSB) iqajmu tħassib serju dwar il-konformità tal-Ftehim TFTP tal-UE mal-Istati Uniti mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

126. Jirrimarka bi tħassib li l-ewwel ispezzjoni mwettqa mill-Korp ta' Sorveljanza Konġunta tal-Europol (JSB) tqajjem tħassib serju dwar il-konformità tal-Ftehim TFTP tal-UE mal-Istati Uniti mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data;

127. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza t-tħassib espress mill-EDPS, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-FRA u minn bosta parlamenti nazzjonali rigward id-direttiva proposta dwar ir-Reġistru Ewropew tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) ([1]), billi jiġu limitati l-kamp ta' applikazzjoni tat-titjiriet lejn u minn pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u t-tul taż-żmien taż-żamma tad-data u l-lista ta' data maħżuna, u billi tiġi żgurata evalwazzjoni effettiva tas-sistema;

128. Ma jqisx il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistema Ewropea ta' rintraċċar tal-finanzi tat-terroristi bħala bażi adegwata għan-negozjati; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għal qafas legali u tekniku għall-estrazzjoni tad-data fit-territorju tal-UE, fejn tiġi żgurata konformità sħiħa mal-istandards Ewropej tal-protezzjoni tad-dejta;

129. Jenfasizza li sistema Ewropea ta' rintraċċar tal-finanzi tat-terroristi ([2]) għandha tkun sistema ta' estrazzjoni effiċjenti u mmirata bi drittijiet tal-aċċess ċari li tiżgura t-terminazzjoni tat-trasferimenti attwali ta' data f'massa lejn l-Istati Uniti malajr kemm jista' jkun;

130. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħassru jew jirrieżaminaw ir-regoli dwar il-likwidi u l-iskeners tal-ġisem u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proċedimenti ta' ksur kontra l-Istati Membri li jiksru r-regolamenti tal-UE għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini f'dan ir-rigward;

***Migranti u refuġjati***

131. Jitlob lill-Istati Membri jistabbilixxu proċedura għal regoli aktar koordinati li jiggvernaw lil min ifittex l-ażil, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u l-KEDB;

132. Ifakkar lill-Istati Membri li għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-refuġjati u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha, li jipprojbixxi li dawn jintbagħtu lura lejn il-fruntieri tagħhom;

133. Jikkundanna b'mod qawwi l-użu estensiv tad-detenzjoni minn ħafna mill-Istati Membri għall-iffaċilitar tat-tneħħija tal-immigranti, inklużi l-minorenni, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu alternattivi għad-detenzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;

134. Jistieden lill-Istati Membri jirriformaw il-proċeduri tal-ażil tagħhom sabiex dawn jikkonformaw mar-rekwiżit li jiġi żgurat rimedju effikaċi kif stipulat mill-ġurisprudenza tal-KEDB u tal-QĠUE, b'mod partikolari fir-rigward ta' limiti ta' żmien applikabbli biex jitressaq appell kontra deċiżjoni, deċiżjoni negattiva u dispożizzjonijiet dwar id-dritt ta' permanenza fil-pajjiż ospitanti matul il-proċess tal-appell;

135. Jinnota li teżisti disparità kbira ħafna fir-rikonoxximent ta' persekuzzjonijiet ibbażati fuq is-sess fi proċeduri tal-ażil fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw linji gwida dwar is-sess għal dawk li inizjalment jieħdu d-deċiżjonijiet u għall-imħallfin, fuq il-bażi tal-linji gwida rilevanti għas-sess tal-UNHCR u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil għall-iżvilupp ta' għodod sabiex tkun żgurata perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil;

136. Jitlob lill-Istati Membri jiffukaw fuq politiki migratorji legali effikaċi u jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Kollha Immigranti u Membri tal-Familji tagħhom; jissottolinja li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-migranti nisa li huma partikolarment vulnerabbli;

137. Ifakkar l-importanza tad-direttiva għall-ħaddiema staġjonali ([3]) għat-tnaqqis tal-irregolaritajiet fix-xogħol u r-riskju tal-isfruttament u jħeġġeġ għal konklużjoni rapida tan-negozjati;

---

([1]) COM(2011)0032.
([2]) COM(2011)0429.
([3]) COM(2010)0379.

138. Ifakkar li l-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa dritt fundamentali u jistieden b'mod partikolari lill-Istati Membri biex jagħmlu mezz li dan id-dritt ikun disponibbli fil-prattika, inkluż lill-immigranti irregolari, speċjalment in-nisa tqal u l-minorenni, waqt li jirrifletti t-tħassib espress mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fir-rapport tagħha tal-11 ta' Ottubru 2011;

139. Jilqa' l-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012 – 2016 u l-ħidma tal-Koordinatur tal-UE ta' Kontra t-Traffikar; ifakkar li d-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi ta' stupri tal-massa, tat-traffikar fi bnedmin jew ta' forom oħra ta' abbuż sesswali jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti u d-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali huma għodod utli għall-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar u għandhom ikunu implimentati bis-sħiħ;

140. Jiddeplora l-progress li qed isir bilmod fl-adozzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) u jiddispjaċih li l-approċċ tal-Unjoni ffoka fuq il-kontroll tal-migrazzjoni aktar milli fuq l-aċċess għall-ħarsien internazzjonali tal-bżonnijiet tan-nies li għandhom jibbenefikaw minnu; Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri jiżguraw li s-SEKA tiġi implimentata sal-aħħar tal-2012 kif ippjanat, b'mod konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri dwar l-ażil;

141. Jilqa' t-titjib fid-Direttiva riveduta dwar il-Kwalifiki ([1]), l-aktar ir-rikonoxximent akbar tal-forom ta' persekuzzjoni speċifiċi għas-sess, l-inklużjoni tal-identità tas-sess bħala raġuni għall-persekuzzjoni li għaliha għandha tiġi pprovduta l-protezzjoni u l-impenn biex jitqies l-aqwa interess tat-tfal;

142. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw id-Direttiva dwar il-Kwalifiki b'mod li tiġi żgurata konsistenza sħiħa mal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jistieden lill-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan biex imorru lil hinn mil-livell minimu ta' benefiċċji u drittijiet żgurati fit-test;

143. Jenfasizza li l-ambitu mwessa' tad-Direttiva dwar Residenti għal Żmien Twil ([2]) għar-refuġjati u l-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja se tikkontribwixxi għall-integrazzjoni effikaċi tagħhom li tinkludi benefiċċji għall-Unjoni Ewropea u għall-Istati Membri;

144. Jilqa' l-proposta riveduta tal-Kummissjoni li tfassal mill-ġdid id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza ([3]) u jisħaq li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza bażiċi għandhom jiġu offruti mill-mument li dawk li jfittxu l-ażil jaslu u li dawn għandhom ikunu imħeġġa biex jikkontribwixxu għall-komunità ospitanti, irrispettivament mit-tul tal-permanenza tagħhom;

145. Jenfasizza li lakuni u ambigwitajiet fil-proposta emendata ta' Direttiva dwar il-proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar ta' status ta' protezzjoni internazzjonali ([4]) għandhom jiġu indirizzati b'mod li jkun jista' jippermetti lill-Istati Membri li jevitaw ir-riskju ta' spejjeż miżjuda u użu ħażin possibbli, filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess għal deċiżjonijiet dwar l-ażil li huma ġusti u ta' kwalità għolja għal dawk li jeħtieġu l-protezzjoni;

146. Jirrakkomanda t-twaqqif ta' timijiet ta' esperti dwar l-ażil li jassistu lill-istati li għandhom infrastrutturi tal-ażil insuffiċjenti; hu tal-fehma li l-eżistenza ta' standards minimi u ta' mekkaniżmi ta' valutazzjoni tal-kwalità jistgħu jtejbu l-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-ażil;

147. Jenfasizza li dawk li jfittxu l-ażil ma jgawdux minn livelli ekwivalenti ta' protezzjoni proċedurali u sostantiva fl-Istati Membri kollha minħabba traspożizzjoni inadegwata tal-liġi tal-UE jew minħabba approċċi għall-implimentazzjoni li jkunu differenti;

148. Jesprimi tħassib dwar l-impatt attwali tas-sistema ta' Dublin fuq id-drittijiet legali ta' dawk li jfittxu l-ażil, inkluż id-dritt tagħhom li jkollhom it-talba tagħhom għall-ażil eżaminata b'mod ġust, u fejn din tkun rikonoxxuta, għal protezzjoni effikaċi, kif ukoll dwar id-distribuzzjoni mhux ugwali tat-talbiet għall-ażil fost l-Istati Membri;

149. Jenfasizza l-importanza ta' negozjati fid-dawl tal-emenda tar-Regolament Dublin II u jenfasizza li m'għandhomx jiġu mfittxija proċeduri aktar effiċjenti għad-detriment tad-drittijiet tal-applikanti;

---

([1]) ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9.
([2]) ĠU L 132, 19.5.2011, p. 1.
([3]) COM(2011)0320.
([4]) COM(2011)0319.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

150. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkompletati n-negozjati dwar mekkaniżmu effikaċi għas-sospensjoni ta' trasferimenti skont ir-Regolament Dublin II għall-Istati Membri fejn ikun hemm riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, b'konformità mal-każistika reċenti tal-KEDB u tal-QĠUE;

151. Jitlob li jsiru kontrolli fuq il-fruntieri li jkunu sensittivi għad-drittijiet fundamentali u jenfasizza l-ħtieġa għal sorveljanza demokratika mill-Parlament fuq operazzjonijiet tal-Frontex;

152. Jisħaq l-impenn tiegħu li jiżgura skrutinju parlamentari sħiħ għall-Aġenziji JHA tal-UE, l-aktar l-Europol, il-Frontex, is-Cepol, l-Eurojust u l-Aġenzija għall-immaniġjar operattiv ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira; jistieden lil dawk l-aġenziji jsaħħu d-dimensjoni tad-drittijiet fundamentali tal-attivitajiet tagħhom;

153. Jenfasizza l-bżonn li jsir monitoraġġ tal-implimentazzjoni prattika tal-mandat tal-EASO, u jirrimarka li l-aspetti relatati mad-drittijiet fundamentali tal-ħidma tal-Europol għandhom jiġu indirizzati fin-negozjar mill-ġdid tal-mandat tiegħu fl-2013;

154. Jitlob li ssir implimentazzjoni effikaċi tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u tal-Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet futuri ta' Schengen;

155. Jenfasizza li l-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità tad-data miġbura u maħżuna għandhom japplikaw għat-teknoloġiji l-ġodda għall-ħżin tad-dejta personali u għas-sorveljanza tal-fruntieri;

156. Jenfasizza li l-libertà tal-moviment fi ħdan iż-żona Schengen hija waħda mill-aktar drittijiet konkreti taċ-ċittadin; ma jaqbilx bil-qawwi mar-raġunijiet il-ġodda għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri Schengen, minħabba li dan idgħajjef il-moviment ħieles fi ħdan l-UE u l-funzjonament taż-żona Schengen.

157. Jesprimi t-tħassib tiegħu għaż-żieda tan-nuqqas ta' konformità mill-Istati Membri mal-acquis ta' Schengen, li b'hekk jimmina l-libertà tal-moviment fl-Unjoni Ewropea u għaldaqstant jisħaq l-importanza ta' mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ immexxija mill-UE biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen adottat f'konformità mal-Artikolu 77 TFUE u mal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali;

158. Huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' garanziji proċedurali armonizzati waqt l-ikkuntestar tal-legalità u l-proporzjonalità tal-ħruġ ta' allert fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen jew f'bażijiet tad-data nazzjonali komparabbli;

159. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-evalwazzjoni tagħha tal-Ftehimiet Ewropej ta' Riammissjoni ([1]) (EURAs) biex ma tibqax tappoġġa l-konklużjoni mgħaġġla ta' ftehimiet ġodda li jwasslu għal ksur tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kunsill josserva l-prinċipju ta' "l-ebda ftehim għal kwalunkwe prezz";

160. Jistieden lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-ħajja pubblika fil-livell lokali, u lil dawk li rratifikawh, biex japplikaw l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li jipprevedi l-għoti tad-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet lokali għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi terzi li kienu residenti regolari u abitwali fl-Istat ospitanti matul il-ħames snin ta' qabel l-elezzjonijiet;

### *Drittijiet tat-Tfal*

161. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jindirizzaw b'mod effikaċi l-isfidi bħat-tneħħija tat-tfal mill-kustodja ta' ġenitur jew iż-żewġ ġenituri, tfal neqsin, sfruttament sesswali tat-tfal u pornografija tat-tfal, protezzjoni ta' tfal migranti mhux akkumpanjati u s-sitwazzjoni ta' tfal b'diżabilità istituzzjonalizzati, kif ukoll il-protezzjoni ta' tfal li sofrew minn abbuż domestiku u sfruttament fuq il-post tax-xogħol;

162. Jilqa' l-Aġenda tal-UE tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tat-Tfal, l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura r-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fi proċedimenti ġudizzjarji, u l-fatt li d-Direttiva dwar vittmi ta' kriminalità tiżgura livell ogħla ta' protezzjoni tat-tfal bħala vittmi vulnerabbli;

([1]) COM(2011)0076.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

163. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri kollha jelaboraw politiki tajbin għat-tfal f'oqsma bħall-impjieg, l-ambjent, is-sigurtà jew il-migrazzjoni, kif ukoll rigward kwistjonijiet ġudizzjarji, edukazzjoni u protezzjoni tad-data; jenfasizza l-importanza tal-investiment f'azzjonijiet li huma orjentati lejn it-tfal billi l-linji baġitarji eżistenti jiġu orjentati mill-ġdid u permezz ta' investimenti ġodda; jistieden lill-Istati Membri jipprojbixxu l-impjieg tat-tfal taħt l-età minima ta' tluq mill-iskola; jissottolinja li ż-żgħażagħ li jaħdmu għandhom ikunu protetti mill-isfruttament ekonomiku, u minn kwalunkwe aspett li jista' jkun ta' ħsara għas-sigurtà, is-saħħa, l-iżvilupp fiżiku, mentali, morali u soċjali tagħhom, kif ukoll minn kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jfixklu l-edukazzjoni tagħhom;

164. Ifakkar li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom iqisu d-drittijiet u d-dmirijiet tal-ġenituri, tal-kustodji legali, jew ta' individwi oħra li huma legalment responsabbli għat-tfal;

165. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni adegwata tad-Direttiva dwar il-ġlieda tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal ([1]) u tad-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin ([2]);

166. Jistieden lill-Istati Membri kollha tal-UE li għandhom m'għamlux hekk biex jirrattifikaw il-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-NU dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, u l-Konvenzjoni tal-2007 tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tat-tfal kontra l-isfruttament sesswali u l-abbuż sesswali;

167. Jenfasizza li l-ebda minorenni mhux akkumpanjat m'għandu jinżamm detenut peress li huma persuni vulnerabbli li jeħtieġ li jiġu milqugħa b'mod speċifiku;

168. Jilqa' l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar minorenni mhux akkumpanjati (2010-2014); jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament dwar il-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti dwar il-minorenni mhux akkumpanjati fil-proċess ta' migrazzjoni;

169. Jistieden lill-Kummissjoni tissemplifika d-drittijiet tat-tfal fl-attivitajiet kollha tal-UE u tivvaluta x-xogħol li sar s'issa mill-Koordinatur tad-Drittijiet tat-Tfal u l-Forum Ewropew dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

170. Jinkoraġġixxi l-użu ta' indikaturi tad-drittijiet tat-tfal li ġew elaborati mill-FRA fir-rieżami tal-azzjonijiet tal-UE; jitlob li ssir elaborazzjoni ta' linji gwida prattiċi dwar kif dawn l-indikaturi jistgħu jintużaw bl-aħjar mod;

171. Jesprimi tħassib dwar l-iskandli riċenti ta' każijiet li jinvolvu l-pedofilija u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li ma tiġix tollerata l-impunità fl-investigazzjonijiet ta' pedofilija;

***Id-Drittijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja tal-Vittmi***

172. Jistieden lil partijiet interessati oħra, inklużi l-aġenziji tal-UE bħall-EUROPOL u l-Istati Membri biex, filwaqt li jagħmlu d-drittijiet tal-bniedem kwistjoni ta' importanza kbira, jiżguraw kooperazzjoni fil-livell tal-UE f'approċċ olistiku, koordinat u integrat; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa legali xierqa u definizzjoni xierqa u uniformi tat-traffikar tal-bnedmin u jiżguraw koordinazzjoni nazzjonali fost atturi tal-istat responsabbli għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-vittmi tat-traffikar; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu r-riċerka fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin sabiex jaġġustaw kif xieraq il-politiki tal-gvern f'oqsma bħall-migrazzjoni, is-suq tax-xogħol u l-ekonomija;

173. Jenfasizza l-bżonn li jiġi evalwat il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Koordinatur tal-UE ta' Kontra t-Traffikar;

174. Jiddispjaċih li ċittadini tal-UE residenti fi Stat Membru differenti minn tagħhom mhumiex infurmati kif xieraq dwar id-drittijiet tagħhom u jħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu s-sistemi ta' informazzjoni tagħhom;

175. Jenfasizza li kemm il-KEDB u l-QĠUE enfasizzawfid-deċiżjonijiet tagħhom ostakli għad-dritt għal smiegħ ġust u għall-aċċess għall-ġustizzja bħat-tul tal-proċeduri u n-nuqqas ta' rimedji effikaċi;

---

([1]) ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.
([2]) ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

176. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-ostakli li fadal, bħall-limiti tal-ħin, il-pożizzjoni legali, it-tul tal-proċedimenti, l-ispiża legali u l-formalitajiet proċedurali;

177. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirristrutturaw is-sistemi tal-qrati tagħhom, jirrevedu l-livell tat-tariffi tal-qorti, jirriformaw is-sistema tal-għajnuna legali u jipprovdu mekkaniżmi alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim sabiex ikun iffaċilitat l-aċċess ugwali għall-ġustizzja safejn ikun l-aktar possibbli;

178. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jeżaminaw kif il-prinċipji legali komuni dwar ir-rimedju kollettiv jistgħu jiddaħħlu fis-sistema legali tal-UE u fl-ordnijiet legali tal-Istati Membri;

179. Jesprimi tħassib fir-rigward tar-rispett għal smigħ ġust fl-UE u fl-Istati Membri tagħha, u b'mod partikolari fir-rigward tal-proposti riċenti dwar "evidenza sigrieta" li tippermetti lill-gvernijiet jużaw evidenza kontra individwi li huma ma jkunux jistgħu jikkontestaw, jew anki jaraw, li jkun f'kontradizzjoni kbira mad-drittijiet u l-istandards fundamentali Ewropej;

180. Jistieden lill-Kummissjoni tlesti l-Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, filwaqt li jiġi żgurat li d-drittijiet ta' smigħ ġust ikunu eżerċitati fil-prattika b'mod effikaċi;

181. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali dwar il-proċeduri kriminali u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom sabiex jiksbu standards sodi fl-UE kollha għad-drittijiet proċedurali kemm tal-konvenuti kif ukoll tal-vittmi;

182. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-estradizzjoni lejn il-pajjiżi terzi ma tiksirx id-drittijiet fundamentali u jistedinhom jirrevedu t-trattati internazzjonli li huma parti minnhom f'dan ir-rigward;

183. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina l-implimentazzjoni effikaċi fl-UE tad-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja fil-kuntest tad-dritt ta' kull persuna tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri li tgħix f'ambjent li huwa adegwat għas-saħħa u l-benessri tiegħu jew tagħha;

184. Jistieden lill-Istati Membri jittrattaw ir-reati speċifiċi għas-sess u jipproponu miżuri effikaċi biex tiġi indirizzata l-vjolenza domestika, jekk neċessarju billi tiġi adottata leġiżlazzjoni dwar miżuri ta' protezzjoni;

185. Jilqa' l-Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-vittmi li ġie adottat mill-Kunsill, u l-proposta mill-Kummissjoni għall-pakkett tal-vittmi li jindirizza speċifikament il-bżonnijiet tal-vittmi tfal u tal-vittmi tat-terroriżmu;

186. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu r-riżorsi finanzjarji għal servizzi għal vittmi tal-kriminalità, filwaqt li titqies il-valutazzjoni li ġejja mill-FRA tal-għażliet u l-prattiċi promettenti fl-Istati Membri;

187. Jiġbed l-attenzjoni lejn in-nuqqasijiet li baqa' fir-rigward tal-garanziji minimi tad-drittijiet tad-difiża, u jirrimarka li l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ikkontesta n-nuqqas ta' rimedji effikaċi kontra l-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-użu tiegħu għal reati żgħar;

188. Jesprimi tħassib serju dwar is-sitwazzjoni tad-detenuti fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jressqu proposti, flimkien mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-priġunieri jiġu rispettati u li tiġi promossa l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà; jitlob li ssir l-implimentazzjoni tat-talbiet inklużi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-UE ([1]) u b'mod partikolari li ssir inizjattiva leġiżlattiva dwar standards komuni minimi ta' detenzjoni fl-UE u mekkaniżmi ta' monitoraġġ xierqa;

189. Jenfasizza li l-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha tkun ibbażata fuq il-konformità sħiħa mal-istandards u l-obbligi internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0585.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

190. Jilqa' l-investigazzjonijiet f'attivitajiet illegali tas-CIA li diġà seħħew f'ċerti Stati Membgri, kif mitlub fir-rapporti tal-Parlament tal-2007 u fir-rapport tiegħu ta' segwitu tal-2012; jitlob li jsiru aktar investigazzjonijiet u jistieden lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom bis-sħiħ skont il-liġi internazzjonali;

191. Jitlob li tissaħħaħ is-sorveljanza demokratika u ġudizzjarja tas-servizzi sigrieti fil-livell nazzjonali, li huwa estremament urġenti u neċessarju; jistieden lill-Unjoni Ewropea ssaħħaħ is-sorveljanza tagħha fir-rigward tal-kollaborazzjoni f'livell Ewropew bejn dawn l-aġenziji, inkluż permezz ta' korpi tal-UE, u bejn dawn u pajjiżi terzi;

192. Jesprimi tħassib dwar l-istanzi ta' puliżija fl-UE li jużaw forza sproporzjonata f'dimonstrazzjonijiet u attivitajiet pubbliċi; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw it-tisħiħ tas-sorveljanza demokratika u ġuridika tal-aġenziji u l-persunal għall-infurzar tal-liġi, li tiġi żgurata r-responsabbiltà u li l-impunità ma jkollha ebda post fl-Ewropa, b'mod partikolari fir-rigward ta' użu sproporzjonat ta' forza jew meta jitwettqu atti ta' tortura jew li jinvolvu trattament inuman jew degradanti; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-persunal tal-puliżija jkollu fuqu numru ta' identifikazzjoni;

***Ċittadinanza***

193. Ifakkar li t-Trattat ta' Maastricht tal-1992 introduċa l-kunċett ta' "ċittadinanza tal-Unjoni", fejn ta d-dritt lil kull ċittadin tal-Unjoni biex jiċċaqlaq u jirrisjedi b'mod liberu fit-territorju tal-Unjoni, id-dritt tal-vot u biex ikun kandidat f'elezzjonijiet muniċipali u f'elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru li fih hu jew hi jirrisjedu, protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru, id-dritt li jsiru petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew u li ssir applikazzjoni lill-Ombudsman Ewropew, kif ukoll sensiela ta' drittijiet f'diversi oqsma bħall-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi, il-protezzjoni tal-konsumatur u s-saħħa pubblika, opportunitajiet ugwali u trattament ugwali, aċċess għall-impjieg u l-protezzjoni soċjali; jinnota li t-Trattati ta' Amsterdam (1997) u Lisbona (2009) saħħew aktar id-drittijiet assoċjati maċ-ċittadinanza tal-Unjoni;

194. Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel studju komparattiv dwar drittijiet elettorali fuq livell nazzjonali u tal-UE sabiex tidentifika differenzi li għandhom impatt inġust fuq ċerti kategoriji ta' persuni fl-UE, u biex tiġi akkumpanjata b'rakkomandazzjonijiet xierqa fuq kif tegħleb id-diskriminazzjoni ifakkar fl-importanza tat-trattament preferenzjali u tal-miżuri speċjali fil-promozzjoni tar-rappreżentazzjoni tan-nies minn sfondi differenti u ta' gruppi żvantaġġjati f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

195. Ifakkar fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward ta' proċeduri elettorali, ibbażati, inter alia, fuq il-Kodiċi ta' Prattika Tajba fi Kwistjonijiet Elettorali tal-Kummissjoni ta' Venezja, u jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex jimplimentawhom;

196. Jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti s-sitwazzjoni ta' dawk li mhumiex ċittadini, b'mod partikolari fir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza u r-Rapport dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali;

197. Jitlob lill-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni u ta' għarfien biex jinfurmaw liċ-ċittadini tal-UE dwar id-dritt tagħhom li jivvutaw u joħorġu għall-elezzjonijiet filwaqt li jqisu l-bżonnijiet ta' udjenzi u ta' gruppi vulnerabbli aktar speċifiċi; jitlob li jsiru riformi neċessarji tal-proċeduri elettorali Ewropej biex isiru f'kull Stat Membru sabiex tiġi promossa ċittadinanza attiva tal-UE; iqis li ċ-ċittadinanza attiva u parteċipatorja fl-UE għandha titħeġġeġ ukoll permezz ta' aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni, it-trasparenza, il-governanza u l-amministrazzjoni tajbin, il-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni demokratika, b'teħid tad-deċiżjonijiet li jkun l-aktar viċin possibbli taċ-ċittadini tal-Unjoni;

198. Jilqa' l-fatt li l-2013 ġiet innominata bħala s-Sena Ewropea għaċ-Ċittadini, biex b'hekk tingħata viżibilità liċ-ċittadinanza tal-Unjoni u lill-benefiċċji konkreti għaċ-ċittadini tal-Unjoni, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-kampanji tal-informazzjoni jitwettqu dwar iċ-ċittadinanza Ewropea u d-drittijiet marbuta magħha;

199. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqassmu informazzjoni dwar id-dritt għall-protezzjoni diplomatika u konsulari; jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw b'mod attiv sabiex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE barra l-Unjoni Ewropea, inkluż fi żminijiet ta' kriżi jew diżastri;

**L-Erbgħa 12 ta’ Diċembru 2012**

200. Jistieden lill-Istati Membri jħejju kampanji ta’ informazzjoni biex jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom ta’ petizzjoni u li jippreżentaw ilmenti lill-Ombudsman Ewropew dwar att ta’ amministrazzjoni ħażina imwettaq minn istituzzjoni jew korp Ewropew, u permezz ta’ inizjattivi taċ-ċittadini;

201. Jitlob lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jżidu l-għarfien pubbliku tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini, li hija għodda għad-demokrazija diretta li għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni;

202. Jirrimarka dwar il-ħtieġa li jitnedew kampanji ta’ informazzjoni effikaċi li jippromwovu d-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE fost iż-żgħażagħ, bħal pereżempju t-twaqqif ta’ “programm ta’ ċittadinanza attiva” fl-iskejjel u l-universitajiet;

203. Jissottolinja l-bżonn għal riforma rapida tas-sistema elettorali tal-Parlament Ewropew, fejn tiġi żgurata l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini tal-UE fil-funzjonament tal-UE;

o

o o

204. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa.

P7_TA(2012)0503

# Rapport annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja 2011 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-Rapport Annwali tal-2011 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja u l-politika tal-UE dwar il-kwistjoni (2012/2145(INI))**

(2015/C 434/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR), il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u trattati u strumenti internazzjonali ewlenin oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE tal-2011 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja adottat mill-Kunsill għall-Affarijiet Barranin fil-25 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni, inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE ([1]),

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (11855/2012) kif adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet Barranin fil-25 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/440/PESK tal-25 ta' Lulju 2012 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2011 bit-titolu 'Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fil-Qalba tal-Azzjoni Esterna tal-UE – Lejn approċċ aktar effettiv' (COM(2011) 0886),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2010 ([2]) dwar is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 65/276 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-3 ta' Mejju 2011 dwar il-Parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Settembru 2000 (A/RES/55/2) u r-riżoluzzjonijiet adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Novembru 2011 dwar l-appoġġ tal-UE għall-QKI: naffaċjaw l-isfidi u negħlbu d-diffikultajiet ([3]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2010 fl-ewwel Konferenza ta' Reviżjoni tal-Istatut ta' Ruma tal-QKI li sar f'Kampala, l-Uganda, mill-31 ta' Mejju sal-11 ta' Ġunju 2011 ([4]), kif ukoll il-wegħdiet magħmula mill-UE f'din l-okkażjoni ([5]),

(1) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.
(2) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 454.
(3) Testi adottati, P7_TA(2011)0507.
(4) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 78.
(5) http://www.icc-cpi.int/NR/rdonlyres/18B88265-BC63-4DFF-BE56-903F2062B797/0/RC9ENGFRASPA.pdf

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali ([1]), u l-pjan ta' azzjoni rivedut tat-12 ta' Lulju 2011 bħala segwitu għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Marzu 2011 bit-titolu "Shubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Komuni fin-Nofsinhar tal-Mediterran" (COM(2011)0200),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2011 bit-titolu 'Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni' (COM (2011)0303),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Affarijiet Barranin" dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat adottati fl-20 ta' Ġunju 2011, fit-3101 laqgħa tiegħu

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Affarijiet Barranin" dwar il-Fond Ewropew għad-Demokrazija adottati fl-1 ta' Diċembru 2011 fit-3130 laqgħa tiegħu u d-Dikjarazzjoni dwar it-twaqqif ta' Fond Ewropew għad-Demokrazija li dwarha ntlaħaq ftehim fil-Coreper fil-15 ta' Diċembru 2011,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2012 lill-Kunsill dwar il-modalitajiet għall-istabbiliment possibbli ta' Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED) ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011 dwar politiki esterni tal-UE favur id-demokratizzazzjoni ([4]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Ottubru 2011 bit-titolu "Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva"

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-2 ta' Frar 2012 dwar politika konsistenti fil-konfront ta' reġimi, li l-UE tapplika miżuri restrittivi kontrihom, meta l-mexxejja tagħhom jeżerċitaw l-interessi personali u kummerċjali tagħhom fi ħdan il-fruntieri tal-UE ([5]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tas-16 ta' Mejju 2011 (A/HRC/17/27) dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt tal-libertà ta' opinjoni u l-espressjoni, li jissottolinja l-applikabbiltà ta' normi u standards tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem dwar id-dritt tal-libertà ta' opinjoni u l-espressjoni għall-internet bħala mezz ta' komunikazzjoni,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tat-12 ta' Diċembru 2011 mill-Kummissarju għall-Aġenda Diġitali dwar l-istrateġija "No Disconnect",

— wara li kkunsidra r-Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tat-28 ta' Lulju 2011 (A/66/203) dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-21 ta' Diċembru 2010 (A/RES/65/206), Moratorja dwar l-użu tal-piena tal-mewt,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra,

---

([1]) ĠU L 76, 22.3.2011, p. 56.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0576.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0113.
([4]) ĠU C 291 E, 4.10.2011, p. 171.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2012)0018.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2012 dwar l-allegat trasport u detenzjoni illegali ta' priġunieri f'pajjiżi Ewropej mis-CIA ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport interim tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tal-5 ta' Awwissu 2011 dwar it-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, ir-reklużjoni, inklużi kliniki psikjatriċi (A/66/268),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 1325, 1820, 1888, 1889 u 1960 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà,

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar l-indikaturi tal-UE għall-Approċċ Komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tal-UNSCRs 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, adottat mill-Kunsill tal-UE fit-13 ta' Mejju 2011,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat għar-Reġjuni tat-13 ta' Ottubru 2011 bit-titolu "Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla" (COM(2011)0637),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), u l-Protokoll Fakultattiv tiegħu,

— wara li kkunsidra l-adozzjoni mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tas-7 ta' April 2011 tal-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal, l-aktar reċenti r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tas-17 ta' Ġunju 2011 dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru,

— wara li kkunsidra l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea fit-22 ta' Jannar 2011 għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD), li hija l-ewwel konvenzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti ratifikata mill-Unjoni Ewropea bħala "organizzazzjoni ta' integrazzjoni reġjonali",

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Prinċipji u l-Linji Gwida tan-NU dwar l-eliminazzjoni effikaċi tad-diskriminazzjoni bbażata fuq ix-Xogħol u fuq id-Dixxendenza ppubblikat mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (A/HRC/11/CRP.3),

— wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet dwar diskriminazzjoni bejn il-kasti mill-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, l-Korpi tat-Trattati tan-NU u l-Proċeduri Speċjali tan-NU, b'attenzjoni partikolari għar-Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar forom kontemporanji ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata tal-24 ta' Mejju 2011 (A/HRC/17/40),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2011 dwar l-intolleranza, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza abbażi tar-reliġjon jew it-twemmin, u wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 66/167 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ġlieda kontra l-intolleranza, l-istereotipi negattivi u l-istigmatizzjoni ta', u d-diskriminazzjoni, l-inċitament għall-vjolenza kontra, persuni abbażi tar-reliġjon jew it-twemmin;

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat dwar l-Iżvilupp u l-Kumitat dwar id-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0377/2012),

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0309.

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

A. billi t-trattati jimpenjaw lill-Unjoni Ewropea biex tibbaża l-azzjoni esterna tagħha fuq il-prinċipji tad-demokrazija, tal-Istat tad-dritt, tal-universalità u tal-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u tar-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali;

B. billi l-ġustizzja, l-Istat tad-dritt, ir-responsabbiltà għad-delitti kollha inklużi l-aktar d-delitti gravi li jikkonċernaw il-komunità internazzjonali, il-proċessi ġusti, u ġudikatura indipendenti huma elementi indispensabbli fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-pilastri tal-paċi sostenibbli;

C. billi d-demokrazija u l-Iistat tad-dritt huma l-aqwa salvagwardji tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, tan-nondiskriminazzjoni f'kull forma u tat-tolleranza fil-konfront tal-individwi u l-komunitajiet, u tal-ugwaljanza għal kulħadd;

D. billi l-lezzjonijiet meħuda mill-avvenimenti tar-Rebbiegħa Għarbija jridu jkomplu jagħtu impetu għall-UE biex tirrevedi, ittejjeb u tiżgura koerenza bejn il-politiki tagħha dwar, fost l-oħrajn, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali, id-djalogi tad-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi terzi, inklużi l-NGOs u l-movimenti tal-bażi, u l-midja soċjali;

E. billi hija r-responsabbiltà tal-UE li tgħin lill-pajjiżi li magħhom ffirmat ftehimiet internazzjonali u kummerċjali, inklużi l-ftehimiet kummerċjali, biex jimplimentaw dawn il-prinċipji fundamentali kollha, u b'mod partikolari billi jiżguraw konformità stretta mal-klawsoli tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi f'dawn il-ftehimiet;

F. billi l-aċċess għall-Internet huwa faċilitatur ewlieni għall-aċċess għall-informazzjoni, għall-espressjoni ħielsa, għal-libertà tal-istampa, għal-libertà tal-għaqda, u għal żviluppi ekonomiċi, soċjali, politiċi u kulturali; billi d-drittijiet tal-bniedem jeħtieġu jiġu mħarsa u promossi mill-UE, kemm offline u wkoll online;

G. billi l-ksur tal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin, imwettaq l-istess mill-gvernijiet u atturi mhux Statali, qed jiżdied f'ħafna pajjiżi tad-dinja, li jirriżulta f'diskriminazzjoni u f'intolleranza kemm kontra ċerti individwi kif ukoll kontra komunitajiet reliġjużi, inklużi l-minoranzi u dawk li ma jemmnux;

H. billi r-rwol tan-nisa, u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom, fl-isfera politika, ekonomika u soċjali hija essenzjali, speċjalment fil-proċessi tal-bini tal-paċi ta' wara l-gwerra, fin-negozjati għal tranżizzjoni demokratika u fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, ir-rikonċiljazzjoni u l-proċessi ta' stabilizzazzjoni;

I. billi r-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja, u l-politika tal-UE dwar il-kwistjoni, ma għandux ikun biss riflessjoni u reviżjoni tal-kisbiet u n-nuqqasijiet tal-passat, iżda għandu jservi wkoll ta' ispirazzjoni għall-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; billi kull Rapport Annwali suċċessiv għandu, idealment, jikkontribwixxi b'mod tanġibbli u regolari għat-titjib fil-politika tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE fid-dinja;

***Rapport Annwali tal-UE 2011***

1. Jilqa' l-adozzjoni tar-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fl-2011; jilqa' l-fatt li l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli (VP/RGħ) kienet kapaċi tippreżenta r-Rapport Annwali fil-plenarja tal-Parlament ta' Ġunju u b'hekk jirritorna għall-attività normali;

2. Jinnota l-passi pożittivi li ttieħdu fis-snin reċenti biex ikun żviluppat ir-Rapport Annwali, iżda jenfasizza l-potenzjal għal aktar titjib;

3. Jemmen li r-Rapport Annwali għandu jkun strument ta' komunikazzjoni importanti tal-ħidma li twettaq l-UE f'dan il-qasam u għandu jgħin biex tiżdied il-viżibilità tal-azzjonijiet tal-UE; jistieden lill-VP/RGħ biex fl-abbozzar ta' Rapporti Annwali fil-futur tikkonsulta b'mod attiv u sistematikament mal-Parlament, u tirrapporta dwar il-mod kif tqiesu r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament;

*Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

4. Jilqa' l-adozzjoni tal-qafas strateġiku tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem fil-25 ta' Ġunju 2012; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jaħdmu flimkien biex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tiegħu sabiex b'mod kredibbli jintlaħaq l-impenn tat-Trattat tal-UE biex ikunu segwiti politiki esterni bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-valuri demokratiċi u l-Istat tad-dritt b'mod ibbażat fuq il-prinċipji u mingħajr eċċezzjonijiet billi jiġu evitati standards doppji;

5. Iħeġġeġ lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Parlament iżommu u jonoraw ir-rwol tal-UE bħala d-difensur ewlieni tad-drittijiet tal-bniedem billi jikkooperaw mill-qrib fl-implimentazzjoni ta' politika koerenti, ambizzjuża u effikaċi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja bbażata fuq dan il-qafas strateġiku, permezz tal-użu tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-opportunitajiet offruti mill-EED;

6. Jirrakkomanda li l-Kunsill u s-SEAE jwettqu valutazzjoni intermedja tal-pakkett il-ġdid tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari tal-Pjan ta' Azzjoni; jinsisti li l-Parlament ikun ikkonsultat b'mod estensiv u regolarment informat u li s-soċjetà ċivili tkun integrata matul dan il-proċess;

7. Jilqa' l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tematiku tal-UE (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-ħolqien ippjanat ta' Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill ibbażat fi Brussell dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM); jistenna bil-ħerqa l-kooperazzjoni mill-qrib tagħhom mal-Parlament, fl-ewwel każ b'konformità wkoll mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36 tat-TUE;

8. Jistenna li l-COHOM isaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet Fundamentali (FREMP) biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-konsistenza bejn il-politika esterna u interna tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-importanza li fi ħdan l-Unjoni Ewropea jkun hemm politiki koerenti, konsistenti u eżemplari konformi mal-valuri u l-prinċipji fundamentali bil-għan li jiġu massimizzati l-kredibbiltà tal-UE fuq livell dinji u l-effikaċja tal-politiki fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u jintwera rispett ġenwin għall-universalità tad-drittijiet tal-bniedem;

9. Jilqa' l-impatt pożittiv fuq il-koerenza tal-politiki interni u esterni tal-UE rigward l-eżerċizzju tal-UE tal-personalità ġuridika maħluqa mit-Trattat ta' Lisbona għar-ratifika tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) f'Diċembru 2010; jitlob li jittieħed approċċ simili lejn trattati u konvenzjonijiet internazzjonali oħra li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bnedmin; jitlob lill-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu approċċ proattiv f'dan il-qasam sabiex jiġu indirizzati l-effetti negattivi tal-iffirmar u r-ratifika gradwali fost l-Istati Membri ta' trattati u konvenzjonijiet esterni importanti oħra;

10. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ, lis-SEAE, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, għall-fini ta' effiċjenza, jiżguraw koerenza u konsistenza bejn il-varji strumenti finanzjarji esterni u l-attivitajiet varji eżistenti jew ippjanati ta' punti ta' referenza, ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-UE u l-metodoloġiji dwar is-sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija f'pajjiżi terzi, inkluż: it-taqsimiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fir-rapporti ta' progress dwar il-politika tat-tkabbir u tal-viċinat; il-valutazzjoni tal-prinċipju 'aktar għal aktar' tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija stabbiliti għall-Politika Ewropea tal-Viċinat; l-inklużjoni ppjanata tad-drittijiet tal-bniedem fil-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa għall-proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi u għall-ftehimiet kummerċjali, ta' sħubija u assoċjazzjoni jew ta' kooperazzjoni, kemm reġjonali kif ukoll bilaterali; il-pjan tal-Kummissjoni biex tintroduċi valutazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-użu tal-modalitajiet ta' għajnuna tal-UE (b'mod partikolari rigward l-appoġġ tal-baġit); l-implimentazzjoni msaħħa tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jeżamina bir-reqqa r-rispett tal-konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi SPĠ+; l-għan tas-sistematizzazzjoni tal-użu ta' segwitu tar-rapporti tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE; u l-enfasi tal-Kunsill tal-UE dwar punti ta' referenza kif ukoll fuq il-kunsiderazzjoni kontinwa u sistematika tal-aspetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem, il-ġeneru u t-tfal milquta minn kunflitti armati fid-dokumenti tal-lezzjonijiet meħuda mill-missjonijiet tal-PSDK;

11. Jilqa' l-adozzjoni ta' strateġiji tal-pajjiż tad-drittijiet tal-bniedem għal pajjiżi individwali biex jimplimentaw politiki tal-UE bl-aktar mod xieraq u effikaċi; jirrikonoxxi r-rwol ewlieni li jiżvolġu d-delegazzjonijiet lokali tal-UE fl-iżvilupp u s-segwitu għall-istrateġiji tal-pajjiżi mfassla skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi, iżda jenfasizza r-responsabbiltà ta' koordinament tas-SEAE fl-iżgurar tal-applikazzjoni koerenti tal-prijoritajiet tal-politika tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE stabbiliti fil-qafas

strateġiku tad-drittijiet tal-bniedem u fil-Linji Gwida tal-UE; jenfasizza l-importanza li jitlesta n-netwerk ta' punti fokali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE u tal-PSDK; iħeġġeġ lill-VP/RGħ, lis-SEAE u lill-Istati Membri jadottaw bħala l-aħjar prattika l-metodu ta' ħidma fuq kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem lokalment permezz ta' gruppi ta' ħidma għad-drittijiet tal-bniedem iffurmati fost id-delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE; iħeġġeġ ukoll li jinżamm kuntatt regolari mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-membri tal-parlamenti nazzjonali; jappoġġa l-għan tas-SEAE li jingħata taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija għall-persunal tal-missjoni kollu tas-SEAE, tal-Kummissjoni, tad-delegazzjonijiet tal-UE u tal-PSDK u għall-persunal tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea – b'mod partikolari l-FRONTEX – li għandhom relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi; jitlob li tingħata attenzjoni kbira, b'mod speċjali, lill-ħarsien tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; huwa tal-fehma li l-istrateġiji tal-pajjiż tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu integrati fil-PESK u l-PSDK tal-EU, fil-politiki tal-kummerċ u l-iżvilupp, fi programmi ġeografiċi kif ukoll tematiċi, sabiex tkun żgurata aktar effiċjenza, effikaċja u koerenza;

### *Azzjoni tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti*

12. Jilqa' l-isforzi tal-UE biex ikun appoġġat u jingħata spinta lix-xogħol tad-drittijiet tal-bniedem fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-konklużjoni tar-reviżjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2011; jenfasizza l-importanza kontinwa li jingħata appoġġ għall-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem, u r-rwol tar-Rapporteurs Speċjali tematiċi u speċifiċi għall-pajjiż tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem u jistenna bil-ħerqa kooperazzjoni stretta min-naħa tagħhom mar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem il-ġdid; jenfasizza s-sinifikat tal-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea fit-22 ta' Jannar 2011 mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) bħala l-ewwel konvenzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU ratifikata mill-Unjoni Ewropea bħala persuna ġuridika;

13. Jenfasizza l-importanza u s-sostenn qawwi għall-parteċipazzjoni attiva tal-UE fil-ħidma tal-UNHRC permezz ta' kosponsorizzar ta' riżoluzzjonijiet, ħruġ ta' dikjarazzjonijiet u parteċipazzjoni fi djalogi u dibattiti interattivi;

14. Jilqa' t-tmexxija murija mill-Istati Membri tal-UE biex tkun appoġġata l-kredibbiltà tas-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU billi b'mod konġunt tinħareġ stedina permanenti għall-Proċeduri Speċjali kollha tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, billi jingħata bidu għal Sessjoni Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (HRC) dwar il-Libja, fejn saret ir-rakkomandazzjoni storika ta' sospensjoni tal-Libja mill-HRC, u billi jmexxu l-isforzi li wasslu għat-twaqqif tal-Kummissjoni Indipendenti ta' Inkjesta dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja;

15. Jirrikonoxxi l-potenzjal tal-UE għall-involviment u l-bini kreattiv ta' koalizzjonijiet kif ingħata l-eżempju permezz tal-azzjoni tal-UE li wittiet it-triq biex kienet mgħoddija r-riżoluzzjoni HRC storika dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru, li kienet appoġġata minn Stati mir-reġjuni kollha, u l-bini tal-kunsens f'Ġinevra u fi New York dwar il-ħtieġa li tkun miġġielda l-intolleranza reliġjuża u tkun protetta l-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin filwaqt li jkun evitat effett ta' ħsara potenzjali fuq drittijiet fundamentali tal-bniedem oħra, bħal-libertà tal-espressjoni;

16. Itenni l-oppożizzjoni tiegħu għall-prassi ta' gruppi reġjonali li jirranġaw elezzjonijiet mhux ikkontestati għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem;

17. Jirrakkomanda segwitu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali (EPU) billi dawn ikunu inklużi sistematikament fl-istrateġiji tal-pajjiż tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE kif ukoll fid-djalogi u l-konsultazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem;

18. Ifakkar fil-ħtieġa għal finanzjament suffiċjenti li jżomm l-uffiċċji reġjonali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) miftuħin;

19. .Ifakkar l-adozzjoni mill-Assemblea Ġenerali tan-NU tar-Riżoluzzjoni 65/276 dwar il-parteċipazzjoni tal-UE fil-ħidma tan-NU, filwaqt li jirrikonoxxiha bħala bidu modest ta' sforz akbar biex jiġi mgħolli l-livell tar-rwol tal-Unjoni fil-ħidma dwar id-drittijiet tal-bniedem ta' din l-organizzazzjoni;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

***Politika tal-UE dwar il-ġustizzja kriminali internazzjonali, il-ġlieda kontra l-impunità u l-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI)***

20. Jiddispjaċih li l-ġustizzja selettiva ta' spiss timmanifesta ruħha f'demokraziji ġodda u fi tranżizzjoni taħt id-dehra tal-Istat tad-dritt u l-gwerra kontra l-korruzzjoni; jiddispjaċih li l-ġustizzja selettiva saret ftit aktar minn mezz biex titfittex il-vendetta politika u biex ikunu rregolati l-kontijiet ma' dissidenti politiċi billi l-oppożizzjoni, l-operaturi fil-mezzi tal-komunikazzjoni u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jiġu intimidati u emarġinati, speċjalment fil-perjodu qabel l-elezzjonijiet; jibqa' mħasseb dwar l-allegazzjonijiet ta' reati u l-akkużi politikament motivati kontra membri tal-oppożizzjoni fl-Ukraina, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Ukraini jwaqqfu l-vessazzjonijiet attwali fil-konfront tal-oppożizzjoni li jirrappreżentaw ostaklu serju għall-isforzi tal-pajjiż biex jiġu garantiti l-Istat tad-dritt u l-valuri demokratiċi

21. Jiddispjaċih li, minkejja ħafna appelli minn korpi internazzjonali lill-awtoritajiet Russi, ma sar l-ebda progress fl-investigazzjoni tal-mewt ta' Sergei Magnitsky, iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kunsill jimponi u jimplimenti projbizzjoni tal-viżi fl-Unjoni Ewropea kollha għal uffiċjali responsabbli għall-mewt ta' Sergei Magnitsky u biex jiffriża kwalunkwe assi finanzjarju li huma jew il-familja immedjata tagħhom jiddetjenu fl-UE;

22. Jibqa' diżappuntat dwar il-proċedimenti kontra Mikhail Khodorkovsky u Platon Lebedev, li huma perċepiti fl-livell internazzjonali bħala ta' natura politika;

23. Jiċċelebra l-għaxar anniversarju tad-dħul fis-seħħ tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI); jilqa' r-ratifika tiegħu minn Kap Verde u Vanwatu; jirrikonoxxi lill-QKI bħala mekkaniżmu ta' "l-aħħar istanza", responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-ġustizzja għall-vittmi ta' delitti kontra l-umanità, ġenoċidju u delitti tal-gwerra, kif jipprevedi l-prinċipju tal-kumplimentarjetà fl-Istatut ta' Ruma;

24. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għall-QKI fil-ġlieda kontra l-impunità għad-delitti l-aktar gravi li huma ta' tħassib internazzjonali; jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu l-appoġġ politiku, diplomatiku, loġistiku u finanzjarju tagħhom għall-QKI u għal tribunali kriminali internazzjonali oħra, inklużi t-tribunali ad hoc internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja u r-Rwanda, il-Qorti Speċjali għas-Sierra Leone, l-Awli Straordinarji fil-Qrati tal-Kambodja, u t-Tribunal Speċjali għal-Libanu;

25. Jilqa' l-inklużjoni fil-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tal-UE tar-referenza għall-ħtieġa li tkun miġġielda sew il-ġlieda kontra l-impunità għal delitti gravi, mhux lanqas permezz ta' impenn mal-QKI, u l-għarfien li huwa d-dmir ewlieni tal-Istati li jinvestigaw delitti internazzjonali gravi, jippromwovu u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità ta' sistemi ġudizzjarji nazzjonali biex jinvestigaw u jieħdu azzjoni legali kontra dawn id-delitti;

26. Jilqa' l-impenji meħuda fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK dwar l-QKI, adottata fil-21 ta' Marzu 2011, u l-Pjan ta' Azzjoni sussegwenti adottat fit-12 ta' Lulju 2011, u jirrakkomanda lill-UE u l-Istati Membri tagħha jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' miżuri effikaċi u konkreti biex ikunu promossi l-universalità u l-integrità tal-Istatut ta' Ruma, biex tkun appoġġata l-indipendenza tal-Qorti u l-funzjonament effikaċi u effiċjenti tagħha u biex tkun appoġġata l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' kumplimentarjetà; jistieden lir-RSUE għad-drittijiet tal-bniedem jimplimenta l-azzjonijiet relatati mal-QKI li jinsabu fil-Qafas Strateġiku tal-UE u dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija;

27. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita 'Ġabra ta' Strumenti ta' Kumplimentarjetà tal-UE' li l-għan tagħha jkun l-appoġġ tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet nazzjonali u l-ġenerazzjoni ta' rieda politika għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' allegazzjonijiet ta' delitti internazzjonali, u jenfasizza l-importanza ta' konsultazzjonijiet bir-reqqa mal-Istati Membri, mal-Parlament u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex tiġi finalizzata l-ġabra ta' strumenti;

28. Itenni r-rakkomandazzjoni tiegħu li l-Istatut ta' Ruma jiżdied mal-pakkett ta' trattati internazzjonali dwar il-governanza tajba u li l-Istat tad-dritt jiġi ratifikat mill-pajjiżi terzi li jiddaħħlu fis-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati Plus (SPĠ+); jappoġġa l-inklużjoni b'mod konsistenti ta' klawsoli tal-QKI fi ftehimiet tal-UE ma' pajjiżi terzi; jitlob li jkun hemm integrazzjoni tal-QKI fil-prijoritajiet tal-politika barranija tal-UE kollha, billi b'mod partikolari, jiġu kkunsidrati b'mod sistematiku l-ġlieda kontra l-impunità u l-prinċipju ta' kumplimentarjetà;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

29. Jenfasizza l-importanza ta' azzjoni b'saħħitha tal-UE biex tantiċipa u b'hekk tevita jew tikkundanna każijiet ta' nuqqas ta' kooperazzjoni bħal stedini ta' individwi soġġetti għal mandat għal arrest tal-QKI u n-nuqqas li individwi bħal dawn jiġu arrestati u kkonsenjati; jerġa' jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha mill-Qorti biex jagħtu assistenza u kooperazzjoni fi żmien xieraq, biex tkun żgurata, fost affarijiet oħra, l-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest pendenti; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha, bl-għajnuna tas-SEAE, jistabbilixxu sett ta' linji gwida interni li jindikaw kodiċi ta' kondotta għall-kuntatt bejn uffiċjali tal-UE/Istati Membri u persuni mfittxija mill-QKI;

30. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu fuq ir-riżultat tad-diskussjonijiet tal-baġit fl-għaxar sessjoni tal-Assemblea tal-Partijiet Statali fit-12 sal-21 ta' Diċembru 2011, li heddew li jħallu l-Qorti nieqsa mill-fondi; jiddispjaċih ħafna li xi Partijiet Statali Ewropej tal-Istatut ta' Ruma qed jistinkaw għall-adozzjoni ta' baġit mingħajr tkabbir/baġit aktar baxx u li l-Assemblea ma qablitx li tipprovdi lill-Qorti b'riżorsi suffiċjenti biex tissodisfa b'mod effikaċi l-mandat ġudizzjarju u tamministra l-ġustizzja b'mod robust, ġust, effikaċi u sinifikanti; jistieden lill-Istati Membri tal-UE juru appoġġ robust għall-funzjonament tal-Qorti fl-ASP, u jirrifjutaw il-proposti għal tkabbir nominali żero tal-baġit tal-Qorti peress li dan idgħajjef l-kapaċità tagħha li twettaq ġustizzja u li tirrispondi għal sitwazzjonijiet ġodda;

31. Jenfasizza li l-appoġġ tal-UE għall-ġlieda kontra l-impunità għandu jkopri għadd ta' inizjattivi li jinkludu, fost l-oħrajn: aktar sforzi biex jippromwovu ratifika u implimentazzjoni usa' tal-Istatut ta' Ruma u tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet (APIC) sabiex il-Qorti tkun tassew globali u universali; sforzi akbar biex jiżguraw kooperazzjoni sħiħa mal-Qorti, inkluż permezz ta' adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar il-kooperazzjoni u l-ftehmiet qafas konklużi mal-QKI għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti, il-protezzjoni u t-trasferiment tal-vittmi u tax-xhieda, eċċ, sabiex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni xierqa u f'waqtha mal-Qorti; u appoġġ politiku u diplomatiku determinat, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest pendenti;

32. Jenfasizza, bħala segwitu għar-Rebbiegħa Għarbija, l-importanza tal-iżvilupp ta' politika tal-UE koerenti u sfumata dwar il-ġustizzja tranżitorja flimkien mar-rinfurzar tal-indipendenza tal-ġudikatura, inkluż ir-rabta mal-QKI bħala qorti tal-aħħar istanza, biex pajjiżi fi tranżizzjoni jkunu megħjuna jindirizzaw il-ksur passat tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-impunità u li jevitaw li jerġa' jiġi kommess ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

33. Jenfasizza li l-ġbir diġitali tal-provi u t-tixrid tal-istampi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem jikkontribwixxu għall-ġlieda globali kontra l-impunità; iqis li jeħtieġ l-għajnuna biex il-materjali jsiru ammissibbli skont id-dritt internazzjonali (kriminali) bħala prova għall-proċeduri tal-qorti;

***Azzjoni tal-UE fid-dritt umanitarju internazzjonali (DUI)***

34. Jilqa' l-inklużjoni, għall-ewwel darba, ta' sezzjoni dedikata dwar id-DUI fir-Rapport Annwali 2011 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-isforzi tal-UE sabiex tiġi żgurata r-responsabbiltà billi jkunu ddokumentati l-abbużi kollha tad-DUI u l-appoġġ għal mekkaniżmi ta' responsabbiltà, kif ukoll il-wegħdiet tagħha biex tiġġieled l-għajbien furzat, biex tkompli l-appoġġ għall-QKI, biex taħdem lejn aktar parteċipazzjoni fl-istrumenti prinċipali tad-DUI, biex tippromwovi r-rispett għall-garanziji proċedurali fundamentali għall-persuni kollha detenuti f'kunflitti armati, u biex tappoġġa strumenti internazzjonali li jfittxu li jindirizzaw il-perikli umanitarji ta' fdalijiet splussivi tal-gwerra, ġabriet ta' munizzjon, apparat splussiv improvizzat u mini splussivi ta' kontra l-persunal;

35. Jiddispjaċih, madankollu, li l-għarfien ġenerali u l-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali jibqgħu nettament iktar baxxi meta mqabbla ma' linji gwida oħra; jistieden lill-UE tagħti aktar prominenza politika, u tiddedika aktar riżorsi għall-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida, speċjalment billi jiġi żgurat li d-DUI jkun integrat f'operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżi, u billi b'mod proattiv tkun miġġielda l-impunità u tkun żgurata r-responsabbiltà individwali;

36. Ifakkar li sabiex jiġi evitat ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-bidu, ir-rispett għal-liġi internazzjonali għandha tkun fil-qalba ta' kwalunkwe strateġija tal-UE li timmira li ttejjeb id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja, partikolarment fir-relazzjoni tagħha ma' dawk is-sħab li huma parti minn kunflitt armat jew iffriżat; ifakkar il-ħtieġa li jitwaqqaf kwalunkwe appoġġ tal-UE mogħti lil partijiet minn kunflitt, kemm jekk ikun finanzjarju, loġistiku jew tattiku, inkluż permezz tal-forniment tal-armi, munizzjon jew kull tip ieħor ta' tagħmir militari, kif stipulat fil-Pożizzjoni Komuni dwar l-armi ta' esportazzjoni tal-UE;

37. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kwistjoni tal-ġlieda kontra l-impunità għal delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u ġenoċidju tiġi indirizzata b'mod aktar sistematiku fir-relazzjonijiet bilaterali tal-UE mal-pajjiżi rilevanti, inkluż billi tissemma f'dikjarazzjonijiet pubbliċi, u li l-UE tindirizza l-impunità b'mod aktar konsistenti fil-livell multilaterali, pereżempju fl-Assemblea Ġenerali tan-NU u fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem;

38. Itenni l-impenn tiegħu għall-prinċipju tar-'Responsabilità għall-Protezzjoni' (R2P), waqt li jenfasizza l-importanza li l-komunità internazzjonali, inkluża l-UE, tieħu r-responsabilità biex jiġi indirizzat il-ksur evidenti tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi meta l-gvernijiet ta' dawn il-pajjiżi ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jipproteġu liċ-ċittadini tagħhom stess; jenfasizza li din l-azzjoni tal-komunità internazzjonali timplika interventi umanitarji u pressjoni diplomatika xierqa u, bħala l-aħħar rimedju biss, l-użu kollettiv tal-forza, taħt l-awspiċi jew l-awtorizzazzjoni tan-NU; iħeġġeġ lill-UE tinvolvi ruħha u tippromwovi r-riforma urġenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, sabiex jiġi evitat l-imblukkar ta' R2P;

39. Ifaħħar, f'dan il-kuntest, l-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u ta' bosta Stati Membri tal-UE li ġew minn ta' quddiem fil-prevenzjoni ta' aktar vjolenza kontra ċ-ċivili fil-Libja matul l-2011, iżda jiddispjaċih għan-nuqqas ta' risposta komuni fil-livell tal-UE;

40. Huwa mħasseb ħafna dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fil-Libja, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u t-trattament tad-detenuti miżmumin minn varji milizji mingħajr kontroll effettiv mill-Gvern Interim fuq dawn il-brigati, u jeżiġi viġilanza akbar u assistenza sostnuta mill-komunità internazzjonali, kif ingħad mill-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem quddiem il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fil-25 ta' Jannar 2012;

41. Jinnota l-isforzi tal-Unjoni Ewropea u tal-komunità internazzjonali fis-Sirja fl-2011 iżda jiddispjaċih li dawk l-isforzi ma rriżultawx f'titjib tas-sitwazzjoni fit-territorju; itenni t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, speċjalment fir-rigward tal-emerġenza kontinwa tad-drittijiet tal-bniedem u dik umanitarja; jikkundanna bl-aktar mod qawwi r-repressjoni brutali mifruxa u l-vjolazzjonijiet sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni tagħha, inklużi tfal u nisa; jistieden lill-awtoritajiet Sirjani jtemmu minnufih il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem sabiex jippermettu tranżizzjoni paċifika u demokratika; itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għall-Mibgħut Speċjali tan-NU u tal-Lega Għarbija, u jħeġġeġ lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jieħu passi neċessarji sabiex jintemm il-massakru ta' ċivili u li jirreferi lill-QKI dawk responsabbli għad-delitti gravi tal-gwerra u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja;

42. Jilqa' l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna ġodda tal-UE li, fil-perjodu inizjali tal-programm tal-2014-2020, se toħloq opportunità għal madwar 10 000 Ewropew li jipparteċipaw globalment f'operazzjonijiet umanitarji f'żoni fejn hemm bżonn tal-aktar għajnuna u biex juru solidarjetà Ewropea billi jipprovdu assistenza prattika lil komunitajiet milquta minn diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem;

43. Jargumenta li l-impriżi militari u tas-sigurtà privati (PMSCs) għandhom jinżammu responsabbli għal kwalunkwe ksur tad-dritt fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju mwettqa mill-persunal tagħhom; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, fid-dawl tal-użu mifrux ta' PMSCs, iżidu l-isforzi tagħhom biex tinstab soluzzjoni regolatorju kredibbli sabiex jiġu evitati lakuni ġuridiċi f'termini ta' responsabilità;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

***Politika Ewropea tal-Viċinat u Rebbiegħa Għarbija***

44. Jenfasizza s-sinifikat tar-rewwixti tal-2011 fid-dinja Għarbija kemm bħala espressjoni tax-xewqa għal-libertà, il-ġustizzja u d-dinjità u bħala sfida ewlenija għall-politika tal-UE fir-reġjun u lil hinn minnu; jirrikonoxxi li l-UE żiedet l-impenn politiku tagħha kemm fil-Viċinat tal-Lvant kif ukoll tan-Nofsinhar, iżda jenfasizza l-ħtieġa li jkunu meħuda tagħlimiet mill-iżbalji tal-politika tal-passat u tkun imfassla politika ġdida allinjata mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-appoġġ tal-valuri demokratiċi;

45. Jilqa' l-enfasi l-ġdid fil-politika tal-UE lejn il-Viċinat tan-Nofsinhar fuq ir-responsabilità reċiproka u impenn kondiviż għall-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-Istat tad-dritt; jitlob il-konsistenza fl-approċċ tal-politika dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE għan-Nofsinhar u l-Lvant; jenfasizza l-ħtieġa li fil-Lvant jiġu evitati l-istess tipi ta' żbalji tal-politika li saru fin-Nofsinhar qabel ir-Rebbiegħa Għarbija tal-2011;

46. Ifakkar ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar is-sitwazzjoni fis-Saħara [1] tal-Punent u tat-18 ta' April 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni, inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE [2], jesprimi t-tħassib tiegħu għad-deterjorament tad-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara tal-Punent. jitlob li d-drittijiet fundamentali tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, inkluża l-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà tal-espressjoni u d-dritt li jipprotestaw, jiġu rispettati. jitlob ir-rilaxx tal-priġunieri politiċi kollha tas-Saħrawi. jitlob il-ftuħ tat-territorju għal osservaturi indipendenti, NGOs, u l-midja; itenni s-sostenn tiegħu għat-twaqqif ta' mekkaniżmu internazzjonali għall-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara tal-Punent; jappoġġa soluzzjoni leali u dewwiema tal-kunflitt, abbażi tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-poplu Saħrawi, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet relevanti tan-Nazzjonijiet Uniti;

47. Jenfasizza l-importanza tar-rwol tan-nisa, u tal-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom, fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi, speċjalment fil-proċessi tal-bini tal-paċi ta' wara l-gwerra, fin-negozjati ta' tranżizzjoni demokratika u fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, ir-rikonċiljazzjoni u l-proċessi ta' stabilizzazzjoni, f'termini tal-objettiv tas-sensibilizzazzjoni u l-attenzjoni bil-għan li tiġi eliminata d-diskriminazzjoni li jġarrbu n-nisa fil-proċessi tad-demokratizzazzjoni li għaddejjin bħalissa f'ħafna pajjiżi terzi;

48. Itenni l-fehma tiegħu li l-approċċ 'aktar għal aktar' għandu jkun ibbażat fuq kriterji definiti b'mod ċar b'punti ta' referenza speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, trasparenti u marbuta biż-żmien; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jimplimentaw dan l-approċċ b'mod sistematiku fir-rapporti ta' progress tal-Politika tal-Viċinat;

49. Jilqa' l-involviment imsaħħaħ tal-UE għas-soċjetà ċivili, u jenfasizza l-ħtieġa li s-soċjetà ċivili tikkontribwixxi b'mod iktar sistematiku u regolari għall-elaborazzjoni tal-istrateġiji u tal-valutazzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u skont il-pajjiż meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa tal-approċċ il-ġdid 'aktar għal aktar' fil-politika tal-UE;

50. Jilqa' wkoll attivitajiet imwettqa fl-ambitu tal-inizjattiva tas-Sħubija tal-Lvant fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-libertajiet fundamentali u l-Istat tad-dritt fil-pajjiżi msieħba; jistieden lill-Unjoni Ewropea tuża l-esperjenza tranżitorja tal-Istati Membri tagħha stess ta' bidla minn reġimi awtoritarji għal dawk demokratiċi, u tittraduċi l-lezzjonijiet meħuda minn dawn l-esperjenzi fi programmi konkreti, orjentati lejn ir-riżultati fil-pajjiżi msieħba tal-Lvant tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-UE tieħu pożizzjoni aktar attiva u koerenti meta tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-Istat tad-dritt fil-pajjiżi msieħba;

51. Jiddispjaċih, madankollu, li l-politika tas-Sħubija tal-Lvant xi kultant tibqa' miftuħa għal interpretazzjonijiet, fejn issir aktar politika ta' permissività sħiħa u maħfra, u ta' standards doppji li huma ta' spiss applikati fir-rigward tal-pajjiżi msieħba tal-Lvant;

---

(1) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 87.
(2) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.

52. Jibqa' estremament imħasseb bin-nuqqas ta' demokrazija, Stat tad-dritt, libertajiet fundamentali u rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-Bjelorussja, l-uniku pajjiż tal-Viċinat Ewropew li ma jipparteċipax bis-sħiħ fis-Sħubija tal-Lvant u fil-ħidma tal-Assemblea Parlamentari Euronest, speċjalment wara l-elezzjonijiet presidenzjali f'Diċembru 2010 u r-repressjoni vjolenti sussegwenti fuq dimostranti u l-oppożizzjoni politika, inklużi l-proċessi tal-attivisti tal-2011 li ma kkonformawx mal-istandards internazzjonali u fejn ingħataw sentenzi ħorox sproporzjonati; ifaħħar l-għaqda tal-UE b'reazzjoni għat-tkeċċija ta' diplomatiċi tal-UE mill-Bjelorussja fi Frar 2012; iħeġġeġ lill-Unjoni u l-Istati Membri kollha tagħha jibqgħu koerenti u konsistenti fil-politiki tagħhom lejn il-Bjelorussja, u li jkomplu jeżerċitaw pressjoni fuq ir-reġim politiku, inkluż permezz ta' sanzjonijiet, fost l-oħrajn kontra uffiċjali elenkati, filwaqt li tintlaħaq is-soċjetà ċivili permezz ta' strumenti bħall-iffaċilitar imtejjeb tal-viżi u opportunitajiet miżjuda ta' edukazzjoni, taħriġ u skambji oħra; jesprimi tħassib kbir dwar id-detenzjoni ta' Ales Bialiatski mill-4 ta' Awwissu 2011; juri dispjaċir dwar l-azzjonijiet tal-uffiċjali Pollakk u Litwan li ppremettew li Ales Bialiatski jiġi arrestat permezz tat-trażmissjoni ta' informazzjoni bankarja, u jitlob l-akbar sforzi mill-atturi kollha fl-UE biex tiġi evitata ripetizzjoni ta' tali żbalji;

53. Iħeġġeġ lill-UE tapplika l-istess approċċ konsistenti lejn l-abbużi fid-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi kollha, kemm fil-pajjiżi msieħba u kemm f'pajjiżi li magħhom l-UE għandha relazzjoni anqas żviluppata; jinsisti li l-UE ssemma leħinha fl-indikazzjoni u l-kundanna tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kull meta u kull fejn iseħħ, irrispettivament mil-livell jew l-importanza strateġika tas-sħubija mal-pajjiż ikkonċernat; jenfasizza li l-UE għandha tuża għajnuna finanzjarja u relazzjonijiet ekonomiċi bħala mekkaniżmu ta' lieva biex jiżguraw l-impenn għall-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem mal-imsieħba kollha tagħha;

***Politiki tal-UE għall-appoġġ tad-demokratizzazzjoni u l-elezzjonijiet***

54. Jenfasizza li d-drittjiet tal-bniedem u d-demokrazija għandhom natura li jsaħħu 'l xulxin, għaliex huwa permezz tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem li soċjetajiet joħolqu l-ispazju politiku liberu li hemm bżonn għal kontestazzjoni demokratika paċifika; jilqa' f'dan ir-rigward l-attenzjoni akbar tal-UE fuq l-appoġġ tad-demokrazija, kif intwera mill-Fond Ewropew għad-Demokrazija li ġie stabilit reċentement;

55. Jenfasizza li approċċ aktar fit-tul li jkopri ċ-ċiklu elettorali kollu huwa meħtieġ biex isir segwitu kif xieraq fuq ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE; jenfasizza l-importanza li jitfasslu rakkomandazzjonijiet realistiċi u li jistgħu jintlaħqu u li jiġi żgurat li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikunu sorveljati – u jsiru parti minn djalogu u assistenza politiċi offruti – mid-delegazzjonijiet tal-UE; iqis li d-delegazzjonijiet permanenti tal-Parlament u l-assemblej parlamentari konġunti għandhom ukoll jiżvolġu rwol akbar fis-segwitu ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u fl-analiżi tal-progress fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jinkoraġġixxi l-missjoni internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali (MOEs) tal-UE biex isaħħu l-koordinament tagħhom ma' missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali internazzjonali oħrajn sabiex titjieb il-koerenza tal-azzjoni tal-UE f'dan ir-rigward; jenfasizza li l-UE għandha bżonn tinvesti fit-taħriġ ta' osservaturi lokali sabiex jinbnew proċessi elettorali sostenibbli u awtonomi fil-pajjiżi terzi; jispjega l-fatt li t-tranżizzjoni għad-demokrazija, kif ukoll il-progress fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, jitlob strateġiji fit-tul u jista' ma jkunx hemm riżultati viżibbli fuq perjodu qasir, iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jimmonitorjaw fid-dettall aktar minn ċiklu elettorali wieħed billi jiskjeraw MOEs tal-UE għal pajjiżi li jgħaddu minn reġimi awtoritarji għal reġimi demokratiċi jew għal dawk li jirreġistraw nuqqasijiet demokratiċi serji fil-progress tagħhom lejn id-demokrazija;

56. Itenni l-appell tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw strateġija koerenti u fit-tul fir-rigward ta' kull missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-UE, segwita minn valutazzjoni tal-progress demokratiku għal perjodu ta' sentejn wara li ssir il-missjoni, bl-involviment xieraq tal-Osservatur Ewlieni elettorali tal-osservazzjoni kkonċernat, li għandu jsir dibattitu dwarha waqt id-dibattitu annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-Parlament mal-VP/RGħ; jilqa' l-impenn tar-RGħ/VP li fil-missjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet, tiffoka fuq il-parteċipazzjoni – kemm bħala kandidati kif ukoll bħala votanti – tan-nisa u l-minoranzi nazzjonali, kif ukoll tal-persuni b'diżabilità;

57. Jenfasizza li l-UE trid timpenja ruħha mal-partiti politiċi, sabiex tippermetti lill-partijiet interessati jikkondividu għodod u tekniki li jistgħu jintużaw biex jiġu żviluppati rabtiet aktar b'saħħithom mal-pubbliku, jorganizzaw kampanji elettorali kompetittivi u jkunu aktar effikaċi fil-leġislatura tagħhom; jenfasizza li d-demokratizzazzjoni huwa proċess li jrid jinvolvi wkoll liċ-ċittadini, lill-movimenti tal-bażi u lis-soċjetà ċivili; jemmen, għaldaqstant, li l-UE għandha tiffinanzja l-programmi li jrawmu l-parteċipazzjoni ċivika, l-edukazzjoni tal-votanti, l-organizzazzjoni ta' azzjonijiet ta' promozzjoni, il-libertà tal-istampa u tal-espressjoni, u li b'mod ġenerali jiżguraw sorveljanza politika u jgħinu liċ-ċittadini jeżerċitaw drittijiethom;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

58. Jikkunsidra li l-parteċipazzjoni ekwa tan-nisa fil-politika u fil-gvern hija essenzjali għall-bini u s-sostenn tad-demokrazija; jenfasizza, għalhekk, li l-programmi tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokratizzazzjoni għandhom jikkunsidraw, bħala prijorità, l-impenn u l-akkumulu tal-kapaċitajiet tan-nisa fil-leġislaturi, fil-partiti politiċi u fis-soċjetà ċivili bħala mexxejja, attivisti u ċittadini infurmati; huwa tal-fehma li l-UE trid tkompli tappoġġa u tinkoraġġixxi lin-nisa biex joħorġu bħala kandidati għall-elezzjonijiet u jipparteċipaw b'mod siewi f'kull aspett tal-ħajja ċivika u politika; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fil-politika mhijiex limitata għall-objettivi statistiċi dwar l-għadd ta' kandidati u uffiċjali eletti, u li l-iżgurar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tinvolvi l-fatt kemm li l-problemi tad-drittijiet tan-nisa jiġu meqjusa fit-tfassil tal-politiki kif ukoll li l-parteċipazzjoni libera u effikaċi tan-nisa fl-aspetti kollha tal-ħajja pubblika, politika u ekonomika tiġi żgurata;

59. Ifakkar li l-bini ta' pedamenti demokratiċi leġittimi, soċjetà ċivili li topera tajjeb u komunità demokratika, ibbażata fuq id-drittijiet huwa proċess li jieħu żmien twil li jeħtieġ li jinbena minn isfel u jirrikjedi appoġġ nazzjonali, reġjonali, lokali u internazzjonali;

60. Jilqa' l-ħolqien tad-Direttorat għas-Sostenn tad-Demokrazija fil-Parlament u l-proroga tal-mandat tal-Grupp ta' Koordinament Elettorali (ECG) tiegħu, li sar il-Grupp ta' Sostenn għad-Demokrazija u ta' Koordinament Elettorali (DSECG); jistenna li l-attivitajiet tal-Parlament għas-sostenn tad-demokrazija, inklużi l-gruppi politiċi, jissaħħu aktar, almenu permezz tal-Uffiċċju għall-Promozzjoni tad-Demokrazija Parlamentari u l-Unità għall-Osservazzjoni Elettorali tiegħu;

***Djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi***

61. Jirrikonoxxi l-potenzjal inerenti fid-djalogi komprensivi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi, speċjalment jekk dawn ikunu magħquda b'mod effikaċi mal-implimentazzjoni tal-istrateġiji tad-drittijiet tal-bniedem tal-pajjiżi; jenfasizza li d-djalogi, madankollu, ma għandhomx jiġu strumentalizzati sabiex ikunu marġinalizzati d-diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, f'livelli għola oħra tad-djalogu politiku bħas-summits; iħeġġeġ, bl-istess mod, li l-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ikunu ċentrali fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi;

62. Jirrakkomanda li l-istrateġiji tal-pajjiż tad-drittijiet tal-bniedem jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku; jenfasizza li strateġiji pubbliċi jipprovdu viżibiltà għall-impenn tal-UE dwar drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi u jipprovdu appoġġ lil dawk li qed ibatu biex jeżerċitaw u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom;

63. .Jenfasizza li hu importanti li l-UE tuża dawn id-djalogi sabiex jitqajmu każijiet individwali ta' tħassib, partikolarment għall-priġunieri tal-kuxjenza li ntbagħtu l-ħabs minħabba li jipprattikaw id-dritt paċifiku tal-libertà tal-espressjoni, tal-għaqda u tar-reliġjon jew tat-twemmin, u jistieden lill-UE ssegwi b'mod effikaċi dawn il-każijiet mal-pajjiżi inkwistjoni.

64. Itenni t-tħassib tiegħu, madankollu, dwar in-nuqqas persistenti u deludenti ta' progress f'għadd ta' djalogi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u n-nuqqas ta' punti ta' referenza trasparenti biex ġenwinament ikun ivvalutat it-titjib jew id-deterjorament fid-drittijiet tal-bniedem; jinnota d-diffikultajiet kontinwi tal-UE biex tinnegozja modalitajiet imtejba għad-djalogi tagħha rigward id-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari maċ-Ċina u r-Russja; jistieden lir-RSUE maħtur il-ġdid għad-Drittijiet tal-Bniedem jieħu l-inizjattiva f'dawn id-djalogi u djalogi oħrajn dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex f'dan ir-rigward isegwi approċċ ġdid immexxi mir-riżultati permezz ta' kooperazzjoni kontinwa mal-Parlament;

65. Jenfasizza l-fatt li, filwaqt li l-awtoritajiet Ċiniżi għamlu passi fid-direzzjoni t-tajba, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tibqa' tiddeterjora u hija kkaratterizzata mill-problemi soċjali li qed jikbru u bit-tisħiħ tal-kontroll u tar-repressjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-avukati, tal-bloggers, u tal-attivisti soċjali, kif ukoll mill-politiki li għandhom l-iskop li jiemarġinaw lit-Tibetani u l-identità kulturali tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi jinvolvu ruħhom serjament mal-poplu Tibetan biex jiġu valutati l-kawżi wara l-fatt li patrijiet u sorijiet Tibetani jaħarqu lilhom infushom b'idejhom, jitwaqqfu l-vessazzjonijiet u l-intimidazzjoni tat-Tibetani li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-libertà tal-espressjoni, tal-għaqda u tal-assoċjazzjoni, jitwaqqaf ir-rikors bla bżonn tal-forza eċċessiva kollu meta jiġu affaċċjati d-dimostranti, jinvestigaw il-każijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u jippermettu monitoraġġ indipendenti f'żoni ta' protesti;

66. Itenni l-appell tiegħu għall-ħtieġa li jinħatar Rappreżentant Speċjali tal-UE għat-Tibet responsabbli għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u, fost kwistjonijiet topiċi oħra, id-dritt li jipprattikaw liberament r-reliġjon u l-kultura tagħhom fiċ-Ċina;

67. Jibqa' diżappuntat li ma kien hemm l-ebda involviment sistematiku tal-Parlament fil-valutazzjoni tad-djalogi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż dawk mar-Russja u ċ-Ċina; jitlob biex l-aċċess tal-Parlament għal dawn il-valutazzjonijiet ikun formalizzat, u jfakkar li l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Djalogi tad-Drittijiet tal-Bniedem jiddikjaraw li s-'soċjetà ċivili ser tkun involuta f'dan l-eżerċizzju ta' valutazzjoni';

68. Itenni li s-sitwazzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-isforzi għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa jridu jitqiesu, b'mod sistematiku, fid-djalogi kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem immexxija mill-UE mal-pajjiżi terzi li magħhom ġew iffirmati ftehimiet ta' kooperazzjoni u assoċjazzjoni;

***Sanzjonijiet tal-UE u klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-ftehimiet tal-UE***

69. Jilqa' l-impenn fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem biex tkun żviluppata metodoloġija għal titjib fl-analiżi tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi b'konnessjoni mat-tnedija jew il-konklużjoni tal-ftehimiet dwar il-kummerċ u/jew l-investiment; jistieden lill-UE tiżgura li l-għoti tal-istatus SPĠ+ ikun marbut bis-sod mar-ratifika u l-implimentazzjoni min-naħa tal-pajjiż ta' strumenti ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem, li jippermetti evalwazzjoni regolari ta' dawn l-obbligi, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari għar-rispett tal-libertà tal-espressjoni, tal-għaqda, tal-assoċjazzjoni, u tar-reliġjon jew tat-twemmin, u d-drittijiet tal-minoranzi, in-nisa u t-tfal; jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa għal trasparenza fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem tal-immigranti;

70. Jilqa' pożittivament l-isforzi tal-UE biex tinkludi klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-ftehimiet qafas politiċi kollha tal-UE, iżda jtenni l-appell tiegħu biex ir-relazzjonijiet kuntrattwali kollha mal-pajjiżi terzi – kemm dawk industrijalizzati u kemm dawk fil-fażi ta' żvilupp, u inklużi l-ftehimiet settorjali, il-ftehimiet kummerċjali u tekniċi jew ta' għajnuna finanzjarja – jinkludu kundizzjonalità u klawsoli fformulati b'mod ċar dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, mingħajr eċċezzjoni; jikkunsidra li l-limitu annwali fis-skema tas-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzata (SPĠ) li jista' jwassal għal azzjoni fuq il-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem huwa għoli iżda għandu jiġi rranġat għal kull pajjiż ikkonċernat; jinnota li l-proposta ta' riforma ġdida tal-SPĠ tal-2011 li tissuġġerixxi li l-proċedura ta' konsultazzjoni għandha titwessa' u li fiha dispożizzjonijiet biex jiġu aġevolati l-investigazzjonijiet għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kumitat SPĠ; jesprimi, f'dan ir-rigward, tħassib serju dwar is-sitwazzjoni deterjoranti tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja fejn l-akkapparar tal-art wassal għal żieda fil-faqar u għall-ksur tal-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem li huma parti mill-ftehmiet fis-seħħ bejn l-UE u l-Kambodja; iwissi li n-nuqqas ta' konsistenza fl-implimentazzjoni tal-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem tista' ddgħajjef il-kredibilità u l-effikaċja tal-politika tal-UE dwar il-kundizzjonalità;

71. Jilqa' pożittivament il-miżuri meħuda u l-pjanijiet żviluppati fl-2011 mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri mmirati lejn ħolqien ta' politika aktar koerenti u koordinata fir-rigward tar-Responsabbiltà Soċjali Koroprattiva (CSR), fost affarijiet oħra bħala sostenn għad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, u l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar l-Impriżi u d-Drittijiet tal-Bniedem mill-2011;

72. Jisħaq fuq l-importanza li s-CSR tiġi ankrata fil-ftehimiet dwar il-kummerċ ħieles mal-pajjiżi terzi u dawk fil-fażi ta' żvilupp bil-għan li jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali; jissuġġerixxi li jiddaħħal kapitolu komprensiv dwar id-drittijiet tal-bniedem, apparti kapitoli soċjali u ambjentali, f'kull ftehim ta' kummerċ ħieles futur; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tuża l-ftehmiet ta' kummerċ ħieles sabiex jippromwovu l-erba' standards ewlenin tax-xogħol, jiġifieri l-libertà tal-assoċjazzjoni u d-dritt għan-negozjar kollettiv; l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat; l-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal; u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjiegi, jenfasizza wkoll li l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u infurzar tal-iskema SPĠ+ għandhom ikomplu jissaħħu;

73. Itenni li l-applikazzjoni konsistenti tal-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem tal-ftehimiet hija fundamentali fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi terzi; jenfasizza l-importanza ta' reviżjoni dwar kif l-Istati Membri kkooperaw mal-apparat ta' repressjoni f'isem il-ġlieda kontra t-terroriżmu; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-Politika Ewropea tal-Viċinat li għadha kemm ġiet riveduta tikkonċentra fuq l-għoti ta' sostenn għar-riforma fis-settur tas-sigurtà u, b'mod partikolari, tkun żgurata separazzjoni ċara bejn il-funzjonijiet ta' intelligence u tal-infurzar tal-liġi; jistieden lill-VP/RGħ, ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-bniedem, lis-SEAE, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jżidu l-kooperazzjoni tagħhom mal-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura, u mekkaniżmi oħra rilevanti

tal-Kunsill tal-Ewropa fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' assistenza fil-ġlieda kontra t-terroriżmu mal-pajjiżi terzi, u fil-forom kollha ta' djalogi tal-ġlieda kontra t-terroriżmu mal-pajjiżi terzi;

74. Jenfasizza l-importanza li titkompla l-ħidma fuq il-prattiki globali b'mod partikolari dwar l-użu tad-detenzjonijiet sigrieti fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu; jenfasizza li l-ġlieda kontra t-terroriżmu fl-ebda ċirkostanza ma tista' tiġġustifika l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kemm f'pajjiżi terzi u kif ukoll fit-territorju tal-Unjoni Ewropea; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għall-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2012 dwar "l-allegati trasportazzjoni u żamma illegali ta' priġunieri f'pajjiżi Ewropej mis-CIA: segwitu għar-rapport tal-Kumitat tat-TDIP tal-Parlament Ewropew" fuq talba tal-Istati Membri u l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet;

75. Jinsisti dwar l-importanza li l-UE b'mod sħiħ tirrispetta u timplimenta l-obbligi internazzjonali tagħha, il-politiki u l-istrumenti ta' politika barranija, bħal-linji gwida dwar it-tortura u djalogi tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex tkun tista' tkun aktar kredibbli fl-appell tagħha għall-implimentazzjoni rigoruża tal-klawsoli tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, u biex tħeġġeġ lill-alleati ewlenin tagħha biex jirrispettaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali u dik internazzjonali tagħhom;

76. Jirrakkomanda, sabiex jissaħħu l-kredibilità tal-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem u l-prevedibilità tal-azzjoni tal-UE, li l-klawsola tiġi żviluppata aktar biex tinkludi mekkaniżmi proċedurali politiċi u ġuridiċi li għandhom jintużaw fil-każ ta' talba għas-sospensjoni tal-kooperazzjoni bilaterali fuq il-bażi ta' ksur ripetut u/jew sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem li jikser id-dritt internazzjonali;

77. Jistieden lill-Unjoni Ewropea tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali li tiffirma mal-pajjiżi terzi jinkludu klawsoli li jippromwovu l-koeżjoni soċjali, jiżguraw ir-rispett tal-istandards soċjali, ambjentali u tax-xogħol u l-ġestjoni tajba tar-riżorsi naturali, b'mod partikolari l-art u l-ilma; jinnota li l-UE qiegħda tiżviluppa mekkaniżmu ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem biex jiġi inkluż bħala parti mill-ftehimiet ġodda ta' sħubija u ta' kooperazzjoni, u ftehimiet kummerċjali oħra, ma' numru ta' pajjiżi; jenfasizza li dawn il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ mhumiex ambizzjużi biżżejjed u mhux definiti b'mod ċar, b'hekk ikun kompromess l-impenn tat-trattat tal-UE għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja; jinsab partikolarment imħasseb f'dan ir-rigward dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) mal-Uzbekistan u l-FSK pendenti mat-Turkmenistan;

78. Itenni r-rakkomandazzjoni tiegħu li l-UE tadotta politika iktar konsistenti u effiċjenti dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-UE, fejn taghti kriterji ċari għal meta dawn għandhom jiġu applikati u liema tip ta' sanzjonijiet għandhom jiġu applikati, u li jinkludu parametri ta' referenza trasparenti għat-tneħħija tagħhom; jistieden lill-Kunsill jassigura li ma jkun hemm l-ebda standard doppju meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar miżuri restrittivi jew sanzjonijiet u li dawn ikunu applikati indipendentement mill-interessi politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà;

79. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw fil-livell internazzjonali l-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-vjolenza fuq in-nisa u d-dimensjoni relatata mal-ġeneru fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ftehimiet bilaterali ta' assoċjazzjoni tal-kummerċ internazzjonali fis-seħħ u dawk li qed jiġu negozjati;

***Libertà tal-espressjoni (mezzi ta' komunikazzjoni soċjali soċjali/libertajiet diġitali)***

80. Jinnota li r-Rebbiegħa Gharbija wriet kif l-arkitettura globali ġdida ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni mhijiex qiegħda toħloq biss mezzi ġodda għal-libertà tal-espressjoni, iżda tippermetti wkoll forom ġodda ta' mobilizzazzjoni politika li jevitaw il-metodi tradizzjonali; jirrimarka, f'dan il-kuntest, li ż-żoni rurali spiss huma konnessi b'mod inadegwat ma' teknoloġiji moderni tal-komunikazzjoni; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jisfruttaw il-potenzjal pożittiv tat-teknoloġiji l-ġodda fil-politika barranija tal-UE filwaqt li jenfasizza li l-gruppi organizzati biss li għandhom aġenda politika ċara u koerenti tingħatalhom l-assistenza finanzjarja; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jindirizzaw il-periklu ta' ċensura u repressjoni tal-Internet; jilqa' pożittivament it-tnedija, f'Diċembru 2011, tal-istrateġija "No Disconnect" għall-iżvilupp ta' strumenti li jippermettu lill-UE biex, f'każijiet xierqa, tgħin lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew liċ-ċittadini individwali jevitaw tfixkil arbitrarju għall-aċċess għat-teknoloġiji tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluż l-Internet;

81. Jirrikonoxxi li d-dipendenza dejjem tikber fuq l-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjonijiet probabbilment se toħloq vulnerabilitajiet ġodda u tħassib għas-sigurtà fuq skala internazzjonali; ifakkar, madankollu, li ħafna mill-karatteristiċi deċentralizzati li jagħmlu l-Internet suġġett ta' tħassib għaċ-ċibersigurtà huma wkoll ir-raġunijiet proprji li jagħmluh strument b'saħħtu għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jgħixu taħt reġimi repressivi; jenfasizza, għalhekk, l-importanza ta' approċċ komprensiv tal-Istrateġija dwar il-Libertà Diġitali b'dimensjoni ċara tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża valutazzjoni tal-impatt dwar il-konsegwenzi fuq id-drittijiet tal-bniedem, fl-iżvilupp ta' politiki u programmi relatati maċ-ċibersigurtà, il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, il-governanza tal-Internet u politiki oħra tal-UE f'dan il-qasam; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni u s-SEAE jieħdu approċċ proattiv biex ikunu integrati l-aspetti taċ-ċibersigurtà fl-interazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi;

82. Jenfasizza li r-repressjoni u l-kontroll taċ-ċittadini u tal-impriżi jinvolvu komponent teknoloġiku li dejjem qed jiżdied, permezz tal-imblukkar tal-kontenut u l-monitoraġġ u l-identifikazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ġurnalisti, l-attivisti u d-dissidenti, kif ukoll permezz tal-kriminalizzazzjoni tal-espressjoni leġittima online u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni restrittiva li tiġġustifika tali miżuri; jirrakkomanda li l-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertajiet diġitali għandhom jiġu integrati, u rieżaminati kull sena, bil-għan li jassiguraw obbligu ta' rendikont u kontinwità fl-azzjonijiet esterni, fil-politiki u l-istrumenti ta' finanzjament u ta' għajnuna kollha tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jirrikonoxxu inekwivokabbilment il-libertajiet diġitali bħala drittijiet fundamentali u prerekwiżiti indispensabbli għat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem universali bħal-libertà tal-espressjoni, il-libertà ta' għaqda u l-aċċess għall-informazzjoni, kif ukoll għall-iżgurar tat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fil-ħajja pubblika;

83. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem biex ikunu żviluppati linji gwida pubbliċi ġodda dwar il-libertà tal-espressjoni online u offline, inkluża l-protezzjoni tal-bloggers u l-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-partijiet tal-oppożizzjoni;

84. Jenfasizza l-importanza li jiġu inkoraġġiti stampa u mezzi ta' komunikazzjoni ħielsa u indipendenti, li huma atturi kruċjali għall-preservazzjoni tal-Istat ta' dritt u għall-ġlieda kontra l-prattiki korrotti;

85. Jinnota bi tħassib it-tendenza inkwetanti ta' żieda fl-attakki u fl-intimidazzjoni kontra l-ġurnalisti u l-operaturi tal-mezzi tal-komunikazzjoni fid-dinja; jitlob għal titjib fl-isforzi tal-UE biex tkun promossa s-sigurtà tagħhom fid-djalogi mas-sħab tal-Unjoni u pajjiżi oħra;

86. Huwa preokkupat immens dwar dawn l-iżviluppi, li jillimitaw il-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda abbażi ta' kunċetti żbaljati dwar l-omosesswalità u t-transġeneriżmu; ifakkar li dawn il-liġijiet u proposti, f'dan is-sens, huma inkonsistenti mal-Patt Internazzjonali tad-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li jipprekludi liġijiet u prattiki diskriminatorji bbażati fuq l-orjentament sesswali; jistieden lill-VP/RGħ u lir-Rappreżentant Speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem iqajmu dawn il-kwistjonijiet sistematikament;

87. Jiddeplora l-użu ta' teknoloġiji u servizzi magħmula fl-UE f'pajjiżi terzi biex jinkisru d-drittijiet tal-bniedem permezz taċ-ċensura tal-informazzjoni, is-sorveljanza tal-massa, il-monitoraġġ, tracing and tracking (monitoraġġ u lokalizzazzjoni) taċ-ċittadini u l-attivitajiet tagħhom fin-netwerks tat-telefonija (mobbli) u fl-Internet; Jinsab imħasseb dwar ir-rapporti ta' ċerti kumpaniji tal-UE li jikkooperaw ma' reġimi awtoritarji biex jagħtuhom aċċess illimitat u mingħajr ħlas għan-netwerks u l-bażijiet tad-data tagħhom bl-iskuża li qed jirrispettaw d-dritt lokali, kif kien il-każ tal-kumpanija bbażata fl-UE, TeliaSonera, f'bosta pajjiżi li kienu Sovjetiċi; jinsab konvint li l-kumpaniji Ewropej, is-sussidjarji u s-sottokuntratturi tagħhom għandhom jiżvolġu rwol fundamentali fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-istandards soċjali fuq skala dinjija, b'tali mod li l-imġiba tagħhom għandha tkun koerenti mal-valuri Ewropej u qatt ma tikkomprometti d-drittijiet tal-bniedem fl-isforzi tagħhom li jespandu s-suq tagħhom fuq livell internazzjonali;

88. Japprezza d-deċiżjonijiet tal-Kunsill li tiġi pprojbita l-esportazzjoni ta' ċerti teknoloġiji tal-informazzjoni u servizzi lejn is-Sirja u l-Iran u jħeġġeġ lill-UE tikkunsidra dawn il-każi bħala preċedenti għal miżuri restrittivi futuri kontra reġimi repressivi oħra; jappoġġa bis-sħiħ il-proposta li jkun inkluż il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fis-sistema tal-UE ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju bħala raġuni għalfejn l-oġġetti mhux elenkati jistgħu jkunu suġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni min-naħa tal-Istati Membri; jiġbed l-attenzjoni, f'dan il-kuntest, fuq il-pożizzjoni tiegħu biex jiġi adottat Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

***Sostenn tal-UE għas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***

89. Jenfasizza l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha u vibranti bħala fattur ewlieni li jippermetti l-progress demokratiku u l-protezzjoni mtejba tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li l-mobilizzazzjoni tas-soċjetà ċivili hija l-għajn tal-bidliet storiċi tar-Rebbiegħa Għarbija;

90. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-UE biex iżżid is-sostenn għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jagħti importanza b'mod partikolari lill-kapaċità tal-Unjoni Ewropea li tinvolvi ruħha direttament mas-soċjetà ċivili permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), il-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili u l-Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED); jiddispjaċih, madankollu, li l-UE ma għandiex politika aktar b'saħħitha biex tipperswadi lill-pajjiżi msieħba jabolixxu r-restrizzjonijiet ġuridiċi u amministrattivi bla bżonn li jillimitaw id-drittijiet universali ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni; jitlob biex dawn il-linji gwida politiċi jiġu żviluppati;

91. Itenni s-sostenn tiegħu għall-implimentazzjoni tal-kunċett tas-sjieda demokratika f'kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, u jqis li r-rwol tas-soċjetà ċivili huwa kruċjali f'dan il-kuntest; jenfasizza l-ħtieġa li l-persunal kollu tal-UE jaħdem mill-qrib mas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi fejn ikun stazzjonat; jiddefinixxi l-fatt li kooperazzjoni aktar mill-qrib mas-soċjetà ċivili tkun tikkontribwixxi konsiderevolment għat-tfassil ta' strateġiji tal-pajjiż li huma fattibbli u realistiċi, imfassla għall-prijoritajiet ta' dawn il-pajjiżi;

92. Jiddispjaċih li l-persekuzzjoni u l-emarġinazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jibqgħu tendenza mifruxa fid-dinja kollha, b'mod partikolari fiċ-Ċina, fir-Russja, u fil-pajjiżi l-oħra kollha li għadhom jitfixklu l-istandards għolja tad-drittijiet tal-bniedem ma' impożizzjoni tal-UE, tan-NU u ta' organizzazzjonijiet globali għad-drittijiet tal-bniedem; jiddispjaċih li l-avukati li ma jistgħux jipprattikaw fiċ-Ċina u l-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-midja persegwitati politikament huma meqjusa bħala affari interna; jinnota r-restrizzjonijiet tal-ispazju demokratiku;

93. Jilqa' favorevolment ir-riżoluzzjoni tat-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti bi sponsorizzazzjoni konġunta tal-UE ta' Novembru 2011 dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u s-sostenn pubbliku mogħti mill-UE lir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Unitit għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-mekkaniżmi reġjonali rilevanti għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

94. Jappoġġa l-pjanijiet biex tkun stabbilita inizjattiva volontarja Ewropea biex jingħata kenn temporanju lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-bżonn ta' rilokalizzazzjoni urġenti mill-pajjiżi ta' oriġini tagħhom skont l-EIDHR; jenfasizza li din l-inizjattiva għandha ssir b'mod li tikkumplimenta l-iskemi ta' kenn li diġà jeżistu;

95. Jinnota li huma d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdmu f'żoni remoti u f'żoni ta' kunflitt li huma l-aktar esposti għal theddid u perikli, u f'kuntatt mill-inqas mal-persunal tal-UE; iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet tal-UE jiżviluppaw strateġiji lokali tad-drittijiet tal-bniedem għaż-żamma ta' kuntatti regolari mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem in situ u għall-għoti tal-assistenza u tal-protezzjoni neċessarji, kif meħtieġ mil-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB);

96. Jenfasizza l-importanza li l-UE tieħu azzjoni proattiva (reazzjoni u appoġġ lid-DDB taħt theddida; osservazzjoni ta' proċessi kontra d-DDB; reazzjoni fil-pront, vokali u viżibbli għal restrizzjonijiet tal-libertajiet tal-espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda) u biex sistematikament tagħti lid-DDB u/jew lill-familji tagħhom informazzjoni dwar l-azzjonijiet meħuda f'isimhom, kif preskritt fil-Linji Gwida tal-UE dwar id-DDB; jappella, f'dan il-kuntest, għal tisħiħ tal-mekkaniżmu EIDHR immirat biex iforni miżuri urġenti ta' protezzjoni mad-DDB fil-periklu jew f'riskju;

97. Jiddispjaċih li l-appell għal titjib tal-viżibilità tal-Premju Sakharov annwali ma ntlaqax għax il-Premju Sakharov jissemma biss f'manjiera dikjarattiva fit-taqsima dwar il-Parlament Ewropew fir-Rapport Annwali; jenfasizza għal darb'oħra li segwitu xieraq mis-SEAE huwa meħtieġ fuq il-benesseri tal-kandidati u tar-rebbieħa, u dwar is-sitwazzjonijiet fil-pajjiżi rispettivi tagħhom; itenni l-appell tiegħu lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex iżommu kuntatt regolari mal-kandidati u mar-rebbieħa tal-Premju Sakharov bil-għan li jiżguraw djalogu kontinwu u monitoraġġ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi rispettivi, u biex joffru protezzjoni lil dawk li huma suġġetti għal persekuzzjoni; jistieden lis-SEAE jinkludi l-Premju Sakharov fit-taqsima dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

98. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Kunsill jappoġġaw, jagħtu t-taħriġ u s-setgħa lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti tas-soċjetà ċivili u l-ġurnalisti indipendenti u jassiguraw is-sigurtà u l-libertà online tagħhom, u jaffermaw id-drittijiet fundamentali għal-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' għaqda u l-libertà tal-assoċjazzjoni online;

### *Azzjoni tal-UE kontra l-piena tal-mewt*

99. Itenni l-pożizzjoni riżoluta tiegħu kontra l-piena tal-mewt fil-każijiet u fiċ-ċirkostanzi kollha, u jsostni enerġikament l-isforzi tal-UE biex tgħaddi riżoluzzjoni qawwija dwar il-moratorja tal-piena tal-mewt fis-67 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, ukoll bil-ħsieb li jiżdied l-impetu hekk kif joqrob il-Kungress Dinji kontra l-Piena tal-Mewt; jenfasizza l-fatt li l-UE hija l-attur ewlieni fil-ġlieda kontra l-piena tal-mewt u l-akbar donatur għaliha;

100. Jistieden lill-Istati Membri jastjenu mill-kummerċjalizzazzjoni u mill-promozzjoni tat-tagħmir projbit skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra; jappella għal kontroll regolari u aġġornat tal-esportazzjonijiet ta' mediċini manifatturati minn kumpaniji farmaċewtiċi tal-UE li jistgħu jintużaw fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi għall-mewt f'pajjiżi terzi; jilqa' pożittivament, f'dan il-kuntest, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2011 li temenda r-Regolament (KE) Nru 1236/2005 biex jissaħħu l-kontrolli fuq l-esportazzjonijiet ta' ċerti mediċini li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali; japprezza l-inizjattivi proattivi meħuda minn ċerti kumpaniji farmaċewtiċi tal-UE biex iwaqqfu l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi fejn hemm riskju prevedibbli li mediċini bħal dawn jiġu użati għall-eżekuzzjonijiet; iħeġġeġ aktar kumpaniji farmaċewtiċi tal-UE jieħdu inizjattivi analogi; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi klawsola onnikomprensiva fir-Regolament (KE) Nru 1236/2005 li tkun teħtieġ, fost affarijiet oħra, awtorizzazzjoni minn qabel għall-esportazzjoni ta' kwalunkwe mediċina kapaċi li tintuża għat-torturi jew għall-eżekuzzjonijiet;

101. Jilqa' pożittivament il-valutazzjoni mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li l-użu tal-piena tal-mewt fl-2011 jikkonferma fil-wisa' t-tendenza globali lejn l-abolizzjoni; jilqa' l-fatt li t-Tajlandja neħħiet il-piena tal-mewt għat-trasgressuri taħt it-18-il sena; jiddispjaċih, madankollu, li ġiet irreġistrata żieda sinifikanti fl-eżekuzzjonijiet fl-Iran, fl-Iraq, l-Afganistan u fl-Arabja Sawdija; jesprimi diżappunt serju dwar ir-rifjut taċ-Ċina li tiżvela informazzjoni kredibbli dwar l-użu tagħha tal-piena tal-mewt u tal-eżekuzzjonijiet li, skont Amnesty International, huma fl-eluf; jilqa' b'sodisfazzjon l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fl-istat Amerikan tal-Illinois iżda jiddispjaċih li l-Istati Uniti qed tkompli twettaq eżekuzzjonijiet ta' persuni minkejja li kienet l-uniku pajjiż tal-G8 li għamel dan fl-2011; ifakkar bi tħassib li l-Bjelorussja hija l-uniku pajjiż Ewropew li għadu jirrikorri għall-piena tal-mewt; iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex b'mod konsistenti u prijoritarju jqajmu din il-kwistjoni fid-djalogi tagħhom ma' dawn il-pajjiżi;

102. Jiddikjara li l-UE, li diġà kisbet riżultati konkreti fil-passat fil-ġlieda kontra l-piena tal-mewt, għandha terfa' responsabbiltà akbar u jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri biex iżommu u jsaħħu l-impenn u r-rieda politika tagħhom għal din il-kawża, bil-għan li l-piena tal-mewt titneħħa definittivament fid-dinja kollha;

### *Tortura u trattamenti jew pieni oħra krudili, inumani jew degradanti*

103. Jilqa' pożittivament l-adozzjoni tal-Linji Gwida aġġornati dwar il-politika tal-UE lejn il-pajjiżi terzi dwar it-tortura u t-trattament jew pieni oħra krudili, inumani jew degradanti; ifakkar, madankollu, li l-isfidi għas-sensibilizzazzjoni u għall-implimentazzjoni għandhom jingħelbu biex jinkiseb progress ġenwin fil-politika tal-UE;

104. Jilqa' favorevolment l-estensjoni fil-linji gwida aġġornati tal-gruppi li jeħtieġu protezzjoni speċjali għal persuni suġġetti għal diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali jew l-identità tal-ġeneru kif ukoll l-impenn biex il-pajjiżi terzi jitħeġġu joħolqu proċedura interna għall-ilmenti u għar-rapporti li huma sensittivi għall-ġeneru u għat-tfal; jiddispjaċih, iżda, li l-isforzi koordinati tal-UE biex tiġġieled it-tortura ma jittrattawx id-dimensjoni tal-ġeneru tagħha b'mod aktar komprensiv, primarjament minħabba nuqqas ta' informazzjoni sostanzjali fuq kull forma ta' tortura u trattament ħażin;

105. Jenfasizza l-importanza tal-konnessjoni tal-linji gwida tal-UE mal-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura (OPCAT), b'attenzjoni partikolari għall-Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

106. Jindika li d-definizzjoni ta' skjavitù mogħtija min-Nazzjonijiet Uniti tikkorrispondi għall-istat jew għall-kundizzjoni ta' persuna li fuqha jiġu eżerċitati l-attributi tad-dritt ta' proprjetà kollha jew xi wħud minnhom; jiddeplora l-fatt li xi forom ta' skjavitù moderna jissussistu anke fi ħdan l-Unjoni Ewropea; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni ssegwi politika ħafna aktar qawwija dwar dan is-suġġett b'mod partikolari l-persunal domestiku, l-aktar kategorija soċjoprofessjonali milquta minn dawn il-forom ta' skjavitù;

107. Jiddispjaċih li l-abbuż politiku tal-psikjatrija għadu problema iebsa f'numru ta' pajjiżi, li għandhom storja ta' użu ta' metodi psikjatriċi vjolenti b'appoġġ ta' reġimi antidemokratiċi li jippruvaw jintimidaw u jwaqqfu segmenti dissidenti tas-soċjetà u individwi; jenfasizza bi tħassib li din it-tendenza tmur id f'id ma' forom vagi u elużivi ta' tortura, inkluż it-terrur psikoloġiku u kundizzjonijiet degradanti fil-ħabsijiet;

108. Jiġbed l-attenzjoni għas-sinifikat tar-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tal-5 ta' Awwissu 2011 (A/66/268) dwar it-tortura u trattament jew pieni oħra krudili, inumani jew degradanti, li jikkonċentra fuq l-effetti tar-reklużjoni, inkluż l-użu ta' dak il-metodu fi kliniki psikjatriċi; jesprimi tħassib serju dwar l-evidenza minn pajjiżi differenti li qed jintużaw l-isptarijiet psikjatriċi bħala de facto ċentri ta' detenzjoni; jistieden lill-VP/RGħ, lir-Rappreżentant Speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE, lis-SEAE u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni xierqa lil din il-problema;

109. Jesprimi tħassib dwar l-operat futur taċ-ċentri ta' riabilitazzjoni għall-vittmi tat-tortura; jistieden lis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni jaħdmu fuq il-linja li taqsam il-politiki esterni u interni sabiex jiżguraw li l-linji ta' kompetenza amministrattivi ma jipperikolawx l-appoġġ tal-UE għaċ-ċentri ta' riabilitazzjoni, kemm barra kif ukoll ġewwa l-Unjoni;

110. Jiddispjaċih li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem għadu problema iebsa fiż-żoni okkupati ta' Ċipru. josserva li eluf ta' rifuġjati, li ġew furzati jabbandunaw djarhom u l-proprjetajiet tagħhom, qed jiġu mċaħuda mill-forzi militari Torok biex jgħixu fil-patrija tagħhom sal-lum; josserva barra minn hekk li l-familji u l-qraba tal-persuni neqsin għadhom qed jiġu mċaħuda d-dritt li jkollhom tweġiba dwar x'ġara mill-għeżież tagħhom, għaliex it-Turkija ma tiffaċilitax l-aċċess għaż-żoni militari u għall-arkivji li fihom rapporti investigattivi rilevanti tal-Kumitat dwar il-Persuni Neqsin f'Ċipru;

***Diskriminazzjoni***

111. Jinsisti li d-djalogu politiku dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-pajjiżi terzi jrid ikopri definizzjoni ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni aktar inklużiva u komprensiva, anki fuq il-bażi tar-reliġjon jew tat-twemmin, is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, l-età, id-diżabilità, l-orjentament sesswali jew l-identità tal-ġeneru;

112. Jenfasizza li sabiex il-politika barranija tal-UE tkun kredibbli u koerenti fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza u dak ta' kontra d-diskriminazzjoni, il-Kunsill għandu jadotta d-direttiva dwar it-trattament ugwali bejn il-persuni indipendentement mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali, u jwessa' l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija biex ikopri gruppi fil-mira oħra, bħal persuni LGBT;

113. Jirrikjedi lill-Istati Membri tal-UE jopponu attivament kull tentattiv li jhedded il-kunċett tal-universalità, l-indiviżibilità u l-interdipendenza tad-drittijiet tal-bniedem, u sabiex iħeġġu attivament lill-UNHRC ħalli jagħti l-istess attenzjoni lill-kwistjoni tad-diskriminazzjoni fuq kull bażi, inkluż il-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, ir-razza, l-età, l-orjentament sesswali u r-reliġjon jew it-twemmin; Jiddispjaċih ħafna li l-omosesswalità għadha kriminalizzata fi 78 Stat, inklużi ħamsa fejn hija soġġetta għall-piena tal-mewt; jistieden lil dawn l-Istati jiddekriminalizzaw l-omosesswalità mingħajr dewmien, biex jagħtu l-libertà lid-detenuti fil-ħabs fuq il-bażi tal-orjentament sesswali jew l-identità tal-ġeneru tagħhom u mhux iwettqu l-eżekuzzjoni tagħhom; jistieden lis-SEAE jagħmel użu sħiħ mis-Sett ta' Miżuri LGBT biex ikunu protetti d-drittijiet tal-persuni LGBTI; jistieden lill-Kunsill jaħdem favur linji gwidi vinkolanti f'dan il-qasam; jistieden lis-SEAE u lill-Istati Membri jassistu lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem LGBTI fil-pajjiżi fejn huma f'riskju, u jistieden lill-VP/RGħ u lir-Rappreżentant Speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE jkomplu jagħmlu ċar l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea favur l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentament sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru fid-dinja, inkluż billi jitniedu u jkunu appoġġati inizjattivi f'livell bilaterali, internazzjonali u tan-NU dwar dawn il-kwistjonijiet; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex toħroġ pjan direzzjonali għall-ugwaljanza fuq bażi tal-orjentament sesswali u l-identità tal-ġeneru;

114. Jistieden lill-Istati Membri jikkonċedu asil lin-nies li qed jaħarbu mill-persekuzzjoni f'pajjiżi fejn in-nies LGBTI huma kriminalizzati, filwaqt li jikkunsidraw il-biżgħat fondati tal-applikanti ta' persekuzzjoni u l-identifikazzjoni tagħhom bħala leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru jew intersesswali;

115. Itenni mill-ġdid li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, inkluż fuq bażi ta' sess u orjentament sesswali huwa element fundamentali fis-sħubija AKP-UE;

116. Jenfasizza r-ratifika min-naħa tal-UE tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), u l-adozzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020, b'mod partikolari l-qasam tal-azzjoni 8; jikkundanna kull forma ta' diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità; u jistieden lill-Istati kollha jirratifikaw u jimplimentaw il-UNCRPD; jindika li l-UE teħtieġ ukoll timmonitorja l-implimentazzjoni tal-UNCRPD fit-territorju tagħha stess; jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha jippromwovu l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità stabbilita fl-2006 fil-qafas tan-NU fi ħdan u barra l-Unjoni Ewropea;

117. Jikkundanna l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem kommess kontra n-nies li jsofru minn diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasti, inklużi ċ-ċaħda tal-ugwaljanza u l-aċċess għall-ġustizzja, is-segregazzjoni kontinwa u l-ostakli indotti mill-kasti għall-kisba tad-drittijiet tal-bniedem ta' bażi; jistieden lill-Kunsill, lis-SEAE u lill-Kummissjoni jieħdu azzjoni konġunta fuq diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasti, inklużi f'komunikazzjonijiet, oqfsa u strateġiji u djalogi speċifiċi għal pajjiż tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, kull fejn huwa xieraq, u jippromwovu l-abbozz tal-Prinċipji u tal-Linji Gwida tan-NU għall-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq Xogħol u Dixxendenza bħala qafas gwida biex tkun eliminata diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasti, u jaħdmu għall-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;

118. Jirrikjedi lill-VP/RGħ u lir-Rappreżentant Speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem jagħtu rikonoxximent sħiħ lid-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasti bħala kwistjoni trasversali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-faqar b'implikazzjonijiet gravi, partikolarment għan-nisa;

119. Huwa kuntent bil-fatt li l-linji gwida dwar il-faqar estrem u d-drittijiet tal-bniedem tal-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem huma bbażati fuq l-interdipendenza u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem kollha u fuq il-prinċipji tal-parteċipazzjoni u l-għoti ta' setgħa tal-persuni li jgħixu f'faqar estrem; jenfasizza l-indiviżibilità tal-faqar estrem u tad-drittijiet tal-bniedem: minn naħa waħda, in-nies li jgħixu f'faqar estrem spiss huma wkoll miċħuda mid-drittijiet tal-bniedem ċivili, politiċi, ekonomiċi u soċjali tagħhom; min-naħa l-oħra, fil-ġlieda kontra l-faqar estrem approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem huwa essenzjali biex dak li jkun jifhem is-sitwazzjoni u jiġġildilha; iħeġġeġ lill-Kunsill isostni dan l-approċċ fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti;

120. Jinnota bi tħassib li l-popolazzjonijiet indiġeni huma f'periklu partikolari li jiġu diskriminati, u li huma speċjalment vulnerabbli għall-bidliet u d-disturbi politiċi, ekonomiċi, ambjentali u dawk marbuta max-xogħol; jinnota li ħafna jgħixu taħt il-limitu tal-faqar u għandhom aċċess limitat jew l-ebda aċċess għal sistemi ta' rappreżentanza, teħid ta' deċiżjonijiet politiċi jew ġudizzjarji; huwa partikolarment imħasseb dwar il-problemi rappurtati dwar ir-rikors mifrux għall-akkapparrar tal-art, l-ispostament furzat u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li jirriżultaw mill-kunflitti armati;

121. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippromwovu t-terminu "rifuġjat minħabba l-klima" bħala wieħed ġuridikament rikonoxxut (li jindika persuna imġiegħla taħrab minn darha u tfittex kenn barra pajjiżha bħala konsegwenza tat-tibdil fil-klima), li għadu mhux rikonoxxut fid-dritt internazzjonali u fl-ebda ftehim internazzjonali ġuridikament vinkolanti;

122. Jisħaq fuq l-importanza tad-dritt għaċ-ċittadinanza bħala wieħed mill-aktar drittijiet fundamentali, peress li f'ħafna pajjiżi huma ċ-ċittadini sħaħ biss li huma mogħtija l-possibilità li jgawdu u jeżerċitaw id-drittijiet tal-bniedem ta' bażi tagħhom, inklużi d-dritt għas-sigurtà pubblika, għall-benesseri u għall-edukazzjoni;

123. Jenfasizza li l-minoranzi tradizzjonali nazzjonali għandhom esiġenzi speċifiċi li huma differenti minn dawk ta' gruppi minoritarji oħrajn, u teżisti l-ħtieġa ta' salvagwardja tat-trattament indaqs ta' dawn il-minoranzi rigward l-edukazzjoni, l-assistenza sanitarja, is-servizzi soċjali u servizzi pubbliċi oħra, u ta' promozzjoni, fl-oqsma kollha tal-ħajja ekonomika, soċjali, politika u kulturali, ugwaljanza sħiħa u effikaċi fost il-persuni li jagħmlu parti minn minoranza nazzjonali u dawk li jagħmlu parti mill-maġġoranza;

***Nisa u tfal f'sitwazzjonijiet ta' kunflitti armati***

124. Japprezza l-attenzjoni ffokalizzata mogħtija lill-isfida tal-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet relatati man-nisa, il-paċi u s-sigurtà fil-politiki tal-UE, kif enfasizzat fir-Rapport dwar l-indikaturi tal-UE għall-Approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tan-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, adottati mill-Kunsill tal-UE fit-13 ta' Mejju 2011; jilqa' pożittivament l-azzjoni politika meħuda mill-UE biex ikun żgurat li jittawwal il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għat-tfal u l-kunflitti armati fl-Assemblea Ġenerali tan-NU; jaqbel mal-fehma espressa fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar il-Politika Komuni ta' Sigurtà u ta' Difiża li l-attenzjoni kontinwa u sistematika għall-aspetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem, il-ġeneru u t-tfal milquta minn kunflitt armat għandha tkun kunsiderazzjoni ewlenija fil-fażijiet kollha tal-missjonijiet tal-PSDK;

125. Jemmen li, sabiex tkun żgurata l-parteċipazzjoni effikaċi tan-nisa fejn dawn bħalissa huma sottorappreżentati fil-korpi politiċi jew tas-soċjetà ċivili, hu importanti li jingħataw taħriġ u moduli ta' appoġġ, kemm għall-persunal Ewropew li jittratta l-kwistjonijiet tal-ġeneru kif ukoll għan-nisa in situ, biex dawn jingħataw il-possibilità li jikkontribwixxu b'mod effikaċi għall-proċessi tal-paċi u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti;

126. Jirrikonoxxi li l-progress konkret fit-titjib tas-sitwazzjoni tan-nisa u t-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat huwa spiss dipendenti fuq il-kisba ta' strutturi ta' responsabilità ċari u unifikati tas-servizzi militari u ta' sigurtà taħt kontroll ċivili; iħeġġeġ, għalhekk, lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE jfittxu u jimplimentaw metodi aktar effikaċi biex iwettqu riformi fis-settur tas-sigurtà fil-pajjiżi ta' wara l-kunflitt, b'enfasi qawwija fuq id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, l-inklużjoni u l-emanċipazzjoni f'dak il-kuntest; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jqisu dan fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' assistenza esterna li jindirizzaw ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, inkluża l-importanza tal-emanċipazzjoni tan-nisa fir-rikostruzzjoni ta' wara kunflitt;

127. Jitlob diżarm, riabilitazzjoni u reintegrazzjoni ta' suldati tfal bħala element fundamentali fil-politiki tal-UE li jimmiraw lejn it-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tat-tfal u s-sostituzzjoni tal-vjolenza b'mekkaniżmi ta' soluzzjoni ta' kunflitti politiċi;

128. Jenfasizza t-tħassib kbir tiegħu rigward ir-reġjun tal-Lagi l-Kbar tal-Afrika, fejn l-istupru huwa arma tal-gwerra biex jeqred gruppi ta' popolazzjoni sħaħ;

***Drittijiet tan-nisa***

129. Iħeġġeġ lill-UE ttejjeb l-azzjoni tagħha biex jintemmu l-prattiki tal-mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM), iż-żwiġijiet bikrija jew furzati, il-qtil tal-unur, l-abort furzat u minħabba l-għażla tas-sess; jinsisti li dawn il-politiki għandhom ikunu elementi essenzjali fl-approċċ tal-UE għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp; jenfasizza l-importanza tal-aċċess adegwat għal mezzi mediċi, u tal-informazzjoni u tal-edukazzjoni dwar is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, għall-benesseri tan-nisa u bniet fil-pajjiżi kollha;

130. Jinnota li għad m'hemmx biżżejjed attenzjoni lill-vjolazzjonijiet tad-drittijiet sesswali u riproduttivi li jdgħajfu l-isforzi intiżi li jonoraw l-impenji meħuda fil-Programm ta' Azzjoni tal-Kajr adottati waqt il-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) tan-Nazzjonijiet Uniti, u biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni – inkluża d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza abbażi tal-ġeneru – fi strateġiji tal-popolazzjoni u tal-iżvilupp. jenfasizza li l-progress rigward is-saħħa riproduttiva ġie limitat f'ċerti kuntesti mill-vjolazzjonijiet bħal dawk taż-żwiġijiet ta' minorenni, żwiġijiet kmieni u furzati u n-nuqqas ta' infurzar tal-età minima legali għaż-żwieġ, prattiki koerċittivi bħall-isterilizzazzjoni furzata jew il-MĠF, kif ukoll iċ-ċaħda tal-awtonomija biex in-nisa u t-tfajliet jieħdu deċiżjonijiet dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva mingħajr diskriminazzjoni, koerċizzjoni u vjolenza; jitlob li l-Programm ta' Azzjoni tal-Kajr jiġi implimentat fl-aspetti tal-politika tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp, sabiex jiġu promossi l-parità tal-ġeneru u d-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, inkluż id-drittijiet u s-saħħa sesswali u riproduttivi;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

131. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li l-proċess tar-reviżjoni operattiva ICPD+20 iwassal għal reviżjoni komprensiva tal-aspetti kollha relatati mat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet sesswali u riproduttivi, li jafferma mill-ġdid approċċ qawwi u progressiv lejn id-drittijiet sesswali u riproduttivi għal dak kollu li hu konsistenti mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u li jżid l-obbigu ta' rendikont tal-gvernijiet biex jilħqu l-objettivi maqbula; jistieden, b'mod partikolari, lil-UE u l-Istati Membri tagħha jiżguraw li l-proċess ta' reviżjoni jitmexxa b'mod parteċipattiv u joffri opportunità għall-partijiet interessati differenti, inklużi s-soċjetà ċivili kif ukoll in-nisa, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, biex jipparteċipaw b'mod sinifikanti; ifakkar li l-qafas għal tali reviżjoni għandu jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u għandu jagħti attenzjoni speċifika fuq id-drittijiet sesswali u riproduttivi;

132. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 11/8 intitolata "Il-mortalità u l-morbożità tal-maternità li jistgħu jiġu evitati u d-drittijiet tal-bniedem", li tafferma li l-prevenzjoni tal-mortalità u l-morbożità tal-maternità tirrikjedi l-promozzjoni effikaċi u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet, partikolarment id-drittijiet tagħhom għal ħajja, edukazzjoni, informazzjoni u saħħa; jenfasizza li l-UE, għalhekk, għandu jkollha rwol importanti biex tikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' kumplikazzjonijiet li jistgħu jiġu evitati li jokkorru qabel, waqt u wara t-tqala u t-twelid;

133. Jistieden lill-UE taħdem mill-qrib ma' UN Women kemm fuq livell bilaterali u fuq dak internazzjonali, reġjonali u nazzjonali biex jiġu infurzati d-drittijiet tan-nisa; jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa mhux biss li jiġu promossi l-edukazzjoni sanitarja u l-programmi xierqa għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, li huma parti prominenti tal-iżvilupp tal-politika tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem lejn pajjiżi terzi, iżda wkoll li jiġi garantit li n-nisa jkollhom aċċess ġust għas-sistemi pubbliċi tal-assistenza sanitarja u kura ġinekoloġika u ostetrika xierqa kif definiti mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;

134. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE jagħtu attenzjoni speċifika lill-mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF) bħala parti minn strateġija ġenerali għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, inkluż l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjonijiet tal-UE dwar l-MĠF skont il-prinċipju ta' diliġenza dovuta; jinkoraġġixxi lis-SEAE u lill-Istati Membri jkomplu jindirizzaw il-kwistjoni tal-MĠF fid-djalogi politiċi u tal-politika tagħhom ma' pajjiżi msieħba fejn il-prattika għadha ssir, u biex jinkludu f'dawn id-djalogi lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li diġà qed jaħdmu biex itemmu l-prattika, flimkien ma' bniet u nisa milquta direttament mill-prattika, mexxejja tal-komunitajiet, mexxejja reliġjużi, għalliema, operaturi sanitarji, u l-uffiċjali tal-gvern kemm fil-livell lokali u kemm f'dak nazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li s-SEAE jiżviluppa strument speċifiku għall-MĠF bħala parti mill-azzjonijiet tiegħu biex jimplimenta l-qafas strateġiku tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;

135. Jenfasizza li l-progress rigward is-saħħa riproduttiva ġie limitat f'ċerti kuntesti mill-vjolazzjonijiet bħal dawk taż-żwiġijiet ta' minorenni, żwiġijiet kmieni u furzati u n-nuqqas ta' infurzar tal-età minima legali għaż-żwieġ, prattiki koerċittivi bħall-isterilizzazzjoni furzata jew il-MĠF;

136. Jilqa' pożittivament l-impenn ta' bosta Stati Membri biex tkun miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa, il-vjolenza domestika u l-MĠF, b'mod partikolari l-aspetti transkonfinali tagħha; itenni l-ħtieġa għall-koerenza fuq il-politiki interni u esterni tal-UE dwar dawn il-kwistjonijiet, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmilha prijorità li tintemm il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, kif ukoll il-femminiċidju, u, permezz tal-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji xierqa, biex ikunu appoġġati programmi mmirati u innovattivi kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi; iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika;

137. Jilqa' favorevolment l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tagħha ([1]), kif ukoll l-istabbiliment ta' strateġija l-ġdida mill-Kummissjoni bit-titolu "L-istrateġija tal-UE lejn il-qerda tat-traffikar tal-bniedem 2012-2016", ifakkar li t-traffikar tal-bnedmin huwa fenomenu transnazzjonali kumpless li għandu l-għeruq fil-vulnerabbiltà għall-faqar, in-nuqqas ta' kulturi demokratiċi, l-inugwaljanza tal-ġeneru u l-vjolenza fuq in-nisa, enfasizza l-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq id-dimensjoni tal-ġeneru fid-djalogu mal-pajjiżi terzi dwar din il-kwistjoni; jistieden, finalment, lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-traffikar tal-bnedmin, imsejjaħ "Protokoll ta' Palermo" u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli;

([1]) ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

138. Jenfasizza r-rwol kruċjali li jiżvolġu n-nisa fil-ħajja politika tal-Viċinat tan-Nofsinhar; Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati tal-elezzjonijiet li wasslu għal żieda konsiderevoli tan-numru ta' nisa fil-fora politiċi;

139. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu b'mod partikolari r-ratifika u l-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri tal-Unjoni Afrikana tal-Protokoll tal-Unjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tan-Nisa fl-Afrika;

***Drittijiet tat-tfal***

140. Ifakkar fl-impenn speċifiku fit-Trattat ta' Lisbona li jikkonċentra fuq id-drittijiet tat-tfal fil-politiki esterni tal-UE; jirrimarka li l-adozzjoni kważi universali tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tagħti bażi ġuridika internazzjonali partikolarment soda biex ikunu segwiti politiki progressivi f'dan il-qasam; jirrakkomanda li d-drittijiet tat-tfal għandhom jiġu kkunsidrati fil-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-pajjiżi li ma għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni biex jirratifikawha u jeżegwixxu lilha u l-protokolli fakultattivi tagħha malajr kemm jista' jkun;

141. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema gravi li teżisti f'diversi pajjiżi fl-Afrika tas-sub-Saħarjana ta' tfal li jiġu akkużati li huma sħaħar, b'konsegwenzi gravi li jvarjaw minn esklużjoni soċjali għal infantiċidju, u għall-qtil ritwali tat-tfal bħala forom ta' sagrifiċċju; jinnota li l-Istat għandu r-responsabilità li jipproteġi t-tfal minn kull forma ta' vjolenza u abbuż u, konsegwentement, iħeġġeġ lill-RGħ/VP, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza u lid-destin ta' dawn it-tfal fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-gvernijiet tal-pajjiżi kkonċernati u fil-programmazzjoni tal-istrumenti finanzjarji esterni;

142. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jissalvagwardaw, fil-kuntest tal-politiki esterni tal-Unjoni, id-drittijiet tat-tfal waqt proċedimenti kriminali billi jistabbilixxu l-bżonnijiet tagħhom ta' protezzjoni speċifika, bħala rikonoxximent tal-vulnerabilità tagħhom għall-vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, u jagħtu kunsiderazzjoni primarja lill-aħjar interessi tat-tfal, kif tippreskrivi d-Direttiva 2012/29/UE dwar l-Istandards Minimi dwar id-Drittijiet tal-Vittmi;

143. Jilqa' pożittivament il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Aġenda tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal", li tintegra l-objettivi politiċi kemm interni kif ukoll esterni f'dokument politiku uniku; ifakkar fl-impenn tal-VP/RGħ fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fil-Qalb tal-Azzjoni Esterna tal-UE" li tikkonċentra fuq id-drittijiet tat-tfal bħala waħda mit-tliet prijoritajiet tal-kampanja; jisħaq, madankollu, fuq l-importanza li dawn l-impenji jkunu tradotti f'azzjonijiet ibbaġitjati u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni effiċjenti tagħhom;

144. Jappella għal inklużjoni konsistenti tad-drittijiet tat-tfal fl-Istrateġiji tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Pajjiż skont l-impenn tat-Trattat ta' Lisbona; jappoġġa l-pjanijiet biex isir aktar progress fl-iżvilupp tal-approċċi bbażati fuq id-drittijiet għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp kif imsemmi fil-pjan ta' azzjoni tal-istrateġija tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE; jenfasizza l-urġenza li dan isir fil-każ tad-drittijiet tat-tfal sabiex jiġi żgurat progress sostenibbli fit-tul; itenni li l-bniet huma partikolarment vulnerabbli f'ċerti pajjiżi;

145. Jenfasizza l-ħtieġa li jkunu miġġielda l-forom kollha ta' xogħol tat-tfal furzat, l-isfruttament tat-tfal u t-traffikar; jappella għal implimentazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti nazzjonali u internazzjonali li jrawmu s-sensibilizzazzjoni tal-abbuż fuq it-tfal fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-fatt li t-tfal u l-adolexxenti għandhom jipparteċipaw biss f'xogħol li ma jaffetwalhomx is-saħħa u l-iżvilupp personali u li ma jinterferixxix mal-edukazzjoni tagħhom;

***Libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin***

146. Jenfasizza li l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin huwa dritt tal-bniedem fundamentali ([1]), li jinkludi d-dritt li temmen jew ma temminx u l-libertà li tipprattika bl-istess mod twemmin teistiku, nonteistiku jew ateistiku, kemm fil-privat kif ukoll fil-pubbliku, waħdek jew f'komunità ma' oħrajn; jenfasizza li t-tgawdija ta' tali dritt hija fundamentali għall-iżvilupp tal-soċjetajiet pluralistiċi u demokratiċi; jistieden lill-UE tiddefendi sistematikament id-dritt tar-reliġjon u tat-twemmin għal kulħadd, skont il-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti tad-drittijiet tal-bniedem, fid-djalogi politiċi mal-pajjiżi terzi;

([1]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2011 dwar is-sitwazzjoni tal-Insara fil-kuntest tal-libertà reliġjuża, (ĠU C 136 E, 11.5.2012, p. 53).

147. Jikkundanna kull intolleranza, diskriminazzjoni jew vjolenza abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin kull fejn u fuq kull min tiġri, sew jekk immirata lejn persuni reliġjużi, apostati jew persuni li ma jemmnux; jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar iż-żieda fl-għadd ta' tali atti f'diversi pajjiżi, li jsiru kontra rappreżentanti reliġjużi minoritarji kif kull kontra dawk il-fehmiet modesti fi ħdan it-tradizzjonijiet reliġjużi maġġoritarji li jippromwovu soċjetajiet pluralistiċi u diversi abbażi tar-rispett reċiproku fost l-individwi; jesprimi tħassib dwar l-impunità ta' vjolazzjonijiet bħal dawn, il-parzjalità min-naħa tal-pulizija u tas-sistemi ġudizzjarji fil-mod kif jittrattaw kwistjonijiet bħal dawn, u n-nuqqas ta' skemi ta' kumpens xierqa, li huwa evidenzjat f'ħafna pajjiżi fid-dinja; josserva li, paradossalment, l-avvenimenti tar-Rebbiegħa Għarbija, li kien mistenni li jġibu trasformazzjoni prodemokratika, f'bosta każijiet pjuttost ġabu deterjorament tal-libertajiet u tad-drittijiet tal-minoranzi reliġjużi u, għalhekk, jikkundanna b'qawwa kull att ta' vjolenza kontra l-Kristjani, il-Lhud u l-Musulmani u kontra komunitajiet reliġjużi oħra; jirrikonoxxi l-bżonn dejjem akbar f'għadd ta' pajjiżi tat-trasformazzjoni tal-kunflitti u ta' sforzi ta' rikonċiljazzjoni, inkluż id-djalogu interkonfessjonali f'diversi livelli; iħeġġeġ lill-UE, l-VP/RGħ, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jittrattaw il-kontenut diskriminatorju u sedizzjuż, pereżempju, fil-mezzi tal-komunikazzjoni, kif ukoll l-ostakli għall-istqarrija ħielsa tal-fidi fid-djalogi tal-UE mal-pajjiżi terzi rigward id-drittijiet tal-bniedem; iqis li fil-pajjiżi terzi fejn il-minoranzi reliġjużi jħabbtu wiċċhom mal-ksur ta' drittijiethom, tali problemi ma jistgħux jiġu solvuti bl-iżolament tagħhom mis-soċjetajiet ta' madwarhom bil-għan li jiġu protetti, u b'hekk jinħolqu 'soċjetajiet paralleli';

148. Huwa partikolarment imħasseb bis-sitwazzjoni fiċ-Ċina, fejn l-individwi li jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom barra l-mezzi sanzjonati uffiċjalment, inklużi l-Kristjani, il-Musulmani, il-Buddisti u l-prattikanti tal-Falun Gong, huma sistematikament suġġetti għall-persekuzzjoni; jistieden ukoll lill-Gvernijiet Ċiniżi biex itemmu l-kampanja tagħhom ta' trattament ħażin u ta' vessazzjonijiet kontra il-prattikanti tal-Falun Gong, li jqattgħu perjodi twal ta' priġunerija talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tar-reliġjon u tat-twemmin, u huma suġġetti għal "edukazzjoni mill-ġdid permezz tax-xogħol" bil-għan li jkunu mġiegħla jirrinunzjaw it-twemmin spiritwali tagħhom, minkejja r-ratifika min-naħa taċ-Ċina tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti; iħeġġeġ liċ-Ċina tirratifika l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) kif wegħdet; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi jissospendu u sussegwentement jemendaw, permezz ta' proċessi ta' konsultazzjoni awtentiċi mat-Tibetani, dawk il-politiki li jħallu l-aktar impatt negattiv fuq il-Buddiżmu, il-kultura u t-tradizzjoni Tibetani; huwa mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-libertà tar-reliġjon f'Kuba, b'mod partikolari ż-żieda fil-persekuzzjoni kemm tal-mexxejja kif ukoll tal-fidili tal-Knisja Kattolika u Protestanti;

149. Jenfasizza li d-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem jirrikonoxxi l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon, tat-twemmin u tal-affiljazzjoni politika indipendentement mill-istatus tar-reġistrazzjoni, għalhekk ir-reġistrazzjoni ma għandhiex tkun kundizzjoni preliminari sabiex wieħed jipprattika r-reliġjon tiegħu jew jeżerċita d-dritt tiegħu ta' affiljazzjoni politika; jirrimarka bi tħassib li fiċ-Ċina l-individwi kollha li jixtiequ jipprattikaw reliġjon, inklużi l-ħames reliġjonijiet uffiċjali – il-Buddiżmu, it-Taoiżmu, l-Islam, il-Kattoliċiżmu Ruman u l-Protestantiżmu – huma meħtieġa jirreġistraw mal-Gvern, u jridu joperaw taħt bordijiet ta' tmexxija kkontrollati mill-Gvern, u li dan jinterferixxi mal-awtonomija reliġjuża tagħhom u jillimitalhom l-attività tagħhom; jinnota wkoll bi tħassib li l-gruppi reliġjużi mhux reġistrati, inklużi l-prattikanti tal-Knejjes domestiċi u tal-Falun Gong, huma suġġetti għal forom differenti ta' trattament ħażin li jillimitaw l-attivitajiet u l-laqgħat tagħhom, inkluża l-konfiska tal-proprjetà tagħhom u anke detenzjoni u priġunerija;

150. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin hija mdaħħla bħala tema fit-taħriġ mogħti lill-persunal tal-UE; itenni bil-qawwa l-appell tiegħu għal strument ambizzjuż biex ikun hemm progress tad-dritt għal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin bħala parti mill-politika esterna tal-UE; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest, l-impenn tal-UE biex tiżviluppa linji gwida dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin skont is-sezzjoni 23 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; jinnota li dawn il-linji gwida għandhom ikunu konformi mal-istrateġiji tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE u jinkludu lista ta' kontroll dwar il-libertajiet meħtieġa li jappartjenu għad-dritt tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin, sabiex tiġi valutata s-sitwazzjoni f'pajjiż partikolari, kif ukoll il-metodoloġija sabiex tgħin fl-identifikazzjoni tal-ksur tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin; jenfasizza l-ħtieġa li l-Parlament u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu involuti fit-tħejjija ta' dawn il-linji gwida; jinkoraġġixxi lill-UE tiggarantixxi koerenza bejn il-linji gwida l-ġodda u l-prijoritajiet elenkati fl-istrateġiji tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE; jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin fil-politiki għall-iżvilupp u esterni oħrajn tal-UE;

151. Iħeġġeġ lill-UE tirreaġixxi b'mod proattiv għall-użu akbar tal-liġijiet ta' apostasija, blasfemija u antikonverżjoni u r-rwol li jiżvolġu biex iżidu l-intolleranza u d-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon; jenfasizza li d-dritt internazzjonali jinkludi d-dritt li jkollok, tadotta u tbiddel ir-reliġjon jew it-twemmin; jistieden lill-VP/RGħ u lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu azzjoni

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

kontra l-prattiki inaċċettabbli billi jeżerċitaw pressjoni fuq dawk il-pajjiżi terzi, b'enfasi partikolari fuq dawk is-sħab tal-UE li għadhom iwettqu tali prattiki, bil-għan li tiġi garantita l-eliminazzjoni tagħhom; jinkoraġġixxi lill-UE tesprimi ruħha kontra l-użu, min-naħa tal-gvernijiet, ta' tali liġijiet u ssostni d-dritt tal-individwi li jbiddlu reliġjon, partikolarment f'dawk il-pajjiżi li fihom l-apostasija hija kastigata bil-mewt;

152. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin, inklużi l-ateiżmu u l-forom l-oħra ta' assenza ta' twemmin, skont il-konvenzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u jinsisti li tali libertà ma għandhiex tkun imdgħajfa mill-applikazzjoni tal-liġijiet tal-blasfemija li jintużaw biex jopprimu u jippersegwitaw dawk ta' reliġjon jew ta' twemmin differenti; jenfasizza li filwaqt li l-liġijiet dwar il-blasfemija huma spiss promossi bil-pretest ta' tnaqqis tat-tensjonijiet soċjali, fil-verità jikkontribwixxu biss għal żieda ta' tali tensjonijiet u għaż-żieda tal-intolleranza, b'mod partikolari lejn il-minoranzi reliġjużi; ifakkar li, f'dan ir-rigward, f'għadd ta' pajjiżi l-projbizzjoni, il-konfiska u l-qerda kemm tal-postijiet tat-talb kif ukoll tal-pubblikazzjonijiet reliġjużi, u l-projbizzjoni tal-formazzjoni tal-kleru, għadhom prattiki komuni; iħeġġeġ lill-istituzzjoni tal-UE, fil-kuntatti tagħhom mal-gvernijiet rilevanti, jiġġieldu tali ksur; jitlob li tittieħed pożizzjoni soda kontra l-istrumentalizzazzjoni tal-liġijiet dwar il-blasfemija għall-fini li jiġu ppersegwitati l-minoranzi reliġjużi;

153. Jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew it-twemmin fil-politiki tal-UE fl-oqsma tal-iżvilupp, tal-prevenzjoni tal-kunflitti u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu tal-UE; jilqa' pożittivamemt l-isforzi inklużivi ta' djalogu interkulturali u interkonfessjonali u ta' kooperazzjoni fuq diversi livelli, li jinvolvu l-mexxejja tal-komunitajiet, in-nisa, iż-żgħażagħ u r-rappreżentanti ta' minoranzi etniċi, fit-trawwim tal-koeżjoni soċjali u tas-soċjetajiet paċifiċi; jilqa' favorevolment l-impenn tal-UE li tippreżenta u tippromwovi d-dritt għal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin fi ħdan fora internazzjonali u reġjonali inklużi n-NU, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa u mekkaniżmi reġjonali oħra, u jappella għal djalogu kostruttiv mal-Organizzazzjoni tal-Pajjiżi Islamiċi (OIC) dwar it-tbegħid minn terminoloġija relatata mal-ġlieda kontra l-malafama tar-reliġjonijiet; iħeġġeġ lill-UE tkompli tressaq riżoluzzjoni annwali dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin fl-Assemblea Ġenerali tan-NU;

154. Jilqa' pożittivament id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-VP/RGħ, tas-Segretarju Generali tal-OIC, is-Segretarju Ġenerali tal-Lega Gharbija u tal-Kummissarju tal-Unjoni Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà tal-20 ta' Settembru 2012 li affermaw mill-ġdid ir-rispett għar-reliġjonijiet kollha u l-importanza fundamentali tal-libertà tar-reliġjon u tat-tolleranza, filwaqt li fl-istess ħin jirrikonoxxu kompletament l-importanza tal-libertà tal-espressjoni; jikkundanna il-forom kollha ta' sostenn għall-mibegħda reliġjuża u għall-vjolenza u jiddispjaċih ħafna għat-telf ta' ħajjiet tal-bnedmin bħala riżultat tal-attakki reċenti fuq il-missjonijiet diplomatiċi; jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi;

155. .Jinnota li l-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin huma interrelatati ma' kwistjonijiet li jappartjenu mar-rikonoxximent, maċ-ċittadinanza ugwali u mat-tgawdija ugwali tad-drittijiet f'soċjetà partikolari; iħeġġeġ lill-UE taħdem għall-ugwaljanza u għaċ-ċittadinanza ugwali bħala kwistjoni ta' prijorità għar-rappreżentanti tal-gruppi emarġinati jew diskriminati fis-soċjetà; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza tal-appoġġ favur l-inizjattivi u li jiġu permessi finanzjamenti għas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni, l-intolleranza u l-vjolenza abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin;

156. Iħeġġeġ lis-SEAE jiżviluppa kapaċità permanenti fi ħdan l-istruttura tiegħu biex jissorvelja u janalizza r-rwol tar-reliġjon jew tat-twemmin fis-soċjetajiet kontemporanji u fir-relazzjonijiet internazzjonali, u jintegra l-kwistjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin fid-direttorati u fl-unitajiet ġeografiċi u tematiċi; iħeġġeġ lis-SEAE jirrapporta lill-Parlament fuq bażi annwali rigward il-progress dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin fid-dinja;

157. Jenfasizza l-importanza lejn l-appoġġ għall-inizjattivi tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u li jiġu permessi finanzjamenti għalihom, fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni, l-intolleranza u l-vjolenza abbażi tar-reliġjon jew tat-twemmin; iqis li l-Iskema ta' Appoġġ għall-Pajjiżi tal-EIDHR għandhom jagħtu prijorità

għall-finanzjamenti għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin f'pajjiżi fejn l-istrateġija tal-pajjiżi tal-UE identifikat dan id-dritt bħala kwistjoni prijoritarja.

o

o o

158. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni; lir-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-gvernijiet tal-pajjiżi u tat-territorji msemmija f'din ir-riżoluzzjoni.

---

P7_TA(2012)0504

## Rieżami tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-rieżami tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem (2012/2062(INI))

(2015/C 434/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6, 8, 21, 33 u 36 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2011 bit-titlu "Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fil-Qalba tal-Azzjoni Esterna tal-UE – Lejn Approċċ Aktar Effettiv" (COM(2011)0886),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2001 dwar ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-proċess ta' demokratizzazzjoni f'pajjiżi terzi (COM(2001)0252),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-20 ta' April 2010 bit-titolu "Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa – Pjan ta' azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma" (COM(2010)0171),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Ottubru 2011 bl-isem ta' 'Strateġija rinnovata tal-UE 2011-14 għar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva' (COM(2011)0681),

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif adottati fit-3179 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-25 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar il-Kummerċ u d-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni, inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ([1]),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2006 dwar il-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fi ftehimiet tal-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011 dwar politiki esterni tal-UE favur id-demokratizzazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-2 ta' Frar 2012 dwar politika konsistenti fil-konfront ta' reġimi awtoritarji, li kontrihom l-UE tapplika miżuri restrittivi, meta l-mexxejja tagħhom jeżerċitaw l-interessi personali u kummerċjali tagħhom fi ħdan il-fruntieri tal-UE ([3]),

— war li kkunsidra l-Linji ta' Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u n-negozjati li għaddejjin dwar l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem ([4]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Affarijiet Barranin" dwar id-Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija ([5]), adottati fl-1 ta' Diċembru 2011 fit-3130 laqgħa tiegħu u d-Dikjarazzjoni dwar it-twaqqif ta' Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija ([6]), li dwarha ntlaħaq qbil fil-Coreper fil-15 ta' Diċembru 2011,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2012 lill-Kunsill dwar il-modalitajiet għall-istabbiliment possibbli ta' Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija (EED) ([7]),

— wara li kkunsidra l-istabbiliment riċenti ta' Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija (EED),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0378/2012),

A. billi l-UE hija bbażata fuq il-prinċipju tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għandha obbligu legali, kif deskritt fit-Trattati, li tqiegħed id-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-politiki kollha tal-UE u l-Istati Membri mingħajr eċċezzjoni, kif ukoll fil-qalba tal-ftehimiet internazzjonali kollha; billi djalogi bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u pajjiżi terzi għandhom jiġu segwiti minn miżuri konkreti maħsuba sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-bniedem jibqgħu fil-qalba ta' dawn il-politiki;

B. billi l-UE żviluppat ġabra estensiva ta' strumenti bħala qafas ta' politika sabiex tappoġġa dan l-obbligu, inklużi linji gwida tad-drittijiet tal-bniedem, strument finanzjarju globali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija (l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)), rekwiżit għall-istrumenti finanzjarji esterni kollha – bħall-Istrument tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI), l-Istrument għall-Istabilità (IfS), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI), l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument ta' Sħubija (PI) – għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fi ħdan il-kompetenza tagħhom, l-istabbiliment ta' Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija (EED) u l-ħatra tar-Rappreżentant Speċjali l-ġdid tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, dikjarazzjonijiet u konklużjonijiet tal-Kunsill, dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli, inizjattivi tal-UE, sanzjonijiet tal-UE fil-każ ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u, aktar reċenti, strateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

---

([1]) ĠU C 290 E, 29.11.2006, p. 107.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0334.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0018.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0250.
([5]) Dokument tal-Kunsill 17944/2011.
([6]) Dokument tal-Kunsill 18764/2011.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2012)0113.

C. billi, skont in-natura varjabbli tar-relazzjonijiet kuntrattwali bejn l-UE u l-pajjiżi terzi, l-UE stabbilixxiet varjetà wiesgħa ta' strumenti bħall-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-Ftehim ta' Cotonou u djalogi u konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi, għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u għat-titjib tal-kooperazzjoni fi ħdan korpi internazzjonali f'diskussjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess komuni; billi l-PEV jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' impenji miftiehma, u l-Ftehim ta' Cotonou jipprovdi għal konsultazzjonijiet fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jemmen ukoll li r-rwol tal-UE għall-appoġġ tal-proċessi elettorali u l-osservazzjoni elettorali, għandu wkoll impatt sostanzjali fuq it-trawwim tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt;

D. billi l-effett kumulattiv ta' dawn il-politiki rriżulta f'approċċ biċċa biċċa li permezz tiegħu l-prinċipju tal-koerenza u l-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tal-UE u bejnhom u bejn politiki oħra ma ġiex rispettat kif xieraq; billi dawn l-istrumenti differenti għaldaqstant saru elementi indipendenti u ma jservu la l-obbligu legali għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem u lanqas il-mira politika assoċjata, għalhekk hemm ħtieġa għal armonizzazzjoni u l-ħolqien ta' sinerġiji bejn dawn l-istrumenti;

E. billi diversi elementi jipprevjenu l-implimentazzjoni ta' politika effettiva tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, u billi l-komunikazzjoni konġunta ta' Diċembru 2011 ma indirizzatx b'mod effettiv elementi bħan-nuqqas ta' approċċ integrat ibbażat fuq ir-rabta bejn l-istrumenti esterni kollha tal-UE u l-inkorporazzjoni adegwata ta' objettivi ta' prijorità nazzjonali, in-nuqqas ta' politika ta' valutazzjoni komparattiva għall-istrumenti kollha (inklużi politiki u strateġiji ġeografiċi) li għandhom ikunu jistgħu jkejlu u jimmonitorjaw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi abbażi ta' indikaturi speċifiċi, trasparenti, li jistgħu jitkejlu, jintlaħqu u marbuta biż-żmien, u d-dgħufijiet ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, li għandhom ikunu stabbiliti fid-djalogu politiku usa' fl-ogħla livell;

F. billi l-avvenimenti tar-'Rebbiegħa Għarbija' u l-esperjenza miksuba mal-pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant kemm matul il-perjodu tranżitorju rispettiv tagħhom kif ukoll qabel urew il-ħtieġa li l-Politika tal-Viċinat tissawwar mill-ġdid sabiex tingħata prijorità ogħla lid-djalogu fost l-oħrajn ma' NGOs, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, trejdjunjins, il-midja, l-universitajiet, il-partiti politiċi demokratiċi u elementi oħra tas-soċjetà ċivili, u lid-difiża tal-libertajiet fundamentali, li huwa indispensabbli għall-proċessi ta' demokratizzazzjoni u tranżizzjoni; jilqa' f'dan ir-rigward l-istabbiliment ta' EED bħala rispons konkret mill-UE għall-isfidi tad-demokratizzazzjoni, inizjalment għalkemm mhux ***esklussivament*** f'pajjiżi tal-viċinat tal-UE;

G. billi din il-politika mġedda għandu jkollha l-għan li tinvolvi ulterjorment lill-pajjiżi sħab f'riformi demokratiċi aktar profondi u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari ta' drittijiet fundamentali ewlenin bħal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tar-reliġjon jew it-twemmin, il-libertà tal-kuxjenza, il-libertà tal-għaqda u l-libertà ta' assoċjazzjoni, abbażi tal-approċċ 'aktar għal aktar' u tar-responsabilità reċiproka bejn il-pajjiżi sħab, l-UE u l-Istati Membri tagħha;

H. billi, bħala parti mill-proċess ta' rieżami, il-Kunsill irrazzjonalizza u fformula mill-ġdid il-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-kuntest tal-azzjoni esterna tiegħu; billi din id-definizzjoni mill-ġdid hija inkorporata fil-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, li ġie adottat mill-Kunsill Affarijiet Barranin tal-25 ta' Ġunju 2012 u kkomplimentat minn Pjan ta' Azzjoni li jistabbilixxi biċ-ċar l-objettivi speċifiċi, skeda ta' żmien, stadji sinifikanti għall-azzjoni u l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet; billi l-Kunsill innomina Rappreżentant Speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem għat-tisħiħ tal-viżibilità, l-effikaċja u l-koerenza tal-politika tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem u sabiex jingħata kontribut għall-implimentazzjoni tal-objettivi tiegħu billi jiġu vvalutati l-istrumenti attwali tad-Drittijiet tal-Bniedem, jiġu kkonsultati msieħba u istituzzjonijiet differenti fil-qasam u billi jsir enfasi fuq kwistjonijiet sostantivi li jeħtieġu attenzjoni immedjata;

I. billi l-kriżi ekonomika attwali, l-effetti nnutati tagħha fuq is-saħħa tal-proġett Ewropew u t-tibdil fil-bilanċ globali tas-setgħa wrew l-insuffiċjenza ta' proklamazzjonijiet grandjużi dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jekk ma jkunux akkumpanjati minn politika dwar id-drittijiet tal-bniedem ibbażata fuq il-prinċipji implimentata permezz ta' miżuri rapidi u konkreti u msejsa fuq obbligu tar-rispett għall-koerenza u l-konsistenza tad-dimensjonijiet interni u esterni tal-politiki kollha tal-UE;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

J. billi l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija hija responsabilità konġunta maqsuma bejn l-UE u l-Istati Membri; billi l-progress f'dan il-qasam jista' biss isir permezz ta' azzjoni kkoordinata u koerenti miż-żewġ naħat; billi d-drittijiet ekonomiċi u soċjali jiffurmaw parti integrali tad-drittijiet tal-bniedem mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-1948;

K. jikkunsidra għalhekk li huwa essenzjali għall-UE li tgħin sabiex jiġu implimentati dawn id-drittijiet fil-pajjiżi l-inqas żviluppati u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li magħhom tiffirma ftehim internazzjonali, inkluż fl-iffirmar ta' ftehimiet kummerċjali;

L. billi l-evoluzzjoni tat-teknoloġija u l-għodod ġodda tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni, il-livelli dejjem jiżdiedu tal-edukazzjoni f'ħafna reġjuni tad-dinja, il-wasla ta' ċerti pajjiżi li qed jiżviluppaw bħala setgħat reġjonali, il-ħolqien ta' forums multilaterali ġodda bħall-G-20 u t-tfaċċar ta' soċjetà ċivili globali infurmata u interkonnessa kollha juru l-ħtieġa li tissaħħaħ il-konsistenza u l-koerenza tal-istrumenti attwali fl-ambitu tal-liġi internazzjonali u tingħata spinta lill-kooperazzjoni fil-kuntest tal-governanza globali sabiex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, tiġi fi tmiem l-impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jittejbu l-prospetti għad-demokrazija madwar id-dinja;

M. billi l-aċċess ħieles għall-internet u t-telekomunikazzjonijiet iħeġġeġ dibattitu liberu u demokratiku u jista' jservi bħala mezz ta' twissija bikrija ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u għalhekk għandu jsir prijorità tal-azzjoni esterna tal-UE fil-qasam tal-appoġġ għad-demokrazija u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem;

N. Jenfasizza li l-linji bażiċi u l-elementi essenzjali tal-Qafas Strateġiku l-ġdid tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija jeħtieġu livell għoli ta' konsistenza u rieda politika sabiex isiru kisbiet tanġibbli;

***Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija***

1. Iqis li l-inizjattiva ta' rieżami strateġika timpenja ruħha li tirrispondi għall-isfidi ewlenin identifikati mill-Parlament u partijiet interessati oħra; jilqa' l-approċċ komprensiv u inkluživ adottat mill-Kunsill f'dan ir-rigward u, b'mod partikolari, il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija bħala espressjoni konkreta tal-impenn u r-responsabilità tal-UE, flimkien mal-ħatra ta' Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, li hija ħaġa li l-Parlament Ewropew kien talab li ssir f'rapporti preċedenti;

2. Jerġa' jafferma li kull bniedem irid igawdi mid-drittijiet tal-bniedem u mil-libertajiet universali, stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, indipendentement miċ-ċirkostanzi jew mis-sitwazzjonijiet, mir-reliġjon jew mit-twemmin, mis-sess, mill-oriġini razzjali jew etnika, mill-età, mid-diżabilità, mill-orjentament sesswali jew mill-identità tal-ġeneru;

3. Jistieden lill-UE timxi minn kliem għal azzjoni u timplimenta l-wegħdiet li saru b'manjiera mgħaġġla u trasparenti;

4. Jenfasizza li l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni jirrappreżentaw bażi, mhux limitazzjoni, għall-politika tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE u jinsisti li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jadottaw approċċ sod u koerenti għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, b'manjiera trasparenti u responsabbli;

5. Jilqa' l-fatt li l-Viċi-President/Rappreżentant Għoli pproponiet il-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa, tat-tfal u l-ġustizzja (b'fokus fuq id-dritt għal proċedimenti ġusti) bħala t-tliet suġġetti interkonnessi għall-kampanji, u jittama li r-Rappreżentant Speċjali l-ġdid għad-Drittijiet tal-Bniedem se jkollu rwol pożittiv fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni f'dan ir-rigward;

6. Jemmen bis-saħħa li l-ħolqien tal-pożizzjoni ta' Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jsaħħaħ il-politika dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-istrateġiji politiċi esterni kollha tal-UE;

7. Ifittex li jiżgura komunikazzjoni u kollaborazzjoni kontinwa bejn il-Parlament Ewropew u r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

8. Jesprimi x-xewqa tal-Parlament, bħala l-unika istituzzjoni tal-UE eletta b'mod dirett, li jkun assoċjat mill-qrib ma' dan il-qafas ta' politika modifikat u d-determinazzjoni tiegħu li jkompli jiżvolġi r-rwol ewlieni tiegħu li jtejjeb il-leġittimità demokratika tat-tfassil tal-politiki tal-UE, filwaqt li jirrispetta r-rwol ta' kull istituzzjoni skont it-Trattat;

9. Itenni r-rieda tiegħu li jintensifika l-kooperazzjoni interistituzzjonali, inkluż bħala parti minn grupp ta' kuntatt dwar id-drittijiet tal-bniedem – li jgħaqqad is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), is-servizzi rilevanti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u s-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem – fdati bis-segwitu għar-rieżami u l-Pjan ta' Azzjoni;

10. Jinsisti dwar il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet kollha jikkombinaw l-isforzi tagħhom f'dan il-proċess u jitlob għaldaqstant, dikjarazzjoni konġunta li timpenjahom lejn prinċipji u objettivi fundamentali komuni;

11. Ifaħħar l-ambizzjoni tal-Qafas Strateġiku; jenfasizza madankollu l-ħtieġa li titjieb il-koordinazzjoni u li jiġu ċċarati l-proċeduri u t-tqassim tal-kompiti bejn l-UE u l-Istati Membri, sabiex tinkiseb iktar effiċjenza u effettività fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni;

***Koerenza u kooperazzjoni f'oqsma ta' politika u bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha***

12. Jenfasizza l-ħtieġa għall-koerenza u l-konsistenza fost l-oqsma kollha ta' politika, li hija kundizzjoni essenzjali għal strateġija dwar id-drittijiet tal-bniedem effikaċi u kredibbli u jqis li huwa ta' dispjaċir li ma hemm l-ebda referenza speċifika għal dawn il-prinċipji fil-Qafas Strateġiku; ifakkar lill-Kummissjoni fl-impenji ripetuti tagħha, kif stabbilit fil-komunikazzjoni tagħha tal-2001 u f'dik tal-2010 dwar Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma (COM (2010)0171), sabiex tieħu passi prattiċi għall-iżgurar ta' koerenza u konsistenza akbar bejn il-politiki esterni u interni tagħha; ifakkar li fl-2001 ġew miftiehma l-involviment sħiħ tal-Parlament u koordinazzjoni akbar f'dan il-qasam; ifakkar lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE li r-rispett għad-drittijiet fundamentali jibda internament u ma għandux jitqies bħala xi ħaġa garantita, iżda għandu jkun evalwat u mtejjeb kontinwament sabiex l-UE tkun tista' tinstema' bħala vuċi kredibbli dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja;

13. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tiegħu biex itejbu l-koordinazzjoni tagħhom sabiex jiksbu koerenza u komplementarjetà akbar tal-politiki u l-programmi dwar id-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà u l-iżvilupp;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jirrispettaw l-impenn li jadottaw 'approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem' fl-ambitu tal-proċess ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp kollu kemm hu;

15. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea żżomm u tonora ir-rwol li tiżvolġi għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, permezz tal-użu effikaċi, konsistenti u meqjus tal-istrumenti disponibbli kollha għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-effikaċja tal-politika tagħna ta' għajnuna għall-iżvilupp;

16. Jenfasizza l-importanza tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp bil-għan li jiġi garantit li l-politiki tal-UE f'kull qasam jippermettu r-rispett dejjem akbar tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jiġi żgurat li l-ebda dritt tal-bniedem jinkiser minn ebda politika tal-UE;

17. Jenfasizza li r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem il-ġdid irid jikkunsidra l-aġenda tal-iżvilupp fl-azzjonijiet kollha mmiriti għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja. jistenna, f'dan ir-rigward, li jkun hemm kollaborazzjoni stretta mal-Parlament u mal-kumitati rilevanti tiegħu dwar din il-kwistjoni;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE, fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u tal-bżonn li jiġi żgurat il-ħarsien assolut tad-drittijiet u li tiġi evitata l-erożjoni tad-drittijiet stabbiliti fiha, jingħata appoġġ partikolari għall-prijoritizzazzjoni tal-bżonnijiet tat-tfal taż-żewġ sessi f'termini ta' salvagwardji u assistenza speċjali, abbażi tal-Konvenzjoni u tad-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Tfal;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

19. Jikkundanna bil-qawwa l-mutilazzjoni ġenitali femminili bħala ksur tal-integrità tal-ġisem tan-nisa u tal-bniet u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE jagħtu attenzjoni partikolari lil dawn il-prattiki tradizzjonali krudili fl-istrateġija tagħhom kontra l-vjolenza fuq in-nisa;

20. Iqis li l-UE se jkollha biss kredibilità fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija jekk il-politiki esterni tagħha jkunu koerenti mal-azzjoni tagħha ġewwa l-fruntieri tagħha stess;

21. Jiddikjara li l-Qafas Strateġiku għandha tkun mgħammra bil-viżibilità xierqa, sabiex tissaħħaħ il-leġittimità, il-kredibilità u l-obbligi tar-rendikont tal-Istrateġija lejn iċ-ċittadini;

22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħroġ komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni għad-drittijiet tal-bniedem għall-promozzjoni tal-valuri tal-UE fid-dimensjoni esterna tal-politika dwar il-ġustizzja u l-affarijiet interni, kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma fl-2010 u skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija;

23. Jinsisti li d-direttorati ġenerali kollha tal-Kummissjoni u tas-SEAE jwettqu valutazzjonijiet dettaljati tal-implikazzjonijiet legali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għall-politiki esterni tal-UE minħabba li l-Karta hija applikabbli għall-azzjonijiet kollha meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE; jikkommetti ruħu għall-istess eżerċizzju; iħeġġeġ lill-kumitati parlamentari tiegħu jagħmlu użu mid-dispożizzjoni rilevanti skont l-Artikolu 36 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li tippermettilhom jivverifikaw il-konformità ta' proposta għal att leġiżlattiv mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inklużi proposti relatati mal-istrumenti finanzjarji esterni;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied il-livell ta' kooperazzjoni u konsultazzjoni bejn il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali (FREMP) u l-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) tal-Kunsill; iħeġġeġ li l-kooperazzjoni u konsultazzjoni msemmija tiġi estiża għar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden liż-żewġ korpi jagħmlu użu sħiħ mill-għarfien espert u l-istrumenti tal-Kunsill tal-Ewropa u mill-proċeduri speċjali tan-NU, inkluż fit-tħejjija ta' inizjattivi ġodda bil-ħsieb li jiġu definiti u promossi valuri komuni u standards internazzjonali;

25. Jilqa' ż-żieda fil-koerenza politika mal-konvenzjonijiet internazzjonali u reġjonali u l-mekkaniżmi bħal dawk tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa; jitlob inklużjoni sistematika ta' dawn l-istandards fl-istrateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, li għandhom ikunu d-dokument ta' referenza għall-politiki ġeografiċi u tematiċi, pjanijiet ta' azzjoni, strateġiji u strumenti; jissuġġerixxi li l-kooperazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari permezz tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ippjanati li jikkonċidu ma' samits internazzjonali, għandha tiġi estiża għas-sħab reġjonali u l-organizzazzjonijiet kollha u segwita minn dikjarazzjonijiet speċifiċi wara laqgħat ma' dawn is-sħab kif ukoll wara laqgħat ma' pajjiżi terżi, b'mod partikolari l-BRICs u ekonomiji emerġenti oħra;

26. Iqis li l-inklużjoni ta' pajjiżi fl-Afrika ta' Fuq u tal-Lvant Nofsani fil-Politika tal-Viċinat tal-Kunsill tal-Ewropa se tipprovdi għodda komplimentarji għal approssimazzjoni tal-qafas leġiżlattiv u l-aħjar prattiki tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li l-programm konġunt UE-Kunsill tal-Ewropa miftiehem reċentement għat-tisħiħ tar-riformi demokratiċi fil-viċinat tan-Nofsinhar huwa eżempju tal-għarfien espert komplimentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar riformi kostituzzjonali, legali u isitituzzjonali;

27. Jistieden lill-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE biex jaħdmu lejn it-titjib tar-rispett tal-libertà tar-reliġjon jew it-twemmin u l-protezzjoni tagħha meta jittrattaw standards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

28. Jistieden lill-kumitati rilevanti tiegħu, bħas-sottokumitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom mal-korpi u l-istrumenti rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa u jistabbilixxu djalogi strutturati sabiex jiżviluppaw sinerġija effikaċi u pragmatika bejn iż-żewġ istituzzjonijiet u jagħmlu użu sħiħ mill-għarfien espert eżistenti f'dan il-qasam;

*Lejn approċċ inklużiv u effikaċi*

29. Jirrikonoxxi l-mira tar-rieżami li d-drittijiet tal-bniedem jitpoġġew fil-qalba tar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi terzi kollha; iqis li hu essenzjali li l-UE tadotta approċċ effikaċi fir-rigward tas-sħab tagħha billi tiżviluppa ċerti prijoritajiet ewlenin relatati mad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, u li tiffoka l-isforzi tagħha fuq dan l-approċċ sabiex tidderieġihom f'riżultati li jistgħu jiġu prodotti u jinkisbu; jinnota li fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, dawn il-prijoritajiet ewlenin bħan-non-diskriminazzjoni u dawk għal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tar-reliġjon jew twemmin, il-libertà tal-kuxjenza, il-libertà tal-għaqda u l-libertà tal-assoċjazzjoni;;

30. Jissuġġerixxi li l-UE u l-Istati Membri tagħha jadottaw bħala prijoritajiet ewlenin fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-piena tal-mewt u sforzi għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra n-nisa, aspetti li fihom l-UE kisbet riżultati tajbin u l-esperjenza tagħha hija relevanti biżżejjed biex tkun tista' taqsamha u tikseb riżultati konkreti;

31. Ifakkar li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem għandu bħala prerekwiżiti essenzjali l-iżvilupp, id-demokrazija u l-Istat tad-dritt, u li bejniethom teżisti relazzjoni sinerġika ta' tisħiħ reċiproku; jistieden lill-UE tagħti sostenn lill-ħolqien ta' ideali ta' demokrazija u rispett tad-drittijiet tal-bniedem fis-soċjetà kollha, partikolarment bil-għan li jiġu promossi l-parità tal-ġeneru u d-drittijiet tat-tfal;

32. Jilqa' r-rwol ċentrali tal-istrateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, suġġetti ta' rikjesta li ilha li saret mill-Parlament, u l-fatt li dawn ġew żviluppati bħala proċess inklużiv li jinkludi delegazzjonijiet tal-UE, kapijiet ta' missjonijiet u l-COHOM; iqis li huwa essenzjali li tiġi organizzata konsultazzjoni wiesgħa, speċjalment mal-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili, rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u partijiet interessati oħrajn, u jisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom;

33. Iqis li għal azzjoni tal-UE aktar effikaċi u kisbiet li jistgħu jitkejlu, hija essenzjali l-identifikazzjoni speċifika skont il-pajjiż ta' prijoritajiet, objettivi realistiċi u forom ta' ingranaġġ politiku; huwa tal-fehma li l-istrateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu integrati fil-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni tal-UE u fil-politiki kummerċjali u tal-iżvilupp (kemm fi programmi ġeografiċi kif ukoll tematiċi) sabiex jiġu żgurati effiċjenza, effikaċja u koerenza aħjar;

34. Jitlob lill-Kummissjoni tintegra l-istrateġiji nazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fil-programmazzjoni u fl-għoti ta' kull tip ta' assistenza lill-pajjiżi terzi, kif ukoll fid-dokumenti ta' strateġija u fil-programmi indikattivi pluriennali;

35. Jirrakkomanda li l-prijoritajiet ewlenin tal-istrateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem isiru pubbliċi, mingħajr ma jitqegħdu f'riskju s-sigurtà tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili fil-pajjiżi kkonċernati; jenfasizza li dawn il-prijoritajiet pubbliċi se juru l-impenn tal-UE lejn id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi u jipprovdu appoġġ lil dawk li qed jiġġieldu biex jeżerċitaw u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom; jemmen li l-Parlament għandu jkollu aċċess għall-istrateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u għall-informazzjoni kollha li tikkonċernahom;

36. Jenfasizza r-rwol tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (CSR) fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2011, li tirreferi fost oħrajn għall-Prinċipji Gwida tal-NU dwar il-Kummerċ u d-Drittijiet tal-Bniedem; jenfasizza l-ħtieġa tal-inklużjoni ta' CSR mal-istrateġiji tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem; ifakkar li kumpaniji Ewropej u Multinazzjonali għandhom ukoll responsabbiltajiet u obbligi u jilqa' l-affermazzjoni mill-ġdid tas-CSR mill-UE; iħeġġeġ lill-impriżi kollha jassumu r-responsabbiltà korporattiva tagħhom li jirrispettaw lid-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU; jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li tiżviluppa gwida dwar id-drittijiet tal-bniedem għal impriżi żgħar u ta' daqs medju; jitlob lill-Istati Membri jiżviluppaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom stess għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti u biex jinsistu fuq il-ħtieġa li anke pajjiżi sħab iżommu ma' standards tas-CSR rikonoxxuti internazzjonalment bħall-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u d-dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO tal-prinċipji rigward l-impriżi multinazzjonali u l-politika soċjali;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

37. Jemmen li l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjah, li għandhom perjodu ta' żmien ta' tliet snin, se jirrazzjonalizzaw objettivi ta' prijorità nazzjonali, fost oħrajn billi jkopru linji gwida tematiċi tal-UE u strateġiji lokali relatati sabiex jipprovdu qafas koerenti għall-azzjoni kollha tal-UE; jitlob il-finalizzazzjoni fil-pront tal-istrateġiji nazzjonali kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-implimentazzjoni rapida tagħhom u valutazzjoni tal-aħjar prattiki; jinsab konvint li dawn l-istrateġiji se jippermettu valutazzjonijiet annwali preċiżi tal-implimentazzjoni tal-klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem stabbiliti fi ftehimiet qafas;

38. Jirrakkomanda li, bħala parti mill-istrateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-UE tiftiehem dwar lista ta' 'kwistjonijiet minimi' li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jiddiskutu mal-kontropartijiet relevanti tagħhom f'pajjiżi terzi matul laqgħat u żjarat, inkluż fl-ogħla livell politiku u matul samits;

39. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jinkoraġġixxu aktar lill-pajjiżi terzi biex jagħmlu dispożizzjoni espressa dwar id-drittijiet tan-nisa fil-leġiżlazzjoni tagħhom u biex jiggarantixxu li dawn id-drittijiet jiġu rrispettati;

40. Jistieden lill-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE biex jinvolvu ruħhom u jipprovdu assistenza lill-atturi reliġjużi u organizzazzjonijiet ibbażati fuq it-twemmin f'appoġġ tal-libertà reliġjuża u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti;

41. Jilqa' l-impenn li sar fil-Qafas Strateġiku li d-drittijiet tal-bniedem jitqiegħdu fil-qalba tar-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi, inkluż imsieħba strateġiċi; jistieden għalhekk lill-UE tadotta konklużjonijiet annwali tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin dwar l-imsieħba strateġiċi tal-UE, biex tiġi stabbilita bażi komuni għall-Istati Membri u l-uffiċjali tal-UE f'termini ta' tħassib tad-drittijiet tal-bniedem li, bħala minimu, iridu jiddiskutu mal-kontropartijiet rilevanti tagħhom;

42. Jappella għal aktar sforzi għall-protezzjoni u għas-sostenn tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi, u speċjalment dawk li jgħixu taħt theddid jew biża' minħabba l-impenn tagħhom; jistenna b'herqa l-miżuri aktar flessibbli u mmirati li jkunu jistgħu jittieħdu għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fi ħdan il-qafas tal-EED;

***Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija***

*Klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem*

43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipproponi leġiżlazzjoni li teħtieġ li l-kumpaniji tal-UE jiżguraw li l-akkwisti tagħhom ma jappoġġjawx lil dawk li jwettqu kunflitti u ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri billi jwettqu kontrolli u verifiki fuq il-katini tal-provvista tal-minerali tagħhom u jippubblikaw ir-riżultati; jitlob lill-Kummissjoni biex tipproduċi u tagħmel pubblika lista ta' kumpanniji tal-UE li kienu kompliċi direttament fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-rapporti tagħhom ma' reġimi awtoritarji; huwa tal-fehma li diliġenza dovuta obbligatorja mill-kumpaniji tal-UE, f'konformità mal-linji gwida ppubblikati mill-OECD, se tipproteġi r-reputazzjoni ta' negozji Ewropej u toħloq aktar koerenza tad-drittijiet tal-bniedem u politiki tal-iżvilupp tal-UE, speċjalment f'żoni li jbatu minn kunflitti;

44. Jirrakkomanda li r-Rappreżentant Għoli tibbaża dan il-mekkaniżmu fuq ir-rikonoxximent tar-riskju potenzjali ta' pajjiż sħab li jikser standards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, billi jinkludi partikolaritajiet speċifiċi ta' sistema ġenwina ta' 'twissija bikrija' fil-klawżola, u fuq l-istabbiliment ta' qafas progressiv ibbażat fuq il-konsultazzjoni, il-passi u l-konsegwenzi, simili għal dak previst fil-Ftehim ta' Cotonou u jsegwi l-eżempju tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imdaħħal fis-seħħ taħt il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkmenistan; jinnota li tali sistema, ibbażata fuq id-djalogu, tgħin tidentifika u tindirizza ambjent li qed jispiċċa u ksur ripetut u/jew sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem bi ksur tal-liġi internazzjonali, u tagħmilha possibbli li jiġu diskussi miżuri ta' korrezzjoni fi ħdan qafas vinkolanti; jitlob għaldaqstant rieżami sabiex jiġi vvalutat ukoll ir-rwol, il-mandat u l-objettivi tad-djalogi u l-konsultazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, li għandhom jiġu mtejba;

45. Jitlob għal protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-migranti fil-pajjiżi ospitanti sabiex ikunu evalwati regolarment u jingħataw attenzjoni speċjali;

46. Jilqa' t-twaqqif min-naħa tal-Parlament tal-mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' sitwazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, stabbilit bħala parti mill-konklużjoni tal-ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mat-Turkmenistan; jirrakkomanda li mekkaniżmi ta' monitoraġġ simili jiġu ppjanati b'mod sistematiku għal ftehimiet oħra wkoll;

47. Jenfasizza d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-2009 li jestendi l-klawżola tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija għall-ftehimiet kollha u li jipprevedi rabta bejn dawn il-ftehimiet u ftehimiet ta' kummerċ ħieles billi jinkludi klawżola 'passerelle' fejn neċessarju; jinnota ir-referenza fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għall-iżvilupp ta' kriterji għall-applikazzjoni ta' dan l-element; jinnota li din l-estensjoni li tkun koperta l-klawżola tad-drittijiet tal-bniedem teħtieġ neċessarjament mekkaniżmu ċar għall-implimentazzjoni tagħha fil-livelli istituzzjonali u politiċi, għalhekk teħtiġilha tkun komplimentata minn mekkaniżmu ta' infurzar operattiv; jinsisti li klawsoli vinkolanti u mhux negozjabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu inklużi fil-ftehimiet kollha konklużi mill-UE kemm ma' pajjiżi industrijalizzati kif ukoll ma' dawk li qed jiżviluppaw, inklużi ftehimiet settorjali u ftehimiet kummerċjali u dwar l-investiment; iqis li huwa essenzjali li l-pajjiżi sħab kollha, b'mod partikolari pajjiżi bl-istess opinjoni u sħab strateġiku li l-UE qiegħda tinnegozja ftehimiet magħhom, jissottoskrivu ma' dan l-impenn vinkolanti;

48. Jinnota li l-Parlament mhuwiex involut fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tat-tnedija ta' konsultazzjoni jew għas-sospensjoni ta' ftehim; jikkunsidra li f'każ li l-Parlament jadotta rakkomandazzjoni fejn jitlob l-applikazzjoni tal-klawżola tad-drittijiet tal-bniedem u d-dispożizzjonijiet tal-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-Kummissjoni għandha teżamina b'attenzjoni jekk humiex sodisfatti l-kundizzjonijiet taħt dan il-kapitolu. jinnota li f'każ li l-Kummissjoni tqis li dawn il-kundizzjonijiet ma jkunux ġew issodisfati, għandha tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament;

49. Iħeġġeġ lir-Rappreżentant Għoli jamplifika r-rapport annwali dwar l-azzjoni tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fid-dinja, filwaqt li jżid rapport dwar il-progress dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem li jkopri wkoll l-applikazzjoni tal-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fi ftehimiet fis-seħħ, bl-inklużjoni ta' analiżi każ b'każ ta' kull proċess ta' konsultazzjoni u miżuri xierqa oħra mnedija mill-Kunsill, is-SEAE u l-Kummissjoni, flimkien ma' analiżi tal-effikaċja u l-koerenza tal-azzjoni meħuda;

*Valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem*

50. Jemmen li l-UE tista biss tindirizza bis-sħiħ l-obbligi tagħha fl-ambitu tat-Trattat ta' Lisbona u l-Karta billi tħejji valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem qabel in-negozjati dwar il-ftehimiet bilaterali jew multilaterali kollha ma' pajjiżi terzi;

51. Jinnota li din il-prattika sistematika hija l-unika mod kif tista' tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-liġi primarja, l-azzjoni esterna tal-UE u l-obbligi tal-parti terza stess skont il-konvenzjonijiet internazzjonali, inkluż il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u standards tax-xogħol u ambjentali rikonoxxuti internazzjonalment;

52. Jitlob li l-valutazzjonijiet tal-impatt imsemmija jkunu jinkludu l-firxa sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż onlajn, li għandha tinftiehem bħala ħaġa waħda inseparabbli;

53. Jinnota li dawn il-valutazzjonijiet jitwettqu b'mod indipendenti, trasparenti u parteċipattiv, bl-involviment ta' komunitajiet potenzjalment affetwati;

54. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżviluppaw metodoloġija b'saħħitha li tiġbor fiha l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni sabiex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv fuq ċerti popolazzjonijiet u li tipprovdi miżuri preventivi jew ta' rimedju miftiehma b'mod reċiproku f'każ ta' kwalunkwe impatt negattiv, qabel ma jiġu ffinalizzati n-negozjati;

55. Jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari għall-bżonn li jitwettqu valutazzjonijiet dwar l-impatt ta' dawk il-proġetti li l-implimentazzjoni tagħhom iġġib magħha riskju serju ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Karta, bħal proġetti relatati mal-ġudikatura, l-aġenziji ta' kontroll mal-fruntieri u l-forzi tal-pulizija u tas-sigurtà f'pajjiżi mmexxija minn reġimi repressivi;

*Politika ta' valutazzjoni komparattiva*

56. Jenfasizza li l-objettivi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija jeħtieġu neċessarjament kriterji pubbliċi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, bil-għan li jivvalutaw il-livell ta' rispett għal-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; jikkunsidra f'dan ir-rigward, li l-UE għandha tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti rilevanti u l-għarfien espert tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa inkluża l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-bniedem bħala element vijabbli ta' katalogu ta' referenza ta' tali Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija għall-pajjiżi membri tal-Kunsill tal-Ewropa, u għandha tiddistingwi biċ-ċar il-konklużjonijiet politiċi tagħha minn evalwazzjoni legali u teknika;

57. Jirrakkomanda li s-SEAE jiżviluppa sett ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi u punti ta' riferiment pubbliċi u speċifiċi skont il-pajjiż li jistgħu jservu bħala bażi koerenti u konsistenti għall-valutazzjoni annwali tal-politiki tal-UE fil-qafas tal-istrateġiji nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi; jirrakkomanda li dawn il-punti ta' riferiment ikunu jinkludu l-elementi bażiċi tad-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati sabiex jiġu protetti d-drittijiet tar-refuġjati u l-persuni spustati;

***Il-Politika Ewropea tal-Viċinat imġedda***

58. Ifakkar fit-tagħlimiet relatati mal-politika li nsiltu mir-Rebbiegħa Għarbija u mill-esperjenza miksuba mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, kemm matul il-perjodi tranżitorji tagħhom kif ukoll qabel, inkluż il-ħtieġa li jinbidlu politiki preċedenti iffukati partikolarment fuq ir-relazzjonijiet mal-awtoritajiet u li tiġi stabbilita sħubija effikaċi bejn l-UE u l-gvernijiet u s-soċjetajiet ċivili ta' pajjiżi sħab; jenfasizza b'rabta ma' dan ir-rwol importanti tal-EED li għadu kemm ġie stabbilit, inizjalment għalkemm mhux esklużivament fil-pajjiżi tal-viċinat tal-UE;

59. Jenfasizza l-importanza li jinħolqu programmi u li jiġu appoġġati proġetti li jagħtu lok għall-kuntatt bejn is-soċjetà ċivili fl-UE u f'pajjiżi terzi u jitlob lill-Kummissjoni u lis-SEAE jibnu l-kapaċità tas-soċjetà ċivili li tipparteċipa fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, li għandu jsir pilastru ċentrali tal-istrumenti finanzjarji esterni li qed jiġu attwalment riveduti;

60. Jilqa' l-fatt li djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem tas-Sħubija tal-Lvant jiġu kkumplimentati minn seminars konġunti tas-soċjetà ċivili u jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant;

61. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jużaw il-mudell ta' mekkaniżmu istituzzjonalizzat ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili stabbilit fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea ta' Isfel, bħala l-punt ta' tluq għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi saħansitra aktar inklużivi għall-ftehimiet kollha;

62. Jifhem il-punt ċentrali tal-approċċ il-ġdid tal-UE li s-soċjetajiet jissaħħu permezz ta' responsabilità nazzjonali attiva għall-appoġġ tal-kapaċità tagħhom li jieħdu sehem f'proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi u ta' governanza demokratika;

63. Jilqa' inizjattivi ġodda bħall-EED u l-Faċilità għas-Soċjetà Ċivili (CSF) li jagħmlu l-għajnuna tal-UE aktar aċċessibbli, speċjalment għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u li jistgħu jikkatalizzaw approċċ tal-UE aktar strateġiku u politiku għad-demokratizzazzjoni permezz tal-provvista ta' għajnuna speċifika għall-kuntest, flessibbli u f'waqtha mmirata lejn l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni demokratika f'pajjiżi sħab;

64. Jinnota li għalkemm l-avvenimenti tar-Rebbiegħa Għarbija kienu mistennija li jġibu trasformazzjoni prodemokratika, f'ħafna każijiet irriżultaw fid-deterjorazzjoni tal-libertajiet u d-drittijiet ta' minoranzi reliġjużi; għalhekk jikkundanna bil-qawwa l-atti kollha ta' vjolenza kontra l-Kristjani, il-Lhud, il-Musulmani u kontra komunitajiet reliġjużi oħra, kif ukoll kull tip ta' diskriminazzjoni u intolleranza kontra persuni reliġjużi, apostati u persuni bla twemmin bbażati fuq ir-reliġjon u t-twemmin; jenfasizza għal darb'oħra, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet aktar bikrija tiegħu, li l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjoni huwa dritt fondamentali tal-bniedem;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

65. Jenfasizza li l-avvenimenti tar-Rebbiegħa Għarbija wrew għadd ta' nuqqasijiet fil-politiki tal-UE lejn dan ir-reġjun, inkluż is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ, li jiffaċċjaw qgħad tal-massa u nuqqas ta' prospetti f'pajjiżhom; jilqa' madankollu r-rieda' li jittieħed approċċ ġdid, u jinsisti dwar il-ħtieġa li jissaħħu l-proġetti u l-programmi ta' skambju li għaddejjin bħalissa, inklużi dawk mibdija fil-qafas tal-Unjoni għall-Mediterran;

66. Jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu programmi ta' skambju jew jinfetħu programmi Ewropej għaż-żgħażagħ tar-Rebbiegħa Għarbija, u biex ikun hemm riflessjoni fil-livell tas-soċjetà ċivili dwar il-kawżi u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' għarfien tal-problemi, partikolarment dawk ta' natura ekonomika u soċjali, ta' dawn is-soċjetajiet;

67. Jissuġġerixxi l-ħolqien ta' programmi ta' skambju jew il-ftuħ ta' programmi Ewropej għaż-żgħażagħ ta' pajjiżi terzi;

68. Jenfasizza li rabtiet qawwija mas-soċjetà ċivili kemm fil-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija kif ukoll f'dawk tas-Sħubija tal-Lvant, imrawma fost l-oħrajn mill-programmi ta' skambju, apprendistati fl-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri u boroż ta' studju fl-Universitajiet Ewropej huma indispensabbli għall-iżvilupp fil-futur u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija f'dawk il-pajjiżi;

69. Jindika li r-riflessjoni bbażata fuq is-soċjetà ċivili msemmija hawn fuq tista' tissaħħaħ permezz tal-istabbiliment ta' Konvenzjoni Ewro-Għarbija għaż-Żgħażagħ jew Konvenzjoni taż-Żgħażagħ Ewro-MENA/Ewro-Mediterranja dwar id-drittijiet tal-bniedem;

70. Jenfasizza li s-sitwazzjoni tan-nisa fil-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija hija ta' spiss kritika fil-valutazzjoni tal-progress fir-rigward tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u li garanzija tad-drittijiet tan-nisa għandha tkun parti essenzjali tal-azzjoni tal-UE b'rabta ma' dawn il-pajjiżi; jsejjaħ għall-istabbiliment ta' Konvenzjoni Interparlamentari Ewro-Għarbija tan-Nisa; ifakkar ukoll li d-demokrazija tinvolvi l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fil-ħajja pubblika, kif iddikjarat fl-istrumenti internazzjonali u reġjonali bħall-Protokoll tal-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli dwar id-Drittijiet tan-Nisa fl-Afrika;

71. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u tal-kooperazzjoni tagħhom, fl-Istati Membri u fil-pajjiżi tal-viċinat tal-UE; jilqa' inizjattivi bil-għan li jittrasferixxu l-prattiki tajba, billi jikkoordinaw u jistimolaw il-kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Istati Membri u f'pajjiżi tal-Viċinat tal-UE, bħall-programm għall-kooperazzjoni bejn l-Ombudsmen mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant 2009-2013 għall-kooperazzjoni bejn l-ombudsm mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, li ġie stabbilit b'mod konġunt mill-ombudsmen Pollakk u Franċiż bl-għan li tittejjeb il-kapaċità tal-uffiċċji tal-ombudsmen, il-korpi governattivi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant għall-ħarsien tad-drittijiet tal-individwi u l-bini ta' stati demokratiċi bbażati fuq l-istat tad-dritt; jisħaq fuq il-ħtieġa li azzjoni bħal din tiġi kkoordinata fl-UE u li l-istituzzjonijiet tal-UE jserrħu fuq l-esperjenza miksuba permezz ta' dan; jenfasizza l-ħtieġa li jitħeġġeġ it-twaqqif ta' istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'dawk il-pajjiżi tal-viċinat tal-UE li s-sistema legali tagħhom ma tinkludix korpi bħal dawn;

72. Jinsisti li r-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni jimplimentaw b'konvinzjoni l-Politika Ewropea tal-Viċinat imġedda billi japplikaw bl-istess attenzjoni l-prinċipji "aktar għal aktar" u "inqas għal inqas";

73. Jemmen li pajjiżi vvalutati biċ-ċar bħala li mhumiex qed jagħmlu progress fid-demokrazija profonda u fil-bidla profonda istituzzjonali u soċjali, inkluż l-istat tad-dritt, għandu jitnaqqsilhom l-appoġġ mill-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-appoġġ għas-soċjetà ċivili f'dawk il-pajjiżi, skont il-miri ta' din il-politika, b'mod partikolari jekk jinkisru ċerti prinċipji ewlenin, inklużal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tar-reliġjon jew it-twemmin, in-non-diskriminazzjoni, il-bilanċ bejn il-ġeneri, il-libertà tal-kuxjenza, il-libertà tal-għaqda u l-libertà tal-assoċjazzjoni;

74. Jinsab imħasseb dwar il-kontinwazzjoni tal-attitudnijiet preċedenti li permezz tagħhom jingħata kumpens politiku eċċessiv għal passi meħuda minn gvernijiet sħab li ma jikkontribwixxux għall-kisba diretta tal-objettivi;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

75. Jilqa' l-inizjattiva li jiġi introdott approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-politika dwar l-iżvilupp, jinnota li tali approċċ għandu jkun ibbażat fuq l-inseparabbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, u jemmen bis-sħiħ li fil-qalba tal-objettivi ta' kooperazzjoni għandu jkun hemm il-bnedmin u l-benesseri tal-popli aktar milli l-gvernijiet; jenfasizza li l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp f'dan il-kuntest għandha tkun intiża li tikkontribwixxi għar-realizzazzjoni sħiħa tal-objettivi tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex politiki differenti tal-UE ma jostakolawx lil xulxin f'dan ir-rigward;

76. Jilqa' l-inizjattiva ġdida Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, li mill-2014 sal-2020 se toħloq opportunità għal madwar 10 000 Ewropej li jipparteċipaw f'operazzjonijiet umanitarji madwar id-dinja, f'postijiet fejn hemm l-aktar bżonn għajnuna, u biex juru solidarjetà Ewropea billi jgħinu b'mod prattiku lil komunitajiet milquta minn diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem;

*Responsabilità interistituzzjonali konġunta*

77. Huwa tal-fehma li l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni korrispondenti huma partikolarment sinifikanti, billi dawn jirrappreżentaw impenn komuni ffirmat mir-Rappreżentant Għoli, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri; jilqa' r-rikonoxximent tar-rwol ewlieni li kellu l-Parlament fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; Jistenna li l-Parlament ikun involut kif xieraq fil-fażi ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, fost l-oħrajn permezz ta' skambji fil-Grupp ta' Kuntatt dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jgħaqqad lis-SEAE, lis-servizzi rilevanti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u lis-Sottokumitat tal-PE għad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Barranin;

78. Jirrakkomanda li l-Parlament jiżviluppa relazzjonijiet aktar dinamiċi mad-delegazzjonijiet tal-UE, ibbażati fuq kuntatti regolari u skambji ta' informazzjoni permezz ta' rapporti ta' progress li jirriflettu 'aġenda għall-bidla' fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u l-objettivi u l-istadji sinifikanti definiti fil-Pjan ta' Azzjoni;

79. Jikkommetti ruħu li jiżgura segwitu aktar sistematiku għar-riżoluzzjonijiet tiegħu relatati mad-drittijiet tal-bniedem u ta' każijiet individwali ta' drittijiet tal-bniedem, permezz tal-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' segwitu bl-appoġġ tal-Unità ta' Azzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilita reċentement, u jirrakkomanda aktar kooperazzjoni bejn is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u kumitati rilevanti oħra tal-PE, u mal-Qorti tal-Awdituri, sabiex ikun żgurat li l-objettivi tar-rieżami strateġiku jkunu abbinati ma' appoġġ finanzjarju adegwat mill-Unjoni;

80. Jirrakkomanda li l-Parlament itejjeb il-proċeduri tiegħu fir-rigward tal-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u jintensifika l-isforzi sabiex jintegra d-drittijiet tal-bniedem b'mod effettiv fl-istrutturi u l-proċessi tiegħu stess sabiex jiżgura li d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huma fil-qalba tal-azzjonijiet u l-politiki parlamentari kollha, inkluż permezz tar-reviżjoni tal-Linji Gwida tiegħu għad-Delegazzjonijiet Interparlamentari tal-PE dwar il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;

81. Huwa tal-fehma li kull delegazzjoni permanenti tal-Parlament u kull kumitat rilevanti għandu jkollhom membru, preferibilment magħżul fost il-President u l-Viċi Presidenti tagħhom, speċifikament bil-kompitu li jimmonitorjaw il-portafoll tad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tar-reġjun, il-pajjiż jew il-qasam tematiku kkonċernat, u li l-persuni maħtura għandhom jirrappurtaw b'mod regolari lis-Sottokumitat tal-Parlament dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

82. Jirrakkomanda li d-delegazzjonijiet tal-PE li jmorru fuq missjoni f'pajjiż fejn is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem hija preokkupanti għandu jkollha membri speċifikament bil-kompitu li jqajmu l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tar-reġjun jew il-pajjiż ikkonċernat, u li dawn il-membri għandhom jirrappurtaw lis-Sottokumitat tal-Parlament għad-Drittijiet tal-Bniedem;

83. Jitlob li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem tal-Istati Membri;

84. Jenfasizza l-ħtieġa li jitjieb il-mudell għad-dibattiti fil-plenarja dwar każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt sabiex ikun hemm lok għal dibattiti aktar frekwenti b'parteċipazzjoni usa' mill-Membri, konsultazzjonijiet mas-soċjetà ċivili matul il-proċess ta' abbozzar, grad ogħla ta' rispons għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u sitwazzjonijiet oħra mhux previsti fil-qasam, u jenfasizza l-ħtieġa ta' segwitu aħjar għal dibattiti u riżoluzzjonijiet preċedenti;

85. Jenfasizza l-ħtieġa għal utilizzazzjoni aħjar tal-potenzjali tan-Netwerk tal-Premju Sakharov mill-PE u istituzzjonijiet oħra tal-UE;

86. Jirrakkomanda li l-Parlament, f'kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri, jorganizza avveniment annwali dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn madwar id-dinja, li jipprovdi lill-Parlament b'opportunità annwali biex juri l-appoġġ tiegħu għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja u jgħinhom fil-progress tad-drittijiet tagħhom li jitkellmu u jsegwu d-drittijiet tagħhom fil-pajjiżi rispettivi tagħhom;

87. Jitlob applikazzjoni konkreta tal-Artikolu 36 TUE sabiex ikun żgurat li l-fehmiet tal-Parlament jiġu kkunsidrati kif xieraq fir-rigward tal-għoti ta' segwitu għar-riżoluzzjonijiet u jirrakkomanda djalogu aktar b'saħħtu f'dan ir-rigward;

o

o o

88. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lir-Rappreżentant speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kunsill tal-Ewropa.

---

P7_TA(2012)0505

## Il-ftehim ġdid UE-Russja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 li fih ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar il-ftehim ġdid UE-Russja (2011/2050(INI))**

(2015/C 434/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' sħubija u koperazzjoni li jistabbilixxi ftehim ta' sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa min-naħa l-oħra, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2012 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali UE-Russja wara l-adeżjoni tar-Russja mad-WTO ([1]),

— wara li kkunsidra n-negozjati li bdew fl-2008 dwar ftehim ġdid UE-Russja, kif ukoll is-'Sħubija għall-Modernizzazzjoni' li bdiet fl-2010,

— wara li kkunsidra l-objettiv kondiviż mill-UE u r-Russja, stabbilit fid-dikjarazzjoni konġunta maħruġa fil-31 ta' Mejju 2003 wara l-11-il Samit bejn l-UE u r-Russja f'San Pietruburgu, dwar il-ħolqien ta' spazju ekonomiku komuni, spazju komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, spazju komuni ta' kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà esterna u spazju komuni ta' riċerka u edukazzjoni, inklużi l-aspetti kulturali ('l-erba' spazji komuni'),

— wara li kkunsidra l-konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0409.

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 lill-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet komuni rigward il-viża għal uffiċjali Russi involuti fil-każ ta' Sergei Magnitsky ([1]);

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fis-sura ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-introduzzjoni jew iż-żieda mill-Federazzjoni Russa ta' dazji tal-esportazzjoni fuq il-materja prima ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 90(4) u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0338/2012),

A. billi l-politika barranija u ta' sigurtà komuni tal-UE li qed tevolvi għandha, bi qbil mal-prinċipju ta' kundizzjonalità, tinkludi r-Russja bħala sieħeb strateġiku sakemm il-valuri fundamentali li fuqhom hi bbażata l-Unjoni, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett tad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali, ikunu kondiviżi u kkonfermati; billi r-Russja, bħala pajjiż, għandha l-għeruq kulturali tagħha fl-Ewropa u hi attur globali u reġjonali importanti, bħala membru fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-G8, tal-G20, tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE, u għalhekk marbuta li tissodisfa l-obbligi tagħha bħala membru ta' dawn l-organizzazzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tar-rapport ta' monitoraġġ ta' Ottubru 2012 tal-Kunsill tal-Ewropa;

B. billi r-Russja, bħala membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, għandha responsabbiltà konġunta mal-membri l-oħra biex tinżamm l-istabbiltà globali; billi ħafna sfidi fil-livell internazzjonali jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' approċċ koordinat li jinkludi lir-Russja;

C. billi l-interdipendenza ekonomika tal-UE u r-Russja qed tikber b'mod kostanti, u billi kooperazzjoni msaħħa u relazzjonijiet ta' ġirien tajba bejn l-UE u r-Russja għandhom jitqiesu bħala ta' importanza kbira għall-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità taż-żewġ partijiet;

D. billi r-Russja taħt il-presidenza ta' Vladimir Putin qed turi biss interess selettiv fl-iżvilupp ta' politiki komuni u m'għandha l-ebda intenzjoni reali li tiżviluppa sħubija strateġika estensiva u ġenwina għall-implimentazzjoni tal-liġi internazzjonali u l-prevenzjoni tal-kunflitt;

E. billi l-UE u r-Russja għaddew minn bidliet politiċi, istituzzjonali, soċjali u ekonomiċi kbar sa mill-1994, meta kien iffirmat il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (PCA) attwali;

F. billi l-adeżjoni tar-Russja mad-WTO fit-22 ta' Awwissu 2012 huwa pass ewlieni li jista' jgħin biex titħaffef il-modernizzazzjoni tal-ekonomija Russa u fl-istess ħin isservi ta' inċentiv tajjeb għar-Russja biex tissodisfa r-regoli u l-istandards tal-kummerċ internazzjonali li impenjat ruħha li tirrispetta;

G. billi dawn il-bidliet, flimkien mal-isfidi u l-opportunitajiet ġodda li għandha r-relazzjoni UE -Russja, iridu jkunu indirizzati fuq livell bilaterali u multilaterali; billi, minkejja n-nuqqas attwali ta' entużjażmu min-naħa tar-Russja, Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ġdid ambizzjuż u komprensiv li jkopri l-aktar oqsma importanti ta' kooperazzjoni u msejjes fuq valuri komuni ta' demokrazija, rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, jista' jipprovdi l-bażi għal sħubija strateġika ġenwina; billi, b'mod partikolari, għandha tkun enfasizzata l-ħtieġa biex tinbena sħubija ġenwina bejn is-soċjetajiet tal-UE u tar-Russja;

---

([1]) Test adottati, P7_TA(2012)0369.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0286. .

H. billi l-UE tkompli tkun impenjata biex tapprofondixxi u tiżviluppa aktar ir-relazzjoni tagħha mar-Russja u l-prinċipji stabbiliti fis-Sħubija għall-Modernizzazzjoni, ibbażati fuq interessi komuni u fuq impenn favur il-valuri universali u l-prinċipji demokratiċi, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

I. billi l-kundanna ta' sentejn ħabs tal-membri tal-grupp punk Pussy Riot għal manifestazzjoni ta' protesta kontra l-President Vladimir Putin fil-Katedral Ortodoss ta' Moska hija sproporzjonata u tqajjem tħassib serju dwar il-mod kif is-sistema ġudizzjarja Russa tittratta liċ-ċittadini u taġixxi b'mod li tintimida lis-soċjetà ċivili Russa;

J. billi fil-kuntest tan-negozjati kontinwi l-istatus quo tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja jeħtieġ ikun evalwat b'mod adegwat, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet bilaterali eżistenti bejn ir-Russja u l-Istati Membri tal-UE;

K. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja għadhom ibatu minħabba l-falliment tar-Russja li tħaddan bis-sħiħ il-valuri demokratiċi u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt;

L. billi l-intimidazzjoni, il-fastidju u l-arresti li għaddejjin tar-rappreżentanti tal-forzi tal-oppożizzjoni u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-adozzjoni reċenti ta' liġijiet dwar il-finanzjament tal-NGOs u dwar id-dritt tal-assemblea, il-liġi dwar il-malafama u l-liġi li timponi restrizzjonijiet fuq l-internet kif ukoll il-pressjoni li dejjem qed tiżdied fuq il-midja ħielsa u indipendenti u fuq il-minoranzi ta' orjentazzjoni sesswali u ta' twemmin reliġjuż jirriżultaw f'aktar degradazzjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi fir-Russja;

M. billi l-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem reċentement ikkundanna, bħala ksur tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-liġijiet fis-seħħ f'xi reġjuni tal-Federazzjoni Russa li jipprojbixxu l-"propaganda omosesswali";

N. billi l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni attwali jeħtieġ ikun validu u effettiv sakemm dak ġdid jiġi konkluż u jidħol fis-seħħ;

O. billi fl-14 ta' Ottubru 2012 fir-Russja saru l-elezzjonijiet lokali u reġjonali;

P. billi l-liġijiet ġodda jew emendati msemmija hawn fuq ġew adottati mid-Duma tal-Istat, li l-elezzjonijiet għalihom la kienu liberi u lanqas ġusti, kemm skont il-missjoni ta' osservazzjoni tal-OSKE u kemm skont il-konklużjonijiet tal-PE;

Q. billi ċerta proċeduri maħsuba biex jaffettwaw l-oppożizzjoni, bħal dawk biex iċaħħdu lil Gennady Gudkov, membru preċedenti tad-Duma mill-partit tal-oppożizzjoni Just Russia, mill-mandat parlamentari tiegħu, jistgħu jiġu interpretati bħala każijiet ta' applikazzjoni selettiva tal-ġustizzja u interferenza fl-attività politika leġittima;

1. Jindirizza, fil-kuntest tan-negozjati li għaddejjin dwar il-ftehim il-ġdid, ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna:

***Dwar il-proċess tan-negozjati***

(a) jiżguraw li l-ftehim il-ġdid jipprovdi qafas komprensiv, progressiv u legalment vinkolanti għal żvilupp akbar fir-relazzjonijiet mar-Russja fis-snin li ġejjin, filwaqt li jqisu l-ħtieġa ta' sforzi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-oqsma kollha li fihom l-interessi tal-UE u r-Russja aktarx li jaqblu, filwaqt li jiġu promossi interessi u valuri Ewropej f'oqsma fejn l-interessi ma jaqblux, kif ukoll il-ħtieġa ta' appoġġ għad-demokratizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż; jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jiżguraw li n-negozjati mar-Russja jkomplu b'pass tajjeb, filwaqt li jesprimu tħassib eżistenti fl-UE dwar in-nuqqas ta' progress fin-negozjati attwali li ma wasslux f'dan l-istadju għar-riżultati mixtieqa; ifakkru li s-sħubija strateġika tista' teżisti biss jekk iż-żewġ naħat jaqblu li jsegwu prinċipji demokratiċi universali; jenfasizzaw li r-relazzjoni UE-Russja għandha tiġi rregolata b'mod reċiproku;

(b) jaħdmu b'mod attiv fuq il-konklużjoni tan-negozjati għal ftehim li jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat u konformi mal-kooperazzjoni li dejjem qed tiżdied u li qed issir aktar profonda; jiżguraw li n-negozjati jiġġeneraw fiduċja reċiproka u huma ffukati fuq riżultati tanġibbli u sustanza politika;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

(c) ifittxu kunsens fost l-Istati Membri tal-UE dwar l-objettivi u dwar il-proċess tan-negozjati ta' ftehim ġdid mar-Russja sabiex l-UE titkellem b'vuċi waħda b'saħħitha; jenfasizzaw l-importanza li l-Unjoni tinnegozja bħala korp wieħed u jissuġġerixxu li l-interessi tal-Istati Membri fir-rigward tar-Russja u viċeversa jiġu promossi u protetti aħjar fil-livell tal-Unjoni;

(d) jagħtu attenzjoni mill-qrib dwar ir-rekwiżiti li l-UE beħsiebha tistabbilixxi fir-rigward tar-rispett tal-prinċipji demokratiċi, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, u jqisu dan ir-rispett bħala prerekwiżit assolut għall-iffirmar ta' Ftehim UE-Russja;

(e) jenfasizzaw li l-Ftehim il-ġdid ikun il-pass 'il quddiem loġiku u meħtieġ għar-relazzjonijiet UE-Russja, bi qbil mal-PCA attwali u wara l-adeżjoni tar-Russja fid-WTO;

(f) itennu, b'dan il-ħsieb, li l-UE għandha tinnegozja dan il-ftehim esklussivament mar-Russja u mhux mal-Unjoni Doganali li magħha tagħmel parti r-Russja;

(g) itennu li l-modernizzazzjoni ekonomika u politika tar-Russja hi ta' interess komuni għaż-żewġ naħat u li l-UE tixtieq tħaffef dan il-proċess mibdi permezz tas-Sħubija għall-Modernizzazzjoni; jenfasizzaw li l-politiki tar-Russja għal modernizzazzjoni ma jistgħux ikunu limitati għall-qasam ekonomiku u għandhom ikunu akkumpanjati minn riforma politika kompluta, bl-enfasi ewlenija fuq il-garanzija tal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

(h) jieħdu pożizzjoni attiva fil-koordinazzjoni ta' sħubijiet ta' modernizzazzjoni bilaterali differenti tal-Istati Membri tal-UE mal-Federazzjoni Russa, b'hekk tiġi żgurata politika koerenti u aktar effiċjenti tal-UE;

***Id-djalogu u l-kooperazzjoni politika***

(i) jissorveljaw b'attenzjoni l-evoluzzjoni interna fir-Russja, jaħdmu flimkien mal-protagonisti politiċi ewlenin, jappoġġjaw il-bini tal-istituzzjonijiet fir-Russja u l-prinċipji tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt; jappoġġjaw b'mod attiv, b'dan il-mod, l-inizjattivi soċjali kollha li jfittxu li jibnu soċjetà ċivili bbażata fuq il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari dwar l-użu tal-internet għal dak il-għan;

(j) jenfasizzaw kemm hu importanti li r-Russja tiżgura l-funzjonament ta' sistema ġudizzjarja indipendenti u imparzjali u li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

(k) jistiednu lir-Russja tirrispetta l-obbligu tagħha li tiggarantixxi elezzjonijiet ħielsa u ġusti, sabiex tiġi żgurata l-leġittimità tas-sistema politika;

(l) jenfasizzaw l-importanza ta' konformità sħiħa tar-Russja mal-obbligi legali internazzjonali tagħha u mal-prinċipji fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem imniżżla fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), li r-Russja hi firmatarja tagħhom it-tnejn; ifakkru li l-pluraliżmu politiku, il-libertà tal-midja, l-istat tad-dritt, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, il-libertà tal-espressjoni u tal-assemblea, anke fuq l-internet u trejdjunjins effettivi u indipendenti, u n-nondiskriminazzjoni huma prekundizzjonijiet meħtieġa biex ir-Russja tkompli tiżviluppa u timmodernizza kif ukoll biex tagħmel il-kooperazzjoni strateġika bejn l-UE u r-Russja sostenibbli;

(m) jenfasizzaw li, bħala membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, hemm bżonn li r-Russja terfa' b'mod serju r-responsabilità tagħha għall-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali;

(n) jesprimu t-tħassib tagħhom dwar il-klima li qed tmur għall-agħar fir-rigward tal-iżvilupp tas-soċjetà ċivili fir-Russja b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni reċenti ta' sensiela ta' liġijiet dwar id-dimostrazzjonijiet, l-NGOs, il-malafama u r-regolazzjoni legali tal-internet li fihom dispożizzjonijiet ambigwi u jistgħu jwasslu għal infurzar arbitrarju, u dwar l-adozzjoni mid-Duma ta' għadd ta' emendi għal-liġi dwar it-tradiment u l-ispjunaġġ li jintroduċu dispożizzjonijiet ġodda fil-Kodiċi Kriminali li, potenzjalment, jistgħu jintużaw kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; ifakkru lill-awtoritajiet Russi li soċjetà moderna u prospera teħtieġ li tirrikonoxxi u tipproteġi d-drittijiet

individwali u kollettivi taċ-ċittadini kollha tagħha; iħeġġeu, f'dan ir-rigward, lill-awtoritajiet Russi biex jaħdmu fi żmien xieraq sabiex il-liġijiet imsemmija hawn fuq ikunu konformi mal-istandards internazzjonali, u sabiex jindirizzaw il-kwistjoni tal-andament tan-negozjati;

(o) jinsistu dwar it-tisħiħ tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem UE-Russja, sabiex dan isir għodda effettiva u orjentata fuq ir-riżultati biex jitħarsu aktar id-drittijiet tal-bniedem fir-Russja; jistiednu, b'mod partikolari, lill-awtoritajiet Russi biex ma jkomplux jagħmlu restrizzjonijiet inutli fuq id-dritt ta' assemblea paċifika, jiżguraw ħarsien tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, iwaqqfu l-impunità għal abbużi li seħħew u għal qtil ta' attivisti, joħolqu klima li fiha jistgħu jiffunzjonaw is-soċjetà ċivili u l-NGOs mingħajr restrizzjonijiet inutli, biża' ta' fastidju jew intimidazzjoni, u jiżguraw konformità sħiħa mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; jinkoraġġixxu liż-żewġ partijiet jiżguraw trasparenza akbar u ftuħ fil-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem UE-Russja, inter alia permezz tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti mill-ministeri kollha relevanti Russi fil-laqgħat ta' tħejjija mal-NGOs Russi u internazzjonali u fil-laqgħat ta' konsultazzjoni;

(p) isostnu mill-ġdid b'fermezza li tentattivi ripetuti biex jitrażżnu d-drittijiet tal-bniedem, l-aktar il-libertà tal-espressjoni u l-assemblea, inkluż fir-rigward tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tas-sessi fil-livelli reġjonali u federali jmorru kontra l-impenji tar-Russja skont il-kostituzzjoni tagħha, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi; jistieden lid-Duma, f'konformità mas-sentenza tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-każ Fedotova kontra r-Russja, biex ma tadottax projbizzjoni federali tal-“propaganda omosesswali”;

(q) jenfasizzaw li l-awtoritajiet Russi għandhom itemmu l-impunità fil-pajjiż, kif ukoll il-persekuzzjonijiet, l-arresti u d-detenzjonijiet politikament motivati, u jenfasizza l-bżonn li jitwaqqaf l-użu ta' miżuri ripressivi kontra l-oppożizzjoni politika; jiżguraw li jinxteħet dawl sħiħ fuq il-ħafna ksur tad-drittijiet tal-bniedem li saru, inkluż il-priġunerija ta' Mikhail Khodorkovsky u l-imwiet ta' Sergei Magnitsky, Alexander Litvinenko u Anna Politkovskaya, Natalya Estemirova u oħrajn, li għad iridu jiġu investigati b'mod imparzjali u indipendenti;

(r) jappoġġaw il-pożizzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa rigward is-sentenza b'motivi politiċi kontra l-membri tal-grupp Pussy Riot, u jitolbu li jinħelsu minnufih;

(s) jistiednu lir-Russja biex ma tużax il-kunċett ta' 'valuri tradizzjonali' biex tilleġitimizza d-diskriminazzjoni kontra gruppi ta' minoritajiet, twaqqaf id-dissidenti, jew tikser id-drittijiet tal-bniedem tal-poplu;

(t) jinkorporaw klawsoli u kriterji ta' referenza fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġdid u komprensiv dwar il-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif imniżżla fil-Kostituzzjoni tar-Russja u jutilizza bl-aħjar mod possibbli l-oqsfa tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE li r-Russja impenjat ruħha li tirrispetta b'mekkaniżmu ċar ta' sospensjoni f'każ ta' ksur serju jew nuqqas ta' konformità;

(u) jenfasizzaw li s-soċjetà Russa b'mod ġenerali, kif ukoll is-sħubija strateġika bejn l-UE u r-Russja jistgħu jiġu stimulati u jibbenefikaw minn sistema politika li tiżgura kundizzjonijiet ugwali għall-partiti politiċi kollha u joffru kompetizzjoni reali u alternattivi politiċi effettivi; jistiednu, f'dan ir-rigward, lir-Russja biex tindirizza b'mod konkret ir-rakkomandazzjonijiet kollha dwar l-aħħar elezzjonijiet imressqa mill-OSKE;

(v) jinkludu d-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar l-azzjonijiet biex tinqered il-korruzzjoni endemika li ddgħajjef il-fiduċja taċ-ċittadini fl-Istat u tippreġudika l-isforzi ta' modernizzazzjoni; jinkludu wkoll it-termini speċifiċi għall-kooperazzjoni bejn ir-Russja u l-UE biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni transkonfinali;

(w) jippromovu sħubija strateġika bejn l-UE u r-Russja fl-indirizzar ta' sfidi globali, bħan-nonproliferazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ir-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti ġodda jew li ilhom jeżistu fuq il-bażi tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-liġi nazzjonali applikabbli, is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, id-dimensjoni tal-Artiku, it-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll l-objettivi komuni ta' dik is-sħubija; jinsistu biex ir-Russja b'effett

immedjat twaqqaf il-proliferazzjoni lejn il-pajjiżi li huma taħt embargo tal-armi mill-UE, l-OSKE u n-NU;

(x) jikkooperaw mar-Russja biex terfa' r-responsabilità li ssaħħaħ l-istabbiltà, il-kooperazzjoni politika u l-iżvilupp ekonomiku fil-viċinat komuni, u jisħqu fuq id-dritt sovran ta' kull pajjiż li jagħżel l-orjentament tal-politika barranija u l-arranġamenti tas-sigurtà tiegħu;

(y) jistiednu lill-awtoritajiet Russi biex itemmu l-klima mifruxa ta' impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u n-nuqqas tal-istat tad-dritt fil-Kawkasu tat-Tramuntana;

(z) iħeġġu lir-Russja biex tiffaċilita b'mod attiv ir-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti ffriżati u jsaħħu l-kooperazzjoni UE-Russja sabiex tinstab soluzzjoni għall-konflitti fit-tul fil-Moldava u l-Kawkasu tan-Nofsinhar, fuq il-bażi tal-liġi internazzjonali u tal-prinċipji tar-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitt; jintensifikaw it-taħdidiet mar-Russja biex jiġi żgurat it-twettiq bla kundizzjoni tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tal-2008; jistiednu lir-Russja biex tirtira r-rikonoxximent tal-Abkażja u tal-Ossezja tan-Nofsinhar; u jippermettu l-aċċess sħiħ u liberu tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE f'dawn it-territorji tal-Ġeorġja;

(aa) ikomplu bl-isforzi eżistenti bl-għan li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa ta' miżuri komuni li jwasslu biex titneħħa l-viża għal vjaġġar fuq perjodu qasir, bl-għan li titneħħa b'mod gradwali s-sistema tal-viża bejn il-pajjiżi ta' Schengen u r-Russja; jimxu kemm hu possibbli lejn faċilitazzjoni tal-viża għal akkademiċi, studenti, riċerkaturi, ġurnalisti, negozjanti u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, kif ukoll għall-għanijiet ta' skambji taż-żgħażagħ; jarmonizzaw l-applikazzjoni tal-kodiċi tal-viża mill-Istati Membri, għall-inqas fuq livell minimu fir-rigward tar-rekwiżiti;

(ab) jenfasizzaw li r-regoli tal-viża tal-UE m'għandhomx jibbenefikaw minnhom kriminali u dawk li jabbużaw mid-drittijiet tal-bniedem; jagħti istruzzjonijiet lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex tqiegħed ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Affarijiet Barranin;

(ac) jenfasizzaw il-promozzjoni ta' kooperazzjoni xjentifika, kulturali u edukattiva, it-trawwim ta' kuntatti minn poplu għal poplu u l-għarfien aħjar bejn is-soċjetajiet tal-UE u r-Russja;

***Il-kooperazzjoni ekonomika***

(ad) jikkunsidraw sew il-kooperazzjoni ekonomika li qed tikber bejn l-UE u r-Russja, bħala swieq reċiproċi ta' importazzjoni u fornituri ta' prodotti, servizzi u enerġija;

(ae) jimmonitorjaw mill-qrib u jevalwaw, jistimulaw u jappoġġjaw il-konformità tar-Russja mar-regoli tad-WTO u r-rieda tagħha li tuża s-sħubija tad-WTO bħala mutur għal riforma strutturali; jinkoraġġixxu, eventwalment, l-applikazzjoni tar-Russja għas-sħubija fl-OECD;

(af) jenfasizzaw li l-konformità sħiħa tar-Russja mar-regoli tad-WTO hi prekundizzjoni meħtieġa, u standard minimu, għal ftehim mal-UE; f'dan ir-rigward, ostakoli eżistenti għal prodotti Russi importati u għas-servizzi għandhom jiġu riveduti mill-ġdid għall-konformità tagħhom mar-regoli tad-WTO u jekk ikun xieraq jitneħħew dawk l-ostakoli;

(ag) jinsistu dwar ftehim bilaterali bejn l-UE u r-Russja, filwaqt li jagħmluha ċara li l-possibilità ta' ftehim bejn l-UE u l-Unjoni Doganali mmexxija mir-Russja tista' tiġi prevista biss, fuq terminu twil ta' żmien u ladarba l-ftehim bilaterali jidħol fis-seħħ;

(ah) jinkoraġġixxu l-kontropartijiet Russi biex juru rieda politika ċara ħalli jintlaħaq ftehim dwar dispożizzjonijiet legalment vinkolanti fir-rigward ta' 'kummerċ u investiment' li jridu jkunu bbażati fuq id-dispożizzjonijiet diġà inklużi fil-PCA u li għandhom ikunu konformi mal-adeżjoni fid-WTO; ifakkru li l-objettiv tal-UE f'dan il-qasam hu li

jitjieb u jistabbilizza ruħu l-ambjent tan-negozju, għaliex dan hu ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat u jkompli jippromovi l-objettivi stabbiliti mis-Sħubija għall-Modernizzazzjoni mnedija fl-2010;

(ai) jindirizzaw il-problema li għad hemm tal-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti ffalsifikati fir-Russja;

(aj) jinkoraġġixxu lir-Russja tkompli bir-ristrutturar tal-ekonomija tagħha u taċċellera l-evoluzzjoni tagħha minn mudell iffukat fuq l-enerġija lejn mudell immexxi mill-industrija u s-servizzi bbażat fuq l-użu effiċjenti ta' riżorsi u l-użu ta' enerġiji rinnovabbli; jenfasizzaw li l-prezzijiet taż-żejt huma volatili u li l-prezzijiet attwalment għolja m'għandhomx iservu ta' skuża biex tiġi posposta l-modernizzazzjoni meħtieġa tal-ekonomija;

(ak) jenfasizzaw l-importanza li tinħoloq politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija bil-għan li tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija permezz tal-bidu ta' kooperazzjoni trilaterali bejn l-UE, ir-Russja u l-pajjiżi ta' tranżitu;

(al) iqisu l-fatt li għad hemm il-ħtieġa ta' sforzi konsiderevoli ta' investiment għal infrastrutturi li għadhom ta' żmien is-Sovjetiċi u li huma ta' importanza kruċjali kemm għall-ekonomija tar-Russja u kif ukoll għall-investimenti tal-UE;

(am) jiggarantixxu l-inklużjoni ta' kapitlu sostanzjali u legalment vinkolanti dwar l-enerġija sabiex jiżgura provvista ta' enerġija affidabbli u kosteffikaċi għall-UE; jiżguraw li din is-sħubija tal-enerġija hi bbażata fuq il-prinċipji tat-trasparenza, tal-kompetizzjoni ġusta, tal-esklużjoni ta' mġiba monopolistika, tar-reċiproċità u tan-nondiskriminazzjoni; jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet mhux solvuti relatati mal-provvista tal-enerġija għall-Istati Membri tal-UE; jiżguraw li l-prinċipji tat-Trattat tal-Karta dwar l-Enerġija jiġu inklużi bħala parti integrali mill-ftehim il-ġdid;

(an) jiżguraw l-inklużjoni ta' kapitolu legalment vinkolanti dwar l-introduzzjoni jew iż-żieda ta' dazji fuq l-esportazzjoni ta' materja prima;

(ao) jissorveljaw u jinsistu dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ogħla standards internazzjonali tas-sikurezza tal-impjanti nukleari fir-Russja, kemm dawk operattivi kif ukoll dawk fil-proċess ta' kostruzzjoni, fuq il-premessa li jintużaw l-istrumenti u t-trattati kollha disponibbli; iħeġġu lir-Russja, f'dan ir-rigward, sabiex b'mod immedjat tirratifika u tikkonforma mal-Konvenzjoni tal-NU/KEE ((Espoo) dwar valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali;

(ap) jistiednu lir-Russja tagħlaq ir-reatturi nukleari kollha bħal dawk ta' Chernobyl u tal-bidu nett, b'mod partikolari, fir-rigward ta' dawk li jinsabu fil-qrib tal-fruntieri tal-UE u jesprimu tħassib serju dwar il-proġetti ta' impjanti tal-enerġija nukleari f'Kaliningrad Oblast u Sosnovyi Bor;

(aq) isaħħu aktar il-kooperazzjoni reċiproka fl-oqsma tar-riċerka, l-edukazzjoni, il-kultura u x-xjenza; irawwmu għarfien komuni dwar l-istorja tas-seklu għoxrin;

(ar) jesprimu tħassib serju dwar it-tħaffir kummerċjali fl-Artiku u t-tniġġis mifrux madwar is-siti tat-tħaffir fir-Russja kollha;

(as) jikkonsultaw lill-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet rigward il-kooperazzjoni parlamentari;

(at) jinkludu punti ta' riferiment ċari għall-implimentazzjoni tal-ftehim il-ġdid u jagħmel dispożizzjoni għal mekkaniżmi ta' monitoraġġ, inklużi rapporti regolari lill-Parlament Ewropew;

(au) jinkoraġġixxu lit-tim tan-negozjati tal-UE jkompli l-kooperazzjoni tajba mal-PE, filwaqt li jipprovdu informazzjoni kontinwa, sostnuta bid-dokumentazzjoni, dwar il-progress tan-negozjati, skont l-Artikolu 218(10) tat-TFUE, li jiddikjara li l-Parlament għandu jinżamm informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

2. Jibqgħu viġilanti dwar ir-rekwiżiti li l-UE beħsiebha tistabbilixxi fir-rigward tar-rispett tal-prinċipji demokratiċi, u jqisu dan ir-rispett bħala prerekwiżit assolut għall-iffirmar ta' Ftehim UE-Russja;

o

o o

3. Jagħtu istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni li fiha r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u lid-Duma tal-Istat Russu.

---

P7_TA(2012)0506

## Id-deċiżjoni tal-Gvern Iżraeljan li jespandi l-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar id-deċiżjoni tal-Gvern Iżraeljan li jespandi l-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent (2012/2911 (RSP)).**

(2015/C 434/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU: ir-Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 181 (1947) u 194 (1948), u r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 242 (1967), 338 (1973), 1397 (2002), 1515 (2003) u 1850 (2008),

— wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Oslo ("Dikjarazzjoni ta' Prinċipji dwar Arranġamenti Interim ta' Awtogovernanza") tat-13 ta' Settembru 1993,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interim dwar ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża tat-28 ta' Settembru 1995,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, b'mod partikolari dawk dwar l-espansjoni tal-insedjamenti tat-8 ta' Ġunju 2012 u tat-2 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tad-29 ta' Novembru 2012 li tagħti lill-Palestina l-istatus ta' stat osservatur mhux membru,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani tal-10 ta' Diċembru 2012 u tal-14 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Gvern Iżraeljan ħabbar fit-2 ta' Diċembru 2012 il-kostruzzjoni ppjanata ta' 3 000 unità ġdida tal-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent u f'Ġerusalemm tal-Lvant; billi, jekk implimentati, il-pjanijiet imħabbra se jikkompromettu l-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, speċjalment meta titqies iż-żona E1, fejn il-kostruzzjoni tal-insedjamenti taqsam ix-Xatt tal-Punent fi tnejn u b'hekk trendi impossibbli li jinħoloq Stat Palestinjan vijabbli, kontigwu u sovran;

B. billi fit-2 ta' Diċembru 2012 il-Gvern Iżraeljan ħabbar li mhux se jirrilaxxa USD 100 miljun f'introjtu mit-taxxi Palestinjani; billi t-trasferimenti tat-taxxi fix-xahar huma element kruċjali fil-baġit tal-Awtorità Palestinjana; billi l-Ministru tal-Finanzi Iżraeljan Yuval Steinitz sostna li l-introjtu tat-taxxi kien qed jinżamm sabiex jithallas id-dejn Palestinjan lill-Korporazzjoni tal-Elettriku Iżraeljana;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

C. billi l-UE ripetutament ikkonfermat l-appoġġ tagħha għal soluzzjoni ta' żewġ stati, bl-Istat ta' Iżrael u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u fis-sigurtà;

D. billi l-Ftehimiet ta' Oslo tal-1993 qasmu t-territorju tax-Xatt tal-Punent fi tliet żoni, jiġifieri ż-Żona A, B u C; billi ż-Żona C, li taqa' taħt il-kontroll ċivili u tas-sigurtà Iżraeljan, tikkostitwixxi 62 % tat-territorju u hija l-unika żona kontigwa bl-aktar artijiet fertili u għanja għal dak li jikkonċerna r-riżorsi fix-Xatt tal-Punent; billi l-Ftehim Interim dwar ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża tal-1995 jiddisponi li ż-Żona C se tiġi trasferita b'mod gradwali lill-ġurisdizzjoni Palestinjana;

E. billi l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċidiet fid-29 ta' Novembru 2012 b'maġġoranza kbira, b'138 vot favur, 9 kontra u 41 astensjoni, li tagħti lill-Palestina l-istatus ta' stat osservatur mhux membru fin-NU;

1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu fir-rigward tal-avviż tal-Gvern Iżraeljan dwar il-kostruzzjoni ppjanata ta' madwar 3 000 unità residenzjali ġdida fix-Xatt tal-Punent, anki f'Ġerusalemm tal-Lvant;

2. Jenfasizza mill-ġdid li tali espansjoni tista' tikkomprometti l-prospetti ta' Palestina vijabbli, b'Ġerusalemm bħala l-kapitali komuni tagħha u tal-Iżrael;

3. Jenfasizza li l-insedjamenti Iżraeljani fix-Xatt tal-Punent u f'Ġerusalemm tal-Lvant huma illegali skont il-liġi internazzjonali; jappella għal iffriżar immedjat, komplet u permanenti ta' kull azzjoni Iżraeljana ta' kostruzzjoni u espansjoni ta' insedjamenti, u għat-twaqqif ta' tkeċċijiet oħra tal-familji Palestinjani mid-djar tagħhom kif ukoll tat-twaqqigħ tad-djar Palestinjani;

4. Jikkundanna d-dikjarazzjonijiet tal-mexxej politiku tal-Ħamas, Khaled Meshal, li jiċħdu r-rikonoxximent tal-Istat tal-Iżrael u li jiċħdu b'mod ċar kull preżenza Iżraeljana f'Ġerusalemm u jappella lill-Ħamas jirrikonoxxi d-dritt għall-eżistenza tal-Iżrael;

5. Jiddispjaċih ħafna bid-deċiżjoni tal-Gvern Iżraeljan li ma jirrilaxxax USD 100 miljun f'introjtu mit-taxxi Palestinjani, deċiżjoni li timmina l-baġit tal-Awtorità Palestinjana, u jitlob it-trasferiment immedjat ta' dan l-introjtu; jinkoraġġixxi l-partijiet involuti jsolvu kull tilwim finazjarju pendenti permezz tal-medjazzjoni tal-UE;

6. Itenni s-sostenn qawwi tiegħu għas-soluzzjoni ta' żewġ Stati fuq il-bażi tal-fruntieri tal-1967, b'Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ Stati, li tipprevedi Stat tal-Iżrael sikur li jgħix maġenb Stat Palestinjan indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli, fil-paċi u s-sigurtà; jenfasizza mill-ġdid li l-uniku mod kif tintlaħaq paċi ġusta u dejjiema bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani huwa permezz ta' mezzi paċifiċi u mhux vjolenti, u jitlob f'dan il-kuntest għall-issoktar ta' taħdidiet diretti dwar il-paċi bejn iż-żewġ partijiet; jitlob lill-partijiet iżommu lura milli jwettqu kwalunkwe azzjoni unilaterali li tista' timmina jew tostakola l-isforzi favur il-paċi u l-prospetti għal ftehim favur il-paċi nnegozjat;

7. Jappella mill-ġdid għall-implimentazzjoni sħiħa u effikaċi tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u l-ftehimiet bilaterali eżistenti UE-Iżrael mill-UE u l-Istati Membri tagħha, u jenfasizza li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael dwar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem tal-Palestinjani għandhom jiġu osservati; itenni l-impenn tal-UE li tiżgura l-implimentazzjoni kontinwa, sħiħa u effikaċi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u arranġamenti bilaterali fis-seħħ applikabbli għall-prodotti mill-insedjamenti;

8. Jibqa' jappella, fl-istess spirtu, għar-rikonċiljazzjoni Palestinjana, li hija l-mod ta' kif jerġgħu jingħaqdu l-Palestinjani li jgħixu fix-Xatt tal-Punent, f'Ġerusalemm tal-Lvant u fil-Medda ta' Gaża, li huma parti tal-istess poplu Palestinjan;

9. Iħeġġeġ lill-Awtorità Palestinjana u l-Gvern Iżraeljan jipproċedu għat-tnedija mill-ġdid tal-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tal-popolazzjoni Palestinjana u d-drittijiet tagħha fiz-Zona C u f'Ġerusalemm tal-Lvant, li hija essenzjali biex il-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati tibqa' possibbli;

10. Iħeġġeġ mill-ġdid lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżvolġu rwol politiku aktar attiv, anke fi ħdan il-Kwartett, fl-isforzi intiżi sabiex tinkiseb paċi ġusta u dejjiema bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani; jappoġġa lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli fl-isforzi tagħha sabiex jinħoloq prospett kredibbli għat-tnedija mill-ġdid tal-proċess ta' paċi;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lill-Mibgħut tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani, lill-Knesset u lill-Gvern tal-Iżrael, lill-President tal-Awtorità Palestinjana u lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan.

---

P7_TA(2012)0507

# Is-sitwazzjoni fl-Ukraina

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar is-sitwazzjoni fl-Ukraina (2012/2889(RSP))**

(2015/C 434/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u rapporti preċedenti tiegħu, b'mod partikolari dawk tal-1 ta' Diċembru 2011 li fihom ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE dwar in-negozjati dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina ([1]) u tal-24 ta' Mejju 2012 dwar is-sitwazzjoni fl-Ukraina u l-każ ta' Yulia Tymoshenko ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapporti interim u l-konklużjonijiet preliminari tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-OSKE/ODIHR fl-Ukraina, b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni dwar il-Kostatazzjonijiet u l-Konklużjonijiet Preliminari, maħruġa fid-29 ta' Ottubru 2012 flimkien mal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Parlament Ewropew u l-Assemblea Parlamentari tan-NATO,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton u l-Kummissarju Štefan Füle tat-12 ta' Novembru 2012 dwar l-elezzjonijiet parlamentari fl-Ukraina,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ukraina tal-10 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-ex President tal-Polonja Aleksander Kwasniewski u l-ex President tal-Parlament Ewropew Pat Cox tat-3 ta' Ottubru 2012 li stqarret li l-elezzjonijiet se jkunu "deċiżivi" għall-futur tal-Ukraina u li "l-momentum fir-relazzjonijiet UE-Ukraina waqaf ħesrem",

— wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni ta' osservazzjoni elettorali *ad hoc* tal-Parlament Ewropew fl-elezzjonijiet parlamentari fl-Ukraina, ippreżentat fil-laqgħa tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tas-6 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni UE-Ukraina għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża adottat fit-22 ta' Novembru 2010,

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress tal-PEV dwar l-Ukraina ppubblikat fil-15 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0545.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0221.

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

A. billi s-Samit UE-Ukraina 2011 fi Kyiv irrikonoxxa l-Ukraina bħala pajjiż Ewropew b'identità Ewropea, li jaqsam storja komuni u valuri komuni mal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea;

B. billi l-osservaturi tal-OSKE/ODIHR u l-osservaturi internazzjonali tal-elezzjoni sabu evidenza li l-elezzjonijiet fl-Ukraina kienu kkaratterizzati minn ambjent medjatiku żbilanċjat, ġestjoni ħażina fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali, nuqqas ta' trasparenza fil-finanzjament tal-partiti, abbuż ta' riżorsi amministrattivi u kundizzjonijiet mhux indaqs, riflessi wkoll fl-assenza ta' kandidati tal-oppożizzjoni ewlenin li ntefgħu l-ħabs għal raġunijiet politiċi, fatti li jikkostitwixxu pass lura meta mqabbel ma' elezzjonijiet ġenerali preċedenti;

C. billi, filwaqt li l-OSKE ħarġet valutazzjoni ġeneralment pożittiva tal-proċess ta' votazzjoni f'jum l-elezzjoni, osservaturi internazzjonali indikaw nuqqas ta' trasparenza fil-mod kif sar il-kalkolu tar-riżultati finali, u vvalutaw b'mod negattiv kemm il-proċess tat-tabulazzjoni tal-voti f'77 mill-161 kummissjoni elettorali distrettwali li ġew osservati u l-fatt li d-dewmien fit-tabulazzjoni tal-voti kompla fl-10 ta' Novembru fi 12-il distrett b'mandat uniku;

D. billi, skont ir-rapporti tal-OSKE/ODIHR, it-tmexxija tal-proċess postelettorali kien mgħarraq minn irregolaritajiet, dewmien fl-għadd tal-voti u nuqqas ta' trasparenza fil-kummissjonijiet elettorali;

E. billi, f'dikjarazzjoni konġunta, il-Viċi President/Rappreżentant Għoli Catherine Ashton u l-Kummissarju Štefan Füle esprimew tħassib dwar it-twettiq tal-proċess postelettorali, li kien mgħarraq b'irregolaritajiet;

F. billi l-elezzjonijiet ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2012 tqiesu bħala test kruċjali għall-Ukraina, bħala sinjal tal-irriversibilità tal-impenn tal-pajjiż favur l-iżvilupp ta' sistema demokratika kompluta, il-konsolidament tal-istat tad-dritt u l-kontinwazzjoni tar-riformi politiċi;

G. billi, għall-ewwel darba, il-Kummissjoni ta' Venezja u l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE) ħarġu rakkomandazzjonijiet li jistqarru ċar ħafna li l-Ukraina għandu jkollha sistema proporzjonali b'listi miftuħin;

H. billi l-mibgħut speċjali tal-Parlament Ewropew, Aleksander Kwasniewski, wissa kontra kull tentattiv ta' iżolazzjoni tal-Ukraina, li jista' jwassal għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għal reġimi mhux demokratiċi;

I. billi s-samit UE-Ukraina ta' Diċembru 2011, li kellu jwassal għall-iffirmar tal-ftehim ta' assoċjazzjoni, naqas milli jilħaq l-objettiv tiegħu minħabba l-inċertezza tal-UE dwar is-sitwazzjoni politika fl-Ukraina, b'mod partikolar l-arrest u l-proċess tal-mexxejja tal-oppożizzjoni Yulia Tymoshenko u Yuriy Lutsenko;

J. billi l-Verkhovna Rada qed teżamina l-Abbozz ta' Liġi 8711, biċċa leġilazzjoni libertiċida li se tillimita l-libertà tal-espressjoni u ta' għaqda għal dawk li jappoġġjaw id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni lesbjani, gay, bisesswali u transġeneru; billi l-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti dan l-aħħar ħareġ deċijoni li dan jikser l-Artikoli 19 u 26 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

1. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li, skont l-OSKE, il-PACE, l-Assemblea Parlamentari tan-NATO u l-osservaturi tal-Parlament Ewropew, il-kampanja elettorali, il-proċess elettorali u l-proċess postelettorali naqsu milli jissodisfaw standards internazzjonali ewlenin u jikkkostitwixxu pass lura meta mqabbel mal-elezzjonijiet nazzjonali tal-2010;

2. Jinnota, b'mod partikolari, li ċerti aspetti tal-perjodu ta' qabel l-elezzjoni (l-arrest tal-kapijiet politiċi tal-oppożizzjoni, in-nuqqas ta' kundizzjonijiet indaqs, ikkawżati primarjament mill-abbuż ta' riżorsi amministrattivi, każijiet ta' fastidju u intimidazzjoni ta' kandidati u persunal elettorali, nuqqas ta' trasparenza fil-kampanja u fil-finanzjament tal-partiti, u nuqqas ta' kopertura medjatika bilanċjata) u l-irregolaritajiet u d-dewmien fl-għadd tal-voti u l-proċess ta' tabulazzjoni irrappreżentaw pass lura meta mqabbel ma' elezzjonijiet nazzjonali reċenti;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

3. Jenfasizza l-fatt li ż-żewġ mexxeja tal-oppożizzjoni, Yulia Tymoshenko u Yuri Lutsenko, flimkien ma' oħrajn, inżammu l-ħabs kellu effett ħażin fuq il-proċess elettorali;

4. Jissottolinja li kooperazzjoni effikaċi bejn l-Ukraina u l-Unjoni Ewropea tista' ssir biss abbażi ta' rieda ċara min-naħa tal-awtoritajiet tal-Ukraina li jwettqu u jimplimentaw ir-riformi meħtieġa, partikolarment dik tas-sistema legali u ġudizzjarja, bl-għan li jaderixxu bis-sħiħ mal-prinċipji tad-demokrazija u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-minoranzi u l-istat tad-dritt; jitlob li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni ta' Venezja tiegħu dan il-proċess ta' riforma jagħtuh appoġġ attiv u effikaċi;

5. Huwa mħasseb dwar l-abbuż tar-riżorsi amministrattivi u s-sistema ta' finanzjament tal-kampanja, li ma laħqux il-livell tal-istandards internazzjonali stabbiliti mill-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa; jistieden lill-gvern il-ġdid biex ikompli jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti bil-għan li jkun hemm aktar trasparenza ta' finanzjament u nfiq, il-kxif totali tas-sorsi u l-ammonti tal-infiq tal-kampanji u s-sanzjonijiet għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' finanzjament tal-kampanji, b'mod partikolari;

6. Jitlob lill-Gvern tal-Ukraina biex jindirizza l-irregolaritajiet elettorali, inklużi r-riżultati li ma pprovdewx konklużjoni f'xi distretti elettorali, fi djalogu mal-partiti politiċi kollha; jistenna, barra minn hekk, li l-parlament Ukrain fiż-żmien xieraq jindirizza n-nuqqasijiet tal-liġi elettorali; jistenna li l-Verkhovna Rada tkun kapaċi tibni fuq il-proposti eżistenti li kienu tħejjew mill-parlament li għadu kif temm il-mandat tiegħu, bl-appoġġ sħiħ tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni ta' Venezja;

7. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-problemi marbuta mal-għadd u t-tabulazzjoni tal-voti f'għadd ta' kostitwenzi ta' mandat uniku; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali li ma tiddikjarax riżultat għal dawn il-kostitwenzi, u l-fatt li l-awtoritajiet Ukraini bdew jieħdu miżuri biex jorganizzaw elezzjonijiet ġodda f'dawn il-kostitwenzi mill-iktar fis possibbli;

8. Huwa mħasseb dwar iż-żieda fis-sentiment nazzjonalista fl-Ukraina, espressa bħala appoġġ għall-Partit Svoboda li, konsegwenza ta' dan, huwa wieħed miż-żewġ partiti l-ġodda li ġie elett għall-ewwel darba fil-Verkhovna Rada; ifakkar li opinjonijiet razzisti, anti-Semitiċi u ksenofobiċi jmorru kontra l-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-UE u għalhekk jappella lill-partiti prodemokratiċi fil-Verkhovna Rada biex ma jassoċjawx ruħhom ma' dan il-partit, jagħtuh l-approvazzjoni tagħhom jew jiffurmaw koalizzjonijiet miegħu;

9. Jesprimi l-appoġġ kontinwat tiegħu għall-aspirazzjonijiet Ewropej tal-poplu Ukrain; jiddispjaċih li l-elezzjonijiet parlamentari reċenti ma kkostitwewx xi progress serju fl-avvanz tal-kredenzjali tal-Ukraina f'dan ir-rigward; jenfasizza li l-UE tibqa' impenjata li taħdem mal-Ukraina, inkluż mas-soċjetà ċivili (NGOs, organizzazzjonijiet reliġjużi, eċċ.), għal titjib tal-istituzzjonijiet demokratiċi, tisħiħ tal-istat tad-dritt, żgurar tal-libertà medjatika u l-avvanz ta' riformi ekonomiċi essenzjali;

10. Jikkonferma li l-impenn tal-UE biex tkompli ġġib 'il quddiem ir-relazzjonijiet mal-Ukraina permezz tal-iffirmar tal-ftehim ta' assoċjazzjoni hekk kif l-awtoritajiet Ukrainijuru azzjoni determinata u progress tanġibbli, kif mitlub hawn fuq, possibbilment sa żmien is-Samit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnjus f'Novembru 2013; jinnota li l-progress fl-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika jiddependi mill-impenn tanġibbli tal-Ukraina favur il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura u l-libertà medjatika;

11. Jinnota l-adozzjoni u l-iffirmar tal-liġi dwar ir-referenda fl-Ukraina; jistenna li l-awtoritajiet Ukraini jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, meta jsiru disponibbli, bil-għan li jipprevjenu kwalunkwe abbuż possibbli minn din il-leġiżlazzjoni;

12. Jappella bil-qawwa lill-awtoritajiet Ukraini biex, flimkien mal-mibgħuta tal-Parlament Ewropew Aleksander Kwasniewski u Pat Cox, isibu soluzzjoni raġonevoli u ġusta għall-każ ta' Tymoshenko; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Ukraina biex jirrispetta u jimplimenta d-deċiżjonijiet finali tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-kawża li għaddejja bħalissa ta' Yulia Tymoshenko u Yuri Lutsenko;

13. Jitlob lill-Ukraina biex ma tissoktax bl-applikazzjoni selettiva tal-ġustizzja fl-Ukraina fil-livelli kollha tal-gvern u biex tagħmilha possibbli li l-partiti tal-oppożizzjoni jipparteċipaw fil-ħajja politika fuq bażi ta' kundizzjonijiet indaqs; jitlob lill-awtoritajiet, f'dan il-kuntest, biex jeħilsu u joffru rijabilitazzjoni lill-membri tal-oppożizzjoni persegwitati politikament, inklużi Yulia Tymoshenko, Yuri Lutsenko u oħrajn;

14. Jilqa'l-iffirmar tal-ftehim emendat dwar il-faċilitazzjoni tal-viża bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina, li jdaħħal titjibiet ċari fil-għoti ta' viżi għaċ-ċittadini Ukraini, meta mqabbel mal-ftehim li hemm fis-seħħ bħalissa; jistieden lill-Kunsill biex iġib 'il quddiem id-djalogu bejn l-UE u l-Ukraina dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, qabel is-Samit tas-Sħubija tal-Lvant ġewwa Vilnjus f'Novembru 2013;

15. Jappella bil-qawwa lill-VP/RGħ Catherine Ashton u lill-Kummissarju Štefan Füle biex jintensifikaw il-ħidma tal-UE mal-Ukraina u biex jibqgħu kommessi li jaħdmu favur l-użu tal-potenzjal sħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-Ukraina u l-UE, *inter alia* billi jiżguraw progress stabbli fid-djalogu dwar il-liberaliazzjoni tal-viża;

16. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-10 ta' Diċembru 2012;

17. Jistieden lill-Verkhovna Rada biex tirrifjuta l-Abbozz ta' Liġi 8711, li jillimita l-libertà tal-espressjoni fir-rigward tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, u li ġie adottat fl-ewwel qari f'Ottubru; jirrimarka li din il-liġi tikser biċ-ċar il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, it-tnejn li huma rratifikati mill-Parlament tal-Ukraina;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukraina kif ukoll lill-Assemblej Parlamentari tal-Kunsill tal-Europa u tal-OSKE.

P7_TA(2012)0508

## Rapport ta' Progress 2012 dwar l-Albanija

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-rapport ta' progress tal-2012 dwar l-Albanija (2012/2814(RSP))**

(2015/C 434/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Salonka tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-prospettiva tal-adeżjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Strateġija tat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2012-2013" (COM(2012)0600) u r-Rapport ta' Progress tal-2012 mehmuż dwar l-Albanija (SWD(2012)0334),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/210/KE tat-18 ta' Frar 2008 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet kontenuti fis-Sħubija Ewropea mal-Albanija u t-tħassir tad-Deċiżjoni 2006/54/KE ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tar-4 laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn l-Albanija u l-Unjoni Ewropea, li saret fil-15 ta' Mejju 2012,

([1]) ĠU L 80, 19.3.2008, p. 1.

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat Parlamentari ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni Unjoni Ewropea-Albanija waqt il-ħames laqgħa, li saret fil-11 u fit-12 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra l-ftehim politiku milħuq bejn il-gvern u l-oppożizzjoni fil-Konferenza tal-Presidenti tal-14 ta' Novembru 2011 u l-Pjan ta' Azzjoni rivedut tal-Gvern tal-Albanija, ta' Marzu 2012, dwar it-12-il prijorità fundamentali indikati fl-"Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Albanija biex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea" tad-9 ta' Novembru 2010 (COM(2010)0680),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2010 dwar l-Albanija ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-futur tal-Albanija u tal-pajjiżi l-oħrajn tal-Balkani tal-Punent huwa marbut mal-Unjoni Ewropea, u billi l-Albanija tappartjeni mal-Ewropa mil-lat ġeografiku, storiku u kulturali;

B. billi l-adeżjoni tal-pajjiż mal-UE ma għandhiex tkun biss l-objettiv tal-gvern u tal-oppożizzjoni, iżda wkoll immirata biex jiġi segwit l-interess komuni tal-Albaniżi kollha;

C. billi, fil-fażijiet kollha tal-proċess ta' adeżjoni, il-membri aspiranti jeħtiġilhom juru l-kapaċità li jsaħħu t-twettiq prattiku tal-valuri li fuqhom tissejjes l-Unjoni; billi jeħtieġ li dawk jiżguraw u jippromwovu, mill-bidu nett, il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet fundamentali neċessarji għall-governanza demokratika u tal-Istat tad-dritt, mill-parlament nazzjonali sal-gvern u sas-sistema ġudizzjarja, inkluż il-qrati, il-prosekutur pubbliku u l-awtoritajiet inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-liġi;

D. billi l-proċess ta' adeżjoni mal-UE għandu jsir mutur għat-tkomplija tar-riformi, kif ukoll il-fattur ewlieni li jiżgura kooperazzjoni kostruttiva u responsabbli fi ħdan il-forzi politiċi tal-pajjiż;

E. billi, sa mill-ftehim ta' Novembru 2011 bejn il-partit fil-gvern u l-oppożizzjoni, sar progress viżibbli fl-aġenda tar-riformi; billi għad fadal sfidi li jeħtieġu jkunu ttrattati ħalli jsir progress fit-triq lejn l-adeżjoni mal-UE;

F. billi r-riformi fis-settur soċjali u l-implimentazzjoni effikaċi tagħhom huma importanti daqs ir-riformi fil-qasam tal-eżekuzzjoni tal-liġi u tal-iżvilupp tal-infrastrutturi biex jiġu offruti stabilità u koeżjoni soċjali, u li dan għandu jiġi rifless anki fil-finanzjament li ġej mill-UE; billi għalhekk ikun opportun li l-Kummissjoni dan tqisu b'rabta mal-abbozzar tal-istrateġija għall-Albanija għall-perjodu 2014-2020;

G. billi l-Albanija għadha tiżvolġi rwol ta' stabbilizzazzjoni fil-Balkani tal-Punent;

H. billi, bis-saħħa tal-isforzi ta' riforma tagħha u sal-punt li fih jixtieq il-poplu Albaniż, l-Albanija tista' tgħaddi fl-2012 għall-fażi li jmiss tal-proċess ta' adeżjoni tagħha, b'hekk tassumi l-istatus ta' pajjiż kandidat għall-adeżjoni, bil-patt li tilħaq il-massa kritika tar-riżultati konkreti fl-oqsma ta' riforma pendenti;

I. billi l-Unjoni Ewropea tqiegħed l-Istat tad-dritt fil-qalba tal-proċess ta' tkabbir;

---

([1]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 85.

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Itenni s-sostenn totali tiegħu favur l-adeżjoni futura tal-Albanija mal-Unjoni Ewropea; jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni skont liema l-pajjiż għandu jingħata l-istatus ta' kandidat bil-patt li jitkomplew u jkunu adottati r-riformi prinċipali fl-ambitu tas-sistema ġudizzjarja u tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mar-reviżjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Parlament; jifraħ lill-Albanija għal dan il-pass 'il quddiem importanti u jinkoraġġixxi l-gvern jadotta l-miżuri indispensabbli kollha għall-implimentazzjoni tal-impenji diġà meħuda; jistieden lill-Kunsill jagħti lill-Albanija l-istatus ta' pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-UE mingħajr dewmien, suġġett għat-tlestija tar-riformi prinċipali msemmijin hawn fuq;

2. Ifaħħar l-isforzi riżoluti tal-gvern u tal-oppożizzjoni għall-kooperazzjoni fir-riformi, u jirrikonoxxi l-importanza tal-ftehim politiku ta' Novembru 2011 li temm il-perjodu ta' stall twil u li witta t-triq għall-progress fl-implimentazzjoni tat-12-il prijorità; jistieden kemm lill-maġġoranza fil-gvern kif ukoll lill-forzi tal-oppożizzjoni jsostnu l-kooperazzjoni trasversali fost il-partiti u jikkontribwixxu għas-suċċess tal-adozzjoni u għall-implimentazzjoni konsistenti tar-riformi prinċipali meħtieġa għall-ftuħ tan-negozjati formali tal-adeżjoni; jenfasizza li l-partiti u l-atturi politiċi kollha fl-Albanija, fosthom il-mezzi tal-komunikazzjoni u s-soċjetà ċivili, għandhom jirsistu biex itejbu l-klima politika fil-pajjiż bil-għan li jitħalla jsir djalogu u jkun hemm fehim reċiproku; jistieden, għaldaqstant, lill-partiti politiċi kollha jimpenjaw sinċerament ruħhom biex itejbu l-klima politika fil-pajjiż; jistieden lill-forzi politiċi fl-Albanija ma jħallux li l-pajjiż jitbiegħed mit-triq għall-adeżjoni mal-UE matul il-kampanja elettorali tas-sena d-dieħla;

3. Jisħaq fuq l-importanza ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, li jikkonferixxu leġittimità lill-istituzzjonijiet demokratiċi u jippermettu l-funzjonament korrett tagħhom; jistieden lill-forzi politiċi kollha jmexxu l-kampanja elettorali tas-sena d-dieħla u l-elezzjonijiet parlamentari tal-2013 b'mod ħieles u ġust; jinsab konvint li l-elezzjonijiet se jikkostitwixxu prova importanti tal-livell ta' maturità tad-demokrazija Albaniża u tal-kapaċità tal-forzi politiċi kollha li jimpenjaw ruħhom f'aġenda komuni Ewropea għall-pajjiż, u se jiżvolġu rwol essenzjali biex jitmexxa 'l quddiem il-proċess ta' adeżjoni; ifakkar li l-konsolidament demokratiku jippresupponi proċess elettorali ħieles u ġust b'riżultati meqjusa leġittimi mill-partiti politiċi rilevanti kollha; jilqa' favorevolment il-kunsens politiku dwar l-emendi għall-qafas leġiżlattiv elettorali li indirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-ODIHR/OSKE;

4. Jistieden lill-forzi politiċi kollha jkomplu jadottaw riformi konkreti li jwasslu għal riżultati tanġibbli għall-ġid taċ-ċittadini kollha; iqis importanti li s-soċjetà ċivili, il-mezzi tal-komunikazzjoni u ċ-ċittadini Albaniżi jqisu lill-mexxejja tagħha responsabbli mir-riżultati tal-politiki speċifiċi;

***Konsolidament tad-demokrazija u tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem***

5. Isostni li d-demokrazija u l-Istat tad-dritt huma l-aqwa gwardjani tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali;

6. Isostni enerġikament id-djalogu politiku kostruttiv, li mhux biss jirrappreżenta element kruċjali tat-12-il prijorità fundamentali iżda wkoll rekwiżit preliminari ta' demokrazija li taħdem; iħeġġeġ lill-élite politika ssaħħaħ id-djalogu trasversali bejn il-partiti u l-kunsens dwar ir-riformi biex tippermetti lill-pajjiż jagħmel progress marbut mal-adeżjoni;

7. Jilqa' pożittivament il-progress tal-Albanija lejn ir-rispett tal-kriterji politiċi għall-adeżjoni mal-UE; josserva li d-djalogu politiku kostruttiv kien element importanti biex jintlaħqu riżultati konkreti għal dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tat-12-il prijorità fundamentali, partikolarment dawk rigward il-funzjonament tajjeb tal-parlament, l-adozzjoni tal-liġijiet pendenti li jeħtieġu maġġoranza msaħħa, il-ħatra tal-ombudsman u l-iżvolġiment ta' proċedura ta' smigħ u ta' vot għall-istituzzjonali prinċipali u l-modifika tal-qafas leġiżlattiv għall-elezzjonijiet;

8. Jilqa' pożittivament l-elezzjoni tal-President il-ġdid; josserva li l-proċess elettorali kien konformi mal-kostituzzjoni; jiddispjaċih, madankollu, li l-proċess politiku marbut mal-elezzjoni ma nbeniex fuq djalogu trasversali fost il-partiti; jenfasizza li r-rwol tal-President huwa fundamentali biex jgħaqqad in-nazzjon u jiżgura l-istabilità u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet statali;

9. Japprezza d-djalogu f'fażi ta' żvilupp bejn is-soċjetà ċivili u l-gvern Albaniż; jenfasizza l-bżonn li tinżamm l-ispinta ta' din ir-relazzjoni u li jiġu kkonsolidati r-riżultati tagħha;

10. Jenfasizza l-importanza ta' istituzzjonijiet rappreżentattivi li jiffunzjonaw bis-sħiħ, li huma s-sinsla ta' sistema demokratika konsolidata u l-kriterju politiku ewlieni għall-integrazzjoni fl-UE; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol essenzjali tal-parlament u jħeġġeġ lill-forzi politiċi attivi fil-pajjiż itejbu l-funzjonament tiegħu, jadottaw u jimplimentaw ir-riforma

**Il-Ħamis 13 ta’ Diċembru 2012**

pendenti dwar ir-regoli ta’ proċedura tal-parlament, ikomplu jsaħħu r-rwol ta’ kontroll tal-istituzzjoni, anki permezz ta’ użu akbar ta’ interpellanzi lill-membri tal-gvern, itejbu l-kapaċità ta’ abbozzar leġiżlattiv u jsaħħu l-konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili, tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet soċjali;

11. Jieħu nota tal-progress limitat fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jadottaw miżuri ulterjuri intiżi li jiggarantixxu l-indipendenza, l-integrità, it-trasparenza, r-responsabilità u l-effiċjenza reali tal-ġudikatura u l-libertà tagħha mill-indħil politiku u mill-korruzzjoni, bil-għan li jagħtu liċ-ċittadini aċċess indaqs għall-qrati, jiżguraw li l-proċessi jsiru f’tul ta’ żmien raġonevoli u jaċċeleraw il-progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta’ riforma tal-ġudikatura, inkluża l-adozzjoni tal-emendi għal-liġi dwar il-Qorti Suprema; iqis ta’ importanza li r-riforma tas-sistema ġudizzjarja tkun proċess gradwali u irreversibbli, li jinvolvi mekkaniżmi solidi ta’ konsultazzjoni intiżi li jżidu l-effiċjenza tas-sistema, u li l-ġudikatura tingħata biżżejjed fondi biex tkun tista’ topera b’mod effikaċi fil-pajjiż kollu;

12. Jisħaq fuq il-fatt li għandha tiġi intensifikata l-eżekuzzjoni tal-liġi kontra t-traffikar tal-bnedmin kif ukoll l-isforzi fil-qasam tal-protezzjoni tal-vittmi; jappella għall-adozzjoni ta’ strateġija fil-qasam tal-ġustizzja tal-minorenni u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, li tikkostitwixxi rekwiżit preliminari għal sistema ġudizzjarja effikaċi u li taħdem sew;

13. Japprezza l-approċċ il-ġdid tal-Kummissjoni u l-impenn tagħha biex tqiegħed l-Istat tad-dritt fil-qalba tal-proċess ta’ tkabbir; huwa tal-fehma li tali approċċ għandu jikkostitwixxi inċentiv ulterjuri għar-riformi ġudizzjarji prinċipali u jkompli jaġevola l-progress tal-Albanija f’dawn l-oqsma, b’hekk jippermetti li jintlaħqu riżultati konkreti u tinbena kredibilità bil-provi fil-qasam tal-implimentazzjoni;

14. Jisħaq fuq il-bżonn ta’ eliminazzjoni tar-riskji ta’ politiċizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, ta’ ħolqien ta’ amministrazzjoni pubblika indipendenti, meritokratika u professjonali li topera b’mod trasparenti u li hi kapaċi tadotta liġijiet u timplimentahom; japprezza l-proċedura għall-ħolqien tal-Iskola Albaniża għall-Amministrazzjoni Pubblika; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu dwar il-ħatra tal-ombudsman b’mod miftuħ u trasparenti, u jitlob li jingħata sostenn politiku xieraq lil din l-istituzzjoni;

15. Jilqa’ favorevolment il-ħatra tal-ombudsman f’Diċembru 2011; jitlob lill-awtoritajiet Albaniżi jagħtu sostenn politiku adegwat u riżorsi adegwati lill-uffiċċju tal-ombudsman; iħeġġeġ lis-soċjetà ċivili Albaniża u ċ-ċittadinanza inġenerali jagħmlu użu sħiħ ta’ din l-istituzzjoni biex jtejbu s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

16. Jinsab imħasseb bir-rwol predominanti li l-korruzzjoni għad għandha fil-ħajja taċ-ċittadini; jirrakkomanda enerġikament li tkompli tiġi applikata tolleranza żero fil-kwistjonijiet dwar korruzzjoni u l-użu ħażin ta’ fondi pubbliċi, filwaqt jiġi garantit li l-indagati jkunu pproċessati b’mod ħieles u ekwu bi proċess ġust; jitlob l-implimentazzjoni mħaffa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta’ Stati kontra l-Korruzzjoni, speċjalment dawk relatati mal-inkriminazzjoni u mal-finanzjament tal-partiti politiċi; josserva li hemm bżonn implimentazzjoni ulterjuri tal-politiki għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jikkonstata li l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-korruzzjoni miexja bil-mod wisq;

17. Jenfasizza l-bżonn li għandu jingħata segwitu għall-avvenimenti ta’ Jannar 2011 mingħajr aktar dewmien jew ostakli, permezz ta’ investigazzjoni kriminali komprensiva u indipendenti u bi proċedimenti ġudizzjarji kredibbli;

18. Jilqa’ pożittivament l-impenn tal-forzi politiki kollha biex jiġġieldu kontra l-impunità, u japprezza l-kunsens li ntlaħaq fil-parlament favur ir-riforma tas-sistema tal-immunità li tippermetti li ssir investigazzjoni fuq impjegati ċivili ta’ livell għoli, imħallfin u prosekuturi; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti kollha jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti ta’ din is-sistema; jistieden lill-awtoritajiet Albaniżi jsaħħu l-implimentazzjoni u l-koordinament istituzzjonali tal-istrateġija tal-gvern għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni għall-perjodu 2007-2013; jenfasizza l-bżonn li jissaħħaħ l-impenn politiku biex isir progress regolari fl-investigazzjonijiet u fil-kundanni, anke f’każijiet ta’ korruzzjoni f’livell għoli;

19. Jilqa’ b’sodisfazzjon l-isforzi biex titrażżan il-kriminalità organizzata, b’mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra l-mafja, inkluż rikors akbar għall-konfiska tal-beni li ġejjin minn attivitajiet kriminali; jistieden lill-awtoritajiet ikomplu jintensifikaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fl-Albanija u mal-pajjiżi ġirien;

20. Jikkonstata tal-progress miksub fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u fil-ġestjoni tal-fruntieri; jenfasizza l-bżonn li jitkomplew ir-riformi f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari billi jiżdied il-koordinament bejn l-istituzzjonijet inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-liġi;

21. Jenfasizza l-bżonn li l-isforzi jinżammu biex jiġi garantit li ħidmet il-pulizija tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u tkun orjentata lejn ir-riżultati; jappella għal azzjoni aktar proattiva u effikaċi biex jitħarrku dawk responsabbli tat-traffikar tal-bnedmin u jitħarsu l-vittmi;

22. Jenfasizza l-importanza kruċjali li l-mezzi tal-komunikazzjoni professjonali, indipendenti u pluralistiċi pubbliċi u privati, bħala s-sinsla tad-demokrazija; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jiggarantixxi u jippromwovu l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni u l-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni permezz ta' mezzi tal-komunikazzjoni ħielsa mill-indħil politiku jew ta' xort'oħra, u jieħdu miżuri intiżi li jiżguraw it-trasparenza għal dik li hija l-proprjetà tal-mezzi tal-informazzjoni u tal-finanzjament tagħha;

23. Jinsab imħasseb dwar il-libertà ta' espressjoni, l-indipendenza tal-mezzi tal-komunikazzjoni u b'mod partikolari l-indipendenza tal-awtorità regolatorja, il-Kunsill Nazzjonali għas-Servizzi tar-Radju u t-Televiżjoni; jiddeplora l-fatt li l-awtorità regolatorja għad jonqsilha biżżejjed kapaċità amministrattiva u teknika u indipendenza editorjali; jitlob l-adozzjoni tal-liġi dwar is-servizzi tal-midja awdjoviżiva;

24. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-indħil dirett tal-gvern fil-ħatriet maniġerjali mix-xandar pubbliku, li qiegħed ixekkel l-iżvilupp tal-pluraliżmu politiku u b'hekk it-tisħiħ tad-demokrazija, u dwar il-fatt li l-indipendenza editorjali mill-gvern ma ssaħħitx; jinsab imħasseb dawr il-fatt li l-malafama għall-ġurnalisti għadha ppenalizzata b'multi għoljin, li twassal għall-awtoċensura ġurnalistika; jappella għall-implimentazzjoni kredibbli u effikaċi tal-miżuri għall-protezzjoni tal-ġurnalisti; huwa inkwetat ħafna minħabba l-prekarjetà tal-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-ġurnalisti u jiddeplora l-assenza kontinwa ta' drittijiet stabbiliti bil-liġi għall-ġurnalisti bħala ħaddiema u l-fatt li ħafna minnhom mhumiex rimunerati mill-proprjetarji tal-mezzi tal-komunikazzjoni;

25. Jistieden lill-awtoritajiet jallinjaw il-leġiżlazzjoni dwar l-elezzjonijiet, il-libertà ta' għaqda, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni mal-istandards internazzjonali, u jimplimentawha totalment; jistieden lill-awtoritajiet jippromwovu u jsostnu l-libertà diġitali, li titqies parti integranti tal-kriterji ta' adeżjoni;

26. Jirrikonoxxi l-progress li sar fir-rigward tal-protezzjoni tal-minoranzi; josserva, madankollu, li jenħtieġu sforzi ulterjuri fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-persuni vulnerabbli għad-diskriminazzjoni; ifakkar, b'rabta ma' dan, lill-Gvern Albaniż fir-responsabilità tiegħu li joħloq ambjent ta' inklużjoni u ta' tolleranza fil-pajjiż; jappella għal interventi deċiżivi biex iħarsu globalment id-drittijiet tal-bniedem u jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-membri tal-gruppi minoritarji preżenti fit-totalità tal-pajjiż, anki billi jiġu implimentati l-miżuri diġà eżistenti relatati mal-użu tal-lingwi minoritarji fl-edukazzjoni, fir-reliġjon u fil-mezzi tal-informazzjoni tal-massa, u billi tiġi miġġielda kull forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom;

27. Jissottolinja l-bżonn li dawn id-drittijiet jiġu garantiti lill-gruppi minoritarji kollha u mhux biss lill-minoranzi nazzjonali; jenfasizza wkoll li hemm bżonn ta' sforzi ulterjuri biex ikunu żgurati id-drittijiet patrimonjali u ta' proprjetà tal-gruppi minoritarji; jinnota bi tħassib in-nuqqas kontinwu ta' riżorsi għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għar-Rom; jappella għal aktar responsabilità rigward is-servizzi fornuti lill-minoranzi u lill-gruppi vulnerabbli; jenfasizza l-importanza tar-rispett tal-prinċipju ta' awtoidentifikazzjoni u jappella għall-ipproċessar oġġettiv u trasparenti tad-data taċ-ċensiment bi qbil mal-istandards rikonoxxuti fuq livell internazzjonali;

28. Jilqa' favorevolment il-progress li sar fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBT, partikolarment il-fatt li l-ewwel dimostrazzjoni pubblika tal-persuni LGBT, li saret f'Tirana fis-17 ta' Mejju 2012, saret f'kundizzjonijiet sikuri u fi klima ta' festa; jirrifjuta bil-qawwa, iżda, id-dikjarazzjonijiet diskriminatorji magħmula mill-Viċi Ministru tad-Difiża f'dik l-istess ġurnata, iżda japprezza l-kritika espressa mill-Prim Ministru Sali Berisha f'dan ir-rigward; jisħaq fuq il-fatt li l-persuni LGBT għadhom qegħdin jiġu diskriminati u jenfasizza l-bżonn urġenti li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni biex jiġu ttrattati d-dispożizzjonijiet potenzjalment diskriminatorji u li jintwera li ntlaħqu riżultati;

29. Jappella li jsir progress neċessarju fil-qasam tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u fl-implimentazzjoni ta' politiki intiżi li jiżguraw id-drittijiet tan-nisa u l-parità tal-ġeneru, id-drittijiet tal-persuni LGBT, tat-tfal, tal-persuni soċjalment vulnerabbli u l-persuni b'diżabilità, kif ukoll tal-minoranzi, billi għadhom jiġu rrapportati każijiet ta' diskriminazzjoni fil-

konfront ta' persuni LGBT, tal-minoranza Rom u ta' gruppi vulnerabbli oħrajn; jenfasizza l-bżonn ta' titjib fid-drittijiet u fil-kwalità tal-ħajja ta' dawk il-persuni li jiddependu mill-Istat bħall-priġunieri, l-orfni u dawk li jbatu minn mard mentali;

30. Jilqa' favorevolment il-liġijiet promulgati u l-miżuri introdotti għall-promozzjoni tal-parità tal-ġeneru, iżda jikkunsidra bħala inadegwata l-implimentazzjoni reali tagħhom billi n-nisa għadhom għadhom isofru minn inugwaljanza fir-rigward tal-aċċess tagħhom għall-ħajja politika u għas-suq tax-xogħol;

31. Jikkonstata li għad jeżistu fenomeni bħall-vjolenza domestika, il-prostituzzjoni furzata u l-livell ferm għoli ta' traffikar ta' nisa u tfal, u li jonqos il-koordinament meħtieġ tal-korpi kompetenti bil-għan li jiġi garantit li n-nisa u t-tfal jitħarsu b'mod sostanzjali; ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat lill-vittmi l-aċċess għall-assistenza legali kompluta u għall-appoġġ psikoloġiku u jħeġġeġ lill-awtoritajiet jintervjenu, anki billi jżidu l-finanzjamenti għall-aġenziji u s-servizzi, biex jiġu eliminati l-fenomeni tal-vjolenza u tal-inugwaljanza; jisħaq fuq il-bżonn urġenti li jiddaħħlu u jiġu implimentati miżuri ngħidu aħna bħal strutturi speċjalizzati għall-forniment ta' servizzi soċjali u ċentri ta' riabilitazzjoni, u tiġi żviluppata n-netwerk ta' ċentri ta' akkoljenza u organizzazzjonijiet li jagħtu appoġġ lin-nisa u lit-tfal, anki fid-dawl tar-reintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà; jesprimi apprezzament għal-linja telefonika bla ħlas u dejjem attiva biex tagħti assistenza lill-vittmi, it-tisħiħ tal-unità għall-protezzjoni tat-tfal u l-eżempju tajjeb ta' kooperazzjoni li taw il-muniċipalità ta' Tirana, il-pulizija, is-sistema ġudizzjarja u l-NGOs biex jagħtu appoġġ konġunt lill-vittmi;

32. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal, anki billi jitjiebu l-kundizzjonjiet fl-istituti statali għall-indukrar tat-tfal, billi jiġu ffaċilitati l-opportunitajiet ta' foster care u jiġi miġġieled bil-qawwa t-traffikar tal-bniedem u t-tħaddim tat-tfal;

33. Jenfasizza l-bżonn li tiġi stabbilita sistema ta' edukazzjoni moderna ċċentrata fuq l-istudent u fuq l-għoti tal-aħjar edukazzjoni possibbli; iqis importanti li t-tfal kollha, speċjalment dawk li ġejjin minn familji b'introjtu baxx u minn gruppi minoritarji, għandhom ikunilhom żgurat aċċess għall-edukazzjoni u għall-materjal didattiku; josserva l-obbligu min-naħa tal-gvern li jagħti edukazzjoni ta' livell akkademiku u tekniku għoli kif ukoll drittijiet tax-xogħol stabbiliti fil-korsijiet għal diploma, bil-għan li l-gradwati żgħażagħ jingħataw inċentiv biex jikkontribwixxu s-servizzi tagħhom għall-progress tal-pajjiż;

34. Jistieden lill-gvern jiggarantixxi bis-sħiħ ir-rispett tal-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol fis-settur pubbliku u f'dak privat u tad-drittijiet tat-trade unions billi jsaħħaħ il-prattika tal-medjazzjoni biex tirriżolvi t-tilwim fil-qasam tax-xogħol; jistieden lill-gvern ikompli jtejjeb id-djalogu tripartitiku fil-Kunsill Nazzjonali tax-Xogħol billi jwessa' l-kompetenzi tiegħu biex jinkludi l-approvazzjoni tal-pakketti politiċi u leġiżlattivi fil-qasam soċjali u ekomoniku ewlenin u jsaħħaħ ir-rwol tat-trade unions fi ħdanu;

35. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' pjan ta' azzjoni favur l-impjiegi u dwar it-tnaqqis tal-baġit għall-implimentazzjoni tar-riformi fil-qasam tal-assistenza u tal-protezzjoni soċjali; jistieden lill-awtoritajiet Albaniżi jfasslu dan it-tip ta' pjan ta' azzjoni; jitlob li ssir kumpilazzjoni ta' statistika regolari dwar is-suq tax-xogħol, konformement ma' dik tal-pajjiżi oħrajn f'fażi ta' adeżjoni u tal-Eurostat, sabiex isegwi u jqabbel aħjar is-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-Albanija;

36. Jistieden lill-awtoritajiet ikomplu jtejbu t-trattament tal-persuni detenuti u tal-priġunieri konformement mar-rakkomandazzjonijiet tal-ombudsman nazzjonali u mal-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, billi għadhom qegħdin jiġu rrapportati każijiet ta' trattament ħażin; jisħaq fuq il-bżonn ta' tnaqqis tal-frekwenza ta' arrest preventiv qabel is-smigħ tal-kawża għall-awturi ta' reati minuri u jiddeplora enerġikament l-arresti preventivi mtawlin qabel is-smigħ tal-kawża ta' minorenni u r-rikors eċċessiv għal dan il-provvediment, anki f'istituti mhux idonei għar-reintegrazzjoni ta' minorenni; iħeġġeġ l-adozzjoni ta' strateġija fil-qasam tal-ġustizzja għall-minorenni u pjan ta' azzjoni relatat bil-għan li jittratta n-nuqqasijiet eżistenti fil-leġiżlazzjoni u fil-prassi, bi qbil mal-istandards internazzjonali u mal-aħjar prassi ta' pajjiżi Ewropej oħrajn;

37. Jenfasizza l-importanza li jiġu ċċarati d-drittijiet għall-proprjetà u l-implimentazzjoni bis-sħiħ tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali għal dawn id-drittijiet; jissottolinja l-bżonn ta' konsultazzjonijiet bir-reqqa mal-partijiet interessati kollha tul il-proċediment; jistieden lill-Kummissjoni tagħti appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni;

38. Jistieden lill-gvern u lill-korpi kollha responsabbli jagħmlu l-almu tagħhom biex jimplimentaw b'mod strett il-kriterji u l-miżuri neċessarji kollha għall-eżenzjoni mill-obbligu tal-viża fil-pajjiżi Schengen; iqis bħala neċessarju li ċ-ċittadini jinżammu infurmati kif xieraq bil-limiti tar-reġim ta' eżenzjoni mill-obbligu tal-viża, b'mod li jiġi evitat kull tip ta' abbuż tal-

libertà ta' vjaġġar u tal-politika tal-liberalizzazzjoni tal-viżi; jikkonstata li l-liberalizzazzjoni tal-viżi kienet waħda mill-akbar suċċessi fil-progress reċenti tal-pajjiż fi triqtu lejn l-adeżjoni mal-UE;

***Riformi soċjoekonomiċi***

39. Jistieden lill-gvern ivara u jimplimenta riformi strutturali u riformi marbuta mal-Istat tad-dritt, li d-dgħufija tagħhom qiegħda tostakola anki l-eżegwibilità tal-kuntratti, b'mod li jżomm l-istabilità makroekonomika u jżid l-kuntest ekonomiku favorevoli għall-investimenti, għat-tkabbir ekonomiku u għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli għall-ġid taċ-ċittadini; jinkoraġġixxi lill-gvern ikompli jittratta l-kwistjoni tad-drittijiet għall-proprjetà, itejjeb is-sistema ta' ġbir tat-taxxa, jikkonċentra fuq l-infrastruttura u r-riżorsi umani u jsolvi problemi bħall-ekonomija informali fuq skala kbira u l-assenza ta' regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol, fatturi li qegħdin jostakolaw il-koeżjoni soċjali u l-prospettivi ekonomiċi tal-pajjiż;

40. Jisħaq fuq il-bżonn li tingħata attenzjoni partikolari lis-sigurtà enerġetika, lid-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija u lit-titjib tan-netwerks tat-trasport pubbliku; jiddispjaċih bl-inadegwatezza tat-trasport pubbliku, b'mod partikolari tal-ferrovija, u tal-ġestjoni ħażina tan-netwerks tat-trasport;

41. Jappella għal progress akbar fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali u tat-tibdil fil-klima, l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni ambjentali u kooperazzjoni reġjonali aktar stretta bil-għan li tiġi promossa s-sostenibilità ambjentali; jistieden lill-gvern jagħti prijorità lis-salvagwardja tal-pajsaġġ eċċezzjonali tal-Albanija, u biex jaċċelera l-allinjament mal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma tal-kwalità tal-arja u tal-ilma, tal-ġestjoni tal-iskart u tal-kontroll tat-tniġġis industrijali; iħeġġeġ lill-gvern jiżviluppa politiki dwar is-sorsi enerġetiċi rinnovabbli, jittratta b'mod iktar effikaċi l-problema tal-ġestjoni tal-iskart u tal-importazzjonijiet illegali ta' skart u jiżviluppa turiżmu ekosostenibbli; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jimplimentaw bis-sħiħ il-Pjan Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart u jistabbilixxu infrastruttura għall-monitoraġġ tal-iskart trasparenti u li taħdem sew f'kooperazzjoni stretta mal-atturi u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali u nazzjonali;

42. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar r-rata ta' qgħad għoli, minkejja l-fatt li hi anqas milli kienet fil-passat, u l-għadd persistenti ta' Albaniżi li għadhom qegħdin jgħixu taħt il-linja tal-faqar; iħeġġeġ lill-gvern jieħu l-miżuri kollha possibbli biex jittratta l-faqar estrem u joħloq sistema ta' protezzjoni soċjali għaċ-ċittadini finanzjarjament aktar dgħajfa u dawk fil-bżonn, inklużi l-kategoriji vulnerabbli bħat-tfal, il-persuni b'diżabilità u l-gruppi minoritarji; iqis li huwa importanti li jkollhom aċċess indaqs għall-edukazzjoni, għas-saħħa, għall-akkomodazzjoni u għas-servizzi pubbliċi;

43. Jirrakkomanda investimenti pubbliċi moderni biex jitrawwen l-iżvilupp sostenibbli u jitnaqqas il-qgħad; jinsab konvint li programm komprensiv ta' investimenti pubbliċi se jgħin ukoll biex jiġi valorizzat il-potenzjal tal-gradwati żgħażagħ Albaniżi; jistieden lill-gvern jadotta provvedimenti u leġiżlazzjoni ulterjuri bil-għan li jippromwovi l-impjiegi u t-tkabbir;

44. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-qagħda tal-ex priġunieri politiċi, li wħud minnhom dan l-aħħar organizzaw dimostrazzjonijiet; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jimplimentaw bis-sħiħ il-liġi dwar il-kumpens tal-ex priġunieri politiċi;

***Trawwim tal-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali***

45. Ifaħħar it-trawwim ta' relazzjonijiet ta' bon viċinat min-naħa tal-Albanija; itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-konfini fil-Balkani tal-Punent għandhom ikunu totalment rispettati, u jħeġġeġ lill-Albanija u jitlob lill-partijiet kollha kkonċernati jastjenu minn kull azzjoni li tista' tikkawża tensjonijiet reġjonali; jilqa' favorevolment il-politiki tal-gvern fil-konfront tal-komunitajiet Albaniżi fil-pajjiżi ġirien, partikolarment billi taħom parir biex jikkooperaw mal-gvernijiet rispettivi tagħhom fir-riżoluzzjoni tal-problemi;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

46. Jistieden lill-Albanija tirrevoka l-ftehim bilaterali ta' immunità konkluż mal-Istati Uniti, peress li dan mhuwiex konsistenti mal-politika tal-UE dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u jimmina l-integrità tal-Istatut ta' Ruma, u tkompli tappoġġa l-QKI u tikkoopera minnufih u bis-sħiħ magħha;

o

o o

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Albanija.

---

P7_TA(2012)0509

## L-industrija tal-azzar tal-UE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar l-industrija tal-azzar tal-UE (2012/2833 (RSP))**

(2015/C 434/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li huwa bbażat fuq it-Trattat KEFA,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-industrija tal-azzar u r-ristrutturazzjoni, it-trasferiment u l-għeluq ta' kumpaniji fl-UE,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2011 bl-isem "Naffrontaw l-isfidi fis-swieq tal-prodotti bażiċi u dawk marbuta mal-materja prima" (COM(2011)0025),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropa 2020,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2012 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "Industrija Ewropea Aktar B'saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku" (COM(2012)0582),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar l-industrija tal-azzar tal-UE (O-000184/2012 – B7-0368/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) u l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, wara tmiem it-Trattat KEFA, is-setturi tal-faħam u tal-azzar huma rregolati bid-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE;

B. billi wieħed mill-objettivi tal-Unjoni Ewropea huwa li tappoġġa l-industrija tal-manifattura u tagħmilha kompetittiva, sostenibbli u kapaċi tadatta għall-kundizzjonijiet tas-swieq Ewropej u mhux Ewropej li qed jinbidlu, peress li dan huwa essenzjali għat-tkabbir u l-prosperità fl-Ewropa;

C. billi l-industrija Ewropea tal-azzar għaddejja minn tnaqqis sostanzjali tad-domanda, li qed joħloq telf progressiv ta' impjiegi u kompetittività;

D. billi l-industrija tal-azzar hija ta' importanza strateġika għall-ekonomija tal-UE, u billi huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea kollha li tippreserva l-attivitajiet li jiffurmaw it-tessut industrijali tagħha u li tiżgura s-sikurezza tal-provvista tal-enerġija permezz tal-produzzjoni interna;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

E. billi industrija tal-azzar Ewropea kompetittiva tikkostitwixxi s-sinsla tal-iżvilupp u l-ħolqien tal-valur għal ħafna setturi industrijali ewlenin, bħas-setturi tal-karozzi, tal-kostruzzjoni u tal-inġinerija mekkanika;

F. billi l-industrija tal-azzar qed taffaċċja sfidi sinifikanti, bħat-tnaqqis sostanzjali fid-domanda, kompetizzjoni qawwija mill-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li għandhom regolamenti u standards differenti, aċċess diffiċli għall-materja prima u spejjeż ogħla, li wasslu għar-ristrutturazzjoni, il-fużjonijiet industrijali u t-telf tal-impjiegi;

G. billi l-impjiegi fl-industrija tal-azzar waqgħu minn madwar miljun impjieg fl-1970 għal madwar 369 000 fl-2012, u billi hemm miljuni ta' ħaddiema fl-industriji downstream tal-produzzjoni tiegħu;

H. billi, skont data ppubblikata mill-Kummissjoni, l-esportazzjonijiet tal-azzar tal-UE fl-2010 laħqu t-33,7 miljun tunnellata (EUR 32 biljun), u l-akbar swieq għall-esportazzjonijiet tal-azzar tal-UE huma t-Turkija, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Alġerija, l-Isvizzera, ir-Russja u l-Indja, filwaqt li l-importazzjonijiet tal-azzar mill-UE fl-2010 laħqu s-26,8 miljun tunnellata (EUR 18-il biljun), fejn l-akbar sorsi ta' importazzjoni kienu r-Russja, l-Ukraina, iċ-Ċina, it-Turkija, il-Korea t'Isfel, l-Isvizzera u s-Serbja;

I. billi l-kriżi attwali qed toħloq sfidi soċjali enormi għall-ħaddiema u r-reġjuni affettwati, u billi dawk il-kumpaniji involuti fir-ristrutturazzjoni għandhom jaġixxu b'mod soċjalment responsabbli, peress li l-esperjenza wrietna li r-ristrutturazzjoni b'suċċess inkisbet biss permezz ta' djalogu soċjali adegwat;

J. billi industriji b'teknoloġija għolja – bħal pereżempju s-settur tal-azzar – huma meqjusa bħala mudell ta' għarfien teknoloġiku, u għalhekk għandhom jinżammu bit-teħid ta' azzjoni immedjata biex tiġi evitata d-delokalizzazzjoni tagħhom barra t-territorju tal-UE;

1. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi malajr stampa ċara tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-isfidi ewlenin li qed taffaċċja l-industrija tal-azzar fl-Ewropa; jenfasizza li huwa importanti li l-Kummissjoni timmonitorja bir-reqqa żviluppi attwali sabiex tissalvagwardja l-wirt industrijali Ewropew u l-forza tax-xogħol involuta;

2. Itenni li l-Kummissjoni hija intitolata, wara tmiem it-Trattat KEFA, li tindirizza l-impatt ekonomiku u soċjali tal-iżviluppi fl-industrija tal-azzar Ewropea, u jistieden lill-Kummissjoni biex tqis l-esperjenza pożittiva tal-KEFA u biex tistabbilixxi korp tripartitiku (trejdjunjins, industrija u Kummissjoni) għal ħidma lejn żvilupp ulterjuri tal-industrija Ewropea tal-azzar u biex jiżguraw l-antiċipazzjoni, il-konsultazzjoni u l-għoti tal-informazzjoni lill-ħaddiema u biex jiżguraw il-konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali tad-Direttiva dwar l-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet ([1]);

3. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq riflessjoni attenta dwar inizjattivi strateġiċi fuq perjodu ta' żmien medju jew twil biex tappoġġa u tmantni l-industrija tal-azzar u s-setturi downstream tiegħu;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħti iktar importanza lill-politika industrijali biex tqajjem il-kompetittività tal-industrija Ewropea, meta mqabbla mas-suq dinji, sabiex tiggarantixxi kundizzjonijiet ekwi filwaqt li tiżgura standards soċjali u ambjentali għoljin fl-UE u taħdem għar-reċiproċità fil-pajjiżi terzi;

5. Jemmen li l-irkupru ekonomiku Ewropew jiddependi minn industrija tal-manifattura aktar b'saħħitha; jirrimarka li l-azzar għandu rwol ewlieni fl-iżgurar tal-kompetittività ta' industriji strateġiċi downstream, li jbatu minn industrija tal-azzar Ewropea iċken u jsiru dipendenti minn importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, li jagħmilhom vulnerabbli;

6. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal żvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni Ewropew għas-settur tal-azzar sa Ġunju 2013, iżda jenfasizza l-bżonn li dan jiġi ppreżentat mill-iktar fis;

7. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha li ma testendix lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2012 is-sistema preċedenti ta' sorveljanza għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar u ta' pajpijiet tal-azzar, stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1241/2009 ([2]), u biex tinkludi dik is-sistema fil-Pjan ta' Azzjoni;

---

([1]) ĠU L 254, 30.9.1994, p. 64.
([2]) ĠU L 332, 17.12.2009, p. 54.

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha l-mobilizzazzjoni tal-għodda kollha disponibbli tal-UE, bħal żieda fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-effiċjenza tal-enerġija u l-effiċjenza tar-riżorsi, investiment immirat mill-Bank Ewropew tal-Investiment, politika attiva għall-ħiliet, rikwalifikazzjoni u taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u l-użu potenzjali tal-istrumenti finanzjarji tal-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, meta dan ikun meħtieġ, u inċentivi oħrajn biex tgħin lill-industrija tinvesti u timmodernizza;

9. Huwa tal-fehma li Pjan ta' Azzjoni bħal dan għandu jqis ukoll mezzi biex jiġu indirizzati u mtaffija l-ispejjeż kbar tal-enerġija u tal-materja prima, li jikkostitwixxu theddida għall-kompetittività tal-industrija tal-azzar; jenfasizza b'rabta ma' dan, li l-effiċjenza tal-enerġija u tar-riżorsi tista' toħloq tifdil sostanzjali, u f'dan ir-rigward jilqa' s-sħubija pubblika-privata SPIRE, iżda madankollu jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-settur tal-azzar innifsu jibqgħu jeżaminaw l-opportunitajiet disponibbli, iħeġġu l-istabbiliment ta' konsorzji kummerċjali u jippromwovu sistema ta' produzzjoni "closed-loop" bl-għan li jiġi rkuprat u użat mill-ġdid l-iskart, meta titqies il-limitazzjoni attwali u futura tal-provvista ta' materja prima;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-industrija tal-azzar fir-rieżami attwali tagħha ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u biex tevalwa l-fattibilità li tintroduċi ċertifikazzjoni tal-kwalità għal prodotti relatati mal-azzar;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq monitoraġġ tal-attivitajiet ta' ristrutturazzjoni jew rilokazzjoni u tiżgura, fuq bażi ta' każ b'każ, li dawn jitwettqu b'konformità stretta mal-liġi tal-UE dwar il-kompetizzjoni; huwa tal-fehma li l-abbużi potenzjali tal-pożizzjoni dominanti fis-suq ukoll għandhom jiġu monitorjati;

12. Jilqa' proġetti bħall-ULCOS (Ultra-Low Carbon Dioxide Steelmaking), li jservi bħala eżempju ta' inizjattiva ta' riċerka u żvilupp biex tgħin lill-industrija tal-azzar tkompli tnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tagħha, u jenfasizza l-ħtieġa għal attivitajiet kontinwi ta' investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, li huma kruċjali għall-illanċjar mill-ġdid u t-tiġdid ta' dan is-settur;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi futuri fl-istabbilimenti li jinsabu fi Florange, Liège, Terni, Galați, Schifflange, Piombino, Campia Turzii, Rodange, Otelu Rosu, Trieste, Silesia, Reşiţa, Targoviste, Călăraşi, Hunedoara, Buzău, Braila, Borlänge, Luleå, Oxelösund u fi bnadi oħra, li l-integrità tagħhom tinsab f'riskju, sabiex taċċerta li l-kompetittività tas-settur tal-azzar Ewropew u l-importanza tiegħu bħala settur ta' impjieg ma jkunux mhedda;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kumissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2012)0510

## Industrija tal-azzar sostenibbli u kompetittiva

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar industrija tal-azzar ġdida sostenibbli u kompetittiva, ibbażata fuq petizzjoni rċevuta (2012/2905(RSP)**

(2015/C 434/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Petizzjoni 760/2007, minn ċittadin Taljan, dwar il-fabbrika tal-ħadid ILVA u l-allarm tad-diossina f'Taranto,

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-31 ta' Marzu 2011, li ddikjarat li l-Italja kienet naqqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (IPPC),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 191(20 tat-TFUE u d-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-responsabbiltà ambjentali,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet tiegħu fil-kumitat mal-petizzjonanti kkonċernati, l-aktar reċenti fid-9 ta' Ottubru 2012, u mal-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 202(2) tar-Regoli ta' Proċedura,

A. billi l-petizzjonanti esprimew bil-qawwi t-tħassib tagħhom dwar il-livelli estremament għoljin ta' emissjonijiet ta' diossina mill-fabbrika tal-ħadid ILVA f'Taranto, li kellhom, u għadhom qed ikollhom, impatt sinifikanti ta' ħsara u fit-tul fuq is-saħħa tal-popolazzjoni lokali, fejn 20 000 familja għandhom membri li ħadmu fl-industrija tal-azzar jew f'assoċjazzjoni magħha, u fejn ir-rati tal-kontaminazzjoni fost il-popolazzjoni lokali wasslu għal livelli inaċċettabbli u li ma jistgħux jiġu ttollerati ta' mard u mard kroniku;

B. billi partijiet mill-fabbrika tal-ħadid ILVA reċentement ingħalqu mill-awtoritajiet Taljani sabiex jiġi evitat aktar tniġġis, filwaqt li l-awtoritajiet u s-sidien eżistenti tal-impjanti għandhom obbligu legali urġenti li jiżguraw aktar tnaqqis qawwi fl-emissjonijiet ta' ħsara;

C. billi s-sitwazzjoni prekarja u perikoluża tal-fabbrika tal-ħadid ILVA qed tikkawża wkoll degradazzjoni ambjentali u ħsara serji u problemi soċjali u ekonomiċi serji fin-Nofsinhar tal-Italja, u billi l-privatizzazzjoni ta' din il-fabbrika ma wasslet għall-ebda titjib fis-sikurezza ambjentali tas-settur;

D. billi l-industrija tal-azzar, li timpjega madwar 360 000 ħaddiem, hija settur ekonomiku kruċjali tal-Unjoni Ewropea u billi l-Parlament għandu dmir u responsabbiltà li juri biċ-ċar is-solidarjetà tiegħu mal-ħaddiema tal-fabbrika tal-ħadid ILVA u mal-familji tagħhom, li ġew affettwati minn din is-sitwazzjoni totalment inaċċettabbli;

E. billi, f'termini tal-politika industrijali tal-UE, huwa essenzjali mil-lat strateġiku li tiġi evitata aktar rilokazzjoni tal-impjanti u l-produzzjoni tal-azzar barra l-Unjoni Ewropea u li tiġi żgurata s-sikurezza tal-forza tax-xogħol, u billi, f'termini tal-politika ambjentali tal-UE, huwa ugwalment essenzjali li jiġi żgurat li min iniġġes iħallas u li l-bilanċ ekoloġiku jitjieb u, fejn ikun meħtieġ, jiġi rkuprat, kif meħtieġ mill-Artikolu 191(2) tat-TFUE u mid-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-responsabbiltà ambjentali;

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżviluppaw politika ġdida għall-industrija tal-azzar li tagħti spinta lit-tkabbir u lill-impjiegi matul il-kriżi ekonomika u li tkun kompatibbli mas-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ukoll biex jaħdmu flimkien mal-partijiet kollha involuti sabiex jiżguraw li l-politika tintegra b'mod aktar koerenti l-objettivi ekonomiċi u l-prijoritajiet soċjali u ambjentali, sabiex tinbena industrija Ewropea tal-azzar moderna, kompetittiva u sostenibbli li tikkonforma bis-sħiħ mal-liġi ambjentali tal-UE;

3. Jistieden lill-awtoritajiet Taljani biex jiżguraw ir-riabilitazzjoni tas-sit tal-fabbrika tal-ħadid imniġġes bħala kwistjoni ta' urġenza kbira, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw li l-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-azzjoni preventiva u ta' rimedju meħuda jkunu koperti skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, kif meħtieġ mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-responsabbiltà ambjentali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0511

## Is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2012/2907(RSP))**

(2015/C 434/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou ffirmat f'Ġunju 2000,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (1966),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949 u l-Protokoll II tagħha, li jipprojbixxu l-eżekuzzjoniijet sommarji, l-istupru, ir-reklutaġġ furzat u atroċitajiet oħra;

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989, li, b'mod partikolari, tipprojbixxi l-involviment tat-tfal fil-kunflitti armati,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar l-involviment tat-tfal fil-kunflitti armati, li ġie ratifikat mill-pajjiżi tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet 2076 (2012), 2053 (2012), 1925 (2010) u 1856 (2008) dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), li jistipulaw il-mandat tal-Missjoni ta' Stabbilizzazzjoni tan-NU fir-RDK (Monusco), id-dikjarazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tat-2 ta' Awwissu 2012 u r-rapporti ta' kull xahar tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar dan is-suġġett,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 1325 (2012), 1820 (2008), 1888 (2009), u 1960 (2010) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 60/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-24 ta' Ottubru 2005 dwar ir-Riżultat tas-Samit Dinji tal-2005, u b'mod partikolari l-paragrafi 138 sa 140 tagħha dwar ir-responsabbiltà li jiġu protetti l-popolazzjonijiet,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, ratifikata mir-RDK fl-1982,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill għall-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana tad-19 ta' Settembru 2012 dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-Lvant tar-RDK,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-25 ta' Ġunju u tad-19 ta' Novembru 2012 dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant tar-RDK,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Presidenzjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tad-19 ta' Ottubru 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-23 ta' Ġunju 2011 minn Margot Wallström, l-ex Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Vjolenza Sesswali fil-Kunflitti,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-27 ta' Settembru 2012 mill-President tal-Kunsill Ewropew, Herman Van Rompuy,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-7 ta' Ġunju, tat-12 ta'Ġunju, tal-10 ta' Lulju u tat-23 ta' Novembru 2012 mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Gholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, Catherine Asthon,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, maħruġa fl-10 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazjoni tat-22 ta' Frar 2011 minn Andris Piebalgs, Kummissarju ewropew għall-Iżvilupp, bl-isem "RDK: Pass lejn it-Tmiem tal-Impunità",

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas- 26 ta' Ġunju 2012 minn Kristalina Georgieva, Kummissarju Ewropew responsabbli għall-kooperazzjoni internazzjonali, l-għajnuna umanitarja u r-rispons f'każ ta' kriżi, rigward id-deterjorazzjoni fis-sitwazzjoni umanitarja fir-RDK,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kapijiet ta' Stat u tal-Gvernijiet tal-istati membri tal-Konferenza Internazzjonali tar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar (ICGLR) rigward is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-Lvant tar-RDK, b'mod partikolari dik tal-24 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Organisation Internationale de la Francophonie (OIF), adottata fl-14-il Samit tal-Pajjiżi Frankofoni f'Kinxasa fit-13 u fl-14 ta' Ottubru 2012 dwar is-sitwazzjoni fir-RDK,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-21 ta' Ġunju 2012 mill-President tal-kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU mwaqqaf bir-riżoluzzjoni 1533 (2004) lill-President tal-Kunsill tas-Sigurtà, fir-rigward tar-RDK, li tippreżenta r-rapport interim tal-grupp ta' esperti dwar ir-RDK u l-annessi tiegħu u li titlob il-pubblikazzjoni tagħhom bħala dokument tal-Kunsill (S/2012/348),

— wara li kkunsidra r-rapporti mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem dwar il-vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa fil-Lvant tar-RDK,

— wara li kkunsidra l-ftehim dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT) bejn l-UE u r-RDK, li daħal fis-seħħ f'Settembru 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-RDK, b'mod partikolari dik tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar segwitu tal-elezzjonijiet fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) u l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, minn April 2012 'l hawn, elementi tal-Forzi Armati tar-RDK (FARDC) irvellaw fil-Lvant tal-pajjiż, b'mod aktar preċiż fil-provinċja ta' Kivu tat-Tramuntana, u billi dan l-irvell malajr inbidel f'ribelljoni armata taħt l-isem tal-Moviment tat-23 ta' Marzu (M23), li qed jitlob l-applikazzjoni tal-ftehim ta' paċi ffirmat f'Goma fit-23 ta' Marzu 2009 mill-Gvern tar-RDK u l-grupp armat magħruf bħala l-Kungress Nazzjonali għad-Difiża tal-Poplu (CNDP);

B. billi r-ribelli tal-M23 huma wieħed minn tużżana gruppi armati, bħall-grupp Mai-Mai, il-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tar-Rwanda (FDLR) u r-ribelli Ħutu Rwandiżi, minn naħa minnhom, u l-FARDC min-naħa l-oħra, li qed jiġġieldu f'dan ir-reġjun għani fir-riżorsi;

C. billi għal kważi seba' xhur il-grupp ribelli M23 ilu jokkupa parti kbira mill-provinċja ta' Kivu tat-Tramuntana, billi stabbilixxa l-amministrazzjoni tiegħu stess u billi din il-parti tal-provinċja hija għalhekk kollha kemm hi barra mill-kontroll tal-istat tar-RDK, ħaġa li tikkawża instabbiltà u nuqqas ta' sigurtà kostanti;

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0252.

**Il-Ħamis 13 ta’ Diċembru 2012**

D. billi, 11-il jum wara l-ħtif tal-belt ewlenija ta’ Goma minn idejn it-truppi tal-gvern appoġġati mill-forzi għaż-żamma tal-paċi tan-NU, l-M23 irtira mill-belt skont ftehim li ntlaħaq b’medjazzjoni reġjonali;

E. billi, fis-6 ta’ Diċembru 2012, bdew negozjati u proċess ta’ djalogu bejn il-gruppi ribelli u l-Gvern Kongoliż f’Kampala, l-Uganda;

F. billi l-attakki riċenti mwettqa minn gruppi armati kontra l-kamp Mugunga III jenfasizzaw il-ħtieġa li tingħata prijorità lis-sigurtà f’siti għal persuni spustati internament, flimkien ma’ aċċess umanitarju mtejjeb;

G. billi l-Grupp ta’ Esperti tan-NU ppreżenta evidenza ta’ appoġġ mir-Rwanda għar-ribelli tal-M23, permezz tal-għoti ta’ appoġġ militari, inklużi armi, munizzjon, taħriġ u suldati;

H. billi l-Gvernijiet tal-Uganda u tar-Rwanda ċaħdu akkużi minn bord tan-Nazzjonijiet Uniti li appoġġaw ir-ribelli M23 u l-ħtif tal-belt tal-Lvant tal-Kongo, Goma;

I. billi l-Istati Uniti, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u l-UE kollha ssospendew ftit mill-għajnuna tagħhom lir-Rwanda, bħala reazzjoni għar-rapport tan-NU;

J. billi l-istati membri tal-ICGLR, il-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) u l-UE għamlu sforzi biex isibu soluzzjoni politika kostruttiva għall-kunflitt fil-Lvant tar-RDK;

K. billi l-istati membri tal-ICGLR stabbilixxew mekkaniżmu konġunt ta’ verifika biex jimmonitorjaw il-movimenti tat-truppi fil-Lvant tar-RDK u ddeċidew li jibgħatu forza internazzjonali newtrali;

L. billi, skont ir-riżoluzzjoni 2053 (2012) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, il-mandat ta’ Monusco ġie estiż sat-30 ta’ Ġunju 2013;

M. billi l-Lvant tar-RDK sofra minn atroċitajiet ripetuti, ikkaratterizzati minn ksur tad-drittijiet tal-bniedem u delitti tal-gwerra, bħal stupri tal-massa, inkluż l-istuprar ta’ nisa u bniet, tortura, il-qtil ta’ persuni ċivili u r-reklutaġġ ġenerali ta’ suldati tfal;

N. billi l-użu tal-vjolenza sesswali u l-użu aktar mifrux tal-istupru għandhom konsegwenzi enormi, bħall-qerda fiżika u psikoloġika tal-vittmi, u għandhom jitqiesu delitti tal-gwerra;

O. billi l-armata Kongoliża (FARDC) ukoll wettqet bosta abbużi fiż-żoni tal-gwerra;

P. billi n-nuqqas ta’ taħrik ta’ dawk responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u delitti tal-gwerra jippromwovi klima ta’ impunità u jinkoraġġixxi t-twettiq ta’ delitti ġodda;

Q. billi iktar minn 2,4 miljun persuna Kongoliża li jgħixu fiż-żoni affettwati mill-ġlied ġew spustati internament u 420 000 ħarbu lejn pajjiżi ġirien, u billi qed jgħixu f’kundizzjonijiet inumani;

R. billi r-RDK, u b’mod partikolari r-reġjuni tal-Lvant attwalment taħt il-kontroll tal-gruppi paramilitari armati għandhom abbundanza ta’ riżorsi naturali bħad-deheb, il-landa u l-coltan, li permezz ta’ attivitajiet ta’ estrazzjoni illegali jgħinu biex jiffinanzjaw u jipperpetwaw il-kunflitt;

S. billi l-Park Nazzjonali ta’ Virunga ġie klassifikat mill-Unesco fl-1979 bħala Sit ta’ Wirt Dinji minħabba l-bijodiversità unika tiegħu;

T. billi huwa inaċċettabbli li ngħataw konċessjonijiet taż-żejt fil-Park Nazzjonali ta' Virunga bi ksur tal-Konvenzjoni ta' Pariġi tas-16 ta' Novembru 1972 dwar il-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali u Naturali Dinji;

U. billi l-konċessjonijiet taż-żejt mogħtija fil-Park Naturali ta' Virunga jmorru kontra din il-Konvenzjoni li tagħmel konnessjoni bejn ir-RDK u l-Unesco, u kontra l-Kostituzzjoni u l-liġijiet Kongoliżi, u billi dawn il-konċessjonijiet għandhom għalhekk jitħassru;

V. billi ż-żieda fil-qgħad, il-kriżi soċjali, il-kriżi tal-ikel, l-inadegwatezza tas-servizzi bażiċi, it-tifqir tal-popolazzjoni u d-degradazzjoni ambjentali huma wkoll parzjalment responsabbli għall-instabbiltà tar-reġjun; billi dawn il-problemi jirrikjedu pjan u strateġija komprensivi ta' żvilupp;

W. billi huwa neċessarju li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kunflitti, b'mod partikolari permezz tad-demilitarizzazzjoni, id-demobilizzazzjoni u r-reintegrazzjoni tal-ex ġellieda, ir-ripatrijazzjoni tar-rifuġjati, ir-risistemazzjoni ta' persuni li ġew spustati f'pajjiżhom stess u l-implimentazzjoni ta' programmi vijabbli għall-iżvilupp;

X. billi l-poplu indiġenu ta' Batwa tal-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), b'popolazzjoni ta' 90 000, huwa madankollu vittma ta' razzimu sistematiku, esklużjoni soċjali u politika u ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK u f'pajjiżi oħra fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar;

Y. billi r-ripressjoni kontra l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti fir-RDK kibret, u billi dawn qed jiġu arrestati u intimidati b'mod arbitrarju; billi ma ttieħdu l-ebda passi sabiex dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;

1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu fir-rigward tad-degradazzjoni tas-sitwazzjoni ġenerali fil-Lvant tar-RDK, li għandha konsegwenzi politiki, ekonomiċi, soċjali, umanitarji u ta' sigurtà serji fir-RDK u fir-reġjun kollu;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-attakki minn M23 u l-forzi negattivi l-oħra kollha fil-Lvant tar-RDK f'dawn l-aħħar xhur; jopponi kull intervent estern fil-kunflitt u jenfasizza l-bżonn li tintemm kull attività ta' gruppi armati barranin fil-Lvant tar-RDK;

3. Jappella b'mod speċifiku kemm lill-Gvern tar-Rwanda kif ukoll il-Gvern tal-Uganda jieqfu milli jappoġġaw il-grupp ribell M23 peress li dan qed ikollu impatt distabbilizzanti fuq ir-reġjun tal-Lagi l-Kbar;

4. Jafferma mill-ġdid id-dritt mhux trasferibbli u li ma jitneħħiex tar-RDK għar-rispett tas-sovranità u l-integrità territorjali tagħha;

5. Jappella lill-partijiet ikkonċernati kollha fir-reġjun jikkontribwixxu f'bona fide għal soluzzjoni paċifika; jitlob, barra minn hekk, l-implimentazzjoni immedjata tal-pjan ta' ħruġ mill-kriżi adottat f'Kampala fl-24 ta' Novembru 2012;

6. Jilqa' l-isforzi tal-istati membri tal-ICGRL, l-Unjoni Afrikana (UA) u n-NU fl-isforzi u l-inizjattivi tagħhom biex isibu soluzzjoni dejjiema u paċifika għall-kriżi; jinsisti li soluzzjoni militari mhux se ssolvi l-kriżi; jappella, għalhekk, għal proċess ta' paċi politiku li jindirizza d-diżarm tal-forzi ribelli u l-elementi fundamentali li joħolqu l-kunflitt;

7. Jenfasizza l-importanza tal-funzjonament effikaċi tal-mekkaniżmu konġunt ta' verifika u l-istabbiliment u l-iskjerament effikaċi tal-forza internazzjonali newtrali prevista;

8. Jappella għal pożizzjoni tal-UE fil-konfront tal-individwi kollha li ma osservawx l-embargo fuq l-armi tan-NU għall-Kongo;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

9. Jappella lill-gvernijiet tar-RDK u l-pajjiżi tal-viċinat jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jaslu għal soluzzjoni strutturali li twassal għal paċi dejjiema, is-sigurtà, l-istabbilità, l-iżvilupp ekonomiku u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun permezz tal-kooperazzjoni, id-djalogu permanenti, l-istabbiliment tal-fiduċja u r-rikonċiljazzjoni; jafferma l-impenn tiegħu fir-rigward tal-kooperazzjoni mar-RDK u r-reġjun tal-Lagi l-Kbar għal dan l-għan;

10. Jikkundanna kull att ta' vjolenza u l-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem fil-Lvant tar-RDK u fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar, u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu tar-RDK affettwat mill-gwerra; jappella lill-forzi kollha li qed jipparteċipaw fil-kunflitti fil-Lvant tar-RDK jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali, itemmu l-attakki kollha fuq iċ-ċivili, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal, u jipprovdu aċċess u protezzjoni lill-aġenziji umanitarji li jipprovdu assistenza lill-popolazzjoni ċivili li qed tbati;

11. Jikkundanna bil-qawwa l-atti ta' vjolenza sesswali mwettqa fuq skala massiva fir-RDK, b'mod partikolari l-istupru ta' nisa u bniet, u r-reklutaġġ tat-tfal; iħeġġeġ lill-Gvern tar-RDK u l-komunità internazzjonali jipprovdu lill-persuni kollha li jinsabu fi bżonn fil-Lvant tar-RDK b'kura medika xierqa, inklużi l-appoġġ psikoloġiku u l-appoġġ ta' wara trawma;

12. Jikkundanna l-attentat fuq Dr Mukwege u jappella għal inkjesta ġudizzjarja indipendenti sabiex tiġi stabbilita l-verità fuq dan l-attakk, li kkawża l-mewt tal-bodyguard tiegħu;

13. Iqis essenzjali li jkun hemm investigazzjoni imparzjali u profonda fil-każijiet fil-passat u fil-preżent ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u jappella lill-Istati kollha tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar iwettqu sforzi sabiex it-tmiem l-impunità jitpoġġa fil-qalba tal-proċess tat-titjib tal-istat ta' dritt;

14. Jitlob, b'mod partikolari, li l-atturi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità, vjolenza sesswali kontra n-nisa u lieva ta' suldati tfal jiġu rapportati, identifikati, imħarrka u puniti skont id-dritt kriminali nazzjonali u internazzjonali; jenfasizza li l-impunità ma tistax tiġi ttollerata irrispettivament minn min kien l-attur;

15. Jistieden lill-Gvern Kongoliż jassumi r-responsabbiltà sħiħa tiegħu u jtemm l-impunità, inklużi l-abbużi mwettqa mill-armata Kongoliża (FARDC);

16. Jistieden lir-RDK tintroduċi riforma tas-settur tas-sigurtà nazzjonali effikaċi, b'istituzzjonijiet indipendenti b'saħħithom li huma responsabbli f'għajnejn l-Istat u l-poplu tiegħu u li huma f'pożizzjoni li jiġġieldu u jsegwu d-delitti u l-każijiet ta' korruzzjoni;

17. Jistieden lill-komunità internazzjonali, u b'mod aktar partikolari l-UE, l-UA u n-NU, ikomplu jieħdu kull miżura possibbli sabiex jipprovdu għajnuna aktar ikkoordinata u effikaċi għan-nies fil-Lvant tar-RDK u jikkontribwixxu għall-isforzi sabiex tingħata reazzjoni għad-diżastru umanitarju;

18. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-RDK u l-komunità internazzjonali jipprovdu lill-persuni kollha li jinsabu fi bżonn fil-Lvant tar-RDK b'kura medika xierqa, inklużi l-appoġġ psikoloġiku u l-appoġġ ta' wara trawma;

19. Jistieden lill-UA u lill-pajjiżi tal-Lagi l-Kbar ikomplu jieħdu passi sabiex jiġu miġġielda l-isfruttament u l-kummerċ illeċiti ta' riżorsi naturali – waħda mir-raġunijiet għall-proliferazzjoni u t-traffikar ta' armi, li huma fost il-fatturi maġġuri li qed irewwhu u jaggravaw il-kunflitti fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar;

20. Iqis li l-aċċess trasparenti għar-riżorsi naturali tar-RDK u l-kontroll fuqhom huma indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż;

21. Jappella għal miżuri legali aktar b'saħħithom sabiex tiġi żgurata traċċabbiltà aħjar ta' minerali minn tħaffir illegali bi strument internazzjonali ta' kontroll tas-suq għar-riżorsi naturali, kif ispirat mid-Dodd-Frank Act, adottat mill-Kungress tal-Istati Uniti;

22. Iħeġġeġ lill-Gvern Kongoliż jaġixxi fil-waqt u b'mod sod sabiex jevita kull dannu irriversibbli lill-Park Nazzjonali ta' Virunga, minħabba l-esplorazzjoni u l-isfruttament taż-żejt jew attivitajiet illegali oħra;

23. Jistieden lill-Gvern Kongoliż ma joħroġ l-ebda awtorizzazzjoni għall-isfruttament taż-żejt, b'mod konformi mat-talba espliċita tal-Unesco;

24. Jitlob li jsiru sforzi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali sabiex tiżdied l-awtorità tal-Istat u l-Istat tad-dritt fir-RDK, b'mod partikolari fl-oqsma tal-governanza u s-sigurtà, anki f'kooperazzjoni mill-qrib mal-missjoni għall-assistenza militari tal-Unjoni Ewropea (EUSEC) u l-missjoni ta' assistenza tal-pulizija tal-Unjoni (EUPOL), li għandhom jitkomplu sabiex jiġu kkonsolidati l-paċi u s-sigurtà kemm fil-pajjiż kif ukoll fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar;

25. Jistieden lill-Kapijiet ta' Stat u tal-Gvernijiet tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar iwettqu sforzi sabiex l-istrumenti għall-paċi u l-iżvilupp reġjonali eżistenti jiġu verament implimentati u jistieden lill-Istati kollha li huma firmatarji tal-Patt dwar is-Sigurtà, l-Istabbiltà, u l-Iżvilupp fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar jimplimentawh bis-sħiħ sabiex jistabbilixxu u jikkonsolidaw il-bażi neċessarja għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjun; jistieden lin-NU, lill-UE u lill-UA u lill-ħbieb tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar jappoġġaw b'mod qawwi u attiv l-isforzi biex dan il-Patt jiġi implimentat.

26. Jistieden lill-pajjiżi kollha fir-reġjun u l-korpi internazzjonali kollha jikkooperaw b'mod attiv mal-awtoritajiet tar-RDK sabiex iżarmaw u jiddemobilizzaw il-gruppi armati kollha u jistabbilixxu paċi dejjiema fil-Lvant tar-RDK;

27. Iħeġġeġ lill-missjoni għall-Istabbilizzazzjoni Monusco fir-RDK tkun aktar effikaċi fl-implimentazzjoni tal-mandat tagħha sabiex tiggarantixxi s-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċivili Kongoliżi; jirrakkomanda l-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-istabbiliment ta' inizjattivi lokali għall-paċi minn Monusco u l-Gvern tar-RDK, b'mod partikolari fit-territorji li fihom hemm tensjonijiet etniċi qawwija, sabiex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni b'mod permanenti;

28. Jinkoraġġixxi l-mexxejja tar-RDK jieħdu l-inizjattivi neċessarji kollha sabiex jikkonsolidaw id-demokrazija u jiżguraw il-parteċipazzjoni tal-forzi attivi kollha fost il-poplu tal-Kongo fil-governanza tal-pajjiż fuq il-bażi ta' regoli legali u kostituzzjonali;

29. Jilqa' l-ħolqien fis-6 ta' Diċembru 2012 mill-Parlament tar-RDK tal-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem kif deskritta fil-kostituzzjoni, bħala l-ewwel pass qabel tingħadda liġi dwar il-protezzjoni tal-vittmi u tax-xhieda ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, tal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ħaddiema ta' għajnuna u tal-ġurnalisti;

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Unjoni Afrikana, lill-gvernijiet tal-pajjiżi tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar, lill-President, il-Prim Ministru u l-Parlament tar-RDK, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lir-Rappreżentant Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Vjolenza Sesswali fil-Kunflitti, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0512

# Diskriminazzjoni abbażi tal-kasta fl-Indja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar id-diskriminazzjoni abbażi tal-kasta fl-Indja (2012/2909(RSP))**

(2015/C 434/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari dik tal-1 ta' Frar 2007 dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem tad-Daliti fl-Indja ([1]) u dawk dwar ir-Rapporti Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja, b'mod partikolari dak tat-18 ta' April 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD), u r-Rakkomandazzjonijiet Ġenerali XXIV tiegħu, kif ratifikati mill-Indja,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-gvern imressqa minn Mukul Vasnik, Ministru tal-Ġustizzja Soċjali u l-Abilitazzjoni, dwar "L-Abbozz ta' Liġi dwar il-Projbizzjoni li Persuni jiġu Impjegati Jnaddfu bl-Idejn il-Latrini Mingħajr Drenaġġ u r-Rijabilitazzjoni Tagħhom, 2012", ippreżentata lill-Parliament Indjan fit-3 ta' Settembru 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-19 ta' Ottubru 2009 tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Navi Pillay, u l-appell tagħha lill-istati membri tan-NU biex japprovaw l-abbozz ta' Prinċipji u Linji Gwida tan-NU għall-Eliminazzjoni Effikaċi tad-Diskriminazzjoni Bbażata fuq ix-Xogħol u d-Dixxendenza,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw mill-Proċeduri Speċjali tan-NU u l-korpi ta' trattati tan-NU, kif ukoll dawk li jinsabu fiż-żewġ Rivisti Perjodiċi Universali dwar l-Indja tal-10 ta' April 2008 u tal-24 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tad-9 ta' Lulju 2012 tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar ir-Rivista Perjodika Universali dwar l-Indja,

— wara li kkunsidra t-tħassib serju espress fis-6 ta' Frar 2012 mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem rigward is-sitwazzjoni tal-attivisti Daliti fl-Indja,

— wara li kkunsidra l-Maila Mukti Yatra li għadha għaddejja, il-marċ madwar in-nazzjon kollu li qed jagħmlu eluf ta' nies biex jiġi eradikat it-tindif bl-idejn tal-latrini mingħajr drenaġġ li bejn it-30 ta' Novembru 2011 u l-31 ta' Jannar 2012 jkun għadda minn ġo 18-il stat tal-Indja,

— wara li kkunsidra d-djalogu tematiku bejn l-UE u l-Indja dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) u l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-India għamlet progress ekonomiku kbir, u bħala wieħed mill-pajjiżi BRICS issa twettaq rwol importanti fil-politika tad-dinja; billi, madankollu, id-diskriminazzjoni abbażi tal-kasta tkompli tkun mifruxa ħafna u persistenti;

([1]) ĠU C 250 E, 25.10.2007, p. 87.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.

B. billi l-Kostituzzjoni tal-India tagħti liċ-ċittadini status ugwali, u d-diskriminazzjoni abbażi tal-kasta u l-prattika li ċerti persuni ma jistgħux jintmessu (untouchability) huma meqjusa illegali fl-Artikoli 15 u 17 tagħha; billi persuni Daliti servew fl-ogħla funzjonijiet politiċi; billi l-India għandh liġijiet u regolamenti maħsuba biex jipproteġu l-Kasti Skedati u t-Tribujiet Skedati, bħalma huma l-Att tal-1976 dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet Ċivili u l-Att tal-1989 dwar il-Kasti Skedati u t-Tribujiet Skedati (Prevenzjoni tal-Atroċitajiet); billi l-Prim Ministru Indjan Manmohan Singh għamel għadd ta' dikjarazzjonijiet qawwija dwar li tingħata prijorità lill-kumbattiment tal-vjolenza kontra d-Daliti;

C. billi, minkejja dawn l-isforzi, huwa stmat li hemm 170 miljun Dalit u Adivasi indiġenu fl-Indja li għadhom qed ikomplu jsofru minħabba suriet severi ta' esklużjoni soċjali; billi l-ILO tistma li l-maġġoranza l-kbira tal-vittmi tax-xogħol sfurzat biex jitħallas dejn fil-pajjiż huma ġejjin mill-Kasti Skedati u mit-Tribujiet Skedati;

D. billi t-tindif bl-idejn tal-latrini mingħajr drenaġġ, minkejja li hu pprojbit legalment, għadu mifrux ħafna, b'mijiet ta' eluf ta' dawk li huma kważi esklussivament nisa Daliti li jwettqu din is-sura ta' servitù, fejn is-servizz ferrovjarju Indjan (Indian Railways) huwa l-aktar impjegatur li waħdu jimpjega nies biex inaddfu l-latrini mingħajr drenaġġ bl-idejn;

E. billi n-nisa Daliti u Adivasi huma l-ifqar fost il-fqar fl-Indja, jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla abbażi tal-kasta u tas-sess, spiss huma soġġetti għal vjolazzjonijiet serji tal-integrità fiżika tagħhom, inkluż abbuż sesswali b'impunità minn membri ta' kasti dominanti, u huma soċjalment esklużi u ekonomikament sfruttati, b'rata ta' alfabetiżmu ta' 24 % biss;

F. billi skont estimi l-maġġoranza vasta tad-delitti kontra n-nisa Daliti ma tiġix irrappurtata minħabba l-biża' ta' ostraċiżmu soċjali jew theddidiet għas-sikurezza u s-sigurtà personali; billi f'każ partikolari f'l-istat ta' Haryana tfajla Dalita ta' 16-il sena ġiet stuprata minn gang fir-raħal ta' Dabra (distrett ta' Hisar) fid-9 ta' Settembru 2012; billi missierha kkommetta suiċidju wara li sar jaf x'kien ġara u l-pulizija ddeċidiet li tieħu azzjoni tard biss meta ġiet iffaċċjata bi protesti tal-mases;

G. billi fl-20 ta' Novembru 2012, f'Dharmapuri (stat ta' Tamil Nadu), tajfa ta' madwar 1 000 ruħ minn kasti ogħla ssakkeġġaw u taw in-nar lil tal-anqas 268 dar fil-komunitajiet Daliti, mingħajr l-ebda intervent mill-uffiċjali tal-pulizija li kienu preżenti;

H. billi l-Att dwar il-Ħarsien tan-Nisa mill-Vjolenza Domestika tal-2005 huwa nieqes minn implimentazzjoni effettiva, u billi l-preġudizzju pervażiv kontra n-nisa li għandhom il-korp tal-pulizija, is-sistema ġudizzjarja, l-istabbiliment mediku u l-klassi politika jimpedixxi l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

I. billi r-rata tal-kundanni ta' ħtija skont l-Att dwar il-Kasti Skedati u t-Tribujiet Skedati (Prevenzjoni tal-Atroċitajiet) baqgħet waħda baxxa ħafna, sitwazzjoni li ma toffri l-ebda deterrent kontra d-delitti;

J. billi, skont id-diversi għejjun lokali u internazzjonali, bejn 100 000 u 200 000 tifla – fil-maġġoranza tagħhom Daliti – huma allegatament maqbuda f'xogħol sfurzat biex jitħallas dejn fi stabbilimenti tal-għażil f'Tamil Nadu li jfornu l-ħajt lill-fabbriki li jipproduċu l-ħwejjeġ għal ditti ta' pajjiżi tal-Lvant;

1. Jagħraf l-isforzi li qed isiru fil-livell federali, statali, reġjonali u lokali fl-Indja biex tiġi eradikata d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta; ifaħħar, barra minn hekk, il-pożizzjoni ċara kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta li ħadu ħafna politikanti Indjani, midja Indjana, NGOs u entitajiet oħra li jiffurmaw l-opinjoni pubblika f'kull livell tas-soċjetà;

2. Jibqa', madankollu, allarmat minħabba l-għadd kbir b'mod persistenti ta' atroċitajiet kemm irrappurtati u kemm mhux irrappurtati u l-prattiki mifruxa ħafna fejn ċerti persuni ma jistgħux jintmessu, b'mod partikolari t-tindif bl-idejn tal-latrini mingħajr drenaġġ;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Indjani fil-livell federali, tal-istat, reġjonali u lokali jonoraw il-impenji li taw u jimplimentaw jew, jekk ikun meħtieġ, jemendaw il-leġiżlazzjoni eżistenti, b'mod partikolari l-Att dwar il-Kasti Skedati u t-Tribujiet Skedati (Prevenzjoni tal-Atroċitajiet), bil-għan li jkunu jistgħu jħarsu b'mod effikaċi lid-Daliti u gruppi vulnerabbli oħra fis-soċjetà;

4. Jenfasizza, b'mod partikolari, il-ħtieġa li l-vittmi jkunu jistgħu jirreġistraw il-każijiet tagħhom b'mod sikur mal-pulizija u mal-awtoritajiet ġudizzjarji, kif ukoll li jsir segwitu serju mill-pulizija u l-ġudikatura tal-atroċitajiet irrappurtati u każijiet oħra ta' diskriminazzjoni;

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

5. Jistieden lill-Parlament Ewropew jaġixxi skont il-pjanijiet tiegħu biex jgħaddi Abbozz ta' Liġi ġdid li jipprojbixxi l-impjegar ta' persuni biex inaddfu b'idejhom latrini mingħajr drenaġġ u jassiguralhom ir-rijabilitazzjoni tagħhom, u jistieden lill-Gvern Indjan jieħu l-miżuri meħtieġa biex il-liġi tiġi infurzata b'effett immedjat;

6. Jistieden lill-awtoritajiet Indjani jirrevokaw dawk id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar (ir-Regolamenti) tal-Kontribuzzjoni Barranija li ma jikkonformawx mal-istandards internazzjonali u li potenzjalment idgħajfu l-ħidma tal-NGOs, inklużi l-organizzazzjonijiet Daliti u organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw il-gruppi żvantaġġjati fis-soċjetà Indjana, billi jimpeduhom milli jirċievu fondi minn donaturi internazzjonali;

7. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni (RGħ/VP), lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, u lill-Istati Membri tal-UE jiżviluppaw politika tal-UE dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta u japprovaw l-abbozz ta' Prinċipji u Linji Gwida tan-NU għall-Eliminazzjoni Effikaċi tad-Diskriminazzjoni bbażata fuq ix-Xogħol u d-Dixxendenza fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;

8. Jilqa' l-approvazzjoni tal-Kabinett tal-Unjoni f'Settembru 2012 tal-Att (ta' Projbizzjoni) tat-Tħaddim ta' Tfal u Żgħażagħ, li jipprojbixxi l-impjieġ ta' tfal li għandhom inqas minn 14-il sena fis-setturi kollha u dawk li għandhom inqas minn 18-il sena fis-setturi perikolużi; jitlob lill-gvern ta' l-Indja jieħu miżuri ta' implimentazzjoni effettivi sabiex inaqqas malajr dak li għadu l-ikbar numru ta' tfal mħaddma fid-dinja u biex jintroduċi leġiżlazzjoni għall-projbizzjoni sħiħa ta' tħaddim ta' tfal skont il-linji gwida tal-Organizzjoni Internazzjoni tax-Xogħol;

9. Jistieden lir-rappreżentazzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri li hemm fl-Indja jinkludu l-kwestjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta fid-djalogi tagħhom mal-awtoritajiet Indjani, u jagħtu prijorità lill-programmi li jindirizzaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta, inkluż fl-edukazzjoni, u programmi li jiffokaw b'mod partikolari fuq in-nisa u l-bniet; jistenna li l-kooperazzjoni futura tal-UE mal-Indja tiġi vvalutata mil-lat ta' kif tkun se taffettwa d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasta;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Prim Ministru tal-Indja, lill-Ministru tal-Indja għal-Liġi u l-Ġustizzja, lill-Ministru tal-Intern tal-Indja, lill-Ministru tal-Indja għall-Ġustizzja Soċjali u l-Abilitazzjoni, lill-Kunsill, lir-RGħ/VP, lill-Kummissjoni, lir-Rappreentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lis-Segretarju-Ġenerali tal-Commonwealth, lis-Segretarju-Ġenerali tan-NU u lis-Segretarju Ġenerali tan-NU kif ukoll lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2012)0484

## Il-Vot fejn is-siġġu ta' membru sħiħ ta' kumitat jiġi vakanti (interpretazzjoni tal-Artikolu 187 (1) tar-Regoli ta' Proċedura)

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-vot fejn is-siġġu ta' membru sħiħ ta' kumitat jiġi vakanti (interpretazzjoni tar-Regola 187(1)) (2012/2254(REG)**

(2015/C 434/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra tas-27 ta' Novembru 2012 tal-president tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 211 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. jiddeċiedi li japplika l-interpretazzjoni li ġejja għall-Artikolu 187(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu:

"Fil-każ li s-siġġu ta' membru sħiħ ta' kumitat jiġi vakanti, sostitut permanenti mill-istess grupp politiku għandu jkun intitolat li jivvota fil-post tal-membru sħiħ, fuq bażi temporanja sakemm is-sostituzzjoni proviżorja tal-membru sħiħ skont l-Artikolu 186(5), jew, fin-nuqqas ta' tali sostituzzjoni provviżorja, sakemm issir il-ħatra ta' membru sħiħ ġdid. Dan id-dritt huwa bbażat fuq id-deċiżjoni tal-Parlament dwar il-kompożizzjoni numerika tal-kumitat, u l-għanijiet li jiżguraw li n-numru ta 'membri tal-grupp politiku kkonċernat li jista' jieħu sehem fil-votazzjoni huwa ugwali għan-numru intitolati li jagħmlu dan qabel is-siġġu ġie vakanti."

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' tagħrif.

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0502

## Regoli ta' Proċedura tal-Parlament: emenda tal-Artikolu 123 dwar id-dikjarazzjonijiet bil-miktub u tal-Artikolu 42 dwar l-inizjattivi leġiżlattivi

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar l-emenda tal-Artikolu 123 u 42 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament: dikjarazzjonijiet bil-miktub u inizjattivi leġiżlattivi (2011/2058(REG))**

(2015/C 434/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra mingħand il-President tiegħu bid-data tal-11 ta' Novembru 2010,

— wara li kkunsidra l-istudju tad-Dipartiment tal-Politika tiegħu bit-titolu "Dikjarazzjonijiet bil-miktub fil-Parlament Ewropew: rieżami tal-proċess u l-impatt" (PE 462.424),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 211 u 212 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0242/2012),

billi:

A. il-Parlament biż-żmien estenda s-setgħat tiegħu, u ggarantixxa strumenti sostanzjali għalih innifsu li permezz tagħhom jista' jinfluwenza l-proċess għat-teħid tal-Unjoni Ewropea fil-biċċa l-kbira tal-attivitajiet tal-Unjoni;

B. l-istituzzjonijiet li għalihom tkun indirizzata dikjarazzjoni bil-miktub għandhom jiżguraw li tiġi segwita kif xieraq;

C. id-dikjarazzjonijiet bil-miktub iservu bħala vettura utli għat-tqajjim ta' kwestjonijiet ta' tħassib partikolari għaċ-ċittadini tal-Unjoni;

D. id-dikjarazzjonijiet bil-miktub huma użati regolarment iżda mhux f'ammonti kbar ħafna; perċentwal żgħir biss minnhom jiksbu s-sostenn meħtieġ ta' maġġoranza tal-membri kollha tal-Parlament;

E. il-maġġoranza tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub jiskadu wara l-perjodu preskritt fir-Regoli ta' Proċedura;

F. il-maġġoranza tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub adottati huma indirizzati lill-Kummissjoni, li hija rikonoxxuta bħala l-unika istituzzjoni li tkun tat rispons għall-kwestjonijiet li tqajmu fihom;

G. dawk ir-risposti huma fil-biċċa l-kbira tal-każijiet limitati għal attivitajiet tal-Kummissjoni li għadhom għaddejjin, u biss f'każijiet eċċezzjonali jinkludu attività speċifika mqanqla minn dikjarazzjoni bil-miktub;

H. fid-dawl tal-prerogattivi miżjuda tal-Parlament, kif ukoll l-introduzzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, l-importanza ta' dikjarazzjonijiet bil-miktub inbidlet, għalkemm xorta jistgħu jservu ta' strument importanti li permezz tiegħu il-Membri jkunu jistgħu jqajmu l-kuxjenza dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku;

I. dikjarazzjonijiet bil-miktub għandhom impatt limitat ħafna, kemm fir-rigward tat-tfassil tal-aġendi kif ukoll tal-influwenza tagħhom fuq id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-istituzzjonijiet, u jistgħu jagħtu impressjoni qarrieqa dwar l-effikaċja tagħhom; madanakollu, meta jintużaw kif suppost, għad għandhom valur bħala strument ta' mobilizzazzjoni popolari għall-proposti li jitolbu azzjoni leġiżlattiva; l-Artikolu 42(2) għandu jintuża, billi jagħti lill-Membri individwali l-possibilità effettiva li jinfluwenzaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u jintegraw proposta speċifika fix-xogħlijiet tal-kumitati tal-Parlament;

J. il-kwalità u r-relevanza ta' xi dikjarazzjonijiet bil-miktub, u b'mod partikolari il-qbil tagħhom mal-kompetenzi tal-Unjoni kif stipulati fit-Titolu I tal-Parti I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jista' jkun diżappuntanti; għahekk, fit-terminu li jmiss, il-Parlament jista' jivvaluta l-impatt tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu dwar dikjarazzjonijiet bil-miktub u jeżamina l-effettività tagħhom;

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Hu tal-fehma li l-istituzzjonijiet li lilhom tkun indirizzata dikjarazzjoni bil-miktub għandhom jinfurmaw lill-Parlament dwar is-segwitu intenzjonat fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu tali dikjarazzjoni; għandu l-ħsieb, barra minn hekk, li jfittex ftehim mal-Kummissjoni dwar dan il-prinċipju fl-okkażjoni tan-negozjati li jmiss dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim ta' Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea.

3. Ifakkar li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss;

4. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Bureau li jillimita reklamar estensiv tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub, u b'hekk jippermetti li l-Membri Parlamentari jkollhom aċċess mingħajr xkiel għall-Kamra tal-Parlament;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

**Emenda 6**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 42 – paragrafi 2 u 3**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda proposta għal att tal-Unjoni fuq il-bażi tad-dritt ta' inizjattiva mogħti lill-Parlament skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. | 2. Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda proposta għal att tal-Unjoni fuq il-bażi tad-dritt ta' inizjattiva mogħti lill-Parlament skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. ***Tali proposta tista' titressaq f'daqqa minn mhux aktar minn għaxar Membri. Il-proposta għandha tindika l-bażi legali tagħha u tista' tkun akkumpanjata min nota ta' spjegazzjoni ta' mhux aktar minn 150 kelma.*** |
| 3. Il-proposta għandha tiġi ppreżentata lill-President, li għandu ***jirreferiha*** lill-kumitat responsabbli ***għall-kunsiderazzjoni***. Qabel ma ssir din ir-riferenza, il-proposta għandha tiġi tradotta f'dawk il-lingwi uffiċjali li l-president ta' dak il-kumitat iqis li huma meħtieġa biex issir possibbli kunsiderazzjoni sommarja. Il-kumitat għandu jieħu deċiżjoni dwar azzjoni ulterjuri fi żmien tliet xhur minn meta ssir ir-riferenza u wara li jkun instema' ***l-awtur*** tal-proposta. | 3. Il-proposta għandha tiġi ppreżentata lill-President, li għandu ***jivverifika jekk ir-rekwiżiti legali ġewx sodisfatti***. ***Huwa jista' jirreferi l-proposta għal opinjoni dwar jekk il-bażi legali hix xierqa lill-kumitat responsabbli għal tali verifika***. ***Jekk il-President jiddikjara li l-proposta hija ammissibbli, għandu jħabbar dan fil-plenarja u jirreferiha lill-kumitat responsabbli.*** |
| | Qabel ma ssir din ir-riferenza lill-kumitat responsabbli, il-proposta għandha tiġi tradotta f'dawk il-lingwi uffiċjali li l-president ta' dak il-kumitat iqis li huma meħtieġa biex issir possibbli kunsiderazzjoni sommarja. |
| | ***Il-kumitat jista' jirrakkomanda lill-President li l-proposta tinfetaħ għall-firma minn kwalunkwe Membru, soġġett għall-modalitajiet u l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 123 (1a), 123(2) u 123(5).*** |

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fejn il-kumitat jiddeċidi li jippreżenta proposta lill-Parlament skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 48***, l-awtur tal-proposta għandu jissemma b'ismu fit-titolu tar-rapport. | ***Meta tali proposta tkun iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, ir-rapport dwar il-proposta għandu jitqies li ġie awtorizzat mill-Konferenza tal-Presidenti. Il-kumitat għandu jfassal rapport skont l-Artikolu 48, wara li jkun sema' lill-awturi tal-proposta.*** |
| | ***Meta proposta ma tinfetaħx għal firem addizzjonali jew ma tiġix iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament***, ***il-kumitat responsabbli*** għandu jieħu deċiżjoni dwar azzjoni ulterjuri fi żmien tliet xhur mir-riferiment, u wara li jkun sema' ***lill-awturi*** tal-proposta |
| | ***L-awturi*** tal-proposta għandhom jissemmew b'isimhom fit-titolu tar-rapport. |

**Emenda 1**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 123 – paragrafu 1**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Sa massimu ta' ħames*** membri jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni bil-miktub ta' mhux iżjed minn 200 kelma dwar kwistjoni li taqa' taħt il-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea ***u li ma tkoprix kwistjonijiet li huma s-suġġett ta' proċess leġislattiv li jkun għaddej attwalment***. ***Għandha tingħata*** awtorizzazzjoni mill-President ***fuq bażi ta' każ b'każ***. Dikjarazzjonijiet bil-miktub għandhom ikunu ***stampati*** bil-lingwi uffiċjali u mqassma. Dawn għandhom jiddaħħlu ***f'reġistru*** flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji. Dan ir-reġistru għandu jkun pubbliku u għandu ***jinżamm barra d-daħla tal-Kamra waqt is-sessjonijiet parzjali u f'post xieraq li għandu jkun stabbilit mill-Kulleġġ tal-Kwesturi fl-intervalli ta' bejn is-sessjonijiet parzjali***. | 1. ***mhux inqas minn għaxar*** Membri ***minn mhux inqas minn tliet gruppi politiċi*** jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni bil-miktub ta' mhux iżjed minn 200 kelma li ***jkollha x'taqsam esklussivament ma'*** kwistjoni li taqa' taħt il-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea. ***Il-kontenut ta' dikjarazzjoni bħal din ma jistax imur lil hinn mill-forma ta' dikjarazzjoni B'mod partikolari, dan il-konteut jista' ma jitlobx azzjoni leġiżlattiva, ikun fih kwalunkwe deċiżjoni dwar kwistjonijiet li għalihom ġew stabbiliti proċeduri u kompetenzi speċifiċi f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura jew jindirizza s-suġġett ta' proċedimenti li għaddejjin fil-Parlament.*** |
| | ***1a. L-awtorizzazzjoni biex jitkompla l-proċess għandha tkun soġġetta għal deċiżjoni raġunata*** mill-President ***skont il-paragrafu 1 fi kwalunkwe każ partikolari.*** Id-dikjarazzjonijiet bil-miktub għandhom ikunu ***ppubblikati*** bil-lingwi uffiċjali fuq ***is-sit web tal-Parlament*** u mqassma ***elettronikament lill-Membri kollha***. Dawn għandhom jiddaħħlu f'reġistru ***elettroniku*** flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji. Dan ir-reġistru għandu jkun pubbliku u għandu jkun ***aċċessibbli permezz tas-sit web tal-Parlament***. ***Kopji stampati tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub iffirmati għandhom jinżammu wkoll mill-President.*** |

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

**Emenda 2**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 123 – paragrafu 2**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kull Membru jista' jżid il-firma tiegħu ma' dikjarazzjoni inkluża fir-reġistru. | 2. Kull Membru jista' jżid il-firma tiegħu ma' dikjarazzjoni inkluża fir-reġistru ***elettroniku***. ***Il-firma tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe mument qabel tmiem il-perjodu ta' tliet xhur mid-dħul tad-dikjarazzjoni fir-reġistru. F'każ ta' rtirar bħala dan, il-Membru kkonċernat ma għandux jitħalla jerġa' jiffirma d-dikjarazzjoni.*** |

**Emenda 7**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 123 – paragrafu 3**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta dikjarazzjoni tkun iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, il-President għandu jgħarraf b'dan lill-Parlament ***u jippubblika l-ismijiet*** tal-firmatarji ***fil-minuti u d-dikjarazzjoni bħala test adottat***. | 3. Meta***, wara perjodu ta' tliet xhur minn meta tkun iddaħħlet fir-reġistru,*** dikjarazzjoni tkun iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, il-President għandu jgħarraf b'dan lill-Parlament***. Bla ma torbot lill-Parlament, id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet*** tal-firmatarji ***tagħha***. |

**Emenda 4**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 123 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Fejn l-istituzzjonijiet li lilhom tkun ġiet indirizzata d-dikjarazzjoni adottata ma jgħarrfux lill-Parlament dwar is-segwitu maħsub fi żmien tliet xhur minn meta jirċevuha, il-kwistjoni għandha, fuq talba ta' wieħed mill-awturi tad-dikjarazzjoni, titpoġġa fuq l-aġenda ta' laqgħa sussegwenti tal-kumitat responsabbli.*** |

**Emenda 5**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**

**Artikolu 123 – paragrafu 5**

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Dikjarazzjoni bil-miktub li tkun ilha fir-reġistru għal aktar minn tliet xhur u li ***ma tkunx ġiet*** iffirmata minn mhux inqas minn nofs il-Membri kollha tal-Parlament għandha taqa'. | 5. Dikjarazzjoni bil-miktub li tkun ilha fir-reġistru għal aktar minn tliet xhur u ***ma tkunx*** iffirmata minn mhux inqas minn nofs il-Membri kollha tal-Parlament għandha taqa'***, mingħajr il-possibbiltà li l-perjodu ta' tliet xhur ikun imtawwal***. |

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2012)0466

## Għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża ***I

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża (COM(2011)0925 – C7-0521/2011 – 2011/0458(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2015/C 434/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0925),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 209 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skonthom il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0521/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0208/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0458

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb li tiġi adottata d-Deċiżjoni No …/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 209 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Il-kooperazzjoni mal-UE hija bbażata fuq Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) li daħal fis-seħħ fl-1999. L-UE tagħti trattament tas-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (SPĠ) lir-Repubblika Kirgiża.

(2) L-ekonomija Kirgiża kienet affettwata mill-kriżi finanzjarja internazzjonali tal-2009 u mill-vjolenza etnika ta' Ġunju 2010, li ħarbtu l-attivitajiet ekonomiċi, ħolqu ħtiġijiet ta' infiq pubbliku sostanzjali għar-rikostruzzjoni u l-għajnuna soċjali, u wasslu għal nuqqasijiet kbar fil-finanzjament estern u fil-baġit.

(3) Waqt il-Laqgħa tad-Donaturi ta' Livell Għoli li saret f'Lulju 2010, il-komunità internazzjonali wegħdet li tagħti USD 1,1 biljun bħala appoġġ ta' emerġenza sabiex tgħin fl-irkupru tar-Repubblika Kirgiża. Waqt din il-Laqgħa tad-Donaturi ta' Livell Għoli, l-UE ħabbret li hija se tipprovdi ammont massimu ta' EUR 117,9 miljun bħala għajnuna finanzjarja.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Lulju 2010 dwar ir-Repubblika Kirgiża, il-Kunsill għall-Affarijiet Barranin tal-UE laqa' l-isforzi tal-gvern il-ġdid Kirgiż sabiex jistabbilixxi qafas istituzzjonali demokratiku u stieden lill-Kummissjoni "tkompli tipprovdi assistenza, inklużi programmi ġodda ta' assistenza, lill-awtoritajiet Kirgiżi fl-implimentazzjoni tal-programm ta' riforma tagħhom u biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-pajjiż".

(5) L-appoġġ politiku u ekonomiku tal-UE għad-demokrazija parlamentari tar-Repubblika Kirgiża li għadha fil-bidu tagħha se jipprovdi sinjal politiku ta' appoġġ qawwi min-naħa tal-UE għar-riformi demokratiċi fl-Asja Ċentrali, b'mod konsistenti mal-politika tal-UE għal dan ir-reġjun li ġiet deskritta fl-Istrateġija għall-Asja Ċentrali għall-perjodu mill-2007 sal-2013 u fid-dikjarazzjonijiet li għamlu l-mexxejja tal-UE.

(6) Il-proċess ta' riforma u aġġustament ekonomiku tar-Repubblika Kirgiża huwa appoġġat minn għajnuna finanzjarja mogħtija mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI). F'Ġunju tal-2011, l-awtoritajiet Kirgiżi qablu mal-Faċilità ta' tliet snin ta' Kreditu Estiż tal-FMI li tammonta għal SDR 66,6 miljun bħala appoġġ għall-pajjiż.

(7) L-UE beħsiebha tipprovdi appoġġ baġitarju settorjali lir-Repubblika Kirgiża fil-kuntest tal-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp li jammonta għal għadd totali ta' EUR 33 miljun matul il-perjodu mill-2011 sal-2013, sabiex jiġu appoġġati r-riformi fil-ħarsien soċjali, fl-edukazzjoni u fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

(8) Fl-2010, ir-Repubblika Kirgiża talbet lill-UE għall-għajnuna makrofinanzjarja minħabba l-qagħda ekonomika u l-prospetti ekonomiċi li kienu dejjem sejrin għall-agħar.

(9) Minħabba li, wara li jitqies l-appoġġ makroekonomiku mogħti mill-FMI u mill-Bank Dinji, għad hemm nuqqas ta' finanzjament fil-bilanċ tal-pagamenti, u minħabba l-vulnerabbiltà tal-pożizzjoni esterna għax-xokkijiet esoġeni li teħtieġ li jinżamm livell xieraq ta' riservi tal-kambju barrani, l-għajnuna makrofinanzjarja qed titqies bħala tweġiba xierqa għat-talba tar-Repubblika Kirgiża fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali attwali. Il-programm tal-għajnuna makrofinanzjarja tal-UE għar-Repubblika Kirgiża (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni") se jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-pajjiż u l-aġenda tar-riforma strutturali, billi jissupplimenta r-riżorsi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-FMI skont l-arranġament finanzjarju tiegħu.

(10) L-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni m'għandhiex tissupplimenta biss il-programmi u r-riżorsi mogħtija mill-FMI u mill-Bank Dinji, iżda għandha tiżgura wkoll il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni.

(11) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-miżuri meħudin fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u mal-politiki rilevanti l-oħra tal-Unjoni.

(12) L-għanijiet speċifiċi tal-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fir-Repubblika Kirgiża. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja regolarment dawn l-għanijiet.

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta 'Diċembru 2012

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

(13) Il-kundizzjonijiet li fuqhom jiġi bbażat il-forniment tal-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jirriflettu l-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tal-politika tal-Unjoni għar-Repubblika Kirgiża.

(14) Sabiex ikun żgurat il-ħarsien effiċjenti tal-interessi finanzjarji tal-UE marbuta ma' din l-għajnuna makrofinanzjarja, jeħtieġ li r-Repubblika Kirgiża tadotta miżuri xierqa marbutin mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra marbuta ma' din l-għajnuna u miżuri xierqa marbutin mal-ġlieda kontrihom. Jeħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tipprovdi għall-kontrolli x-xierqa u li l-Qorti tal-Awdituri tipprovdi għall-verifiki x-xierqa.

(15) Ir-rilaxx tal-għajnuna finanzjarja tal-UE huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja.

(16) Il-ġestjoni tal-għajnuna għandha tkun f'idejn il-Kummissjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju jkunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tinfurmahom regolarment bl-iżviluppi marbutin mal-għajnuna u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.

(17) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni [1].

(18) L-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni se tkun marbuta ma' kundizzjonijiet tal-politika ekonomika li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tinnegozja dawn il-kundizzjonijiet mal-awtoritajiet Kirgiżi taħt is-superviżjoni tal-Kumitat tal-Istati Membri previst mir-Regolament (UE) Nru 182/2011. ~~Il-fatt li l-għajnuna hija ta' ammont massimu limitat jipprovdi għall-ġustifikazzjoni x-xierqa meħtieġa mit-tieni sentenza tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 sabiex l-adozzjoni tal-Memorandum ta' Ftehim issir permezz tal-proċedura konsultattiva.~~**[Em. 1]**

(19) Skont il-Fond Monetarju Internazzjonali, ir-Repubblika Kirgiża taqa' taħt il-kategorija tal-"ekonomiji emerġenti u li qegħdin jiżviluppaw"; skont il-Bank Dinji, ir-Repubblika Kirgiża hija parti mill-grupp ta' "ekonomiji bi dħul baxx" u tal-"pajjiżi tal-IDA"; skont il-UN-OHRLLS [2], ir-Repubblika Kirgiża taqa' taħt il-kategorija tal-"pajjiżi maqtugħin mill-baħar li qegħdin jiżviluppaw"; skont il-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD, ir-Repubblika Kirgiża hija fil-lista tal-"pajjiżi l-oħra bi dħul baxx". Għalhekk, ir-Repubblika Kirgiża għandha titqies bħala pajjiż li qiegħed jiżviluppa fis-sens tal-Artikolu 208 tat-TFUE, li jiġġustifika l-għażla tal-Artikolu 209 tat-TFUE bħala l-bażi legali għal din id-Deċiżjoni,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Unjoni Ewropea għandha tqiegħed għajnuna makrofinanzjarja għad-dispożizzjoni tar-Repubblika Kirgiża li tammonta għal ammont massimu ta' EUR 30 miljun, bil-għan li tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-pajjiż u tkopri l-ħtiġijiet tiegħu marbuta mal-bilanċ tal-pagamenti kif identifikati fil-programm attwali tal-FMI. Minn dan l-ammont, sa EUR 15-il miljun għandhom jingħataw bħala self u sa EUR 15-il miljun għandhom jingħataw bħala għotjiet. Ir-rilaxx tal-għajnuna makrofinanzjarja jiddependi fuq l-approvazzjoni tal-Baġit għall-2013 mill-awtorità baġitarja. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef ir-riżorsi meħtieġa f'isem l-Unjoni Ewropea sabiex tiffinanzja l-komponent tas-self tal-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni. Is-self għandu jkollu maturità massima ta' 15-il sena.

2. Ir-rilaxx tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandu jkun amministrat mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew l-arranġamenti milħuqa bejn il-FMI u r-Repubblika Kirgiża u mal-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tar-riformi ekonomiċi stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika Kirgiża u fl-Istrateġija għall-Asja Ċentrali għall-perjodu mill-2007 sal-2013. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju bl-iżviluppi fil-ġestjoni tal-għajnuna u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.

3. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni għal sentejn li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Ftehim imsemmi fl-Artikolu 2(1).

[1] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

[2] L-Uffiċċju tar-Rappreżentanza Għolja tan-Nazzjonijiet Uniti għall-pajjiżi l-inqas żviluppati, il-pajjiżi maqtugħin mill-baħar li qegħdin jiżviluppaw u l-istati gżejjer żgħar li qegħdin jiżviluppaw.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

*Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 6(2), għandha tingħata s-setgħa tilħaq ftehim mal-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża dwar il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji marbutin mal-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni Ewropea, li għandhom jitniżżlu f'Memorandum ta' Ftehim li għandu jinkludi perjodu taż-żmien għat-twettiq tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Memorandum ta' Ftehim"). Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(2). Dawn il-kundizzjonijiet se jimmiraw, b'mod partikulari, li jsaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-għajnuna, inklużi tas-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fir-Repubblika Kirgiża. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja regolarment il-progress li jkun qed isir biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. It-termini finanzjarji ddettaljati tal-għajnuna għandhom jiġu stabbiliti fil-Ftehim tal-Għotja u fil-Ftehim tas-Self li għandhom jiġu miftehma bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża.

2. Matul l-implimentazzjoni tal-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-validità tal-arranġamenti finanzjarji tar-Repubblika Kirgiża, il-proċeduri amministrattivi u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern u estern li huma rilevanti għal din l-għajnuna u ż-żamma tal-perjodu taż-żmien miftiehem.

3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika, f'intervalli regolari, li l-politiki ekonomiċi tar-Repubblika Kirgiża jkunu skont l-għanijiet tal-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni u li l-kundizzjonijiet miftehma tal-politika ekonomika jkunu qegħdin jiġu ssodisfati b'mod sodisfaċenti. Hija u tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji u, fejn ikun meħtieġ, mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

*Artikolu 3*

1. Suġġetta għall-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tar-Repubblika Kirgiża l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea f'żewġ pagamenti parzjali, li kull wieħed minnhom ikun jikkonsisti f'element ta' għotja u element ta' self. Id-daqs ta' kull pagament parzjali għandu jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Ftehim.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali, suġġett għall-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika miftehma fil-Memorandum ta' Ftehim. Il-ħlas tat-tieni pagament parzjali għandu jseħħ mill-inqas tliet xhur wara li jsir l-ewwel pagament parzjali.

3. Il-fondi tal-Unjoni Ewropea għandhom jitħallsu lill-Bank Nazzjonali tar-Repubblika Kirgiża. Suġġett għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu miftehma fil-Memorandum ta' Ftehim, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji li baqa', il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti lit-Teżor tar-Repubblika Kirgiża bħala l-benefiċjarju finali.

*Artikolu 4*

1. L-operazzjonijiet tal-għoti jew tat-teħid ta' self marbutin mal-komponent ta' self tal-għajnuna tal-Unjoni Ewropea għandhom isiru fil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur u m'għandhomx jinvolvu lill-Unjoni Ewropea fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet, fi kwalunkwe riskju marbut mar-rata tal-kambju jew mar-rata tal-imgħax, jew fi kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.

2. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa, jekk ir-Repubblika Kirgiża titlob dan, biex tiżgura li tiddaħħal klawżola dwar il-ħlas lura kmieni fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-self u li din tkun appoġġata minn klawżola korrispondenti fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet tat-teħid ta' self.

3. Fuq talba tar-Repubblika Kirgiża u meta ċ-ċirkustanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self, il-Kummissjoni tista' tiffinanzja mill-ġdid is-self inizjali kollu jew parti minnu jew tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid jew ta' ristrutturar għandhom jitwettqu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u m'għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità medja tas-self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont ta' kapital pendenti fid-data tal-finanzjament mill-ġdid jew tar-ristrutturar.

4. L-ispejjeż kollha mġarrba mill-Unjoni Ewropea li huma marbutin mal-operazzjonijiet tal-għoti jew tat-teħid ta' self skont din id-Deċiżjoni għandhom jitħallsu mir-Repubblika Kirgiża.

5. Il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandhom jinżammu infurmati dwar l-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

*Artikolu 5*

L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu. B'mod partikulari, il-Memorandum ta' Ftehim, il-Ftehim tas-Self u l-Ftehim tal-Għotja li għandhom jiġu miftehma mal-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża għandhom jipprovdu għall-miżuri x-xierqa marbutin mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u irregolaritajiet oħrajn li jaffettwaw l-għajnuna u mal-ġlieda kontrihom. Sabiex tkun żgurata iktar trasparenza fil-ġestjoni u fil-ħlas tal-fondi, il-Memorandum ta' Ftehim, il-Ftehim tas-Self u l-Ftehim tal-Għotja għandhom jipprovdu wkoll għal kontrolli, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, inkluż mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi. Barra minn hekk, dawk id-dokumenti għandhom jipprovdu għal verifiki, inklużi, fejn ikun xieraq, verifiki fuq il-post, mill-Qorti tal-Awdituri.

*Artikolu 6*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 7*

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' din l-implimentazzjoni. Ir-rapport għandu jindika r-rabta bejn il-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika kif stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali li tkun għaddejja tar-Repubblika Kirgiża u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti parzjali tal-għajnuna.

2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jiskadi l-perjodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(3), il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport ta' evalwazzjoni ex post lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

---

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0467

## Il-programm ta' tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija għat-tagħmir fl-uffiċini ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm ta' tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija għat-tagħmir fl-uffiċini li jemenda r-Regolament (KE) Nru 106/2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju (COM(2012)0109 – C7-0077/2012 – 2012/0049(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2015/C 434/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0109),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0077/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' April 2012 ([1]),

— wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill fl-ittra tal-26 ta' Ottubru 2012 biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regola 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0382/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinstab hawnhekk;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid

3. Jagħti lill-President tiegħu struzzjonijiet biex jibgħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2012)0049

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 106/2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 174/2013.)*

([1]) ĠU C 191, 29.6.2012, p. 142.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0471

# Arranġamenti tranżizzjonali għal ftehimiet bilaterali ta' investiment bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi - ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi arranġamenti tranżizzjonali għal ftehimiet bilaterali ta' investiment bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (11917/1/2012 – C7-0328/2012 – 2010/0197(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

(2015/C 434/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (11917/1/2012 – C7–0328/2012),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([1]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0344),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-President tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali tal-31 ta' Mejju 2012 fejn jieħu l-impenn li jirrakkomanda lill-plenarja biex tapprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni fit-tieni qari tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0389/2012),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att, flimkien mal-istqarrija konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni**

Il-fatt li dan ir-Regolament, u partikolarment il-premessi 17, 18 u 19 jipprevedi l-użu tal-proċeduri msemmija fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 ma jikkostitwixxix preċedent fir-rigward ta' regolamenti futuri li jippermettu lill-Unjoni

([1]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 203.

tagħti s-setgħa lill-Istati Membri skont l-Artikolu 2(1) TFUE biex jippromulgaw liġijiet u jadottaw atti legalment vinkolanti f'oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Barra minn hekk, f'dan ir-Regolament, l-użu tal-proċedura konsultattiva minflok dik ta' eżami m'għandux jitqies li qed jistabbilixxi preċedent għal regolamenti futuri li jistabbilixxu l-qafas għall-politika kummerċjali komuni.

---

P7_TA(2012)0472

## Assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja (05682/1/2012 – C7-0221/2012 – 2010/0390(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

(2015/C 434/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (05682/1/2012 – C7-0221/2012),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari [1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0804),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni fit-tieni qari tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0363/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti lill-President tiegħu struzzjonijiet biex jibgħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC2-COD(2010)0390

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-11 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

---

[1] ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 211.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Ir-relazzjonijiet bejn il-Ġeorġja u l-Unjoni Ewropea qegħdin jiżviluppaw fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Fl-2006, il-Komunità u l-Ġeorġja qablu dwar Pjan ta' Azzjoni għal Politika Ewropea tal-Viċinat li jidentifika l-prijoritajiet fuq perjodu ta' żmien medju fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Ġeorġja. Fl-2010, l-UE u l-Ġeorġja nedew in-negozjati ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni li huwa mistenni li jieħu post il-Ftehim eżistenti ta' Sħubija u Kooperazzjoni ([2]). Il-qafas tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ġeorġja huwa msaħħaħ aktar bis-Sħubija tal-Lvant li għadu kemm tnieda.

(2) Il-Kunsill Ewropew straordinarju, f'laqgħa fl-1 ta' Settembru 2008, ikkonferma r-rieda tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn l-UE u Ġeorġja fis-segwitu tal-kunflitt armat ta' Awwissu 2008 bejn il-Ġeorġja u l-Federazzjoni Russa.

(3) L-ekonomija tal-Ġeorġja ġiet affettwata mill-kriżi finanzjarja internazzjonali sa mit-tielet trimestru tal-2008, b'nuqqas fil-produzzjoni, tnaqqis fid-dħul fiskali u żieda fil-ħtiġijiet esterni ta' finanzjament.

(4) Fil-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi li saret fit-22 ta' Ottubru 2008, il-komunità internazzjonali wegħdet appoġġ għall-irkupru ekonomiku tal-Ġeorġja skont il-Valutazzjoni Konġunta tal-Ħtiġiet mwettqa min-Nazzjonijiet Uniti u mill-Bank Dinji.

(5) L-Unjoni ħabbret li ser tipprovdi sa EUR 500 miljun bħala assistenza finanzjarja lill-Ġeorġja.

(6) L-aġġustament u l-irkupru ekonomiku tal-Ġeorġja huwa appoġġat permezz ta' assistenza finanzjarja tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI). F'Settembru 2008, l-awtoritajiet tal-Ġeorġja ftehmu mal-FMI fuq Arranġament ta' Riżerva ta' USD 750 miljun biex jappoġġa lill-ekonomija tal-Ġeorġja biex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa fid-dawl tal-kriżi finanzjarja.

(7) B'segwitu ta' aktar deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-Ġeorġja u reviżjoni neċessarja tas-suppożizzjonijiet ekonomiċi sottostanti tal-programm tal-FMI kif ukoll tal-ħtiġiet akbar tal-Ġeorġja ta' finanzjament estern, intlaħaq qbil bejn il-Ġeorġja u l-FMI għal żieda ta' self ta' USD 424 miljun skont l-Akkordju ta' Riżerva, li ġie approvat f'Awwissu 2009 mill-Bord tal-FMI.

(8) Fl-2010-2012, l-Unjoni biħsiebha tipprovdi taħt l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija (ENPI), għotjiet ta' appoġġ baġitarju lill-Ġeorġja ta' EUR 37 miljun kull sena.

(9) Il-Ġeorġja talbet assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni fid-dawl tad-deterjorament fis-sitwazzjoni u l-prospetti ekonomiċi tal-Ġeorġja.

(10) Minħabba li għad hemm lakuna finanzjarja residwa fil-bilanċ tal-pagamenti tal-Ġeorġja, l-assistenza makrofinanzjarja titqies bħala rispons xieraq għat-talba tal-Ġeorġja fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali sabiex tiġi appoġġata l-istabbilizzazzjoni ekonomika flimkien mal-programm tal-FMI attwali.

(11) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni li għandha tingħata lill-Ġeorġja ("l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni") ma għandhiex sempliċement tissupplimenta l-programmi u r-riżorsi mill-FMI u l-Bank Dinji, iżda għandha tiżgura l-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni.

(12) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-miżuri meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u linji ta' politika oħra rilevanti tal-Unjoni.

---

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-10 ta' Mejju 2011 (ĠU C 377 E. 7.12.2012, p. 211) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-10 ta' Mejju 2012 (ĠU C 291 E, 27.9.2012, p. 1) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012.

([2]) Ftehim ta' Assoċjazzjoni u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Ġeorġja, mill-parti l-oħra (ĠU L 205, 4.8.1999, p. 3).

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

(13) L-objettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà. Dawk l-objettivi għandhom jiġu mmonitorjati regolarment mill-Kummissjoni.

(14) Il-kondizzjonijiet sottostanti għall-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jirriflettu l-prinċipji u l-objettivi ewlenin tal-politika tal-Unjoni rigward il-Ġeorġja.

(15) Sabiex tiġi żgurata protezzjoni effiċjenti tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, huwa meħtieġ li l-Ġeorġja tadotta miżuri adatti rigward il-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, il-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra marbuta ma' dik l-assistenza. Huwa wkoll meħtieġ li l-Kummissjoni tipprevedi kontrolli adatti u li l-Qorti tal-Awdituri tipprevedi awditjar adatt.

(16) Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja.

(17) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex tiżgura li l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju jkunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tinformahom regolarment dwar l-iżviluppi relatati mal-assistenza u għandha tipprovdihom bid-dokumenti rilevanti.

(18) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([1]),

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Ġeorġja assistenza makrofinanzjarja ("l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni") b'ammont massimu ta' EUR 46 miljun, bil-ħsieb li tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ġeorġja u tkopri l-ħtiġijiet tagħha tal-bilanċ tal-pagamenti kif identifikat fil-programm attwali tal-FMI. Minn dak l-ammont massimu, sa EUR 23 miljun għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' għotjiet u sa EUR 23 miljun fil-forma ta' self. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għall-2013 mill-awtorità baġitarja.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tissellef ir-riżorsi meħtieġa f'isem l-Unjoni sabiex tiffinanzja l-komponent ta' self tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Is-self għandu jkollu maturità massima ta' 15-il sena.

3. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew qbil milħuqa bejn l-FMI u l-Ġeorġja u mal-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tar-riforma ekonomika stabbiliti fil-Ftehim tas-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u Ġeorġja. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju bl-iżviluppi ***relatati mal-ġestjoni*** tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni u għandha tipprovdihom bid-dokumenti rilevanti.

4. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun magħmula disponibbli għal ▌ sentejn u sitt xhur li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 2(1).

## Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu 6(2), tadotta Memorandum ta' Qbil li jkun fih il-politika ekonomika u l-kondizzjonijiet finanzjarji li għalihom hija soġġetta l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż perjodu ta' żmien biex jintlaħqu dawk il-kondizzjonijiet. Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1 (3). Dawk il-kondizzjonijiet għandhom jimmiraw, b'mod partikolari, għat-tisħiħ tal-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inklużi sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Ġeorġja. Il-

([1]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

progress biex jintlaħqu dawk l-objettivi għandu jiġi mmonitorjat regolarment mill-Kummissjoni. It-termini finanzjarji dettaljati dwar l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-Ftehim tal-Għotja u l-Ftehim ta' Self li għandhom jiġu maqbula bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Ġeorġja.

2. Matul l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-validità tal-arranġamenti finanzjarji tal-Ġeorġja, il-proċeduri amministrattivi u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għal din l-assistenza, kif ukoll l-aderenza tal-Ġeorġja mal-perjodu ta' żmien miftiehem.

3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-linji ta' politika ekonomiċi tal-Ġeorġja jkunu f'konformità mal-objettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni u li l-kondizzjonijiet miftiehma tal-politika ekonomika qed jintlaħqu b'mod sodisfaċenti. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji, u fejn meħtieġ, mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

Artikolu 3

1. Soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun magħmula disponibbli mill-Kummissjoni f'żewġ pagamenti parzjali, li kull wieħed minnhom jikkonsisti f'element ta' għoti u element ta' self. Id-daqs ta' kull pagament parzjali għandu jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali f'fażijiet soġġett għall-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-politika ekonomika u tal-kondizzjonijiet miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil. L-iżborż tat-tieni pagament parzjali għandux jsir mhux aktar kmieni minn tliet xhur wara r-rilaxx tal-ewwel pagament parzjali.

3. Il-fondi tal-Unjoni għandhom jitħallsu lill-Bank Nazzjonali tal-Ġeorġja. Soġġett għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża l-konferma tal-ħtiġiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu trasferiti lit-Teżor tal-Ġeorġja bħala l-benefiċjarju finali.

Artikolu 4

1. L-operazzjonijiet tal-għoti u teħid tas-self relatati mal-komponent ta' self tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jitwettqu bil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur u ma għandhomx jinvolvu lill-Unjoni fit-trasformazzjoni ta' maturitajiet, fi kwalunkwe riskju fir-rata tal-kambju jew tal-imgħax, jew fi kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.

2. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa, jekk il-Ġeorġja titlob dan, biex tiżgura li klawsola dwar ħlas kmieni tiġi inkluża fil-patti u l-kondizzjonijiet tas-self u li tkun appoġġata minn klawsola korrispondenti fil-patti u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet tat-teħid ta' self.

3. Fuq talba tal-Ġeorġja u fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self, il-Kummissjoni tista' tirrifinanzja s-self inizjali kollu jew parti minnu jew tirristruttura l-kondizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament jew ta' ristrutturar għandhom jitwettqu f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità medja tas-self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont tal-kapital pendenti fid-data tar-rifinanzjament jew ristrutturar.

4. Il-kostijiet kollha sostnuti mill-Unjoni li huma relatati mal-operazzjonijiet tal-għoti jew teħid ta' self skont din id-Deċiżjoni għandhom jiġġarrbu mill-Ġeorġja.

5. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju informati bl-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 5

L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu [2]. B'mod partikolari, il-Memorandum ta' Qbil, il-Ftehim ta' Self u l-Ftehim tal-Għotja li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet tal-Ġeorġja għandhom jipprovdu miżuri speċifiċi fir-rigward tal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, il-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra li tolqot l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Sabiex tkun żgurata trasparenza akbar fil-ġestjoni u l-iżborż tal-fondi, il-Memorandum ta'

(1) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1).

Qbil, il-Ftehim ta' Self u l-Ftehim tal-Għotja għandhom jipprevedu wkoll il-kontrolli, inklużi kontrolli fuq il-post u l-ispezzjonijiet, li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi. Dawk id-dokumenti għandhom ukoll jipprevedu l-verifiki, inkluż fejn xieraq verifiki fuq il-post, mill-Qorti tal-Awdituri.

Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ▌.

Artikolu 7

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' kalendarju preċedenti, inkluż l-evalwazzjoni tiegħu. Ir-rapport għandu jindika r-rabta bejn il- politika ekonomika u l-kondizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali kurrenti tal-Ġeorġja u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti parzjali tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

2. Mhux aktar tard minn sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' disponibilità msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni *ex post*.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi …,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**[Em. 1]**

---

P7_TA(2012)0473

## Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (10090/2/2012 – C7-0329/2012 – 2010/0303(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

(2015/C 434/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (10090/2/2012 – C7-0329/2012),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 ([1]),

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

---

([1]) ĠU C 107, 6.4.2011, p. 68.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([1]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0611),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0387/2012),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att huwa adottat skont il-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti lill-President tiegħu struzzjonijiet biex jiffirma l-att mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti lis-Segretarju Ġenerali tiegħu struzzjonijiet biex jiffirma l-att, ladarba jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha jkunu tlestew b'mod debitu, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, biex jirranġaw għall-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti lill-President tiegħu struzzjonijiet biex jibgħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali.

P7_TA(2012)0474

## Il-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja (COM(2011)0215 – C7-0099/2011 – 2011/0093(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2015/C 434/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0215),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 118 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0099/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati preżentati, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mill-Kungress ta' Deputati tal-Ispanja u s-Senat Spanjol u mill-Kamra tad-Deputati tal-Italja li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta' Novembru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0001/2012),

([1]) Testi adottati, 15.12.2011, P7_TA(2011)0581.

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0093

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1257/2012.)*

---

P7_TA(2012)0475

## Il-protezzjoni tal-privattiva unitarja *

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni (COM(2011)0216 – C7-0145/2011 – 2011/0094(CNS))**

**(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2015/C 434/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0216),

— wara li kkunsidra t-tieni paragrafu tal-Artikolu 118 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0145/2011),

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati preżentati, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mill-Kungress ta' Deputati tal-Ispanja u s-Senat Spanjol u mill-Kamra tad-Deputati tal-Italja li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0002/2012),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ladarba l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi huwa responsabbli għall-għoti tal-privattivi Ewropej, l-arranġamenti għat-traduzzjoni għall-privattiva Ewropea b'effett unitarju għandhom jibnu fuq il-proċedura attwali fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi. Dawk l-arranġamenti għandu jkollhom l-għan li jiksbu l-bilanċ meħtieġ bejn l-interessi tal-operaturi ekonomiċi u l-interess pubbliku f'termini tal-ispejjeż tal-proċeduri u d-disponibbiltà ta' informazzjoni teknika. | (6) Ladarba l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi huwa responsabbli għall-għoti tal-privattivi Ewropej, l-arranġamenti għat-traduzzjoni għall-privattiva Ewropea b'effett unitarju għandhom jibnu fuq il-proċedura attwali fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi. Dawk l-arranġamenti għandu jkollhom l-għan li jiksbu l-bilanċ meħtieġ bejn l-interessi tal-operaturi ekonomiċi***, b'mod partikolari l-impriżi ta' daqs żgħir u medju,*** u l-interess pubbliku f'termini tal-ispejjeż tal-proċeduri u d-disponibbiltà ta' informazzjoni teknika. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-applikanti li m'għandhomx lingwa komuni ma' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw l-applikazzjonijiet tal-privattivi tagħhom fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fi kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea. Bħala miżura komplementari, ***fil-każ ta' applikanti*** li jiksbu privattivi Ewropej b'effett unitarju u li jkollhom ir-residenza jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni li għandu lingwa uffiċjali li m'hijiex waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, għandha tiġi amminstrata sistema ta' rimborżi addizzjonali, mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, tal-ispejjeż relatati mat-traduzzjoni minn dik il-lingwa fil-lingwa tal-proċeduri tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, lil hinn minn dak li diġà huwa fis-seħħ fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, skont l-***Artikolu 12*** tar-Regolament ***xx/xx [dispożizzjonijiet sostantivi].*** | (9) Biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-applikanti li m'għandhomx lingwa komuni ma' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw l-applikazzjonijiet tal-privattivi tagħhom fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fi kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea. Bħala miżura komplementari, ***l-impriżi ta' daqs żgħir u medju, il-persuni fiżiċi u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ*** li jiksbu privattivi Ewropej b'effett unitarju u li jkollhom ir-residenza jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni li għandu lingwa uffiċjali li mhijiex waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, ***għandhom jibbenefikaw minn*** sistema ta' rimborżi addizzjonali tal-ispejjeż relatati mat-traduzzjoni minn dik il-lingwa fil-lingwa tal-proċeduri tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, lil hinn minn dak li diġà huwa fis-seħħ fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi***. Is-sistema ta' rimborżi addizzjonali*** għandha tiġi amministrata mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi skont l-***Artikolu 9*** tar-Regolament (***EU) Nru […/2012] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja***. |

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(9a)* ***Il-modalitajiet u l-livell ta' rimborż tal-ispejjeż addizzjonali tat-traduzzjoni għandhom jitfasslu b'mod li, bħala prinċipju, jiżgura kumpens sħiħ tal-ispejjeż tat-traduzzjoni; limitu massimu għal kull paġna huwa meħtieġ sabiex jirrifletti l-prezz medju normali tas-suq għat-traduzzjoni u biex jiġi evitat l-abbuż;*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Biex jiġu promossi d-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar il-privattivi u t-tixrid tal-għarfien teknoloġiku, it-traduzzjonijiet awtomatiċi tal-applikazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tal-privattivi fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni għandhom ikunu disponibbli mill-aktar fis possibbli. Qed jiġu żviluppati traduzzjonijiet awtomatiċi mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi li huma għodda importanti ħafna li tfittex li ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-privattiva u li xxerred b'mod wiesa' l-għarfien teknoloġiku. Id-disponibbiltà fil-ħin ta' traduzzjonijiet awtomatiċi ta' kwalità għolja ta' applikazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tal-privattivi Ewropej fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni se tkun ta' benefiċċju għall-utenti kollha tas-sistema ta' privattiva Ewropea. It-traduzzjonijiet awtomatiċi huma karatteristika ewlenija tal-politika tal-Unjoni Ewropea. Dawn it-traduzzjonijiet awtomatiċi għandhom iservu biss għal finijiet ta' informazzjoni u m'għandu jkollhom l-ebda effett legali. | (10) Biex jiġu promossi d-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar il-privattivi u t-tixrid tal-għarfien teknoloġiku, it-traduzzjonijiet awtomatiċi tal-applikazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tal-privattivi fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni għandhom ikunu disponibbli mill-aktar fis possibbli. Qed jiġu żviluppati traduzzjonijiet awtomatiċi mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi li huma għodda importanti ħafna li tfittex li ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-privattiva u li xxerred b'mod wiesa' l-għarfien teknoloġiku. Id-disponibbiltà fil-ħin ta' traduzzjonijiet awtomatiċi ta' kwalità għolja ta' applikazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tal-privattivi Ewropej fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni se tkun ta' benefiċċju għall-utenti kollha tas-sistema ta' privattiva Ewropea. It-traduzzjonijiet awtomatiċi huma karatteristika ewlenija tal-politika tal-Unjoni Ewropea. Dawn it-traduzzjonijiet awtomatiċi għandhom iservu biss għal finijiet ta' informazzjoni u m'għandu jkollhom l-ebda effett legali. ***Għandhom ikunu disponibbli online u għandhom ikunu bla ħlas wara l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għal privattiva u tal-privattiva mogħtija.*** |

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(11a)* ***Wara li jintemm il-perjodu tranżitorju, l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi għandu jibqa' jippubblika traduzzjoni addizzjonali bl-Ingliż tal-ispeċifikazzjoni tal-privattiva Ewropea pprovduta b'mod volontarju mill-applikant. Dan jipprovdi aktar pubbliċità internazzjonali u jillimita l-possibbiltà ta' kontraventur li jiddikjara li aġixxa in bona fede.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja awtorizzata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/167/UE fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni. | ***1.*** Dan ir-Regolament jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja awtorizzata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/167/UE fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni. ***Jirregola l-arranġamenti għat-traduzzjoni applikabbli għall-privattivi Ewropej sakemm ikollhom effett unitarju.*** |
| | ***1a. Dan ir-Regolament huwa bla ħsara għar-regoli li jirregolaw il-lingwi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbiliti skont l-Artikolu 342 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1/1958.*** |
| | ***1b. Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq ir-reġim lingwistiku tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u m'għandux jitqies bħala li joħloq reġim lingwistiku speċifiku għall-Unjoni, jew li joħloq preċedent għal reġim limitat ta' lingwi fi kwalunkwe strument legali fil-futur tal-Unjoni.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Ladarba jkunu disponibbli, it-traduzzjonijiet awtomatiċi ta' applikazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tal-privattivi fil-lingwi kollha tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6(3) għandhom ikunu disponibbli online u għandhom ikunu bla ħlas wara l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għal privattiva u tal-privattiva mogħtija.*** |

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Wara li jintemm il-perjodu tranżitorju msemmi fl-Artikolu 6 u skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (EU) Nru […/2012] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja, l-Istati Membri parteċipanti, skont l-Artikolu 143 tal-KEP, għandhom jagħtu lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi l-kompitu li jippubblika traduzzjoni sħiħa addizzjonali tal-ispeċifikazzjoni bl-Ingliż, jekk tali traduzzjoni addizzjonali tkun ġiet ipprovduta b'mod volontarju mill-applikant. Din it-traduzzjoni m'għandhiex issir b'mezzi awtomatiċi.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fil-każ ta' tilwima relatata ma' privattiva Ewropea b'effett unitarju, il-proprjetarju tal-privattiva għandu jipprovdi, fuq it-talba u l-għażla ta' persuna li allegatament tkun wettqet il-ksur, traduzzjoni sħiħa tal-privattiva f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru parteċipanti fejn ikun seħħ l-allegat ksur jew fejn tkun domiċiljata l-persuna li allegatament tkun wettqet il-ksur. | 1. Fil-każ ta' tilwima relatata ma' privattiva Ewropea b'effett unitarju, il-proprjetarju tal-privattiva għandu jipprovdi, fuq it-talba u l-għażla ta' persuna li allegatament tkun wettqet il-ksur, traduzzjoni sħiħa tal-privattiva f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru parteċipanti fejn ikun seħħ l-allegat ksur jew fejn tkun domiċiljata l-persuna li allegatament tkun wettqet il-ksur. ***Din it-traduzzjoni m'għandhiex issir b'mezzi awtomatiċi.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-każ ta' tilwima relatata ma' privattiva Ewropea b'effett unitarju, il-proprjetarju tal-privattiva għandu jipprovdi, matul il-proċeduri legali, fuq it-talba tal-qorti kompetenti fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti għal tilwim li jikkonċerna l-privattivi Ewropej b'effett unitarju, traduzzjoni sħiħa tal-privattiva fil-lingwa tal-proċeduri ta' dik il-qorti. | 2. Fil-każ ta' tilwima relatata ma' privattiva Ewropea b'effett unitarju, il-proprjetarju tal-privattiva għandu jipprovdi, matul il-proċeduri legali, fuq it-talba tal-qorti kompetenti fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti għal tilwim li jikkonċerna l-privattivi Ewropej b'effett unitarju, traduzzjoni sħiħa tal-privattiva fil-lingwa tal-proċeduri ta' dik il-qorti. ***Din it-traduzzjoni m'għandhiex issir b'mezzi awtomatiċi.*** |

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fil-każ ta' tilwima li tikkonċerna talba għal ħsarat, il-qorti li qed tisma' t-tilwima għandha tqis ***li l-persuna*** li allegatament tkun wettqet il-ksur ***setgħet aġixxiet*** mingħajr ma kienet taf jew mingħajr ma kellha raġunijiet raġonevoli sabiex tkun taf li qed tikser il-privattiva qabel ma ġiet ipprovduta bit-traduzzjoni msemmija fil-paragrafu 1. | 4. Fil-każ ta' tilwima li tikkonċerna talba għal ħsarat, il-qorti li qed tisma' t-tilwima għandha tqis ***jekk, b' mod partikolari, f'każ ta' impriża ta' daqs żgħir jew medju, persuna fiżika, organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, università jew organizzazzjoni ta' riċerka pubblika, il-persuna*** li allegatament tkun wettqet il-ksur ***aġixxietx*** mingħajr ma kienet taf jew mingħajr ma kellha raġunijiet raġonevoli sabiex tkun taf li qed tikser il-privattiva qabel ma ġiet ipprovduta bit-traduzzjoni msemmija fil-paragrafu 1. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta wieħed iqis li l-applikazzjonijiet għall-privattivi Ewropej jistgħu jiġu ppreżentati f'kull lingwa taħt l-Artikolu 14(2) tal-KEP, skont l-***Artikolu 12*** tar-Regolament ***xx/xx [dispożizzjonijiet sostantivi]***, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħtu lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, skont it-tifsira tal-Artikolu 143 tal-KEP, il-kompitu tal-amministrazzjoni għal skema ta' kumpens ta' rimborż għall-ispejjeż tat-traduzzjoni sa limitu, mit-tariffi msemmija fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament, għall-applikanti li jippreżentaw applikazzjonijiet għall-privattivi fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni li mhijiex lingwa uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi. | ***1.*** Meta wieħed iqis li l-applikazzjonijiet għall-privattivi Ewropej jistgħu jiġu ppreżentati f'kull lingwa taħt l-Artikolu 14 (2) tal-KEP, skont l-***Artikolu 9*** tar-Regolament ***(EU) Nru […/2012] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja***, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħtu lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, skont it-tifsira tal-Artikolu 143 tal-KEP, il-kompitu tal-amministrazzjoni għal skema ta' kumpens ta' rimborż għall-ispejjeż tat-traduzzjoni sa limitu, mit-tariffi msemmija fl-***Artikolu 10*** ta' dak ir-Regolament, għall-applikanti li jippreżentaw applikazzjonijiet għall-privattivi fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni li mhijiex lingwa uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi. |
| | ***1a. L-iskema ta' kumpens imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun iffinanzjata permezz tat-tariffi msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (EU) Nru […/2012] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja u għandha tkun disponibbli biss għall-impriżi ta' daqs żgħir u medju, il-persuni fiżiċi u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika li r-residenza jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom jkunu fi Stat Membru tal-Unjoni.*** |
| | ***1b. L-iskema ta' kumpens imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiżgura rimborż sħiħ tal-ispejjeż tat-traduzzjoni sa limitu massimu stabbilit b'tali mod li jirrifletti l-prezz medju tas-suq għat-traduzzjonijiet u biex jiġi evitat l-abbuż.*** |

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dawn it-traduzzjonijiet m'għandhomx isiru b'mezzi awtomatiċi.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għandu japplika ***minn [data speċifika se tiġi stipulata u se tikkoinċida mad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament xx/xx dwar l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja]***. | 2. Għandu japplika ***mill-1 ta' Jannar 2014 jew mid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-Ftehim dwar Qorti tal-Privattivi Unitarji, skont liema data tkun l-aħħar***. |

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0477

## L-implimentazzjoni tal-klawżola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-ftehim ta' assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (COM(2011)0599 – C7-0306/2011 – 2011/0263(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2015/C 434/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0599),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0306/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-31 ta' Ottubru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0237/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt [1];

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Japprova d-dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0263

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 20/2013.)*

---

[1] Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-13 ta' Settembru 2012 (Testi adottati, P7_TA(2012)0348).

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

**ANNESSI GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA**

***DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI***

***Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim fl-ewwel qari bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-Regolament (UE) Nru 20/2013*** ([1]).

***Kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 20/2013, il-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Parti IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali u se tkun lesta tiddiskuti mal-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew kwalunkwe kwistjoni li toħroġ mill-implimentazzjoni tal-Parti IV tal-Ftehim.***

***Il-Kummissjoni se tagħti importanza partikolari lill-implimentazzjoni effikaċi tal-impenji dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali, billi tqis it-tagħrif speċifiku pprovdut mill-entitajiet rilevanti ta' monitoraġġ tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol u l-ftehimiet ambjentali multilaterali elenkati fit-Titolu VIII tal-Parti IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tfittex ukoll il-fehmiet tal-gruppi konsultattivi rilevanti tas-soċjetà ċivili.***

***Wara l-iskadenza tal-Mekkaniżmu ta' Stabbilizzazzjoni għall-Banana fil-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni se tivvaluta l-qagħda tas-suq tal-Unjoni għall-banana u l-istat tal-produtturi tal-banana tal-UE. Il-Kummissjoni tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tinkludi valutazzjoni preliminari tal-funzjonament tal-"Programme d'Options Spécifiques à l'Éloignement et l'Insularité" (POSEI) fil-preservazzjoni tal-produzzjoni tal-banana fl-Unjoni.***

***DIKJARAZZJONI KONĠUNTA***

***Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jaqblu dwar l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Parti IV tal-Ftehim u tar-Regolament (UE) Nru 20/2013*** ([2])***. Għal dak il-għan, huma jaqblu fuq dan li ġej:***

- ***Fuq talba mill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament dwar kwalunkwe tħassib speċifiku b'rabta mal-implimentazzjoni mill-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali tal-impenji tagħha dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.***
- ***Jekk il-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni għall-ftuħ ta' investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni se teżamina bir-reqqa jekk ġewx sodisfatti l-kondizzjonijiet taħt ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 għal ftuħ ex officio. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, se tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għall-ftuħ ta' tali investigazzjoni.***

---

P7_TA(2012)0478

## Ftehim ta' assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (16395/1/2011 – C7-0182/2012 – 2011/0303(NLE))**

(2015/C 434/29)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16395/1/2011),
- wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra (16396/2011),

---

([1]) ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13.
([2]) ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 217 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0182/2012),

— wara li kkunsidra l-kapitolu dwar il-kummerċ tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Novembru 2001 dwar sħubija globali u strateġija komuni għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina ([1]), tas-27 ta' April 2006 dwar sħubija iktar mill-qrib bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina ([2]), u tal-24 ta' April 2008 dwar il-Ħames Samit bejn l-Amerika Latin u l-Karibew u l-Unjoni Ewropea f'Lima ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar il-kummerċ u l-faqar: tfassil ta' politiki kummerċjali biex jimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-kummerċ biex jittaffa l-faqar ([4]), tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-għajnuna għall-kummerċ tal-UE ([5]), tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-Amerika Latina ([6]), u tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar id-definizzjoni ta' politika ġdida ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-Amerika Latina ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2009 dwar it-tisħiħ tar-rwol tal-SMEs Ewropej fil-kummerċ internazzjonali ([8]), tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([9]), tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([10]), u tas-27 ta' Settembru 2011 dwar politika kummerċjali ġdida għall-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020 ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar l-istrateġija tal-UE għal relazzjonijiet mal-Amerika Latina ([12]) u tal-5 ta' Lulju 2011 dwar iż-żieda fl-impatt tal-politika ta' żvilupp tal-UE ([13]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana (EuroLat), u speċifikament ir-riżoluzzjonijiet adottati fil-Ħames Sessjoni Plenarja Ordinarja tat-18 u d-19 ta' Mejju 2011 f'Montevideo (Urugwaj) dwar il-prospetti għar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina, dwar l-istrateġiji għall-ħarsien u għall-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażagħ, u dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2007 lill-Kunsill dwar il-mandat għal negozjar ta' ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra ([14]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-sitt Samits tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Amerika Latina u l-Karibew u l-UE li saru f'Río de Janeiro (fit-28 u d-29 ta' Ġunju 1999), Madrid (fis-17 u t-18 ta' Mejju 2002), Guadalajara (fit-28 u d-29 ta' Mejju 2004), Vjenna (fit-12 u t-13 ta' Mejju 2006), Lima (fis-16 u s-17 ta' Mejju 2008) u Madrid (fis-17 u t-18 ta' Mejju 2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport interim tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonal kif ukoll tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0360/2012),

---

([1]) ĠU C 140 E, 13.6.2002, p. 569
([2]) ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 123.
([3]) ĠU C 259 E, 29.10.2009, p. 64.
([4]) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 261.
([5]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 291.
([6]) ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 79.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2012)0235.
([8]) ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 101.
([9]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.
([10]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 101.
([11]) Testi adottati, P7_TA(2011)0412.
([12]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 54.
([13]) Testi adottati, P7_TA(2011)0320.
([14]) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 233.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

A. billi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Ċentrali joħloq preċedent importanti, għaliex huwa l-ewwel ftehim ta' assoċjazzjoni bireġjonali ffirmat mill-UE minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona,

B. billi l-integrazzjoni reġjonali, soċjali, ekonomika u kulturali mirfuda bil-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bilaterali u subreġjonali hi l-objettiv ewlieni tas-Shubija Strateġika Bireġjonali bejn l-UE u l-Amerika Latina,

C. billi biex l-iżvilupp tar-relazzjonijiet ta' sħubija bejn l-UE u l-Amerika Latina ikun ta' benefiċċju reċiproku u joffri vantaġġi għaż-żewġ partijiet huwa essenzjali li r-rispett lejn id-demokrazija, l-Istat tad-Dritt u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem għaċ-ċittadini kollha tas-soċjetà jitqiesu bħala elementi sostanzjali tad-djalogu politiku,

D. billi s-Samit ta' Madrid f'Mejju 2010 wassal għat-tkomplija tan-negozjati kummerċjali kollha mal-Amerika Latina, li kienu staġnaw f'dawn l-aħħar snin, u ġew konklużi n-negozjati ta' dan il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni,

E. billi l-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-Amerika Latina huwa ta' benefiċċju reċiproku u jista' jġib vantaġġi għall-Istati Membri kollha tal-UE;

F. billi l-Parlament esprima t-tħassib tiegħu dwar il-vjolenza kontra n-nisa fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar qtil ta' nisa (femiċidji) fil-Messiku u fl-Amerika Ċentrali, u l-irwol tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra dan il-fenomenu ([1]),

G. billi l-UE hi l-investitur ewlieni u t-tieni l-akbar sieħba kummerċjali tal-Amerika Ċentrali u d-donatur ewlenin tal-għajnuna għall-iżvilupp,

H. billi r-rispett lejn id-demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-drittijiet tal-bniedem, ċivili u politiċi tal-popli taż-żewġ reġjuni huma elementi fundamentali tal-Ftehim,

I. billi l-Ftehim jinkorpora klawsola tad-drittijiet tal-bniedem li tobbliga lill-partijiet firmatarji jagħmlu monitoraġġ kif jixraq tad-drittijiet tal-bniedem u jiżguraw il-garanzija tal-implimentazzjoni prattika tagħha,

J. billi l-kundizzjonijiet ta' faqar tremend, l-esklużjoni soċjali u l-vulnerabilità soċjoambjentali jikkaratterizzaw l-Amerika Ċentrali,

K. billi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jimplika assoċjazzjoni politika u ekonomika bejn l-UE u r-reġjun, bil-pajjiżi differenti tiegħu, li tqis l-assimetriji u inugwaljanzi eżistenzi bejn iż-żewġ reġjuni, u bejn id-diversi pajjiżi tal-Amerika Ċentrali,

L. billi l-objettiv tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandu jkun li jippromwovi, inter alia, l-iżvilupp sostenibbli, il-koeżjoni soċjali u l-integrazzjoni reġjonali,

M. billi l-UE tista' tikkontribwixxi permezz ta' kooperazzjoni għas-sejba ta' soluzzjonijiet immirati li jiżguraw is-sigurtà fir-reġjun – tema importanti ħafna fl-Amerika Ċentrali,

N. billi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jikkorrispondi mal-objettiv tal-Unjoni li tippromwovi l-integrazzjonali reġjonali permezz tal-kummerċ, kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2010)0612) bit-titolu "Kummerċ, Tkabbir u Temi Dinjija" u, skont l-istrateġija Ewropa 2020, juża l-kummerċ bħala mutur għall-kompetittività, l-iżvilupp u l-ħolqien tal-impjiegi;

O. billi fil-parti kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni se tikber, f'termini kemm ta' kwalità kif ukoll ta' kwantità, il-firxa ta' prodotti u servizzi li se jibbenefikaw minn żona ta' kummerċ ħieles, filwaqt li se jiġi stabbilit qafas għas-sigurtà u ċ-ċertezza legali li se jistimula l-fluss ta' prodotti, servizzi u investimenti,

([1]) ĠU C 227 E, 4.9.2008, p. 140.

P. billi hu mistenni li l-parti kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni se tiffaċilita, fuq bażi ta' settur b'settur, tnaqqis immedjat jew gradwali fit-tariffi fuq bażi asimetrika bl-objettiv li tinħoloq żona ta' kummerċ bireġjonali suġġetta għal sistema stabbli u prevedibbli li se tħeġġeġ l-investiment produttiv, penetrazzjoni ikbar tar-reġjun tal-Amerika Ċentrali fil-kummerċ dinji, ġestjoni effikaċi tar-riżorsi u żieda fil-kompetittività,

Q. billi wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni hu li jikkontribwixxi għal aktar integrazzjoni u stabilità reġjonali fl-Amerika Ċentrali, u dan jista' l-objettiv jista' jintlaħaq sakemm il-pajjiżi partijiet tiegħu (inkluża l-Panama) juru rieda politika ċara u jimpenjaw ruħhom li jegħlbu d-diffikultajiet u jiksbu integrazzjoni dinamika ulterjuri permezz tal-adozzjoni ta' miżuri effikaċi, ekwivalenti u xierqa biex joħolqu sinerġiji li jkunu ta' benefiċċju reċiproku u jsaħħu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku, politiku u soċjali,

R. billi l-ħolqien ta' qafas għat-tisħiħ taċ-ċertezza legali se jġib miegħu effetti pożittivi għaż-żewġ partijiet, filwaqt li jħeġġeġ żieda fil-flussi tal-kummerċ u tal-investiment u d-diversifikazzjoni settorjali u ġeografika; billi l-aktar effett sinifikanti għall-Unjoni se jkun it-tfaddil li jirriżulta mit-tnaqqis jew eliminazzjoni gradwali tat-tariffi, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, u l-investiment f'qafas ta' stabilità u fiduċja reċiproka, filwaqt li jiġi enfasizzat l-impenn taż-żewġ reġjuni li jirrispettaq u jaderixxu ma' standards internazzjonali, b'mod speċjali dawk tad-WTO u tal-ILO; billi għall-Amerika Ċentrali jimplika preżenza internazzjonali akbar, sħubija strateġika ma' suq stabbilit u opportunità għad-diversifikazzjoni u biex jiġu attirati investimenti produttivi fit-tul;

S. billi l-parti kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni hija assimetrika, u dan jidher fl-iggradar u fil-ħolqien ta' perjodi tranżitorji differenti għaż-żewġ reġjuni, li jagħtu lok li l-istrutturi tal-produzzjoni jadattaw għar-realtajiet ekonomiċi u kummerċjali ġodda li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tiegħu;

T. billi fost il-prinċipji tiegħu, ir-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem fundamentali u l-Istat ta' Dritt se jsaħħu l-politiki domestiċi u internazzjonali taż-żewġ partijiet; billi qed tiġi enfasizzata l-importanza tal-inklużjoni ta' intestatura speċifika dwar "Il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli" b'referenza għall-istandards u l-ftehimiet internazzjonali fil-qasam tax-xogħol, tal-ambjent u tal-governanza, b'konsistenza mal-objettiv ta' żvilupp sostemibbli u bbilanċjat li jnaqqas id-differenzi bejn il-partijiet, u b'hekk joħloq preċedent importanti għal negozjati futuri; billi hu mistenni li l-kummerċ se jippromwovi l-iżvilupp ekonomiku, it-tkabbir ekoloġiku u l-koeżjoni soċjali; billi l-inklużjoni ta' mekkaniżmi istituzzjonali u ta' segwitu bħall-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Forum ta' Djalogu tas-Soċjetà Ċivili qed tintlaqa' pożittivament,

U. billi huwa enfasizzat l-impenn taż-żewġ reġjuni fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tal-proprjetà intellettwali skont standards internazzjonali,

V. billi l-istati kollha tal-Amerika Ċentrali jgawdu mill-iskema ta' GSP+, li tieqaf tapplika fil-31 ta' Diċembru 2013; billi l-iskema ta' GSP l-ġdida se teskludi, mingħajr ebda eċċezzjoni, il-pajjiżi kollha definiti mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul medju-għoli, u dan ifisser li l-Kosta Rika u l-Panama se jitilfu d-dritt tagħhom li jibbenefikaw minn din is-sistema; billi l-GSP hija unilaterali, temporanja, rivedibbli, tkopri firxa iċken ta' prodotti u teskludi l-parti l-kbira tal-prodotti agrikoli; billi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni se jtejjeb il-pożizzjoni kummerċjali tal-istati kollha tal-Amerika Ċentrali billi jistabbilixxi qafas legali ġdid, aktar komprensiv, sikur u ta' benefiċċju reċiproku; billi l-fatt li din l-iskema l-ġdida se tagħti lok għal liberalizzazzjoni progressiva tal-iskambju tal-prodotti u s-servizzi, l-akkwist pubbliku u l-promozzjoni tal-investiment hu milqugħ,

1. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqisu r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

***Introduzzjoni***

(a) jenfasizza li l-ipproċessar, il-konklużjoni u r-ratifikazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandu jiġi faċilitat;

**It-Tlieta 11 ta’ Diċembru 2012**

(b) jindika li fis-Samit bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew li sar fi Vjenna f'Mejju 2006, il-Kapijiet ta’ Stat u Gvern tal-Unjoni Ewropea u ta’ ċerti Repubbliki tal-Amerika Ċentrali ddeċidew li jiftħu negozjati dwar Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni, negozjati li bdew uffiċjalment f'Ottubru 2007;

(c) ifakkar li l-Panama, li kienet segwiet in-negozjati bħala osservatur, talbet biex tissieħeb fin-negozjati f'Jannar 2010, u li fl-10 ta’ Marzu 2010, l-inklużjoni tal-Panama ġiet aċċettata uffiċjalment mill-UE;

(d) jindika li n-negozjati ġew konklużi b'suċċess f'Mejju 2010 u li wara fażi ta’ rieżami ġuridiku, it-test tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni ġie inizjalat fit-22 ta’ Marzu 2011 u ffirmat f'Tegucigalpa fit-28 ta’ Ġunju 2012;

(e) ifakkar li l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni, konkluż f'Mejju 2010, jinkludi tliet pilastri ewlenin: id-djalogu politiku, il-kooperazzjoni u l-kummerċ;

***Id-djalogu politiku: element kruċjali fl-iżvilupp tal-assoċjazzjoni bireġjonali***

(f) jenfasizza li din hi l-ewwel sħubija komprensiva bejn ir-reġjuni, u r-riżultat tar-rieda politika inekwivoka tal-UE. Din is-sħubija hi pass deċiżiv 'il quddiem fl-integrazzjoni tal-Amerika Ċentrali u tmur lil hinn minn sempliċi kwistjonijiet ta’ kummerċ ħieles;

(g) jenfasizza l-fatt li l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali hu r-riżultat loġiku tal-politika tal-UE ta’ appoġġ għall-paċifikazzjoni, l-istabilità u demokratizzazzjoni tar-reġjun, inizjalata fis-snin tmenin, b'impenn politiku sostanzjali permezz tad-diversi ftehimiet ta’ paċi u l-proċess Contadora;

(h) jilqa’ l-ispinta ġdida straordinarja li joffri d-djalogu politiku tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni l-ġdid għar-relazzjoni bireġjonali fl-ambitu tad-djalogu bejn il-gvernijiet, il-parlamenti u s-soċjetà ċivili – qabża 'l quddiem fil-kwalità meta jitqabbel mal-proċess ta’ djalogu ta’ San José mibdi fl-1984;

(i) jenfasizza d-dimensjoni parlamentari tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni, mal-ħolqien ta’ Kumitat Parlamentari ta’ Assoċjazzjoni, magħmul minn Membri tal-Parlament Ewropew u deputati parlamentari mill-Amerika Ċentrali, li għandu jinżamm infurmat bid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni u jista’ jagħmel rakkomandazzjonijiet u jiġbor informazzjoni dwar kif ikun qed jiġi implimentat il-ftehim;

(j) jenfasizza li għandha tkun żgurata l-aħjar implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni, billi tingħata attenzjoni partikolari lill-punti enfasizzati mill-Parlament f'din ir-riżoluzzjoni u fid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti ta’ implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni, u jitlob li l-attivitajiet tal-Kumitat Parlamentari ta’ Assoċjazzjoni jiġu appoġġjati;

(k) jenfasizza li l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali jinkludi fih għadd ta’ elementi importanti li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif imħaddna fl-Artikolu 21 TUE, inkluż b'mod partikolari l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-demokrazija, ekonomija sostenibbli u l-iżvilupp soċjali u ambjentali;

(l) jindika li l-Artikolu 1 tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni jirreferi għar-rispett tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-prinċipju tal-istat tad-dritt bħala “elementi essenzjali” tal-ftehim, jiġifieri n-nuqqas ta’ osservanza tagħhom minn kwalunkwe parti jirriżulta fl-adozzjoni ta’ miżuri li jistgħu eventwalment iwasslu għas-sospensjoni tiegħu; iqis, madankollu, li għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi konkreti biex jiżguraw ir-rispett u l-konformità mal-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem inkluża fil-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni;

(m) jipproponi li l-Kummissjoni tħejji rapport annwali għall-Parlament Ewropew, bħala monitoraġġ tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni kollu kemm hu, inklużi aspetti relatati mal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem;

(n) jenfasizza li l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni għandu jitqies bħala qafas ideali biex jingħaqdu l-forzi, bħala sħab indaqs, biex jiġu miġġielda l-inugwaljanza soċjali u l-faqar, biex jitrawwem l-iżvilupp inklużiv u biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali, ekonomiċi u politiċi persistenti;

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

(o) jilqa' l-impenn għall-multilateraliżmu għal ħarsien aħjar tal-valuri u tal-objettivi komuni, kif ukoll biex jiġi ffaċċati l-isfidi dinjija b'mod effikaċi;

(p) jinnota li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ġdid joffri possibilitajiet ġodda u interessanti għal djalogu fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata, skont l-Istrateġija ta' Sigurtà Reġjonali approvata mill-presidenti tal-Amerika Ċentrali; jilqa' d-diversi impenji biex jiġu koordinati l-isforzi għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, il-ħasil tal-flus, l-iffinanzjar tat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni;

(q) iqis li importanti li tiġi promossa parteċipazzjoni adegwata tas-soċjetà ċivili kemm fl-UE kif ukoll fl-Amerika Ċentrali, billi tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni attiva fil-fora, kumitati u sottokumitati settorjali; jilqa', għal dan il-għan, il-ħolqien tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt tas-Soċjetà Ċivili UE-Amerika Ċentrali;

***Kooperazzjoni effikaċi favur il-ġlieda kontra l-faqar u favur il-koeżjoni soċjali***

(r) jenfasizza l-prijorità mogħtija lill-koeżjoni soċjali bħala objettiv tal-politiki ta' koperazzjoni reġjonali; jisħaq li din il-koeżjoni hi possibbli biss jekk jonqsu l-faqar, inugwaljanza, l-esklużjoni soċjali u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni xierqa, inkluż it-taħriġ vokazzjonali; jenfasizza li l-inugwaljanzi soċjali ma naqsux biżżejjed fl-aħħar snin, u li n-nuqqas ta' sikurezza pubblika huwa element ta' tħassib serju fl-Amerika Ċentrali;

(s) jenfasizza l-opportunitajiet li joffri dan il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tat-titjib tal-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli, li huma elementi fundamentali fil-konsolidazzjoni tat-tkabbir ekonomiku, l-istabilità soċjali u l-involviment demokratiku;

(t) jinnota l-impenji fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-ambitu tal-modernizzazzjoni tal-istat u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, ta' titjib fis-sistemi tal-ġbir tat-taxxi u tat-trasparenza, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-impunità, tat-tisħiħ tas-sistema ġudizzjarja u tal-involviment tas-soċjetà ċivili;

(u) jenfasizza l-ftehim milħuq bejn iż-żewġ partijiet fil-qasam tal-ambjent, li l-objettivi tiegħu jinkludu t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, l-iżvilupp sostenibbli, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tad-diżastri naturali, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, id-diforestazzjoni, id-deżertifikazzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità;

(v) jenfasizza l-bżonn li jingħata kontribut għar-revitalizzazzjoni u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali u l-integrazzjoni tat-tessut produttiv taż-żewġ reġjuni bl-għan li jinkisbu l-ikbar benefiċċji mill-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u b'hekk ikun promoss tkabbir bilanċjat u sostenibbli li jwassal għal opportunitajiet ekonomiċi, kummerċjali u ta' investiment ġodda li jippermettu integrazzjoni akbar tal-Amerika Ċentrali ad intra u ad extra fl-istruttura kummerċjali internazzjonali;

(w) jenfasizza li għandha tkun żgurata konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, b'impenn lejn sinerġiji akbar bejn iż-żewġ reġjuni iżda mingħajr ma jkunu ssagrifikati l-interessi ġenerali, inklużi l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kif ukoll il-prijoritajiet tal-UE fir-rigward ta' kwistjonijiet ekonomiċi u kummerċjali;

(x) jenfasizza ukoll il-bżonn li tiġi promossa l-kooperazzjoni b'riżorsi tekniċi u finanzjarji adegwati f'setturi strateġiċi għaż-żewġ reġjuni, b'mod partikolari fil-qasam tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, u l-kooperazzjoni xjentifika u teknika f'oqsma bħall-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali, l-armonizzazzjoni tal-istandards, il-proċeduri doganali u l-istatistika, il-proprjetà intellettwali, il-prestazzjoni tas-servizzi, l-akkwist pubbliku, il-kummerċ elettroniku, l-iżvilupp industrijali, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, l-istandards sanitarji u fitosanitarji, l-appoġġ għall-SMEs u d-diversifikazzjoni; jitlob li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-modernizzazzjoni u l-innovazzjoni teknoloġa, u jirrakkomanda li dan il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandu jintuża bħala strument biex jinkisbu dawn l-għanijiet;

(y) jitlob li l-Forum ta' Djalogu mas-Soċjetà Ċivili bireġjonali jiġi organizzat u faċilitat fuq bażi annwali; jirrakkomanda lis-settur privat u s-soċjetà ċivili għandhom jiġu mistiedna jinvolvu ruħhom permezz ta' politika ta' responsabilità soċjali tal-kumpaniji li tagħti lok għal relazzjoni fluida bejniethom u li twassal għal aktar żvilupp ekonomiku sostenibbli fl-Amerika Ċentrali;

(z) jirrakkomanda li għandhom ikunu promossi azzjonijiet għall-qawmien ta’ kuxjenza dwar il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni fost l-atturi miż-żewġ reġjuni filwaqt li tiġi mħeġġa l-organizzazzjoni ta’ fieri kummerċjali fiż-żewġ reġjuni bil-għan li jipprovdu opportunitajiet għall-kuntatti u l-konklużjoni ta’ ftehimiet ta’ kooperazzjoni, partikolarment fost l-SMEs;

(aa) jenfasizza l-bżonn li għandu jkun appoġġat il-ħolqien ta’ ċentri tal-produzzjoni kompetittivi b’valur miżjud fl-Amerika Ċentrali; jirrakkomanda ukoll li jiġi propost l-istabbiliment ta’ akkademji kummerċjali reġjonali kemm fir-reġjuni tal-Amerika Latina kif ukoll fl-Istati Membri kollha tal-UE, immirati lejn il-bini tal-kapaċitajiet fost l-intrapriżi ta’ daqs żgħir u medju billi jipprovdu sessjonijiet ta’ taħriġ dwar il-prekundizzjonijiet għall-kummerċ ta’ prodotti agrikoli, merkanzija u servizzi mar-reġjun sieħeb;

***Konklużjonijiet***

(ab) jenfasizza l-fatt li l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni jgħin biex jinkisbu l-għanijiet ta’ azzjoni esterna tal-UE kif imħaddna fl-Artikolu 21 TUE; jindika li r-rispett tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-Istat tad-Dritt huma elementi essenzjali tal-ftehim;

(ac) jisħaq li d-dispożizzjonijiet kummerċjali attwali, li huma proviżorji u msejsa fuq sistema unilaterali ta’ preferenzi ġeneralizzati, se jevolvu u gradwalment isiru struttura reċiproka u negozjata għall-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ tal-prodotti, tas-servizzi u tal-akkwist pubbliku, kif ukoll għal azzjoni biex jiġi mħeġġeġ l-investiment. Dan għandu jwassal għall-ħolqien ta’ qafas prevedibbli ta’ sigurtà u ċertezza legali b’ħila li jispira l-fiduċja reċiproka, li hija indispensabbli għall-iżvilupp tal-kummerċ u tal-investiment;

(ad) jenfasizza li l-koeżjoni soċjali hi objettiv ta’ prijorità tal-politika ta’ koperazzjoni reġjonali, u li l-għan ġenerali hu li jonqsu l-faqar, l-inugwaljanza, l-esklużjoni soċjali u kull forma ta’ diskriminazzjoni;

(ae) jirrimarka li l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali jikkontribwixxi b’mod effettiv għall-isforzi ta’ integrazzjoni reġjonali, soċjali u politika u għall-kisba tal-għan finali tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali bejn l-UE u l-Amerika Latina;

(af) iħeġġeġ lill-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni jwettaq valutazzjoni ġeneri tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni ħames snin wara l-implimentazzjoni tiegħu u li jekk ikun meħtieġ, iwettaq rieżami tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni abbażi tas-sejbiet u tal-impatt innotat fl-evalwazzjoni msemmija hawn fuq;

o

o o

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2012)0479

## Ftehim ta’ assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Diċembru 2012 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (16395/1/2011 – C7-0182/2012 – 2011/0303(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2015/C 434/30)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (16395/1/2011),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (16396/2011);

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 217 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0182/2012),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u l-Artikolu 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonal kif ukoll tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0362/2012),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali.

---

P7_TA(2012)0480

## L-implimentazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-ftehim kummerċjali UE-Kolombja/Perù ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' slavagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Peru (COM(2011) 0600 – C7-0307/2011 – 2011/0262(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2015/C 434/31)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0600),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0307/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Fuzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-31 ta' Ottubru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0249/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([1]);

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0478.
([1]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-13 ta' Settembru 2012 (Testi adottati, P7_TA(2012)0347).

3. Japprova d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta tagħha b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0262

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 19/2013.)*

---

### ANNESSI GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

### *DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI*

***Il-Kummissjoni tilqa' l-qbil fl-ewwel qari bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 ([1]).***

***Kif ippjanat fir-Regolament (UE) Nru 19/2013, il-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù u se tkun lesta tiddiskuti mal-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew kwalunkwe kwistjoni li toħroġ mill-implimentazzjoni tal-Ftehim.***

***Il-Kummissjoni se tagħti importanza partikolari lill-implimentazzjoni effikaċi tal-impenji dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fil-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù, billi tqis it-tagħrif speċifiku provdut mill-entitajiet rilevanti ta' monitoraġġ tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol u l-ftehimiet ambjentali multilaterali elenkati fit-Titolu IX tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tfittex ukoll il-fehmiet tal-gruppi konsultattivi rilevanti tas-soċjetà ċivili.***

***Wara l-iskadenza tal-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana fil-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni se tivvaluta l-qagħda tas-suq tal-banana tal-UE u l-istat tal-produtturi tal-banana tal-UE. Il-Kummissjoni se tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tinkludi valutazzjoni preliminari tal-funzjonament tal-POSEI fil-preservazzjoni tal-produzzjoni tal-banana fl-UE.***

### *DIKJARAZZJONI KONĠUNTA*

***Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew jaqblu dwar l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u r-Regolament (UE) Nru 19/2013 ([2]). Għal dan il-għan huma jaqblu fuq dan li ġej:***

***— Fuq talba mill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament dwar kwalunkwe tħassib speċifiku b'rabta mal-implimentazzjoni mill-Kolombja u l-Perù tal-impenji tagħhom dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.***

---

([1]) ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1.

**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012**

— ***Fil-każ li l-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni għall-ftuħ ta' investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni se teżamina bir-reqqa jekk ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 19/2013 għal ftuħ ex officio. Fil-każ li l-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, hi se tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għall-ftuħ ta' investigazzjoni bħal din.***

---

P7_TA(2012)0481

## Ftehim Kummerċjali UE-Kolombja/Perù ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa minnhom, u l-Kolombja u l-Perù min-naħa l-oħra (14762/1/2011 – C7-0287/2012 – 2011/0249(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2015/C 434/32)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (14762/1/2011),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa minnhom, u l-Kolombja u l-Perù min-naħa l-oħra (14764/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt(a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0287/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0388/2012),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Kolombja u l-Perù.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0485

# Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2012 – Dħul minn riżorsi proprji u riżorsi oħra – Żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament fl-intestaturi 1a, 1b, 2, 3a u 4 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali – Tnaqqis fil-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenji mdaħħla fil-baġit

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2012 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, Taqsima III – Il-Kummissjoni (17295/2012 – C7-0401/2012 – 2012/2281(BUD))**

(2015/C 434/33)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea għall-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, adottat b'mod definittiv fl-1 ta' Diċembru 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew EUCO 76/12 tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2012 dwar l-Impatt tat-tkabbir u l-Impjiegi, miftiehma mill-Istati Membri,

— wara li kkunsidra l-Abbozz tal-baġit emendatorju Nru 6/2012, preżentat mill-Kummissjoni fit-23 ta' Ottubru 2012 (COM(2012)0632),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2012 adottata mill-Kunsill fis-6 ta' Diċembru 2012 (17295/2012 – C7-0401/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0409/2012),

A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2012 għall-baġit ġenerali 2012 ikopri, inter alia, aġġornament tal-previżjoni tad-dħul wara l-aħħar reviżjoni tal-previżjonijiet tar-riżorsi proprji u ta' dħul ieħor u żieda ta' approprjazzjonijiet ta' pagament ta' kważi EUR 9 biljun għall-intestaturi 1a, 1b, 2, 3a u 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali, bl-għan li jintlaħqu l-ħtiġijiet sa tmiem is-sena,

B. billi b'mod parallel ħtiġijiet oħra diġà ġew ittrattati parzjalment permezz tat-trasferiment globali fl-approprjazzjonijiet għall-pagamenti (DEC 30/2012) għal ammont totali ta' EUR 419,7 miljun,

C. billi l-Kummissjoni oriġinarjament kienet identifikat sorsi ta' riallokazzjoni għal total ta' EUR 47,4 miljun, li ġew inklużi fl-ABE 6/2012, kif propost inizjalment mill-Kummissjoni,

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 56, 29.2.2012.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

D. billi varjazzjonijiet fir-riżorsi proprji, flimkien ma' żieda sinifikanti fid-dħul ta' EUR 3 525,0 miljun minn multi u pagamenti ta' interessi, iwasslu għal żieda netta ta' dħul ta' EUR 3 080,8 miljun, li jtaffu l-effett tal-ABE 6/2012 fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bbażati fuq id-DNG,

E. billi d-delegazzjonijiet tal-Parlament kif ukoll tal-Kunsill qablu, matul it-trilogu baġitarju tad-29 ta' Novembru 2012, dwar ammont rivedut għal dawk il-ħtiġijiet li jridu jiġu ffinanzjati fl-2012, li jitnaqqas għal EUR 6,1 biljun, inkluż riallokazzjoni ta' EUR 0,1 biljun mhux proposta originarjament mill-Kummissjoni ,

1. Jieħu nota tal-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2012 kif propost mill-Kummissjoni;

2. Jieħu nota li l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2012, kif emendat mill-Kunsill, jirrifletti l-ftehim milħuq matul it-trilogu baġitarju tad-29 ta' Novembru 2012;

3. Jenfasizza li d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ħtiġijiet ta' pagamenti għall-2012 fejn l-awtorità tal-baġit tirrikonoxxi li kellhom ikunu awtorizzati EUR 2,9 biljun f'pagamenti addizzjonali fl-2012 biex jintlaħqu talbiet għall-pagamenti li rċeviet il-Kummissjoni hija parti integrali mill-ftehim milħuq matul it-trilogu;

4. Ifakkar bil-qawwa lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ħtiġijiet ta' pagamenti għall-2012 għandhom jiġu mifhuma bħala ftehim politiku sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim fi stadju bikri fl-2013 dwar il-baġit emendatorju dedikat biss sabiex ikopri dawn il-EUR 2,9 biljun u jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali kif imqabbla mal-approprjazzjoni għall-pagamenti adottati fil-baġit inizjali għall-2013, mingħajr ħsara għall-implimentazzjoni xierqa tal-baġit tal-2013;

5. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2012;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 6/2012 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

P7_TA(2012)0486

## Baġit ġenerali ġdid tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 – it-taqsimiet kollha

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 – it-Taqsimiet Kollha (17195/2012 – C7-0399/2012 – 2012/2307(BUD))**

(2015/C 434/34)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]),

([1]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew EUCO 76/12 tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2012 dwar il-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi, miftiehem mill-Istati Membri,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2012 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2013 – Taqsima III – Il-Kummissjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-29 ta' Marzu 2012 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2013 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-Abbozz ta' Baġit 2013 ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill għall-Abbozz ta' Baġit 2013 ([5]),

— wara li kkunsidra l-fatt li l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma laħaqx qbil dwar test konġunt fi żmien il-wieħed u għoxrin ġurnata msemmija fl-Artikolu 314(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Baġit Ġenerali l-ġdid tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, adottat mill-Kummissjoni fit-23 ta' Novembru 2012 (COM(2012)0716),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-trilogu baġitarju tas-29 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-Abbozz ta' Baġit Ġenerali l-ġdid tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, adottata mill-Kunsill fis-6 ta' Diċembru 2012 u mgħoddija lill-Parlament dakinhar stess (17195/2012 – C7-0399/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 75b tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0410/2012),

1. Ifakkar li "l-abbozz ta' pakkett" miftiehem, wara negozjati diffiċli, mill-Parlament u l-Kunsill matul it-Trilogu tad-29 ta' Novembru 2012 jikkonsisti fi tliet elementi: il-Baġit Emendatorju Nru 6/2012 ta' EUR 6 biljun, li parzjalment ikopri n-nuqqas ta' pagamenti sal-31 ta' Ottubru 2012, il-baġit tal-Unjoni għas-sena 2013 stabbilit għal livell ta' EUR 150 898,391 miljun u EUR 132 836,988 miljun, f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' pagament rispettivament, kif ukoll tliet dikjarazzjonijet konġunti li jiżguraw li l-ħtiġijiet attwali ta' pagament fl-2012 u l-2013 se jkunu koperti b'mod adegwat;

2. Jilqa' l-livell kumplessiv miftiehem ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, li jirrappreżenta żieda ta' EUR 1,1 biljun meta mqabbel mal-qari oriġinali tal-Kunsill; huwa kuntent li l-ikbar parti tal-prijoritajiet politiċi tiegħu huma żgurati fil-baġit tas-sena d-dieħla, b'enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni xierqa tal-impenn tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, kif identifikat mill-Istrateġija Ewropa 2020;

3. Jieħu nota li l-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2013 jonqos bi 2,15 % meta mqabbel mal-Baġit 2012 wara l-adozzjoni ta' EUR 6 biljun fil-Baġit emendatorju Nru 6/2012;

---

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0077.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0109.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0289.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2012)0359.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

4. Jieħu nota li, minħabba l-pożizzjoni intransiġenti tal-Kunsill fin-negozjati, il-livell kumplessiv ta' pagamenti stabbilit huwa EUR 5 biljun inqas mill-estimi tal-Kummissjoni rigward il-ħtiġijiet ta' pagamenti fl-Abbozz ta' Baġit tagħha għall-2013; huwa mħasseb li dan il-livell ta' approprjazzjonijiet mhux se jkun biżżejjed biex ikorpi l-pagamenti li realment huma meħtieġa għas-sena d-dieħla u biex jiġi implimentat bil-ħeffa "l-patt għat-tkabbir u l-impjiegi" miftiehem mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2012; huwa konvint, madankollu, li nuqqas ta' fehim jkollu konsegwenzi wisq aktar serji u impatt ħafna aktar negattiv għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u l-programmi tal-Unjoni; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi rapporti ta' kull xahar lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-evoluzzjoni tat-talbiet għal pagament mill-Istati Membri (imqassma skont l-Istat Membru u skont il-fond) fir-rigward tal-fondi strutturali, il-fond ta' koeżjoni, il-fondi għall-iżvilupp rurali u għas-sajd mill-31 ta' Ottubru 2012 'il quddiem; jitlob li jitwaqqaf grupp ta' ħidma interistituzzjonali dwar il-pagamenti, fejn iż-żewġ ferghat tal-awtorità baġitarja għandhom jippreżentaw konklużjonijiet konġunti dwar kif wieħed għandu jipproċedi;

5. Jagħti, għaldaqstant, l-ogħla importanza politika għad-dikjarazzjonijiet konġunti annessi ma' din ir-riżoluzzjoni u miftiehema bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni; se jissorvelja fil-livelli kollha u bil-mezzi kollha possibbli li dawn id-dikjarazzjonijiet jiġu rrispettati u li r-riżorsi addizzjonali meħtieġa jiġu pprovduti mill-Istati Membri s-sena d-dieħla sabiex l-Unjoni tkun tista' tħallas il-kontijiet u tippreserva l-kredibilità u s-solvenza istituzzjonali tagħha;

6. Jagħmel l-vot favorevoli tiegħu dwar il-Baġit 2013 kondizjonali fuq il-ksib ta' garanziji speċifiċi fl-ogħla livell politiku tat-tliet istituzzjonijiet dwar il-finanzjament ta' EUR 2,9 biljun f'pagamenti li kienu nieqsa għall-2012, u li bl-ebda mod ma twassal għat-tnaqqis ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2013;

7. Jerġa' jsostni li l-uniku mod kif tinstab soluzzjoni għal dan l-impass, li jwassal biex kull sena n-negozjati baġitarji jsiru aktar diffiċli, hu li l-kwistjoni tal-finanzjament tal-Unjoni tissolva b'urġenza u b'mod responsabbli, permezz ta' sistema ġenwina ta' riżorsi proprji li għandha tidħol fis-seħħ mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, u li tneħħi darba għal dejjem id-diviżjoni tal-Unjoni bejn kontributuri netti u benefiċjarji netti;

8. Japprova mingħajr emenda l-Abbozz ta' Baġit il-ġdid għall-2013 kif modifikat mill-Kunsill;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet u lill-korpi l-oħra kkonċernati kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## ANNESS

## DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI TAT-TLIET ISTITUZZJONIJIET MIFTIEHEMA FIL-KUNTEST TAN-NEGOZJATI DWAR IL-BAĠIT 2013

**l-10 ta' Diċembru 2012**

Il-President tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-President tal-Kummissjoni Ewropea jiddikjaraw li t-tliet dikjarazzjonijiet konġunti hawn isfel inqablu mit-tliet istituzzjonijiet fil-qafas tal-adozzjoni tal-Baġit 2013:

### Dikjarazzjoni konġunta dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2013

B'kunsiderazzjoni tal-isforzi li qed isiru fl-Istati Membri għall-konsolidament fiskali, il-l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jieħdu nota tal-livell ta' pagamenti propost mill-Kummissjoni għall-2013, jaqblu fuq tnaqqis tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2013 meta mqabbel mal-Abbozz ta' Baġit tal-Kummissjoni. Jitolbu li l-Kummissjoni tagħti bidu għal kwalunkwe azzjoni meħtieġa skont it-Trattat, u b'mod partikolari, titlob approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali f'baġit emendatorju jekk jirriżulta li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit 2013 ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-infq taħt is-subintestatura 1a (Kompetittività għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi), is-subintestatura 1b (Koeżjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi), l-intestatura 2 (Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali), l-intestatura 3 (Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja) u l-intestatura 4 (L-UE bħala attur globali).

Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iħeġġu lill-Kummissjoni biex, sa mhux aktar tard minn nofs Ottubru 2013, tippreżenta l-aħħar ċifri aġġornati rigward is-sitwazzjoni attwali u l-estimi rigward l-approprjazzjonijiet ta' pagament taħt is-subintestatura 1b (Koeżjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi) u l-iżvilupp rurali taħt l-intestatura 2 (Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali) u, jekk ikun meħtieġ, tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew huma konxji li abbozz ta' baġit emendatorju jista' possibbilment ikun meħtieġ sa minn nofs l-2013. Bil-għan li jiffaċilitaw id-deċiżjoni dwar il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali, it-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jesploraw kif jistgħu, b'ġestjoni konġunta, itejbu l-kongruwenza bejn l-estimi tal-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-ħtiġijiet korrispondenti.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jieħdu pożizzjoni dwar kwalunkwe abbozz ta' baġit emendatorju malajr kemm jista' jkun bil-għan li jiġi evitat kull nuqqas fl-approprjazzjonijiet ta' pagament. Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw malajr kull trasferiment possibbli ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, inkluż bejn intestaturi tal-qafas finanzjarju, sabiex isir l-aħjar użu possibbli ta' approprjazzjonijiet ta' pagament imdaħħla fil-baġit u jallinjawhom mal-implimentazzjoni u l-ħtiġijiet attwali.

F' konformita' mal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ifakkru fil-ħtieġa li tkun żgurata, fid-dawl tal-implimentazzjoni, progressjoni ordnata tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kollha f'relazzjoni mal-approprjazzjonijiet ta' impenn, biex nevitaw kwalunkwe evoluzzjoni mhux normali ta' impenji pendenti("RAL").

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni se jissorveljaw attivament l-istat tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-2013 matul is-sena, b'attenzjoni fuq l-implimentazzjoni tal-pagamenti, it-talbiet għar-rifużjonijiet riċevuti u l-previżjonijiet riveduti, abbażi tal-informazzjoni dettaljata mogħtija mill-Kummissjoni.

F'kull każ, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jfakkru fir-responsabbiltà konġunta tagħhom, kif stabbilita mill-Artikolu 232 tat-TFUE, li "l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li jkun hemm disponibbli l-mezzi finanzjarji sabiex jippermettu li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi".

**Dikjarazzjoni konġunta dwar il-ħtiġijiet ta' pagament għall-2012**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinnotaw li l-livell ta' pagamenti propost mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit tagħha għall-2013 kien imsejjes fuq il-preżunzjoni li l-ħtiġijiet ta' pagament fl-2012 jkunu ġew indirizzati b'approprjazzjonijiet disponibbli fil-baġit tal-2012. Madankollu, l-approporjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali awtorizzati fil-Baġit Emendatorju 6/2012 tbaxxew b'EUR 2,9 biljun fil-konfront tal-ammont propost mill-Kummissjoni, u mhumiex fil-livell tat-talbiet ta' pagament kollha riċevuti.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta, fi stadju bikri tal-2013, abbozz ta' baġit emendatorju ddedikat għall-fini uniku li jkopri t-talbiet sospiżi tal-2012 malli jitneħħew is-sospensjonijiet, kif ukoll l-obligazzjonijiet legali pendenti l-oħra bla preġudizzju għall-implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-2013.

Bil-għan li jiżguraw baġitjar tajjeb u akkurat, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew se jieħdu pożizzjoni fuq dan il-baġit emendatorju mill-aktar fis possibbli biex ikopru kwalunkwe lakuna pendenti.

**Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Intestatura 5 u l-aġġustament tas-salarji u l-pensjonijiet**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li, f'dan l-istadju, ma jinkludux fil-Baġit 2013 l-impatt baġitarju tal-aġġustament tas-salarji tal-2011. Bla preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Kunsill fil-kawżi c-66/12, c-63/12, c-196/12 u c-453/12, jagħmlu talba konġunta lill-Kummisjsoni li din, jekk u malli l-Qorti tiddeċiedi favur il-Kummissjoni, tressaq abbozz ta' baġit emendatorju ddedikat għall-finanzjament, skont ma jkun meħtieġ, tal-impatt tal-aġġustament tal-2011 għall-istituzzjonijiet, inkluż dak tal-effett retroattiv fuq snin preċedenti u l-interessi ritardati possibbli.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew b'hekk jikkommettu ruħhom li japprovaw tali baġit emendatorju mill-aktar fis possibbli u li jipprovdu l-approporjazzjonijiet addizzjonali meħtieġa bla ma jipperikolaw il-prijoritajiet politiċi.

I-dikjarazzjonijiet ta' hawn fuq huma miftiehema soġġetti għall-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 314(4)(a), tal-pożizzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012 dwar il-Baġit tal-2013.

P7_TA(2012)0487

## Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2011/026 IT/Emilia-Romagna Motorcycles mill-Italja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (l-applikazzjoni EGF/2011/026 IT/Emilia-Romagna Motorcycles mill-Italja) (COM(2012)0616 – C7-0350/2012 – 2012/2265(BUD))**

(2015/C 434/35)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0616 – C7–0350/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1] (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni [2] (ir-Regolament FEG),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0416/2012),

A. billi l-Unjoni stabbilixxiet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi sostenn għall-ħaddiema li nghataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li jkunu nghataw is-sensja għandha tkun dinamika u titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effiċjenti possibbli, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG,

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

D. billi l-Italja talbet għajnuna għal 512-il sensja, li 502 minnhom għandhom l-assistenza indirizzata lejnhom, f'għaxar impriżi li joperaw fid-diviżjoni 30 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' tagħmir ieħor għat-trasport) ([1]) fir-reġjun NUTS II ta' Emilia-Romagna (ITH5) fl-Italja.

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti mir-Regolament dwar il-FEG,

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament FEG huma sodisfatti u li, għalhekk, l-Italja hi intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dak ir-Regolament; jinnota li l-għadd ta' ħaddiema sensjati huwa ftit iżjed mill-kriterji ta' intervent;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fit-30 ta' Diċembru 2011 u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fid-19 ta' Ottubru 2012; jiddispjaċih dwar il-perjodu ta' valutazzjoni twil ta' 10 xhur;

3. Jilqa' l-fatt li, biex il-ħaddiema jingħataw għajnuna ta' malajr, l-awtoritajiet Taljani ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri fl-1 ta' Marzu 2012, qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;

4. Ifakkar fl-importanza tat-titjib fl-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta' taħriġ adatt u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karrieri professjonali tal-ħaddiema; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għal-livell u għall-bżonnijiet tal-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja, iżda anke għall-ambjent kummerċjali attwali;

5. Jilqa' l-fatt li l-miżuri ġew iddisinjati f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali fid-diversi laqgħat;

6. Jenfasizza l-fatt li għandhom jinsiltu tagħlimiet mit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' din l-applikazzjoni u ta' applikazzjonijiet oħra li jindirizzaw is-sensji tal-massa tal-ħaddiema;

7. Jiddispjaċih li l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' taħriġ fil-proposta tal-Kummissjoni ma tispjegax is-setturi li fihom il-ħaddiema probabbli jsibu impjieg u jekk it-taħriġ offrut huwiex adattat għal prospetti ekonomiċi futuri u għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol fir-reġjun;

8. Jitlob li l-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex titħaffef il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba li ddaħħlet fis-seħħ mill-Kummissjoni, b'segwitu għat-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bil-għan li tiġi ppreżentata l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni għall-FEG, flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG, lill-awtorità baġitarja; jittama li fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid jiġi integrat aktar titjib proċedurali, u li jintlaħqu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG;

9. Ifakkar fl-impenn tal-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, li hu immirat biex jgħin lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja b'riżultat tal-globalizzazzjoni u tal-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jiżvolġi l-FEG fl-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

10. Jenfasizza li, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jiġi żgurat li l-FEG jappoġġa l-integrazzjoni mill-ġdid f'impjieg tal-ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; barra dan jenfasizza li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xogħol attivi li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-għajnuna mill-FEG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi,

([1]) Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi; jiddeplora l-fatt li l-FEG jista' jipprovdi inċentiv għall-kumpaniji sabiex jissostitwixxu l-forza tax-xogħol kuntrattwali tagħhom b'oħra aktar flessibbli u għal terminu ta' żmien qasir;

11. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għall-finanzjament mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar kif jikkumplementa azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta valutazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

12. Jiddispjaċih għall-fatt li l-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fuq il-linja baġitarja (linja 04 05 01) tal-FEG fil-baġit 2012 urew li kienu insuffiċenti biex ikopru l-pagamenti kollha meħtieġa, jiddispjaċih li l-Kummissjoni pproponiet li tkopri parzjalment dan il-pagament permezz ta' trasferiment ta' EUR 1 160 745 f'approprjazzjonijiet ta' pagament mill-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (linja 04 04 15) minflok titlob riżorsi finanzjarji ġodda permezz tal-Baġit Emendatorju Nru 6/2012 kif għamlet b'ġustifikazzjoni għal talbiet oħra għall-mobilizzazzjoni tal-FEG u, parzjalment, għat-talba attwali (EUR 1 497 750). ifakkar li l-FEG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u l-iskadenzi proprji tiegħu u li għalhekk jistħoqqlu allokazzjoni ddedikata, li tevita t-trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, li huma ta' ħsara għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika tal-FEG;

13. Jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi", li tippermetti l-għoti ta' għajnuna finanzjarja lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali flimkien ma' dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, u li tippermetti żieda fir-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni għal 65 % tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011, u jistieden lill-Kunsill jerġa' jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;

14. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## ANNESS

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (l-applikazzjoni EGF/2011/026 IT/Emilia-Romagna Motorcycles mill-Italja).**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni 2013/17/UE.)*

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0488

## Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2012/005 SE/Saab

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/005 SE/Saab mill-Isvezja) (COM(2012)0622 – C7-0363/2012 – 2012/2279(BUD))**

(2015/C 434/36)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0622 – C7-0363/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]) (FII tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (Regolament FEG),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0413/2012),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex tagħti appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol;

B. billi l-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-FII tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG;

D. billi l-Isvezja ressqet talba għal assistenza għal total ta' 3 748 sensji eliġibbli, li minnhom 1 350 huma fil-mimmirati għall-għajnuna ta' ħaddiema f'Saab Automobile SA, waħda mis-sussidjarji tagħha, jiġifieri SAAB Automobile Powertrain AB, u 16 mill-fornituri tagħha fl-Isvezja;

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament dwar il-FEG;

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament FEG huma ssodisfati u li għalhekk l-Isvezja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dak ir-Regolament;

2. Jilqa' l-applikazzjoni Żvediża; jiddeplora, madankollu, il-fatt li, minkejja li qed tapplika għall-appoġġ mill-FEG, l-Isvezja hija fost dawk il-pajjiżi li qed jipperikolaw il-futur tal-Fond wara l-2013 u li qed jibblokkaw l-estensjoni tad-deroga ta' kriżi;

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta’ Diċembru 2012**

3. Jinnota li l-awtoritajiet Svediżi ressqu l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fil-25 ta’ Mejju 2012, u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fid-19 ta’ Ottubru 2012; jilqa’ bi pjaċir il-perjodu ta’ valutazzjoni relattivament rapidu;

4. Jilqa’ l-fatt li l-awtoritajiet Svediżi kellhom l-għan li jgħinu lill-ħaddiema ssensjati immedjatament u li l-implimentazzjoni tal-pakkett koordinat ta’ servizzi personalizzati bdiet diġà fl-20 ta’ Diċembru 2011 – qabel id-deċiżjoni li jingħata l-appoġġ tal-FEG;

5. Ifakkar l-importanza li tittejjeb l-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta’ taħriġ adattat u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi żviluppati tul il-karriera professjonali tal-ħaddiema; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat għal-livell u għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema ssensjati kif ukoll għall-ambjent kummerċjali attwali;

6. Jieħu nota li din hija għal darb’oħra applikazzjoni tal-FEG li tindirizza s-sensji fis-settur tal-karozzi u li b’16-il applikazzjoni dan is-settur kien is-suġġett tal-akbar għadd ta’ applikazzjonijiet tal-FEG li tressqu, kemm fir-rigward tal-kriżi kif ukoll tal-kriterji tal-globalizzazzjoni;

7. Jenfasizza l-fatt li għandhom jinsiltu tagħlimiet mit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta’ din l-applikazzjoni u ta’ applikazzjonijiet oħra li jindirizzaw sensji tal-massa;

8. Jiddispjaċih li l-falliment ta’ Saab wassal għal 20 % żieda fil-qgħad fir-reġjun ta’ Trollhättan fejn kien stabbilit l-impjant ta’ produzzjoni; jieħu nota li l-awtoritajiet Svediżi daħħlu fil-mira għall-appoġġ tal-FEG biss 1 350 ħaddiem mit-3 239 li sfaw issensjati; jistieden lill-awtoritajiet Svediżi biex jużaw il-potenzjal sħiħ tal-FEG favur il-ħaddiema ssensjati;

9. Jitlob li l-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi neċessarji biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba implimentata mill-Kummissjoni, b’segwitu għat-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta’ applikazzjoni għall-FEG, flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG, tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja; jittama li jiġi integrat aktar titjib proċedurali fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid u li jintlaħqu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG;

10. Ifakkar fl-impenn tal-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta’ darba u limitat fiż-żmien, li jkun immirat biex jgħin lill-ħaddiema ssensjati minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista’ jkollu l-FEG fir-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta’ ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

11. Jilqa’ l-fatt li l-awtoritajiet Svediżi enfasizzaw il-miżuri addizzjonali li jinsabu fil-pakkett meta mqabbla ma’ servizzi regolari disponibbli għal dawk qiegħda;

12. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-reintegrazzjoni fl-impjieg ta’ ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; jenfasizza wkoll li l-assistenza mill-FEG tista’ tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xogħol attivi li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-għajnuna mill-FEG m’għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont id-dritt nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta’ kumpaniji jew setturi; jiddeplora l-fatt li l-FEG jista’ jipprovdi inċentiv għall-kumpaniji sabiex jissostitwixxu l-forza tax-xogħol kuntrattwali tagħhom b’oħra aktar flessibbli u għal terminu ta’ żmien qasir;

13. Jilqa’ l-fatt li t-taħriġ offrut jikkorrispondi mal-ħiliet u l-kwalifiki futuri meħtieġa fir-reġjun u jiffoka fuq oqsma ta’ tkabbir, bħalma huwa s-settur tal-enerġija rinnovabbli;

14. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett koordinat ta’ servizzi personalizzati għall-finanzjament mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar kif jikkumpleta azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta’ dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

15. Jieħu nota tal-fatt li l-muniċipalità żviluppat relazzjonijiet pożittivi mas-sħab soċjali waqt l-għoti ta' assistenza lill-ħaddiema ta' Saab; madankollu, jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludix aktar dettalji ta' informazzjoni dwar il-proċess ta' konsultazzjoni tas-sħab soċjali fl-implimentazzjoni tal-miżuri u, b'mod partikolari, rigward l-involviment, possibilment finanzjarju, ta' Saab;

16. Jiddispjaċih għall-fatt li l-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fuq l-linja baġitarja (linja 04 05 01) fil-baġit 2012 urew li ma kinux biżżejjed biex ikopru l-pagamenti kollha meħtieġa; jiddispjaċih li l-Kummissjoni pproponiet li tkopri dan il-pagament permezz ta' trasferiment ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mill-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (linja 04 04 15) minflok ma titlob riżorsi finanzjarji ġodda permezz tal-Baġit Emendatorju Nru 6/2012, kif ġustament għamlet għal talbiet oħra għall-mobilizzazzjoni tal-FEG; ifakkar li l-FEG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u, għalhekk, jisthoqqlu allokazzjoni ddedikata, li se tevita t-trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, ħaġa li tista' tkun ta' ħsara għall-ilħiq tal-objettivi tal-politika tal-FEG;

17. Jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fl-istruttura tal-kummerċ fid-dinja, u li tippermetti żieda tar-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni għal 65 % tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011, u jitlob lill-Kunsill jerġa jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;

18. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2012/005/SE/Saab mill-Isvezja)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni 2013/18/UE.)*

---

P7_TA(2012)0489

## Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2011/018 ES/Pais Vasco Productos metalicos

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/018 ES/País Vasco Productos metalicos minn Spanja) (COM(2012)0620 – C7-0364/2012 – 2012/2280(BUD))**

(2015/C 434/37)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0620 – C7-0364/2012),

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]) (IIA tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (Regolament FEG),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0415/2012),

A. billi l-Unjoni stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG,

D. billi Spanja talbet għajnuna għal 1 106 sensja, li 500 minnhom huma fil-mira tal-għajnuna, f'423 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 25 tan-NACE Reviżjoni 2 ('Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir') ([3]) fir-reġjun NUTS II ta' País Vasco (ES21) fi Spanja,

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEG,

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament FEG huma ssodisfati u li għalhekk Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fit-28 ta' Diċembru 2011 u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fid-19 ta' Ottubru 2012; jiddispjaċih dwar il-perjodu ta' valutazzjoni twil ta' 10 xhur;

3. Jilqa' l-fatt li sabiex il-ħaddiema jkunu pprovduti b'assistenza rapida, l-awtoritajiet Spanjoli ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri fid-19 ta' Marzu 2012, qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti ta' appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;

4. Jieħu nota li l-awtoritajiet Spanjoli rrappurtaw fil-valutazzjoni tagħhom, abbażi tal-esperjenza b'applikazzjonijiet preċedenti tal-FEG, li huma biss 500 mill-ħaddiema sensjati li gaħżlu jipparteċipaw fil-miżuri appoġġati mill-FEG; jistieden lill-awtoritajiet Spanjoli jużaw l-appoġġ tal-FEG fil-potenzjal kollu tiegħu;

5. Ifakkar fl-importanza tat-titjib fl-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta' taħriġ adattat u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karrieri professjonali tal-ħaddiema; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għal-livell u l-bżonnijiet tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja, iżda wkoll għall-ambjent attwali tan-negozju;

6. Jenfasizza l-fatt li għandhom jinsiltu tagħlimiet mit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' din l-applikazzjoni u ta' applikazzjonijiet oħrajn li jindirizzaw sensji tal-massa;

---

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

7. Jilqa' l-fatt li l-miżuri tfasslu f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u li l-awtoritajiet reġjonali, ir-rappreżentanti tan-negozji u t-trejdjunjins iffurmaw kumitat speċjali li kien responsabbli għall-koordinazzjoni, il-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-proġett FEG;

8. Jitlob li l-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi neċessarji biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba li ddaħħlet fis-seħħ mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li tiġi ppreżentata l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni għall-FEG, flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG, lill-awtorità baġitarja; jittama li fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid jiġi integrat aktar titjib proċedurali, u li jinkisbu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG;

9. Jiddispjaċih li informazzjoni dwar il-miżuri ta' taħriġ fil-proposta tal-Kummissjoni ma tispjegax f'liema setturi l-ħaddiema probabbli jsibu impjieg u jekk il-pakkett jiġix adattat għall-prospetti ekonomiċi futuri fir-reġjun;

10. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet biex jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, li jkun immirat biex jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-FEG fir-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

11. Jiddispjaċih li l-miżuri li jappoġġaw l-imprenditorjat ma jipprevedux appoġġ finanzjarju biex il-ħaddiema jistabbilixxu n-negozju proprju, madankollu bosta inċentivi finanzjarji huma offruti lill-ħaddiema wara l-miżuri ta' taħriġ;

12. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; barra dan jenfasizza li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xogħol attivi li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-għajnuna mill-FEG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

13. Jilqa' l-fatt li pakkett komprensiv ta' informazzjoni u attivitajiet ta' reklamar jakkumpanja l-proġett appoġġat mill-FEG;

14. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għall-finanzjament mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar kif jikkumplementa azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx jista' jkun hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

15. Jilqa' l-fatt li, wara talbiet mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG nħoloq bħala strument speċifiku separat, bl-objettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u għalhekk jisthoqqlu allokazzjoni speċifika, li tevita kemm jista' jkun trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, li tista' tkun ta' ħsara għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika tal-FEG;

16. Jiddispjaċih għad-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali flimkien ma' dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, u li tippermetti żieda fir-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni għal 65 % tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011, u jistieden lill-Kunsill jerġa' jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;

17. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/018 ES/País Vasco minn Spanja)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni 2013/16/UE.)*

P7_TA(2012)0490

## Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2011/013 DK/Flextronics

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/013 DK/Flextronics mid-Danimarka) (COM(2012)0623 – C7-0362/2012 – 2012/2278(BUD))**

(2015/C 434/38)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0623 – C7-0362/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1] (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni [2] (ir-Regolament FEG),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0417/2012),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex tagħti appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,

(1) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
(2) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

B. billi l-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG,

D. billi d-Danimarka talbet għajnuna għal 303 sensji, li minnhom 153 huma fil-mira tal-għajnuna, ġewwa Flextronics International Denmark A/S matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mill-1 ta' Lulju 2011 sal-31 ta' Ottubru 2011, inklużi 87 sensja barra l-perjodu ta' referenza iżda li huma relatati mal-istess proċedura ta' sensji kollettivi.

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEG,

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament FEG huma ssodisfati u li għalhekk id-Danimarka hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi ressqu l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fil-21 ta' Diċembru 2011, issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali sat-23 ta' Awwissu 2012, u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni biss fid-19 ta' Ottubru 2012; jiddispjaċih dwar il-perjodi twal ta' evalwazzjoni u jistaqsi għaliex din l-applikazzjoni partikolari Mid-Danimarka kienet teħtieġ valutazzjoni ta' 10 xhur; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef il-proċess ta' evalwazzjoni;

3. Jilqa' l-fatt li sabiex il-ħaddiema jkunu pprovduti b'assistenza rapida, l-awtoritajiet Daniżi ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri fil-21 ta' Marzu 2012, qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti ta' appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;

4. Jilqa' l-applikazzjoni Daniża; jiddeplora l-fatt madankollu, li minkejja d-diversi mobilizzazzjonijiet Daniżi tal-FEG b'suċċess, kemm skont kriterji relatati mal-kummerċ kif ukoll dawk relatati mal-kriżi, id-Danimarka hija fost dawk il-pajjiżi li qed jipperikolaw il-futur tal-FEG wara l-2013 u qed jibblokkaw l-estensjoni tad-deroga marbuta mal-kriżi; huwa preokkupanti, barra minn hekk, li d-Danimarka qed tapplika għall-mobilizzazzjoni tal-fond FEG f'isem Flextronics International Denmark, stabbilita minn Flextronics International Ltd reġistrata f'Singapor, li ħa tmexxi l-faċilitajiet tagħha lejn l-Asja;

5. Ifakkar fl-importanza tat-titjib fl-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta' taħriġ adatt u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għal-livell u għall-bżonnijiet tal-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja, iżda anki għall-ambjent kummerċjali proprju;

6. Jitlob li jkun hemm reċiproċità fil-kummerċ bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi bħala kundizzjoni essenzjali biex il-kumpaniji tal-UE jiksbu aċċess għal swieq ġodda li mhumiex Ewropej;

7. Jenfasizza l-fatt li għandhom jinsiltu tagħlimiet mit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' din l-applikazzjoni u ta' applikazzjonijiet oħra li jindirizzaw sensji tal-massa;

8. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi nnotaw li fil-valutazzjoni tagħhom mit-303 ħaddiem li ngħataw s-sensja huma biss 153 li jagħżlu li jipparteċipaw fil-miżuri; jistieden lill-awtoritajiet Daniżi jużaw l-appoġġ tal-FEG fil-potenzjal kollu tiegħu;

9. Jitlob li l-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi neċessarji biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba implimentata mill-Kummissjoni, b'segwitu għat-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni għall-FEG, flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG, tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja; jittama li fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid jiġi integrat aktar titjib proċedurali, u li jintlaħqu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

10. Jinnota li r-reġjun ta' Midtjylland, fejn tinsab il-muniċipalità ta' Skive, diġà bbenefika mill-appoġġ tal-FEG permezz ta' żewġ applikazzjonijiet: EGF/2010/017 Midtjylland Machinery u EGF/2012/003 Vestas;

11. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, immirat biex jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-FEG fir-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

12. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi jipproponu pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati li jiswa l-flus (EUR 12 891 kull ħaddiem); jilqa' madankollu l-fatt li l-pakkett jikkonsisti f'miżuri li huma addizzjonali u innovattivi meta mqabbla ma' dawk offruti regolarment mill-aġenziji tax-xogħol, u l-pakett huwa adattat sabiex jassisti gruppi differenti ta' ħaddiema fir-rigward ta' ħiliet u esperjenza sabiex dawn ikunu jistgħu jaffrontaw is-suq tax-xogħol lokali diffiċli;

13. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; jenfasizza wkoll li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xogħol attivi li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-għajnuna mill-FEG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

14. Jilqa' l-fatt li l-korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali għandhom fil-mira oqsma ġodda ta' tkabbir possibbli u li t-tfassil tal-pakkett koordinat huwa bbażat fuq riċerka dettaljata tas-suq tax-xogħol lokali u l-karatteristiċi tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja;

15. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għall-finanzjament mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar kif jikkumplimenta azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx jista' jkun hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

16. Jilqa' l-fatt li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati joffri wkoll korsijiet għall-ftuħ ta' negozju ġdid, previsti għal 20 ħaddiem; jinnota li ma huwa propost l-ebda inċentiv finanzjarju għall-ftuħ ta' negozji;

17. Jilqa' l-fatt li, wara talbiet mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG nħoloq bħala strument speċifiku separat, bl-objettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u għalhekk jisthoqqlu allokazzjoni speċifika, li tevita kemm jista' jkun trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, li tista' tkun ta' ħsara għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika tal-FEG;

18. Jieħu nota madankollu tal-kumpens għas-sussistenza ta' EUR 4 439 kull ħaddiem għall-parteċipazzjoni fil-miżuri u jqis li huwa għoli wisq; ifakkar li l-FEG fil-futur għandu jkun primarjament allokat għat-taħriġ u t-tiftix ta' impjieg kif ukoll għal programmi ta' orjentazzjoni tax-xogħol u li l-kontribut finanzjarju tiegħu għall-benefiċċji għandu dejjem ikun ta' natura addizzjonali u parallel ma' dak disponibbli għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja b'riżultat tal-liġi nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi;

19. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jimblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss lil dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fl-andament kummerċjali tad-dinja, u li tippermetti żieda fir-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni ta' 65 % tal-kostijiet tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011; jistieden lill-Kunsill jerġa' jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;

20. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/013 DK/Flextronics mid-Danimarka)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni 2013/14/UE.)*

P7_TA(2012)0491

## Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2011/014 RO/Nokia

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/014 RO/Nokia mir-Rumanija) (COM(2012)0618 – C7-0359/2012 – 2012/2275(BUD))**

(2015/C 434/39)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0618 – C7–0359/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1] (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni [2] (ir-Regolament FEG),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0414/2012),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex tagħti appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,

(1) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
(2) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta’ Diċembru 2012**

B. billi l-ambitu tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twessa’ għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta’ Mejju 2009 ’l quddiem biex jinkludi sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b’riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom kemm jista’ jkun malajr u bl-aktar mod effiċjenti possibbli, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta’ konċiljazzjoni tas-17 ta’ Lulju 2008, u b’kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 fir-rigward tal-adozzjoni ta’ deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG,

D. billi r-Rumanija talbet assistenza għal 1 904 sensja, li minnhom 1 416 huma intenzjonati li jirċievu assistenza, fl-SC Nokia Romania SRL u fornitur wieħed fir-Rumanija,

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta’ eliġibbiltà stabbiliti mir-Regolament dwar il-FEG,

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament FEG huma ssodisfati u li għalhekk ir-Rumanija hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dak ir-Regolament;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Rumeni ressqu l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fit-22 ta’ Diċembru 2011, issupplimentata b’informazzjoni addizzjonali sat-22 ta’ Awwissu 2012, u li l-valutazzjoni tagħha saret biss disponibbli mill-Kummissjoni fid-19 ta’ Ottubru 2012; jiddispjaċih dwar il-perjodi twal ta’ evalwazzjoni u jistaqsi għaliex din l-applikazzjoni partikolari kienet teħtieġ valutazzjoni ta’ 8 xhur; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef il-proċess ta’ evalwazzjoni;

3. Jilqa’ l-ewwel applikazzjoni tar-Rumanija għall-appoġġ tal-FEG;

4. Jilqa’ l-fatt li sabiex il-ħaddiema jkunu pprovduti b’assistenza rapida, l-awtoritajiet Rumeni ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri fit-8 ta’ Diċembru 2011, qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti ta’ appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;

5. Ifakkar fl-importanza tat-titjib fl-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta’ taħriġ adattat u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi żviluppati tul il-karrieri professjonali tal-ħaddiema; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għal-livell u għall-bżonnijiet tal-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja, iżda anke għall-ambjent kummerċjali attwali;

6. Jiddispjaċih li t-telf ta’ impjiegi fi Cluj fir-Rumanija u f'Salo fil-Finlandja (applikazzjoni EGF/2012/006/FI/Nokia mill-Finlandja) waslu minn deċiżjoni korporattiva ta’ Nokia li tirriloka l-produzzjoni tagħha fl-Asja u huma parti mill-pjanijiet tagħha li tnaqqas l-impjiegi globali tal-Korporazzjoni Nokia bi 17 000 ħaddiem sa tmiem l-2013;

7. Jenfasizza li għandhom jinsiltu tagħlimiet mit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta’ din l-applikazzjoni u oħrajn li jinvolvu sensji tal-massa;

8. Jitlob li jkun hemm reċiproċità fil-kummerċ bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi bħala kundizzjoni essenzjali biex il-kumpaniji tal-Unjoni jiggwadanjaw aċċess għal swieq ġodda li mhumiex Ewropej;

9. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi neċessarji biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba li ddaħħlet fis-seħħ mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li tiġi ppreżentata l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta’ applikazzjoni għall-FEG, flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG, lill-awtorità baġitarja; jittama li fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid jiġi integrat aktar titjib proċedurali, u li jintlaħqu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG;

10. Jinnota li l-FEG diġà aġixxa favur 1 337 ħaddiem issensjati b’riżultat ta’ rilokazzjoni ta’ Nokia mill-Ġermanja għar-Rumanija fl-2008; jinnota li tliet snin wara, il-FEG irid jerġa’ jieħu azzjoni minħabba li l-impjant tal-produzzjoni, li nfetaħ fi Cluj wara li ingħalaq dak fil-Ġermanja, ingħalaq fl-2011 bħala riżultat ta’ rilokazzjoni lejn l-Asja; jistaqsi jekk Nokia kinitx ibbenefikat minn xi inċentivi finanzjarji fil-livell reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni (b’mod partikolari mill-fondi ta’ koeżjoni), meta saret ir-rilokazzjoni mill-Ġermanja għar-Rumanija;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

11. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, immirat biex jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-FEG fir-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

12. Jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni tindika li hi mistennija applikazzjoni oħra tal-FEG biex tkopri t-tieni rawnd ta' sensji minn Nokia f'Salo u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tiċċara kemm u safejn Nokia qiegħda hi stess tappoġġja finanzjarjament il-programm ta' telf ta' impjiegi;

13. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; barra dan jenfasizza li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xogħol attivi li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-għajnuna mill-FEG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

14. Jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni ma tippreżenta l-ebda statistika dwar ir-rati ta' qgħad fir-reġjun; jinnota, madankollu, li fl-2011 kważi 40 % tat-total tal-popolazzjoni tar-reġjun ta' Cluj-Napoca li tispeċjalizza fis-setturi tal-IT u tal-komunikazzjonijiet kienet impjegata ma' Nokia; jinnota li s-sensji ta' Nokia se jħallu impatt konsiderevoli fuq l-impjiegi fir-reġjun;

15. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għall-finanzjament mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar kif jikkumpleta azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx jista' jkun hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

16. Jilqa' l-fatt li wara talbiet mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG nħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u għalhekk, jisthoqqlu allokazzjoni speċifika, li tevita trasferimenti, sa fejn hu possibbli, minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, li tista' tkun ta' ħsara biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-FEG;

17. Jistenna li l-Kummissjoni tispjega jekk Nokia kienet involuta fil-ħolqien ta' pakkett ikkoordinat ta' servizz personalizzat u ta' involviment possibbli fil-kofinanzjar;

18. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss lil dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fix-xejriet kummerċjali fid-dinja, u li tippermetti żieda fir-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni għal 65 % tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011; jitlob lill-Kunsill jerġa' jintroduċi mill-ġdid din il-miżura mingħajr dewmien;

19. Jiddispjaċih li m'hemmx dettalji dwar it-tipi ta' miżuri ta' taħriġ ta' internships li se jkunu pprovduti fil-pakkett koordinat u kif dawn huma mqabbla mal-ħiliet u l-kwalifiki lokali u ma' oqsma possibbli ta' tkabbir futur fir-reġjun;

20. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/014 RO/Nokia mir-Rumanija)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni 2013/15/UE.)*

---

P7_TA(2012)0492

## Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2011/011 AT/Soziale Dienstleistungen

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/011 AT/Soziale Dienstleistungen mill-Awstrija) (COM(2012)0621 – C7-0361/2012 – 2012/2277(BUD))**

(2015/C 434/40)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0621 – C7-0361/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]) (IIA tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (Regolament FEG),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0419/2012),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji u biex jiġu megħjuna ħalli jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

---

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG,

D. billi l-Awstrija talbet għajnuna għal 1 050 sensja, bl-għajnuna maħsuba għal 350 minnhom, li jinsabu f'105 intrapriża li qed topera fid-Diviżjoni 88 tan-NACE Reviżjoni 2 ('Attivitajiet ta' xogħol soċjali mingħajr akkomodazzjoni') ([1]) fir-reġjun NUTS II ta' Steiermark (AT22) fl-Awstrija.

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEG,

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament FEG huma ssodisfati u li, għalhekk, l-Awstrija hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Awstrijaċi ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fil-21 ta' Diċembru 2011 u li l-valutazzjoni sħiħa tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fid-19 ta' Ottubru 2012; jiddispjaċih dwar il-perjodu ta' valutazzjoni twil ta' 10 xhur;

3. Jilqa' l-fatt li, sabiex il-ħaddiema jkunu pprovduti b'assistenza immedjata, l-awtoritajiet Awstrijaċi ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri fl-1 ta' Ottubru 2011 ferm qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;

4. Jieħu nota li r-reġjun ta' Steiermark diġà ġie affettwat minn sensji tal-massa u li l-ħaddiema f'dan ir-reġjun ibbenefikaw mill-appoġġ tal-FEG permezz ta' tliet applikazzjonijiet: EGF/2009/009 AT/Steiermark, EGF/2010/007 AT/Steiermark-Niederosterreich u EGF/2010/008 AT/AT&S;

5. Ifakkar fl-importanza tat-titjib fl-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta' taħriġ adatt u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għal-livell u l-bżonnijiet tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja, iżda wkoll għall-ambjent attwali tan-negozju;

6. Jinnota li l-proġett tal-FEG se jitwettaq fil-qafas ta' fondazzjoni tax-xogħol stabbilita fil-livell reġjonali, u se jkun ġestit minn assoċjazzjoni tal-iżvilupp li għandha esperjenza b'applikazzjoni tal-FEG imgħoddija (EGF/2009/009 AT/Steiermark); ifakkar li l-fondazzjonijiet tax-xogħol huma istituzzjonijiet stabbiliti minn imsieħba soċjali settorjali bil-ħsieb li jipprovdi lill-ħaddiema f'tibdil industrijali b'miżuri ta' taħriġ sabiex itejbu l-impjegabilità tagħhom; ifakkar li dan il-mudell dwar kif jiġu pprovduti miżuri tas-suq tax-xogħol attivi kellu suċċess kbir fil-passat fir-rigward tal-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol u l-użu tal-fondi FEG għal dan l-iskop;

7. Jenfasizza l-fatt li għandhom jinsiltu tagħlimiet mit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' din l-applikazzjoni u oħrajn li jindirizzaw sensji tal-massa;

8. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi neċessarji biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba li ddaħħlet fis-seħħ mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni għall-FEG flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-Fond; jittama li fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid jiġi integrat aktar titjib proċedurali, u li jintlaħqu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG;

9. Jilqa' l-pakkett ikkoordinat propost ta' servizzi personalizzati u d-deskrizzjonijiet dettaljati tal-miżuri ppreżentati fil-proposta tal-Kummissjoni; jilqa' l-fatt li t-taħriġ offrut huwa kkombinat mal-prospetti ekonomiċi futuri u mal-ħiliet u l-kwalifiki meħtieġa għal ġejjieni fir-reġjun;

---

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

10. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, immirat biex jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-FEG fir-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

11. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; barra dan jenfasizza li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xogħol attivi li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-għajnuna mill-FEG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

12. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-kumpens għas-sussistenza għall-ħaddiema għat-taħriġ u t-tiftix ta' impjieg li jingħad li jammonta għal EUR 1,000 fix-xahar għal kull ħaddiem (ikkalkolat għal 11-il xahar, il-benefiċċju għall-qgħad se jitwaqqaf matul dak il-perjodu) li se jkun ikkombinat ma' konċessjoni għat-taħriġ ta' EUR 200 fix-xahar għal kull ħaddiem; ifakkar li l-FEG fil-futur għandu jkun primarjament allokat għat-taħriġ u t-tiftix ta' impjieg kif ukoll għal programmi ta' orjentazzjoni tax-xogħol u li l-kontribut finanzjarju tiegħu għall-benefiċċji għandu dejjem ikun ta' natura addizzjonali u parallel ma' dak disponibbli għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja b'riżultat tal-liġi nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi;

13. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għall-finanzjament mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar kif jikkumpleta azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx jista' jkun hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

14. Iqis li l-proporzjon tal-kumpens għas-sussistenza u l-konċessjoni għat-taħriġ fil-konfront tal-ispejjeż ta' taħriġ ta' EUR 14 400 għal 7 000 jirrappreżenta kważi finanzjament mhux ġustifikat tal-benefiċċji tal-qgħad;

15. Jilqa' l-fatt li wara talbiet mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG nħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u, għalhekk, jistħoqqlu allokazzjoni speċifika, li se tevita trasferimenti, sa fejn hu possibbli, minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, li hija xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-FEG;

16. Jinnota li l-miżuri proposti jammontaw bejn wieħed u ieħor għal EUR 22 000 kull ħaddiem, li minnhom madwar EUR 14 000 se jkunu koperti mill-FEG, u li din għaldaqstant hija kontribuzzjoni għolja ħafna għal kull persuna meta mqabbla ma' applikazzjonijiet tal-FEG oħrajn;

17. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss lil dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fix-xejriet kummerċjali fid-dinja, u li tippermetti żieda fir-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni għal 65 % tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011; jitlob lill-Kunsill jerġa jintroduċi mill-ġdid din il-miżura mingħajr dewmien;

18. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2011/011 AT/Soziale Dienstleistungen mill-Awstrija)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni 2013/13/UE.)*

---

P7_TA(2012)0493

## Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2012/006 FI/Nokia Salo

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/006 FI/Nokia Salo mill-Finlandja) (COM(2012)0619 – C7-0360/2012 – 2012/2276(BUD))**

(2015/C 434/41)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0619 – C7-0360/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]) (FII tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (Regolament FEG),

— wara li kkunsidra l-"Patt għal Tkabbir u Impjiegi" u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2013 adottata mill-Kunsill fit-23 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-proċedura tat-trilogu prevista fil-punt 28 tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0418/2012),

A. billi l-Unjoni stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji biex jingħata appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li qegħdin ibatu bħala konsegwenza tal-bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija u biex il-ħaddiema jiġu megħjuna fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol;

---

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

B. billi l-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat tal-kriżi soċjali, finanzjarja u ekonomika globali,

C. billi l-assistenza finanzjarja min-naħa tal-Unjoni lill-ħaddiema li sfaw qiegħda għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008,

D. billi l-Finlandja talbet assistenza għal 1 000 sensja, li kollha kemm huma fil-mira ta' assistenza, f'Nokia plc (Salo) fil-Finlandja,

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti mir-Regolament dwar il-FEG,

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament FEG ġew sodisfatti u li l-Finlandja għalhekk għandha dritt għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dak ir-Regolament;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Finlandiżi ressqu l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fl-4 ta' Lulju 2012 u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fid-19 ta' Ottubru 2012 biss; jilqa' favorevolment il-fatt li l-applikazzjoni tressqet immedjatament wara l-perjodu ta' referenza, fatt li ppermetta reazzjoni immedjata għas-sensji; japprezza wkoll il-perjodu rapidu ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni;

3. Jirrikonoxxi li biex il-ħaddiema jingħataw assistenza immedjata, l-awtoritajiet Finlandiżi ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri soċjali fid-29 ta' Frar 2012, qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;

4. Jiddispjaċih li s-sensji f'Salo fil-Finlandja u fi Cluj fir-Rumanija (applikazzjoni EGF/2011/014/RO/Nokia mir-Rumanija) irriżultaw minn deċiżjoni tal-impriża tan-Nokia li tiddelokalizza l-impjanti ta' produzzjoni tagħha lejn l-Asja u huma parti mill-pjan tagħha li tnaqqas l-impjiegi globali f'Nokia Corporation bi 17 000 ħaddiem sal-aħħar tal-2013;

5. Jenfasizza l-importanza ta' taħriġ adattat u r-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kompetenzi li nkisbu matul il-karriera professjonali; jenfasizza li huwa essenzjali li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat u jkun adegwat għall-ħtiġijiet u l-livell tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja filwaqt li jitqies l-kuntest soċjali u ekonomiku tagħhom;

6. Jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni tindika li mistennija applikazzjoni oħra tal-FEG biex tkopri t-tieni ċiklu ta' sensji fin-Nokia ta' Salo;

7. Jitlob li l-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi neċessarji biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba implimentata mill-Kummissjoni, b'segwitu għat-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni għall-FEG, flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG, tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja; jittama li jiġi integrat aktar titjib proċedurali fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid u li jintlaħqu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG;

8. Jappella għal reċiproċità fil-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi bħala kundizzjoni essenzjali biex il-kumpaniji tal-Unjoni jiggwadanjaw aċċess għal swieq ġodda li mhumiex Ewropej;

9. Josserva li, s'issa din is-sena, ġew preżentati 19-il każ ta' mobilizzazzjoni FEG min-naħa tal-Kummissjoni lill-awtorità tal-baġit f'isem Franza, Spanja, id-Danimarka, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, ir-Rumanija, l-Isvezja, l-Italja, l-Irlanda, il-Ġermanja u l-Finlandja biex jiffinanzjaw miżuri attivi tas-suq tax-xogħol għal 15 381 ħaddiem li ngħataw is-sensja, għall-ammont totali ta' EUR 74 266 222 f'assistenza mill-FEG;

10. Jinnota li ż-żona ta' Salo kienet tiddependi ħafna fuq in-Nokia bħala entità li tħaddem u żviluppat f'reġjun speċjalizzat ħafna fit-teknoloġija tal-informazzjoni u fit-teknoloġija tal-komunikazzjoni; jinnota li s-sensji fin-Nokia se jolqot serjament is-suq tal-impjiegi lokali, peress li huwa mistenni li r-rata tal-qgħad tista' tiżdied sa 17 % konsegwenza tas-sensji attwali fin-Nokia;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

11. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, filwaqt li jingħata sostenn individwali mmirat biex jgħin lill-ħaddiema li ġew issensjati bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u tal-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jiżvolġi l-FEG fir-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

12. Jilqa' pożittivament il-fatt li twaqqaf grupp ta' ħidma, li huwa rappreżentattiv ħafna tal-ħaddiema, biex jittratta r-riorganizzazzjoni tan-Nokia u jagħti konsulenza dwar firxa ta' kwistjonijiet bħall-benessri, il-prosegwiment tal-istudji, impjiegi ġodda barra n-Nokia u opportunitajiet ta' negozju;

13. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-reintegrazzjoni fl-impjieg ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; jenfasizza wkoll li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xogħol attivi li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-assistenza mill-FEG ma għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont id-dritt nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi; jiddeplora l-fatt li l-FEG jista' jforni inċentiv għall-kumpaniji sabiex jissostitwixxu l-forza tax-xogħol kuntrattwali tagħhom b'oħra aktar flessibbli u għal terminu ta' żmien qasir;

14. Iqis li l-kost tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (madwar EUR 10 000 għal kull ħaddiem) huwa għoli; jinnota, madankollu, li l-pakkett fih miżuri innovattivi bħal protomo – servizz ta' tqabbil għal impriżi ġodda fil-fażi inizjali u li l-benefiċċji finanzjarji li jridu jiġu koperti mill-FEG huma limitati; jilqa' pożittivament il-fatt li l-miżuri huma deskritti tajjeb fil-proposta tal-Kummissjoni;

15. Jinnota li l-informazzjoni mogħtija dwar il-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati għall-finanzjament mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar kif jikkumplementa azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma tkun tista' sseħħ l-ebda duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

16. Jiddispjaċih li m'hemm disponibbli l-ebda dettalji rigward id-diversi miżuri ta' taħriġ li għandhom jingħataw fil-pakkett koordinat u kif dawn tqabblu mal-ħtiġijiet lokali f'termini ta' ħiliet u kwalifiki u l-oqsma possibbli ta' tkabbir futur fir-reġjun, meta jitqiesu l-bidliet strutturali li għaddej minnhom bħalissa r-reġjun;

17. Jirrikonoxxi l-fatt li b'segwitu għal talbiet ripetuti mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; jinnota, madankollu, li għat-tieni sena konsekuttiva, dawn l-approprjazzjonijiet ta' pagament kienu insuffiċjenti biex ikopru t-talbiet għal finanzjament għal sena sħiħa u l-approprjazzjonijiet ta' pagament nieqsa għandhom jinkisbu permezz ta' baġit emendatorju permezz ta' trasferimenti minn linji baġitarji oħrajn; jemmen dawn iż-żewġ fatti ma jindikawx ibbaġitjar sod; ifakkar li l-FEG inħoloq bħala strument speċifiku li jagħti rispons immedjat u adegwat għas-sensji tal-massa dovuti għall-effetti diretti u indiretti tal-globalizzazzjoni; jenfasizza li mingħajr approprjazzjonijiet adegwati, u sabiex jiġu evitati t-trasferimenti sistematiċi minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, la l-karattru ta' emerġenza tal-FEG u lanqas l-integrità tiegħu ma jistgħu jkunu garantiti;

18. Jilqa' pożittivament il-fatt li, minħabba l-bidliet strutturali fir-reġjun, l-użu tal-FEG u tal-Fond Soċjali Ewropew u d-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn iż-żewġ fondi ġew ikkoordinati minn grupp iddedikat għall-proġett, li jinvolvi l-awtoritajiet reġjonali u s-sħab soċjali, li stabbilixxa linji gwida u għanijiet strateġiċi għar-reġjun;

19. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jimblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss lil dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, u li tippermetti żieda fir-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni ta' 65 % tal-kostijiet tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011; jistieden lill-Kunsill jerġa' jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;

20. Iqis li l-ħlas ta' benefiċċju għas-sussistenza ta' EUR 7 500 għal kull ħaddiem lil 360 ħaddiem huwa eċċessiv; ifakkar li l-FEG, fil-futur, għandu jkun primarjament allokat għat-taħriġ u t-tiftix ta' impjieg kif ukoll għal programmi ta' orjentament professjonali u li l-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu għall-benefiċċji għandu dejjem ikun ta' natura addizzjonali u parallel ma' dak disponibbli għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja b'riżultat tad-dritt nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

21. Jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni ma tispjegax jekk in-Nokia kinitx involuta fil-ħolqien tal-pakkett ta' servizzi u fil-kofinanzjament possibbli tal-miżuri;

22. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/006 FI/Nokia Salo mill-Finlandja).**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni 2013/19/UE.)*

P7_TA(2012)0494

## L-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar L-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità (COM(2011)0335 – C7-0155/2011 – 2011/0146(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2015/C 434/42)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0335),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0155/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0365/2012),

1. Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha u biex tieħu l-miżuri neċessarji flimkien mal-Parlament biex tippreżenta waħda ġdida;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0495

# L-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Unjoni Ewropea ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Unjoni Ewropea (tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0827 – C7-0458/2011 – 2011/0391(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – tfassil mill-ġdid)**

(2015/C 434/43)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0827),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0458/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-18 ta' Lulju 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali ([3]),

— wara li kkunsidra l-ittra tad-9 ta' Mejju 2012 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0379/2012),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 173.
([2]) ĠU C 277, 13.9.2012, p. 110.
([3]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

## P7_TC1-COD(2011)0391

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit 12 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb li jiġi adottat r-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Unjoni Ewropea (Riformulazzjoni)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

li jaġixxu skont il-proċedura amministrattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità ([4]) kien emendat diversi drabi u b'mod sostanzjali ([5]). Minħabba l-emendi l-ġodda u għal aktar ċarezza, l-imsemmi Regolament għandu jiġi riformulat.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 95/93 ikkontribwixxa b'mod deċisiv għat-twettiq tas-suq intern tal-avjazzjoni u għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Istati terzi, hekk kif jagħti garanzija tal-aċċess għall-ajruporti b'konġestjoni tal-Unjoni skont regoli newtrali, trasparenti u mhux diskriminatorji.

(3) Madankollu, jeżisti żbilanċ dejjem jikber bejn l-espansjoni tas-sistema ta' trasport bl-ajru fl-Ewropa u d-disponibbiltà ta' ċerti infrastrutturi tal-ajruporti biex ilaħħqu ma' dik id-domanda. Bħala riżultat, hemm numru dejjem jikber ta' ajruporti b'konġestjoni fl-Unjoni.

(4) Is-sistema ta' allokazzjoni tas-slots, stabbilita fl-1993, ma tiżgurax allokazzjoni u użu mill-aqwa tas-slots u għalhekk tal-kapaċità tal-ajruporti. Fil-kuntest ta' konġestjoni tal-ajruporti li qiegħda dejjem tikber u tal-iżvilupp limitat tal-infrastrutturi tal-ajruporti l-prinċipali kbar, is-slots huma riżorsa skarsa. L-aċċess għal tali riżorsi huwa kruċjali għall-provvediment ta' servizzi tat-trasport bl-ajru u għall-ħarsien ta' kompetizzjoni effettiva. Għal dan il-għan l-allokazzjoni u l-użu tas-slots jistgħu jsiru aktar effiċjenti billi jkunu introdotti mekkaniżmi ~~tas-suq~~***ta' skambju ta' slots***, billi jkun garantit li s-slots mhux użati jkunu għad-dispożizzjoni ta' operaturi interessati malajr kemm jista' jkun u b'mod trasparenti u billi jissaħħu l-prinċipji bażi tas-sistema, u dan bl-istess mod fl-allokazzjoni, il-ġestjoni u l-użu tas-slots. ~~Fl-istess hin, għalkemm is-slots storiċi jwieġbu għall-ħtieġa ta' stabbiltà tas-slots għal-linji tal-ajru, meta ssehh l-evalwazzjoni futura tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, jista' wkoll ikun ikkunsidrat li gradwalment ikunu introdotti mekkaniżmi oħra tas-suq bħall-irtirar tas-slots storiċi u l-irkant tagħhom.~~ ***Barra minn hekk, importanti li jinżamm l-aċċess għall-ajruporti hub mill-ajruporti reġjonali fejn tali rotot huma essenzjali għall-ekonomija tar-reġjun inkwistjoni. Għaldaqstant, it-tħassib rigward l-allokazzjoni effiċjenti tas-slots għandu jkompli jiġi bbilanċjat mal-bżonn li jiġu protetti l-benefiċċji esterni tas-servizzi tat-trasport bl-ajru u b'mod partikolari l-valur li joħolqu għar-reġjuni Ewropej.*** **[Em.1]**

---

([1]) OJ C 181, 21.6.2012, p. 173.
([2]) OJ C 277, 13.9.2012, p. 110.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012.
([4]) ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1.
([5]) Ara Anness I.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

(5) Għalhekk huwa meħtieġ li tkun modifikata s-sistema ta' allokazzjoni tas-slots fl-ajruporti tal-Unjoni.

***(5a) It-teorija rilevanti u l-ġurisprudenza għad ma żviluppawx biżżejjed biex tinħoloq definizzjoni legali eżawrjenti tat-terminu "slots tal-ajruporti". Ikun jaqbel li minn issa tkun tista' tinbeda l-ħidma fuq l-ipoteżi li l-użu tas-slots għall-finijiet tal-interess pubbliku – għaldaqstant mhux neċċessarjament ta' ġid pubbliku – jista' jservi ta' linja gwida għal definizzjoni legali tat-terminu. Għalhekk huwa xieraq li tkun ifformulata definizzjoni ta' slots li tistipula li dawn jistgħu jkunu soġġetti għal drittijiet u li tirregola l-allokazzjoni tagħhom.*** **[Em.79]**

(6) ***Jeħtieġ li*** l-allokazzjoni ta' slots fl-ajruporti b'konġestjoni ~~għandha~~ tkompli tkun ibbażata fuq regoli newtrali, trasparenti u mhux diskriminatorji. **[Em.2]**

(7) Is-sistema attwali ta' allokazzjoni tas-slots għandha tkun adattata għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi tas-suq użati f'ċertu ajruporti għat-trasferiment jew l-iskambju ta' slots. Fil-komunikazzjoni tagħha tat-30 ta' April 2008 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità, il-Kummissjoni impenjat ruħha li jekk ikun meħtieġ, għal raġunijiet li jolqtu l-kompetizzjoni jew oħrajn, tippreżenta proposti sabiex ikun hemm reviżjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

(8) L-esperjenza turi li l-kummerċ sekondarju tas-slots, jiġifieri l-iskambju tas-slots b'kumpens fi flus jew kumpens ta' natura oħra, ma jibbenefikax minn qafas leġiżlattiv uniformi u konsistenti, li jkollu garanziji ta' trasparenza u ta' ħarsien tal-kompetizzjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li l-kummerċ sekondarju tas-slots ikun definit aħjar fl-Unjoni Ewropea.

(9) It-trasparenza tal-informazzjoni hi element essenzjali biex tiġi assigurata proċedura oġġettiva għall-allokazzjoni ta' slots; Huwa meħtieġ li din it-trasparenza tkun imsaħħa u li jkun ikkunsidrat il-progress teknoloġiku.

(10) Għandhom wkoll ikunu previsti dispożizzjonijiet li jippermettu applikanti ġodda fis-suq tal-Unjoni. L-esperjenza turi li d-definizzjoni attwali tat-terminu "membru ġdid" ma rnexxiliex tippromwovi l-kompetizzjoni b'mod sħiħ u għalhekk trid tiġi modifikata f'sens utli. Minbarra dan, huwa meħtieġ li jkun hemm ġlieda kontra l-abbużi, billi tkun limitata l-possibbiltà għal operatur li dan ikollu statut ta' membru ġdid jekk, flimkien mal-kumpanija ewlenija, l-affiljati tagħha jew l-affiljati tal-kumpanija ewlenija tiegħu, ikollu aktar minn 10 % tan-numru totali tas-slots allokati fil-jum inkwistjoni f'ajruport partikolari. Bl-istess mod, trasportatur bl-ajru ma għandux ikun ikkunsidrat bħala membru ġdid jekk ikun għamel trasferiment tas-slots miksuba minnu bħala membru ġdid sabiex ikun jista' jerġa jikseb dak l-istatus.

~~(11) Huwa xieraq li titneħħa l-prijorità mogħtija lil trasportatur bl-ajru li tikkonsisti fit-talba li tiġi allokata lilu serje ta' slots f'ajruport għal servizz regolari tal-passiġġieri mingħajr waqfien bejn dan l-ajruport u ajruport reġjonali, sakemm din is-sitwazzjoni tkun diġà koperta mill-prijorità li tingħata lil trasportatur bl-ajru li tikkonsisti fit-talba li tiġi allokata lilu serje ta' slots bil-għan li jkun hemm servizz regolari ta' passiġġieri mingħajr waqfien bejn żewġ ajruporti tal-Unjoni.~~ **[Em.3]**

(12) Hu ukoll ~~xieraq~~ ***meħtieġ*** li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn, minħabba nuqqas ta' slots disponibbli, il-benefiċċji ta' liberalizzazzjoni jkunu mqassma b'mod mhux ekwu u l-kompetizzjoni ma tkunx kif suppost. **[Em.4]**

***(12a) It-trasport bl-ajru mhux skedat jikkontribwixxi għall-koeżjoni u l-kompetittività reġjonali. Jekk it-trasportaturi bl-ajru użaw b'mod regolari slots għal tali trasport f'ajruport li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, anke fejn dawk is-slots mhux dejjem jinvolvu l-istess rotot, għandha tingħata prijorità lit-talbiet għal użu kontinwu ta' tali slots.*** **[Em.5]**

(13) Il-progress li twettaq fl-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew għandu impatt importanti fuq il-proċess ta' allokazzjoni tas-slots. L-impożizzjoni ta' skemi ta' prestazzjoni, li skont dawn l-ajruporti, il-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u l-utenti tal-ispazju tal-ajru huma sottomessi għal regoli ta' monitoraġġ u ta' titjib fil-prestazzjoni, u l-funzjoni tal-ġestjoni tan-netwerk, ibbażata fuq l-implimentazzjoni ta' netwerk Ewropew tar-rotot u ġestjoni ċentrali tat-traffiku tal-ajru, jimponu aġġornament tar-regoli ta' allokazzjoni tas-slots. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħoloq qafas xieraq li jippermetti l-involviment tal-operatur tan-netwerk, tal-

korp tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali ta’ monitoraġġ fil-proċedura ta’ ffissar tal-kapaċità tal-ajruporti u l-parametri ta’ kordinament. ~~Għandha wkoll tinħoloq kategorija ġdida ta’ ajruporti li jkollha interess għal dan in-netwerk bil-għan li tippermetti reazzjoni aħjar tan-netwerk f’każ ta’ sitwazzjonijiet ta’ kriżi.~~**[Em.80]**

(14) ~~Għandu jkun~~ ***Bl-għan li tiġi ottimizzata l-kapaċità disponibbli tal-ajruporti, jeħtieġ li jiġu adottati proċeduri biex jiġi*** żgurat li ***l-pjanijiet*** ~~tqabbil aħjar bejn il-pjanijiet~~ tat-titjiriet u s-slots ***jitqabblu*** aħjar. ~~bil-għan li tkun użata~~ aħjar ~~il-kapaċità tal-ajruporti u li titjieb il-puntwalità tat-tijiriet.~~**[Em.7]**

(15) L-Istat Membri responsabbli għall-ajruport bi skedi ffaċilitati jew ikkordinat għandu jassigura n-nomina ta’ kordinatur li ma jkun hemm ebda dubju dwar in-newtralità tiegħu. Għal dan il-għan, ir-rwol ta’ kordinatur***u dak ta’ faċilitatur tal-iskedi*** għandu jkun imsaħħaħ. Huwa xieraq għalhekk li tkun prevista l-indipendenza legali, organizzattiva, ta’ deċiżjonijiet u finanzjarja tal-kordinatur fir-rigward ta’ kwalunkwe parti interessata, tal-Istat Membru u tal-korpi li jiddependu fuq dan l-Istat. Sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet li fihom l-attività tal-kordinatur ***u dik tal-faċilitatur tal-iskedi*** tkun affettwata minn nuqqas ta’ riżorsi umani, tekniċi jew finanzjarji, jew ta’ għarfien espert, l-Istat Membru għandu jipprovdi dawn lill-kordinatur tar-riżorsi biex b’hekk jippermettilu li jwettaq għal kollox l-attivitajiet tiegħu. **[Em.8]**

(16) Huwa xieraq li jiġu introdotti obbligi ulterjuri għat-trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trażmissjoni tal-informazzjoni lill-kordinatur***u l-faċilitatur tal-iskedi***. Għandhom ikunu previsti sanzjonijiet ulterjuri f’każ ta’ nuqqas ta’ informazzjoni jew ta’ trażmissjoni ta’ informazzjoni falza jew qarrieqa. Fir-rigward ta’ ajruporti ~~li huma parti minn netwerk,~~***oħra mingħajr deżinjazzjoni speċifika***, it-trasportaturi bl-ajru għandu jkollhom obbligu li jikkomunikaw l-intenzjonijiet tagħhom dwar it-titjira jew informazzjoni oħra pertinenti mitluba mill-kordinatur jew mill-faċilitatur tal-iskedi. **[Em.9]**

(17) Huwa xieraq li l-Unjoni tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-kordinaturi u l-faċilitaturi tal-iskedi sabiex tippermettilhom li jiskambjaw il-prattiċi tajbin tagħhom bil-għan li meta jkun il-waqt ~~jinħoloq~~ ***jiġi stabbilit*** kordinatur ***uniku fil-livell*** Ewropew, ***filwaqt li jitqies il-progress miksub fl-istabbiliment ta’ Ajru Uniku Ewropew.*** **[Em.10]**

(18) Ajruport jista’ jikkwalifika bħala kkordinat basta li l-prinċipji ta’ trasparenza, newtralità u nondiskriminazzjoni jkunu osservati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan ir-Regolament.

(19) Id-deċiżjoni biex jiġi kkordinat ajruport għandha tittieħed mill-Istat Membru responsabbli għal dak l-ajruport fuq il-bażi ta’ kriterji oġġettivi. Filwaqt li jiġi kkunsidrat il-progress imwettaq fl-implimentazzjoni ta’ Ajru Uniku Ewropew, ***fl-implimentazzjoni ta’ blokki ta’ spazju tal-ajru funzjonali*** u fil-funzjoni ta’ operatur tan-netwerk, huwa utli li jitqarrbu l-metodi ta’ evalwazzjoni tal-kapaċità tal-ajruporti sabiex ikun żgurat funzjonament aħjar tan-netwerk Ewropew tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. **[Em.11]**

(20) Huwa meħtieġ li tiġi prevista l-proċedura li permezz tagħha Stat Membru jiddeċiedi li jimmodifika l-kwalifikazzjoni ta’ ajruport kordinat jew ta’ ajruport b’faċilitazzjoni ta’ skedi biex jagħmilhom, rispettivament, ajruport faċilitat bi skedi jew ajruport mingħajr statut.

(21) It-tul tal-validità ta’ serje ta’ slots għandha tkun limitata għall-perjodu ta’ skedar li għaliha tkun allokata s-serje. Il-prijorità għall-allokazzjoni ta’ serje ta’ slots~~, anke dawk storiċi,~~ għandha tinbet ***esklussivament*** mill-allokazzjoni jew mill-konferma min-naħa tal-kordinatur. ***Il-prijorità għall-allokazzjoni ta’ serje ta’ slots storiċi għandha tkun tingħata mill-kordinatur abbażi tal-użu tajjeb preċedenti tagħhom.*** **[Em.81]**

(22) Hu meħtieġ li jitħarsu dispożizzjonijiet speċjali, permezz ta’ ċirkostanzi llimitati, għall-manutenzjoni ta’ servizzi tal-ajru domestiċi adegwati għal reġjuni tal-Istat Membru jew Stati Membri kkonċernati meta jkun ġie impost obbligu ta’ servizz pubbliku.

*(22a)* ***Id-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament għandu jkun bla ħsara għall-konnessjonijiet bejn l-ajruporti reġjonali u l-hubs prinċipali. Għalhekk ikun utli li jittieħdu l-miżuri xierqa biex jiġi żgurat li l-ajruporti li jinsabu f’reġjuni mbiegħda, ultraperiferiċi u insulari jkunu konnessi ma’ hubs Ewropej prinċipali u għaldaqstant man-netwerk dinji tat-traffiku tal-ajru.*** **[Em.13]**

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

(23) Hekk kif l-aspetti ambjentali jistgħu jkunu kkunsidrati fil-parametri ta' kordinazzjoni u s-servizz reġjonali jista' jkun żgurat b'mod sħiħ fil-kuntest tal-obbligi ta' servizz pubbliku, l-esperjenza ma tatx prova tal-utilità tar-regoli lokali. Minbarra dan, ma jistax ikun eskluż li regoli bħal dawn iwasslu għal diskriminazzjoni fl-allokazzjoni tas-slots. Għalhekk, huwa xieraq li tkun limitata l-possibbiltà li wieħed jirrikorri għar-regoli lokali. Il-limiti tekniċi, operattivi, ta' prestazzjoni u ambjentali kollha li jridu jkunu applikati mill-kordinaturi jew mill-faċilitaturi għandhom ikunu ddefiniti fil-parametri ta' kordinazzjoni. L-użu tar-regoli lokali għandu għalhekk ikun imnaqqas għall-monitoraġġ tal-użu tas-slots u għall-possibbiltà li jitnaqqas it-tul tas-serje tas-slots fil-każijiet previsti minn dan ir-Regolament. Bil-għan li jkun hemm promozzjoni ta' użu aħjar tal-kapaċità tal-ajruporti, huwa xieraq li jissaħħu żewġ prinċipji bażi fl-allokazzjoni tas-slots, jiġifieri d-definizzjoni tas-serje ta' slots u l-kalkolu tas-slots storiċi. Bl-istess mod, il-flessibbiltà mogħtija lit-trasportaturi bl-ajru għandha tkun deskritta aħjar bil-għan li jkun evitat tgħawwiġ fil-livell tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament fl-Istati Membri differenti. Huwa għalhekk xieraq li jkun imħeġġeġ użu aħjar tal-kapaċità tal-ajruporti. ***Għandhom ikunu appoġġjati l-konnessjonijiet bejn il-linji ferrovjarji u l-ajruporti, kif ukoll l-integrazzjoni ta' biljetti tal-ferrovija u tal-ajru.*** **[Em.91]**

(24) Sabiex it-trasportaturi bl-ajru jkunu jistgħu jadattaw ruħhom għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza kbira ħafna, bħal tnaqqis kbir fit-traffiku jew kriżi ekonomika li taffettwa ħafna l-attività tat-trasportaturi bl-ajru, u li taffettwa l-maġġoranza tal-perjodu ta' skedar, huwa xieraq li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri ta' urġenza bil-għan li tiżgura konsistenza tal-miżuri li għandhom jittieħdu fl-ajruporti kordinati. Dawk il-miżuri għandhom jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru li jżommu l-prijorità fl-allokazzjoni tal-istess serje għall-perjodu li jmiss ta' skedar, ukoll jekk ma tintlaħaqx ir-rata ta' ~~85 %.~~***80 %***. **[Em.14]**

***(24a)*** ***Dan ir-Regolament għandu jipprevedi rekwiżiti ta' flessibilità tal-avjazzjoni kummerċjali u tat-titjiriet charter, sabiex ikun permess l-operat ta' titjiriet mhux skedati, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-operturi kkonċernati ma jistgħux jistabbilixxu portafoll ta' slots abbażi ta' drittijiet storiċi.*** **[Em.15]**

~~(25) Ir-rwol tal-kumitat ta' kordinazzjoni għandu jkun imsaħħaħ id-doppju. Min-naħa, l-operatur tan-netwerk, il-korp tal-evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet u l-awtorità nazzjonali ta' monitoraġġ għandhom ikunu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-kumitat. Min-naħa l-oħra, fost il-missjonijiet tiegħu, il-kumitat ta' kordinazzjoni jista' jagħmel proposti jew jagħti pariri lill-kordinatur u/jew lill-Istat Membru dwar kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-kapaċità tal-ajruporti, b'mod partikolari b'rabta mal-implimentazzjoni ta' Ajru Uniku Ewropew u l-funzjonament tan-netwerk Ewropew tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Il-kumitat għandu jkun jista' wkoll jipprovdi prestazzjonijiet lill-korp ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni u lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza pariri dwar ir-rabta bejn il-parametri ta' kordinazzjoni u l-indikaturi ewlenin ta' prestazzjoni proposti lill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.~~**[Em.16]**

(26) L-esperjenza turi li numru sinifikanti ta' slots jerġgħu jitqiegħdu lura fil-ġabra tard wisq biex ikunu jistgħu jerġgħu jiġu allokati b'mod utli. Korpi li jimmaniġġaw l-ajruporti għandhom ikunu mħeġġa jużaw ~~sistema ta' tariffi tal-ajruporti sabiex jiskoraġġixxi din it-tip ta' imġiba~~ ***skemi ta' strumenti finanzjarji u jsaħħu b'mod konsistenti s-sistema ta' sanzjonijiet bil-għan li t-trasportaturi bl-ajru jiġu skoraġġuti milli jimplimentaw prattiki bħal dawn***. Minkejja l-possibilità li jsir rikors għal ***dawk il-mekkaniżmi***, il-korpi li jimmaniġġjaw l-ajruporti m'għandhomx jiskoraġġixxu lit-trasportaturi tal-ajru milli jidħlu fis-suq jew jiżviluppaw is-servizzi. **[Em.17]**

***(26a)*** ***Bil-għan li titjieb il-kapaċità tal-ajruport, jeħtieġ li dan ir-Regolament ikopri l-possibilità li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw id-dħul mill-bejgħ ta' slots fis-suq sekondarju bil-ħsieb li jottimizzaw it-traffiku tal-ajru u l-iżvilupp ta' infrastrutturi ġodda.*** **[Em.18]**

(27) Hu mixtieq li pajjiżi mhux membri joffru lit-trasportaturi tal-Unjoni trattament ugwali

(28) ***Jeħtieġ li*** l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli 101, 102 u 106. **[Em.19]**

**L-Erbgħa 12 ta’ Diċembru 2012**

(29) Id-dikjarazzjoni ministerjali dwar l-ajruport ta’ Ġibiltà, adottata f’Cordoue fit-18 ta’ Settembru 2006 tul l-ewwel laqgħa ministerjali tal-Forum ta’ diskussjoni dwar Ġibiltà, se tissostitwixxi d-dikjarazzjoni konġunta dwar l-ajruport magħmula f’Londra fit-2 ta’ Diċembru 1987, hekk kif il-konformità sħiħa mad-dikjarazzjoni tal-2006 tiġi meqjusa li tikkostitwixxi l-konformità mad-Dikjarazzjoni tal-1987.

(30) Huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa li tadotta atti ~~delegati,~~ ***skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*** għandhom jiġu delegati lil Kummissjoni. ~~sabiex ikunu ppreċiżati l-metodi ta’ elaborazzjoni ta’ studju dwar il-kapaċità u dwar id-domanda. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta’ esperti.~~ **[Em.20]**

(31) Huwa xieraq illi waqt li tħejji u telabora atti delegati, il-Kummissjoni tara li d-dokumenti relevanti jkunu trażmessi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b’mod simultanju, f’waqtu u b’mod xieraq.

(32) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta’ implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, huwa xieraq li l-Kummissjoni jingħatawlha setgħat ta’ implimentazzjoni. Dawn is-setgħat għandhom ikunu implimentati skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 182/2011 tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni ([1]).

(33) Il-proċedura ta’ eżaminazzjoni għandha tkun użata għall-adozzjoni ta’ atti ta’ implimentazzjoni ~~dwar il-ħolqien ta’ kordinatur Ewropew~~, il-mudell tar-rapport annwali ta’ attività tal-kordinatur u tal-faċilitatur tal-iskedi u d-deċiżjoni li Stat Membru wieħed jew aktar għandhom jieħdu miżuri bil-għan li jirrimedjaw għall-attitudni diskriminatorja ta’ pajjiż terz fir-rigward tat-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni. **[Em.82]**

(34) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jkunu applikabbli b’mod immedjat, skont il-proċedura ta’ eżaminazzjoni, f’każijiet iġġustifikati marbuta mal-ħtieġa ta’ garanzija ta’ kontinwazzjoni ta’ slots storiċi, meta dawn ikunu meħtieġa għal raġunijiet ferm urġenti.

(35) Dan ir-Regolament għandu jkun irrivedut wara perjodu stabbilit ta’ operazzjoni biex jevalwa t-tħaddim tiegħu.

***(35a) Il-Kummissjoni għandha, wara li twettaq konsultazzjonijiet, inkluż f’livell ta’ esperti, tfassal studju dwar il-kapaċità u d-domanda, biex ikun ippreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.*** **[Em.21]**

(36) Hekk kif l-għanijiet tal-azzjoni – jiġifieri applikazzjoni aktar omoġena tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-slots – ma jistgħux jinkisbu b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-importanza tal-livell transkonfinali tal-attività tat-trasport bl-ajru, u jkunu jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista’ tieħu miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà mniżżel fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta’ proporzjonalità mniżżel fl-istess artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jilħaq dak l-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAMP TA’ APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

### Artikolu 1

### Kamp ta’ applikazzjoni

1. Dan ir-regolament għandu japplika għall-ajruporti tal- Unjoni Ewropea.

2. L-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament għall-ajruport ta’ Ġibiltà hi mifhuma li hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta’ Spanja u tar-Renju Unit tal-Gran Brittannja u tal-Irlanda ta’ Fuq għar-rigward il-kwistjoni dwar is-sovranità fuq it-territorju ta’ fejn jinstab l-ajruport.

([1]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) "slot" għandha tfisser il-permess mogħti minn kordinatur ***lil trasportatur bl-ajru*** skont dan ir-Regolament għall-użu tal-firxa sħiħa tal-infrastruttura tal-ajruport meħtieġa għall-operazzjoni ta' servizz bl-ajru f'ajruport kordinat ~~f'data u hin~~ ***f'dati*** u ***ħinijiet*** speċifiċi għall-użu tat-tnіżżil u t-tluq kif allokati minn kordinatur skont dan ir-Regolament; **[Em.22]**

(2) "membru ġdid" għandha tfisser: trasportatur bl-ajru li jitlob, bħala parti minn serje ta' slots fi skeda f'ajruport f'jum partikolari, fejn, jekk it-talba tat-trasportatur tintlaqa', dan fit-total ikollu anqas minn ħames perjodi ta' użu fl-iskeda f'dak l-ajruport f'dak il-jum.

~~b) trasportatur bl-ajru li jitlob serje ta' slots għal servizz ta' passiġġieri skedat li ma jieqafx bejn żewġ ajruporti tal-Unjoni Ewropea fejn l-aktar żewġ trasportaturi oħra bl-ajru joperaw l-istess servizz skedat li ma jieqafx bejn dawn l-ajruporti f'dak il-jum, fejn, jekk it-talba tat-trasportatur tiġi aċċettata, it-trasportatur bl-ajru xorta waħda jkollu anqas minn disa' slots fl-iskeda f'dak l-ajruport f'dak il-jum għal dak is-servizz li ma jieqafx.~~ **[Em.23]**

Trasportatur bl-ajru li, flimkien mal-kumpanija ewlenija, l-affiljati tagħha jew l-affiljati tal-kumpanija ewlenija jkollu aktar minn 10 % % tat-total tas-slots fil-jum inkwistjoni f'ajruport partikolari, ma jiġix kunsidrat bħala membru ġdid f'dak l-ajruport.

Trasportatur bl-ajru li ttrasferixxa, skont l-Artikolu 13, is-slots miksuba bħala membru ġdid lil trasportatur bl-ajru ieħor fl-istess ajruport sabiex ikun jista' jerġa jikseb l-istatus ta' membru ġdid f'dan l-ajruport m'għandhux jitqies li għandu dak l-istatus;

(3) "perjodu ta' skedar" tfisser jew l-istaġun tas-sajf jew tax-xitwa kif użat fl-iskedi ta' trasportaturi bl-ajru skont ir-regoli u l-linji gwida stabbiliti mis-settur tat-trasport bl-ajru fuq livell dinji;

(4) "trasportatur bl-ajru tal-Unjoni", tfisser trasportatur bl-ajru li jkollu liċenzja għall-operar valida maħruġa minn Stat Membru skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1008/2008 tal-24 ta 'Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità [1];

(5) "trasportatur bl-ajru" għandha tfisser impriża tat-trasport bl-ajru li jkollha liċenza valida biex topera jew ekwivalenti l-aktar tard fil-31 ta' Jannar għall-istaġun tas-sajf li jiġi wara jew fil-31 ta' Awissu għall-istaġun tax-xitwa li jiġi wara. Għall-finijiet ta' l-Artikoli 5, 9, 10, 11 u 13, it-tifsira ta' trasportatur bl-ajru għandha wkoll tinkludi operaturi tan-negozju fl-avjazzjoni; għall-finijiet tal-artikoli 7, 17 u 18, it-tifsira ta' trasportatur bl-ajru għandha wkoll tinkludi l-operaturi kollha ta' bċejjeċ tal-ajru ċivili;

(6) "grupp ta' trasportaturi bl-ajru" għandha tfisser żewġ trasportaturi bl-ajru jew aktar li flimkien iwettqu operazzjonijiet konġunti, operazzjonijiet bl-appalt jew code-sharing ***jew konsorzju fil-każ ta' operaturi mhux skedati*** għall-fini ~~tal-operazzjoni ta' servizz~~ ***tal-użu ta' slot*** speċifiku ~~tal-ajru~~; **[Em.24]**

(7) "fornitur ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru" għandha tfisser kull fornitur ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru skont it-tifsira tal-punt (5) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta 'Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament Qafas) [2];

---

[1] ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3

[2] ĠU L 96, tal-31.3.2004, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

(8) "fornitur ta' servizzi ta' groundhandling" għandha tfisser kull fornitur ta' servizzi ta' groundhandling skont it-tifsira tal-Artikolu […] tar-Regolament (UE) Nru […] (dwar is-servizzi ta' groundhandling); jew kull utent tal-ajruport skont it-tifsira tal-Artikolu […] tar-Regolament (UE) Nru […] (dwar is-servizzi ta' groundhandling) li jipprovdi self-handling skont it-tifsira tal-Artikolu […] tar-Regolament (UE) Nru […] (dwar is-servizzi ta' groundhandling);

~~(9) "ajruport li huwa parti min-netwerk" għandha tfisser ajruport li ma jkollux il-problema ta' konġestjoni iżda li, f'każ ta' żieda sinifikanti fit-traffiku li tkun seħħet jew f'każ ta' tnaqqis sinifikanti li jkun seħħ fil-kapaċità, jista' jkollu impatt fuq it-tħaddim tan-netwerk Ewropew tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (minn issa 'l quddiem "in-netwerk") skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])~~; **[Em.25]**

(10) (i)"ajruport faċilitat bl-iskedi" għandha tfisser ajruport fejn ikun hemm potenzjal għall-konġestjoni f'xi perjodi tal-jum, ġimgħa jew sena li tista' tiġi solvuta b'kooperazzjoni volontarja bejn trasportatur bl-ajru u fejn faċilitatur tal-iskedi ikun ġie maħtur biex jiffaċilita l-operazzjonijiet tat-trasportatur bl-ajru li joperaw servizzi jew li jkollhom il-ħsieb li joperaw servizzi f'dak l-ajruport;

(11) "ajruport kordinat" għandha tfisser xi ajruport fejn, sabiex jinżel jew jitlaq, ikun meħtieġ li trasportatur bl-ajru jew xi operatur ieħor ta' bċejjeċ tal-ajru li jiġi allokat slot minn kordinatur, bl-eċċezzjoni ta' titjiriet tal-Istat, inżul ta' emerġenza u titjiriet umanitarji;

(12) "korp ta' amministrazzjoni ta' ajruport" għandha tfisser il-korp li, flimkien ma' attivitajiet oħra jew mod ieħor, ikollu l-kompitu taħt liġijiet nazzjonali jew regolamenti li jamministra u jimmaniġġa l-faċilitajiet tal-ajruport u li jikkordina u jikkontrolla l-attivitajiet tal-operaturi varji presenti fl-ajruport;

(13) "serje ta' slots", għandha tfisser tal-anqas ~~15 -il slot~~ ***5 slots***, li jkunu ntalbu fl-istess jum tal-ġimgħa ~~għal ġimgħat konsekuttivi, għall-perjodu ta' skedar tas-Sajf, u 10 slots għall-perjodu ta' skedar tax-Xitwa~~ ***regolarment fl-istess perjodu ta' skedar*** u allokati mill-kordinatur abbażi ta' dan jew, jekk dan ma jkunx possibbli, allokati bejn wieħed u ieħor fl-istess ħin, ***sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor permezz ta' regola lokali skont il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(8)*** **[Em.26]**;

(14) "negozju ta' avjazzjoni" għandha tfisser dak is-settur ta' avjazzjoni ġenerali li jikkonċerna l-operazzjoni jew l-użu ta' bċejjeċ tal-ajru minn kumpaniji għall-ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti jew bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, fejn il-bċejjeċ tal-ajru jittajru għal finijiet ġeneralment kunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu misjuqa minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenzja valida ta' pilota kummerċjali bi grad ta' strument;

(15) "parametri ta' kordinament" għandha tfisser l-espressjoni f'termini ta' operazzjoni tal-kapaċità kollha disponibbli għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruport matul kull perjodu ta' ta' skedar u r-regoli operazzjonali dwar l-użu tal-kapaċità, li jirriflettu l-fatturi kollha tekniċi, operazzjonali u ambjentali li jaffettwaw l-andament tal-infrastruttura tal-ajruport u s-subsistemi differenti tiegħu;

(16) "pjan tat-titjira" għandha tfisser informazzjoni speċifika pprovduta lill-unitajiet tas-servizz tat-traffiku tal-ajru dwar titjira jew dwar parti minn titjira prevista ta' inġenju tal-ajru;

(17) "servizzi regolari tal-ajru" għandha tfisser serje ta' titjiriet li għandhom karatteristiċi definiti fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008;

(18) "servizzi tal-ajru ~~pprogrammati~~ mhux skedati" għandha tfisser ~~serje ta' titjiriet~~ ser ***titjira*** li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 2(16) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, ~~iżda li tant topera b'regolarità jew bi frekwenza li hija parti minn serje li tista' titqies sistematika~~; **[Em.75]**

([1]) ~~ĠU L 96, tal-31.3.2004, p. 20.~~

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

(19) "operatur tan-netwerk" għandha tfisser il-korp ***ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM),*** maħluq skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 551/2004, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta 'Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament ta' l-Ispazju ta' l-Ajru) ([1])***, liema korp għandu jippermetti l-aħjar użu tal-ispazju tal-ajru u jiżgura li l-utenti tal-ispazju tal-ajru jkunu jistgħu joperaw fuq ir-rotot preferuti, filwaqt li jiġi permess l-aċċess massimu għall-ispazju tal-ajru u s-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru***; **[Em.28]**

(20) "korp ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni" għandha tfisser il-korp maħluq skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004;

(21) "awtorità nazzjonali ta' monitoraġġ" għandha tfisser il-korp jew il-korpi maħtura jew stabbiliti mill-Istati Membri bħala l-awtorità nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

DEŻINJAZZJONI TAL-AJRUPORTI

Artikolu 3

Kundizzjonijiet għall-kordinament jew il-faċilitazzjoni bi skedi f' ajruport

1. L-Istati Membri ma jkollhom ebda obbligu li jsemmu xi ajruporti bħala faċilitati bi skeda jew kordinati ħlief skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri ma għandhomx isemmu ajruport bħala kordinat ħlief skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3.

2. Stat Membru jista', iżda, jipprovdi għal kull ajruport li jkun magħżul bħala ajruport faċilitat bi skedi sakemm il-prinċipji ta' trasparenza, newtralità u nondiskriminazzjoni jkunu osservati.

3. L-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li analiżi dettaljat tal-kapaċità u tad-domanda jitwettaq f'ajruport li ma jkollu ebda status imsemmi ~~f'ajruport li huwa parti min-netwerk Ewropew tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (minn issa 'l quddiem "in-netwerk")~~ jew f'ajruport faċilitat bi skeda mill-korp li jimmaniġġa ta' dak l-ajruport jew minn xi korp ieħor kompetenti fejn dak l-Istat membru jqies meħtieġ, jew fi żmien sitt xhur:

(i) wara talba bil-miktub minn trasportaturi bl-ajru li jirrappreżentaw aktar minn-nofs tal-operazzjonijiet f'ajruport jew mill-korp li jimmaniġġa tal-ajruport meta xi wieħed minn dawn jikkonsidra li l-kapaċità ma tkunx biżżejjed għall-operazzjonijiet attwali jew ippjanati f'ċerti perjodi; jew

(ii) fuq talba mill-Kummissjoni, b'mod partikolari meta membri ġodda jiltaqgħu ma' problemi serji biex jassiguraw possibbiltajiet ta' nżul u tluq fl-ajruport in kwistjoni jew meta min jimmaniġġa n-netwerk iqis li dan huwa meħtieġ sabiex tkun garantita l-konsistenza tal-pjan operazzjonali tal-ajruport mal-pjan operazzjonali tan-netwerk, f'konformità mal-Artikolu 6(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 tas-7 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku bl-ajru (ATM) funzjonijiet tan-netwerk ([2]).

Dik l-analiżi, ***abbażi ta' metodi rikonoxxuti u li hemm qbil komuni dwarhom,*** għandha tistabbilixxi kull nuqqas fil-kapaċità, waqt li tagħti kont tal-limiti ambjentali fl-ajruport inkwistjoni. L-analiżi għandha tikkonsidra l-possibbiltajiet li tegħleb dawk il-limiti permezz ta' infrastruttura ġdida jew modifikata, bidliet operazzjonali, jew xi bidla oħra, u l-limitu ta' żmien maħsub biex tissolva l-problema.

L-analiżi għandha tkun ibbażata fuq metodi mfassla mill-Kummissjoni permezz ta' Att iddelegat, f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament. Il-metodi għandhom jikkunsidraw il-ħtiġijiet tal-pjan tan-netwerk operazzjonali hekk kif eżiġa l-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 677/2011.

Din għandha tiġi aġġornata jekk ikun invokat il-paragrafu 6, fejn ikun hemm tibdil fl-ajruport li jinfluwenzaw sinifikament il-kapaċità tiegħu u l-kapaċità tal-użu jew fuq talba tal-Kumitat ta' kordinament, tal-Istat Membru jew tal-Kummissjoni. Kemm l-analiżi u l-metodu wżat għandhom jintgħamlu disponibbli lill-partijiet li jkunu talbu l-analiżi u, fuq talba, lil partijiet oħra interessati. L-analiżi għandha tkun komunikata lill-Kummissjoni fl-istess waqt.

4. Fuq il-bażi tal-analiżi, l-Istat Membru għandu jikkonsulta dwar is-sitwazzjoni tal-kapaċità fl-ajruport mal-korp li jimmaniġġa tal-ajruport, it-trasportatur bl-ajru li jużaw l-ajruport ~~regolarment,~~ l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, rappreżentanti tal-avjazzjoni ġenerali ~~li jużaw l-ajruport regolarment~~ u l-awtoritajiet li jikkontrollaw it-traffiku tal-ajru.

---

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20.
([2]) ĠU L 185, 15.7.2011, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

5. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-operatur tan-netwerk li joħroġ avviż dwar il-mod li bih tkun iffissata l-kapaċità b'rabta mal-ħtiġijiet tat-tħaddim tan-netwerk. ~~Il-Kummissjoni tista' tagħmel xi rakkomandazzjonijiet. L-Istat Membru jagħti raġuni għal kull deċiżjoni li ma ssegwix dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Id-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.~~

6. Fejn iseħħu problemi ta' kapaċità għal tal-anqas perjodu wieħed ta' skedar, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-ajruport jissemma bħala kordinat għall-perjodi rilevanti biss jekk:

a) in-nuqqas ikun ta' dik in-natura serja li ma jkunx jista' jiġi evitat dewmien sinifikanti fl-ajruport, u

b) ma jkun hemm ebda possibbiltajiet li jiġu riżolti dawn il-problemi f'terminu qasir ta' żmien.

~~7. B'deroga mill-paragrafu 6(b), l-Istati Membri jistgħu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, isemmu bħala kordinati l-ajruporti effettwati għall-perjodu xieraq li ma jistax ikun inqas minn perjodu ta' skedar .~~

~~B'deroga mill-paragrafi 3, 4, 5 u 6, l-Istati Membri jistgħu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, isemmu bħala kordinati l-ajruporti effettwati għall-perjodu kkonċernat.~~

8. Jekk l-analiżi aġġornata tal-kapaċità u tad-domanda f'ajruport kordinat jew ajruport bi skedi ffaċilitati turi li l-ajruport ikkonċernat għandu kapaċità suffiċjenti biex iwieġeb għall-operazzjonijiet effettivi jew previsti, l-Istat Membru, wara konsultazzjoni mal-korpi msemmija fil-paragrafu 4, jista' jbiddel il-kwalifika ta' dan għal ajruport bi skedi ffaċilitati jew ajruport mingħajr statut, rispettivament.

~~9. Fuq talba tal-Kummissjoni, li tista' taġixxi fuq inizjattiva tagħha jew fuq inizjattiva tal-operatur tan-netwerk, u wara konsultazzjoni mal-korpi msemmija fil-paragrafu 4, l-Istat Membru jiżgura li ajruport mingħajr statut ikun imsemmi bħala li jagħmel parti min-netwerk. Id-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ajruport ma jkunx aktar ta' interess għan-netwerk, l-Istat Membru, wara konsultazzjoni mal-korpi msemmija fil-paragrafu 4, ibiddel il-kwalifika tal-ajruport għal ajruport mingħajr statut.~~

10. Jekk tittieħed deċiżjoni skont il-paragrafi 6 ***jew*** 8~~jew 9~~, din tkun ikkomunikata mill-Istat Membru lill-korpi msemmija fil-paragrafu 4 sa mhux aktar tard mill-1 ta' April fir-rigward tal-perjodu ta' skedar tax-xitwa u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru għall-perjodu ta' skedar tas-sajf. **[Em.29]**

Artikolu 4

Parametri ta' kordinament

1. F'ajruport kordinat jew bi skedi ffaċilitati l-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura l-istabbiliment tal-parametri ta' kordinament darbtejn fis-sena, waqt li jagħti kont tal-limitazzjonijiet rilevanti tekniċi, operazzjonali, ta' prestazzjoni u ambjentali kif ukoll xi bdil fihom. Dawn il-limitazzjonijiet għandhom ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni. ~~Il-Kummissjoni, jekk meħtieġ bl-appoġġ tal-operatur tan-netwerk, għandha tanalizza l-limitazzjonijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet li għandhom ikunu kkunsidrati mill-Istat Membru qabel ma jkunu ddeterminati l-parametri ta' kordinament.~~ **[Em.30]**

Dan l-eżerċizzju għandu jkun ibbażat fuq analiżi oġġettiva tal-possibbiltajiet li jiġi akkomodat it-traffiku tal-ajru, waqt li jingħata kont tat-tipi differenti ta' traffiku fl-ajruport, il-konġestjoni tal-ispazju tal-ajru li x'aktarx isseħħ matul il-perjodu ta' kordinament u s-sitwazzjoni tal-kapaċità.

2. L-istabbiliment tal-parametri u l-metodoloġija wżata kif ukoll xi tibdil fihom għandhom ikunu diskussi fid-dettal fi ħdan il-kumitat ta' kordinament bil-ħsieb li tiżdied il-kapaċità u n-numru ta' slots disponibbli għall-allokazzjoni, qabel ma tittieħed deċiżjoni finali tal-parametri ta' kordinament. Id-dokumenti kollha rilevanti għandhom jintgħamlu disponibbli fuq talba lill-partijiet interessati.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

~~3. L-istabbilment tal-parametri ta' kordinament ma għandhomx jaffettwaw il-karattru newtrali u nondiskriminatorju tal-allokazzjoni tas-slots.~~**[Em.31]**;

4. Il-parametri għandhom ikunu komunikati lill-kordinatur tal-ajruport fi żmien biżżejjed qabel is-sottomissjoni inizjali tas-slots għall-fini tal-konferenzi tal-iskedar.

5. Għall-fini tal-eżerċizzju msemmi fil-paragrafu 1, fejn l-Istat Membru ma jagħmilx dan, il-kordinatur għandu jiddefinixxi l-intervalli ta' ħin rilevanti ta' kordinament wara konsultazzjoni mal-kumitat ta' kordinament u b'konformità mal-kapaċità stabbilita.

ORGANIZZAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET TA' KORDINAMENT, FAĊILITAZZJONI BI SKEDI U ĠBIR TA' DATA

## Artikolu 5

### Il-faċilitatur tal-iskedi u l-kordinatur

1. L-Istat Membru responsabbli għal ~~ajruport li huwa parti min-netwerk,~~ faċilitat bi skedi jew kordinat għandu jiżgura l-ħatra ta' persuna kwalifikata naturali jew ġuridika bħala faċilitatur tal-iskedi jew kordinatur tal-ajruport wara li jkun ikkonsulta mat-trasportaturi bl-ajru li jużaw l-ajruport regolarment, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u l-korp li jimmaniġġa tal-ajruport u l-kumitat ta' kordinament, fejn dak il-kumitat ikun jeżisti. L-istess faċilitatur tal-iskedi jew kordinatur jista' jinħatar għal aktar minn ajruport wieħed. **[Em.32]**

2. L-Istati Membri jħeġġu l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-kordinaturi u l-faċilitaturi tal-iskedi sabiex ikunu żviluppati proġetti komuni fil-livell Ewropew. ***Sabiex tkompli tittejjeb is-sistema għall-allokazzjoni ta' slots fl-ajruporti tal-Unjoni Ewropea u*** skont kemm ~~ikunu avvanzati dawn il-proġetti~~ ***ikun sar progress fil-proġetti komuni***, il-progress imwettaq fl-implimentazzjoni ta' Ajru Uniku Ewropew u r-riżultati tar-rapport ta' evalwazzjoni msemmi ~~fl-Artikolu 21,~~***fl-Artikolu 21*** il-Kummissjoni tadotta ~~l-miżuri ta' implimentazzjoni~~***atti delegati*** marbuta mal-ħolqien ***tal-kariga*** ta' kordinatur Ewropew. ~~Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni huma~~***L-atti delegati għandhom jiġu*** adottati skont ~~il-proċedura ta' eżaminazzjoni~~***il-proċeduri*** msemmija ~~fl-Artikolu 16(2).~~***fl-Artikolu 15.*** Il-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-indipendenza ~~tal-kordinatur fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu~~ ***tal-koordinatur, inklużi t-termini finanzjarji u fir-rigward tal-funzjonijiet essenzjali tagħhom u f'termini tar-rekwiżiti ewlenin tagħhom fil-kuntest tal-organizzazzjoni u tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kif imsemmija fil-paragrafu (3) ta' dan l-Artikolu*** japplikaw *mutatis mutandis* għall-kordinatur Ewropew. ***Il-Kummissjoni għandha taħtar il-kordinatur Ewropew bi qbil mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).*** **[Em.86]**;

3. L-Istat Membru responsabbli għal ajruport bi skedi faċilitati jew kordinat għandu jiżgura li:

a) f'ajruport bi skedi faċilitati, il-faċilitatur tal-iskedi jaġixxi skont dan ir-Regolament b'mod indipendenti, newtrali, nondiskriminatorju u trasparenti;

b) f'ajruport kordinat, il-kordinatur ikun indipendenti fuq il-livell legali, organizzattiv u ta' deċiżjonijiet minn kwalunkwe parti waħda interessata tal-Istat Membru u tal-korpi li jiddependi minn dan l-Istat, dan jinvolvi:

(i) fil-livell legali, il-funzjonijiet essenzjali tal-kordinatur, li jikkonsistu fl-allokazzjoni ta' slots b'mod ugwali u nondiskriminatorju, ikunu fdati lil persuna fiżika jew morali li ma tkunx hi stess fornitur ta' servizzi fl-ajruport, kumpanija tal-ajru li topera mill-ajruport u lanqas il-korpi li jimmaniġġaw l-ajruport inkwistjoni, ***sabiex jintwera li din il-persuna m'għandhiex interessi komuni ma' ebda tali entità, il-kordinatur jew il-faċilitatur tal-iskedi għandu jippreżenta dikjarazzjoni annwali tal-interessi finanzarji tagħha darba fis-sena;*** **[Em.33]**

(ii) fil-livell organizzattiv u ta' deċiżjoni, il-kordinatur jaġixxi b'mod awtonomu fir-rigward tal-Istat Membru, tal-korpi li jimmaniġġaw l-ajruport, tal-fornituri tas-servizzi, u tal-linji tal-ajru li joperaw mill-ajruport inkwistjoni, ma jirċevix istruzzjonijiet min-naħa tagħhom u m'għandux obbligu li jippreżentalhom rapport, ħlief għall-Istat Membru, mhuwiex parti mill-istrutturi li huma direttament jew indirettament responsabbli għall-immaniġġar ta' kuljum tagħhom u għandu s-setgħat eżekuttivi ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-assi meħtieġa għat-twettiq tal-funzjoni tiegħu. L-Istati Membri jiżguraw li l-interessi professjonali tal-kordinatur ikunu kkunsidrati b'mod li jippermettulu li jaġixxi b'mod kompletament indipendenti;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

*(iia)* ***Il-kompożizzjoni tal-bord jew tal-korp ta' sorveljanza tal-kordinatur għandha tkun ukoll indipendenti mill-interessi diretti tal-korp maniġerjali tal-ajruport, l-utenti tal-linji tal-ajru ta' dak l-ajruport u kwalunkwe entità oħra li tirrappreżenta utent jew fornitur ta' servizz. Madankollu, dan ma għandux jipprekludi li rappreżentanti minn tali entitajiet ikunu membri ta' xi bord jew ta' xi korp ta' sorveljanza, kemm-il darba d-drittijiet tal-votazzjoni jkunu bbilanċjati;*** **[Em. 34]**

*(iib)* ***għal dak il-għan, jeħtieġ li l-kordinatur jew il-faċilitatur tal-iskedi, kemm jekk dan ikun persuna fiżika kif ukoll jekk ikun persuna ġuridika, ma kienx impjegat jew ħadem b'mod regolari mal-korp li jimmaniġġa l-ajruport, ma' fornituri tas-servizzi jew ma' linja tal-ajru li topera fl-ajruport jew mill-ajruport inkwistjoni, fis-sentejn ta' qabel il-ħatra tiegħu u waqt is-sentejn ta' wara t-tmiem tal-funzjonijiet tiegħu ta' koordinatur jew faċilitatur tal-iskedi;*** **[Em 35]**

c) li s-sistema tal-finanzjament tal-attivitajiet tal-kordinatur ***u tal-faċilitatur tal-iskedi*** tkun tali li tiggarantixxi l-istatus indipendenti tal-kordinatur; **[Em. 36]**

d) li l-kordinatur jaġixxi skont dan ir-Regolament b'mod newtrali, nondiskriminatorju u trasparenti.

Il-finanzjament previst fil-punt c) hu żgurat mit-trasportaturi bl-ajru ***kollha*** li joperaw fl-ajruporti kordinati u ~~permezz tal-ajruporti~~, ***u bi skedi ffaċilitati*** u ***minn dawn l-ajruporti*** b'mod li jiżguraw distribuzzjoni ugwali tal-piż finanzjarju bejn il-partijiet interessati kollha u li jevitaw li l-finanzjament ikun jiddependi l-aktar fuq parti waħda interessata. ***Proċedura ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati, bil-possibbiltà ta' rikors, għandha titnieda mill-Istati Membri sabiex jiġu żgurati imposti trasparenti u nondiskriminatorju b'rabta mas-servizz ipprovdut mill-koordinatur jew mill-faċilitatur tal-iskedi. Il-ġbir tal-pagamenti tat-trasportaturi bl-ajru huwa r-responsabbiltà tal-ajruporti kkonċernati, li għandhom iħallsu dawk l-ammonti lill-kordinatur jew il-faċilitatur tal-iskedi***. L-Istati Membri jiżguraw li l-kordinatur ~~ikollu b'mod permanenti r-riżorsi meħtieġa, kemm~~ ***u l-faċilitatur tal-iskedi jkollhom disponibbli riżorsi*** finanzjarji ~~kemm~~ umani, tekniċi u materjali ***adegwati,*** ~~kif ukoll l-għarfien espert~~ biex ~~iwettaq għal kollox l-attivitajiet tiegħu~~;***ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom il-ħin kollu***; **[Em.37]**

4. Il-faċilitatur tal-iskedi u l-kordinatur għandhom jipparteċipaw f'dawk il-konferenzi ta' skedar f'livell internazzjonali, ta' trasportaturi bl-ajru li huma konformi mal- liġi tal-Unjoni

5. Il-faċilitatur tal-iskedi għandu jagħti pariri lit-trasportaturi bl-ajru u jirrakkomanda ħinijiet alternattivi tal-wasla u/jew tluq fejn x'aktarx li sseħħ konġestjoni.

6. Il-kordinatur għandu jkun il-persuna unika responsabbli għall-allokazzjoni tas-slots. Huwa għandu jalloka s-slots skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jieħu ħsieb sabiex, fil-każ ta' emerġenza, is-slots jiġu wkoll allokati barra ħinijiet tal-uffiċċju.

7. Il-faċilitatur tal-iskedi għandu jimmonitorja l-konformità tal-operazzjonijiet tat-trasportaturi bl-ajru mal-iskedi rakkomandati lilhom.

Il-kordinatur għandu jimmonitorja l-konformità tal-operazzjonijiet tat-trasportaturi mas-slots allokati lilhom. Dawk il-verifiki ta' konformità għandhom jitwettqu b'koperazzjoni mal-korp li jimmaniġġa tal-ajruport, ~~u~~ mal-awtoritajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru ***u mal-operatur tan-netwerk, u*** għandhom jagħtu kont tal-ħin u ta' parametri oħra rilevanti li jirrelataw mal-ajruport konċernat. **[Em.38]**

Il-faċilitaturi tal-iskeda kollha u l-kordinaturi għandhom jikkoperaw biex jikxfu inkonsistenzi fl-iskedi u jheġġu lit-trasportaturi bl-ajru biex isolvuhom

### Artikolu 6

### Trasparenza tal-attivitajiet ta' kordinament u ta' ffaċilitar bi skedi

1. ~~Fi tmiem kull perjodu ta' skedar,~~***Fuq bażi annwali***, il-kordinatur jew il-faċilitatur tal-iskeda għandu jibgħat lill-Istati Membri konċernati u lill-Kummissjoni ***u, fuq talba mingħandhom, lill-partijiet kollha involuti fil-finanzjament tagħhom fuq talba talba tagħhom,*** rapport ta' attività li jippreżenta s-sitwazzjoni ġenerali tal-allokazzjoni tas-slots u/jew tal-iffaċilitar bi skeda. Ir-rapport jeżamina, b'mod partikolari, l-applikazzjoni tal-Artikolu 9(5) u l-Artikoli 13 u 18 kif ukoll xi lmenti li

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 9 u 10 mibgħuta lill-kumitat ta' kordinament u l-passi meħuda biex jiġu riżolti. Ir-rapport ***għandu jkun fih ukoll data aggregata u individwali dwar il-kumpens finanzjarju miksub mill-bejgħ tas-slots kif imsemmi fl-Artikolu 13 u*** r-riżultati ta' stħarriġ fost il-partijiet interessati u li jitratta l-kwalità tas-servizzi offruti mill-kordinatur ***u mill-faċilitatur tal-iskedi.***

***Barra minn hekk, il-kordinatur u l-faċilitatur tal-iskedi għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet kollha involuti fil-finanzjament tagħhom rapport finanzjarju annwali separat fejn ikun indikat fid-dettall id-dħul u n-nefqa marbuta mal-attivitajiet tagħhom.***

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta mudell għar-rapport ta' attività msemmi fil-paragrafu 1. Dan l-att ta' implimentazzjoni kien adottat skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(2).

3. Il-kordinatur għandu jżomm aġġornat, ***għal kull ajruport li għalih jinħatar responsabbli,*** bażi ta' data elettronika, ~~li hija~~ aċċessibbli liberament ***fuq talba mill-partijiet interessati kollha, inkluż il-Parlament Ewropew***, li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

a) slots storiċi bil-linja tal-ajru, b'mod kronoloġiku, għal dawk it-trasportaturi bl-ajru kollha fl-ajruport,

b) slots mitluba, minn dawk it-trasportaturi bl-ajru kollha u b'mod kronoloġiku, għal dawk it-trasportaturi bl-ajru kollha,

c) is-slots kollha allokati, u talbiet ta' slots pendenti, elenkati individwalment f'ordni kronoloġika, minn trasportaturi bl-ajru, għal dawk it-trasportaturi bl-ajru kollha;

d) slots disponibbli li jkun fadal meta mqabbel ma' kull tip ta' limitazzjoni kkunsidrata fil-parametri ta' kordinament. Il-bażi tad-data għandha tippermetti lit-trasportaturi bl-ajru ***u lill-ajruporti*** li jivverifikaw id-disponibbiltà ~~tas-slots li jikkorrespondu għat-talbiet~~ tagħhom

e) is-slots trasferiti jew skambjati, li jindikaw l-identità tat-trasportaturi bl-ajru involuti u jekk it-trasferiment jew l-iskambju sarux b'mod li jġibu magħhom kumpens ta' natura finanzjarja jew ta' natura oħra. Kull sena tiġi ppubblikata ġabra ta' data dwar il-kumpens finanzjarju;

f) dettalji sħaħ tal-parametri ta' kordinament

Dawn id-dettalji huma aġġornati b'mod kostanti~~. Fi tmiem kull staġun~~***Fuq bażi annwali***, il-kordinatur jiżgura l-pubblikazzjoni tar-rapport ta' attività msemmi fil-paragrafu 1.

4. Il-kordinatur jiżgura l-ħarsien tad-data u li din tkun aċċessibbli għal mill-inqas 5 perjodi konsekuttivi ta' skedar ekwivalenti.

5. Fejn rilevanti u jkunu disponibbli standards ġeneralment aċċettati ta' informazzjoni ta' format ta' skedi, il-faċilitatur tal-iskedi, il-kordinatur u t-trasportatur bl-ajru għandhom japplikawhom kemm-il darba jkunu jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni. **[Em.39]**

Artikolu 7

Informazzjoni għall-faċilitaturi tal-iskedi u l-kordinaturi

1. Trasportaturi bl-ajru li joperaw jew li jkollhom il-ħsieb li joperaw f'ajruport ~~li huwa parti min-netwerk, ajruport~~ bi skedi faċilitati jew kordinat għandhom jibgħatu lill-faċilitatur tal-iskedi jew lill-kordinatur ***rispettivament,*** l-informazzjoni kollha rilevanti mitluba minnhom. Jekk dik l-informazzjoni tinbidel, it-trasportaturi bl-ajru għandhom jinfurmaw lill-faċilitaturi tal-iskeda u lill-kordinaturi ~~malajr kemm jista' jkun.~~***mal-ewwel opportunità xierqa u possibbli*** L-informazzjoni kollha rilevanti għandha tkun provduta ~~fil-format~~ u fil-limitu ta' żmien speċifikat mill-faċilitatur ta' l-iskedi jew kordinatur. B'mod partikolari, it-trasportatur bl-ajru għandu jinforma lill-kordinatur, fiż-żmien tat-talba għall-allokazzjoni, jekk ikunx jibbenefika mill-istatus ta' membru ġdid, skont il-punt (2) tal-Artikolu 2, fir-rigward tas-slots fl-iskeda mitluba ***u jekk dan ikunx affiljat ma' trasportaturi oħra li joperaw fl-istess ajruport, sabiex ikun żgurat li ma jiksibx dak l-istatus b'mod inġustifikat***. **[Em.40]**

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Għall-ajruporti l-oħra kollha bl-ebda status partikolari msemmi, ***fuq talba ta' kordinatur jew faċilitatur tal-iskedi,*** ~~it-trasportaturi bl-ajru li jużaw jew li għandhom l-intenzjoni li jużaw, is-servizzi fl-ajruport~~ il-korp li jimmaniġġa tal-ajruport ~~il-fornituri ta' servizzi ta' assistenza ta' groundhandling u l-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandhom jipprovdu, meta mitlub minn kordinatur,~~ ***għandu jipprovdi, f'limitu ta' żmien raġonevoli,*** kull informazzjoni fil-pussess ~~tagħhom~~ ***tiegħu*** dwar is-servizzi ppjanati ta' trasportaturi bl-ajru. **[Em.41]**

Fuq talba tal-operatur tan-netwerk, il-faċilitatur tal-iskedi jew il-kordinaturi għandhom jibagħtu l-informazzjoni kollha msemmija f'dan il-paragrafu.

2. Fejn trasportatur bl-ajru jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, sakemm ma jkunx jista' juri b'mod sodisfaċenti li jkunu jeżistu ċirkostanzi li jimmitigaw, jew jipprovdi informazzjoni falza jew li tqarraq, il-kordinatur ma għandux jagħti kont tat-talba jew talbiet ta' slots minn dak it-trasportatur bl-ajru li għalih tirrelata l-informazzjoni nieqsa, falza jew li tqarraq. Dan għandu jirtira ~~s-serje~~***s-slot jew is-serje*** ta' slots jekk ikunu diġà allokati u/jew jirrakkomanda l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet mill-entità kompetenti skont il-liġi nazzjonali. Il-kordinatur għandu ~~jagħti~~ ***joffri*** lit-trasportatur bl-ajru l-opportunità li jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu. **[Em.42]**

3. Il-faċilitatur tal-iskedi jew il-kordinatur, il-korp li jimmaniġġa tal-ajruport ~~jew~~ l-awtoritajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru ***u l-operatur tan-netwerk*** għandhom jiskambjaw l-informazzjoni kollha li jeħtieġu għall-eżerċizzju tad-dmirijiet rispettivi tagħhom, inkluż tagħrif dwar titjiriet u slots, b'mod partikolari sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni tal-Artikolu 17. **[Em.43]**

***3a. Il-format u l-ambitu tal-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu stabbiliti fi standard industrijali dinji miftiehem. L-informazzjoni pprovduta għandha tintuża biss għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament.*** **[Em.44]**

Artikolu 8

Kumitat ta' kordinament

1. F'ajruport kordinat, l-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li jitwaqqaf kumitat ta' kordinament. L-istess kumitat ta' kordinament jista' jinħatar għal aktar minn ajruport wieħed. Is-sħubija f'dan il-kumitat għandha tkun miftuħa tal-anqas għat-trasportaturi bl-ajru li jużaw l-ajruport/i inkwistjoni ~~regolarment~~ ***frekwentement waqt l-istaġun ta' skedar attwali u li jkunu għamlu użu minnu matul l-istaġun ta' skedar preċedenti*** u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, il-korp li jimmaniġġa tal-ajruport konċernat, l-awtoritajiet rilevanti tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru ***u*** r-rappresentanti tal-avjazzjoni ġenerali. ~~li jużaw l-ajruport regolarment, l-operatur~~***Flimkien ma' dawn il-membri, rappreżentanti tal-operatur*** tan-netwerk, l-entità ta' evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet u l-awtorità nazzjonali ta' monitoraġġ tal-Istat Membru kkonċernat ***jistgħu jattendu għal-laqgħat tal-kumitat ta' kordinament fil-kapaċità ta' osservatur biss, u m'għandu jkollhom l-ebda dritt tal-vot. Il-kumitat ta' kordinament jista' jistieden entitajiet oħra involuti direttament jew indirettament fil-proċess ta' allokazzjoni tas-slots biex jattendu għal-laqgħat tiegħu bħala osservaturi. Sabiex dawn l-entitajiet ikunu jistgħu jattendu l-laqgħat, il-kredenzjali tagħhom għandhom ikunu kkomunikati lill-kumitat ta' kordinament mill-inqas sebat ijiem qabel il-laqgħa inkwistjoni.***

Il-kompiti tal-kumitat ta' kordinament għandhom ikunu:

(a) li jagħmel proposti li jikkonċernaw jew jagħti pariri lill-kordinatur u/jew lill-Istat Membru dwar:

(i) il-possibbiltajiet għal żieda fil-kapaċità tal-ajruport stabbiliti skont l-Artikolu 3 jew biex jittejjeb l-użu tiegħu;

(ii) il-parametri ta' kordinament li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu;

(iii) il-metodi tal-immonitorjar tal-użu tas-slots allokati;

(iv) linji gwida lokali, kif hemm provdut fl-Artikolu 9(8);

(v) il-fatturi li jaffettwaw il-kondizzjonijiet tat-traffiku prevalenti fl-ajruport inkwistjoni;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

(vi) problemi serji li jiltaqgħu magħhom membri ġodda, kif hemm provdut fl-Artikolu 9(6);

(vii) il-kwistjonijiet kollha li jirrelataw mal-kapaċità tal-ajruport b'mod partikolari b'rabta mal-implimentazzjoni ta' Ajru Uniku Ewropew u l-funzjonament tan-netwerk;

***(viia) rakkomandazzjonijiet rigward l-effiċjenza, l-ispiża u l-effettività tal-proċess ta' kordinazzjoni;***

(b) li jipprovdi prestazzjonijiet lill-korp ta' evalwazzjoni u pariri lill-awtorità nazzjonali tal-ġestjoni marbuta mar-rabta bejn il-parametri ta' kordinament u l-indikaturi ewlenin ta' prestazzjoni proposti lill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru hekk kif iddefiniti permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2010 tad-29 ta 'Lulju 2010 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet tan-netwerk ([1]);

(c) biex jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet kollha konċernati fuq ilmenti dwar l-allokazzjoni ta' slots, kif hemm provdut fl-Artikolu 19.

2. Ir-rappreżentanti tal-Istat Membru u l-kordinatur għandhom ikunu mistiedna għal-laqgħat tal-kumitat ta' kordinament bħala osservaturi. Fuq talba tagħha, il-Kummissjoni tista' tieħu sehem f'dawn il-laqgħat.

3. Il-kumitat ta' kordinament għandu jħejji regoli bil-miktub ta' proċedura li jkopru, fost ħwejjeġ oħra, parteċipazzjoni, elezzjonijiet ***u teħid ta' deċiżjonijiet***, il-frekwenza tal-laqgħat u l-lingwa/i wżati.

Kull membru tal-kumitat ta' kordinament jista' jipproponi linji gwida kif hemm provdut fl-Artikolu 9(8). ~~Fuq it-talba tal-kordinatur,~~ il-kumitat ta' kordinament għandu jiddiskuti ***u jivvota fuq il-linji*** ~~l-linji~~ gwida lokali suġġeriti. Għandu jinbagħat rapport tad-diskussjonijiet fil-kumitat ta' kordinament lill-Istat Membru konċernat b'indikazzjoni tal-pożizzjonijiet rispettivi dikjarati fi ħdan il-kumitat. Dak ir-rapport huwa kkomunikat ukoll lill-entità ta' evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet u lill-operatur tan-netwerk. **[Em. 45 u 87]**.

## ALLOKAZZJONI TAS-SLOTS

### Artikolu 9

### Pool tas-slots

1. Il-kordinatur għandu jwaqqaf pool, li għandu jkun fih is-slots kollha ***mhux allokati abbażi tal-Artikolu 10(2) jew (3)***. Il-kapaċità kollha tal-perjodi ta' użu fl-iskeda stabbiliti skond l-Artikolu 3(3) għandhom jitqegħdu fil-pool. ***Din il-proċedura għandha bla ħsara għall-konnettività bejn l-ajruporti reġjonali u l-ajruporti hub. Jekk tali konnettività tiddgħajjef, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jintervjenu.*** **[Em.46]**

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(2) u (3) ta' dan ir-Regolament u għall-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, slots mqegħda fil-pool għandhom jitqassmu fost it-trasportaturi bl-ajru li japplikaw. 50 % ta' dawk is-slots għandhom l-ewwel jiġu allokati lil membri ġodda sakemm it-talbiet mill-membri ġodda ma jkunux anqas minn 50 %. ~~Il-preferenza li tingħata lill-membri l-ġodda hija rispettata tul il-perjodu ta' skedar.~~ Il-kordinatur għandu jittratta dawk it-talbiet ta' membri ġodda u ta' trasportaturi oħra b'mod ġust, skont il-perjodi ta' kordinament għal kull jum ta' skedar. **[Em.47]**

Fost it-talbiet minn membri ġodda, għandha tingħata preferenza lit-trasportaturi bl-ajru li jikkwalifikaw għal status ta' membri ġodda kemm taħt punt (2)(b) tal-Artikolu 2.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(2), f'sitwazzjoni fejn ***mhux*** it-talbiet kollha għall-perjodu ta' użu fi skeda ~~ma jkunux~~ ***jkunu*** jistgħu jintlaqgħu għas-sodisfazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru konċernati, għandha tingħata preferenza ~~għas-servizzi~~ ***għat-tipi kollha ta' servizzi*** kummerċjali tal-ajru ~~u b'mod partikolari għas-servizzi tal-ajru skedati u għas-servizzi tal-ajru programmati mhux skedati~~. Fil-każ ta' talbiet li jikkompetu fl-istess kategorija ta' servizzi, għandha tingħata prijorità għal operati ta' matul is-sena kollha. **[Em.48]**

4. Membru ġdid li jkun ġie offrut serje ta' perjodu ta' użu fl-iskeda fi żmien siegħa qabel jew wara l-ħin mitlub iżda li ma jkunx aċċetta dik l-offerta ma għandux iżomm l-istatus tiegħu ta' membru ġdid għal dik is-serje waqt il-perjodu ta' skedar.

([1]) ĠU L 201, 3.8.2010, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

5. Fil-każ ta' servizz imħaddem minn grupp ta' trasportaturi bl-ajru, wieħed biss mit-trasportaturi bl-ajru li jipparteċipaw jista' japplika għas-slots meħtieġa. It-trasportatur bl-ajru li jopera dak is-servizz ~~jassumi~~***għandu jaċċetta*** r-responsabbiltà li jikkonforma mal-kriterji ta' operat meħtieġa biex ~~jibbenifika mill-prijorità~~ ***tinżamm il-preċedenza storika*** msemmija fl-Artikolu 10(2). **[Em.49]**

Slots allokati lil trasportatur wieħed bl-ajru jistgħu jintużaw minn trasportatur jew trasportaturi oħra bl-ajru li huma parti minn grupp ta' trasportaturi tal-ajru, kemm-il darba l-kodiċi li jagħraf it-trasportatur bl-ajru li lilu jiġu allokati s-slots jibqa' fuq it-titjira maqsuma għall-finijiet ta' kordinament u monitorjar. Malli ma jitkomplewx dawk l-operati, is-slots hekk użati għandhom jibqgħu tat-trasportatur bl-ajru li lilu kienu inizjalment allokati. Dawk l-operazzjonijiet jiġu nnotifikati lill-kordinatur mit-trasportaturi bl-ajru li huma parti mill-grupp u ma jistgħux jibdew ħlief wara konferma ta' dan tal-aħħar

Jekk serje ta' slots allokati lil trasportatur bl-ajru tintuża minn trasportatur bl-ajru ieħor b'mod li ma jkunx skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-paragrafu, il-kordinatur għandu jirtira s-serje u jerġa' jqiegħdha ġewwa l-pool wara li jkun sema' t-trasportaturi kkonċernati.

6. Jekk ikomplu jeżistu problemi serji għall-membri ġodda, l-Istat membru għandu jiżgura li titlaqqa' laqgħa tal-kumitat ta' kordinament tal-ajruport. L-għan tal-laqgħa għandu jkun li jiġu eżaminati l-possibiltajiet biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna għal dik il-laqgħa.

7. Jekk slot mitlub ma jkunx jista' jintlaqa', il-kordinatur għandu jinforma lit-trasportatur bl-ajru li jagħmel it-talba bir-raġunijiet għal dan u għandu jindika l-eqreb slot disponibbli.

8. Il-kordinatur għandu wkoll jagħti kont ta l-linji gwida stabbiliti mill-industrija tat-trasport bl-ajru mad-dinja kollha jew mal- Unjoni kollha kif ukoll il-linji gwida lokali proposti mill-kumitat ta' kordinament u approvati mill-Istat Membru jew minn xi korp ieħor kompetenti responsabbli għall-ajruport in kwistjoni, kemm-il darba dawk il-linji gwida ma jeffettwawx l-istatus indipendenti tal-kordinatur, jikkonformaw mal-liġi tal- Unjoni, jimmiraw li jtejbu l-użu effiċjenti tal-kapaċità tal-ajruport. ~~u jkunu ġew innotifikati minn qabel lill-Kummissjoni u approvati minnha. Il-linji gwida lokali jistgħu jkunu jikkonċernaw biss il-monitoraġġ tal-użu tas-slots allokati jew it-tibdil tad-definizzjoni tas-serje ta' slots biex it-tul tagħha jitnaqqas għal inqas minn 10 slots għall-perjodu ta' skedar tax-xitwa jew għal inqas minn 15-il slot għall-perjodu ta' skedar tas-sajf, iżda fl-ebda każ għal inqas minn 5 slots. It-tnaqqis fit-tul tas-serje ta' slots hija applikabbli biss fl-ajruporti fejn is-servizzi tal-ajru jkunu sottomessi għal domanda li tkun ibbażata ħafna fuq l-istaġuni.~~

***Ir-regoli lokali gandhom jikkonċernaw l-allokazzjoni u l-monitoraġġ tas-slots. Dawk ir-regoli jistgħu jiġu applikati biss fejn jista' jiġi ppruvat li ajruport ikun leħaq livell allarmanti ta' konġestjoni u li għalhekk jista' jsir titjib fil-prestazzjoni jew fit-throughput permezz ta' regoli applikati lokalment. Dawn ir-regoli lokali għandhom ikunu trasparenti u nondiskriminatorji u għandhom jiġu maqbula fil-kumitat ta' kordinament imsemmi fl-Artikolu 8(3).*** **[Em.88]**

9. Il-kordinatur għandu, b'żieda mal-allokazzjoni ppjanata ta' slot, jagħmel minn kollox biex jakkomoda talbiet waħdiena ta' slot b'avviż fi żmien qasir għal kull tip ta' avjazzjoni, inkluża avjazzjoni ġenerali. Għal dak il-għan, is-slots li jibqgħu wara t-tqassim fost it-trasportaturi applikanti u s-slots disponibbli b'avviż qasir ta' żmien jistgħu jintużaw.

Artikolu 10

Slots storiċi

***-1. L-islots tal-ajruport huma beni mhux materjali ta' utilità pubblika li l-użu tagħhom hu soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament. Għalhekk huma allokati mill-koordinaturi tal-ajruporti sabiex tkun żgurata t-trasparenza massima fl-interess tal-Istati Membri, tal-passiġġieri, tal-operaturi tal-ajruporti u tat-trasportaturi bl-ajru.*** **[Em. 89]**

1. ***Għandhom jiġu allokati*** serje ta' slots jiġu allokati minn grupp ta' slots ***mill-kordinatur, bl-aktar mod trasparenti u ġust,*** lit-trasportaturi applikanti bħala permessi biex jużaw l-infrastruttura tal-ajruport għall-fini ta' nżul jew tluq għall-perjodu ta' skedar li għalih jintalbu, li mali jiskadu dawn għandhom jingħataw lura lill-grupp ta' slots imwaqqaf skont l-Artikolu 9. **[Em. 51]**

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 ***u*** 12, ~~13 u 17, prijorità li tkun ingħatat~~ ***għandha tingħata preċedenza storika*** lit-trasportatur bl-ajru kkonċernat għall-allokazzjoni tal-istess serje matul il-perjodu ta' wara l-iskedar ekwivalenti, jekk it-trasportatur bl-ajru msemmi jagħmel it-talba fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 7(1), fejn ikunu sodisfatti il-kondizzjonijiet li ġejjin: **[Em. 52]**

a) serje ta' slots inkunu ntużaw ~~mit-trasportatur~~ ***minn dak it-trasportatur*** bl-ajru ~~għall-operat ta' servizzi tal-ajru skedati u programmati mhux skedati,~~ u **[Em. 53]**

b) dak it-trasportatur bl-ajru jkun jista' juri għas-sodisfazzjon tal-kordinatur li s-serje ta' slots inkwistjoni tkun ġiet operata, kif awtorizzati mill-kordinatur, minn dak it-trasportatur bl-ajru għal tal-anqas ~~85 %~~ ***80 %*** tal-ħin matul il-perjodu ta' skedar li għalih tkun ġiet allokata. **[Em. 54]**

***2a. It-trasport bl-ajru mhux skedat jikkontribwixxi għall-koeżjoni u l-kompetittività reġjonali. Jekk it-trasportaturi bl-ajru użaw b'mod regolari slots għal tali trasport f'ajruport li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, anke fejn dawk is-slots mhux dejjem jinvolvu l-istess rotot, għandha tingħata prijorità lit-talbiet għal użu kontinwu ta' tali slots.*** **[Em. 55]**

3. L-għoti ta' ħinijiet mill-ġdid għal serje ta' slots qabel l-allokazzjoni tas-slots li jibqa' mill-grupp imsemmi fl-Artikolu 9 lit-trasportaturi l-oħra bl-ajru applikanti għandu jkun aċċettat biss għal raġunijiet operazzjonali, bħal, tibdil fil-livell tat-tip ta' ajruplan użat jew ir-rotta użata mit-trasportatur tal-ajru ***jew, fil-każ ta' serje ta' slots allokati lil applikanti ġodda kif definiti fl-Artikolu 2, jekk l-allokazzjoni tas-slots ta' dawk it-trasportaturi bl-ajru applikanti tkun aħjar mill-allokazzjoni tas-slots mitluba oriġinarjament***. Dan ma għandux ikollu effett qabel il-konferma espressa mill-kordinatur. **[Em. 56]**

4. Slots allokati qabel il-31 ta' Jannar għall-istaġun tas-sajf li jkun imiss, jew qabel il-31 ta' Awissu għall-istaġun tax-xitwa li jkun imiss, iżda li jingħataw lura lill-kordinatur għall-allokazzjoni mill-ġdid qabel dawk id-dati ma għandux jingħata kont tagħhom għall-finijiet tal-kalkolu tal-użu sakemm is-slots li jkun baqa' jkunu serje skont il-punt (13) tal-Artikolu 2.

~~Is-slots li jaħbtu mal-jiem ta' btala għandhom inkunu inklużi fis-serje għall-istaġun li jmiss mingħajr ma jkollu għalfejn ikun iġġustifikat in-nuqqas ta' użu tagħhom.~~**[Em.57]**

5. Jekk l-użu ta' ~~85 %~~ ***80 %*** tas-serje ta' slots ma jkunx jista' jiġi ppruvat~~, il-prijorità~~ ***il-preċedenza storika*** prevista fil-paragrafu 2 ma tingħatax, kemm-il darba n-nuqqas ta' utilizzazzjoni ma jkunx jista' jiġi ġustifikat fuq il-bażi ta' xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin: **[Em. 58]**

(a) xi ċirkostanzi imprevedibbli u li ma jkunux jistgħu jiġu evitati barra l-kontroll tat-trasportatur bl-ajru li jwasslu għal:

(i) ċirkostanzi li jġegħlu lill-ajruplan tat-tip ġeneralment użat għas-servizz tal-ajru inkwistjoni jibqa' fl-art;

(ii) l-għeluq totali jew parzjali tal-ajruport jew tal-ispazju tal-ajru;

(iii) disturb serju fl-operati tal-ajruporti konċernati, inklużi dawk is-serje ta' slots fl-ajruporti oħra ~~tal- Unjoni~~ relatati ma' rotot li jkun ġew effettwati minn dak id-disturb, matul parti sostanzjali tal-perjodu rilevanti ta' skedar; **[Em.59]**

(b) interruzzjoni ta' servizzi tal-ajru dovuta għal azzjoni maħsuba li teffettwa dawk is-servizzi, pereżempju, f'każ ta' strajk u li jagħmluha prattikament u/jew teknikament impossibbli li t-trasportatur bl-ajru jwettaq l-operati tiegħu kif ippjanati;

(c) ħsara serja finanzjarja għat-trasportatur bl-ajru inkwistjoni ~~tal- tal-Unjoni~~ li, bħala riżultat, l-għoti ta' liċenza temporanja mill-awtoritajiet li jilliċenżjaw sakemm issir riorganizzazzjoni finanzjarja tal-ġarrier ta' l-ajru skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008; **[Em.60]**

(d) proċediment ġudizzjarju li jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament għar-rotot fejn ikunu ġew imposti obbligi ta' servizz pubbliku skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 li jirriżulta fis-sospensjoni temporanja tal-operat ta' dawk ir-rotot.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Projbizzjoni tal-operar fl-Unjoni adottata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta 'Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta 'operar fil-Komunità msemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] ma tistax tkun aċċettata bħala raġuni li tiġġustifika n-nuqqas ta' użu tas-serje ta' slots skont dan il-paragrafu.

6. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew bl-inizjattiva tagħha l-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafu 5 mill-kordinatur ta' ajruport li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Hija għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċievi t-talba skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2).

7. Meta l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 ma jkunux issodisfati, il-Kummissjoni ***b'konsultazzjoni mal-imsieħba differenti,*** tista' madankollu tiddeċiedi li lit-trasportaturi bl-ajru ~~tingħatalhom~~***tinżammil-hom***, għall-perjodu ta' skedar ta' wara, ~~prijorità~~, ***il-preċedenza storika*** għall-allokazzjoni tal-istess serje, jekk dan huwa ġġustifikat minn raġunijiet ta' urġenza kbira marbutin mal-avvenimenti eċċezzjonali li jeħtieġu konsistenza fl-applikazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu f'dawn l-ajruporti. ***Fi żmien xahar minn meta l-Istat Membru jew l-ajruport ikkonċernat jagħmel it-talba***Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri meħtieġa, li għandhom japplikaw għal mhux iżjed minn perjodu wieħed ta' skedar. Din tadotta dawn l-atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(3). ***Il-miżuri adottati mill-Kummissjoni jistgħu jkunu differenti skont l-Istat Membru, l-ajruport jew it-tip tas-servizzi tal-linja tal-ajru kkonċernat bl-avveniment eċċezzjonali inkwistjoni.*** **[Em.61]**

8. Il-prijorità għal serje ta' slots imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma jagħtix lok għal xi talbiet ta' kumpens fir-rigward ta' xi limitazzjoni, restrizzjoni jew eliminazzjoni ta' dik il-prijorità imposti taħt il-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari fl-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat li jirrelataw mat-trasport bl-ajru.

~~Artikolu 11~~

~~Reservazzjoni tas-slots~~

~~1. Il-korp li jimmaniġġa l-ajruport kordinat jista' jiddeċiedi li juża s-sistema ta' tariffi tal-ajruporti bil-għan li jipperswadi lit-trasportaturi bl-ajru biex ma jerġgħux iqiegħdu s-slot lura b'mod tardiv fil-pool imsemmi fl-Artikolu 9 u li jassumu r-responsabbiltà tagħhom għall-fatt li jkunu rriservaw l-infrastruttura tal-ajruport mingħajr ma użawha. Għandhom ikunu rrispettati l-prinċipji li ġejjin:~~

~~a) qabel ma tittieħed din id-deċiżjoni, għandha tiġi rrispettata l-proċedura prevista fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]. Issir ukoll konsultazzjoni mal-kordinatur. Għall-ajruporti kordinati u mhux koperti mill-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/12/KE, il-korp li jimmanniġġa l-ajruporti jikkonsulta l-kumitat ta' kordinament u l-kordinatur;~~

~~b) din id-deċiżjoni ma taffettwax il-karattru nondiskriminatorju u trasparenti tal-proċess ta' allokazzjoni tas-slots u tas-sistema ta' tariffi tal-ajruporti;~~

~~c) din id-deċiżjoni ma tiskoraġġix id-dħul fis-suq jew l-iżvilupp ta' servizzi mit-trasportaturi bl-ajru u tillimita ruħha li tkopri l-ispejjeż imġarrba mill-ajruporti biex jirriservaw il-kapaċità tal-ajruporti li tikkorrispondi għas-slots li baqgħu mhux użati;;~~

~~d) ir-responsabbiltà għar-riservazzjoni tal-infrastruttura tal-ajruporti mingħajr ma din tkun użata għas-slots allokati iżda li jkunu tqiegħdu lura fil-pool qabel il-31 ta' Jannar għall-iskedar tas-sajf ta' wara jew qabel il-31 ta' Awwissu għall-iskedar tax-xitwa ta' wara għas-slots li jaħbtu mal-jiem ta' btala u li jkunu tqiegħdu lura fil-pool qabel l-istess dati, kif ukoll għas-slots li għalihom jista' jkun iġġustifikat in-nuqqas ta' użu abbażi tal-Artikolu 10(5);~~

~~e) din id-deċiżjoni hija kkomunikata lill-kordinatur, lill-partijiet interessati u lill-Kummissjoni mill-inqas sitt xhur qabel il-bidu tal-iskedar ikkonċernat.~~

~~2. Il-kordinatur jikkomunika lill-korp li jimmaniġġa l-ajruport l-informazzjoni kollha li tippermetti l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel paragrafu.~~**[Em. 62]**

---

[1] ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14.
[2] ~~ĠU L 70 14.3.2009, p. 11.~~

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Artikolu 12

Obbligi ta' servizz pubbliku

1. Fejn ikunu ġew imposti obbligi ta' servizz pubbliku fuq rotta skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, Stat Membru ~~jista'~~***għandu*** jirriżerva f'ajruport kordinat is-slots meħtieġa għall-operati maħsuba fuq dik ir-rotta. Jekk is-slots riżervati fuq ir-rotta konċernata ma jintużawx, dawn għandhom jintgħamlu disponibbli għal xi trasportatur ieħor bl-ajru interessat fl-operat tar-rotta skont l-obbligi ta' servizz pubbliku, bla ħsara għall-paragrafu 2. Jekk ebda trasportatur ma jkun interessat fl-operat tar-rotta u l-Istat Membru konċernat ma joħroġx sejħa għall-offerti bl-appalt taħt l-Artikolu 16 (10), l-Artikolu 17(3)(7), u l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, is-slots għandhom jew ikunu riservati għal rotta oħra bla ħsara għall-obbligi ta' servizz pubbliku jew jingħataw lura lill-pool. ***Is-slots għandhom jitqiegħdu lura fil-pool meta ma jkunux qegħdin jintużaw wara l-iskadenza tal-perjodu massimu ta' sitt xhur. Meta rotta ma tibqax tissodisfa r-rekwiżit għal riserva ta' slots ta' obbligu ta' servizz pubbliku, is-slots għandhom jiġu riżervati għal rotta oħra soġġetta għall-obbligi tas-servizz pubbliku jew għandhom jibqgħu għand it-trasportatur bl-ajru li kien qiegħed jużahom jekk ir-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 10(2) ta' dan ir-Regolament ikun ġie ssodisfat għas-serje kkonċernata.*** **[Em. 63]**

2. Il-proċedura ta' offerti bl-appalt stabbilita taħt l-Artikolu 16(10), fl-Artikolu 17(3), fl-Artikolu 17(7) u fl-Artikolu 18 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 għandha tkun applikata għall-użu tas-slots imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, ta' hawn fuq jekk aktar minn trasportatur wieħed tal-ajru tal- Unjoni jkun interessat li jservi r-rotta u ma jkunux jistgħu jiksbu slots fi żmien siegħa waħda qabel jew wara l-ħinijiet mitluba mill-kordinatur.

MOBILITÀ TA' SLOTS

Artikolu 13

Trasferimenti u skambji ta' slots

1. Is-slots jistgħu jkunu:

(a) trasferiti minn trasportatur bl-ajru ***jew bejn trasportaturi bl-ajru fi ħdan konsorzju*** minn rotta jew tip ta' servizz għal ieħor imħaddem mill-istess trasportatur bl-ajru;

(b) trasferiti bejn żewġ trasportaturi bl-ajru, permezz ta' kumpens ta' natura finanzjarja jew le jew kumpens ta' natura oħra;

(c) skambjati, wieħed b'wieħed, bejn trasportaturi bl-ajru permezz ta' kumpens ta' natura finanzjarja jew ta' natura oħra jew mingħajru.***Is-slots li jkunu għadhom kif ġew allokati lil linji tal-ajru għal perjodu ta' skedar ma jistgħux jiġu trasferiti jew skambjati għal kumpens jew qligħ monetarju qabel it-tmiem ta' mill-anqas staġun wieħed ta' skedar ekwivalenti.***

2. ~~L-Istat Membru~~***Il-kordinatur għandu*** jistabbilixxi qafas trasparenti li jippermetti l-kuntatti bejn it-trasportaturi bl-ajru interessati mit-trasferimenti jew l-iskambji tas-slots f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

It-trasferimenti jew skambji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu notifikati lill-kordinatur u ma għandhomx ikollhom effett qabel il-konferma espressa mill-kordinatur. Il-kordinatur għandu jirrifjuta li jikkonferma t-trasferimenti jew skambji jekk ma jkunux jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' dan ir-Regolament u jekk il-kordinatur ma jkunx sodisfatt li:

(a) ma jkunux preġudikati l-operati tal-ajruport, waqt li jingħata kont tal-limitazzjonijiet kollha tekniċi, operazzjonali tal-prestazzjoni u ambjentali;

***(aa) il-konnettività bejn l-ajruporti reġjonali u l-ajruportu hub kif ukoll l-aċċess għal ajruporti mhux kordinati ma jkunux imxekkla;***

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

(b) limitazzjonijiet imposti skont l-Artikolu 12 jkunu rispettati;

(c) trasferiment ta' slots ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

Għat-trasferimenti jew l-iskambji msemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1, it-trasportaturi bl-ajru jikkomunikaw lill-kordinatur id-dettalji tal-kumpens eventwali ta' natura finanzjarja jew ta' natura oħra. ***Id-dettalji rigward il-kumpens għat-trasferimenti jew l-iskambji għandhom ikunu inklużi fir-rapport ta' attività msemmi fl-Artikolu 6(1) u l-kordinatur għandu jiżvela tali dettalji biss lill-Istat Membru fejn ikun jinsab l-ajruport, lill-Kummissjoni u lill-partijiet kollha involuti fil-finanzjament tal-kordinatur.*** Id-dettalji tal-kumpens li jakkumpanjaw it-trasferiment jew l-iskambju huma kunfidenzjali u l-kordinatur għandu jiżvelahom biss lill-Istat Membru fejn jinsab l-ajruport jew lill-Kummissjoni, fuq talba tagħhom. It-trasferimenti jew l-iskambji ~~ma jistgħux~~ ***għandhomx*** ikunu sottomessi għal kundizzjonijiet ***restrittivi*** li għandhom l-għan li jillimitaw il-possibbiltajiet, għat-trasportaturi bl-ajru li jixtieqū jiksbu slot, li ~~dawn~~ jidħlu f'kompetizzjoni mat-trasportaturi bl-ajru li jittrasferixxu jew jiskambjaw dawn is-slots.

3. Slots allokati lill-membru ġdid kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 m'għandhomx ~~ma jistgħux~~ jiġu trasferiti kif stipulat fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-perjodu ta' żewġ perjodi ta' skedar ekwivalenti, ħlief fil-każ ta' trasferiment ta' kontroll legalment awtorizzat tal-attivitajiet ta' impriża falluta.

Slots allokati lill-membru ġdid kif definit fil-punt (2)(b) tal-Artikolu 2(2) m'għandhomx ~~ma jistgħux~~ ikunu trasferiti għal rotta oħra kif stipulat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal perjodu ta' żewġ perjodi ta' skedar ekwivalenti kemm-il darba l-membru l-ġdid ma jkunx ġie ttrattat bl-istess prijorità fuq ir-rotta l-ġdida bħal dik fuq ir-rotta inizjali.

Slots allokati lill-membru ġdid kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 ma jistgħux ikunu skambjati kif stipulat fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal perjodu ta' żewġ perjodi ta' skedar ekwivalenti, ħlief sabiex jittejbu l-ħinijiet tas-slots għal dawk is-servizzi b'relazzjoni mal-ħinijiet inizjalment mitluba.

***L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri bil-għan li jallokaw parti mill-qligħ li jirriżulta mill-iskambju tas-slots għal fond sabiex ikunu koperti l-ispejjeż marbuta mal-iżvilupp infrastrutturali tal-ajruporti u mat-titjib tas-servizzi relatati. Fl-interess ta' trasparenza sħiħa, il-fond inkwistjoni għandu jkun determinat u approvat minn awtorità superviżorja indipendenti kif imsemmi fid-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar imposti tal-ajruporti*** (1). ***Il-fond għandu jkun ġestit dejjem b'tali mod li jkun żgurat li l-prinċipji ta' separazzjoni tal-kontijiet ikunu segwiti, sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti l-ammonti finanzjarji li għandhom jiġu allokati mill-fond lil kull ajruport. Id-dħul iġġenerat mill-iskambju tas-slots f'ajruport għandhom jerġgħu jiġu investiti fl-istess ajruport.*** **[Em.64]**

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet dwar id-dritt għall-kompetizzjoni

Dan ir-Regolament ma għandux jeffettwa s-setgħat ta' awtoritajiet pubbliċi li li japprovaw it-trasferiment ta' slots bejn trasportaturi bl-ajru u li jagħtu direzzjoni dwar kif dawn jiġu allokati skont il-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni jew l-Artikoli 101, 102 jew 106 tat-Trattat dwar il-Funzjoament tal-Unjoni Ewropea jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta 'Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament dwar l-Għaqdiet tal-KE) (2).

ATT DELEGATI U KUMITAT

Artikolu 15

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati hija sottomessa għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan l-Artikolu.

(1) ***ĠU L 70, 14.3.2009, p. 11.***
(2) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

2. ~~Is-setgħa li tadotta l-atti delegati~~***Id-delega tas-setgħa*** msemmija fl-Artikoli 3(3) u 5(2) ~~*in fine*~~ għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ~~indeterminat~~ ***ta' ħames snin*** li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel jintemm il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi prorogata b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali proroga sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** **[Em.65]**

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 3(3) u 5(2) tista' tkun irrevokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħat speċifikata f' dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data ulterjuri ppreċiżata hemmhekk. Din ma taffettwax il-validità tal-atti delegati li huma diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifika dan fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 3(3) u 5(2) ma jidħlux fis-seħħ ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunux esprimew oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' dan l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dan il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw il-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jesprimux oġġezzjonijiet. Dan il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## Artikolu 16

### Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. L-imsemmi kumitat huwa kumitat konformi mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir riferenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tkun miksuba permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura hija mitmuma mingħajr riżultat meta, fil-perjodu għall-għoti ta' opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi li għandu jkun hekk jew il-maġġoranza taż-żewġ terzi tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, b'rabta mal-Artikolu 5.

4. Il-kumitat jista' wkoll jiġi konsultat mill-Kummissjoni fuq kull materja oħra li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

## MIŻURI TA' APPLIKAZZJONI

## Artikolu 17

### Konsistenza bejn is-slots u l-pjanijiet tat-titjira

1. Meta t-trasportatur bl-ajru jissottometti pjan ta' titjira, dan għandu jinkludi r-referenza għas-slot allokat. L-operatur tan-netwerk***, wara li jkun sema' t-trasportatur bl-ajru kkonċernat, jista', wara li jkun sema' t-trasportatur bl-ajru kkonċernat u l-korp li jimmaniġġja l-ajruport, jista'*** jirrifjuta il-pjan tat-titjira ta' trasportatur bl-ajru jekk it-trasportatur bl-ajru jkollu l-ħsieb li jinżel jew jitlaq minn ajruport kordinat, matul il-perjodi li għalihom ikun kordinat, mingħajr ma jkollu slot allokat mill-kordinatur. L-operaturi tan-negozju fl-avjazzjoni m'għandux ikollhom slot jekk ikollhom joperaw lil hinn mill-faxex tal-ħin previsti mis-slot u jekk id-dewmien ma jkunx dovut għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru. ~~L-operaturi tan-negozju fl-avjazzjoni m'għandux ikollhom slot jekk ikollhom joperaw lil hinn mill-faxex tal-ħin previsti mis-slot u jekk id-dewmien ma jkunx dovut għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru.~~**[Em.66, 77 u 90/rev]**

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jadotta l-miżuri meħtieġa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-kordinatur, l-operatur tan-netwerk, il-fornituri tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u l-entitità li timmaniġġa l-ajruport.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Artikolu 18

Infurzar

1. Il-kordinatur għandu jirtira s-serje ta' slots proviżżjorament allokati lit-trasportatur bl-ajru fil-proċess li jistabbilixxi lilu nnifsu u jqegħdhom fil-pool fil-31 ta' Jannar, għall-istaġun tas-sajf li jkun imiss jew fil-31 ta' Awissu għall-istaġun tax-xitwa li jkun imiss jekk l-impriża ma jkollhiex fil-pussess tagħha liċenza ta' operat jew ekwivalenti f'dik id-data jew jekk ma jkunx ġie dikjarat mill-awtorità kompetenti li tilliċenzja li x'aktarx tkun ser tinħareġ liċenza ta' operat jew ekwivalenti qabel ma jibda l-perjodu rilevanti ta' skedar. L-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-liċenzji għandhom b'mod regolari jikkomunikaw informazzjoni aġġornata lill-kordinatur filwaqt li jwieġbu għad-domandi f'perjodi raġonevoli.

2. Trasportaturi bl-ajru li ripetutament ~~jew~~ ***u*** intenzjonalment***, jew avjazzjoni ġenerali/avjazzjoni kummerċjali li intenzjonalment*** joperaw servizzi tal-ajru f'ħin sinifikament differenti mis-slot allokat bħala parti minn serje ta' slots jew juża slots b'mod sinifikament differenti minn dak indikat fil-ħin tal-allokazzjoni ***u b'hekk jippreġudikaw l-ajruport jew l-operazzjonijiet tat-traffiku tal-ajru*** għandhom jitilfu ~~l-prijorità~~ ***l-preċedenza storika*** tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 10 (2). Il-kordinatur jista' jiddeċiedi li jirtira mingħand dak it-trasportatur bl-ajru s-serje ta' slots inkwistjoni għall-bqija tal-perjodu tal-iskedar u jqegħdhom fil-pool wara li jkun ikkonsulta lit-trasportatur bl-ajru konċernat u wara li jkun ħareġ twissija waħdiena. Jekk it-trasportatur bl-ajru ***mbagħad*** jitlob slots ekwivalenti, il-kordinatur m'għandux ikollu l-obbligu li jallokahom. **[Em.67]**

L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-kordinatur jistabbilixxi sistema effiċjenti ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

3. L-Istati Membri għandhom ~~jiżguraw li~~ ***jimplimentaw sistema ta'*** pieni effettivi, proporzjonati u diswassivi ~~jkunu disponibbli u jkunu applikati~~ biex ***jitrattaw:***

— ~~jittrattaw ma' operat ripetut jew intenzjonat ta' servizzi tal-ajru~~***trasportaturi bl-ajru hew avjazzjoni ġenerali/avjazzjoni kummerċjali li intenzjonalment joperaw*** mingħajr slot korrispondenti jew f'ħinijiet sinifikament differenti mis-slots allokati;

— mal-użu ta' slots b'mod sinifikament differenti minn dak indikat fil-ħin tal-allokazzjoni;

— ~~l-għoti lura ta' slots wara l-31 ta' Jannar għall-istaġun tas-sajf li jmiss jew wara l-31 ta' Awwissu għall-istaġun tax-xitwa li jmiss jew il-ħarsien ta' slots mhux użati, hekk kif is-sanzjoni għandha tikkunsidra l-użu eventwali tal-mekkaniżmu previst mill-Artikolu 11;~~

— kwalunkwe rifjut ta' komunikazzjoni, lill-kordinatur jew lill-faċilitatur tal-iskedi, tal-informazzjoni prevista fl-Artikoli 7 u 13 jew kwalunkwe komunikazzjoni falza jew qarrieqa.

Il-kordinatur għandu jkun infurmat kif xieraq bl-applikazzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet. ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar is-sistema ta' sanzjonijiet li jkunu implimentaw skont dan il-paragrafu.*** **[Em.68]**

***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-korp li jimmaniġġa ta' ajruport kordinat jistabbilixxi u japplika pieni finanzjarji effikaċi, proporzjonati u dissważivi biex jiġi indirizzat l-għoti lura ta' slots wara d-Dati b'Linja ta' Riferenza Storika miftiehma għall-istaġun tax-xitwa jew tas-sajf ta' wara, rispettivament, jew iż-żamma tas-slots mhux użati, bil-għan li jipperswadu lit-trasportaturi bl-ajru biex ma jqegħdux is-slot lura b'mod tardiv fil-pool imsemmi fl-Artikolu 9, u biex iżommuhom responsabbli għall-fatt li jkunu rreżervaw infrastruttura tal-ajruport mingħajr ma użawha. F'dan ir-rigward, għandhom ikunu rrispettati l-prinċipji li ġejjin:***

***(a) il-proċedura stipulata fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2009/12/KE għandha tiġi segwita qabel ma jiġu imposti pieni kif stipulat f'dan il-paragrafu. Għandha ssir ukoll konsultazzjoni mal-kordinatur. Għall-ajruporti kordinati u mhux koperti bl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/12/KE, il-korp li jimmanniġġa tal-ajruporti għandu jikkonsulta mal-kumitat ta' kordinament u l-kordinatur;***

***(b) dawk il-pieni ma għandhomx jaffettwaw il-karattru nondiskriminatorju u trasparenti tal-proċess ta' allokazzjoni tas-slots u s-sistema ta' tariffi tal-ajruporti;***

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

***(c) dawk il-pieni ma għandhomx jiskoraġġixxu d-dħul fis-suq jew l-iżvilupp ta' servizzi mit-trasportaturi bl-ajru;***

***(d) it-trasportaturi bl-ajru ma għandhomx jinżammu responsabbli talli jirreservaw infrastruttura tal-ajruporti mingħajr ma jużawha:***

***— fir-rigward ta' slots allokati iżda li jkunu tqiegħdu lura fil-pool qabel il-31 ta' Jannar għall-perjodu ta' skedar tas-sajf ta' wara jew qabel il-31 ta' Awwissu għall-perjodu ta' skedar tax-xitwa ta' wara,***

***— fir-rigward ta' slots li jaħbtu ma' jiem ta' btala u li jkunu tqiegħdu lura fil-pool qabel il-31 ta' Jannar għall-perjodu ta' skedar tas-sajf ta' wara jew qabel il-31 ta' Awwissu għall-perjodu ta' skedar tax-xitwa ta' wara; u***

***— fir-rigward ta' slots li għalihom jista' jkun iġġustifikat in-nuqqas ta' użu abbażi tal-Artikolu 10(5);***

***(e) dawk il-pieni għandhom jiġu kkomunikati lill-kordinatur, lill-partijiet interessati u lill-Kummissjoni mill-inqas sitt xhur qabel il-bidu tal-istaġun ta' skedar ikkonċernat;***

***(f) is-sistema ta' pieni għandha tkun newtrali mil-lat ta' dħul għall-korp li jimmaniġġa tal-ajrupporti u għandu jkollha l-għan uniku li żżid l-effiċjenza tal-allokazzjoni tas-slots.***

***Il-kordinatur għandu jibgħat lill-korp li jimmaniġġa tal-ajruporti l-informazzjoni kollha neċessarja għall-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.***

***L-Istati Membri għandu jkollhom dawn il-pienifis-seħħ sa mhux aktar tard minn sena wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Għandhom jinformaw kif dovut lill-Kummissjoni, li għandha tivvaluta l-effettività tal-pieni inkwistjoni. Meta jiġi identifikat ksur potenzjali tal-paragrafu (2) jew (3), permezz ta' monitoraġġ tas-slots jew b'xi mod ieħor, għandu jsir kuntatt bil-miktub mat-trasportatur bl-ajru bid-dettalji tal-allegat ksur u talba għal informazzjoni dwar is-servizz tal-ajru jew is-slot inkwistjoni. Meta tkun neċessarja piena finanzjarja, din għandha tapplika għal kull nuqqas individwali minn trasportatur bl-ajru li ma jikkonformax mal-paragrafu 2 jew 3, u għandu jkollha valur minimu predeterminat, li għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat. Ksur multiplu jista' jwassal għall-imponiment ta' diversi pieni finanzjarji u jista' jirriżulta, pereżempju, f'irduppjar tal-penali finanzjarja għal kull ksur ulterjuri. Il-kordinatur għandu jkun infurmat kif xieraq bl-impożizzjoni tal-penali. Deċiżjonijiet ta' impożizzjoni ta' pieni finanzjarji għandhom ikunu ppubblikati mill-kordinatur.*** **[Em. 69]**

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(5), jekk ir-rata ta' użu ta' ~~85 %~~***80 %*** kif definita fl-Artikolu 10(2) ma tkunx tista' tinkiseb minn trasportatur bl-ajru, il-kordinatur jista' jiddeċiedi li jirtira mingħand dak it-trasportatur bl-ajru s-serje ta' slots inkwistjoni għall-bqija tal-perjodu tal-iskedar u jqegħdhom fil-pool wara li jkun ikkonsulta lit-trasportatur bl-ajru konċernat.**[Em. 70]**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(5), jekk wara ħin allokat li jikkorrispondi ma' ~~15 %~~***20 %*** tal-perjodu tal-validità tas-serje, ebda slot ta' dik is-serje ta' slots ma jkunu ntużaw, il-kordinatur għandu jqiegħed is-serje ta' slots inkwistjoni fil-pool għall-bqija tal-perjodu ta' skedar wara li jkun ikkonsulta lit-trasportatur bl-ajru konċernat. Il-kordinatur jista' jiddeċiedi li jirtira s-serje ta' slots qabel tmiem il-perjodu li jikkorrispondi għal ~~15 %~~ ***20 %*** tal-perjodu tal-validità tas-serje jekk it-trasportatur ma jurix li għandu l-intenzjoni li jużahom. **[Em. 71]**

Artikolu 19

Ilmenti u drittijiet ta' appell

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' appell taħt il-liġi nazzjonali, l-ilmenti li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-Artikoli 7(2), 9, 10, 13 u 17 u 18 (1), (2)***, (3)*** u (4) għandhom jintbagħtu lill-kumitat ta' kordinament. Il-kumitat għandu, fi żmien perjodu ta' xahar wara s-sottomissjoni tal-ilment, jikkonsidra l-kwistjoni u jekk possibbli jagħmel proposti lill-kordinatur biex jipprovi jirriżolvi l-problema. Jekk l-ilment ma jkunx jista' jiġi maħlul, l-Istat Membru responsabbli jista', f'perjodu ieħor ta' xahrejn, jipprovdi għall-medjazzjoni permezz ta' organizzazzjoni rappreżentattiva tat-trasportaturi bl-ajru jew tal-ajruport jew xi parti terza oħra. **[Em. 72]**

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, skont il-liġi nazzjonali, biex jipproteġu lill-kordinaturi fir-rigward ta' talbiet għal danni li jirrelataw mal-funzjonijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament, ħlief f'każi ta' negliġenza kbira jew skorrettezzi apposta.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Artikolu 20

Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi

1. Il-Kummissjoni tista', f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2) tiddeċiedi li Stat Membru wieħed jew aktar jkollhom jieħdu miżuri inkluż irtirar ta' slots, fir-rigward ta' trasportatur bl-ajru wieħed jew aktar ta' pajjiż terz bil-għan li jkun hemm rimedju għall-attitudni diskriminatorja tal-imsemmi pajjiż terz, kull fejn jidher li, fir-rigward tal-allokazzjoni u l-użu ta' slots fl-ajruporti tiegħu, pajjiz terz:

a) ma jagħtix lit-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni t-trattament komparabbli li għandu jingħata taħt dan ir-Regolament lit-trasportaturi bl-ajru minn dak il-pajjiż, jew

b) ma jagħtix lit-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni trattament nazzjonali fil-fatt, jew

c) jagħti lil trasportaturi bl-ajru minn pajjiżi terzi oħra trattament aktar favorevoli minn dak mogħti lit-trasportaturi, tal-Unjoni.

2. Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'xi diffikultajiet serji li jkunu ltaqgħu magħhom, fil-liġi jew fil-fatt, minn trasportaturi bl-ajru tal- Unjoni sabiex jakkwistaw slots f'ajruporti ta' pajjiżi mhux membri.

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 21

Rapport u kooperazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat ta' dan ir-Regolament l-aktar tard ~~ħames~~ ***tliet*** snin wara l-bidu fis-seħħ tiegħu. Ir-rapport għandu jindirizza b'mod partikolari l-iffunzjonar tal-Artikoli 9, 10, 11 u 13. **[Em. 73]**

***1a. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja s-swieq sekondarji tas-slotts abbażi tad-data li tirċievi mill-kordinaturi u għandha tirrapporta dwar tendenzi rilevanti, inklużi dawk relatati mal-konnettività reġjonali u intra-Unjoni, fl-Analiżi Annwali tagħha tas-Swieq tat-Trasport bl-Ajru.*** **[Em. 74]**

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment fir-rigward tal-ġbir ta' informazzjoni għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 22

Revoka

Ir-Regolament (KEE) Nru 95/93 huwa rrevokat.

Ir-referenzi magħmula għar-Regolament irrevokat huma meqjusa bħala magħmula għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni li tidher fl-Anness II.

Artikolu 23

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni perjodu ta' skedar li jibda wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

ANNESS I

Regolament irrevokat b'lista ta' emendi suċċessivi tiegħu

| | |
|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 | (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1) |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 894/2002 | (ĠU L 142, 31.5.2002, p. 3) |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1554/2003 | (ĠU L 221, 4.9.2003, p. 1) |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 793/2004 | (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 50) |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 545/2009 | (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 24) |

ANNESS II

TABELLA TA' KORRISPONDENZA

| Ir-Regolament (KEE) Nru 95/93 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1(1) u (2) | Artikolu 1(1) u (2) |
| Artikolu 1(3) | — |
| Artikolu 2, punt (a) | Artikolu 2, punt (1) |
| Artikolu 2, punt (b) | Artikolu 2, punt (2) |
| Artikolu 2, punt (c) | — |
| Artikolu 2, punt (d) | Artikolu 2, punt (3) |
| Artikolu 2, punt (e) | Artikolu 2, punt (4) |
| Artikolu 2, punt (f)(i) | Artikolu 2, punt (5) |
| Artikolu 2, punt (f)(iii) | Artikolu 2, punt (6) |
| — | Artikolu 2, punt (7) |
| — | Artikolu 2, punt (8) |
| Artikolu 2, punt (g) | Artikolu 2, punt (11) |
| Artikolu 2, punt (h) | — |
| Artikolu 2, punt (i) | Artikolu 2, punt (10) |
| Artikolu 2, punt (j) | Artikolu 2, punt (12) |
| Artikolu 2, punt (k) | Artikolu 2, punt (13) |
| Artikolu 2, punt (l) | Artikolu 2, punt (14) |
| Artikolu 2, punt (m) | Artikolu 2, punt (15) |
| — | Artikolu 2, punt (16) |
| — | Artikolu 2, punt (17) |
| — | Artikolu 2, punt (18) |
| — | Artikolu 2, punt (19) |
| — | Artikolu 2, punt (20) |

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

| Ir-Regolament (KEE) Nru 95/93 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| — | Artikolu 2, punt (21) |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 3(1) |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 3(3) | Artikolu 3(3) |
| Artikolu 3(4) | Artikolu 3(4) |
| — | Artikolu 3(5) |
| Artikolu 3(5) | Artikolu 3(6) |
| Artikolu 3(6) | Artikolu 3(7) |
| Artikolu 3(7) | Artikolu 3(8) |
| — | Artikolu 3(9) |
| — | Artikolu 3(10) |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 5(1) |
| — | Artikolu 5(2) |
| Artikolu 4(2), punt (a) | Artikolu 5(3), punt (a) |
| Artikolu 4(2), punt (b) l-ewwel sentenza | Artikolu 5(3), punt (b) |
| — | Artikolu 5(3), punt (b)(i) |
| — | Artikolu 5(3)(b); punt (ii) |
| | Artikolu 5(3), punti (b)(iia) u (iib) |
| Artikolu 4(2), punt (b), it-tieni sentenza | Artikolu 5(3), punt (c) |
| Artikolu 4(2), punt (c) | Artikolu 5(3), punt (d) |
| — | Artikolu 5(3) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 4(3) | Artikolu 5(4) |
| Artikolu 4(4) | Artikolu 5(5) |
| Artikolu 4(5) | Artikolu 5(6) |
| Artikolu 4(6) | Artikolu 5(7) |
| Artikolu 4(7) | Artikolu 5(7) u Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu |
| | Artikolu 6 (1), it-tieni subparagrafu |
| — | Artikolu 6(2) |
| Artikolu 4(8) | Artikolu 6(3) |
| — | Artikolu 6(4) |
| Artikolu 4(9) | — |
| Artikolu 4(10) | Artikolu 6(5) |
| Artikolu 5(1) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu, punt (a) | Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu, punt (a), punti (i) sa (vii) |
| — | Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu, punt (a), punt (viia) |
| — | Artikolu 8(1), t-tieni subparagrafu, punt (b) |
| Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu, punt (b) | Artikolu 8(1), t-tieni subparagrafu, punt (c) |

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

| Ir-Regolament (KEE) Nru 95/93 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 5(2) | Artikolu 8(2) |
| Artikolu 5(3) | Artikolu 8(3) |
| Artikolu 6(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafu | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 6(2) | Artikolu 4(5) |
| Artikolu 6(3) | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu | Artikolu 4(4) |
| Artikolu 7(1) sa (3) | Artikolu 7 |
| | Artikolu 7(3a) |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 10(1) |
| Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, kliem introduttorja | Artikolu 10(2), kliem introduttorja |
| Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel u t-tieni inċiż | Artikolu 10(2), punti(a) u (b) |
| Artikolu 8(2), it-tieni subparagrafu | — |
| Artikolu 8(3) | Artikolu 9(3) |
| Artikolu 8(4) | Artikolu 10(5) |
| Artikolu 8(5) | Artikolu 9(8), l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 9(8), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 8(6) | Artikolu 9(7) |
| Artikolu 8(7) | Artikolu 9(9) |
| | Artikolu 10(-1) |
| | Artikolu 10(2a) |
| Artikolu 8a(1) | Artikolu 13(1) |
| | Artikolu 13(2), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 8a(2) | Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu |
| | Artikolu 13(2), it-tielet subparagrafu |
| Artikolu 8a(3) | Artikolu 13(3), l-ewwel sa t-tielet subparagrafi |
| | Artikolu 13 (3), ir-raba' subparagrafu |
| Artikolu 8b, l-ewwel sentenza | Artikolu 10(7) |
| Artikolu 8b, it-tieni sentenza | Artikolu 14 |
| Artikolu 8b, it-tielet sentenza | — |
| Artikolu 9 | Artikolu 12 |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 10(2) | — |
| Artikolu 10(3) | Artikolu 10(4) |
| Artikolu 10(4) kliem introduttorju u punt (a) l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiżi | Artikolu 10(5), l-ewwel subparagrafu, punti (a), (i), (ii) u (iii) |
| Artikolu 10(4), punti (b), (c) u (d) | Artikolu 10(5), l-ewwel subparagrafu, punti (b), (c) u (d) |

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

| Ir-Regolament (KEE) Nru 95/93 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| — | Artikolu 10(5), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 10(5) | Artikolu 10(7) |
| — | Artikolu 10(6) |
| Artikolu 10(6) | Artikolu 9(3) |
| Artikolu 10(7) | Artikolu 9(4) |
| Artikolu 10(8) | Artikolu 9(5) |
| Artikolu 10(9) | Artikolu 9(6) |
| Artikolu 10a | — |
| Artikolu 11 | Artikolu 19 |
| Artikolu 12 | Artikolu 20 |
| Artikolu 13(1) u (2) | Artikolu 16(1) u (2) |
| — | Artikolu 16(3) |
| Artikolu 13(3) | Artikolu 16(4) |
| Artikolu 13(4) | — |
| — | Artikolu 15 |
| Artikolu 14(1) | Artikolu 17(1) |
| — | Artikolu 17(2) |
| Artikolu 14(2) | Artikolu 18(1) |
| Artikolu 14(3) | — |
| Artikolu 14(4) | Artikolu 18(2) |
| Artikolu 14(5) | Artikolu 18(3) |
| | Artikolu 18(3a) |
| Artikolu 14(6), punti (a) u (b) | Artikolu 18(4), l-ewwel u t-tieni subparagrafi |
| Artikolu 14a(1) | Artikolu 21(1) |
| | Artikolu 21(1a) |
| Artikolu 14a(2) | Artikolu 21(2) |
| — | Artikolu 22 |
| Artikolu 15 | Artikolu 23 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |

P7_TA(2012)0496

## L-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE (COM(2011)0828 – C7-0456/2011 – 2011/0398(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2015/C 434/44)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0828),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0456/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati mis-Senat Franċiż, il-Bundesrat Ġermaniż u s-Senat tal-Pajjiżi l-Baxxi, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv mhux konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tat-28 ta' Marzu 2012 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Mejju 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0372/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tirreferi l-kwistjoni għal darb'oħra lill-Parlament jekk hija għandha l-intenzjoni li temenda l-proposta tagħha sostanzjalment jew tissostitwiha b'test ieħor;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0398

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit 12 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb li jiġi adottat r-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

---

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 173.
([2]) ĠU C 277, 13.9.2012, p. 110.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Għan ewlieni tal-politika komuni dwar it-trasport huwa l-iżvilupp sostenibbli. Dan jesiġi metodu integrat bl-għan li jiżgura kemm il-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' trasport tal-Unjoni u l-ħarsien tal-ambjent.

(2) L-iżvilupp sostenibbli tat-trasport bl-ajru jeħtieġ l-introduzzjoni ta' miżuri maħsuba biex jitnaqqas ~~il-fastidju mill-istorbju~~ ***l-istorbju*** tal-inġenji tal-ajru fl-ajruporti bi problemi partikolari ta' storbju ***u fl-inħawi tagħhom***. Għadd kbir ta' ċittadini tal-Unjoni huma esposti għal livelli għolja ta' storbju li jistgħu jwasslu għal effetti negattivi fuq is-saħħa, ***b'mod partikolari fir-rigward ta' titjiriet bil-lejl.*** **[Em. 1]**

(3) Wara t-tneħħija tal-inġenji tal-ajru li jagħmlu l-aktar storbju skont id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta 'Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss [storbju] fl-ajruporti tal-Komunità ([4]) u id-Direttiva 2006/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar ir-regolament ta' l-operazzjoni ta' l-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 3, il-Volum 1 tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988) ([5]), aġġornament ta' miżuri ġodda huwa meħtieġ biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jindirizzaw l-inġenji tal-ajru li jagħmlu l-aktar storbju sabiex titjieb il-klima tal-istorbju fl-ajruporti fl-Unjoni fi ħdan il-qafas internazzjonali ta' Approċċ Bilanċjat ta' Ġestjoni tal-Istorbju.

(4) Ir-Riżoluzzjoni A33/7 tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) tintroduċi l-kunċett ta' "Metodu Bilanċjat" għall-ġestjoni tal-istorbju u tistabbilixxi metodu koerenti li jindirizza l-istorbju mill-inġenji tal-ajru. L-"Approċċ Bilanċjat" tal-ICAO għandu jibqa' l-pedament tar-regolazzjoni tal-istorbju għall-avjazzjoni, bħala industrija globali. L-Approċċ Bilanċjat jirrikonoxxi l-valur ta' obbligi legali rilevanti, ftehimiet eżistenti, liġijiet attwali u poltiki stabbiliti u ma jippreġudikahomx. L-inkorporazzjoni tar-regoli internazzjonali tal-Approċċ Bilanċjat f'dan ir-Regolament għandha tnaqqas sostanzjalment ir-riskji ta' tilwim internazzjonali f'każ li trasportaturi ta' pajjiżi terzi jiġu affettwati minn restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju.

(5). Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2008 intitolat 'Restrizzjonijiet Operattivi tal-Istorbju fl-Ajruporti tal-UE (Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/30/KE)' indika l-ħtieġa li tkun iċċarata, fit-test tad-Direttiva 2002/30/KE, l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u l-obbligi preċiżi u d-drittijiet tal-partijiet interessati matul il-proċess tal-valutazzjoni tal-istorbju sabiex jiġi ggarantit li jittieħdu miżuri kosteffikaċi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' tnaqqis tal-istorbju.

(6) L-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi mill-Istati Membri fl-ajruporti tal-Unjoni abbażi ta' każijiet individwali, filwaqt li tillimita l-kapaċità, tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-klima tal-istorbju madwar l-ajruporti. Madankollu, hemm il-possibilità li jiġu introdotti distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jew xkiel għall-effiċjenza ġenerali tan-netwerk tal-avjazzjoni tal-Unjoni permezz tal-użu ineffiċjenti tal-kapaċità eżistenti. Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod sodisfaċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk ikunu aktar effettivament milħuqa fil-livell tal-Unjoni permezz ta' regoli armonizzati fuq l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tal-istorbju, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 173.
([2]) ĠU C 277, 13.9.2012, p. 110.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012.
([4]) ĠU L 85, 28.3.2002, p. 40.
([5]) ĠU L 374, 27.12.2006, p. 1.

huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet. Tali metodu armonizzat ma jimponix miri għall-kwalità tal-istorbju, li jkomplu joħorġu mid-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali [1] jew regoli oħra Ewropej, nazzjonali jew lokali, u ma jippreġudikax l-għażla konkreta ta' miżuri.

***(6a)*** ***Sabiex titnaqqas il-ħtieġa għal restrizzjonijiet operattivi, il-pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni msemmija fid-Direttiva 2002/49/KE għandhom, fil-futur immedjat, jinkludu l-adozzjoni ta' miżuri kumplimentari għall-ġestjoni tal-istorbju estern tal-ajruporti, bħall-iżolament tad-djar kontra l-ħsejjes u pjanijiet għal barrieri ġenerali tal-istorbju.*** **[Em. 2]**

(7) Filwaqt li valutazzjonijiet tal-istorbju għandhom iseħħu fuq bażi regolari, tali valutazzjonijiet għandhom iwasslu biss għal miżuri addizjonali ta' tnaqqis tal-istorbju jekk il-kombinazzjoni attwali tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-istorbju ma tilħaqx l-għanijiet tat-tnaqqis tal-istorbju.

(8) Filwaqt li ~~analiżi~~ ***għan għat-tnaqqis tal-istorbju għandu jintgħażel billi jsir eżerċizzju kumparattiv*** tal-ispejjeż kollha u l-benefiċċji ~~tipprovdi indikazzjoni tal-effetti totali fuq il-benesseri ekonomiku billi tqabbel l-ispejjeż u l-benefiċċji~~ kollha, ~~valutazzjoni tal-kosteffikaċja tiffoka fuq il-kisba ta' għan stabbilit bl-aktar mod~~ ***l-għodda għall-ilħuq ta' dak il-għan għandha tkun*** kosteffikaċi~~, u b'hekk teħtieġ biss tqabbil tal-ispejjeż.~~***filwaqt li jitqiesu l-aspetti tas-saħħa, ekonomiċi u soċjali.*** **[Em. 4]**

(9) ~~Sospensjoni tal-miżuri tal-mitigazzjoni tal-istorbju hija importanti biex jiġu evitati konsegwenzi mhux mixtieqa għas-sikurezza tal-avjazzjoni, il-kapaċità tal-ajruporti u l-kompetizzjoni. Filwaqt li proċedura ta' appell kontra restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju jistgħu jikkonċernaw miri ta' tnaqqis tal-istorbju, metodi ta' valutazzjoni u għażla ta' miżuri kosteffikaċi, l-appell ma jistax jissospendi l-~~***Il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tevalwa r-restrizzjonijiet*** operattivi ***proposti qabel*** implimentazzjoni tagħhom. ~~Għaldaqstant, il-Kummissjoni għanda tkun kapaċi, ferm qabel l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, li tuża d-dritt ta' skrutinju u tissospendi l-miżuri meqjusa li jipproduċu konsegwenzi mhux meħtieġa jew irriversibbli. Huwa rikonoxxut li s-sospensjoni għandha tkun għal perjodu limitat.~~ **[Em. 5]**

***(9a)*** ***L-użu ta' proċeduri operattivi approvati għat-tnaqqis tal-istorbju għandu jiżgura li s-sikurezza meħtieġa tat-titjira tinżamm billi jitqiesu l-fatturi kollha li jistgħu jolqtu operazzjoni partikolari. Il-miżuri operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju ma għandhomx jipprekludu jew jipprojbixxu l-miżuri ta' sigurtà antiterroristiċi.*** **[Em. 6]**

(10) ***Skont id-Direttiva 2002/49/KE,*** il-valutazzjonijiet tal-istorbju għandhom ikunu msejsa fuq ~~informazzjoni eżistenti disponibbli u jiżguraw li din~~***kriterji oġġettivi u li jistgħu jitkejlu li huma komuni għall-Istati Membri kollha***. ***Dik*** l-informazzjoni ~~hija~~***għandha tkun*** affidabbli ***tinkiseb b'mod trasparenti, tkun kumparabbli*** u aċċessibbli ~~għall-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet~~***għall-partijiet*** interessati ***kollha***. ***Il-valutazzjonijiet għandhom jinkludu wkoll il-monitoraġġ tal-iżviluppi teknoliġiċi l-aktar riċenti u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħħar sejbiet dwar il-proċeduri li għandhom jintużaw***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-għodod ta' monitoraġġ u infurzar meħtieġa.***Il-valutazzjonijiet tal-istorbju għandhom jitwettqu jew jiġu ssorveljati minn aġenziji esterni indipendenti mill-operatur tal-ajruport.*** **[Em. 7]**

(11) Huwa rikonoxxut li l-Istati Membri ddeċidew dwar restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju skont leġiżlazzjoni nazzjonali msejsa fuq metodi marbuta mal-istorbju rikonoxxuti fuq livell nazzjonali, li jistgħu ma jkunux (għadhom) totalment konsistenti mal-metodu kif deskritt fid-Dokument 29 tar-Rapport awtorevoli tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) dwar il-"Metodu Standard ta' Kkomputar ta' Profili tal-Istorbju madwar l-Ajruporti Ċivili" u lanqas jużaw informazjoni rikonoxxuta internazzjonalment dwar il-prestazzjoni tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru. Madankollu, l-effiċjenza u l-effettività ta' restrizzjoni operattiva, flimkien mal-effiċjenza u l-effettività tal-pjan ta' azzjoni rilevanti li r-restrizzjoni hija parti minnu, għandhom jiġu vvalutati skont il-metodi preskritti fid-Dok 29 tal-ECAC u l-Approċċ Bilanċjat tal-ICAO. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-valutazzjonijiet tagħhom tar-restrizzjonijiet operattivi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali biex ikun f'konformità sħiħa mad-Dok 29 tal-ECAC.

(12) Ċentralizzazzjoni ta' informazzjoni dwar l-istorbju se tnaqqas sostanzjalment il-piż amministrattiv kemm għall-inġenji tal-ajru kif ukoll għall-operaturi tal-ajruporti. Tali informazzjoni hija attwalment ipprovduta u mmaniġġjata fuq il-livell individwali tal-ajruport. Din id-dejta jeħtiġilha titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom għal finijiet operattivi. Huwa importanti li wieħed juża l-bank tad-dejta tal-Aġenzija Ewropea tas-

(1) ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija) li jikkonċerna ċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-istorbju bħala għodda ta' validazzjoni mad-dejta tal-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni tal-Ajru (Eurocontrol) dwar titjiriet individwali. Tali dejta bħalissa hija diġà sistematikament mitluba għal finijiet ta' ġestjoni ċentrali tal-fluss, iżda jeħtieġ li tiġa speċifikata għall-fini ta' dan ir-Regolament u għar-regolazzjoni tal-prestazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Aċċess tajjeb għal dejta tal-immudellar ivvalidata għandu jtejjeb il-kwalità tal-immappjar ta' profili tal-istorbju ta' ajruporti individwali u l-immappjar strateġiku biex jiġu appoġġati deċiżjonijiet ta' politika.

(13) Sabiex jiġi rifless il-progress teknoloġiku kontinwu ~~fit-teknoloġiji tal-magni u l-oqfsa tal-inġenji tal-ajru~~ u l-metodi użati għall-immappjar tal-profili tal-istorbju, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-aġġornament regolari ***tal-metodu u r-rapport tekniku relatat mal-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-istorbju f'ajruport.*** ~~tal-istandards tal-istorbju għal inġenji tal-ajru~~ msemmija ~~f'dan ir-Regolament u r-referenza għal metodi ta' ċertifikazzjoni assoċjati; l-emendar tad-definizzjonijiet ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi u tal-inġenji tal-ajru ċivili skont dan, u l-aġġornar tar-referenza għall-metodu għall-komputazzjoni tal-profili tal-istorbju~~. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq livell espert. Il-Kummissjoni, waqt li tkun qed tipprepara u tfassal atti delegati, għandha tiżgura, trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. **[Em. 8]**

***(13a) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-affidabilità tal-ippjanar, restrizzjonijiet operattivi u deċiżjonijiet dwar it-tħaddim tal-ajruporti, inklużi deċiżjonijiet tal-qorti u r-riżultati ta' proċessi ta' medjazzjoni li diġà kienu introdotti jew kienu qed jiġu eżaminati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu soġġetti għal dan ir-Regolament iżda għandhom jiġu indirizzati skont ir-regoli eżistenti.*** **[Em. 9]**

(16) Fid-dawl tal-ħtieġa ta' applikazzjoni konsistenti tal-metodu ta' valutazzjoni tal-istorbju fi ħdan is-suq tal-avjazzjoni tal-Unjoni, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tar-restrizzjonijiet operattivi tal-istorbju. Id-Direttiva 2002/30/KE għandha għaldaqstant tiġi revokata,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### Suġġett, għanijiet u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***r-regoli*** regoli dwar l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju b'mod konsistenti abbażi ta' ajurporti individwali ***u fejn tkun ġiet identifikata problema ta' storbju*** sabiex jgħin fit-titjib tal-klima tal-istorbju u biex jillimita jew inaqqas l-għadd ta' persuni li jkunu affettwati ~~b'mod sinifikanti mill-effetti ta' ħsara~~ tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru, skont l-Approċċ Bilanċjat. **[Em. 11]**

2. L-għanijiet ta' dan ir-Regolament huma

(a) li tiġi ffaċilitata l-kisba ta' għanijiet speċifiċi ta' tnaqqis tal-istorbju ambjentali, kif stabbilit f'regoli tal-Unjoni, nazzjonali ~~u~~***jew*** lokali, u biex tiġi vvalutata l-interdipendenza tagħhom ma' għanijiet ambjentali oħra, ***inklużi aspetti relatati mas-saħħa***, fil-livell ta' ajruporti individwali; u **[Em. 12]**

(b) li tkun possibbli l-għażla tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-istorbju l-aktar kosteffikaċi ***b'kunsiderazzjoni tal-aspetti marbutin mas-saħħa, u dawk ekonomiċi u soċjali*** skont l-Approċċ Bilanċjat sabiex jintlaħaq l-iżvilupp sostenibbli tal-kapaċita tan-netwerk ta' ġestjoni tal-ajruporti u t-traffiku tal-ajru minn perspettiva gate-to-gate. **[Em. 44 u 48]**

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għal ~~inġenji~~***titjiriet tal-inġenji*** tal-ajru mħaddma fl-avjazzjoni ċivili. **[Em. 14]**

Ma għandux japplika għal ~~inġenji~~***titjiriet tal-inġenji*** tal-ajru fis-servizzi militari, doganali, tal-pulizija jew servizzi simili. **[Em. 15]**

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(1) "Ajruport" tfisser ajruport li għandu movimenti ta' aktar minn 50 000 inġenju tal-ajru ċivili kull sena kalendarja (moviment ifisser it-tluq jew l-inżul), billi jitqies l-għadd medju ta' movimenti tal-aħħar tliet snin kalendarji qabel il-valutazzjoni tal-istorbju;

(2) "Approċċ Bilanċjat" tfisser ~~il-metodu~~***il-proċess stabbilit mill-ICAO f'Volum 1, Taqsima V tal-Anness 16 għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (Konvenzjoni ta' Chicago)*** li, skont din il-firxa ta' miżuri disponibbli, partikolarment it-tnaqqis tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru mis-sors, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-art, il-proċeduri operattivi u r-restrizzjonijiet operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju, jitiqes b'mod konsistenti bl-għan li ~~tiġi indirizzata l-problema tal-istorbju~~ bl-aktar mod kosteffikaċi abbażi ta' ajurporti individwali. **[Em. 45 u 49]**

(3) "Inġenji tal-ajru" tfisser inġenji tal-ajru bi ġwienaħ fissi b'massa tat-tluq massima ċċertifikata ta' 34 000 kg jew aktar, jew b'akkomodazzjoni interna massima ċċertifikata għat-tip ta' inġenju tal-ajru inkwistjoni li tikkonsisti minn aktar minn 19-il passiġġier, minbarra kwalunkwe post riżervat għall-ekwipaġġ;

(4) "Inġenji tal-ajru marġinalment konformi" tfisser inġenji tal-ajru ~~ċivili li jissodisfaw~~***li jkunu ċertifikati skont*** il-limiti ~~ta' ċertifikazzjoni~~ tal-Kapitolu 3 stipulati fil-Volum 1, Parti II, Kapitolu 3 tal-Anness 16 għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Chicago) b'marġni kumulattiva ta' inqas minn ~~10EPNdB~~***8 EPNdB*** (Storbju Effettivament Ipperċepit ***f'Deċibels***) ***waqt perjodu tranżitorju ta' erba' snin wara … (*[1]*) u permezz ta' marġni kumulattiva ta' mhux aktar minn 10 EPNdB wara t-tmiem ta' dak il-perjodu tranżitorju***~~f'deċibel~~), ~~fejn~~ il-marġni kumulattiva hija ċ-ċifra espressa f'EPNdB miksuba billi jiġu magħduda l-marġini individwali (jiġifieri differenzi bejn il-livell ta' storbju ċċertifikat u l-livell massimu ta' storbju permess) f'kull wieħed mit-tliet punti ta' referenza għall-kejl tal-istorbju kif iddefinit fil-Volum 1, Parti II, ~~Kapitolu 4~~***Kapitolu 3*** tal-Anness 16 għall-Konvenzjoni ta' Chicago; **[Em. 17]**

(5) "Azzjoni relatata mal-istorbju" tfisser kwalunkwe miżura li jkollha impatt fuq il-klima tal-istorbju madwar l-ajruporti, li għaliha japplikaw il-prinċipji tal-Approċċ Bilanċjat tal-ICAO, inklużi azzjonijiet mhux operattivi oħra li jistgħu jaffettwaw l-għadd ta' nies esposti għall-istorbju tal-inġenji tal-ajru;

(6) "Restrizzjonijiet operattivi" tfisser azzjoni relatata mal-istorbju li tillimita l-aċċess jew tnaqqas l-użu ottimali tal-kapaċità ta' ajruport, inklużi r-restrizzjonijiet operattivi mmirati għall-irtirar mill-operat ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi f'ajruporti speċifiċi kif ukoll restrizzjonijiet operattivi ta' natura parzjali, li ~~jaffettwaw it-tħaddim ta' inġenji tal-ajru ċivili skont il-perjodu~~ ***pereżempju japplikaw għal perjodu*** ta' żmien ***identifikat waqt il-jum jew għal ċerti runways biss fl-ajruport***. **[Em. 18]**

Artikolu 3

Awtoritajiet kompetenti ***u d-dritt ta' appell***

1. L-Istati Membri ***li fihom hemm ajruport*** għandhom jiddeżinjaw ~~awtoritajiet~~ ***awtorità*** kompetenti ***waħda jew aktar*** responsabbli ~~għall-adozzjoni ta' miżuri dwar~~ ***għas-segwitu tal-proċess tal-adozzjoni ta'*** restrizzjonijiet operattivi, kif ukoll korp ta' appell indipendenti ***, skont il-liġijiet u l-prassi nazzjonali***

2. L-awtoritajiet kompetenti u l-korp ta' appell għandhom ikunu indipendenti minn kwalunkwe organizzazzjoni li tista' tiġi affettwata minn azzjoni relatata mal-istorbju.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ***fil-waqt xieraq*** lill-Kummissjoni dwar l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati u l-korp ta' appell imsemmi fil-paragrafu 1. ***Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik l-informazzjoni.***

***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-dritt ta' appell kontra r-restrizzjonijiet operattivi adottati skont dan ir-Regolament quddiem il-korp ta' appell f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali.*** *[Em. 19]*

[1] ***Data tad-dħul fis-seħħ ta'dan ir-Regolament.***

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Artikolu 4

Regoli ġenerali dwar l-immaniġjar tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru

1. L-Istati Membri għandhom ~~jadottaw Approċċ~~ ***jimplimentaw l-Approċċ*** Bilanċjat fir-rigward tal-immaniġjar tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru, ***fuq bażi ta' kull ajruport individwali, fi ħdan il-kamp tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***. Għal dan il-għan, huma għandhom, ***jivvalutaw is-sitwazzjoni tal-istorbju f'ajruport individwali skont tad-Direttiva 2002/49/KE, inklużi l-effetti dannużi għas-saħħa tal-bniedem. Fejn tiġi identifikata problema ta' storbju, huma għandhom:*** **[Em. 20]**

(a) ~~jivvalutaw is-sitwazzjoni tal-istorbju f'ajruport individwali;~~***jiżguraw li l-objettiv għat-tnaqqis tal-istorbju għal dak l-ajruport ikun definit, b'kunsiderazzjoni, skont il-każ, tal-Artikolu 8 u l-Anness V tad-Direttiva 2002/49/KE;***

~~(b) jiddefinixxu l-mira għat-tnaqqis tal-istorbju ambjentali~~ **; [Em.21]**

(c) jidentifikaw il-miżuri disponibbli biex inaqqsu l-impatt tal-istorbju;

(d) ~~jevalwaw l-kosteffikaċja~~***iwettqu valutazzjoni formali u komprensiva tal-kosteffikaċja*** probabbli tal-miżuri disponibbli; **[Em. 22]**

(e) jagħżlu l-miżuri;

(f) jikkonsultaw il-partijiet interessati b'mod trasparenti dwar l-azzjonijiet previsti;

(g) jiddeċiedu dwar il-miżuri u jipprovdu għal notifkazzjoni suffiċjenti;

(h) jimplimentaw il-miżuri; u

(i) jipprovdu għas-soluzzjoni tat-tilwim.

2. L-Istati Membri għandhom iqisu, meta jieħdu azzjoni relatata mal-istorbju, il-kombinazzjoni li ġejja tal-miżuri disponibbli, bl-għan li jiddeterminaw l-aktar kombinazzjoni kosteffikaċi ta' miżuri:

(a) l-effett prevedibbli ta' tnaqqis tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru mis-sors;

(b) l-ippjanar u l-ġestjoni tal-użu tal-art;

(c) proċeduri operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju, ***inkluża l-gwida tar-rotot tat-tluq u l-inżul***; **[Em. 23]**

(d) restrizzjonijiet operattivi, iżda mhux bħala l-ewwel soluzzjoni.

Il-miżuri disponibbli jistgħu jinkludu l-irtirar ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi, jekk dan jitqies bħala meħtieġ. ***L-Istati Membri jistgħu joffru inċentivi ekonomiċi sabiex iħeġġu lill-operaturi ekonomiċi jużaw inġenji tal-ajru inqas storbjużi waqt il-perjodu tranżitorju msemmi fil-punt 4 tal-Artikolu 2.*** **[Em. 24]**

3. L-Istati Membri jistgħu, fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat, jagħmlu distinzjoni fil-miżuri ta' mitigazzjoni tal-istorbju skont ~~it-tip ta' inġenju~~***l-istorbju ġġenerat mill-inġenju*** tal-ajru, użu tar-runway, ***il-mogħdija tat-titjira*** u/jew qafas ta' żmien kopert. **[Em. 25]**

4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, restrizzjonijiet operattivi li jieħdu l-għamla ta' rtirar ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi minn operazzjonijiet tal-ajruporti ma għandhomx jaffettwaw inġenji tal-ajru subsoniċi ċivili li jikkonformaw, permezz taċ-ċertifikazzjoni oriġinali jew taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, mal-istandard tal-istorbju fil-Volum 1, Parti II, Kapitolu 4 tal-Anness 16 għall-Konvenzjoni ta'Chicago.

5. Miżuri jew kombinazzjoni ta' miżuri meħuda skont dan ir-Regolament għal ajruport partikolari ~~ma għandhomx ikunu aktar ristrettivi milli meħtieġ~~***għandhom ikunu xierqa*** biex jintlaħqu l-miri għat-tnaqqis tal-istorbju ambjentali stabbilit għal dak l-ajruport. Restrizzjonijiet operattivi għandhom ikunu mhux diskriminatorji, partikolarment abbażi ta' nazzjonalità, identità jew attività tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru ***u m'għandhomx ikunu arbitrarji.*** **[Em. 26]**

6. Il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu għall-"Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali" dwar l-istorbju tat-traffiku tal-ajru, kif imsemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/49/KE

***6a. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri legali meħtieġa – malajr u mingħajr dewmien bla bżonn – għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.*** **[Em. 27]**

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Artikolu 5

Regoli dwar il-valutazzjoni tal-istorbju

1. L-awtoritajiet *kompetenti għandhom* ~~*jivvalutaw is-sitwazzjoni*~~***jiżguraw li s-sitwazzjoni*** *tal-istorbju fl-ajruporti* ~~*fit-territorju tagħhom*~~***li għalihom huma responsabbli tkun valutata*** fuq bażi regolari, skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2002/49/KE u r-regoli nazzjonali jew lokali. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu l-appoġġ tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2010 tad-29 ta Lulju 2010 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta 'netwerk ([1]).

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw il-metodu, l-indikaturi u l-informazzjoni deskritti fl-Anness I għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali u futura tal-istorbju.

3. ~~Meta l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-istorbju turi~~ ***Jekk din il-valutazzjoni tindika*** li ***jistgħu jkunu meħtieġa*** miżuri ***operattivi ta' restrizzjoni*** ġodda ~~huma meħtieġa~~ biex ~~jintlaħaq jew jinżamm l-livell tal-miri għat-tnaqqis tal-istorbju~~***tiġi indirizzata problema rigward storbju f'ajruport***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jiżguraw li.***

*(a)* ***il-metodu, l-indikaturi u l-informazzjoni fl-Anness I jiġu applikati sabiex jiġi kkunsidrat kif*** xieraq ***il-kontribut ta' kull tip ta' miżura taħt l-Approċċ Bilanċjat***,

*(b)* ***fil-livell adegwat, tiġi stabbilita kooperazzjoni teknika bejn l-operaturi tal-ajruport, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-fornituri tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru biex jiġu eżaminati miżuri għall-mitigazzjoni tal-istorbju. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jiżguraw li jiġu kkonsultati r-residenti lokali, jew ir-rappreżentanti tagħhom, u l-awtoritajiet lokali relevanti, u li jingħataw informazzjoni teknika dwar il-miżuri għall-mitigazzjoni tal-istorbju,***

*(c)* ***il-kosteffikaċja*** ta' ***kwalunkwe restrizzjoni operattiva ġdida hija evalwata, skont l-Anness II. Emendi tekniċi minuri għall-miżuri eżistenti mingħajr implikazzjonijiet sostantivi fuq il-kapaċità jew l-operazzjonijiet m'għandhomx jitqiesu bħala restrizzjonijiet operattivi ġodda.***

~~4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, fil-livell xieraq, jiġi stabbilit forum għall-kooperazzjoni teknika bejn l-operatur tal-ajruport, l-operatur tal-inġenju tal-ajru u l-fornitur tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru, għal azzjonijiet li dawn l-operaturi huma responsabbli għalihom, u jqisu b'mod xieraq l-interdipendenza bejn miżuri li jimmitgaw l-istorbju u dawk biex inaqqsu l-emissjonijiet. Il-membri ta' dan il-forum għall-kooperazzjoni teknika għandhom jikkonsultaw regolarment lir-residenti lokali jew rappreżentanti tagħhom, u jipprovdu informazzjoni u konsulenza teknika dwar miżuri ta' mitigazzjoni tal-istorbju lill-awtoritajiet kompetenti.~~

~~5. jivvalutaw il-kosteffikaċja tal-miżuri ġodda, kif imsemmi fil-paragrafu 3 skont l-Anness II. Emenda teknika minuri għall-miżuri eżistenti mingħajr implikazzjonijiet sostantivi fuq il-kapaċitajiet jew operat ma titqiesx bħala restrizzjoni operattiva ġdida.~~

~~6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jorganizzaw~~

***d)*** il-proċess konsultazzjoni mal-partijiet interessati ***huwa organizzat*** fil-waqt u b'mod sostantiv, filwaqt li jiżguraw il-ftuħ u t-trasparenza fir-rigward tad-dejta u l-metodoloġija ta' komputazzjoni. Il-partijiet interessati għandhom ikollhom mill-inqas tliet xhur qabel l-adozzjoni ta' ~~miżuri~~ ***tar-restrizzjonijiet operattivi ġodda*** biex jipprovdu kummenti. Il-partijiet interessati għandhom mill-inqas jinkludu:

~~(a) rappreżentanti ta' residenti lokali li jgħixu fl-inħawi tal-ajruporti affettwati mill-istorbju tat-traffiku bl-ajru;~~

~~(b) operaturi rilevanti~~

~~(c) rappreżentanti tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jistgħu jkunu affettwati minn azzjonijiet relatati mal-istorbju;~~

~~(d) fornituri rilevanti ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru;~~

~~(e) il-Maniġer tan-Netwerk, kif iddefinit fir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 677/2011 ([2])~~.

---

([1]) ĠU L 201, 3.8.2010, p. 1.

([2]) ~~ĠU L 185,15.7.2011, p. 1.~~

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

(i) ***ir-residenti lokali, li jgħixu fil-viċinanzi*** tal-ajruporti***, li jkunu affettwati mill-istorbju tat-traffiku tal-ajru jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-awtoritajiet lokali tagħhom;***

(ii) ***rappreżentanti tan-negozji bbażati fl-inħawi tal-ajruporti li l-operazzjonijiet tagħhom huma affettwati mit-traffiku tal-ajru u mit-tħaddim tal-ajruport;***

(iii) ***l-operaturi tal-ajruport relevanti;***

(iv) ***rappreżentanti tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jistgħu jkunu affettwati minn azzjonijiet relatati mal-istorbju;***

(v) ***fornituri relevanti ta' servizz ta' navigazzjoni tal-ajru;***

(vi) ***il-Maniġer tan-Netwerk, kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 tas-7 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat- traffiku tal-ajru (ATM)*** ([1]);

(vii) ***fejn applikabbli, il-koordinatur tas-slots iddeżinjat.***

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-istorbju u jieħdu azzjoni kif xieraq. Għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti ~~tiġi pprovduta fuq bażi regolari lir-residenti~~***tkun disponibbli onlajn, biex residenti*** lokali li jgħixu fl-inħawi tal-ajruporti, ***u partijiet interessati oħra jista' jkollhom aċċess għall-informazzjoni mingħajr ħlas***

***L-informazzjoni relevanti għandha tinkludi:***

***(a) informazzjoni dwar il-ksur allegat minħabba devjazzjonjiet tar-rotta fir-rigward l-impatt ġenerat u r-raġunijiet ta' dik id-devjazzjoni;***

***(b) il-kriterji użati għat-tqassim u l-ġestjoni tat-traffiku f'kull ajruport li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent jew impatt fuq l-istorbju.***

***8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' faċilitajiet ta' ajruporti jinstallaw sistemi kompjuterizzati għall-kejl tal-istorbju f'punti differenti qrib ir-rotot tat-titjir li jaffettwaw jew x'aktarx li se jaffetwaw il-popolazzjoni lokali. Id-data miġbura minn dawn is-sistemi għall-kejl tal-istorbju tista' tiġi kkonsultata fuq l-internet.*** *[Em. 28]*

Artikolu 6

Informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-istorbju

1. Deċiżjonijiet dwar restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju għandhom ikunu msejsa fuq il-prestazzjoni tal-istorbju tal-inġenji tal-ajru skont il-proċeduri ta' ċertifikazzjoni mwettqa skont il-Volum 1 tal-Anness 16 għall-Konvenzjoni ta' Chicago, il-ħames edizzjoni ta' Lulju 2008.

2. Fuq talba tal-Kummissjoni, , ***u jekk l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ma jkollhiex diġà l-informazzjoni mitluba,*** l-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni li ġejja dwar l-Istorbju fir-rigward tal-inġenji tal-ajru tagħhom li jużaw ajruporti fl-Unjoni:

(a) in-numru tad-denb tal-inġenji tal-ajru;

(b) iċ-ċertifikat ~~tal-prestazzjoni~~ tal-istorbju jew ċertifikati tal-inġenji użati, flimkien mal-piż massimu attwali assoċjat għat-tluq;

(c) kwalunkwe modifika tal-inġenji tal-ajru li tinfluwenza l-prestazzjoni tal-istorbju tagħhom, ***u li hija rreġistrata fiċ-ċertifikat tal-istorbju tagħhom***.

~~(d) informazzjoni dwar l-istorbju u l-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru għall-finijiet tal-immudellar tal-istorbju.~~

~~Għal kull titjira bl-użu ta' ajruport tal-Unjoni, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru għandhom jikkomunikaw iċ-ċertifikat tal-prestazzjoni tal-istorbju użat u n-numru tad-denb.~~

***Kull darba li operatur jibdel iċ-ċertifikat tal-istorbju użat għal inġenju tal-ajru, għandu jinforma lill-Kummissjoni.***

([1]) ĠU L 185, 15.7.2011, p. 1.

Id-dejta għandha tkun ipprovduta ~~mingħajr ħlas,~~ f'għamla elettronika u billi jintuża l-format speċifikat, fejn applikabbli. ***Il-Kummissjoni għandha terfa' l-piż ta' kwalunkwe spiża magħmula sabiex tiġi pprovduta dik id-dejta.***

3. ***L-immudellar tal-istorbju fiż-żoni madwar l-ajruporti għandu jkun ibbażat fuq data dwar l-istorbju u l-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru pprovduta mill-manifattur u rakkomandata għall-użu mill-komunità internazzjonali u magħmula disponibbli permezz tal-ICAO.*** L-Aġenzija għandha tivverifika l-istorbju tal-inġenji tal-ajru u d-dejta tal-prestazzjoni għall-finijiet ta' immudellar skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni ([1]). ***L-Aġenzija għandha tirreferi għall-proċess stabbilit tal-Grupp tal-Mudelli u l-Bażijiet tad-Dejta fi ħdan il-Kumitat tal-Avjazzjoni u l-Ħarsien Ambjentali tal-ICAO biex ikunu ddeterminati l-validità tad-dejta u l-aħjar prassi u tkun żgurata armonizzazzjoni kontinwa fost l-aġenziji internazzjonali li jiċċertifikaw li l-inġenji tal-ajru jkun fi stat tajjeb biex itiru***

4. Id-dejta għandha tkun maħżuna f'bażi tad-dejta ċentrali u tkun għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, operaturi tal-inġenji tal-ajru, fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u l-operaturi tal-ajruporti għal finijiet operattivi. **[Em. 29]**

Artikolu 7

Regoli fuq l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi

1. Qabel l-introduzzjoni ta' restrizzjoni operattiva, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu avviż ~~ta' sitt~~ ***tliet*** xhur, ~~li jintemm~~***qabel**, **u li tintemm*** mill-inqas xahrejn qabel id-determinazzjoni tal-parametri ta' koordinazzjoni tal-islott kif iddefnit fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità ([2]) għall-ajruport ikkonċernat għall-perjodu tal-iskedar rilevanti, lill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-partijiet interessati rilevanti.

2. Wara l-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 5, in-notifikazzjoni tad-deċiżjoni għandha tkun akkumpanjata minn rapport miktub li jispjega r-raġunijiet għall-introduzzjoni ta' restrizzjoni operattiva, il-mira ~~ambjentali~~ ***tat-tnaqqis tal-istorbju*** stabbilita għall-ajruport, il-miżuri li tqiesu biex tintlaħaq dik il-mira, u l-evalwazzjoni tal-kosteffikaċja probabbli tal-miżuri differenti meqjusa, inkluż, fejn rilevanti, l-impatt transfruntier tagħhom.

3. Fejn restrizzjoni operattiva tikkonċerna l-irtirar ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi minn ajruport, l-ebda servizzi ġodda ma għandhom ikunu permessi b'inġenji tal-ajru marġinalment konformi f'dak l-ajruport sitt xhur wara n-notifikazzjoni, ***li jintemmu mill-inqas xahrejn qabel ma jiġu determinati l-parametri ta' koordinazzjoni tal-islotts skont il-paragrafu 1.***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu dwar ir-rata annwali għat-tneħħija ta' inġenji tal-ajru marġinalment ~~konformi mill-flotta ta' operaturi affettwati f'dak l-ajruport, filwaqt li titqies l-età tal-inġenju tal-ajru u il-kompożizzjoni tal-flotta totali. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3 tal-Artikolu 4,~~ din ir-rata ma għandhiex tkun iktar minn ~~20 % tal-flotta ta' dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru li jkunu~~ ***25 % tal-movimenti u għandha tiġi applikata b'mod uniformi għal kull operatur affettwat b'referenza għan-numru ta' movimenti tiegħu b'inġenji tal-ajru*** marġinalment konformi ~~li jużaw dak~~ l-***f'dak*** ajruport.

~~4. Kwalunkwe appell kontra deċiżjonijiet dwar restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju għandu jiġi organizzati skont il-liġi nazzjonali.~~ **[Em. 30]**

Artikolu 8

Nazzjonijiet li qed jiżviluppaw

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw l-inġenji tal-ajru marġinalment konformi reġistrati f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw minn restrizzjonijiet operattivi tal-istorbju sakemm tali mezzi tal-ajru:

(a) huma mogħtija ċertifikat tal-istorbju skont l-istandards speċifikati fil-Kapitolu 3, Volum 1 tal-Anness 16 għall-Konvenzjoni ta' Chicago.

(b) kienu jitħadmu fl-Unjoni matul perjodu ta' ħames snin li jippreċedi d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, kienu fuq ir-reġistru tan-nazzjon li qed jiżviluppa konċernat u għadhom jiġu mħaddma minn persuna naturali jew legali stabbilita f'dak in-nazzjon.

2. Fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni prevista fil-paragrafu 1, huwa għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-eżenzjonijiet li jkun ta.

([1]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Artikolu 9

Eżenzjonijiet għall-operazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru ta' natura eċċezzjonali

Abbażi ta' każijiet individwali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw operazzjonijiet individwali ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi li ma setgħux isiru abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, f'ajruporti fit-territorju tagħhom.

L-eżenzjoni għandha tkun limitata għal:

(a) inġenji tal-ajru li t-tħaddim individwali tagħhom huwa ta' natura tant eċċezzjonali li ma jkunx raġonevoli li ma tingħatalhomx eżenzjoni temporanja;

(b) inġenji tal-ajru fuq titjiriet li ma jiġġenerawx dħul għall-finijiet ta' alterazzjonijiet, tiswija jew manutenzjoni;

***(ba) inġenji tal-ajru fuq titjiriet operati għal finijiet umanitarji jew diplomatiċi.*** *[Em. 31]*

Artikolu 10

Dritt ta' skrutinju

1. Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, u mingħajr ħsara għal proċedura pendenti ta' appell, il-Kummissjoni tista' ~~tiskrutinja d-deċiżjoni dwar~~ ***f'perjodu ta' xahrejn wara l-jum li fih tirċievi l-avviż, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1), tevalwa l-proċess għall-introduzzjoni ta'*** restrizzjoni operattiva, ~~qabel l-implimentazzjoni tagħha~~***relatata mal-istorbju***. Fejn il-Kummissjoni ssib li ~~d-deċiżjoni ma tirrispettax ir-rekwiżiti stipulati~~***l-introduzzjoni ta' restrizzjoni operattiva relatata mal-istorbju ma ssegwix il-proċess stipulat*** f'dan ir-Regolament, ~~jew inkella tkun kontra l-liġi tal-Unjoni, tista' tissosspendi d-deċiżjoni.~~***il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti relevanti kif xieraq***. ***L-awtoritajiet kompetenti relevanti jistgħu jikkunsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni.***

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li turi konformità ma' dan ir-Regolament.

~~3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi skont il-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 13(2), parikolarment billi jitqiesu il-kriterji fl-Anness II, jekk l-awtorità kompetenti konċernata tistax tipproċedi bl-introduzzjoni ta' restrizzjoni operattiva. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-Kunsill u l-Istat Membru kkonċernat.~~

4. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx ~~adottat deċiżjoni~~ ***innotifikat l-opinjoni tagħha*** fi żmien ~~sitt xhur~~ wara li tkun irċeviet ~~l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2,~~***avviż, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1),*** l-awtorità kompetenti tista' tapplika d-deċiżjoni prevista dwar restrizzjoni operattiva. **[Em. 32]**

Artikolu 11

Atti delegati

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 dwar:

~~(a) emendi tad-definizzjonijiet ta' inġenji tal-ajru fl-Artikolu 2, punt (3) u ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi fl-Artikolu 2, punt (4);~~ **[Em. 33]**

(b) emendi u aġġornamenti tal-istandards ta' ċertifikazzjoni tal-istorbju previsti fl-Artikoli 4 u 8; u tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni prevista fl-Artikolu 6(1);

(c) emendi għall-metodu u r-rapport tekniku stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 12

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħat ta' adozzjoni ta' atti delegati huma kkonferiti lill-Kummissjoni suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 11 għandha tiġi kkonferita ***lill-Kummissjoni*** għal perjodu ~~indeterminat ta' żmien~~***ta' ħames snin*** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. **[Em. 34]**

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ mill-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma joġġezzjonawx. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

~~Artikolu 13~~

~~Kumitat~~

~~1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitat istitwit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).~~

~~Dan il-kumitat huwa kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.~~

~~2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.~~

~~3. Fejn l-opinjoni tal-kumitat tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu taż-żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob hekk.~~ **[Em. 35]**

Artikolu 14

Informazzjoni u reviżjoni

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Kummissjoni fuq talba tagħha.

Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposti għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament.

***Artikolu 14a***

***Dispożizzjonijiet tranżitorji***

***Ir-restrizzjonijiet operattivi u d-deċiżjonijiet dwar it-tħaddim tal-ajruporti, inklużi d-deċiżjonijiet tal-qorti u r-riżultat ta' proċessi ta' medjazzjoni li ġew introdotti jew eżaminati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu soġġetti għal dan ir-Regolament. Fejn tapplika d-Direttiva 2002/30/KE għandhom jibqgħu soġġetti għaliha u fejn japplika, għar-regoli nazzjonali li jitrasponuha. Għalhekk l-effetti tad-Direttiva 2002/30/KE għandhom jinżammu għal miżuri bħal dawn. Emenda teknika minuri għall-miżura eżistenti mingħajr implikazzjonijiet sostantivi dwar il-kapaċità jew l-operazzjonijiet ma għandhiex titqies bħala restrizzjoni operattiva ġdida.*** **[Em. 36]**

Artikolu 15

Revoka

Id-Direttiva 2002/30/KE hija revokata b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ~~ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.~~

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

ANNESS I

Valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-istorbju f'ajruport

Metodoloġija:

1. L-awtoritajiet kompetenti se użaw metodi ta' valutazzjoni tal-istorbju li ġew żviluppati skont ~~id-Dok 29 tar-Rapport tal-ECAC "Rapport dwar il-Metodu Standard ta' Kkomputar tal-Profili tal-Istorbju madwar l-Ajruporti Ċivili", it-Tielet (3) Edizzjoni~~***l-Anness II tad-Direttiva 2002/49/KE.*** **[Em. 37]**.

Indikaturi:

1. L-impatt tal-istorbju tat-traffiku tal-ajru se jiġi deskritti, mill-inqas, f'termini tal-indikaturi $L_{den}$ u $L_{night}$ li huma ddefiniti u kkalkulati skont l-Anness I għad-Direttiva 2002/49/KE.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw indikaturi tal-istorbju addizzjonali li jkollhom bażi xjentifika biex jirriflettu l-fastidju mill-istorbju tat-traffiku tal-ajru.

Informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-istorbju:

1. Inventarju attwali

1.1. Deskrizzjoni tal-ajruport inkluża l-informazzjoni dwar id-daqs tiegħu, il-lok, l-inħawi madwaru, il-volum tat-traffiku tal-ajru u t-taħlita tiegħu.

1.2. Deskrizzjoni tal-miri ~~tas-sostenibbiltà ambjentali~~***ta' tnaqqis tal-istorbju*** għall-ajruport u l-kuntest nazzjonali. ~~Din se tinkludi deskrizzjoni tal-miri għall-istorbju mill-inġenji tal-ajru għall-ajruport~~. **[Em. 38]**

1.3. Id-dettalji tal-profili tal-istorbju għas-sena attwali ***u mill-inqas għas-sentejn*** u dawk preċedenti – inkluża valutazzjoni tal-għadd ta' nies affettwati mill-istorbju tal-inġenji tal-ajru,***, imwettqa skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness III tad-Direttiva 2002/49/KE.*** **[Em. 39]**

1.4. Deskrizzjoni tal-miżuri eżistenti u ppjanati biex jiġi mmaniġġjat l-istorbju tal-inġenji tal-ajru li diġà ġew implimentati fil-qafas tal-Approċċ Bilanċjat u l-impatt u l-kontribuzzjoni tagħhom għas-sitwazzjoni tal-istorbju, li se tinkludi:

1.4.1. Għat-tnaqqis mis-sors:

— Evoluzzjoni tal-flotta tal-inġenji tal-ajru u t-titjib teknoloġiku;

— Pjanijiet speċifiċi ta' mmodernizzar tal-flotta;

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

1.4.2. Għall-ippjanar u l-ġestjoni tal-użu tal-art:

— Strumenti ta' ppjanar fis-seħħ, bħal ippjanar komprensiv jew it-tqassim f'zoni tal-istorbju;

— Miżuri ta' mitigazzjoni fis-seħħ, bħal kodiċijiet ta' bini, programmi ta' iżolazzjoni tal-istorbju jew miżuri biex jitnaqqsu ż-żoni ta' użu ta' art sensittiva;

— Proċess ta' konsultazzjoni tal-miżuri tal-użu tal-art;

— Segwitu wara li tibda tintuża l-art;

1.4.3. Għal miżuri operattivi għat-tnaqqis tal-istorbju, safejn dawn il-miżuri ma jirrestrinġux il-kapaċità ta' ajruport:

— Użu ta' runways preferenzjali;

— Użu ta' rotot preferenzjali tal-istorbju;

— Użu ta' proċeduri għat-tnaqqis tal-istorbju waqt it-tlugħ u l-avviċinament;

— Indikazzjoni safejn dawn il-miżuri jkunu rregolati skont indikaturi ambjentali, imsemmija fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 691/2010.

1.4.4. Għal restrizzjonijiet operattivi:

— Użu ta' restrizzjonijiet globali, bħal regoli ta' limitu dwar movimenti jew kwoti tal-istorbju;

— Strumenti finanzjarji fis-seħħ, bħal imposti tal-ajruport relatati mal-istorbju;

— Użu ta' restrizzjonijiet speċifiċi għall-inġenji tal-ajru, bħall-irtirar ta' inġenji tal-ajru marġinalment konformi;

— Użu ta' restrizzjonijiet parzjali, fejn issir distinzjoni bejn miżuri matul il-jum u dawk matul il-lejl.

2. Tbassir mingħajr miżuri ġodda

2.1. Deskrizzjonijiet tal-iżviluppi fl-ajruporti (jekk ikun hemm) li diġà ġew approvati u ppjanat li jitwettqu, pereżempju, żieda fil-kapaċità, espansjoni tar-runways u/jew tat-terminals, ***previżjonijiet tal-inżul u tat-tluq, it-taħlita*** u t-taħlita futura tat-traffiku pproġettata u t-tkabbir stmat ***u studju dettaljat dwar l-impatt tal-istorbju fuq iż-żona tal-madwar kkaġunat mill-espansjoni tal-kapaċità, tar-runways jew tat-terminals, u mill-modifika tar-rotot tal-inżul u tat-tluq.*** **[Em. 40]**

2.2. Fil-każ tal-estensjoni tal-kapaċità tal-ajruporti, il-benefiċċji li jirriżultaw jekk dik il-kapaċità addizzjonali titqiegħed għad-dispożizzjoni fi ħdan in-netwerk usa' tal-avjazzjoni u r-reġjun.

2.3. Deskrizzjoni tal-effett fuq il-klima tal-istorbju mingħajr miżuri ulterjuri, u ta' dawk il-miżuri diġà ppjanati għat-titjib tal-impatt tal-istorbju fuq l-istess perjodu.

2.4. Profili tal-istorbju mbassra – inkluża valutazzjoni tal-għadd ta' nies li x' aktarx ikunu affettwati mill-istorbju tal-inġenji tal-ajru – jagħmlu distinzjoni bejn iż-żoni residenzjali stabbiliti ~~u ż-żoni~~***iż-żoni*** residenzjali li jkunu għadhom kemm inbnew ***u ż-żoni residenzjali futuri ppjanati li diġà ngħataw l-awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti.*** **[Em. 41]**

2.5. Evalwazzjoni tal-konsegwenzi u l-ispejjeż possibbli talli ma tittieħidx azzjoni sabiex jitnaqqas l-impatt ta' żieda fl-storbju – jekk tkun mistennija sseħħ.

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

3. Valutazzjoni tal-miżuri addizzjonali

3.1. Skema tal-miżuri addizjonali disponibbli u indikazzjoni tar-raġunijiet ewlenin għall-għażla tagħhom. ~~Deskrizzjoni ta' dawk il-miżuri magħżula għal analiżi ulterjuri u informazzjoni dwar l-eżitu tal-analiżi tal-kosteffikaċja, partikolarment l-ispiża tal-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri; l-għadd ta' nies li mistennija jibbenefikaw u l-qafas ta' żmien; u klassifikazzjoni tal-effikaċja ġenerali ta' miżuri partikolari.~~ **[Em. 42]**

3.2. Ħarsa ġenerali lejn l-effetti ambjentali u kompetittivi possibli tal-miżuri proposti fuq ajruporti oħra, operaturi u l-partijiet interessati oħra.

3.3. Raġunijiet għall-għażla tal-alternattiva ppreferuta.

3.4. Sommarju mhux tekniku.

---

ANNESS II

Valutazzjoni tal-kosteffikaċja ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju

Il-kosteffikaċja tar-restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju se jiġu vvalutati filwaqt li se jitqiesu, b'mod xieraq, l-elementi li ġejjin, safejn hu possibbli, f'termini kwantifikabbli:

1) Il-benefiċċju antiċipat marbut mal-istorbju, ***inkluż il-benefiċċji għas-saħħa*** tal-miżuri previsti, issa u fil-futur;

2) ~~Is-sikurezza tal-operazzjonijiet tal-avjazzjoni, inkluż ir-riskji għal partijiet terzi;~~2) ***Is-saħħa u s-sikurezza tar-residenti lokali li jgħixu fl-inħawi tal-ajruport;***

3) ~~Kapaċità tal-ajruport;~~3) ***Is-sikurezza tal-operazzjonijiet tal-avjazzjoni, inkluż ir-riskju għal partijiet terzi;***

4) ~~Effetti fuq in-netwerk Ewropew tal-avjazzjoni.4)~~ ***Effetti diretti, indiretti u katalitiċi fuq l-impjiegi u l-ekonomija, inklużi effetti potenzjali fuq l-ekonomiji reġjonali;***

***4a) L-impatt fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-ajruporti;***

***4b) Kapaċità tal-ajruport;***

***4c) Effetti fuq in-netwerk Ewropew tal-avjazzjoni;***

***4d) Is-sostenibbiltà ambjentali, inklużi l-interdipendenzi bejn l-istorbju u l-emissjonijiet.***

~~Barra minn hekk l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu l-fatturi li ġejjin:~~

~~1) Is-saħħa u s-sikurezza tar-residenti lokali li jgħixu fl-inħawi tal-ajruport;~~

~~2) Is-sostenibbiltà ambjentali, inkluż interdipendenzi bejn l-istorbju u l-emissjonijiet;~~

~~3) Effetti diretti, indiretti u katalitiċi fuq l-impjiegi.~~ **[Em. 43]**

---

P7_TA(2012)0497

# Il-programm statistiku Ewropew 2013-2017 ***I

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (COM(2011)0928 – C7-0001/2012 – 2011/0459(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2015/C 434/45)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0928),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0001/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Novembru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, (A7-0218/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2011)0459

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Diċembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 99/2013.)*

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0498

## Kooperazzjoni msaħħa rigward it-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (COM(2012) 0631 – C7-0396/2012 – 2012/0298(APP))**

**(Approvazzjoni)**

(2015/C 434/46)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (COM(2012)0631),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 329(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0396/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 74 g u l-Artikolu 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0396/2012),

A. billi fit-28 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF) u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE ([1]),

B. billi dik il-proposta kienet ibbażata fuq l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirrikjedi li jiġi kkonsultat il-Parlament u votazzjoni unanima fil-Kunsill,

C. billi fil-pożizzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2012 dwar dik il-proposta, il-Parlament, filwaqt li jaġixxi bi qbil mal-proċedura ta' konsultazzjoni, approva l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata,

D. billi malajr sar ċar li xi Stati Membri kellhom problemi speċifiċi li kienu jagħmluhielhom impossibbli li jaċċettaw id-direttiva proposta;

E. billi diversi Stati Membri wrew li kienu lesti jikkunsidraw il-possibilità li jistabbilixxu sistema komuni ta' TFF fi ħdan il-qafas tal-kooperazzjoni msaħħa,

F. billi iktar minn disa' Stat Membru wrew l-intenzjoni tagħhom li jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa bejniethom fil-qasam tal-ħolqien ta' sistema komuni ta' TTF billi ressqu talba lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 329(1) tat-TFUE, billi l-Kummissjoni sussegwentement ippreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa,

G. billi l-Parlament ivverifika l-osservanza tal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (Trattat UE),

H. billi l-Parlament, fil-pożizzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2012, iddikjara li l-TTF verament se tikseb l-objettivi tagħha jekk tiddaħħal fil-livell globali, u ssottolinja l-importanza tal-Unjoni biex tmexxi l-isforzi sabiex jintlaħaq ftehim dwar it-TTF fil-livell globali permezz tal-istabiliment ta' eżempju għall-introduzzjoni tat-TTF; billi l-kooperazzjoni mtejba x'aktarx ukoll li tagħti eżempju għall-introduzzjoni tat-TTF fil-livell globali,

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE tat- 12 ta' Frar 2008 dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU L 46, 21.2.2008, p. 11).

**L-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2012**

I. billi l-Parlament, fil-pożizzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2012, iddikjara li l-mudell għat-TTF propost mill-Kummissjoni se jkun bażi xierqa għall-implimentazzjoni fi ħdan grupp ta' Stati Membri jekk dawk jagħżlu li jimxu b'pass iktar imgħaġġel permezz tal-kooperazzjoni mtejba,

J. billi l-Kummissjoni għandha tikkumplimenta l-valutazzjoni inizjali tal-impatt dwar l-introduzzjoni tat-TTF billi teżamina iktar l-impatt tat-TTF taħt il-kooperazzjoni mtejba fis-suq intern b'mod ġenerali, inklużi l-effetti għall-parteċipazzjoni u n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-Istati Membri, u għandha tqis ir-riżultati tal-eżami meta tabbozza l-abbozz revedut ta' proposta tagħha,

K. billi, skont l-Artikolu 20 tat-Trattat UE, minimu ta' disa' Stati Membri jistgħu jistabbilixxu l-kooperazzjoni mtejba bejniethom fi ħdan il-qafas tal-kompetenzi mhux esklużivi tal-Unjoni, filwaqt li jużaw l-istituzzjonijiet tagħhom u jeżerċitaw dawk il-kompetenzi billi japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattati b'mod iktar konsistenti legalment,

L. billi tali kooperazzjoni mtejba fir-rigward tat-TTF tista' tiqeis bħala li qed iżżid l-objettivi tal-Unjoni, tipproteġi l-interessi tagħha u ssaħħaħ il-proċess ta' integrazzjoni tagħha fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 20 tat-Trattat UE,

M. billi r-rekwiżiti tal-Artikoli 326 sa 334 TFUE wkoll huma ssodisfati,

N. billi l-kooperazzjoni msaħħa se tirrispetta d-drittijiet, il-kompetenzi u l-obbligi tal-Istati Membri mhux parteċipanti, sakemm il-possibilità li tinħoloq TTF armonizzata fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti ma taffettwa la l-abilità tal-Istati Membri mhux parteċipanti li jżommu jew idaħħlu tassazzjoni simili fil-livell nazzjonali, u lanqas il-kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' tali taxxi fit-territorji tagħhom,

O. billi l-Artikolu 328(1) tat-TFUE jipprevedi li l-kooperazzjoni msaħħa għandha tkun miftuħa f'kull mument għall-Istati Membri kollha li jixtiequ jipparteċipaw; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa għandhom jippromwovu u jħeġġu, mill-bidu nett u fuq bażi kontinwa, il-parteċipazzjoni tal-ogħla numru ta' Stati Membri possibbli,

P. billi l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE, għandha tiġi osservata,

Q. billi l-approvazzjoni tal-Parlament fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni tikkonċerna l-kooperazzjoni mtejba u ma tiġġudikax minn qabel liema Stati Membri se jipparteċipaw,

R. billi l-Artikolu 333(2) tat-TFUE jippermetti lil dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni mtejba li jadottaw deċiżjoni li tistipula li l-Kunsill se jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, iktar milli l-proċedura leġiżlattiva speċjali prevista fl-Artikolu 113 tat-TFUE, skont liema l-Parlmament sempliċiment jiġi kkonsultat,

S. billi l-Kummissjoni għandha timmoniterja mill-qrib l-implimentazzjoni tat-TTF fir-rigward tal-Artikoli 326 u 327 tat-TFUE u għandha tirrapporta b'mod regolari lura lill-Parlament u lill-Kunsill,

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-proposta ta' deċiżjoni tal-Kunsill, bla preġudizzju għal liema Stati Membri jipparteċipaw;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jadotta deċiżjoni b'konformità mal-Artikolu 333(3) tat-TFUE, li tistipula li, fir-rigward tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-kooperazzjoni mtejba fil-qasam tat-TTF skont l-Artikolu 113 tat-TFUE, se jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 13 ta' Diċembru 2012**

P7_TA(2012)0501

# Il-Qafas Multiannwali għall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali għall-2012-2017 ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas Multiannwali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2013-2017 (10449/2012 – C7-0169/2012 – 2011/0431(APP))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)**

(2015/C 434/47)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10449/2012),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0169/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0361/2012),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT